

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 286



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

16 ta' Lulju 2021

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-560 Sessjoni Plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (JDE) - INTERACTIO, 27.4.2021–28.4.2021

2021/C 286/01	Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Narrattiva Ġdida għall-Ewropa — Ir-Riżoluzzjoni tal-KESE dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa”	1
2021/C 286/02	Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Is-Soċjetà Ċivili Ewropea Taħdem fi Sħubija għall-Futur Sostenibbli tagħna — Il-kontribut tal-KESE għas-Summit Soċjali ta' Porto”	6

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-560 Sessjoni Plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (JDE) - INTERACTIO, 27.4.2021–28.4.2021

2021/C 286/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-professjonijiet liberi 4.0” [Opinjoni fuq inizjattiva proprja]	8
2021/C 286/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rwol tal-ekonomija soċjali fil-ħolqien tal-impjiegi u fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali” [Opinjoni esploratorja]	13
2021/C 286/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Taħriġ vokazzjonali: l-effettività tas-sistemi biex jiġu antiċipati u mqabbla l-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u r-rwol tal-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati differenti” [Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Portugiża]	20
2021/C 286/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kif, abbażi tal-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, jistgħu jiġu promossi l-ħiliet meħtieġa biex l-Ewropa tistabbilixxi soċjetà aktar ġusta, aktar koeżiva, aktar sostenibbli, aktar diġitali u aktar reżiljenti” [Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Portugiża]	27

2021/C 286/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kif tista’ tiġi implimentata armonizzazzjoni tad-dħul fis-suq tas-supplimenti tal-ikel fl-Unjoni Ewropea: soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki” [Opinjoni esploratorja]	33
---------------	---	----

III Atti preparatorji

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-560 Sessjoni Plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (JDE) - INTERACTIO, 27.4.2021–28.4.2021

2021/C 286/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza Ewropea tad-data (Att dwar il-Governanza tad-Data)” [COM(2020) 767 final]	38
2021/C 286/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Aġenda tal-Konsumatur ġdida li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-konsumatur għall-irkupru sostenibbli” [COM(2020) 696 final]	45
2021/C 286/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa” [COM(2020) 761 final]	53
2021/C 286/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE Pjan ta’ azzjoni għall-proprjetà intellettwali b’appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE” [COM(2020) 760 final]	59
2021/C 286/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)” [COM(2020) 842 final – 2020/374 (COD)]	64
2021/C 286/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE” [COM(2020) 825 final — 2020/0361 (COD)]	70
2021/C 286/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — L-istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali” [JOIN(2020) 18 final]	76
2021/C 286/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726” [COM(2020) 712 final — 2020/0345 (COD)]	82
2021/C 286/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea Strumentarju ta’ opportunitajiet” [COM(2020) 710 final]	88
2021/C 286/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE” [COM(2018) 51 final — 2018/18 (COD)]	95
2021/C 286/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-ġhoti ta’ kompetenzi ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiddetermina t-tifsira tat-termini użati f’ċerti dispożizzjonijiet ta’ dik id-Direttiva” [COM(2020) 749 final — 2020/331 (CNS)]	102

2021/C 286/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi” [COM(2021) 28 <i>final</i> – 2021/0015 (CNS)]	106
2021/C 286/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-bini ta’ Unjoni Ewropea tas-Saħħa: Rinforzar tar-reżiljenza tal-UE għat-theddidd transkonfinali għas-saħħa” [COM(2020) 724 <i>final</i>] dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rwol imsaħħa għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-thejjja għall-kriżijiet u fl-immaniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi” [COM(2020) 725 <i>final</i> – 2020/321(COD)] dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard” [COM(2020) 726 <i>final</i> – 2020/320 (COD)] u dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE” [COM(2020) 727 <i>final</i> – 2020/322 (COD)]	109
2021/C 286/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Unjoni ta’ ugwaljanza: Pjan ta’ azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025” [COM(2020) 565 <i>final</i>]	121
2021/C 286/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Unjoni ta’ Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025” [COM(2020) 698 - <i>final</i>]	128
2021/C 286/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027” [COM(2020) 758 <i>final</i>]	134
2021/C 286/24	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni ‘Niżguraw il-ġustizzja fl-UE — strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024” (COM(2020) 713 <i>final</i>)	141
2021/C 286/25	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta’ ċertifikati interoperabbli dwar il-vaċċinazzjoni, l-ittestjar u l-irkupru għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (Ċertifikat Diġitali Aħdar)” (COM(2021) 130 <i>final</i> — 2021/0068 (COD))	146
2021/C 286/26	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima” (COM(2020) 741 <i>final</i>)	152
2021/C 286/27	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti — inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur” (COM(2020) 789 <i>final</i>)	158
2021/C 286/28	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta’ ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148, u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi” (COM(2020) 823 <i>final</i> — 2020/0359(COD) — COM(2020) 829 <i>final</i> — 2020/0365(COD))	170
2021/C 286/29	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Midja tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta’ Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasmazzjoni” (COM(2020) 784 <i>final</i>)	176

2021/C 286/30	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Strategġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà — Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità” (COM(2020) 667 <i>final</i>)	181
2021/C 286/31	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta’ eżenzjonijiet fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta’ miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku” (COM(2021) 181 <i>final</i> — 2021/0097 (CNS))	190

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-560 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW (JDE) -
INTERACTIO, 27.4.2021–28.4.2021

**Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Narrattiva Ġdida għall-Ewropa —
Ir-Riżoluzzjoni tal-KESE dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa”**

(2021/C 286/01)

Relaturi: **Stefano MALLIA** (Grupp I)

Oliver RÖPKE (Grupp II)

Séamus BOLAND (Grupp III)

Matul is-sessjoni plenarja tiegħu tal-27 u t-28 ta' April 2021 (laqgħa tas-27 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta r-Riżoluzzjoni li ġejja b'226 vot favur, vot 1 kontra u 5 astensjonijiet.

1.1. Il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa (“il-Konferenza”) tagħti opportunità unika għall-Ewropa biex terġa' tingħaqad u tinvolvi ruħha maċ-ċittadini Ewropej, inkluż permezz ta' atturi tas-soċjetà ċivili, biex tipprovdi lhom vuċi sinifikattiva dwar il-futur komuni tagħhom. Issa huwa l-waqt li titwettagħ il-wegħda tal-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li ċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom jingħataw l-opportunità li jwasslu u jiskambjaw il-fehmiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni u li jżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili.

1.2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jemmen li s-suċċess tal-Konferenza jiddependi wkoll mill-kapaċità li tiġi deskritta narrattiva ġdida għall-Ewropa, ibbażata fuq ir-realtajiet tal-ħajja ta' kuljum, li ċ-ċittadini Ewropej jistgħu jitolbu pussess għalihom. Tali narrattiva għandha tkun aktar minn lista ta' kisbiet; minflok, għandha tkun rabta razzjonali u emozzjonali konkreta bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha. It-temi strateġiċi għandhom jitpoġġew f'perspettiva komuni sabiex tiġi evitata l-Ewropa à la carte imminente. L-oġettiv huwa li jiġi skopert mill-ġdid u mġedded sens ferm meħtieġ ta' komunità bbażat fuq valuri kondiviżi, li jiġġenera momentum Ewropew ġdid biex jiġu ffaċċjati l-isfidi attwali u futuri.

1.3. Il-KESE għandu rabtiet profondi mal-livelli kollha tas-soċjetà (impjegaturi, trade unions, is-soċjetà ċivili inġenerali) fl-Istati Membri kollha; bħala tali, huwa fl-aħjar pożizzjoni biex jinvolvi b'mod effettiv lis-soċjetà ċivili organizzata peress li għandu n-networks rispettivi biex jagħmel dan. Dan huwa l-għarfien u l-ġustifikazzjoni mhux ikkontestati tiegħu. Il-parteċipazzjoni permanenti tal-KESE matul il-proċess kollu tal-Konferenza inkluż fil-Bord Eżekuttiv hija kruċjali.

1.4. Il-KESE jrid jiġi inkorporat bis-sħiħ fil-governanza tal-Konferenza; huwa determinat li jipprovi proposti b'saħħithom u ċari, abbażi tan-narrattiva u l-viżjoni tiegħu għall-UE tad-deċennji li ġejjin. Il-Kumitat itenni l-konvinzjoni qawwija tiegħu li l-Konferenza trid tipprovi proposti u soluzzjonijiet li jagħmlu differenza tanġibbli reali għaċ-ċittadini tal-UE. Għalhekk, huwa vitali li l-Konferenza tagħmel progress konkret u li jista' jitkejjel u mhux biss twassal għal

diskussjonijiet mhux vinkolanti maċ-ċittadini li ma jwasslu mkien. Bħala tali, il-proposta tal-Viċi President tal-Kummissjoni Šefčovič biex jiġu inklużi l-konklużjonijiet tal-Konferenza fil-programm ta' hídma tal-Kummissjoni fl-2022 tindika d-direzzjoni t-tajba. Dan huwa punt kruċjali li jsostni l-kredibbiltà u l-ambizzjoni ta' dan il-proċess politiku kollu.

1.5. Il-governanza tal-Konferenza għandha tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-iskop tal-involvement taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili, li għandhom jiġu ddikjarati mill-bidu nett. L-għarfien tal-għan tal-istrumenti ta' parteċipazzjoni jista' jgħin ukoll biex l-oġettivi jiġu allinjati mal-mezzi disponibbli, kemm f'termini tat-tfassil tal-proċess kif ukoll tal-baġit. Il-governanza ċertament se jkollha tirrikorri għal formati u metodi differenti ta' involvement, skont il-faġi u l-livell fi kwalunkwe punt partikolari u ssib modi kif tilħaq lil dawk l-Ewropej li mhumiex immotivati biex jinvolvu ruħhom. Il-kontribut taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili għandu jiġi adottat mill-politiċi u mill-istituzzjonijiet jew jiġi rifless fid-deċiżjonijiet, inkella l-fiduċja tagħhom f'dawn l-eżerċizzji x'aktarx li tonqos. Aspettattivi għoljin wisq iridu jiġu evitati. Mekkaniżmu ta' feedback jiżgura li l-ideat espressi matul l-attivitajiet tal-Konferenza jirriżultaw frakkmandazzjonijiet konkreti għal azzjoni tal-UE.

1.6. Il-perjodu ta' żmien qasir tal-Konferenza jimponi limitazzjonijiet fuq il-parteċipanti kollha. Għaldaqstant, għandu jinftehem bħala punt tat-tluq ta' proċess kontinwu għal involvement akbar taċ-ċittadini tal-Ewropa, li jibni fuq dan il-perjodu inizjali. Din l-oportunità għandha tintuża biex tibdel il-paradigma u l-livell ta' ambizzjoni fl-oqsma kollha tal-politika, inkluża l-politika ekonomika, soċjali u ambjentali.

1.7. Id-deliberazzjonijiet tal-Konferenza jridu jiġu segwiti u indirizzati b'mentalità miftuħa mill-atturi kollha, mingħajr konklużjonijiet predeterminati dwar il-passi li jmiss, bl-għażliet kollha fuq il-mejda. F'dan ir-rigward, f'dawn l-aħħar snin tnedew xi inizjattivi u strumenti tal-UE, li issa jeħtieġ li jiġu implimentati. Għandu jiġi promoss il-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni flimkien ma' aġġornament dwar il-progress li sar fil-livell tal-UE dwar il-miżuri adottati u l-istrumenti disponibbli.

2. Narrattiva ġdida għall-Ewropa — l-Ewropa: post mill-aqwa fejn wieħed jgħix u jirnexxi

2.1. F'dan l-isfond, il-KESE jipproponi narrattiva ġdida għall-Ewropa li torbot il-passat imbiegħed u reċenti tal-Ewropa mal-preżent, u ttiprovdi viżjoni għall-futur mibnija fuq il-kooperazzjoni bejn il-fruntieri, li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-popli tal-Ewropa, u li għandha l-għerqu tagħha fil-valuri tas-solidarjetà, il-ġustizzja soċjali, il-kooperazzjoni interġenerazzjonali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-prosperità sostenibbli, u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti. Huwa essenzjali li jissaħħaħ l-appoġġ pubbliku għal dawn il-valuri, sabiex il-mudelli ta' tkabbir u governanza tagħna jiġu kkunsidrati mill-ġdid lejn is-sostenibbiltà, tinbena soċjetà aktar ugwali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jitqiegħdu fiċ-ċentru ta' din ir-rikonstruzzjoni u l-irkupru.

L-Ewropa li ċ-ċittadini tagħna jeħtieġu hija waħda li:

- Tirrikonoxxi li s-soċjetà ċivili hija l-gwardjan tal-ġid komuni u integrali biex jiġu identifikati soluzzjonijiet għall-isfidi komuni tal-Ewropa;
- Tiffoka fuq irkupru ġust u sostenibbli mill-kriżijiet tal-COVID-19 li jwitti t-triq għal soċjetà aktar inklużiva u jibni kompetittività fit-tul, filwaqt li jqis bis-sħiħ il-kriżijiet soċjali, ekonomiċi, demokratiċi, demografiċi u klimatiċi interkonnessi fl-Istati Membri tal-UE, il-ħtieġa ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll il-bidliet strutturali fit-tul li qed jinħolqu mill-pandemija. L-ekonomija tal-Ewropa trid tiġi appoġġjata bis-sħiħ biex tirkupra ż-żmien mitluf, filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' konverġenza 'l fuq, koeżjoni akbar, protezzjoni soċjali, investimenti msaħħa fis-servizzi pubbliċi, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u t-tnaqqis tal-faqar;
- Tappoġġja l-irkupru ekonomiku u soċjali, l-intraprenditorija, it-tranżizzjoni ġusta, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, l-edukazzjoni u l-akkwist tal-ħiliet, l-innovazzjoni, l-investiment infrastrutturali u soċjali, id-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, it-tlestija tas-suq uniku, u l-integrazzjoni ekonomika u monetarja;
- Tipproteġi liċ-ċittadini kollha tagħna, inklużi dawk l-aktar emarġinati, tissalvagwardja s-saħħa u s-sikurezza u l-benesseri tagħhom, l-ambjent u l-bijodiversità;
- Tirrispetta u tippromovi d-diversità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet fundamentali, id-demokrazija, id-djalogu soċjali, u governanza inklużiva; u

- Tippromovi l-paċi, is-sigurtà u l-progress fid-dinja permezz tal-multilateraliżmu, il-promozzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, id-djalogu soċjali, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), id-diplomazija u l-kummerċ miftuħ, ġust u sostenibbli;

2.2. Il-KESE huwa unanimu fir-rikonoxximent li t-tranżizzjoni doppja, ekoloġika u diġitali, hija ta' importanza kbira biex jissaħħu l-kompetittività, is-solidarjetà u r-reżiljenza sostenibbli tal-Ewropa biex tindirizza kriżijiet futuri. Il-pandemija tal-COVID-19 kienet l-aktar kriżi ħarxa li l-UE ħabbtet wiċċha magħha mill-ħolqien tagħha. Il-pandemija saħħet il-ħtieġa li l-UE tkun tista' tipprevedi tweġibiet b'saħħithom u konsistenti biex ittejjeb id-dimensjonijiet politiċi, tas-saħħa, ekonomiċi u soċjali tal-UE. Din il-Konferenza ttipprovdi lill-UE b'opportunità unika biex tikseb dan ir-riżultat.

Il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komuni ġiet enfasizzata mill-impatt tal-COVID-19 fuq iċ-ċittadini, is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna. Il-pandemija wriet li hemm raġunament b'saħħtu biex tittieħed azzjoni flimkien, iżda kixfet ukoll dgħufijiet fil-mod kif l-Ewropa tindirizza dawn l-isfidi fundamentali. Fi żmien ta' "permakriżi", l-UE teħtieġ li ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li tindirizza l-kriżi biex ttiprovdi r-riżultati li i-ċittadini Ewropej iridu u jisthoqquqilhom.

2.3. Din il-kriżi għamlitha ċara wkoll li l-UE għandha tiddedika sforzi akbar biex tiżgura li n-negozji, il-ħaddiema, kif ukoll in-nies li qed iħabbtu wiċċhom mal-faqar u l-esklużjoni soċjali, ikunu protetti kif xieraq mill-impatt tal-isfidi reċenti u li ġejjin. Il-COVID-19 għamlitha ċara wkoll li trid tiġi appoġġjata l-kompetittività sostenibbli u li l-investimenti f'servizzi tas-saħħa, tal-kura, tal-edukazzjoni u soċjali ta' kwalità jridu jiżiedu madwar l-UE. Se jkun kruċjali li tissaħħaħ aktar il-koordinazzjoni tas-saħħa fil-livell tal-UE, li jiġi indirizzat aħjar it-theddid transfruntier għas-saħħa u li jissaħħu s-sistemi tas-saħħa tal-UE.

2.4. L-UE tista' tiddependi minn punti ta' saħħa ewlenin, bħas-suq intern tagħha li huwa wieħed mill-akbar swieq fid-dinja, sett ta' valuri fundamentali mhux negozjabbli⁽¹⁾ li huma parti integrali mis-soċjetà u mid-demokrazija Ewropea, u fuq is-solidarjetà kif muri minn Faċilità ambizzjuża għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li tirrikjedi l-implimentazzjoni effiċjenti tal-pjani nazzjonali ta' rkupru. L-għan aħħari tal-UE jrid ikun li ssaħħaħ il-mudell ekonomiku tas-suq soċjali tagħna, fejn ekonomija sostenibbli u kompetittiva u politiki soċjali żviluppati tajjeb jimxu id fid. B'segwitu ta' dan, il-kisba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew — li l-KESE laqa' sa mill-bidu nett tiegħu — hija t-triq 'il quddiem. Il-Patt Ekoloġiku huwa l-istrateġija l-ġdida Ewropea għat-tkabbir, bil-prosperità, is-sostenibbiltà u l-ġustizzja soċjali fil-qalba tiegħu. It-tweġit ta' tranżizzjoni ġusta għal stil ta' ħajja newtrali għall-klima, it-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità u l-promozzjoni ta' intraprenditorija u innovazzjoni sostenibbli, inklużi l-ekonomija ċirkolari u l-ekonomija soċjali, se jkunu kruċjali għal Ewropa li tiffjorixxi.

2.5. Madankollu, l-UE qed tħabbat wiċċha ma' sfidi importanti: il-pandemija se toħloq aktar u mhux anqas inugwaljanzi kemm fost kif ukoll fl-Istati Membri. Huwa għalhekk li jridu jiġu segwiti ż-żewġ naħat tal-munita: il-kompetittività sostenibbli tal-ekonomija Ewropea u n-negozji ta' kull daqs, b'mod partikolari l-SMEs, iridu jkomplu jiġu msaħħa. Fl-istess ħin, l-Ewropa għandha tħaddan dimensjoni soċjali aktar ambizzjuża u konkreta fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

2.6. Biex tippoteġi l-valuri tagħha u biex tikseb il-prijoritajiet tagħha, l-UE jrid ikollha wkoll rwol pożittiv fl-isfera ekonomika internazzjonali. F'dinja karatterizzata minn kompetizzjoni b'saħħitha u frizzjoni, mhux biss fil-livell ekonomiku iżda anke f'dak politiku, l-UE trid issir attur globali li jista' jiddefendi l-interessi u l-valuri tiegħu b'mod aktar effettiv. Il-kisba ta' grad ta' awtonomija strateġika miftuħa, biex tinżamm il-kapaċità tal-UE li taġixxi f'oqsma ekonomiċi kruċjali, trid tkun ibbilanċjata minn rieda ta' kooperazzjoni biex jiġu avvanzati soluzzjonijiet għal sfidi komuni bħat-tibdil fil-klima u biex tissaħħaħ is-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli.

2.7. Il-pandemija enfasizzat l-importanza ta' bażi industrijali Ewropea b'saħħitha u reżiljenti. L-Ewropa jrid ikollha politika industrijali ambizzjuża li tixpruna t-tranżizzjonijiet doppji — id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà — filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività globali tal-Ewropa. Politika industrijali ġdida, li tuża firxa ta' politiki differenti (inklużi l-kummerċ, il-ħiliet, l-investment, ir-riċerka u l-enerġija) teħtieġ li tanticiġa b'mod kostanti s-setturi u l-ixprunaturi ekonomiċi futuri ewlenin, filwaqt li toħloq il-kundizzjonijiet qafas, inklużi l-profilu tal-ħiliet neċessarji, biex l-industrija Ewropa tkun tista' tibqa' fuq quddiem nett tat-teknoloġija u l-innovazzjoni globali, filwaqt li jinkisbu impjiegi ta' kwalità għolja u tkabbir sostenibbli għall-Ewropa. Fl-istess ħin, il-kisba tal-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-ġustizzja soċjali jissalvagwardjaw il-mudell soċjoekonomiku tal-Ewropa għall-futur.

⁽¹⁾ Artikolu 2 tat-TUE

2.8. Huwa kruċjali li l-UE tuża din l-opportunità biex timmodernizza u tittrasforma s-setturi industrijali tagħha u l-ktajjen ta' provvista tagħhom, sabiex jibqgħu kompetittivi f'dinja ta' emissjonijiet aktar baxxi. L-indirizzar tal-isfidi assoċjati mat-trasformazzjonijiet fit-tul jirrikjedi antiċipazzjoni tal-bidla u l-immaniġġjar attiv tat-tranżizzjoni min-naħa ta' dawk li jfasslu l-politika, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati ewlenin f'dawn il-pajjiżi u reġjuni. Id-djalogu soċjali, l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom għandhom rwol ewlieni biex jiġu mmaniġġjati t-tranżizzjonijiet b'mod li jħares 'il quddiem. Dan se jkun assolutament kruċjali għall-Ewropa, peress li huwa biss bit-tqegħid ta' kemm il-kumpaniji kif ukoll il-ħaddiema fil-qalba stess tal-irkupru u l-politiki futuri, li l-Ewropa tista' tirnexxi. Il-kompetittività u l-inklużività jridu jimxu id f'id: l-Istati Membri bl-aħjar riżultati, mill-perspettiva ekonomika, huma dawk li għandhom l-ogħla standards soċjali, u mhux viċe versa.

3. Ir-rwol tal-KESE

3.1. It-tisħiħ tal-rwol proprju tal-KESE jitlob li jagħti prova tar-rilevanza u l-valur miżjud tiegħu bħala korp konsultattiv, abbażi tar-rwol uniku tiegħu li jnaqqas id-distakk (1) bejn dawk li jfasslu l-politika u s-soċjetà ċivili, (2) bejn atturi differenti tas-soċjetà ċivili, (3) u bejn atturi fil-livelli kemm nazzjonali kif ukoll Ewropej. B'mod partikolari, biex jinħoloq dibattitu transnazzjonali li jgħaqqad id-dibattiti Ewropej fil-livell tal-Istati Membri ma' xulxin.

3.2. Il-pożizzjoni tal-KESE għandha tkun ir-riżultat ta' diskussjoni reali, li tibda mill-kontribut tal-atturi tas-soċjetà ċivili u tiġi żviluppata minn isfel għal fuq. Dan l-approċċ huwa l-uniku wieħed li jiżgura li jiġu kkunsidrati l-perspettivi kollha u li jikseb riżultati ċari u effiċjenti.

3.3. Biex tiġi stabbilita kooperazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) u jiġu organizzati missjonijiet Going Local flimkien b'rispett sħiħ tal-mandati differenti iżda komplementari taż-żewġ istituzzjonijiet.

3.4. Il-KESE huwa mistieden li jaġixxi, permezz tal-membri tiegħu fil-plenarja tal-Konferenza u permezz tal-osservaturi tiegħu fil-Bord Eżekuttiv, bħala intermedjarju istituzzjonali bejn il-Konferenza u l-organizzazzjonijiet nazzjonali li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili.

3.5. Il-KESE għandu grupp ad hoc. Il-grupp ad hoc iddeċieda dwar pjan direzzjonali bl-għanijiet li ġejjin:

- It-titjib tal-modi ta' involviment u konnessjoni ma' atturi tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-interazzjoni u l-attivazzjoni ta' kostitwenzi tal-Membri tal-KESE fuq il-post;
- L-aġġornament u t-tisħiħ tar-rwol u l-influenza proprji tal-KESE;
- Il-provvista ta' kontribut strutturat tas-soċjetà ċivili għat-tfassil tal-politika tal-UE billi jsiru proposti rilevanti lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, u lill-Kummissjoni Ewropea dwar kif jittejjeb il-funzjonament tal-UE u l-ħidma tal-KESE fil-proċess leġiżlattiv;

3.6. Ir-rapportar dwar id-dibattiti u d-djalogi fl-Istati Membri u fil-Konferenza lill-plenarja tal-KESE bil-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew (MPE), il-membri tal-KtR, il-Kummissarji u l-Ministri tal-Kunsill.

4. Konklużjonijiet

Il-ġejjieni li nixtiequ: is-soċjetà ċivili fit-tmexxija

4.1. Il-KESE jemmen fil-ħtieġa ta' narrattiva b'saħħitha u kondiviża għall-Unjoni Ewropea.

F'dak is-sens, l-Ewropa trid tiġi kkunsidrata bħala 1) il-gwardjan ta' valuri fundamentali kondiviżi, bħal-libertà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, 2) promotur globali tas-sostenibbiltà, il-kummerċ miftuħ u ġust u l-multilateraliżmu, 3) rifuġju għal mudell ekonomiku u soċjali uniku abbażi ta' kompetizzjoni ġusta u solidarjetà f'żona mingħajr fruntieri interni u 4) xprunatur ta' prosperità sostenibbli, b'soċjetà ċivili Ewropea b'saħħitha fil-qalba tagħha.

4.2. Il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa għandha tkun il-mezz li permezz tiegħu nistgħu nwasslu bidla dejjiema fl-UE, inkluż involviment miżjud u aktar sinifikattiv taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili organizzata fl-isfera pubblika Ewropea. Bħala l-ewwel pass f'dan il-proċess, is-soċjetà ċivili trid taħdem fi sħubija, filwaqt li tikkollabora mill-qrib, twestaq operazzjonijiet ta' networking, tiskambja Prattiki tajba u tfttex kunsens.

4.3. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma kruċjali fl-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet għall-isfidi tal-lum. Il-KESE jitlob li l-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE jirrikonoxxu r-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili organizzata, fil-bini ta' fiduċja, it-tiswir ta' opinjonijiet pubbliċi u bħala aġenti pożittivi ta' bidla. Huwa essenzjali wkoll li l-UE tappoġġja r-rwol ċentrali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni u d-difiża tal-valuri Ewropej, id-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt, kontra l-illiberaliżmu, il-populiżmu u "r-restrizzjoni tal-ispazju ċiviku" dejjem jiżdiedu.

4.4. L-iżgurar li l-partijiet kollha tas-soċjetà huma involuti b'mod effettiv fid-disinn, il-parteċipazzjoni, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni fuq bażi konġunta tal-politiki tal-UE, b'mod partikolari l-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif ukoll Programmi Nazzjonali ta' Riforma futuri, bl-użu ta' strutturi ta' konsultazzjoni eżistenti, bħall-proċess tas-Semestru Ewropew, u r-rikonoxximent espliċitu tas-soċjetà ċivili bħala sħab u benefiċjarji ta' implimentazzjoni kritika huma kruċjali għat-tiġdid u r-rikostruzzjoni soċjoekonomika tal-UE.

4.5. L-immaġinazzjoni u l-bini ta' dawn is-soċjetajiet reżiljenti, ugwali u sostenibbli jirrikjedu inizjattivi minn isfel għal fuq, li jħaddnu definizzjonijiet ġodda ta' benessri u żvilupp lil hinn mill-Prodott Domestiku Gross (PDG), filwaqt li jiġu rrispettati l-opinjonijiet u d-drittijiet ta' ċittadini. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-limitazzjonijiet għad-drittijiet introdotti matul il-pandemija ma jtkomplewx wara l-COVID-19.

4.6. Fl-aħħar nett, għall-KESE huwa kruċjali wkoll li jiġu vvalutati b'mod kostanti l-miżuri u l-azzjonijiet ta' politika ssuġġeriti. Il-KESE se joffri kontribut sod għal dan il-proċess, permezz tal-esperjenza u l-għarfien li l-Kumitat għandu biex jinvolti ruħu fi djalogu maċ-ċittadini madwar is-soċjetà kollha fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Is-Soċjetà Ċivili Ewropea Taħdem fi Sħubija għall-Futur Sostenibbli tagħna — Il-kontribut tal-KESE għas-Summit Soċjali ta’ Porto”

(2021/C 286/02)

Relaturi: **Stefano MALLIA** (Grupp I)

Oliver RÖPKE (Grupp II)

Séamus BOLAND (Grupp III)

Matul 6is-sessjoni plenarja tiegħu tas-27 u t-28 ta’ April 2021 (laqgħa tat-28 ta’ April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta r-Riżoluzzjoni li ġejja b’225-il vot favur, vot 1 kontra u 5 astensjonijiet.

Is-Summit Soċjali f’Porto fis-7 ta’ Mejju 2021 jipprovdi opportunità unika għall-UE biex tqiegħed liċ-ċittadini fil-qalba tal-proġett Ewropew. Jipprovdi wkoll opportunità biex jintwera li l-UE u l-Istati Membri jaġixxu flimkien maċ-ċittadini tagħha u għall-benesseri tagħhom, u b’hekk ħadd ma jitħalla jibqa’ lura. Huwa jirrappreżenta l-qofol tal-ambizzjonijiet Ewropej għal soċjetajiet sostenibbli, innovattivi, kompetittivi u koeżivi, li se jidderieġu lill-UE sal-2030 u lil hinn, biex b’hekk l-Unjoni tkun tista’ kemm tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll tibbenefika minnhom. Is-Summit għandu jappoġġja wkoll l-ekonomija u s-soċjetà tagħna biex tinkiseb is-sostenibbiltà, mentri tingħata l-istess importanza lid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

Il-pandemija tal-COVID-19 għamlet saħansitra aktar urġenti approċċ li jagħmel enfasi ugħwali fuq l-aspetti soċjali u ekonomiċi tas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna. In-nies esperjenzaw il-COVID-19 bħala pandemija ċċentrata fuq il-bniedem u hekk kif l-Ewropa miexja bil-mod lejn ir-rikostruzzjoni soċjoekonomika u timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jeħtieġ li n-nies u l-komunitajiet jibqgħu fil-qalba. F’dan ir-rigward, il-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa għalkollox f’waqtu.

Dikjarazzjoni ta’ Porto għandha tinvolvi lill-atturi istituzzjonali, ekonomiċi u soċjali kollha għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni fuq il-bażi tad-djalogu ċivili u soċjali. Huwa mument importanti biex l-Ewropa tiegħu l-passi essenzjali li jmiss lejn unjoni vijabbli u sostenibbli;

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jieħdu azzjoni dwar dan li ġej:

1. Il-pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali irid isir għodda effettiva li tippermetti lill-atturi kollha jaħdmu fi sħubija u jibnu soċjetajiet Ewropej aktar ugħwali, sostenibbli, inklużivi u reżiljenti. Id-dimensjonijiet kollha tas-soċjetà ċivili kif rappreżentati fi ħdan il-KESE għandhom kontribut fundamentali x’jagħmlu biex dan il-proċess jirnexxi. Iċ-ċittadini kollha, inklużi l-persuni b’diżabbiltà, il-gruppi etniċi u minoritarji, u l-attur persuni vulnerabbli u emarġinati, iridu jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-viżjoni u l-implimentazzjoni futura tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jidentifikaw u jsibu tama fiha, permezz tal-involvement attiv tas-soċjetà ċivili Ewropea. Għandhom jingħataw rikonoxximent u appoġġ partikolari lill-ekonomija soċjali, li għandha rwol kruċjali fl-indirizzar tal-ħtiġijiet soċjali mhux issodisfati, fit-tnaqqis tal-faqar u fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi;

2. Soċjetajiet Ewropej aktar ugħwali, sostenibbli, inklużivi u reżiljenti se jkunu possibbli biss permezz ta’ kontribut qawwi tas-soċjetà ċivili u djalogu effettiv mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili. Il-kejl tal-impatt tas-soċjetà ċivili, u r-rappurtar dwaru, is-sensibilizzazzjoni dwar il-kontribut pożittiv tagħha u l-ħolqien ta’ ambjent legali abilitanti u taħlita ta’ politiki huma ta’ importanza kbira;

3. Li nimmaġinaw u noħolqu soċjetajiet reżiljenti, inklużivi, ugħwali u sostenibbli se jirrikjedu inizzjattivi minn isfel għal fuq li jħaddnu definizzjonijiet ġodda ta’ benessere u żvilupp lil hinn mill-PDG, investment fl-innovazzjoni soċjali, filwaqt li jiġu rispettati l-fehmiet u d-drittijiet taċ-ċittadini. Barra minn hekk, huwa imperattiv li l-limitazzjonijiet għad-drittijiet introdotti matul il-pandemija ma jitkomplewx wara l-COVID-19;

4. L-Ewropa trid tkompli tkun magħquda u timxi ‘l quddiem fis-solidarjetà, bl-appoġġ ta’ kultura ta’ djalogu ċivili u soċjali, kif qed jiġri matul il-pandemija. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jappoġġja ekonomija soċjali tas-suq, huwa u jespandi u jadatta l-mudell soċjali tiegħu għall-bidliet tal-futur. Biex jibni reżiljenza u sostenibbiltà soċjali, il-Pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jiżgura benessere miżfux u suq tax-xogħol inklużiv li fih jiġu pprojbti d-diskriminazzjonijiet, u l-impjiegi jkunu stabbli u mħallsin kif imiss.

5. Wara l-pandemija, permezz tad-dialogu soċjali, jeħtieġ li l-istituzzjonijiet u l-imsieħba soċjali jgħallqu soluzzjonijiet li jżidu r-reżiljenza soċjali tal-ekonomija tagħna b'mentalità għda u miftuħa għall-bidla filwaqt li jimmiraw lejn standards minimi ta' protezzjoni u opportunitajiet indaqs, b'enfasi partikolari fuq l-adegwatezza tal-pagi, id-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq il-ġeneru, l-appoġġ għall-ħaddiema żgħażaġh u l-protezzjoni tal-ħaddiema prekarji u l-migranti.
6. Waħda mill-isfidi ekonomiċi u soċjali ewlenin fl-Ewropa hija li tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku, lill-ħolqien tal-impjiegi u lill-parteċipazzjoni fl-okkupazzjoni (inklużi l-anzjani u ż-żgħażaġh, in-nisa, il-persuni aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol u l-persuni inattivi) u t-tnaqqis tal-qgħad, b'mod partikolari taż-żgħażaġh, kif ukoll it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. L-iżgurar tal-bażi kompetittiva għall-investimenti huwa element importanti biex dan kollu jseħħ.
7. Il-kompetittività u produttività ogħla abbażi tal-ħiliet u l-għarfien jirrappreżentaw riċetta soda għaż-żamma tal-benesseri tas-soċjetajiet Ewropej. It-tkabbir ekonomiku u suq intern li jiffunzjona tajjeb huma element importanti għat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-UE. Jeħtieġ li nsaħħu l-punti b'saħħithom tas-sistema Ewropea tal-ekonomija soċjali tas-suq filwaqt li nneħħu d-dgħufijiet, u b'hekk nadattawha biex tiffaċċja l-isfidi li għandna quddiemna.
8. Il-komponenti ewlenin kollha tal-ekonomija u s-soċjetajiet tagħna jeħtieġ li jkunu ppreparati biex jisfruttaw il-potenzjal li joffru d-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika. Prerekwiżit għal dan huwa r-rieda u l-kapaċità għal bidliet strutturali: kemm jekk swieq tax-xogħol, sigurtà soċjali, edukazzjoni u taħriġ jew tassazzjoni. Dan jimplika sjieda tassew tar-riformi mill-Istati Membri, ikkoordinati u ffaċilitati minn oqfsa u azzjonijiet fil-livell tal-UE bħas-Semestru Ewropew. Dan huwa essenzjali biex il-kumpaniji jitħeġġu jinvestu fl-Ewropa.
9. Il-kombinazzjoni ta' żieda fil-popolazzjoni li qed tixxjeh u forza tax-xogħol li qed tonqos tfisser li għadd dejjem jikber ta' anzjani ser ikunu ekonomikament dipendenti sakemm ma jirnexxilniex inkabbru l-forza tax-xogħol permezz ta' swieq tax-xogħol aktar inklużivi, anke permezz tal-attivazzjoni ta' gruppi li bħalissa huma esklużi jew sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol. Tinħtieġ azzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċjaw is-sigurtà soċjali u s-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri. It-tibdil demografiku se jfisser ukoll li neħtieġu sistemi edukattivi nazzjonali, swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali adattabbli u flessibbli. Dawn l-isfidi mhux bilfors jirrappreżentaw problemi iżda opportunitajiet biex jinbidlu friżultati pożittivi;
10. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-konkretezza u l-fattibbiltà b'azzjonijiet li jistgħu jitkejlu u jkunu akkumpanjati minn oqfsa ta' monitoraġġ, li jintlaħaq qbil dwarhom b'mod konġunt fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti, li jħaddnu l-kriterji soċjali, ambjentali u ekonomiċi. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Miri Ewlenin proposti mill-Kummissjoni Ewropea u jistieden lill-Istati Membri biex ikunu ambizzjużi fl-istabbiliment tal-miri tagħhom stess sabieħ l-Istati Membri kollha jikkontribwixxu fattwalment biex jintlaħqu l-miri Ewropej.
11. Hekk kif l-Ewropa qed tippgressa mir-rispons għall-kriżijiet u tgħaddi għall-irkupru, id-dialogu soċjali, l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, permezz ta' mezzi adatti, jaqdu rwol importanti fit-tiswir tat-tranżizzjoni ekonomika u t-trawwim tal-innovazzjoni fil-post tax-xogħol, b'mod partikolari b'rabta mat-tranżizzjoni doppja li għaddejja bħalissa u t-tibdil fid-dinja tax-xogħol.
12. L-impatt fuq terminu medju u iżjed fit-tul tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-sistemi tas-saħħa Ewropej ma jitqiesx biżżejjed fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-pandemija wriet b'mod ċar li s-saħħa jista' jkollha impatt dirett fuq l-istabbiltà ekonomika u soċjali, anke fl-UE. Fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iridu jsiru aktar investimenti u investimenti sostenibbli mill-Istati Membri fit-titjib tas-servizzi u l-infrastruttura tas-saħħa pubblika, kif ukoll fit-titjib tal-koordinazzjoni dwar is-saħħa pubblika fi ħdan u fost l-Istati Membri;
13. Hemm aspettattivi għoljin għal impenn qawwi fis-Summit mill-partijiet interessati kollha biex jinżamm u jiġi żviluppat il-mudell soċjali Ewropew, abbażi ta' taħlita bbalancjata ta' drittijiet u responsabbiltajiet. Aħna nappellaw lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej biex juru ambizzjoni u determinazzjoni.

Brussell, it-28 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-560 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW (JDE) -
INTERACTIO, 27.4.2021–28.4.2021

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-professjonijiet liberi 4.0”

[Opinjoni fuq inizzjattiva proprja]

(2021/C 286/03)

Relatur: **Rudolf KOLBE**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.2.2020
Bażi legali	Artikolu 32 tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	233/0/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-professjonijiet liberi diġà qed jużaw b'suċċess fuq skala kbira applikazzjonijiet ibbażati fuq l-intelliġenża diġitali u artifiċjali għall-benefiċċju tal-klijenti tagħhom u – fis-settur tal-inġinerija, pereżempju – qed jaqdu rwol ewlieni fl-iżvilupp teknoloġiku tagħhom. Fil-futur, dawn għandhom ikunu involuti dejjem aktar fl-iżvilupp u l-validazzjoni sabiex jiżguraw l-applikabbiltà Prattika u l-effettività tal-applikazzjonijiet.

1.2. L-applikazzjonijiet diġitali ma għandhomx jitqiesu bħala kompetizzjoni jew bħala sostitut għas-servizzi tal-professjonijiet liberi. Pjuttost, dawn huma għodod li llum il-ġurnata jtejbu u jespandu l-provvista tas-servizzi tal-professjonijiet liberi.

1.3. Fl-interess tal-klijenti, il-pazjenti u x-xerrejja tagħhom, il-professjonijiet liberi għandhom ikunu kapaċi jirrikonoxxu u jivvalutaw il-perikli li jirriżultaw mill-użu tat-teknoloġiji diġitali. Dan jirriżulta mill-aspett partikolari tal-fiduċja li jikkarakterizza r-relazzjoni u li se jibqa' element ewlieni fil-każ tal-mezzi tad-distribuzzjoni diġitali.

1.4. B'rabta mal-applikazzjonijiet diġitali, il-pazjenti, il-klijenti u x-xerrejja għandu jkollhom fiduċja fil-fatt li s-servizzi professjonali huma pprovduti b'mod indipendenti minn bażi professjonali u indipendentement mill-interessi esterni. Regolamenti professjonali adegwati adattati għall-iżviluppi diġitali huma prerekwiżit importanti f'dan ir-rigward.

1.5. Il-professjonijiet liberi għandhom jiżguraw b'mod konsistenti l-protezzjoni tad-data u jiddefenduha kontra partijiet terzi. Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin tad-data, jenħtieġu infrastrutturi diġitali siguri fl-UE.

1.6. Il-professjonijiet liberi għandhom jaġġornaw il-kontenut tat-taħriġ u l-edukazzjoni kontinwa sabiex jiżguraw li l-ħiliet tagħhom fil-qasam tal-IT u tad-diġitalizzazzjoni u daww tal-impjegati tagħhom ikunu tal-ogħla kwalità possibbli. L-UE qed titalab tappoġġja dawn il-proċessi bi programmi ta' finanzjament xierqa.

1.7. Il-professjonijiet liberi għandhom jadattaw l-awtoregolamentazzjoni tagħhom għall-iżviluppi diġitali u jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tiswir tal-proċess. Dan jista' jwassal għall-ħtieġa li l-kodiċi ta' etika professjonali jiġi estiż.

1.8. L-emerġenza ta' professjonijiet liberi ġodda li saru possibbli bis-saħħa tad-diġitalizzazzjoni għandha tiġi promossa abbażi tal-kriterji u l-prinċipji stabbiliti fil-Manifest ta' Ruma.

2. Il-COVID-19 u l-professjonijiet liberi

2.1. Il-pandemija skattat ukoll proċess ta' diġitalizzazzjoni kbir ħafna fil-professjonijiet liberi. Minħabba l-ħtieġa akbar ta' servizzi professjonali u r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija, is-servizzi diġitali kellhom jiġu estiżi b'mod sinifikanti. Il-kriżi ħarġet fid-dieher kemm is-soċjetà tagħna tiddependi mill-għarfien espert professjonali eċċellenti tal-professjonijiet liberi essenzjali. Bħala msieħba importanti tal-gvernijiet fl-indirizzar tal-kriżijiet u s-salvagwardja tal-ħtiġijiet bażiċi tal-popolazzjoni, il-professjonijiet liberi għandhom ikunu integrati aħjar fis-sistemi tal-imsieħba soċjali fil-futur u s-servizzi tagħhom għandhom jiġu żgurati permezz ta' regolamenti professjonali adegwati li jkunu adattati għall-iżviluppi diġitali. Il-fatt li bosta persuni li jaħdmu għal rashom u membri tal-professjonijiet liberi ma kellhom l-ebda aċċess jew kellhom aċċess insuffiċjenti għall-għajjnuna mill-Istat matul il-pandemija għandu jitqies b'mod kritiku.

2.2. Id-diġitalizzazzjoni b'saħħitha tas-servizzi professjonali jista' jkollha effetti dejjiema fuq kura mtejbja, anke f'reġjuni remoti. Għandu jiġi żgurat li d-distakk bejn iż-żoni urbani u rurali fir-rigward tal-Internet broadband veloċi, li għadu kbir ħafna, jitnaqqas malajr kemm jista' jkun u li s-servizzi diġitalizzati jkunu aċċessibbli b'mod ugwali għan-nies mir-reġjuni kollha. Matul il-kriżi, il-professjonijiet liberi investew fid-diġitalizzazzjoni u l-protezzjoni tad-data sabiex iwettqu l-kompitu tagħhom bħala fornitur tas-servizz orjentat lejn il-ġid komuni f'pożizzjonijiet soċjali ewlenin. Għalhekk huwa importanti li l-professjonijiet liberi jitqiesu b'mod espliċitu bħala grupp sistemikament importanti fil-miżuri kollha biex terġa' titqajjem l-ekonomija.

3. Il-Manifest ta' Ruma – Definizzjoni tal-professjonijiet liberi

3.1. Il-professjonijiet liberi jaqdu rwol kruċjali fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-UE. Dawn huma parti mill-firxa wiesgħa ta' professjonijiet regolati, li jrid ikollhom kwalifiki speċifiċi u jirrappreżentaw 22 % tal-ħaddiema kollha fl-Ewropa. Fl-2013, aktar minn 10 % tal-valur miżjud gross fl-UE ġie mis-settur tal-professjonijiet liberi. Il-kriżi tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher id-dipendenza eżistenzjali tas-soċjetà tagħna fuq servizzi bi kwalifiki għolja pprovduti mill-professjonijiet liberi. Bħala impjegaturi u negozji reżiljenti, il-professjonijiet liberi joffru potenzjal sinifikanti ta' impjieg. Huma jwettqu wkoll kompiti importanti ta' interess ġenerali. Is-servizzi li jipprovdut għandhom rabta mill-qrib mal-ħtiġijiet bażiċi tal-individwi, bħal daww relatati mal-ħajja, ix-xogħol, is-saħħa, is-sikurezza jew il-beni proprji. F'dan il-kuntest, huwa importanti li l-aċċess demokratiku għas-servizzi tal-professjonijiet liberi jkun garantit, pereżempju, fil-qasam mediku, il-kuntest tas-sistemi tas-sigurtà soċjali jew, fil-qasam legali, permezz tal-għajjnuna legali. Ir-rakkomandazzjonijiet dwar it-tariffi jew il-limiti massimi tal-ispejjeż huma maħsuba biex iħarsu lil daww li jużaw is-servizzi tal-professjonijiet liberi u li, minħabba n-nuqqas ta' simetrija tal-informazzjoni eżistenti, jiddependu fuq l-istabbiliment ta' dawn il-parametri.

3.2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew indirizza ripetutament il-professjonijiet liberi u fl-2014 ikkummissjona studju komprensiv bit-titolu "The State of Liberal Professions Concerning their Functions and Relevance to European Civil Society" ⁽¹⁾ (Is-sitwazzjoni tal-professjonijiet liberi dwar il-funzjonijiet u l-importanza tagħhom għas-soċjetà ċivili Ewropea). Matul dan ix-xogħol, irriżulta li s-siġa għad ma hemm l-ebda fehim ġeneralment vinkolanti jew definizzjoni ġeneralment applikabbli ta' professjonijiet liberi fil-livell tal-UE.

3.3. Għalhekk, sabiex jiġi ddefinit il-kunċett ta' professjonijiet liberi, f'Diċembru 2017 il-KESE adotta l-Manifest ta' Ruma. F'dan ir-rigward, setgħet issir referenza għall-ħidma preparatorja ta' organizzazzjonijiet umbrella Ewropej individwali li jaħdmu fil-qasam tal-professjonijiet liberi, li flimkien kienu ppruvaw jifformulaw definizzjoni Ewropea fil-forma ta' Karta dwar il-professjonijiet liberi.

⁽¹⁾ Studju bit-titolu "The State of Liberal Professions Concerning their Functions and Relevance to European Civil Society" (Is-sitwazzjoni tal-professjonijiet liberi dwar il-funzjonijiet u l-importanza tagħhom għas-soċjetà ċivili Ewropea), EESC-2014-46-EN, ISBN 978-92-830-2460-6 (mhux disponibbli bil-Malti).

3.4. Skont il-Manifest ta' Ruma, il-professjonijiet liberi jipprovdu servizzi intellettuali u mhux materjali abbażi ta' kwalifika jew ħila professjonali partikolari. Dawn is-servizzi huma kkaratterizzati minn element personali u huma bbażati fuq relazzjoni ta' fiduċja. Il-membri tal-professjonijiet liberi jwettqu xogħolhom b'mod awtonomu u b'mod indipendenti fir-rigward ta' suġġetti tekniċi. Dawn għandhom etika professjonali u huma impenjati għall-interessi rispettivi tal-klijenti tagħhom kif ukoll għall-ġid komuni, u huma soġġetti għal sistema ta' organizzazzjoni u kontroll professjonali.

3.5. Din id-definizzjoni mhijiex finali, iżda pjuttost miftuħa għal żviluppi tekniċi ġodda u professjonijiet ġodda. Il-Manifest ta' Ruma jiddikjara li dawn il-karatteristiċi huma indikattivi tal-professjonijiet liberi, iżda mhux dejjem għandhom ikunu kumulattivi.

4. Sfidi marbuta mad-diġitalizzazzjoni

4.1. Id-diġitalizzazzjoni globali tat bidu għal proċess ta' trasformazzjoni fis-soċjetà kollha, li l-konsegwenzi tagħha ma jistgħux jiġu previsti. Il-pandemija tal-COVID-19 qed taċċellera dan l-iżvilupp.

4.2. L-eżempji li ġejjin juru li l-applikazzjonijiet diġitali u l-mezzi tal-bejgħ u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali huma parti indispensabbli minn bosta servizzi professjonali u dawn jistgħu jittejbu aktar fil-futur. Il-kwistjonijiet relatati mal-effetti tan-nuqqas ta' kuntatt personali fuq ir-relazzjoni partikolari ta' fiduċja bejn il-membri tal-professjonijiet liberi u l-klijenti, ix-xerrejja jew il-pazjenti tagħhom u r-risposta għall-mistoqsija sa liema punt l-hekk imsejjaħ fattur uman jista' jiġi ssostitwit bl-intelliġenza artifiċjali għadhom miftuħa.

4.2.1. Fil-qasam tal-pariri legali, *it-teknoloġiji blockchain* u *t-teknoloġiji legali* qed jinfirxu dejjem aktar. Il-kaxxi postali elettroniċi tal-avukati u l-applikazzjonijiet tal-Gvern elettroniku jibdlu b'mod permanenti r-relazzjoni tagħna mal-qrati u l-awtoritajiet. Il-professjonijiet liberi diġà huma msieħba importanti fl-implimentazzjoni tal-proġetti tal-gvern elettroniku u jagħtu kontribut sinifikanti għas-semplifikazzjoni amministrattiva f'dan il-qasam.

4.2.2. Fil-qasam tal-ippjanar, l-immudellar tal-informazzjoni dwar il-bini (BIM), metodu għall-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-immaniġġjar tan-network tal-bini, qed isir dejjem aktar importanti, u bosta valutazzjonijiet tas-sigurtà fil-qasam tal-infrastruttura jitwettqu bl-għajnuna tal-intelliġenza artifiċjali.

4.2.3. Fis-settur tas-saħħa, l-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali qed iwasslu għal bidliet sinifikanti fid-dijanjożtika medika. Barra minn hekk, hemm l-iżvilupp ulterjuri ta' parir telemediku, riċetti elettroniċi u l-użu dejjem akbar ta' fajls elettroniċi tal-pazjenti.

4.3. Id-diġitalizzazzjoni qed tbiddel il-mezzi tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni. Minn naħa waħda, tagħti lill-konsumaturi l-opportunità li jiksibu informazzjoni qabel u waqt l-użu ta' servizzi professjonali u b'hekk tonqos l-assimetrija ta' informazzjoni li kienet teżisti sa issa. Min-naħa l-oħra, hemm ir-riskju li provvista eċċessiva ta' informazzjoni mhux iffiltrata u mingħajr kummenti jew aħbarijiet foloz immirati jħawdu lill-konsumaturi u jwasslu għal ġudizzju ħażin serju u anke jżidu l-assimetrija tal-informazzjoni.

4.4. Id-diġitalizzazzjoni ta' servizzi professjonali u ta' sistemi ta' rikonoxximent u traduzzjoni tat-taħdit ibbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali se twassal għal tnaqqis fid-dipendenza mill-post u l-lingwa. Dan japplika l-aktar għal servizzi ta' konsulenza u ppjanar, iżda wkoll għal servizzi mis-settur soċjali u tas-saħħa. Dan ma għandux iwassal biex jimmina l-prinċipju tad-destinazzjoni stabbilit fid-Direttiva dwar is-Servizzi.

4.5. Il-kwalità tad-data fl-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali hija ta' importanza partikolari fil-qasam tas-servizzi professjonali. Sabiex dawn l-applikazzjonijiet jintużaw b'suċċess foqasma sensitivi fil-prattika, l-involvement tal-professjonijiet liberi fl-iżvilupp tekniku, u speċjalment fl-assigurazzjoni tal-kwalità tad-data, huwa essenzjali.

4.6. Aspett importanti f'dan il-kuntest huwa l-anonimizzazzjoni jew il-psewdonimizzazzjoni tad-data bħala l-bażi għall-użu sikur tad-data fl-interessi tal-klijent. Fl-istess ħin, żviluppi tekniċi qed iżidu r-riskju ta' ċiberkriminalità, li thedded ukoll is-servizzi offruti mill-professjonijiet liberi.

4.7. Id-diġitalizzazzjoni tagħmilha aktar faċli li jidħlu fis-suq fornituri kummerċjali ġodda li joffru speċifikament mudelli ta' negozju għall-professjonijiet liberi. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE huma mitluba jakkumpanjaw dan il-proċess b'mod regolatorju fejn ikun meħtieġ, pereżempju biex jirregolaw ir-relazzjoni bejn l-operaturi tal-pjattaforma u l-professjonijiet liberi u jirregolaw l-aċċess għal tali pjattaformi. L-awtoritajiet supervizzorji nazzjonali jew l-assoċjazzjonijiet professjonali għandhom ikunu involuti. Fis-settur tal-provvista farmaċewtika, fl-aħħar snin ġew stabbiliti spiżeriji online transfruntiera kbar. Bħala fornituri ġodda, il-kumpaniji li diġà għandhom għarfien diġitali għandu jkollhom vantaġġ.

5. Elementi ewlenin tal-professjonijiet liberi fil-bidla diġitali

5.1. Hemm relazzjoni speċjali ta' fiduċja bejn il-professjonijiet liberi u l-klijenti, il-pazjenti jew ix-xerrejja tagħhom, li hija karatteristika essenzjali tas-servizzi professjonali. Din ir-relazzjoni ta' fiduċja tiġi ttestjata bid-diġitalizzazzjoni. Dan iseħħ, pereżempju, minħabba li l-kuntatt personali ma għadux dirett, iżda qed isir dejjem aktar permezz ta' mezzi tekniċi, bħal links vidjo jew servizzi ta' messaġġi elettroniċi. Il-pariri u l-appoġġ personali bbażati fuq il-fiduċja xorta jibqgħu element ewleni tal-forniment ta' servizzi professjonali anke f'forma diġitali.

5.2. Madankollu, fuq medda twila ta' żmien, il-mistoqsija li trid issir hija jekk l-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali jistgħux jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħas-servizzi ta' konsulenza mogħtija mill-bniedem. Teoretikament, tista' titqies l-idea li r-relazzjoni ta' fiduċja bejn persuna u oħra tinbidel għal relazzjoni ta' fiduċja bejn persuna u magna. Bħalissa, l-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali għadhom 'il bogħod minn dan. Id-deċiżjoni finali għandha tittieħed min-nies (il-prinċipju "human-in-command"). L-ipprogrammar li fuqu hija bbażata l-intelliġenza artifiċjali għandu jkun orjentat lejn in-nies, ikun trasparenti u primarjament immirat lejn l-interessi tar-riċevituri tas-servizz u skont l-istess standards fir-rigward tar-responsabbiltà. It-traċċabbiltà trasparenti tal-algoritmi sottostanti hija wkoll essenzjali għas-suċċess u l-fiduċja fis-servizzi tal-intelliġenza artifiċjali. Dawn ma għandhomx ihegħu distorsjonijiet jew joħlqu preġudizzji.

5.3. Bażi importanti għal din ir-relazzjoni ta' fiduċja hija l-indipendenza professjonali u r-responsabbiltà personali. Karatteristika indispensabbli tas-servizzi professjonali hija li l-pazjenti, il-klijenti u x-xerrejja jkollhom fiduċja li dawn is-servizzi jiġu pprovduti fuq bażi professjonali u b'mod indipendenti mill-interessi esterni. Il-fiduċja fil-kompetenza professjonali indipendenti se ssir dejjem aktar importanti, speċjalment fis-settur diġitali, fejn se jkun aktar diffiċli li jiġu identifikati l-influenzi ta' interessi ta' partijiet terzi.

5.4. L-iżgurar tas-sigurtà tad-data u l-protezzjoni tad-data huma elementi ċentrali biex jiġu pprovduti servizzi professjonali fl-era diġitali. F'dan ir-rigward, il-professjonijiet liberi jaqdu rwol ewleni fir-rigward tal-klijenti u l-pazjenti tagħhom biex jiżguraw l-użu sikur tal-applikazzjonijiet diġitali u jinfurmawhom dwar il-perikli involuti. Dan isaħħaħ ir-relazzjoni ta' fiduċja mar-riċevitur tas-servizz u jimxi id fid maż-żamma tas-segretezza professjonali.

5.5. Fl-istess ħin, ta' min jinnota li l-professjonijiet liberi ma jistgħux jirrikonoxxu l-każijiet kollha ta' użu ħażin tad-data, li huwa deċiżiv għal kwalunkwe kwistjoni ta' responsabbiltà. Dan huwa partikolarment il-każ jekk id-data tintuża ħażin permezz ta' aċċess estern għall-infrastrutturi diġitali disponibbli barra l-UE. L-Unjoni Ewropea għandha għalhekk tippromovi l-iżvilupp u l-espansjoni ta' infrastrutturi diġitali siguri sabiex tibqa' fuq l-istess livell mal-kompetituri minn reġjuni oħra tad-dinja.

6. Id-diġitalizzazzjoni u t-taħriġ

6.1. Id-diġitalizzazzjoni se tbiddel ir-rekwiżiti għal taħriġ bażiku, ulterjuri u kontinwu tal-professjonijiet liberi. Hemm bżonn ta' taħlim tul il-ħajja li mhux biss jinkludi l-qasam tas-suġġett attwali, iżda jinkludi wkoll l-akkwist ta' ħiliet diġitali li jinbidlu malajr f'oqsma oħra.

6.2. Sabiex jiġu żgurati l-prinċipji fundamentali meħtieġa għall-ħiliet diġitali, il-membri tal-professjonijiet liberi għandhom jiġu mgħallma ħiliet diġitali xierqa matul it-taħriġ tagħhom u fil-ħajja professjonali ulterjuri. L-Unjoni Ewropea qed tintalab tappoġġja dawn il-proċessi bi programmi ta' finanzjament xierqa.

6.3. L-akkwist u l-iżvilupp ulterjuri tal-ħiliet diġitali jestendu wkoll għall-impjegati fil-professjonijiet liberi, li t-taħriġ tagħhom jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-professjonisti.

7. Id-diġitalizzazzjoni u l-liġi professjonali

7.1. F'ħafna pajjiżi, ir-rekwiżiti ta' kwalità għolja u ta' sikurezza għall-forniment ta' servizzi minn professjonijiet liberi huma rregolati bil-liġi. Dawn għandhom jiġu garantiti irrispettivament minn jekk dawn is-servizzi humiex ipprovduti b'mod diġitali jew le. Il-liġi professjonali nazzjonali ilha taħt pressjoni qawwija fl-UE għal bosta snin. Filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea tittama li t-tnaqqis tar-regolamenti professjonali nazzjonali se jżid it-tkabbir ekonomiku u l-kompetizzjoni, mhu qed isir xejn dwar l-ispejjeż konsegwenti tal-falliment minħabba nuqqas ta' assigurazzjoni tal-kwalità fi swieq mhux regolati għas-servizzi professjonali. Għalhekk, ħafna Stati Membri jqisu li r-regoli tagħhom huma meħtieġa u adegwati biex jiżguraw il-kwalità, b'mod partikolari fis-settur tas-servizzi tal-professjonali sistemikament importanti.

7.2. Peress li se jkun dejjem aktar diffiċli li jiġu integrati l-forom diġitali ġodda tal-forniment tas-servizzi tal-professjonijiet liberi fid-dispożizzjonijiet legali eżistenti, jeħtieġ li l-liġi professjonali eżistenti tiġi adattata. Sabiex jiġu introdotti l-flessibbiltajiet meħtieġa, ir-regolamenti li jsiru superfluwi b'riżultat tad-diġitalizzazzjoni għandhom jiġu riveduti. Min-naħa l-oħra, dan jgħid li aktar il-ħtieġa li jiġu żgurati legalment ċerti prinċipji fir-rigward tal-aċċess u l-eżerċitar tal-professjonijiet liberi sabiex jiġu evitati konsegwenzi negattivi tad-diġitalizzazzjoni fuq il-konsumaturi u l-professjonijiet liberi.

7.3. Primarjament, dan jikkonċerna l-fatt li għandha tinstab relazzjoni ottimali bejn regolamenti vinkolanti u l-hekk imsejħa strument legali *nonvinkolanti*. L-awtoregolamentazzjoni professjonali hija prijorità. Huwa biss meta din ma tiffunzjonax li l-leġiżlatur jintalab jaġixxi fil-livell regolatorju. Għall-professjonijiet liberi li mhumix regolati, l-adozzjoni ta' regoli etiċi għandha tiġi mħeġġa.

8. Id-diġitalizzazzjoni u l-awtoregolamentazzjoni professjonali

8.1. Karatteristika essenzzjali tal-professjoni libera hija xi forma ta' organizzazzjoni professjonali. Madankollu, dawn iwarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

8.2. L-awtoregolamentazzjoni tiġi prinċipalment organizzata fuq livell reġjonali u xi drabi f'dak lokali. Id-diġitalizzazzjoni telimina d-dipendenza tradizzjonali mill-post u l-lingwa tal-provvista tas-servizz. Dan iqajjem il-kwistjoni ta' kif is-supervizzjoni professjonali tista' tiġi ggarantita b'mod effettiv fil-futur. Din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata mill-korpi ta' awtoregolamentazzjoni fi stadju bikri.

8.3. Id-diġitalizzazzjoni tagħti lok għal kompiti ġodda għall-kmamar professjonali u l-assoċjazzjonijiet professjonali tal-professjonijiet liberi. Dawn jistgħu joffru assistenza lill-membri tagħhom fl-iżvilupp ta' oqsma ġodda ta' negozju diġitali jew fl-indirizzar ta' midja ġdida.

8.4. Id-diġitalizzazzjoni se teħtieġ aġġustament tal-kodiċijiet ta' etika żviluppati fis-sistema tal-awtoregolamentazzjoni professjonali. Etika professjonali li tiżgura konformità mal-aktar elementi bażiċi importanti tal-professjonijiet liberi hija prerekwiżit importanti biex jiġu evitati l-effetti negattivi tal-proċessi tad-diġitalizzazzjoni fuq il-konsumaturi. Il-kodiċi ta' etika professjonali jista' jissupplimenta l-bażi ġuridika.

9. Il-ħolqien ta' profili ġodda ta' professjonijiet liberi

9.1. Id-diġitalizzazzjoni tista' tespandi l-professjonijiet liberi eżistenti u ssaħħaħ il-kooperazzjoni interdixxiplinari ma' professjonijiet oħra u, abbażi tal-kriterji speċifikati fil-Manifest ta' Ruma, tippromovi l-ħolqien ta' professjonijiet ġodda fis-sens ta' sistema miftuħa u li tevolvi.

9.2. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni se tintensifika l-kummerċjalizzazzjoni kontinwa tas-servizzi professjonali u tbiddel il-professjonijiet liberi tradizzjonali.

9.3. Għalhekk, l-awtoregolamentazzjoni, il-kodiċi ta' etika professjonali u r-rekwiżiti legali minimi se jaqdu rwol importanti fil-futur sabiex jintużaw approċċi innovattivi u flessibbli biex jiġi ssalvagwardjat il-ġid komuni għall-kuntrarju ta' orjentazzjoni ta' profitt biss kif ukoll il-kwalità ta' servizzi professjonali għall-konsumaturi.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rwol tal-ekonomija soċjali fil-ħolqien tal-impjiegi u fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali”

[Opinjoni esploratorja]

(2021/C 286/04)

Relatur: **Giuseppe GUERINI**

Korelatur: **Cinzia DEL RIO**

Konsultazzjoni	Il-Presidenza Portugiża tal-Kunsill, 26.10.2020
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetentii	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	239/2/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jirringrazzja lill-Presidenza Portugiża talli talbet din l-Opinjoni u jemmen li huwa importanti li jiġu identifikati msieħba strateġiċi fl-awtoritajiet tal-ekonomija soċjali għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għall-bini ta' Unjoni Ewropea li ttenni li l-funzjoni prinċipali tal-ekonomija hija li tkun għas-servizz tal-poplu. F'dan ir-rigward huwa jirrakkomanda li, fil-pjani nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza għall-ħruġ mill-kriżi pandemika, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jipprevedu l-involvement wiesa' tal-awtoritajiet tal-ekonomija soċjali.

1.2. Il-KESE jqis li huwa meħtieġ li jiġu kkonsolidati l-kriterji operattivi adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex jiġi promoss rikonossiment adegwat tal-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, fil-forom legali differenti li fihom jiġu kkostitwiti. Dawn il-kriterji jipprevedu li tingħata prijorità lill-għanijiet soċjali ta' interess ġenerali, li tiġi adottata governanza demokratika u li fiha jipparteċipaw diversi partijiet ikkonċernati u li, anke meta tinkiseb “profittabbiltà limitata”, din tintuża għall-ilħuq tal-għanijiet statutorji.

1.3. Sabiex jitkejlu l-impatti soċjali maħluqa mill-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, il-KESE jemmen li hija meħtieġa sistema ta' ċensiment statistiku għall-Unjoni Ewropea li tipprovdi data kwalifikata, komparabbli u aġġornata dwar il-konsistenza u l-impatt tas-settur.

1.4. Il-KESE jemmen li meta r-rwol tal-ekonomija soċjali fil-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi jinvolvi ħaddiema żvantaġġati u f'żoni żvantaġġati, ikunu meħtieġa politiki ta' appoġġ adegwati u li jistgħu jagħrfu r-rwol ta' interess ġenerali ta' dawn l-organizzazzjonijiet li, minkejja li għandhom status legali privat, jiżvolġu funzjoni essenzjalment pubblika.

1.5. Dawn il-politiki ta' appoġġ għandhom jissarrfu f'erba' livelli:

- politiki tat-tassazzjoni u sistema tat-taxxa li jirrikonossu l-funzjoni ta' interess ġenerali;
- politiki ta' promozzjoni ta' investimenti pubbliċi u privati li jrawmu l-iżvilupp ta' finanzzi b'impatt soċjali – anke permezz tal-ingranaġġ tal-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet;
- politiki ta' appoġġ għal impjeg stabbli u għal ħaddiema ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali li jkollhom rwol ewlieni fl-ekonomija;

— politiki ta' appoġġ għall-kwalifika tal-persunal u għall-innovazzjoni teknoloġika fl-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali.

1.6. Rigward il-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi, il-KESE jemmen li l-formula magħrufa bħala “akkwiżizzjonijiet mill-ħaddiema”, hija Prattika tajba utli mhux biss biex jingħata nifs ġdid lil kumpaniji fi kriżi, iżda wkoll f'każijiet ta' trasferiment ta' SMEs li ma jkunx hemm suċċessuri għall-fundaturi tagħhom. Għaldaqstant, jista' jkun ta' interess il-ħolqien ta' fond ta' investment Ewropew speċifiku.

1.7. Il-KESE jitlob li jkun appoġġjat u mħeġġeġ, inkluż permezz ta' politiki ta' inċentiv, l-interess dejjem jikber tal-operaturi tas-suq għall-investimenti b'impatt soċjali li għandhom jidentifikaw fl-intrapriżi tal-ekonomija soċjali l-attur prinċipali għat-tnedija mill-ġdid ta' investimenti ddedikati għall-implimentazzjoni ta' għanijiet soċjali, ambjentali u ta' solidarjetà.

1.8. Il-KESE jemmen li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jistgħu jkunu forma ta' organizzazzjoni ideali għal forom ġodda ta' intraprenditorija mwettqa permezz ta' pjattaformi diġitali u b'mod partikolari għall-attivitajiet tal-ekonomija kollaborattiva, minħabba t-tendenza tagħhom li jinvolvu b'mod attiv lill-ħaddiema kif ukoll lill-utenti tal-pjattaformi diġitali.

1.9. Il-KESE jissottolinja li kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u governanza demokratika huma elementi kwalifikanti għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u li, meta ma jkunux previsti mill-istatuti bħal fil-każ tal-kooperattivi tax-xogħol u dawk soċjali, għandhom ikunu previsti forom konkreti ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

1.10. Il-KESE jemmen li l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, u b'mod partikolari l-assoċjazzjonijiet volontarji, għandhom rwol ewleni fil-koeżjoni billi jagħtu spinta lill-kapital soċjali u jappoġġjaw ir-rwol ta' responsabbiltà tas-soċjetà ċivili.

1.11. Il-volontarjat fost iż-żgħażaġh jirrappreżenta riżorsa ewlenija biex jiżiedu l-impjegabbiltà u l-kapital uman tal-ġenerazzjoni l-ġdida, billi jinħoloq effett pożittiv li jżid l-oportunitajiet ta' impjeg. Din il-funzjoni tidher utli wkoll biex jitnaqqas il-fenomeni tan-NEETs u jisthoqqlha politiki biex tiġi inkoraġġita t-tranżizzjoni minn esperjenzi ta' volontarjat għal forom ta' impjeg bi ħlas stabbli.

1.12. Fl-aħħar nett, il-KESE jirrikjedi u jittama li l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali jkun opportunità biex jitwaqqfu strumenti operattivi u proposti leġislattivi konkreti.

2. Kummenti ġenerali

2.1. B'din l-Opinjoni esploratorja, mitluba mill-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE, il-KESE huwa kuntent li jikkontribwixxi għall-kisba tal-prioritajiet tal-programm b'attenzjoni speċjali għall-promozzjoni tal-mudell soċjali Ewropew, bl-identifikazzjoni ta' proposti konkreti dwar ir-rwol tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fil-ħolqien ta' impjiegi stabbli u deċenti u ta' ekonomija aktar inklużiva, sostenibbli u reżiljenti.

2.2. L-ekonomija soċjali hija dejjem aktar rikonoxxuta fuq livell internazzjonali bħala attur deċiżiv u sinifikanti li huwa f'pożizzjoni li jesprimi l-kapaċità organizzattiva u trasformattiva tas-soċjetà ċivili. F'diversi Stati Membri ġew implimentati liġijiet li jirrikonoxxu l-oġettivi u l-funzjonijiet tagħha, li jiddeskrivu l-profil u l-istruttura legali tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti bħala espressjoni tal-ekonomija soċjali ⁽¹⁾.

2.3. Fir-rigward tar-rikonoxximent legali, il-KESE jenfasizza fl-Opinjoni INT/871 ⁽²⁾ kif l-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jpoġġu l-għanijiet soċjali qabel ir-rwol tal-kapital anke permezz ta' governanza demokratika li fiha jipparteċipaw diversi partijiet ikkonċernati. Dawn ma għandhomx l-oġettiv li jagħmlu profitt għalihom infushom u, anke meta jiksbu “profittabbiltà limitata”, permezz ta' attività intraprenditorjali, il-qliġh jintuża għall-ilħuq tal-għanijiet statutorji u għall-ħolqien tal-impjiegi.

⁽¹⁾ [https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?reference=2016/2237\(INL\)&l=en](https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?reference=2016/2237(INL)&l=en),
<https://betterentrepreneurship.eu>,
https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/MEMO_11_735,
<https://cecop.coop/works/cecop-report-on-social-enterprises-laws-in-europe-a-worker-and-social-coops-perspective>.

⁽²⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/towards-appropriate-european-legal-framework>.

2.4. Ir-rikonoxximent sostanzjali tal-ekonomija soċjali huwa appoġġjat minn dokumenti ta' studju prodotti minn istituzzjonijiet u korpi internazzjonali, bħall-OECD, in-Nazzjonijiet Uniti, l-ILO, u minn bosta istituzzjonijiet tal-UE fosthom il-KESE nnifsu, li t-13-il Opinjoni tiegħu ddedikati għall-ekonomija soċjali bejn l-2009 u l-2020 ikklassifikaw l-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali f'erba' gruppi: il-kooperattivi, l-assoċjazzjonijiet, il-mutwi u l-fondazzjonijiet, li magħhom ġew miżjuda aktar reċentement l-intrapriżi soċjali.

2.5. Għalkemm il-kriterji u l-kunċetti l-aktar rappreżentattivi tal-ekonomija soċjali bħas-supremazija tan-nies fuq il-kapital, l-investiment mill-ġdid tal-profitti u l-governanza parteċipattiva ġew rikonoxxuti mill-UE⁽³⁾, għad ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim għal definizzjoni legali Ewropea li hija uniformi. Fl-2018, il-Parlament Ewropew ippropona l-introduzzjoni ta' ċertifikazzjoni għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali bbażata fuq l-Artikolu 50 tat-TFUE. Il-KESE jemmen li, biex din timmaterjalizza, huwa meħtieġ ġbir ta' data statistika aħjar u aktar uniformi għaċ-ċensiment tal-organizzazzjonijiet u tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali skont definizzjoni operattiva komuni, kif jiġri fil-pajjiżi li introduċew rekords pubbliċi tal-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

2.6. Kulma jmur hemm bżonn ta' definizzjoni operattiva rikonoxxuta u formalment aċċettata għall-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari biex tagħti aċċess għall-ħafna opportunitajiet ta' tkabbir u żvilupp, kif ukoll biex jitrawwem fehim aħjar tal-ekonomija soċjali mill-istituzzjonijiet pubbliċi u privati.

2.7. Din id-definizzjoni hija essenzjali għal aċċessibbiltà sħiħa għas-suq tal-kapital, fejn qed jiżdied l-interess fl-investimenti b'impatt soċjali. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali mhux biss jirrappreżenta opportunità tajba biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, iżda wkoll fil-pjan ta' azzjoni għal *Unjoni tal-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji* (*) għandu jiġi kkunsidrat ir-rwol tal-ekonomija biex jiġu attirati investimenti għal ekonomija li jimpurtaha min-nies.

2.8. Il-**funzjoni** u l-**valur ekonomiku** ġġenerat mill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali huwa sinifikattiv ħafna, kemm bħala daqs (8 % tal-PDG Ewropew) kif ukoll bħala kwalità u persistenza ta' dan il-valur⁽⁵⁾, li anke matul is-snin tal-kriżi finanzjarja ra żieda kemm fil-valuri ekonomiċi prodotti, kif ukoll fl-għadd ta' ħaddiema impjegati.

2.9. Dan ir-rwol huwa sinifikanti fil-ħolqien u ż-żamma tal-impjegi, b'aktar minn 13,6 miljun impjeg bi ħlas fl-Ewropa, li huwa ekwivalenti għal 6,3 % tal-popolazzjoni attiva fl-UE-28⁽⁶⁾, jiġifieri aktar minn 232 miljun membru ta' kooperattivi, soċjetajiet reċiproċi u istituzzjonijiet simili, jew aktar minn 2,8 miljun intrapriża u organizzazzjoni. Fost dawn il-ħaddiema, madwar 2,6 miljun huma ħaddiema f'intrapriżi soċjali li jissodisfaw ir-rekwiżiti indikati mill-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali tal-2011.

2.10. Ħafna mill-impjegati f'organizzazzjonijiet u intrapriżi tal-ekonomija soċjali jinstabu f'organizzazzjonijiet zġhar, iżda hemm każijiet fejn l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma kbar, b'numru li xi drabi jkun ta' diversi mijiet jew eluf ta' ħaddiema. Parti kbira minnhom jinstabu f'organizzazzjonijiet li għandhom governanza parteċipattiva demokratika, li turi korrelazzjoni bejn il-parteċipazzjoni wiesgħa tal-partijiet ikkonċernati fil-governanza u t-tendenza li jinżammu livelli għoljin ta' impjeg, kif ukoll kapacià mtejbja ta' reżistenza għal xokkijiet⁽⁷⁾.

(3) Inizjattiva ta' Negozju Soċjali: https://ec.europa.eu/growth/sectors/social-economy/enterprises_mt.
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali 2015: <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-15071-2015-INIT/mt/pdf>.

Social Economy Charter (Karta tal-Prinċipji tal-Ekonomija Soċjali) 2002: <https://www.socialeconomy.eu.org/wp-content/uploads/2020/04/2019-updated-Social-Economy-Charter.pdf>.

(4) Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji – pjan ta' azzjoni ġdid, COM(2020) 590 final.

(5) Id-data hija meħuda mill-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea: <https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=22304&langId=en>.

(6) Id-data hija misluta mir-rapport tal-KESE: <https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/files/qe-04-17-875-en-n.pdf>.

(7) *The resilience of the cooperative model*, CECOP, 2012 <https://www.cecop.coop/works/the-resilience-of-the-cooperative-model>.

2.11. Fl-ekonomija soċjali hija importanti l-preżenza ta' ħaddiema nisa, li f'ħafna każijiet tista' faċilment taqbeż ir-rata ta' 70 % tal-forza tax-xogħol, iżda li b'mod ġenerali xorta tilħaq rata ta' aktar minn 50 %. Għalkemm huma meħtieġa aktar passi biex tintlaħaq l-ugwaljanza sħiħa, il-preżenza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u tal-ogħla livell ta' ħafna mill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali hija sinifikanti. Għaldaqstant, f'dawn l-organizzazzjonijiet u intrapriżi, wieħed jista' jinnotta li teżisti ugwaljanza sinifikanti fil-pagi, kemm fil-pożizzjonijiet differenti tal-ġerarkija organizzattiva, kif ukoll fil-pagi, li ma jurux żbilanċi eċċessivi bejn il-ġeneri ⁽⁸⁾.

2.12. Inqas differenza bejn il-ġeneri fil-pagi ma tikkumpensax għall-fatt li jista' jiġi nnotat f'ħafna każijiet li l-livelli tal-pagi tal-ħaddiema f'organizzazzjonijiet u intrapriżi tal-ekonomija soċjali jibqgħu jaqgħu f'kategoriji bi dħul baxx. Dan huwa parzjalment dovut għan-nuqqas ġenerali ta' apprezzament għax-xogħol ta' kura, li f'wisq każijiet ma jingħatax rikonnoxximent finanzjarju xieraq lanqas fil-forom konvenzjonali ta' intraprenditorjat. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jissaħħu d-drittijiet tat-trade unions tal-ħaddiema fis-settur soċjali u tal-kura.

2.13. Il-funzjoni mwettqa fil-promozzjoni u fl-implimentazzjoni ta' innovazzjonijiet soċjali hija importanti wkoll, u dan juri li dawn l-organizzazzjonijiet jafu jinterpretaw u jappoġġjaw il-bidliet fis-soċjetà billi jimmobilizzaw riżorsi ta' kapital uman li huwa espress f'parteċipazzjoni attiva u solidali, b'aktar minn 82,8 miljun voluntier.

2.14. In-numru kbir ta' nies attivi f'setturi importanti, kif ukoll l-isfidi ta' innovazzjoni soċjali u teknoloġika li jiltaqgħu magħhom l-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, iridu jiġu appoġġjati minn interventi adegwati ta' taħriġ kontinwu u ta' kwalifika għat-tisħiħ tal-ħiliet professjonali u organizzattivi.

2.15. Għalhekk, il-KESE jara adatta ħafna t-tħabbira mill-Kummissjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali u l-azzjonijiet konkreti għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bi pjan ta' azzjoni speċifiku tiegħu stess, li dwaru l-KESE esprima ruħu fl-Opinjoni SOC/614 ⁽⁹⁾.

3. Proposti għal politika Ewropea ta' appoġġ u promozzjoni tal-ekonomija soċjali

3.1. Biex tingħata aktar spinta u sustanza lill-kontribut tal-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, u biex tinbena "Ewropa aktar soċjali, reżiljenti u inklużiva", huwa meħtieġ li jiġu introdotti miżuri leġislattivi u programmi ta' politika ekonomika Ewropea li jippromovu u jinkoraġġixxu t-tkabbir tal-organizzazzjonijiet u tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali anke fid-dawl tal-kontribut li jistgħu jagħtu għal mudell ta' żvilupp sostenibbli, ekoloġiku u solidali.

3.2. F'din id-direzzjoni, nemmnu li huwa possibbli li jiġu identifikati interventi fuq erba' livelli:

- sistema tat-taxxa li tirrikonoxxi l-funzjoni ta' interess ġenerali mwettqa mill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, b'attenzjoni partikolari għal dawk li joperaw f'oqsma ta' interess pubbliku ewlieni bħas-servizzi soċjali, tas-saħħa, edukattivi u ta' inklużjoni soċjali;
- politiki ta' promozzjoni ta' investimenti pubbliċi u privati li jrawmu l-iżvilupp ta' finanzzi b'impatt soċjali – b'titjib ulterjuri tal-aċċessibbiltà għas-suq fejn jidħlu l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet;
- politiki ta' appoġġ għal impjieġ stabbli u għal ħaddiema ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali li jkollhom rwol ewlieni fl-ekonomija, speċjalment fil-governanza demokratika tagħhom.
- politiki ta' appoġġ biex jiġu implimentati ħiliet ġodda u jitħeġġeġ it-tixrid tal-innovazzjoni u ta' teknoloġiji ġodda fis-soċjetà ċivili.

3.3. Il-KESE, filwaqt li jirrikonoxxi l-funzjoni essenzjali li għandhom l-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fl-ambitu tas-servizzi personali u s-servizzi soċjali, jemmen, madankollu, li r-responsabbiltajiet tal-Istati u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jiġu żgurati s-servizzi essenzjali għaċ-ċittadini għad għandhom rwol essenzjali.

⁽⁸⁾ *Las mujeres en las cooperativas de trabajo*, COCETA, 2019 <https://www.coceta.coop/publicaciones/estudio-mujer-cooperativismo-coceta-2019.pdf>.

⁽⁹⁾ ĠU C 14, 15.1.2020, p. 1.

3.4. Il-miżuri biex jiġu appoġġjati l-impjiegi fl-intrapriżi soċjali li għandhom bħala missjoni tagħhom l-integrazzjoni ta' ħaddiema b'diżabilità jew severament żvantaġġati fid-dinja tax-xogħol għandhom jissaħħu aktar. Dawn il-miżuri għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-piż tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali fuq l-ispiża tax-xogħol, billi l-awtoritajiet pubbliċi jerfgħu r-rati ta' kontribuzzjoni meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-poloż ta' assigurazzjoni u l-pensjonijiet ta' dawn il-ħaddiema żvantaġġati. Dawn l-inċentivi ma għandhomx jittqiesu bħala għajjnuna mill-Istat lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, ladarba għandhom l-għan li jappoġġjaw l-inklużjoni ta' persuni severament żvantaġġati fis-suq tax-xogħol. Fi kwalunkwe każ l-inċentivi għandhom jingħataw biss lil organizzazzjonijiet li josservaw il-ftehimiet kollettivi ta' xogħol u d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema.

3.5. F'ħafna każijiet, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma l-operatur ewlieni ta' servizzi essenzjali għall-popolazzjoni, bħas-servizzi edukattivi, soċjali, tas-saħħa, ta' assistenza, u ta' taħriġ u integrazzjoni fid-dinja tax-xogħol għall-persuni żvantaġġati, billi jimmaniġġjaw attivitajiet li, anke jekk huma ta' natura kummerċjali jew ta' negozju, huma xorta waħda attivitajiet li għandhom element komunitarju u lokali qawwi, u li fi kwalunkwe każ il-profitti tagħhom jiġu investiti mill-ġdid għall-għanijiet statutorji. Dawn huma servizzi li jitwettqu bil-parteċipazzjoni diretta tal-istess benefiċjarji u għandhom preżenza lokali li tagħmel parti mill-istess missjoni li jaqdu. Għalhekk dawn il-kundizzjonijiet ma jistgħux jiġu assimilati mingħajr kundizzjonijiet mas-sistemi tal-kompetizzjoni tas-suq. Għalhekk, uħud mir-rekwiżiti attwali dwar l-"għajjnuna mill-Istat" li jipprevjenu l-introduzzjoni ta' sistema tat-taxxa li tirrikonoxxi l-utilità soċjali u pubblika ta' dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu inqas stretti.

3.6. Barra minn hekk, għall-istess raġuni, il-KESE, kif diġà talab fl-Opinjoni INT/906 ⁽¹⁰⁾, tiegħu, iqis li huwa meħtieġ li l-limitu previst mir-Regolament de minimis dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, ugwali għal EUR 500 000 fuq perjodu ta' tliet snin finanzjarji, għandu jkun tal-inqas EUR 800 000 għal kull sena finanzjarja.

Dan mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli dwar l-aċċess għall-finanzjament pubbliku li jkunu armonizzati ma' kriterji uniformi, trasparenti u li jħarsu bis-sħiħ ir-regoli dwar ix-xogħol u l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi settorjali.

3.7. Huwa importanti li jiġu identifikati strumenti utli biex iżidu l-investimenti b'impatt soċjali magħmula fl-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali. F'din id-direzzjoni, kien hemm xi esperjenzi interessanti b'bonds u titoli speċifiċi (ekwità jew kważi ekwità) f'intrapriża tal-ekonomija soċjali, marbuta mal-ilħuq ta' għanijiet soċjali ta' interess ġenerali.

3.8. Fir-rigward ta' dawn l-istrumenti finanzjarji, bl-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa mnaqqa għall-investitur jistgħu jinħolqu fatturi rilevanti għat-tkabbir fid-dawl tal-fatt li d-data storika diġà tikkonferma li, minkejja b'investimenti limitati, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali kienu kapaċi joħlqu ħafna impjiegi u benefiċċji soċjali għall-utenti tas-servizzi tagħhom.

3.9. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġu previsti metriċi adegwati li jippermettu l-kejl u t-tqabbil tar-riżultati miksuba, bħaż-żieda fl-impjiegi stabbli, l-applikazzjoni ta' standards għoljin ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-verifika tal-ilħuq reali tal-għanijiet soċjali fil-bażi tal-inizjattiva. Huwa għalhekk xieraq li l-Istati Membri jadottaw liġijiet qafas dwar l-ekonomija soċjali u li jimplimentaw fuq bażi kontinwa politiki favur it-tkabbir u l-iżvilupp tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

3.10. Sa mill-2011, il-Kummissjoni Ewropea identifikat il-ħtieġa li jittejjeb il-livell ta' għarfien pubbliku u l-ġbir ta' data u statistika dwar l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Madankollu, għad fadal ħafna xi jsir biex jiġu stabbiliti standards koordinati, li, barra minn hekk, ikunu wkoll partikolarment utli sabiex jiġi evitat "ħasil soċjali" jew aċċess mhux xieraq għall-miżuri ta' appoġġ.

3.11. Għal din ir-raġuni, jistgħu jiġu identifikati awtoritajiet nazzjonali, fl-Istati Membri li għadhom ma implimentawhomx, li jkunu inkarigati mill-monitoraġġ u l-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti u l-istandards kif ukoll il-koerenza mal-oġettivi soċjali.

3.12. Fost il-miżuri speċifiċi ta' appoġġ, waħda mill-aktar importanti hija dik tal-parteċipazzjoni fis-suq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjonijiet, li fir-rigward tagħhom id-Direttiva 2014/24/UE ⁽¹¹⁾ diġà pproponiet strumenti sinifikanti, li mhux l-Istati Membri kollha implimentaw b'mod adegwat. Sabiex jithegħeġ l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħti eżempju tajjeb u tisfrutta bl-aħjar mod il-proċeduri ta' akkwist tagħha biex issegwi l-oġettivi tal-politika soċjali.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 131.

⁽¹¹⁾ https://ec.europa.eu/info/policies/public-procurement/support-tools-public-buyers/social-procurement_mt

3.13. Fost dawn il-miżuri ta' appoġġ, wieħed ma jistax ma jinnotax ukoll dawk maħsuba għall-konverżjoni ta' attivitajiet produttivi u ta' servizz, jew it-trasferiment ta' dawn l-attivitajiet minn kumpaniji fi kriżi jew minn intraprendituri li waslu biex jirtiraw lill-ħaddiema, organizzati bħala kooperattiva jew intrapriża parteċipattiva.

3.14. Ħafna minn dawn l-esperjenzi li jitqiesu bħala **Akkwiżizzjonijiet mill-Ħaddiema (Worker Buy-Outs – WBOs)** ⁽¹²⁾, li diġà ġew implimentati b'suċċess għat-tkomplija ta' attivitajiet industrijali fi kriżi, illum jaraw żieda fil-każijiet li fihom għat-trasferiment ta' intrapriża żgħira hija proposta intrapriża soċjali proprjetà tal-ħaddiema. Dan jgħodd ħafna għaż-żgħażaġh li ma jkollhomx riżorsi kapitali adegwati biex jiftħu attività intraprenditorjali iżda li ħafna drabi huma mfixkla mis-solitudni u t-tħassib għall-fatt li jridu jiffaċċjaw id-diffikultajiet tas-suq waħedhom.

3.15. Sabiex jiżdied il-potenzjal ta' dawn l-inizjattivi, l-investment u l-appoġġ huma meħtieġa biex jgħinu fil-ftuħ ta' negozju permezz ta' parteċipazzjoni fil-kapital biex jiġu appoġġjati l-ħaddiema minn kumpaniji fi kriżi li jagħżlu li jirritornaw għan-negozju billi jiffurmaw parti minn kooperattiva. F'xi pajjiżi, dawn l-inizjattivi għamluha possibbli li jitħarrġu mill-ġdid għadd ta' kumpaniji u li jiġu salvagwardjati eluf ta' impjegji.

3.16. Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tat-trade unions tal-ħaddiema huwa fundamentali f'dawn il-proċessi ta' rikonverżjoni industrijali. Forom ta' impjeg indipendenti bħal WBOs huma parti integrali mill-politiki tax-xogħol attivi. Prattika tajba ta' kooperazzjoni bejn il-kooperattivi u t-trade unions huwa l-ftehim li ġie ffirmat fl-Italja bejn l-aktar tliet federazzjonijiet kooperattivi u t-tliet trade unions rappreżentattivi għal kooperazzjoni sistematika dwar l-akkwiżizzjonijiet mill-ħaddiema ⁽¹³⁾.

3.17. Il-KESE jittama li l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali jippromovi l-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' inizjattivi simili fl-Istati Membri kollha, permezz tal-ħolqien ta' struttura ddedikata fl-ambitu tal-Fond Ewropew tal-Investment jew il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, sabiex ikun hemm strumenti konkreti biex jiġi appoġġjat il-bidu mill-ġdid tal-attivitajiet ekonomiċi li jinsabu f'diffikultà minħabba l-kriżi kkawżata mill-pandemija.

4. Forom ġodda ta' ekonomija soċjali

4.1. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali qegħdin jiżviluppaw impjegji ġodda u inizjattivi ta' innovazzjoni soċjali anke fil-kuntest tal-ekonomija ekoloġika u għall-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli. Qegħdin jiżdiedu l-esperjenzi tal-ekonomija ċirkolari mwettqa minn organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali li joħlqu wkoll impjegji ġodda fis-settur tal-użu mill-ġdid jew tal-agrikoltura għal finijiet terapewtiċi. Sa issa l-qafas legali u l-politiki f'ħafna Stati Membri ma jippermettux l-implimentazzjoni ta' politiki għall-iżvilupp ta' kooperattivi ta' kollokament fix-xogħol. Għaldaqstant huma mixtieqa interventi fil-livell tal-UE, biex jibda l-progress f'dawn il-kuntesti.

4.2. Ta' interess partikolari huwa r-rwol li l-kooperattivi tal-ħaddiema ⁽¹⁴⁾ jistgħu jiżvolġu biex il-forom ġodda ta' intraprenditorja miksuba permezz tal-pjattaformi diġitali jsiru aktar inklużivi bil-għan li l-parteċipazzjoni tkun waħda aktar sostenibbli u kondiviża mill-ħaddiema u l-utenti biex jiġu żviluppati forom ġodda ta' għajuna reċiproka u solidarjetà, permezz ta' teknoloġiji diġitali li jiffaċilitaw parteċipazzjoni wiesgħa. Għalkemm il-fatt jibqa' li l-protezzjoni tal-ħaddiema tal-pjattaforma u tal-ħaddiema atipiċi neċessarjament tinvolvi l-iffirmar ta' ftehimiet kollettivi xierqa mat-trade unions.

4.3. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jistgħu joħlqu kemm opportunitajiet ta' impjeg kif ukoll ta' żvilupp lokali, billi jorganizzaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini għall-implimentazzjoni ta' servizzi bħall-provvista ta' enerġija rinnovabbli jew għall-organizzazzjoni ta' servizzi foqasma deċentralizzati u f'żoni rurali, bħal fl-esperjenzi Franċiżi taċ-Ċentri Territorjali

⁽¹²⁾ Trasferimenti ta' Negozi lill-Impjegati taħt il-Forma ta' Kooperattiva fl-Ewropa: opportunitajiet u sfidi, CECOP, 2013 (ĠU C 191, 29.6.2012, p. 24).

⁽¹³⁾ Italy, historic agreement between unions and coops on worker buyouts, CECOP, 2021: <https://cecop.coop/works/italy-historic-agreement-between-unions-and-coops-to-promote-worker-buyouts>.

⁽¹⁴⁾ All for one – Worker-owned cooperatives' response to non-standard employment, CECOP 2019: <https://cecop.coop/works/cecop-report-all-for-one-reponse-of-worker-owned-cooperatives-to-non-standard-employment>.

għall-Kooperazzjoni Ekonomika (PTCE), li fi proġett ilaqgħu flimkien assoċjazzjonijiet, kooperattivi, awtoritajiet lokali, kumpaniji tradizzjonali, universitajiet, u qed isiru promoturi ta' esperjenzi ta' agrikoltura soċjali, turiżmu sostenibbli u tal-valorizzazzjoni ta' assi ambjentali jew kulturali.

4.4. Il-funzjoni tal-attivitajiet ta' volontarjat hija essenzjali fl-ekonomija soċjali, li huma importanti għall-ġenerazzjoni żagħżugħa, iżda anke għall-anzjani, li għalihom f'xi każijiet jirrappreżentaw opportunità importanti biex iżommu rwol soċjali u ċivili attiv li jgħin biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja. Għaldaqstant, għandu jkun hemm tisħiħ tas-sinerġiji bejn it-taħriġ u l-ħin iddedikat lill-volontarjat, bħala għodda biex jiġu promossi t-traineeships fis-settur soċjali. Koordinazzjoni akbar bejn il-perjodi ta' volontarjat u apprendistat tista' tiffaċilita t-taħriġ ta' impjegati żgħażaġh u kwalifikati.

4.5. L-esperjenza ta' suċċess tal-“Korp Ewropew ta' Solidarjetà” hija waħda li għandha tissaħħaħ u tista' tiġi estiża bil-ħolqien ta' speċi ta' “Erasmus għall-Intraprendituri Soċjali” li jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni transfruntiera fl-ekonomija soċjali.

4.6. Din il-funzjoni tidher utli ħafna wkoll biex jitnaqqas il-fenomeni kumpless tal-NEETs u jistħoqqilha politiki ta' inċentiv biex tiġi inkoraġġita t-tranżizzjoni minn esperjenzi ta' volontarjat għal impjieg stabbli.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Taħriġ vokazzjonali: l-effettività tas-sistemi biex jiġu antiċipati u mqabbla l-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u r-rwol tal-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati differenti”

[Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Portugiża]

(2021/C 286/05)

Relatur: **Jean-Michel POTTIER**

Talba mill-Presidenza Portugiża 26.10.2020
tal-Kunsill

Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Bureau	28.10.2020
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	16.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	222/0/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jtenni l-importanza tat-tqabbil tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-KESE jenfasizza l-importanza kruċjali li jkun hemm sistemi ta' taħriġ effettivi u l-kapaċità li jiġu antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet f'kundest ta' taqlib profond b'riżultat tal-kriżi tal-COVID-19, li qed twassal għal aċċellerazzjoni tal-bidliet fl-ekonomija tagħna, speċjalment fl-oqsma diġitali u dawk ambjentali.

1.2. Fid-dawl tad-diffikultajiet ta' reklutaġġ li jiffaċċjaw il-kumpaniji Ewropej, il-KESE jenfasizza l-benefiċċji tal-użu ta' skemi ta' taħriġ b'alternanza għall-kisba tal-ħiliet permezz ta' varjetà wiesgħa ta' forom. Il-maġġoranza vasta tal-impjegaturi qed iwertqu b'mod onest ir-rwol tagħhom b'alternanza, bil-ħsieb li jgħaddu l-għarfien tagħhom. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-antiċipazzjoni u l-projbizzjoni ta' kwalunkwe abbuż b'rabta ma' impjiegi produttivi mingħajr ħlas okkupati minn studenti li jsegwu tali skemi.

1.3. Il-KESE jirrimarka li l-varjetà ta' dawn l-iskemi tippermetti adattament ottimizzat għal sitwazzjonijiet varji b'rabta mad-daqs tal-kumpaniji, it-tipi ta' kwalifiki, l-istruttura tas-sistema ta' taħriġ, u it-tip u l-livell ta' impjiegi li għandu jimtela. Dan jippermetti wkoll lill-impjegati u lil dawk li qed ifittxu impjiegi jiksbu ħliet ġodda sabiex jiġġieldu l-obsolessenza tal-ħiliet okkupazzjonali.

1.4. Il-KESE jenfasizza l-ispeċifità tal-SMEs. Minħabba n-natura teknika tal-professjonijiet imwettqa f'għadd kbir ta' SMEs b'għarfien espert uniku, b'mod partikolari fi swieq niċċa, l-alternanza tista' tkun soluzzjoni adatta għall-ħtiġijiet tal-ħiliet tagħhom. F'ħafna żoni rurali, l-għarfien espert tan-negozji ż-żgħar huwa opportunità unika għaż-żgħażgħ u ambjent tan-negozju favorevoli jista' jtejjeb l-oportunitajiet professjonali tagħhom.

1.5. Għall-KESE, l-imsieħba soċjali huma atturi effettivi fit-tfassil u l-ġestjoni ta' sistema ta' taħriġ; dawn jinsabu f'pożizzjoni partikolarment tajba biex ikejlu l-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol. Dawn kapaċi jidentifikaw nuqqasijiet ta' ħaddiema skont is-settur professjonali u t-territorju, u jiżguraw żvilupp effettiv tal-ħiliet u abbażi tal-esperjenza Prattika professjonali. Dawn jistgħu jiddependu minn partijiet interessati bħall-Istat, ir-reġjun jew is-servizz pubbliku tal-impjiegi biex jamalgamaw id-data kwantitattiva u kwalitattiva f'termini ta' ħtiġijiet tal-ħiliet.

1.6. Il-KESE jinnota li l-imsieħba soċjali għandhom jaqdu rwol ewlieni b'mod sistematiku fl-iżvilupp tal-kwalifiki u l-kontenut tagħhom. Huwa essenzjali li l-imsieħba soċjali jiġu involuti mill-bidu nett biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn ir-riżorsi ma jissodisfawx il-ħtiġijiet reali tal-impjegaturi u tal-impjegati fl-Ewropa.

Bl-istess mod, l-imsieħba soċjali huma kkwalifikati biex jiffaċilitaw il-gwida vokazzjonali għall-pubbliku kollu.

1.7. Il-KESE jirrimarka li l-partijiet interessati (Stat, reġjun, servizz pubbliku tal-impjiegi) jaqdu rwol essenzjali meta jipproponu soluzzjonijiet li jiffaċilitaw l-inklużjoni soċjali. Il-KESE jappella għal koordinazzjoni aħjar bejn l-atturi, il-partijiet interessati u l-imsieħba soċjali kollha, permezz ta' ftehim kuntrattwali li jispeċifika l-interazzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' kull parti sabiex l-iskemi ta' taħriġ u ta' appoġġ isiru aktar faċli biex jinftehm. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-servizzi soċjali pubbliċi u mingħajr skop ta' qligħ, l-intrapriżi soċjali, l-organizzazzjonijiet tal-protezzjoni soċjali u l-assistenti soċjali għandhom rwol ewlieni fl-appoġġ għaż-żgħażaġħ u daww akbar fl-età, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-persuni li għejjin minn gruppi soċjalment żvantaġġati. L-oqfsa legali u finanzjarji ta' xi Stati Membri jipprovdu bażi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn il-funzjonijiet u s-servizzi importanti. Kif stabbilit fl-Artikolu 145 tat-TFUE, politiki sodi fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali huma essenzjali wkoll biex jintlaħaq l-għan li tiġi promossa forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, u li tkun imħarrġa u adattabbli, u swieq tax-xogħol li jirreaġixxu malajr għall-iżvilupp tal-ekonomija.

1.8. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-SMEs, inklużi n-negozji żgħar ħafna, sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-ħiliet fil-professjonijiet taħt pressjoni. Dawn il-kumpaniji m'għandhomx dipartiment intern għar-riżorsi umani, filwaqt li r-relazzjoni taħriġ/ħiliet/impjieg teħtieġ approċċ partikolari. Dawn il-kumpaniji, li jirrappreżentaw firxa kbira ta' impjiegi, jeħtieġu appoġġ speċifiku. Dan l-appoġġ għandu jkun relatat mal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet tagħhom, it-tfassil tal-offerta tax-xogħol, il-bord konsultattiv, il-proċess ta' reklutaġġ u sistemi ta' taħriġ imfassla apposta li jwasslu għal impjieg sostenibbli.

1.9. Il-KESE jfakkar li t-taħriġ huwa strument fundamentali għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi indirizzata l-isfida ta' opportunitajiet indaqs għall-irġiel u b'mod speċjali n-nisa b'diżabilità taħt kundizzjonijiet ta' aċċess ugħwali għal skemi ta' taħriġ vokazzjonali inklużiv. Il-KESE jinnota wkoll li s-sostenibbiltà tax-xogħol tiddependi b'mod partikolari mid-dritt għal taħriġ ta' kwalità tajba.

1.10. Il-KESE jirrakkomanda li jtfasslu ftehimiet strateġiċi nazzjonali dwar it-taħriġ vokazzjonali u l-għid, abbażi ta' negozjati bejn l-awtoritajiet u l-imsieħba soċjali, li jinvolvu l-partijiet interessati fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET). Il-KESE jinnota l-eżistenza ta' ftehimiet bħal dawn f'ċerti kumpaniji, ċerti setturi professjonali jew territorji u jħeġġeġ l-użu mifruq ta' dan it-tip ta' ftehim strateġiku nazzjonali. L-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiffaċilitaw l-adattament għall-bidla industrijali sabiex jippromovu l-integrazzjoni vokazzjonali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

2. Kuntest

2.1. Ir-rilevanza tar-riflessjoni dwar ir-relazzjoni bejn il-ħiliet disponibbli u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol għandha titqies fil-kuntest Ewropew, kif ippreżentat fid-*"Dikjarazzjoni ta' Osnabrück"*, li tikkonferma li l-imsieħba soċjali huma kkunsidrati fost il-partijiet interessati. **Dan il-kuntest Ewropew jinkludi b'mod partikolari:**

- minn naħa, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jidentifika l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja bħala l-ewwel u r-raba' prinċipji tiegħu fir-rigward tal-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, inkluż minn perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja;
- min-naħa l-oħra, fl-2020 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat *Komunikazzjoni* dwar iż-żona Ewropea tat-taħriġ u l-edukazzjoni, li taferma mill-ġdid il-prinċipji tagħha ta' azzjoni u l-għanijiet tagħha, b'mod partikolari edukazzjoni ta' kwalità tajba għal kulħadd;
- Fl-aħħar nett, fl-Opinjoni tiegħu SOC/570 ⁽¹⁾ dwar *"Il-futur tax-xogħol/tal-ħiliet"*, il-KESE appella, sabiex nindirizzaw u nħejju għall-bidliet teknoloġiċi u diġitali rapidi, li niżviluppaw politiki mmirati u li nieħdu miżuri konkreti għat-titjib u l-adattament tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ.

2.2. Il-kwistjoni tat-tqabbil tal-ħiliet disponibbli mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol hija pperċepita b'diversi modi madwar il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Id-diskussjonijiet dwar l-hekk imsejjaħ *"sparaġġ fil-ħiliet"* kienu bdew qabel il-kriżi tal-COVID-19, u l-KESE appella għal kawtela fl-indirizzar ta' din il-kwistjoni. Skont is-Cedefop, 45 % tal-ħaddiema jemmnu li l-ħiliet tagħhom ma jaqblux bis-sħiħ mal-impjieg li jikkupaw, filwaqt li 70 % tal-kumpaniji jbatu minn nuqqas ta' ħiliet, iżda f'tit minnhom jassoċjaw dawn id-diffikultajiet mal-ostakli li jiltaqgħu magħhom, bħall-problema tar-reklutaġġ, il-post ġeografiku tal-kumpanija, il-livell tal-paga u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Għandu jsir studju fil-fond li janalizza r-raġunijiet eżatti għall-isparaġġ fil-ħiliet u kif il-persuni kkonċernati jistgħu jiġu meġhuna jsibu impjieg.

⁽¹⁾ ĠU C 237, 6.7.2018, p. 8.

2.3. Il-ħtiġijiet tal-ħiliet

Il-ħiliet meħteġa jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Madankollu, din il-varjeta' tiddependi mil-livell tas-sistema ta' produzzjoni industrijali tal-pajjiż biex titqabbel mal-ħtiġijiet ta' ekonomiji orjentati lejn is-servizzi jew it-turiżmu. Filwaqt li l-livell ġenerali tal-ħiliet meħteġa qiegħed jogħla, hemm ukoll il-ħtieġa għal kwalifiki aktar baxxi, li għalihom wieħed jirrikorri għall-immigrazzjoni.

2.4. Is-sistema ta' taħriġ

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma s-settur edukattiv l-aktar viċin tas-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet tal-ħiliet tiegħu. Ġeneralment, it-taħriġ vokazzjonali inizjali jingħata fil-livell sekondarju għoli u jsir jew fl-ambjent skolastiku, jew fuq il-post tax-xogħol, fiċ-ċentri ta' taħriġ u fil-kumpaniji. Il-proporzjon ta' żgħażaġħ imħarrġa fit-taħriġ vokazzjonali, meta mqabbel mal-edukazzjoni ġenerali, ivarja fl-Unjoni Ewropea, iżda qiegħed jonqos b'mod gradwali kullimkien. Dan ġeneralment iwassal għal miżuri korrettivi jew ta' inċentiv kemm fuq l-inizjattiva tal-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll dik tal-postijiet tax-xogħol, inklużi l-imsieħba soċjali. Fost dawn il-miżuri, l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet tiffoka fuq id-diġitalizzazzjoni tal-kontenut tat-taħriġ.

Is-sistema ta' taħriġ vokazzjonali kontinwu hija prinċipalment orjentata lejn ix-xogħol u l-magħġoranza tal-azzjonijiet ta' taħriġ iseħħu fuq il-post tax-xogħol.

2.5. Ir-rwol tal-imsieħba soċjali

Dan ir-rwol, li huwa preżenti fil-pajjiżi kollha fl-ivell differenti, għandu jissaħħaħ. Bis-saħħa tal-esperjenza tagħhom, l-imsieħba soċjali huma involuti fil-proċess fi ħdan is-setturi professjonali jew fil-livell nazzjonali transindustrijali tal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet attwali u futuri tal-ħiliet. Ħafna drabi dawn jipparteċipaw ukoll fid-definizzjoni ta' standards tal-kwalifiki u tad-diplomi, fit-tmexxija ta' sistemi ta' taħriġ, fil-ġestjoni tal-fondi tat-taħriġ vokazzjonali u tat-tagħlim u fis-sistema ta' gwida vokazzjonali tul il-ħajja. Barra minn hekk, it-taħriġ vokazzjonali huwa suġġett li ġeneralment jiġi nnegozjat mill-imsieħba soċjali fil-qafas tan-negozjar kollettiv.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jinnota żbilanċ dejjem jikber fis-suq tax-xogħol, marbut b'mod partikolari ma' diskrepanza fil-ħiliet, b'impatt komplementari tal-kriżi tas-saħħa, li qed iwessa' d-distakk bejn il-ħtiġijiet taż-żgħażaġħ u l-ħiliet f'ekonomija dejjem aktar ikkonċentrata.

3.1.1. Din is-sitwazzjoni, li kienet teżisti qabel il-kriżi tas-saħħa, żviluppat u marret għall-agħar matul dawn l-aħħar għoxrin sena. 60 % tal-impjegati adulti jinsabu f'riskju li l-ħiliet teknoloġiċi tagħhom ma jibqgħux validi (data tal-UE-28 tal-2014) ⁽²⁾. Is-sitwazzjoni rriżultat fil-koeżistenza tal-qgħad u pressjoni fuq is-suq tax-xogħol ⁽³⁾ ⁽⁴⁾.

3.1.2. Waħda mill-konsegwenzi tal-kriżi tas-saħħa hija l-aċċellerazzjoni tat-tensjonijiet fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li ġejjin mill-iżvilupp aċċellerat tat-trasformazzjoni diġitali.

3.2. Il-KESE jilqa' l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet u b'mod partikolari li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza tista' tkopri azzjonijiet fl-istadji kollha tal-professjonalizzazzjoni, u tindirizza t-tibdil tat-tipi kollha ta' ħtiġijiet u ħiliet:

(a) **F'kull stadju tal-professjonalizzazzjoni** (referenza tas-Cedefop – panorama ta' ħiliet) ⁽⁵⁾:

— qabel id-dħul fil-ħajja tax-xogħol:

— permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet u l-professjonalizzazzjoni (taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwu, alternanza, apprendistat);

— fil-ħin tad-dħul fil-kumpanija, jew fil-każ ta' mobilità interna:

— permezz tal-adattament tal-ħiliet professjonali u l-ħiliet personali għall-kuntest tal-kumpanija (appoġġ għall-adattament għall-post tax-xogħol, taħriġ fuq il-post tax-xogħol);

⁽²⁾ https://www.cedefop.europa.eu/files/3075_en.pdf, p. 26.

⁽³⁾ Rata tal-qgħad (f'kull Stat Membru): <https://ec.europa.eu/eurostat/web/lfs/visualisations>: rata tal-qgħad, Jannar 2021, EU27.

⁽⁴⁾ Postijiet tax-xogħol vakanti (f'kull Stat Membru): https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Job_vacancy_statistics

⁽⁵⁾ <https://skillspanorama.cedefop.europa.eu/en/dashboard/european-skills-index>.

— matul id-durata kollha tal-ħajja tax-xogħol:

— permezz tal-adattament tal-ħiliet professjonali għat-tibdil fil-ħtiġijiet tal-impjeg u tax-xogħol;

(b) **Billi jiġu adattati l-arranġamenti għall-ħtiġijiet li jirriżultaw minn sitwazzjonijiet ta' impjeg li jinbidlu:** titjib tal-ħiliet (*upskilling*); taħriġ mill-ġdid (*reskilling*); versatilità (*cross-skilling*); ħiliet ġodda;

(c) **skont it-tip ta' ħiliet immirati:** ħiliet bażiċi; ħiliet tekniċi u kompetenza professjonali; ħiliet trasversali.

3.3. Id-dikjarazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impjegaturi u tal-impjegati ta' kumpaniji tan-negozju flivell Ewropew ressuq proposti li jappoġġjaw il-leġittimità tagħhom biex jintervjenu f'dan il-qasam.

Għalhekk, il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) tippromovi d-dialogu soċjali f'dan il-qasam, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali; SMEUNITED tqis li l-gvernijiet għandhom jiddelegaw il-governanza tal-apprendistati lill-imsieħba soċjali; BUSINESSEUROPE tirrakkomanda l-iżvilupp tal-ħtiġijiet tal-programmi ta' taħriġ mill-imsieħba soċjali u negozjati konġunti mal-fornituri tat-taħriġ fil-qasam tat-taħriġ tal-impjegati.

3.4. Ir-rwol tal-partijiet interessati

Il-KESE jappella li l-imsieħba soċjali jiġu involuti flimkien ma' partijiet interessati oħrajn biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet, ir-riżorsi u l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati u biex jaħdmu f'konsultazzjoni magħhom, filwaqt li jibnu fuq il-mezzi li dawn tal-aħħar jistgħu jużaw. Dan jikkonċerna b'mod partikolari lil: intrapriżi, fergħat professjonali u organizzazzjonijiet professjonali u interprofessjonali oħrajn, imsieħba soċjali settorjali u nazzjonali, oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali jew sistemi ta' klassifikazzjoni għal diplomi professjonali (NQF), awtoritajiet reġjonali u korpi pubbliċi jew semipubbliċi, u awtoritajiet nazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, intrapriżi soċjali, servizzi soċjali, organizzazzjonijiet tal-protezzjoni soċjali, korpi ta' gwida u appoġġ għall-integrazzjoni, ir-riintegrazzjoni u l-kollokament ta' persuni, inklużi persuni b'diżabbiltà, u organizzazzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali inizjali (IVET/CVET⁽⁶⁾).

4. Kummenti speċifiċi

4.1. L-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet

4.1.1. L-imsieħba soċjali jaqdu rwol ċentrali fl-għarfien, il-valutazzjoni u l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol. Ir-rwol tagħhom huwa essenzjali biex janima l-osservatorji tal-professjonijiet u l-ħiliet u janalizza d-data miġbura. L-analiżi prospettiva tagħhom għandha tkun marbuta mal-valutazzjonijiet magħmula mill-partijiet interessati kollha: l-Istat, ir-reġjuni, il-kmamar u l-organizzazzjonijiet kollha li jaħdmu fil-qasam tal-impjeg, it-taħriġ u l-gwida vokazzjonali, bħas-servizzi u l-korpi soċjali. Din il-kooperazzjoni tgħin biex l-Ewropa tieħu postha fiċ-ċentru tas-suq tax-xogħol.

4.1.2. Għall-KESE, dan ir-rwol essenzjali għandu jiġi affermat mill-ġdid billi l-imsieħba soċjali jingħataw il-mezzi kollha meħtieġa biex jaġixxu bl-istess ħeffa bħat-trasformazzjonijiet ewlenin li qed iseħħu fis-suq tax-xogħol. Il-kriżi tas-saħħa, ekonomika u soċjali li bdiet fl-2020 u li għadha għaddeja bħalissa qed turi li hija aċċelleratur b'saħħtu tal-bidliet fl-ekonomija tagħna. Id-diġitalizzazzjoni tan-negozji hija assolutament essenzjali biex il-kumpaniji, inklużi l-iżgħar fosthom, jkunu jistgħu jadattaw ruħhom. It-tranżizzjoni ekoloġika, lil hinn mill-professjonijiet il-ġodda li jakkumpanjawha, issa hija mistennija ħafna mill-klijenti u l-konsumaturi b'reazzjoni għall-konsegwenzi tal-kriżi.

4.2. L-għoti tat-taħriġ u l-kontenut tiegħu jsiru aktar effiċjenti

4.2.1. Abbażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet, l-istandards tat-taħriġ u tal-kwalifiki għandhom jiġu aġġornati b'mod regolari sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom. Għalhekk, il-ħiliet b'rabta mat-teknoloġiji l-ġodda, l-imperattivi tat-tranżizzjoni ekoloġika jew it-trasformazzjonijiet diġitali aċċellerati mill-kriżi tas-saħħa jeħtieġu reazzjonijiet rapidi. Għal gruppi fil-mira li huma diffiċli biex jintlaħqu, il-prattiki pedagoġiċi innovattivi għandhom jiġu adattati bl-użu ta' metodi inklużivi xierqa.

⁽⁶⁾ Fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali – VET4EU2 <https://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=38451&no=1>

Il-prinċipju tal-alternanza jippermetti t-taħlit ta' sistemi ta' taħriġ u l-kapaċità ta' taħriġ tal-kumpaniji; din tal-aħħar tiffaċilita b'mod usa' l-integrazzjoni sostenibbli fl-impjieg biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi. Filwaqt li l-impjegaturi, fil-parti l-kbira tagħhom, jissodisfaw bis-sħiħ ir-rwol li jaqdu bħala ħarrieġa b'alternanza, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi antiċipat u pprojbit kwalunkwe abbuż b'rabta ma' impjegi produttivi mingħajr ħlas okkupati minn studenti li jseguw skemi ta' taħriġ b'alternanza.

4.2.2. Dawn l-iskemi ta' taħriġ b'alternanza jistgħu jkunu ta' tipi differenti:

- taħriġ vokazzjonali għaż-żgħażagħ u għal daww akbar fl-età permezz ta' apprendistat sabiex tinkiseb kwalifika professjonali sħiħa b'rabta ma' professjoni identifikata;
- taħriġ vokazzjonali inizjali b'perjodi ta' traineeships f'kumpanija, skont skemi ta' taħriġ b'alternanza;
- esperjenzi ta' xogħol f'kumpanija, b'mod partikolari biex tiġi skoperta professjoni;
- taħriġ vokazzjonali b'alternanza għal persuni li qed ifittxu impjieg;
- taħriġ intern fuq il-post tax-xogħol fil-kumpanija;
- taħriġ qabel l-impjegabbiltà professjonali biex jinkisbu l-ħiliet meħtieġa għat-twettiq ta' professjoni;
- taħriġ dwar l-għajxien indipendenti, analiżi tal-ħiliet, b'mod partikolari għal persuni f'diffikultà, persuni b'diżabbiltà u żgħażagħ li joħorġu mis-sistema skolastika mingħajr kwalifiki.

4.2.3. Fl-aħħar nett, din it-tfittxija għall-effiċjenza fl-għoti tat-taħriġ għandha tipprovdi tweġibiet għall-aktar persuni vulnerabbli. Huwa essenzjali li titqies id-diżabbiltà f'termini ta' aċċessibbiltà materjali u fiżika f'dak li jirrigwarda s-sistema ta' taħriġ u r-rispons edukattiv għall-gruppi fil-mira.

4.3. *Involvement akbar tal-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati*

4.3.1. Lil hinn minn approċċ volontarju, it-twettiq ta' arranġamenti kuntrattwali ma' atturi jikkonsolida dawn il-prattiki tajbin biex jiġu antiċipati aħjar il-ħtiġijiet tal-ħiliet u tingħata spinta lill-effiċjenza tas-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali.

4.3.2. Bis-saħħa ta' distribuzzjoni effettiva tar-rwoli f'termini ta' appoġġ u monitoraġġ tal-aktar persuni vulnerabbli, il-partijiet interessati għandhom jiżguraw rwol ewlieni fl-inklużjoni soċjali. Permezz ta' perkorsi tat-taħriġ u b'appoġġ essenzjali, il-partijiet interessati għandhom rwol speċjali x'jaqdu biex jgħinu lil daww li qed jitħabtu biex isibu impjieg.

4.3.3. Is-suċċess tas-sistema ta' taħriġ vokazzjonali jiddependi mill-involvement attiv tal-imsieħba soċjali fit-tfassil tagħha. Il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ postijiet tat-tagħlim, li huma l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ u l-kumpanija, hija fattur ewlieni ta' suċċess. Id-definizzjonijiet tal-politiki nazzjonali jew reġjonali għandhom jagħtu flessibbiltà lill-imsieħba soċjali biex jadattaw l-istruttura u l-kontenut tat-taħriġ għall-ħtiġijiet ta' min iħaddem u l-impjegati fil-kuntest partikolari tas-suq tax-xogħol.

4.4. *Żieda fl-interess tal-kumpaniji u l-impjegati fl-investiment fit-taħriġ*

4.4.1. Il-proporzjon ta' impjegati li jibbenefikaw minn intervista jew titjib tal-ħiliet kull sena għadu baxx wisq, speċjalment fil-kumpanji żgħar u ta' daqs medju. L-ostakli huma bosta: il-finanzjament tat-taħriġ u d-diffikultajiet għall-impjegaturi biex jissostitwixxu l-persunal li jkun qed jitħarreġ, ir-rifjut tat-taħriġ inizjali, id-disponibbiltà u l-kwalità tal-kontenut u tas-sistemi tat-taħriġ għall-impjegati.

4.4.2. Bħala tali, l-għarfien bażiku jibqa' l-prerekwiżit essenzjali għall-aċċess għall-impjegi, b'mod partikolari fl-SMEs. L-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 qed ikollu impatt qawwi fuq iż-żgħażagħ li qed jirċievu taħriġ u qed iżid ir-rata ta' tluq bikri, dan qed iżid l-urġenza tal-kwistjoni tal-appoġġ u l-gwida vokazzjonali tul il-ħajja. Dan huwa kruċjali sabiex jiġi attirat l-interess tal-impjegati u ta' daww li qed ifittxu impjieg billi jingħataw l-oportunità li jsiru atturi fl-iżvilupp professjonali tagħhom. Mira xierqa tkun li 8 % tal-apprendisti u t-trainees fis-servizz ikunu jistgħu jibbenefikaw minn perjodu ta' mobilità barra mill-pajjiż; l-istudji tal-impatt b'rabta mal-Erasmus jenfasizzaw il-gwadann fil-ħiliet u l-impjegabbiltà li jirriżulta minn perjodu ta' mobilità.

4.4.3. Fl-aħħar nett, hemm il-kwistjoni tal-mod li bih il-kumpaniji jiddeterminaw il-ħiliet tal-kandidati, speċjalment dawk li m'għandhomx dipartiment intern għar-riżorsi umani.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ANNEX
EŻEMPJI TA' PRATTIKI TAJBIN

Fl-Awstrija, id-dħul fl-apprendistat sa mill-età ta' 15-il sena

F'dan il-pajjiż, 45 % ta' dawk li għandhom bejn 15 u 19-il sena huma apprendisti. Fil-maġġoranza tal-każijiet, it-taħriġ taż-żgħażaġh li jagħżlu l-alternanza bejn l-iskola u l-kumpanija jidm tliet snin. Hemm 130 000 apprendist fost iż-żgħażaġh. Dawn iqattgħu 80 % tal-ħin tagħhom f'kumpanija, jiġifieri erbat ijiem ta' korsijiet prattiċi u ġurnata ta' taġlim fl-iskola fil-ġimgħa.

L-apprendistat huwa dritt garantit mil-liġi: l-istudenti li ma jsibux kumpanija għall-apprendistat tagħhom minħabba marki ħżiena fl-iskola jiġu mħarrġa f'workshops pubbliċi.

B'mod ġenerali, fl-Awstrija, il-probabbiltà li apprendist isib impjieg hija tliet darbiet oġhla minn żaġhżuġh li jkun waqaf eżatt wara l-iskola obbligatorja. Fl-2018, ir-rata tal-qgħad ta' dawk taħt il-25 sena kienet ta' 9,6 %.

Il-preparazzjoni operattiva għall-impjieg (POE) fi Franza

Il-preparazzjoni operattiva għall-impjieg hija rispons rapidu u mfassal apposta għall-professjonijiet li diffiċli biex jintlewi. Dan huwa taħriġ li jippermetti l-kisba jew l-iżvilupp tal-ħiliet professjonali meħtieġa biex tintlaħaq ħtieġa ta' reklutaġġ identifikat minn qabel.

Il-POE hija mmexxija b'mod konġunt minn Põle emploi (servizz pubbliku tal-impjieg) u l-kumpanija jew il-ferġha professjonali. B'durata massima ta' 400 siegħa, din tinkludi perjodu ta' esperjenza ta' xogħol fil-kumpanija u taġti d-dritt għall-istatus ta' trainee f'taħriġ vokazzjonali, kif ukoll għal remunerazzjoni. Mat-tlestija, jekk jintlaħaq il-livell meħtieġ għall-pożizzjoni, jiġi ffirmat kuntratt ta' xogħol sostenibbli mal-kumpanija li tkun għażlet lill-kandidat/a.

Matul l-aħħar tliet snin, 70 000 trainee fis-sena bbenefikaw mill-POE, b'rata ta' integrazzjoni fl-impjieg ta' madwar 80 %.

Ir-rwol tal-imsieħba soċjali fil-Ġermanja

L-esperjenza tal-imsieħba soċjali tiżgura li l-profil okkupazzjonali jkun konformi mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol sabiex il-komponenti tat-taħriġ jiġu integrati faċilment fil-proċessi ta' produzzjoni u l-ġoti ta' servizzi tal-kumpaniji.

Fil-Ġermanja, ħafna drabi l-ftehimiet ta' taħriġ vokazzjonali jiġu nneozjati mill-imsieħba soċjali u mbagħad jiġu inklużi fi ftehimiet kollettivi settorjali. Meta l-kontenut tat-taħriġ ma jibqax jikkorrispondi mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol, l-imsieħba soċjali jirrevedu t-taħriġ jew joħlqu taħriġ ġdid għal professjonijiet ġodda.

Abbażi tal-finanzjament pubbliku u rregolat mil-liġi soċjali (Sozialgesetzbuch), l-awtonomija u l-appoġġ professjonali għaż-żgħażaġh żvantaġġati u ż-żgħażaġh b'diżabbiltà huma appoġġati minn organizzazzjonijiet ta' apprendistat tal-protezzjoni soċjali u s-servizzi professjonali tagħhom.

Negożjar ta' ftehim strateġiku dwar taħriġ vokazzjonali fil-Portugall

Fil-qafas tal-Kumitat Permanenti għad-Djalogu Soċjali, il-gvern Portugiż nieda proċess ta' negożjati għal ftehim strateġiku dwar it-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja. Bħalissa, grupp ta' ħidma qed ilaqqa' flimkien ir-rappreżentanti tal-gvern, il-korpi superviżorji u l-imsieħba soċjali sabiex jintlaħaq ftehim dwar il-governanza tas-sistema ta' taħriġ, kif ukoll ir-regolamentazzjoni u l-finanzjament tagħha. Dan il-ftehim għandu wkoll l-għan li jtejjeb il-kwalità tat-taħriġ, il-kapaċità ta' adattament rapidu, l-aġilità tal-qafas nazzjonali tal-kwalifiki, ir-rispons għall-ħtiġijiet settorjali, l-inċentiv għat-taħriġ għall-kumpaniji u l-individwi, l-innovazzjoni fit-tagħlim, u t-taħriġ diġitali u dak mill-bogħod.

Sistema doppja fil-Polonja

Fis-sistema edukattiva Pollakka, it-taħriġ doppju huwa taħlita ta' edukazzjoni skolastika għall-ġarfien teoretiku u ta' xogħol f'kumpanija għall-esperjenza Prattika fuq il-post tax-xogħol. It-tul ta' żmien tat-taħriġ ibbażat fuq skejnel vokazzjonali jvarja bejn sentejn u ħames snin. Fuq il-bażi ta' sistema ta' taħriġ b'alternanza, it-taħriġ Prattiku jseħħ fil-qafas ta' kuntratt ta' impjieg ta' taħriġ vokazzjonali. It-taħriġ teoretiku huwa s-suġġett ta' kuntratt ta' apprendistat li jsir bejn il-kap ta' istituzzjoni edukattiva u min iħaddem li jkun qed jilqa' lill-apprendist. Minn Settembru 2019 'il hawn, l-istudenti kollha tal-edukazzjoni vokazzjonali li ma jibbenefikawx minn din l-iskema għandhom aċċess għal perjodu bi ħlas ta' traineeship u studji ma' impjegatur. Ta' min jinnota li l-kumpaniji tal-artiġjanat żviluppaw it-taħriġ b'alternanza bl-ġhajjnuna ta' 23 500 ħaddiem tas-sengħa u laqgħu kważi 65 000 żaġhżuġh u żaġhżuġha.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kif, abbażi tal-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva ta’ tagħlim tul il-ħajja, jistgħu jiġu promossi l-ħiliet meħtieġa biex l-Ewropa tistabbilixxi soċjetà aktar ġusta, aktar koeżiva, aktar sostenibbli, aktar diġitali u aktar reżiljenti”

[Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Portugiża]

(2021/C 286/06)

Relatur: **Tatjana BABRAUSKIENĒ**

Talba mill-Presidenza Portugiża Ittra tas-26.10.2020
tal-Kunsill

Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	16.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	219/1/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li jsir użu effiċjenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u ta’ investimenti oħra biex jiġu appoġġjati t-tkabbir ekonomiku u soċjetà reżiljenti fit-**tranżizzjoni diġitali u ekoloġika** tal-ekonomija, billi jittejjbu **l-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni u t-taħriġ** (sistemi, istituzzjonijiet u programmi) sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-istudenti ta’ kull età u stadju fit-tagħlim tagħhom, sabiex dawn jitħejjew għall-ħajja u x-xogħol, u biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha, kif ukoll in-numru dejjem akbar ta’ persuni bla impjieg, speċjalment nisa, ikollhom aċċess għat-taħriġ. Dan se jgħin ukoll biex jissalvagwardja l-moviment liberu tal-ħaddiema u s-servizzi u jiżgura li l-**kumpaniji** jkunu mgħammra tajjeb biex jimmaniġġjaw l-iżviluppi fl-industrija tagħhom u biex jagħlqu d-diskrepanzi fil-ħiliet li jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tal-industriji.

1.2. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu **stabbiliti għanijiet fit-tul li jkunu jistgħu jinkisbu u li tiġi stabbilita sistema ta’ monitoraġġ kostanti fi ħdan iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA) għal kull Stat Membru** bil-għan li jinkisbu edukazzjoni u taħriġ u tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd ta’ kwalità għolja u inklużivi u li jiġi żgurat li kulħadd ikollu l-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudni meħtieġa biex l-Ewropa tistabbilixxi soċjetà aktar ġusta, aktar koeżiva, aktar sostenibbli, aktar diġitali u aktar reżiljenti.

1.3. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-**governanza demokratika tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ** – pereżempju permezz tad-**djalogu soċjali** – fi ħdan il-qafas strateġiku li jmiss tal-UE hija għodda essenzjali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni b’suċċess tal-politika fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Jeħtieġ li din tiġi żgurata, imsaħħa u tinvolvi konsultazzjoni sinifikanti mas-soċjetà ċivili organizzata.

1.4. Il-KESE jirrakkomanda li kull “**Grupp ta’ ħidma dwar il-Metodu Miftuħ ta’ Koordinazzjoni**” futur għandu jippreżenta l-eżiti tal-politika, u preferibbilment rakkomandazzjonijiet ta’ politika, lill-Kunsill tal-Edukazzjoni għal diskussjoni. L-eżiti tal-gruppi ta’ ħidma għandhom jiġu ppubblikati, implimentati b’mod effettiv, u jingħataw profil għoli fil-livell xieraq tat-tfassil tal-politika u fost il-prattikanti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali; għalhekk huwa importanti li l-membri ta’ dawn il-gruppi jinkludu l-imsieħba soċjali rilevanti u l-partijiet ikkonċernati attivi fl-iżvilupp tal-politika tal-edukazzjoni, kif ukoll rappreżentanti tal-kapijiet tal-iskejjel, għalliema u studenti minn kull pajjiż.

1.5. Sabiex jintlaħqu **l-indikaturi, il-punti ta’ riferiment u l-miri** fil-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar iż-ŻEE (2020), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-VET u d-Dikjarazzjoni ta’ Osnabrück, il-KESE jipproponi li **titwettaq riċerka addizzjonali u valutazzjoni tal-impatt biex jiġu aġġustati l-indikaturi u jiżdiedu oħrajn meħtieġa** li jappoġġjaw lill-pajjiżi fit-titjib tar-rappurtar tagħhom dwar l-implimentazzjoni, peress li l-impatt sħiħ tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-sistemi edukattivi, l-istudenti u l-għalliema għadu

mhux ċar. L-indikaturi għandhom iwasslu wkoll għal miżuri li jappoġġjaw b'politiki soċjali u edukattivi konġunti fil-livell nazzjonali studenti u dawk li qed jitgħallmu, kif ukoll dawk b'diżabbiltajiet, żvantaġġati soċjoekonomikament. Il-kisbiet biex jiġu ssodisfati l-punti ta' riferiment u l-indikaturi għandhom jiġu rrapportati wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali.

1.6. Il-KESE jissuġġerixxi li titkompla l-ħidma essenzjali mwettqa **fil-laqgħat informali ta' kooperazzjoni mmexxija mill-presidenza dwar is-setturi tal-edukazzjoni** (DG School, DĠVET, DĠHE) ⁽¹⁾, li jinstabu sinerġiji bejniethom, u li jittejjeb il-profil tagħhom, bl-involviment tal-imsieħba soċjali rilevanti minn kull pajjiż tal-UE u b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili xierqa, fuq l-eżempju tal-Kumitat Konsultattiv għall-VET. Huwa jirrakkomanda wkoll li l-politiki tal-UE u dawk nazzjonali/reġjonali jintrabtu flimkien, fil-kuntest ta' sħubijiet effettivi bejn il-ministeri, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili u l-governanza tagħhom.

1.7. Il-KESE jitlob li jiġi implimentat b'mod effettiv l-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) fil-livell Ewropew u dak nazzjonali fl-ambitu tal-**Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** li għandu jiġi adottat fis-Summit Soċjali tal-2021, bl-involviment sħiħ tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, u bl-appoġġ ta' investiment pubbliku sostenibbli u l-RRF.

1.8. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-approċċ olistiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ u l-importanza li jittieħed approċċ bħal dan għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi reċenti tal-UE dwar l-edukazzjoni (Żona Ewropea tal-Edukazzjoni), il-VET (Rakkomandazzjoni tal-VET), il-ħiliet (Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa), l-edukazzjoni taż-żgħażaġħ (Pont għall-Impjiegi) u l-ħiliet diġitali (Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-27), filwaqt li jiżgura li dawn jikkontribwixxu għal aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema għal tranżizzjoni ġusta fis-suq tax-xogħol, jipprovdni appoġġ biex jgħin lil adulti b'livell baxx ta' ħiliet jsibu impjeg u jiksibu ħiliet intraprenditorjali, u jgħin lin-negozji jlaħħqu mal-innovazzjoni u l-kompetittività globali.

1.9. Il-KESE jissottolinja li l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-27 teħtieġ li tiżgura djalogu soċjali effettiv u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, rispettu u infurzar tad-drittijiet tax-xogħol, u informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u l-intraprenditorja, b'mod partikolari fil-VET, it-tagħlim għall-adulti u t-taħriġ għall-impjegati, sabiex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet li jiffaċċjaw il-kumpaniji. B'referenza għar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri, sabiex tintlaħaq il-mira tal-Kummissjoni Ewropea għal żieda fil-proporzjon ta' persuni minn 16 sa 74 sena b'ħiliet diġitali bażiċi minn 56 % fl-2019 għal 70 % fl-2025, il-KESE jitlob li jiġu allokati ammonti speċifiċi fi ħdan il-programmi futuri tal-UE, id-definizzjoni ta' oġettivi sekondarji u stadji importanti u l-valutazzjoni konsistenti tal-ħiliet diġitali f'ambjent diġitali li qed jinbidel kontinwament u b'rata mgħaġġla.

1.10. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jiżguraw appoġġ effettiv għall-persuni impjegati u dawk qiegħda li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jaċċessaw edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi għall-adulti **billi jiġi żgurat finanzjament immirat għal dawk fil-bżonn**, bħall-persuni qiegħda, il-ħaddiema mhux standard, il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni b'diżabbiltà, ħaddiema ta' età ikbar, ċittadini anzjani u l-persuni minn gruppi żvantaġġati soċjoekonomikament filwaqt li titqies id-dimensjoni tal-ġeneru.

1.11. Il-KESE jipproponi li jiġu miġġielda l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu fl-iskejjel u fis-soċjetà usa' permezz ta' politiki soċjali u edukattivi konġunti effettivi fil-livell nazzjonali. Il-KESE jissuġġerixxi li ssir **laqgħa konġunta tal-Kunsill bejn il-Ministri tal-edukazzjoni u tal-affarijiet soċjali** biex jinstabu soluzzjonijiet biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni u l-aċċess mhux uguali għall-edukazzjoni u t-taħriġ bħala konsegwenza tal-kriżi tal-COVID-19.

1.12. Filwaqt li jilqa' l-miri stabbiliti fir-Riżoluzzjoni l-ġdida dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, il-KESE jipproponi li jiġu aġġustati b'mod regolari l-indikaturi u l-punti ta' riferiment tal-EEA u li jiżdiedu oħrajn meħtieġa (pereżempju dwar ħiliet ekoloġiċi u kompetenzi/tagħlim dwar l-iżvilupp sostenibbli) li fuqhom il-pajjiżi jistgħu jirrapportaw faċilment, anke sabiex jiġi żgurat li l-miżuri nazzjonali jappoġġjaw b'mod effiċjenti lill-istudenti u dawk li qed jitgħallmu żvantaġġati soċjoekonomikament.

⁽¹⁾ Laqgħa tad-Diretturi Ġenerali tal-Edukazzjoni fl-Iskejjel, id-Diretturi Ġenerali tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, u d-Diretturi Ġenerali tal-Edukazzjoni Għolja.

1.13. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li huwa vitali li jiġu żviluppati kompetenzi soċjali għall-istudenti kollha mill-perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja, li jiġi żgurat li dawn il-kompetenzi jiġu mgħallma minn età bikrija u tul l-edukazzjoni tal-adulti, u li jiġu miġġielda t-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ għaċ-ċittadini kollha. It-tagħlim tal-kompetenzi ewlenin, speċjalment is-sensittività soċjali, l-empatija, id-djalogu interkulturali, il-ħiliet taċ-ċittadinanza, il-kompetenzi soċjali u l-intraprenditorija, inkluża l-intraprenditorija soċjali, għandhom jiġu applikati fil-proċess kollu tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

1.14. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri biex jużaw il-Pjan ta' Rkupru, Next Generation EU u fondi oħra tal-UE, inklużi Erasmus, FSE+ u l-Fondi għal Tranżizzjoni Ġusta, b'mod effiċjenti u konsistenti biex jappoġġjaw il-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ għal soċjetà aktar ġusta, aktar koeżiva, aktar inklużiva, aktar sostenibbli, aktar diġitali u aktar reżiljenti.

1.15. Il-KESE jemmen li l-proċess tas-Semestru Ewropew jeħtieġ li jkompli jħeġġeġ lill-gvernijiet biex jiżguraw investiment pubbliku sostenibbli f'impenji fit-tul biex jittejjbu l-kwalità, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u l-inklużjoni soċjali fl-iskejjel, jissaħħaħ l-aċċess ugwali għall-materjal diġitali għal kull student ta' kull età u jiġi appoġġjat l-użu sikur tat-teknoloġiji diġitali fl-iskejjel u fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni.

1.16. Il-KESE jissottolinja li l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi għandhom jiġu rikonoxxuti, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti edukattivi u professjonali ta' kull Stat Membru. L-iżgurar ta' aċċess ugwali għall-kwalifiki sħaħ huwa fundamentali, u għalhekk il-KESE jitlob li tiġi implimentata r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ⁽²⁾ u l-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki ⁽³⁾. Il-KESE jtenni l-Opinjoni tiegħu ⁽⁴⁾ li t-taħriġ li jwassal għall-**mikrokredenzjali** għandu jkollu standards ta' kwalità u informazzjoni ċara dwar il-valur tat-taħriġ sabiex jintuża b'mod effettiv fis-suq tax-xogħol bħala taħriġ ulterjuri u jiżdied ma' kwalifika sħiħa. Huwa importanti li l-mikrokredenzjali ma jiġux regolati żżejjed sabiex tiġi ppreservata l-flessibbiltà tagħhom għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

1.17. Il-KESE jitlob li l-EEA tiġi implimentata fil-livell nazzjonali – wara djalogu soċjali effettiv mal-għalliema – biex tittejjeb il-kwalità tat-tagħlim fl-era diġitali, jiżdiedu l-istandards fit-tagħlim, tiġi żviluppata edukazzjoni inizjali ta' kwalità għolja u inklużiva tal-għalliema u żvilupp professjonali kontinwu, u jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol u salarji deċenti għall-għalliema biex jagħmlu l-professjoni aktar attraenti għal kandidati b'ħiliet għolja.

1.18. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-libertà akkademika u l-awtonomija u l-governanza tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fir-rigward tal-kontribut tagħhom għat-tagħlim tul il-ħajja, u li jiġi żgurat investiment pubbliku adatt fl-edukazzjoni għolja u r-riċerka, l-inklużività u d-diversità tan-networks universitarji fl-Ewropa, u r-rispett għall-kompetenzi nazzjonali u istituzzjonali fir-rigward tal-edukazzjoni għolja. Il-KESE jappella għal ideat dwar dak li ġie msejjaħ il-“Lawrja Ewropea” u l-“Istatut Universitarju Ewropew” biex jiġu diskussi aktar mal-gvernijiet u l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, u għal appoġġ għall-iżvilupp ta' offerti tal-VET fil-livell terzjarju.

2. Sfond

2.1. Din l-Opinjoni hija kontribut għad-diskussjonijiet tal-Kunsill taħt il-Presidenza Portugiża (l-ewwel semestru tal-2021) dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-UE dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari l-EEA, l-Aġenda Aġġornata għall-Ħiliet u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-27.

2.2. Żieda fl-inugwaljanza fl-introjt, il-mobbiltà tal-bniedem u popolazzjoni li qed tixxjeh huma fatturi soċjali li jinfluwenzaw il-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Fi żmien meta s-soċjetà qed tiffaċċja imperattivi ekonomiċi bħat-trasformazzjoni diġitali u l-ekonomija ċirkolari, l-appoġġ għat-tagħlim tal-individwi jista' jkun wieħed mis-soluzzjonijiet għal soċjetà aktar sostenibbli, sabiex jingħelbu l-ostakli u l-isfidi tat-trasformazzjoni soċjali u ekonomika filwaqt li jiġu promossi l-ħiliet għat-tagħlim.

⁽²⁾ ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.

⁽³⁾ Il-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki.

⁽⁴⁾ ĠU C 10, 11.1.2021, p. 40.

2.3. Il-mexxejja tal-pajjiżi tal-UE ltaqgħu fis-Summit ta' Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017 biex jiffirmaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) u, f'dik l-okkażjoni, bdew l-ewwel diskussjonijiet tagħhom dwar it-tnedija tal-hekk imsejja Żona Ewropea tal-Edukazzjoni⁽⁵⁾; dan kien segwit minn diversi proposti ġodda dwar is-suġġett mill-2018 sal-2020 u wassal għar-Riżoluzzjoni l-għdida tal-Kunsill fi Frar 2021. L-inizjattiva hija relatata mal-ewwel prinċipju tal-Pilastru Soċjali, li jistipula li "kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex iżomm u jkseb ħiliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġa b'suċċess transizzjonijiet fis-suq tax-xogħol"; kif ukoll għad-drittijiet imsemmija fir-raba' prinċipju inkluż l-appoġġ għat-taħriġ u l-kwalifikazzjoni mill-għdid, speċjalment l-aċċess taż-żgħażaġh għal edukazzjoni kontinwa, apprendistat u traineeship.

2.4. Il-KE ppubblikat il-pakkett ta' politika l-għdid tagħha fl-1 ta' Lulju 2020, inkluża l-Komunikazzjoni dwar *Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza*⁽⁶⁾, Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET)⁽⁷⁾, u Komunikazzjoni⁽⁸⁾ u Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill⁽⁹⁾ dwar *L-Appoġġ għall-Impjeg taż-Żgħażaġħ: Pont għall-Impjegi għall-Ġenerazzjoni li jmiss*. Dawn id-dokumenti ta' politika rabtu flimkien it-tagħlim tul il-ħajja, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-għdid għall-implimentazzjoni u l-kisba tal-EEA. Il-KESE segwa dawn l-inizjattivi billi fl-2020 adotta Opinjonijiet dwar l-Aġenda Aġġornata għall-Ħiliet⁽¹⁰⁾, Tisshhah il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ⁽¹¹⁾ u Lejn strateġija tal-UE għat-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi għal kulħadd⁽¹²⁾.

2.5. Fl-Opinjoni tiegħu *Il-valur tal-użu reġa' lura: aspettattivi u sfidi ġodda għall-prodotti u s-servizzi Ewropej*⁽¹³⁾ (2019) il-KESE esprima l-fehma li prodotti u servizzi innovattivi u speċjalizzati ħafna li jaqdu l-bżonnijiet tal-konsumaturi, kif ukoll is-sostenibbiltà soċjali u ambjentali, jistgħu jsiru l-essenza u l-fokus tal-kompetittività Ewropea moderna. Għalhekk, huwa jirakkomanda interventi ta' politika għas-servizzi rilevanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

2.6. Fit-30 ta' Settembru 2020, il-KE ppubblikat Komunikazzjoni dwar *Il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni*⁽¹⁴⁾, li tiffoka fuq sitt oqsma: **il-kwalità, l-inklużività u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-għalliema u min iħarreġ, l-edukazzjoni għolja u d-dimensjonijiet ġeopolitiċi**. Il-Kunsill tal-Edukazzjoni tal-UE tat-30 ta' Novembru 2020 saħaq fuq l-importanza tal-kompetenza nazzjonali għall-edukazzjoni u r-rispett għad-diversità tal-kulturi u s-sistemi edukattivi, u staqsa dwar il-"mekkaniżmu ta' governanza taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-miri fil-livell tal-Unjoni proposti li għandhom jintlaħqu sal-2030"⁽¹⁵⁾.

2.7. Flimkien mal-inizjattivi ta' politika preċedenti, il-Komunikazzjoni tal-KE dwar *Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-għdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali*⁽¹⁶⁾ kienet segwita minn konklużjonijiet tal-Kunsill li jenfasizzaw li l-edukazzjoni diġitali għandha tkun "iffukata fuq l-istudent u tappoġġa lill-individwi u liċ-ċittadini kollha biex jiżviluppaw il-personalità u l-ħiliet tagħhom b'mod kunfidenti, liberu u responsabbli"⁽¹⁷⁾.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-pandemija tal-COVID-19 qed timbotta lill-ekonomija Ewropea f'reċessjoni profonda u tgħolli r-rata tal-qgħad minħabba t-tnaqis ekonomiku bla preċedent u l-isfidi li qed jiffaċċjaw il-kumpaniji fil-kriżi. Minkejja l-użu mifrux ta' skemi għaż-żamma tal-impjegi, appoġġati minn strumenti Ewropej u nazzjonali, il-qgħad fl-UE huwa mbassar li jiżdied minn 6,7 % fl-2019 għal 7,7 % fl-2020 u 8,6 % fl-2021, qabel ma jonqos xi ftit għal 8,0 % fl-2022 (Eurostat, 5 ta' Novembru 2020). Ir-rata għolja tal-qgħad minħabba l-kriżi tal-COVID-19 qed iżżid it-talbiet għall-ħiliet u għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-għdid tal-forza tax-xogħol Ewropea minħabba t-**tranżizzjoni diġitali u ekoloġika** tal-industrija. Politika effettiva tal-UE jeħtieġ li tappoġġa tkabbir ekonomiku u soċjetà reżiljenti.

⁽⁵⁾ COM/2017/673 final.

⁽⁶⁾ COM/2020/274 final.

⁽⁷⁾ COM/2020/275 final.

⁽⁸⁾ COM/2020/276 final.

⁽⁹⁾ COM/2020/277 final.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 10, 11.01.2021, p. 40.

⁽¹¹⁾ ĠU C 10, 11.01.2021, p. 48.

⁽¹²⁾ ĠU C 56, 16.2.2021, p. 1.

⁽¹³⁾ ĠU C 97, 24.3.2020, p. 27.

⁽¹⁴⁾ COM/2020/625 final.

⁽¹⁵⁾ Vidjokonferenza tal-Ministri għall-edukazzjoni, 30 ta' Novembru 2020 – Ir-riżultati ewlenin: <https://www.consilium.europa.eu/mt/meetings/eycs/2020/11/30/education/#>.

⁽¹⁶⁾ COM/2020/624 final.

⁽¹⁷⁾ 2020/C 415/10.

3.2. Il-kriżi tal-COVID-19 aċċellerat ukoll it-**tranżizzjoni diġitali fl-edukazzjoni, ix-xogħol u l-ħajja ta' kuljum**. L-Opinjoni tal-KESE dwar l-Aġenda Aġġornata għall-Ħiliet jissottolinja li "l-Ewropej kollha għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għal taħriġ u taġġim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi fi tranżizzjoni ġusta u fir-rigward ta' **tibdil demografiku**. Aħna nnefasizzaw il-ħtieġa li jiġi indirizzat **il-faqar edukattiv**, li kompla jissaħħaħ bħala riżultat ta' aċċess mhux uguali għall-edukazzjoni u t-taħriġ matul il-kriżi tal-COVID-19." ⁽¹⁸⁾ L-iżvilupp tal-ġarfin, il-ħiliet u l-kompetenza mhux biss jeħtieġ li jaqdi l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-prospetti tal-kompetittività totali bbażata fuq il-kwalità iżda wkoll li jħejji lill-istudenti biex ikunu ċittadini attivi u demokratiċi u biex jgħin fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali u edukattivi. Għal dan il-għan, minbarra li jiġi żgurat it-titjib tal-ħiliet diġitali taċ-ċittadini tal-UE, il-litteriżmu fil-midja diġitali huwa kruċjali biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jinnavigaw permezz tal-kumplessitajiet tad-dinja tal-lum.

3.3. Huwa vitali li l-miżuri ta' politika fil-livell tal-UE u dak nazzjonali jiżguraw li **l-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu drittijiet tal-bniedem u ben pubbliku** u jirrispettaw id-diversità kulturali tal-Ewropa u li l-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu **kompetenzi nazzjonali**. Jeħtieġ li l-politika fil-livell tal-UE u dak nazzjonali tieħu passi effettivi biex timplimenta l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali sabiex tikseb edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità tajba, effettivi u inklużivi għal kulħadd f'kull pajjiż Ewropew, billi tinvolvi lill-Istati Membri kollha, lill-imsieħba soċjali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-**Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**.

3.4. Huwa essenzjali li l-EEA tkun dwar it-tisħiħ ta' **kooperazzjoni politika ulterjuri fost il-pajjiżi tal-UE u tkompli tipprowdi pjattaforma ta' taġġim** għall-ministeri, l-imsieħba soċjali tal-edukazzjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti tas-soċjetà ċivili. Governanza effettiva tirrikjedi li jiġu applikati politiki konsistenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ għal kull settur tal-edukazzjoni mill-edukazzjoni bikrija tat-tfal sat-taġġim għall-adulti, inkluż il-VET għall-gruppi kollha ta' età u r-rabta tal-politiki tal-UE u daww nazzjonali/reġjonali flimkien fil-kuntest ta' sħubijiet effettivi bejn il-ministeri, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili, fi ħdan il-gruppi ta' politika tripartitiċi.

3.5. Il-KESE jirreferi għall-Opinjoni tiegħu dwar *Il-finanzjament sostenibbli għat-taġġim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-ħiliet, fil-kuntest tal-għadd insuffiċjenti ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati* ⁽¹⁹⁾ u jissottolinja li **investiment** pubbliku sostenibbli fl-edukazzjoni u t-taħriġ u investiment privat effettiv fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-etajiet kollha huma prerekwiżiti għas-suċċess ta' miżuri ta' politika għall-inklużjoni soċjali u ekonomika tal-istudenti ta' kull età u għall-appoġġ lill-kumpaniji. Għalhekk huwa importanti li **l-Pjan ta' Rkupru, Next Generation EU u fondi oħra tal-UE** (pereżempju l-FSE+, il-Fondi għal Tranżizzjoni Ġusta) jintużaw b'mod effiċjenti u konsistenti biex jappoġġjaw il-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ fir-rigward tas-**Semestru Ewropew**.

3.6. Peress li ma ntlaħqux diversi **indikaturi u punti ta' riferiment** tal-Qafas Strateġiku ET2020, il-KESE jilqa' l-fatt li ħafna mill-indikaturi ġew imsaħħa fl-inizjattiva tal-EEA. Madankollu, dawn l-indikaturi huma ta' sfida kbira u jirrikjedu impenn finanzjarju mill-gvernijiet. Huwa wkoll essenzjali li jiġu ċċarati t-termini użati bħala indikaturi minn kull pajjiż u li l-edukazzjoni dwar ambjent sostenibbli tissaħħaħ bħala punt ta' riferiment.

3.7. Il-kriżi tal-COVID-19 għamlitha ċara li l-iskejjel huma essenzjali biex l-istudenti jkunu jistgħu jiżviluppaw **il-kompetenzi soċjali** tagħhom. L-istudenti għandhom jiġu mgħallma jtejbu dawn il-kompetenzi matul ħajjithom kollha permezz tat-taġġim dwar kif jitgħallmu u permezz ta' parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà, billi jitgħallmu dwar kulturi u lingwi differenti u mobbiltà, itejbu l-ġarfin tagħhom dwar l-arti, eċċ. Dawn il-kompetenzi huma importanti b'mod speċjali peress li ħafna eżempji storiċi wrew li l-kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji jikkontribwixxu għat-tendenza dejjem tikber tar-radikaliżmu. Għalhekk, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jittieħdu passi biex tkompli tiġi implimentata d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (2015) ⁽²⁰⁾, billi tiġi applikata għall-istudenti ta' kull età.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 10, 11.1.2021, p. 40.

⁽¹⁹⁾ ĠU C 232, 14.7.2020, p. 8.

⁽²⁰⁾ Dikjarazzjoni ta' Pariġi (2015) (mhux dsponibbli bil-Malti).

3.8. Biex jittejjbu **l-ħiliet, il-kompetenzi** u l-attitudnijiet **ekoloġiċi** ta' kulħadd fl-Ewropa, l-Istati Membri tal-UE jeħtieġ li jgħaqqdu l-politiki ambjentali mal-politiki edukattivi u jistabbilixxu strateġiji nazzjonali għall-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi. Il-KESE jinnota ⁽²¹⁾ li fil-livell tal-UE jistgħu jiġu żviluppati indikaturi u punti ta' riferiment dwar il-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi dwar l-għarfien dwar it-tibdil fil-klima, ir-responsabbiltà ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli sabiex il-pajjiżi jiġu megħjuna jinkorporaw ħiliet u kompetenzi ekoloġiċi li jħaddnu approċċ ta' edukazzjoni trasformativ fil-kurrikuli tal-edukazzjoni minn età bikrija 'l quddiem, inkluż fit-tagħlim għall-adulti, bħala parti mit-tagħlim tul il-ħajja.

3.9. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-**Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-27** jiffoka fuq l-aċċess ugwali għall-għodod diġitali, l-Internet, u l-kompetenza diġitali u l-iżvilupp tal-ħiliet, b'mod partikolari għan-nisa fil-professjonijiet STEM u tal-IT. **Strateġiji nazzjonali u fil-livell tal-kumpaniji għall-ħiliet u d-diġitalizzazzjoni** effettivi għandhom jappoġġjaw lill-ħaddiema bl-għoti ta' taħriġ rilevanti u ta' kwalità għolja. Huwa importanti li **l-kumpaniji jirċievu wkoll appoġġ** biex jiżguraw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema tagħhom, b'mod partikolari fid-diġitalizzazzjoni tal-impjiegi tagħhom. Dan huwa wkoll konformi mat-trasformazzjoni ekoloġika tal-industrija – f'termini ta' prodotti u proċessi – li hija kemm neċessità kif ukoll opportunità għall-intraprenditorija Ewropea.

3.10. Ir-rispett tal-**kwalifiki sħaħ** huwa fundamentali. Fir-rigward tal-kisba ta' **rikonoxximent reċiproku awtomatiku** sal-2025, il-KESE jissottolinja li l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi għandhom jiġu rikonoxxuti, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti edukattivi u professjonali ta' kull Stat Membru, u għandu jittejjeb l-aċċess għal informazzjoni aġġornata għall-istudenti dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent. Għal dan il-għan, l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ⁽²²⁾ u tal-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki ⁽²³⁾ jeħtieġ li tissaħħaħ biex tappoġġja t-tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd.

3.11. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-27 biex tinholq **Pjattaforma Ewropea ta' skambju għall-materjal u l-korsijiet diġitali**. Huwa essenzjali li tingħata informazzjoni sħiħa lill-utenti dwar jekk il-korsijiet iwasslux għal kwalifiki sħaħ jew parzjali jew għal mikrokredenzjali, min jivvalida u jiżgura l-kwalità tal-korsijiet online, jekk humiex rikonoxxuti u kif jiġu rikonoxxuti, u kif jistgħu jiżdiedu mal-kwalifiki sħaħ. Ikun importanti li dawn il-korsijiet jiġu elenkati fil-portal tal-Europass u li jitqiesu bis-sħiħ id-drittijiet tal-awtur u s-sjieda tal-materjal online, kif ukoll il-kwalità u r-rilevanza tal-korsijiet online ikkonċernati.

3.12. **L-għalliema** għandhom rwol ċentrali fl-għoti ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, iżda – skont l-OECD – inqas minn wieħed minn kull ħames għalliema jqisu li l-professjoni tagħhom hija apprezzata fis-soċjetà ⁽²⁴⁾ u l-professjoni tal-għalliema hija bħala medja 11 % inqas imħallsa minn professjonisti oħra bi grad ta' livell terzjarju ⁽²⁵⁾. Jeħtieġ li l-EEA tipprovdi appoġġ effettiv lill-għalliema, lil min iħarreġ u lil persunal edukattiv ieħor biex jingħelbu l-effetti negattivi tal-kriżi tal-COVID-19.

3.13. L-inklużività u d-diversità tan-networks tal-**Universitajiet Ewropej** tal-istituzzjonijiet, l-istudenti u l-għalliema involuti jeħtieġ li jiġu appoġġjati fil-pajjiżi kollha tal-proċess ta' Bolonja filwaqt li jiġu rrispettati u ssalvagwardjati l-kompetenzi nazzjonali u istituzzjonali fl-edukazzjoni għolja.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²¹⁾ ĠU C 56, 16.2.2021, p. 1.

⁽²²⁾ 2012/C 398/01.

⁽²³⁾ Il-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki.

⁽²⁴⁾ TALIS – The OECD Teaching and Learning International Survey – OECD 2018.

⁽²⁵⁾ OECD Education at a Glance 2020 OECD iLibrary | Introduction: The indicators and their framework (oecd-ilibrary.org).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kif tista’ tiġi implimentata armonizzazzjoni tad-dħul fis-suq tas-supplimenti tal-ikel fl-Unjoni Ewropea: soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki”

[Opinjoni esploratorja]

(2021/C 286/07)

Relatur: **Veselin MITOV**

Konsultazzjoni	Presidenza Portugiża tal-UE, 26.10.2020
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottat fis-sezzjoni	15.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	245/0/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Is-suq tas-supplimenti tal-ikel qed jikber fl-Ewropa. Is-supplimenti tal-ikel huma rregolati mid-Direttiva 2002/46/KE⁽¹⁾, li mhijiex applikata b'mod uniformi fl-UE. Madankollu, l-applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-UE, peress li tippermetti l-moviment liberu ta' prodotti sikuri.

1.2. Il-KESE jappoġġja **reviżjoni ta' din il-leġiżlazzjoni**, b'mod partikolari billi tiġi aġġornata d-definizzjoni ta' supplimenti tal-ikel, billi jizjed obbligu ta' notifika u ta' studju tal-fajls amministrattivi kif ukoll billi tinħoloq sistema ta' **monitoraġġ tal-ikel** li tiġbor l-effetti mhux mixtieqa u b'hekk issaħħa il-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

1.3. Is-**sikurezza** tal-prodotti u tal-ingredjenti għandha tkun l-ewwel rekwiżit. Għalhekk, din għandha tiġi ddeterminata fuq bażi xjentifika. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu stabbiliti **valuri massimi** għall-vitami u l-minerali kif ukoll li jitħejjew listi pożittivi u negattivi għall-ingredjenti, inklużi l-hexjex.

1.4. L-**informazzjoni** pprovduta lill-konsumaturi trid tippermettilhom jikkunsmaw il-prodotti b'mod sikur. Il-KESE jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' komunikazzjoni u ta' edukazzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari għall-kummerċ online.

1.5. Il-KESE jħeġġeġ lill-awtoritajiet isaħħu **l-monitoraġġ, l-ittestjar u s-sorveljanza** tal-prodotti sabiex jipproteġu lill-konsumaturi u lill-operaturi billi jneħħu mis-suq il-prodotti li mhumiex konformi. Dawn il-kontrolli għandhom ukoll jipprevjenu l-**kompetizzjoni inġusta** bejn l-operaturi (b'mod partikolari l-użu ta' dikjarazzjonijiet mhux awtorizzati u prodotti li mhumiex konformi li ġejjin minn pajjiżi terzi).

1.6. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-partijiet interessati kollha **jarmonizzaw** il-kuntest regolatorju relatat mas-supplimenti tal-ikel kif ukoll l-implimentazzjoni tiegħu għal ekonomija aktar ġusta u biex il-prodotti jkunu aktar sikuri għas-saħħa.

2. Introduzzjoni

2.1. Din l-Opinjoni ġiet imhejjja fuq talba tal-Presidenza Portugiża tal-Kunsill, sabiex jinstabu soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni ta' armonizzazzjoni tad-dħul fis-suq tas-supplimenti tal-ikel fl-UE. L-Opinjoni tal-KESE tista' tikkontribwixxi għall-ħidma tal-Presidenza dwar dan is-suġġett, b'mod partikolari permezz ta' konferenza li se tiġi organizzata fl-ewwel nofs tas-sena kif ukoll għall-gruppi ta' ħidma fil-Kunsill. Il-KESE laqa' din it-talba, li tikkonċerna parti mis-settur tal-ikel li f'it li xejn ġiet studjata.

⁽¹⁾ ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.

2.2. Il-KESE jqis dan is-suġġett bħala konformi mal-approċċ “Saħħa Waħda” tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u mal-istrateġija Ewropea “Mill-Għalqa sal-Platt”, li jippromovu ikel tajjeb għas-saħħa u sostenibbli u informazzjoni aħjar għall-konsumaturi, filwaqt li jggarantixxu l-kummerċ ġust bejn l-operaturi ⁽²⁾. Il-KESE jqis li d-dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli jirrappreżentaw “pilastru” ewlieni ta’ politika komprensiva dwar l-ikel, peress li għandna bżonn urġenti li norjentaw id-dieti tagħna biex intejbu s-saħħa tal-ekosistemi u tal-pubbliku, u mhux nagħmlulhom il-ħsara ⁽³⁾.

2.3. Il-KESE minn dejjem kien qed jappoġġja politika tal-UE għall-protezzjoni tas-saħħa tul il-katina alimentari, bil-għan li jiġu promossi s-sigurtà u l-iġjene u informazzjoni ċara, trasparenti u sikura dwar il-prodott ⁽⁴⁾. Il-Kumitat isostni wkoll li s-sikurezza tal-ikel għandha tkompli tkun ibbażata fuq sistema robusta u Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), bi proċeduri trasparenti għall-valutazzjoni tas-sikurezza ta’ prodotti ġodda li jidħlu fil-katina alimentari, traċċabilità sħiħa u komunikazzjoni xierqa tar-riskju ⁽⁵⁾.

3. Lejn armonizzazzjoni fil-qasam tas-supplimenti tal-ikel

3.1. Qafas regolatorju li jeħtieġ jittejjeb

3.1.1. Is-supplimenti tal-ikel huma rregolati b’mod speċifiku mid-Direttiva 2002/46/KE, li bilkemm ġiet emendata minn meta nħolqot.

3.1.2. Id-**definizzjoni** ta’ supplimenti tal-ikel ma nbidlitx minkejja l-innovazzjoni f’dan is-settur u l-modi ġodda ta’ konsum. Din mhijiex preċiża biżżejjed u hija soġġetta għal bosta interpretazzjonijiet. Nistgħu nsemmu, pereżempju, il-kunċett ta’ “kwantitajiet ta’ miżura żgħira”, li jvarjaw minn pajjiż għal ieħor (ma hemm l-ebda kwantità definita). Dawn l-interpretazzjonijiet jistgħu jwasslu għal differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-istatus tas-supplimenti tal-ikel u r-riżultati tal-kontrolli. Din id-definizzjoni trid titwessa’ u tiġi ċċarata.

3.1.3. Il-KESE jipproponi **aġġornament tar-r-regoli** bil-għan li jiġi armonizzat aħjar is-suq tas-supplimenti tal-ikel u li jitqiesu l-iżviluppi ġodda.

3.2. Kif in-notifika tista’ ssir aktar effiċjenti

3.2.1. In-**notifika** hija possibbiltà prevista mid-Direttiva. Din id-dikjarazzjoni hija reġistrazzjoni amministrattiva tal-prodotti qabel ma dawn jitqiegħdu fis-suq. Din mhix awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u lanqas ma hija prova ta’ konformità jew ta’ sikurezza. Kull Stat Membru (24/27) jista’ jiddeċiedi dwar il-kontenut ta’ din in-notifika kif ukoll dwar il-proċedura għall-ipproċessar ta’ din id-data (li tista’ tvarja minn sempliċi preżentazzjoni tagħha għal studju profund ħafna).

3.2.2. L-informazzjoni ppreżentata f’din in-notifika tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jifhmu aħjar is-suq tagħhom u l-ipproċessar tad-data jipprevjeni d-distribuzzjoni ta’ prodotti li mhumiex konformi (leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea) u jiffaċilita l-kontrolli.

3.2.3. Il-KESE jissuġġerixxi armonizzazzjoni aħjar tas-sistemi nazzjonali u jirrakkomanda li fil-leġiżlazzjoni tiġi inkluża l-informazzjoni minima obbligatorja (l-għamla kwalitattiva u kwantitattiva, it-tikkettar, eċċ.) li għandha tiġi pprovduta, preferibbilment f’forma diġitali, sabiex ix-xogħol amministrattiv jiġi limitat għall-operatur filwaqt li jiġu ggarantiti l-ogħla standards possibbli. Jekk fattibbli, il-KESE jissuġġerixxi l-ħolqien ta’ portal multilingwi Ewropew, li l-kontenut tiegħu jitħalla f’idejn l-Istati Membri. Fil-fatt, peress li l-kompożizzjoni f’it li xejn hija armonizzata (ara aktar ‘l isfel), din il-kwistjoni tista’ tiġi ttrattata biss fil-livell nazzjonali.

3.2.4. Bil-għan li jiġi protett il-konsumatur, il-KESE jemmen li n-notifika għandha ssir obbligatorja. Din il-prattika tippermetti t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti aktar sikuri u tiffaċilita wkoll il-kontroll u l-monitoraġġ tas-suq. Il-lista ta’ prodotti notifikati u l-konklużjonijiet relatati għandha tkun disponibbli għall-konsumatur. Il-konsumaturi m’għandhomx joqogħdu lura milli jinfurmaw ruħhom u jressqu lment lill-awtoritajiet ta’ kontroll fil-każ ta’ skoperta ta’ ksar.

⁽²⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 268.

⁽³⁾ ĠU C 190, 5.6.2019, p. 9.

⁽⁴⁾ ĠU C 440, 6.12.2018, p. 158.

⁽⁵⁾ ĠU C 268, 14.8.2015, p. 1.

3.3. L-istabbiliment ta' valuri massimi għan-nutrijenti – prijorità leġislattiva

3.3.1. **Il-vitami u l-minerali** huma l-ingredjenti l-aktar magħrufa fis-supplimenti tal-ikel. In-nutrijenti u l-forom kimiċi tagħhom huma rregolati u elenkati mir-Regolament (KE) Nru 1170/2009⁽⁶⁾, wara valutazzjonijiet tas-sikurezza mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Attwalment, id-dożi massimi huma stabbiliti fil-livell nazzjonali jew fuq il-bażi tad-doża utli tagħhom jew fuq il-bażi tat-tossiċità⁽⁷⁾. Ċerti pajjiżi ma stabbilixxew limiti legali. L-EFSA speċifikat il-livelli limitu ta' tossiċità f'diversi opinjonijiet tagħha. Dawn il-valuri jikkonċernaw l-esponiment fid-dieta kollha⁽⁸⁾ u ma jistgħux jiġu estrapolati għas-supplimenti tal-ikel biss.

3.3.2. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħti l-mandat mingħajr dewmien lill-EFSA biex tistabbilixxi l-limiti massimi tan-nutrijenti kif ukoll il-kriterji tal-purità fis-supplimenti tal-ikel. Minħabba l-kobor tat-territorju Ewropew u d-drawwiet tal-ikel differenti (il-konsum tal-ħaxix, tal-ħut jew tal-laħam, il-kompożizzjoni tal-ilma tal-vit, eċċ.), jista' jkun li valur massimu wieħed ma jkunx possibbli, iżda l-limiti għandhom jiġu stabbiliti skont ir-reġjuni/gruppi ta' pajjiżi. Ikun aktar xieraq ukoll li jiġu stabbiliti limiti għall-popolazzjonijiet vulnerabbli: it-tfal, in-nisa tqal, eċċ.

3.3.3. Din l-armonizzazzjoni Ewropea tkun ta' benefiċċju għall-partijiet interessati kollha: is-sikurezza għall-konsumaturi tissaħħaħ u r-riskju ta' doża eċċessiva jitnaqqas, u l-moviment liberu tal-prodotti jibbenefika kemm lill-operaturi – li jkunu jistgħu jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom f'aktar swieq – kif ukoll lill-konsumaturi, li jkollhom aċċess għal għażla akbar.

3.3.4. Għalkemm in-nutrijenti jieħdu prijorità, **ingredjenti oħrajn** użati fil-prodotti għandhom jiġu armonizzati wkoll. Dan jagħmilha aktar faċli għalihom li jiċċirkolaw u jippermettu li ssir valutazzjoni xjentifika biex jiġi ppruvat li huma sikuri. Ċerti pajjiżi partikolarment ippruvaw iqarbru l-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-prodotti erbali permezz ta' listi komuni: il-Belġju, Franza u l-Italja, u dan l-aħħar il-Ġermanja, l-Iżvizzera u l-Awstrija. L-ingredjenti li jirriżultaw mill-bijoteknoloġija, bħall-mikroorganiżmi (probijotiċi, ħmira), jisthoqqlhom attenzjoni speċjali wkoll.

3.3.5. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni teżamina t-tnejn ta' listi pożittivi u negattivi dwar is-sustanzi l-oħra, kemm f'termini tal-identità u l-kwantità kif ukoll tal-kundizzjonijiet tal-użu, kif għamlet fil-qafas tar-Regolament (UE) 2015/2283⁽⁹⁾ dwar ikel ġdid.

3.4. Id-dikjarazzjonijiet, għodda tal-għażla għall-konsumatur

3.4.1. L-informazzjoni għall-konsumatur ġeneralment tiġi pprovduta permezz tat-tikkettar tal-prodotti: il-lista tal-ingredjenti, allerġeni, eċċ. u taqa' taħt ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011⁽¹⁰⁾ ⁽¹¹⁾. Madankollu, it-tikkettar irrappreżenta 58 % tal-ksur li nstab waqt kontrolli li saru fl-2018⁽¹²⁾. Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Unjoni fil-qafas tal-ħidma tal-Kunsill fuq it-tikkettar tal-ikel, iżda jinnotta li ċerti problemi jibqgħu jipersistu.

3.4.2. Il-karatteristiċi tal-prodott huma deskritti fid-dikjarazzjonijiet preżenti fuq it-tikkettar iżda wkoll fir-reklamar fir-rivisti, fuq it-televiżjoni, fuq l-Internet, eċċ. Ir-reklamar jista' jqanqal ix-xiri ta' ċerti prodotti. Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006⁽¹³⁾ ippreveda listi pożittivi ta' dikjarazzjonijiet nutrizzjonali u tas-saħħa. Id-dikjarazzjonijiet li jikkonċernaw il-vitami u l-minerali diġà ġew evalwati mill-EFSA u ppubblikati, iżda dawk dwar il-prodotti botaniċi u sustanzi oħrajn għandhom ma ġewx studjati. Dawn id-dikjarazzjonijiet huma għalhekk soġġetti għal regoli nazzjonali, jekk jeżistu, u s-**suq** jinkludi kull xorta ta' dikjarazzjonijiet li mhumiex ivverifikati, u b'hekk dan joħloq **distorsjoni** tas-suq.

3.4.3. Għalhekk, il-KESE jappella sabiex il-Kummissjoni ssib l-aħjar għażla ta' ħidma biex l-EFSA tkun tista' tkompli tevalwa d-dikjarazzjonijiet nutrizzjonali u tas-saħħa dwar is-sustanzi pendenti – primarjament id-dikjarazzjonijiet dwar il-prodotti botaniċi – u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal ingredjenti sikuri.

⁽⁶⁾ ĠU L 314, 1.12.2009, p. 36.

⁽⁷⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, Kawża C-672/15.

⁽⁸⁾ F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali, il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi l-valuri massimi tan-nutrijenti għall-ikel (minbarra s-supplimenti tal-ikel) sad-19 ta' Jannar 2009.

⁽⁹⁾ ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

⁽¹¹⁾ Il-Kunsill attwalment qed jeżamina pjan direzzjonali, li għandu impatt limitat fuq is-supplimenti tal-ikel, għar-reviżjoni tar-regoli dwar l-informazzjoni għall-konsumaturi rigward l-orijini tal-ingredjenti u d-dati ta' skadenza.

⁽¹²⁾ In-Network Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Frodi tal-Ikel (EU Food Fraud Network) u Sistema ta' Assistenza u Kooperazzjoni Amministrattiva – Rapport Annwali 2018.

⁽¹³⁾ ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

3.5. Il-prodotti ambigwi, prodotti li mhumiex mingħajr riskju

3.5.1. Il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' supplimenti tal-ikel jistgħu jwasslu wkoll għal konfużjoni dwar l-**istatus tal-prodotti**. Ċerti operatori ma jaħsbuwx darbtejn biex jagħtu lill-prodotti karatteristiċi terapewtiċi jew profilattiċi, biex jagħmluhom sostituti tal-mediċini u jsejnhom "nutricewtiċi" (kontrazzjoni tal-kliem "nutrijenti" u "farmaċewtiċi"). Kampanja ta' kontrolli speċifika żvelat l-użu ta' dawn id-dikjarazzjonijiet **qarrieqa** fil-prevenzjoni jew il-kontroll tal-COVID-19 ⁽¹⁴⁾. Il-konsumaturi jistgħu jiġu influwenzati minn dawn il-wegħdiet foloz.

3.5.2. Dawn il-prodotti li l-istatus tagħhom mhuwiex ċar ⁽¹⁵⁾ jissejnhu "prodotti ambigwi". Dan il-qasam ambigwu huwa minħabba l-post li fih jinbiegħu, il-forma tal-prodotti, u l-fatt li xi ingredjenti jistgħu jintużaw kemm fl-ikel kif ukoll fil-mediċini, iżda f'dożi differenti.

3.5.3. Il-KESE jagħti parir lill-Kummissjoni toħloq grupp ta' ħidma dwar il-"prodotti ambigwi", pereżempju fi ħdan il-grupp ta' esperti tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (PAFF), kif jeżisti għall-mediċini, it-tagħmir mediku, il-kożmetiċi jew il-bijoċidi. Dan jippubblika dokumenti li jgħinu lill-awtoritajiet u lill-operaturi jiċċaraw l-istatus tal-prodotti. Il-ħolqien ta' grupp ta' ħidma Ewropew ma jipprevjenix it-twaqqif ta' kunitati konġunti fil-livell nazzjonali li jstabbilixxu l-istatus tal-prodotti.

3.5.4. Il-KESE jhegġegħ lill-awtoritajiet iwettqu kontrolli li speċifikament ikollhom fil-mira dawn il-prodotti sabiex jitneħħew mis-suq. Il-preżenza ta' dawn il-prodotti tikkostitwixxi **kompetizzjoni inġusta** għad-ditti farmaċewtiċi li jridu jiksibu awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għall-mediċini. Il-pubblikazzjoni ta' dawn il-kontrolli tippermetti wkoll lill-konsumaturi jkun jafu r-riskji ta' dawn il-prodotti.

3.6. It-tfaċċar tal-kummerċ online, sors ta' għażla iżda wkoll ta' inugwaljanzi

3.6.1. **Il-bejgħ mill-bogħod** ta' oġġetti tal-ikel żdied wara l-pandemija tal-COVID-19. Is-supplimenti tal-ikel huma prodotti li ġeneralment ikollhom data ta' skadenza twila u jistgħu jiġu ttrasportati faċilment.

3.6.2. Sfortunatament, ammont ta' dawn il-prodotti, speċjalment dawk minn barra l-Ewropa, ma jikkonformawx b'mod partikolari f'termini tal-kompożizzjoni u d-dikjarazzjonijiet tagħhom, u dan qed joħloq **kompetizzjoni inġusta** għall-operaturi Ewropej li josservaw ir-regoli. Barra minn hekk, l-Istati Membri sabu l-preżenza ta' sustanzi pprojbiti u perikolużi (amfetamini f'supplimenti għall-isports, mediċini, eċċ.) f'ċerti prodotti, li jpoġġu lill-konsumatur f'periklu.

3.6.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-**monitoraġġ** u l-kontroll tal-pjattaformi u s-siti tal-kummerċ online, kif ukoll jieħdu kampjuni u janalizzawhom, u jiddikjaraw il-prodotti li jiksru r-regoli fis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF).

3.6.4. Il-KESE jqis ukoll li l-**komunikazzjoni** u l-**edukazzjoni** tal-konsumatur għandhom jiġu mtejbja biex jiġi ggarantit xiri aktar sikur fuq l-Internet. Filwaqt li l-ikel irid ikun sikur biex jinbiegħ, il-konsumaturi għandhom ikunu konxji li xi prodotti offruti online jistgħu jkun ta' riskju għal saħħithom.

3.7. Il-monitoraġġ tal-ikel, għodda ta' twissija

3.7.1. Ċerti ingredjenti jistgħu jikkawżaw **effetti mhux mixtieqa**, anki jekk il-prodotti jkun konformi mal-leġiżlazzjoni. Is-sikurezza ma tiġix evalwata għal kull prodott jew ingredjent, u lanqas ma tiġi evalwata l-interazzjoni possibbli tagħhom ma' prodotti oħra bħal mediċini.

3.7.2. Huma f'tit l-Istati Membri li għandhom sistema strutturata għall-għbir tal-effetti mhux mixtieqa (**monitoraġġ tal-ikel**) u li tiżgura l-monitoraġġ tagħhom. Il-pajjiżi li għandhom sistema bħal din huma l-Italja, Franza, id-Danimarka, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja u l-Kroazja.

⁽¹⁴⁾ Ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli huma disponibbli hawnhekk.

⁽¹⁵⁾ Skont sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-istatus tal-prodotti jaqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali, u suppliment tal-ikel jista' jkollu status differenti f'pajjiżi differenti: Kawżi Magħquda C-211/03, C-299/03, C-316/03, C-317/03 u C-318/03.

3.7.3. Il-KESE jinkoraġġixxi l-introduzzjoni ta' **monitoraġġ tal-ikel** nazzjonali għall-promozzjoni tas-sikurezza tal-prodotti u biex jiġi żgurat livell għoli ta' **protezzjoni tas-saħħa pubblika** permezz tad-detezzjoni bikrija tas-sinjali biex jiġu **pprevenuti** problemi tas-saħħa. Din is-sistema għandha tippermetti l-ġbir tal-effetti mhux mixtieqa, tkun xi tkun is-severità tagħhom, sabiex jiġu appoġġjati l-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti, it-teħid ta' miżuri ta' urġenza jew l-adattament tal-leġiżlazzjoni, jekk ikun meħtieġ, u biex l-operaturi jkunu jistgħu jiżviluppaw prodotti aktar sikuri billi jintegraw l-informazzjoni fil-**kontroll tal-kwalità** tagħhom. Fil-livell tal-produzzjoni, is-supplimenti tal-ikel josservaw l-istess regoli dwar is-sikurezza bħall-prodotti l-oħra tas-settur agroalimentari (HACCP ⁽¹⁶⁾, eċċ.) u ma ġie identifikat l-ebda riskju speċifiku għall-ħaddiema fis-settur.

3.7.4. Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li, fil-livell Ewropew, jinħoloq grupp ta' ħidma għall-Istati Membri, taħt is-superviżjoni tal-EFSA, li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-pajjiżi, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki għal valutazzjoni omoġena, l-iskambju ta' għarfien xjentifiku u l-integrazzjoni tiegħu fil-leġiżlazzjoni Ewropea, jekk ikun meħtieġ.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁶⁾ Hazard Analysis and Critical Control Points ("analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll").

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-560 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW (JDE) -
INTERACTIO, 27.4.2021–28.4.2021**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza Ewropea tad-data (Att dwar il-Governanza tad-Data)”**

[COM(2020) 767 final]

(2021/C 286/08)

Relatur: **Giuseppe GUERINI**Korelatur: **Marinel Dănuț MUREȘAN**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 11.12.2020 Parlament Ewropew, 14.12.2020
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	234/3/13

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-Proposta għal Regolament dwar “il-governanza tad-data” li jintegra u jikkonsolida d-Direttiva (UE) 2019/1024⁽¹⁾ (“id-Direttiva dwar id-data miftuħa”), billi jiffoka fuq id-data miżmuma minn entitajiet tas-settur pubbliku u soġġetta għad-drittijiet ta' partijiet terzi.

1.2. Il-KESE jqis li dan huwa utli u neċessarju peress li l-ipproċessar, il-ħżin u l-kondiviżjoni tad-data diġitali qed isiru dejjem aktar importanti mhux biss mill-aspett ekonomiku, iżda wkoll mill-aspetti soċjali u ċivili, u jikkonċernaw lill-individwi, lill-amministrazzjonijiet u lin-negozji f'kuntast regolatorju kumpless u strutturat.

1.3. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li jiġi adottat qafas ta' regoli armonizzati, li jkun jista' jnissel fiduċja fost iċ-ċittadini, il-konsumaturi, l-SMEs u, b'mod partikolari, fost l-intrapriżi mikro li d-data tagħhom tkun protetta b'mod adatt, sabiex jitravmu opportunitajiet għall-iżvilupp għall-operaturi ekonomiċi, kif ukoll għall-korpi tar-riċerka u l-iżvilupp.

⁽¹⁾ ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56.

1.4. Il-KESE jaqbel mal-għan tal-Kummissjoni li tapplika r-Regolament imsemmi f'din l-Opinjoni għall-amministrazzjonijiet, il-korpi pubbliċi u l-korpi rregolati bil-liġi pubblika, skont approċċ li jinkludi l-entitajiet kollha li jappartjenu għall-isfera pubblika, irrISPettivament mill-forma organizzattiva tagħhom.

1.5. Il-KESE jqis li huwa importanti li, meta l-ġestjoni u l-ipproċessar tad-data, bl-użu tal-għodod tal-intelliġenza artifiċjali, ikunu jikkonċernaw id-dinja tax-xogħol, għandhom jiġu previsti forom adatti ta' konsultazzjoni u negozjar minn qabel mal-imsieħba soċjali dwar il-kwistjonijiet relatati. Is-soċjetà ċivili organizzata għandha tiġi involvuta wkoll meta tali għodod jaffettwaw id-drittijiet taċ-ċittadini.

1.6. Il-KESE jappoġġja l-proposta li jiġu identifikati l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli biex jiżguraw superviżjoni adatta tar-regoli l-ġodda.

1.7. Il-KESE jaqbel dwar is-siwi li jiġu stabbiliti punti ta' kuntatt f'kull Stat Membru u, b'rabta ma' dan, jirrakkomanda li dawn ikunu aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha, sabiex jiġi żgurat funzjonament effiċjenti u tiġi promossa kooperazzjoni tajba mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali.

1.8. Il-KESE jilqa' l-proposta li tiġi prevista regolamentazzjoni għall-organizzazzjonijiet involuti fil-“ġestjoni altruistika” fil-qasam tad-data, u jaqbel mar-regola li tali organizzazzjonijiet għandhom ikunu entitajiet legali li joperaw mingħajr skop ta' qligħ u fl-interess ġenerali, b'mod indipendenti u awtonomu fil-konfront ta' organizzazzjonijiet oħra li jseguw għanijiet ta' qligħ fil-ġestjoni tad-data.

1.9. Il-KESE jqis bħala partikolarment interessanti l-possibbiltà prevista fir-Regolament li jiġi rikonoxxut is-siwi ta' mudell ta' “kooperazzjoni għall-ġestjoni u l-iskambju tad-data” bħala strument li jiffavorixxi ċ-ċittadini u l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, il-ħaddiema għal rashom u l-professjonijiet liberi.

1.10. Il-mudell kooperattiv jista' jkun ukoll għodda utli ħafna għall-ġestjoni tad-data b'mod newtrali u kondiviż. F'dan ir-rigward, il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw liċ-ċittadini, lill-SMEs u lill-organizzazzjonijiet tagħhom biex jieħdu inizjattivi bl-għan li jiżviluppaw organizzazzjonijiet ta' għajjnuna reċiproka għall-ġestjoni u l-iskambju tad-data.

1.11. Il-KESE jemmen li l-protezzjoni tad-data personali, flimkien mal-protezzjoni tal-identità diġitali u l-protezzjoni tal-privatezza, huma aspetti fondamentali tal-“governanza tad-data” u huma marbutin direttament mal-kwistjoni tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet fondamentali. Għal din ir-raġuni, iqis li huwa essenzjali li jiġu rikonoxxuti d-drittijiet tal-proprjetà tad-data personali, sabiex iċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jikkontrollaw l-użu tad-data tagħhom.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni

2.1. Il-proposta tal-Kummissjoni li hija s-suġġett ta' din l-Opinjoni tipproponi li:

i. tagħmel id-data tas-settur pubbliku disponibbli għall-użu mill-ġdid f'sitwazzjonijiet fejn tali data tkun soġġetta għal drittijiet ta' partijiet terzi;

ii. tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data bejn in-negozji;

iii. tippermetti l-użu tad-data personali f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR);

iv. tippermetti l-użu tad-data għal raġunijiet altruistiċi.

2.2. Il-proposta tintegra u tikkonsolida d-Direttiva (UE) 2019/1024 dwar id-data miftuħa u dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (“id-Direttiva dwar id-data miftuħa”), filwaqt li tiffoka fuq id-data miżmuma minn entitajiet tas-settur pubbliku u soġġetta għad-drittijiet ta' partijiet terzi.

2.3. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE u għandha l-għan li tqarreb il-liġijiet u l-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat il-fluss tad-data fl-Unjoni Ewropea f'ambjent regolatorju armonizzat b'mod li jiżgura konsolidazzjoni adatta tas-suq intern fir-rigward tal-moviment tad-data miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku.

2.4. Il-Kapitolu I tar-Regolament jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, u jistabbilixxi:

- i. il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid, ġewwa l-UE, ta' ċerti kategoriji ta' data miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku;
- ii. qafas ta' notifika u superviżjoni għall-forniment ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-data;
- iii. qafas għar-reġistrazzjoni volontarja ta' entitajiet li jiġbru u jipproċessaw data magħmula disponibbli għal raġunijiet altruistiċi.

2.5. Il-Kapitolu II joħloq mekkaniżmu għall-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data tas-settur pubbliku, bil-kundizzjoni li jiġu rispettati d-drittijiet ta' oħrajn. Il-protezzjoni tad-drittijiet ta' partijiet terzi tista' tkun rilevanti, b'mod partikolari, għall-protezzjoni tad-data personali, iżda wkoll għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali u l-kunfidenzjalità kummerċjali.

2.6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt biex jappoġġjaw lir-riċerkaturi u lill-kumpaniji innovattivi interessati fl-identifikazzjoni ta' data adatta, u għandhom jistabbilixxu strutturi biex jappoġġjaw lill-korpi tas-settur pubbliku permezz ta' mezzi tekniċi adatti u appoċċ li jqis il-qafas regolatorju tas-settur.

2.7. Il-Kapitolu III għandu l-għan li jsaħħaħ il-fiduċja fil-kondiviżjoni tad-data personali u mhux personali u li jnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet relatati mal-kondiviżjoni tad-data bejn in-negozji, kif ukoll bejn in-negozji u l-konsumaturi, billi joħloq reġim ta' notifika għall-entitajiet li jixtiequ joperaw fil-qasam tal-kondiviżjoni tad-data u qafas regolatorju għall-attivitajiet ta' dawn l-entitajiet. Il-fornituri jkollhom l-obbligu li jibqgħu newtrali fir-rigward tad-data skambjata, mingħajr il-possibbiltà li jużaw tali data għal raġunijiet oħrajn.

2.8. Il-Kapitolu IV għandu l-għan li jiffaċilita l-kondiviżjoni altruistika tad-data li ssir disponibbli b'mod volontarju minn individwi jew negozji għall-ġid komuni. B'mod partikolari, jistabbilixxi l-possibbiltà li l-organizzazzjonijiet involuti fl-altruiżmu fir-rigward tad-data jirreġistraw bħala "Organizzazzjoni tal-altruiżmu fir-rigward tad-data rikonossuta fl-UE" sabiex tiżied il-fiduċja fl-operazzjonijiet tagħhom.

2.9. Huwa previst ukoll l-iżvilupp ta' formola komuni Ewropea ta' kunsens għall-altruiżmu fir-rigward tad-data, bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-ġbir tal-kunsens u l-iffaċilitar tal-portabbiltà tad-data.

2.10. Il-Kapitolu V jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-funzjonament tal-awtoritajiet kompetenti biex jissorveljaw u jimplimentaw il-qafas ta' notifika għall-fornituri tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-data u għall-entitajiet involuti fl-altruiżmu fir-rigward tad-data. Il-Kapitolu fih ukoll dispożizzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-individwu u, b'mod partikolari, id-dritt li jitressaq ilment amministrattiv u/jew dritt ta' rimedju ġudizzjarju kontra deċiżjonijiet ta' awtoritajiet settorjali maħtura.

2.11. Il-Kapitolu VI jistabbilixxi l-"Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data", li se jiffaċilita l-iżvilupp tal-aħjar prattiki mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari dwar l-ipproċessar ta' talbiet għall-użu mill-ġdid tad-data u dwar il-kisba ta' prattika koerenti rigward il-qafas ta' notifika għall-fornituri ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-data, kif ukoll għall-użu altruistiku tad-data.

2.12. Il-Kapitolu VII jippermetti lill-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-formola Ewropea ta' kunsens għall-altruiżmu fir-rigward tad-data, filwaqt li l-Kapitolu VIII fih dispożizzjonijiet tranżitorji għall-funzjonament tar-reġim ġenerali ta' awtorizzazzjoni għall-fornituri tal-kondiviżjoni tad-data u d-dispożizzjonijiet finali.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-proposta tal-Kummissjoni tidher li hi adatta u meħtieġa peress li l-ipproċessar, il-ħżin u l-kondiviżjoni tad-data diġitali qed isiru dejjem aktar importanti mhux biss mill-aspett ekonomiku, iżda wkoll mill-aspetti soċjali u ċivili, u jikkonċernaw lill-individwi, lill-amministrazzjonijiet u lin-negozji f'kuntest regolatorju kumpless u strutturat.

3.2. L-użu avanzat tad-data diġitali jista' jippermetti l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u jżid l-effiċjenza tal-proċessi ta' produzzjoni tradizzjonali, jistimula r-riċerka, jiġġielew it-tisħin globali u jtejjeb l-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-ilma, u jipproteġi wkoll is-saħħa tal-bniedem b'mod aktar effettiv.

3.3. L-użu effiċjenti u virtuż tad-data jirrikjedi l-possibbiltà li jiġu kondiviżi u skambjati ammonti kbar ta' data, li jfisser tiġi sfruttata l-qawwa komputazzjonali tal-magni tal-intelliġenza artifiċjali meta jipproċessaw u jużaw tali data għal objettivi ta' interess komuni dejjem aktar ambizzjużi. Eżempju ta' dan huwa l-iskambju ta' data biex id-dijanjosi tal-mard permezz tal-imaging mediku tkun tista' ssir fil-ħin.

3.4. Il-kumplessità u l-ammont ta' data li tiġi ġġenerata, estratta u trasferita kull mument wasslu biex jinħolqu impriżi, organizzazzjonijiet u korpi li jispeċjalizzaw fil-ġestjoni tad-data jew fl-intermedjazzjoni tad-data għall-finijiet ta' skambju, kemm kummerċjali kif ukoll fl-interess ġenerali mmirata lejn il-kisba tal-ġid komuni (b'mod partikolari għall-finijiet ta' riċerka xjentifika).

3.5. Fil-kuntest ekonomiku u teknoloġiku attwali, id-data hija riżorsa prezzjuża u utli, u għandha assoċjati magħha kwistjonijiet etiċi, ekonomiċi u politiċi importanti, b'impatt sinifikanti ħafna fuq il-kompetittività u l-kompetizzjoni mhux biss bejn in-negozji iżda wkoll bejn l-Istati Membri. Għalhekk ikun jaqbel li l-Kummissjoni tintervjeni fid-definizzjoni ta' qafas regolatorju li jkun proporzjonat u ċar għall-governanza pubblika tad-data, sabiex tippoteġi l-valur tagħha mhux biss ekonomikament, iżda wkoll strateġikament fl-oqsma differenti fejn il-kapaċità tas-sjeda u tal-ipproċessar tad-data diġitali hija waħda importanti.

3.6. Fir-rigward ta' data sensittiva, u b'mod partikolari data dwar is-saħħa, il-KESE jqis li huwa utli li jitfasslu u jiġu ġeneralizzati Prattiki operattivi tajbin, pereżempju kif sar mill-kumpanija Microsoft, li għażlet li tavża lill-klijenti tagħha meta xi awtoritajiet tal-gvern talbu lill-kumpanija biex tiżvela d-data personali tal-klijenti tagħha.

3.7. Il-KESE jirrikonoxxi u japprezza li l-oġġettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li jinħolqu l-kundizzjonijiet għaċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-ħaddiema għal rashom u l-professjonijiet liberi, kif ukoll in-negozji, b'attenzjoni speċjali għall-intrapriżi ż-żgħar u mikro, biex jikkondividu d-data tagħhom bl-għarfien li din se tiġi ġestita minn organizzazzjonijiet regolati u sorveljati b'mod adatt, sabiex titrawwem il-fiduċja u jiġi żviluppat qafas regolatorju li jkun kompletament kompatibbli mal-valuri u l-prinċipji tal-Unjoni Ewropea.

3.8. Il-KESE jirrimarka, kif diġà sqarr fl-Opinjonijiet preċedenti tiegħu, li meta tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-governanza tad-data u tal-għodod tal-intelliġenza artifiċjali, huwa meħtieġ qafas regolatorju Ewropew li jiżgura t-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-algoritmi, il-kontroll mill-bniedem fuq l-għodod tal-intelliġenza artifiċjali u r-rispett għad-drittijiet fundamentali.

3.9. Għandu jiġi mfakkar ukoll li, meta dawn l-istrumenti tal-intelliġenza artifiċjali jiġu introdotti fil-postijiet tax-xogħol, il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprevedi regoli li jsaħħu d-djalogu soċjali u n-negozjar permezz ta' konsultazzjoni minn qabel mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, u għandha tħeġġeġ l-istabbiliment ta' kunitati/osservatorji nazzjonali dwar l-użu ta' għodod tal-intelliġenza artifiċjali li jinvolvu lill-partijiet interessati kollha: il-konsumaturi, l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, l-assoċjazzjonijiet professjonali u r-rappreżentanti tal-ħaddiema u tas-soċjetà ċivili organizzata.

3.10. Ikun importanti wkoll li r-Regolament jiffaċilita l-proċess biex jiġu approvati l-kundizzjonijiet ġenerali tal-użu tas-servizzi għall-ġestjoni tad-data, sabiex il-klawżoli fil-kuntratti għat-trasferiment jew l-aċċess għad-data li jiksru l-istandards ta' protezzjoni tal-UE jkunu jistgħu jiġu annullati mill-qorti. Għall-istess għan, il-KESE jirrakkomanda l-armonizzazzjoni u t-tisħiħ tal-prinċipju tal-kunsens billi tiġi ssemplifikata l-proċedura għall-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tal-cookies.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni hija konformi mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà li jinsabu fit-Trattati, peress li tiżviluppa u tipproponi regoli li ma jissagrifikawx l-interess privat b'mod eċċessiv fil-kuntest tal-għan segwit f'termini ta' kondiviżjoni u użu virtuż tad-data.

4.2. Għal din ir-raġuni, regolament li għandu l-għan li jiżgura regoli uniformi li huma applikabbli fl-istess ħin fis-suq intern kollu jidher li huwa l-aktar strument adatt, peress li regolamenti nazzjonali differenti ma jkunux effiċjenti u jgħolqu spiża eċċessiva ta' konformità għall-kumpaniji Ewropej, speċjalment għall-SMEs, u b'hekk ifixxlu l-fluss tajjeb tad-data.

4.3. Għalhekk l-għażla tal-istrument regolatorju tidher li hi l-aħjar għall-bini ta' suq Ewropew fejn id-data tista' tiċċirkola b'mod virtuż permezz ta' qafas armonizzat ta' regoli, li kapaċi jnissel fiduċja fost iċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, fir-rigward tal-protezzjoni adatta tad-data tagħhom, b'mod li jiġġenera opportunitajiet għall-iżvilupp u t-tkabbir għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-iżvilupp.

4.4. Il-KESE jaqbel mal-għan tal-Kummissjoni li tapplika r-Regolament imsemmi f'din l-Opinjoni għall-amministrazzjonijiet, il-korpi pubbliċi u l-korpi rregolati bil-liġi pubblika kif diġà jsir fil-każ tar-regoli tal-akkwist, sabiex tiżgura, abbażi ta' approċċ sod, effettività u kamp ta' applikazzjoni adatti għar-regoli li jkopru l-entitajiet kollha li jappartjenu għall-isfera pubblika, irrispettivament mill-forma organizzattiva tagħhom.

4.5. Minn din il-perspettiva, jidher ukoll li jkun proporzjonat u koerenti mal-approċċ ġenerali tar-regoli l-ġodda meta l-impriżi pubbliċi jiġu eżentati mill-applikazzjoni tar-regoli, meta jitqies li l-mudell organizzattiv tagħhom huwa ispirat dejjem aktar minn mudelli tan-negozju u tas-suq.

4.6. Il-KESE jappoġġja d-dispożizzjoni legali fl-Artikolu 6, li skontha "Il-korpi tas-settur pubbliku li jippermettu l-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta' data [...] jistgħu jitolbu tariffi talli jippermettu l-użu mill-ġdid ta' din id-data" u li "Kwalunkwe tariffa għandha tkun mhux diskriminatorja, proporzjonata u oġġettivament ġustifikata u ma għandhiex tillimita l-kompetizzjoni". F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li n-negozji, l-SMEs, l-organizzazzjonijiet mikro u żgħar u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jipprovdu ħafna data lill-awtoritajiet; data li għandha spejjeż li jistgħu jkunu sinifikanti u li l-impatt tagħha, b'mod partikolari għall-SMEs, għandu jitqies meta jiġu stabbiliti t-tariffi.

4.7. Huwa aċċettabbli u apprezzat ukoll il-fatt li l-metodoloġija għall-kalkolu tat-tariffi għandha tiġi ppubblikata minn qabel u li din tkun ibbażata fuq l-ispejjeż tal-ġestjoni u l-kondiviżjoni tad-data, aktar milli fuq sistema differenti ta' spejjeż li tista' tiġi assimilata ma' liċenzja tad-data.

4.8. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li l-iskambji tad-data jsiru f'konformità mal-Artikolu 101 tat-TFUE dwar ftehimiet antikompetittivi. B'mod partikolari, ser ikun importanti li jkun hemm konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali fil-forma ta' skambju ta' informazzjoni, sabiex jiġi evitat li entitajiet li jiskambjaw informazzjoni jfixxlu t-trasparenza tas-suq u jiffavorixxu riżultati kollużivi bejn kompetituri diretti, u b'riżultat ta' dan titnaqqas il-kompetizzjoni għad-detriment tal-benessri tal-konsumaturi, l-intrapriżi żgħar u mikro, u jkun hemm distorsjoni tal-kompetittività korretta tas-swieq.

4.9. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-identifikazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali (Artikoli 12 u 20) responsabbli biex jiżguraw monitoraġġ tajjeb tal-effettività tar-regoli l-ġodda stabbiliti mill-Kummissjoni, u jaqbel mal-karatteristiċi li dawn l-awtoritajiet irid ikollhom skont l-Artikolu 23.

4.10. Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin tal-bażijiet tad-data fil-livell nazzjonali jew Ewropew, is-superviżjoni tal-użu tad-data għandha ssir mid-diversi awtoritajiet nazzjonali involuti, f'bidma bejniethom u mal-Kummissjoni Ewropea.

4.11. Fir-rigward ta' organizzazzjonijiet altruistiċi fir-rigward tad-data u l-kundizzjonijiet ġenerali għar-rikonoxximent ta' tali korpi, huwa tajjeb li l-Proposta għal Regolament tiddefinixxi li l-organizzazzjonijiet membri għandhom ikunu entitajiet legali li joperaw mingħajr skop ta' qligħ u fl-interess ġenerali u, fuq kollox, ikunu indipendenti u awtonomi, b'mod partikolari minn organizzazzjonijiet oħra li jsejwu objettivi kummerċjali jew li jaġhmlu profitt mill-ġestjoni tad-data.

4.12. Dawn il-karatteristiċi, flimkien mal-istabbiliment ta' reġistru pubbliku speċifiku ta' tali entitajiet, jindirizzaw b'mod adatt il-ħtieġa għat-trasparenza, il-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini u n-negozji li jikkaratterizzaw l-iskambju altruwist tad-data. Dan iwassal għal tisħiħ tal-livell ta' fiduċja tal-partijiet interessati kollha.

4.13. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ dwar is-siwi li jitwaqqaf punt ta' kuntatt f'kull Stat Membru, kif jipprevedi l-Artikolu 8 tal-Proposta għal Regolament. Dan il-punt ta' kuntatt għandu jkun aċċessibbli ħafna għall-partijiet interessati kollha sabiex jiġi żgurat funzjonament effiċjenti u tiġi promossa kooperazzjoni tajba mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-imsieħba soċjali.

4.14. Fl-aħħar nett, jintlaqa' tajjeb b'mod partikolari l-Kapitolu III tar-Regolament meta jirreferi għall-possibbiltà li jiġu stabbiliti kooperattivi għall-ġestjoni u l-iskambju tad-data bħala mezz li jiffavorixxi ċ-ċittadini (ħaddiema, konsumaturi, intraprendituri) u n-negozji ż-żgħar u l-intraprendituri individwali, li ma jkunux jistgħu jaċċessaw jew jipproċessaw ammonti kbar ta' data individwalment. Għal dan il-għan, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet tal-SMEs sabiex jieħdu inizzjattivi kollettivi biex jiżviluppaw organizzazzjonijiet ta' għajjuna reċiproka bħal dawn għall-ġestjoni u l-iskambju tad-data.

4.15. Il-forma kooperattiva u l-forom kollaborattivi ġeneralment jidhru li huma partikolarment adatti għall-ġestjoni tal-intermedjazzjoni, l-iskambju jew il-kondiviżjoni ta' data fostiċ-ċittadini (ħaddiema, konsumaturi, imprendituri) u l-kumpaniji, peress li, b'mod partikolari, il-forma kooperattiva tippermetti li l-interessi tal-ġestjoni tad-data jikkoinċidu bejn is-suġġetti tad-data u d-detentur tad-data kooperattiv, li f'dan il-każ jappartjeni lill-istess suġġetti tad-data, u għalhekk dawn jistgħu jiżguraw governanza parteċipattiva kondiviża fost iċ-ċittadini, in-negozji u l-intraprendituri, li jista' jkollhom ir-rwol doppju kemm ta' kontributuri kif ukoll ta' utenti u beneficijarji tad-data. Dan il-mekkaniżmu jista' jappoġġja l-klima ta' fiduċja u ta' ftuħ li tidher li hija kundizzjoni neċessarja għal governanza tajba tad-data fis-suq uniku diġitali Ewropew.

4.16. F'dan ir-rigward, il-KESE jemmen li hija meħtieġa kooperazzjoni effettiva mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet professjonali.

4.17. Fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, il-KESE jinnota li d-dritt Ewropew iqis li l-protezzjoni tal-privatezza u r-rispett għad-dinjità tal-bniedem huma partijiet essenzjali mid-drittijiet fundamentali u invjolabbli tal-individwi. Madankollu, il-protezzjoni adatta ta' dawn id-drittijiet hija mhedda mill-użu ħażin ta' data miksuba liberament b'konsens minn qabel li ġieli jinkiseb permezz ta' proċeduri li ma jkunux sempliċi biżżejjed. Hemm ukoll każijiet aktar serji fejn id-data tiġi miżapproprjata sewwasew b'serq tal-identità. Il-qراطي tal-ġustizzja f'ċerti Stati Membri kkundannaw ripetutament is-"serq tad-data". Ir-rikonoxximent tas-serq ifisser ir-rikonoxximent tad-dritt tal-proprietà tad-data.

4.18. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li jiġu rikonoxxuti d-drittijiet Ewropej tal-proprietà tad-data diġitali sabiex iċ-ċittadini (ħaddiema, konsumaturi, imprendituri) ikunu jistgħu jikkontrollaw u jimmaniġġjaw l-użu tad-data tagħhom jew jipprojbixxu l-użu tagħha. B'hekk tingħata l-possibbiltà ta' azzjonijiet kollettivi b'leġittimità ġuridika ċara bl-għan li jimpedixxu jew jikkontrollaw l-aċċess għad-data tal-persuni u li jiffaċilitaw il-ġestjoni ta' dik id-data sabiex jinholq is-suq diġitali Ewropew.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ANNEX

Il-punt li jidher hawn taħt – meħud mill-Opinjoni tas-Sezzjoni – ġie rifjutat peress li minfloku intlaqgħet emenda li kienet adottata mill-assemblea, iżda kien appoġġjat b'aktar minn kwart tal-voti mixħuta:

1.6. Il-KESE jappoġġja l-proposta li jiġu identifikati l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli biex jiżguraw superviżjoni adatta tar-regoli l-ġodda u, f'dan ir-rigward, jirrimarka li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data personali li diġà joperaw fl-Istati Membri jistgħu jiġu involuti fl-implimentazzjoni tar-regoli msemmija fil-Proposta tal-Kummissjoni, abbażi tal-esperjenza miksuba, mingħajr ma jinħolqu awtoritajiet ġodda.

4.9. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-identifikazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali (Artikoli 12 u 20) responsabbli biex jiżguraw monitoraġġ tajjeb tal-effettività tar-regoli l-ġodda stabbiliti mill-Kummissjoni, u jaqbel mal-karatteristiċi li dawn l-awtoritajiet irid ikollhom skont l-Artikolu 23. F'dan ir-rigward, mingħajr preġudizzju għal-libertà organizzattiva tal-Istati Membri, il-KESE jirrimarka li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data personali li diġà qed joperaw għandhom għarfien espert tekniku u regolatorju konsiderevoli fis-settur. Għalhekk huma stess jistgħu jimplimentaw ir-regoli koperti mill-proposta tal-Kummissjoni, mingħajr ma jinħolqu awtoritajiet ġodda.

Riżultat tal-votazzjoni:

Voti favur l-emenda (jiġifieri t-tħassir tal-punt):	124
Voti kontra:	94
Astensjonijiet:	27

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Aġenda tal-Konsumatur ġdida li ssaħħa ir-reżiljenza tal-konsumatur għall-irkupru sostenibbli”

[COM(2020) 696 final]

(2021/C 286/09)

Relatur: **Bernardo HERNÁNDEZ BATALLER**

Korelatur: **Gonçalo LOBO XAVIER**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 14.1.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	218/2/24

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jieħu nota tal-Aġenda tal-Konsumatur ġdida u l-22 azzjoni proposti fiha u jqis li huwa diffiċli li tkun aktar komprensiva u dettaljata.

1.2 Madankollu, mentri jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni, il-KESE huwa tal-fehma li Aġenda tal-Konsumatur għandha tkun il-kontinwazzjoni korollarja jew loġika ta' strateġija ġenwina fil-qasam tal-politika tal-konsumatur. Peress li l-iżjed strateġija reċenti tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-konsumatur ilha fis-seħħ mit-13.3.2007 (għall-perjodu 2007-2013), issa hija kompletament skaduta.

1.3 Għalhekk, il-KESE jibża' li, kif inhi strutturata, l-Aġenda tal-Konsumatur ġdida tista' titqies bħala lista ta' inizjattivi distinti u li ser ikun diffiċli li tiġi implimentata fil-prattika.

1.4 Barra minn hekk, il-KESE huwa tal-fehma li l-miżuri għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 għandhom ikunu ta' darba, u li għadd minnhom huma prijoritarji u urġenti, minħabba l-kriżi tas-saħħa, ekonomika u soċjali mingħajr preċedent, u għandu dubju dwar jekk miżuri bħal dawn għandhomx jiġu inklużi f'Aġenda tal-Konsumatur, li, barra minn hekk, fil-fehma tiegħu, ma tindirizzax biżżejjed is-sitwazzjoni diffiċli attwali.

1.5 F'dan il-kuntest, il-KESE ma jistax iżomm lura milli jfakkar li l-Unjoni tas-Saħħa għandha tiġi approfondita kemm jista' jkun u li l-politika tas-saħħa mhijiex politika esklużiva tal-Istati Membri; L-Artikolu 168 tat-TFUE għandu jiġi emendat fi żmien debitu biex jinġieb eqreb għall-Artikolu 169 dwar il-politika tal-konsumatur.

1.6 Il-KESE jinsisti li l-ikkompletar tas-suq intern, kemm fiżiku kif ukoll diġitali, ikun fuq l-istess livell u li jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, kif wara kollox talab kemm-il darba l-KESE. Għalhekk jeħtieġ li jiġi adottat approċċ orizzontali, integrat ma' politiki oħra tal-Unjoni, biex jiġi żgurat li l-interessi tal-konsumatur jitqiesu fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki settorjali.

1.7 Il-KESE jemmen li l-komponent ekoloġiku tal-aġenda huwa essenzjali u jfakkar fl-appoġġ tiegħu għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. B'mod partikolari, il-KESE jitlob għal durabbiltà akbar tal-oġġetti, aċċess għal prodotti sostenibbli, ekonomija nadifa, ċirkolari u li tirrispetta iżjed il-klima, użu effiċjenti tal-prodotti, il-ġlieda kontra l-obsolexxenza programmata u d-dritt għat-tiswija ta' oġġetti u prodotti.

1.8 Il-KESE huwa konxju, madankollu, li l-ħidma meħtieġa biex titkejjel il-marka tal-karbonju għandha tqis iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u mhijiex faċli biex tiġi implimentata.

1.9 Ir-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur jeħtieġ li jiġu adattati għad-dinja diġitali. L-isfidi l-ġodda li jinbtu mit-teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali (IA), l-Internet tal-Oġġetti (IoT) u r-robotika jitolbu li tissaħħaħ il-protezzjoni attwali. Dawn għandhom jiġu indirizzati b'mod partikolari fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà tal-Prodotti, u l-lakuni fil-leġislazzjoni fis-seħħ jeħtieġ li jiġi identifikati u indirizzati. Din hija wkoll ir-raġuni għaliex l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali se jkunu essenzjali biex jikkomplementaw din l-istrateġija.

1.10 Il-KESE jitlob li l-appoġġ Ewropew jinvolti wkoll lill-organizzazzjonijiet kollha tas-soċjetà ċivili (speċjalment l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur), fid-dawl tar-rwol li jaqdu fl-iżvilupp tal-aġenda. Is-soċjetà ċivili organizzata, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u r-rappreżentanti tan-negozji, kif ukoll imsieħba soċjali oħra, għandhom jiżviluppaw relazzjoni ta' benefiċċju reċiproku sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni usa' fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' din il-politika.

1.11 Għalhekk, ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-konsumatur għandu jissaħħaħ fil-kuntest tal-Aġenda, peress li dawn jikkontribwixxu għall-konsolidazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni.

1.12 Il-KESE huwa konxju tad-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-SMEs biex jikkontribwixxu għas-suċċess tal-aġenda, b'mod partikolari fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni u l-informazzjoni tal-konsumaturi u l-forniment ta' oġġetti u servizzi li huma sostenibbli iżda li għandhom valur ekonomiku ogħla.

1.13 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li n-negozji, speċjalment l-SMEs, jingħataw riżorsi finanzjarji biex jissodisfaw it-talbiet tal-Aġenda, speċjalment fi żmien meta l-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19 wasslet għal tnaqqis fl-investiment tal-intrapriżi fis-setturi diġitali u ekoloġiċi.

2. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

2.1 *Kummenti ġenerali*

2.1.1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

- għandha l-għan li ssaħħaħ il-qafas ġenerali għall-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati;
- tadotta approċċ komprensiv li jħaddan diversi politiki tal-UE;
- tirrifletti l-ħtieġa li jitqiesu r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-konsumatur fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki oħra, li jikkomplementaw inizjattivi oħra tal-Unjoni;
- teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Membri u t-traspożizzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-qafas tal-protezzjoni tal-konsumatur żviluppat fil-livell tal-leġislazzjoni sekondarja tal-UE.

2.1.2 Il-Komunikazzjoni tidentifika 22 azzjoni li jkopru ħames oqsma prijoritarji ewlenin:

- it-tranżizzjoni ekoloġika;
- it-trasformazzjoni diġitali;
- ir-rimedju u l-infurzar tad-drittijiet tal-konsumatur;
- il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti gruppi ta' konsumaturi; kif ukoll
- il-kooperazzjoni internazzjonali.

2.1.3 Il-Komunikazzjoni tindirizza l-problemi, u tibda billi tikkunsidra l-ħtieġa li kulħadd ikollu aċċess ugwali u f'waqtu għat-testijiet meħtieġa u affordabbli, għat-tagħmir protettiv, għat-trattamenti u għall-vaċċini futuri. Jeħtieġ li l-konsumatur jiġi pprovdut b'kull garanzija rigward id-drittijiet fundamentali, l-etika medika, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, b'konformità mar-Regolament Ġenerali kkonċernat.

2.1.4 It-tfixkil soċjali u ekonomiku profond ikkawżat mill-pandemija jirrappreżenta sfida għas-soċjetà. Filwaqt li huwa importanti li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, għad hemm ċerti sfidi, b'mod partikolari fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

- l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar id-dritt għal rimborż sħiħ tal-prepagamenti mħallsa lill-operaturi turistiċi;
- żieda fl-iskemi qarrieqa fil-konfront tal-konsumaturi, tekniki qarrieqa ta' marketing u frodi fil-kummerċ elettroniku;
- bidliet fix-xejriet tal-konsum, li jwasslu b'mod partikolari għal żieda fl-iskart mill-imballaġġ li jintuża darba biss.

2.2 Oqsma prijoritarji ewlenin

2.2.1 It-tranżizzjoni ekoloġika: tikkontribwixxi għan-newtralità klimatika, il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali u l-bijodiversità u t-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma, tal-arja u tal-ħamrija. L-aċċess għal prodotti sostenibbli għandu jkun garantit għal kulħadd.

2.2.2 Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi strateġija komprensiva biex l-UE tinbidel f'soċjetà ġusta u prospera b'ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, nadifa u ċirkolari li fiha titnaqqas l-impronta ambjentali.

2.2.3 Id-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti għandha tiġi emendata biex tippromovi r-rimedju u tagħmlu dritt effettiv. Huma previsti miżuri addizzjonali biex jindirizzaw gruppi speċifiċi ta' oġġetti u servizzi.

2.2.4 Il-konsumaturi għandhom ikunu protetti aħjar mill-aħbarijiet foloz jew informazzjoni qarrieqa jew konfuża sabiex tinholq l-impressjoni li prodott jew negozju jirrispetta l-ambjent iżjed mili fil-fatt jagħmel ("greenwashing").

2.3 It-trasformazzjoni diġitali

2.3.1 Id-Direttiva dwar l-Infurzar Aħjar u Mmodernizzar tar-Regoli tal-Unjoni dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur u d-Direttiva dwar il-Kontenut Diġitali huma stadji importanti, għalkemm jinħtieġu miżuri addizzjonali minħabba l-veloċità tal-progress teknoloġiku.

2.3.2 Jeħtieġ li jiġi evitat l-użu ta' interfaċċi qarrieqa ("dark patterns"), ċerti Prattiki ta' personalizzazzjoni, spiss ibbażati fuq it-tfassil ta' profili, reklamar moħbi, frodi, informazzjoni falza jew qarrieqa u l-manipulazzjoni tal-opinjoni tal-konsumaturi. Tinħtieġ ukoll gwida ulterjuri dwar id-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, peress li l-konsumaturi għandhom jibbenefikaw minn livell komparabbli ta' protezzjoni u ġustizzja online jew offline.

2.3.3 L-intelliġenza artifiċjali ġgħib magħha benefiċċji, iżda xi użijiet jistgħu jikkompromettu d-drittijiet tal-konsumaturi. Il-KESE jenfasizza li, f'konformità mal-Artikolu 22 tal-GDPR, is-suġġetti tad-data għandhom id-dritt għal intervent mill-bniedem meta deċiżjoni bbażata fuq l-ipproċessar awtomatizzat taffettwahom b'mod sinifikanti.

2.3.4 Ir-Regolament CPC l-ġdid isaħħaħ il-kapaċitajiet online, il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u s-sistema ta' għbir ta' informazzjoni biex jiġi indirizzat il-ksur mifruq tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, biex jiġi pprovdut livell uniformi ta' protezzjoni għall-konsumaturi u biex jiġi pprovdut "punt uniku ta' servizz" għan-negozji.

2.4 L-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-konsumaturi

2.4.1 Huwa preżunt li, fi tranżazzjoni, il-konsumaturi ġeneralment ikunu l-iżjed parti dgħajfa u għalhekk l-interessi tagħhom għandhom jiġu protetti. Madankollu, ċerti gruppi ta' konsumaturi jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli u jeħtieġu miżuri speċifiċi ta' protezzjoni. Din il-vulnerabbiltà tista' tirriżulta minn ċirkustanzi soċjali jew karatteristiċi partikolari bħall-età, is-sess, l-istat tas-saħħa, il-ħiliet diġitali u numeriċi u s-sitwazzjoni finanzjarja.

2.4.2 Iż-żieda fil-vulnerabbiltà finanzjarja ta' ħafna unitajiet domestiċi fl-UE hija partikolarment inkwetanti f'dan il-perjodu.

2.4.3 L-għan ta' din ir-reviżjoni għandu jkun ukoll li jiġu evitati sitwazzjonijiet diskriminatorji fl-aċċess għas-servizzi ta' kreditu.

2.4.3.1 Il-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabbiltà għandhom bżonnijiet speċjali fil-qasam tal-konsum. Huwa importanti li jiġi żgurat li tkun disponibbli informazzjoni ċara, faċli għall-utent u aċċessibbli kemm online kif ukoll offline, b'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi.

2.4.3.2 Approċċ ġust u mhux diskriminatorju għad-diġitalizzazzjoni għandu jkoll il-ħtiġijiet tal-konsumaturi akbar fl-età, daww b'diżabbiltà u, b'mod aktar ġenerali, daww "skonnettjati", li jistgħu jhossuqom inqas komdi bl-għodod diġitali.

2.4.3.3 It-tfal u l-minorenni huma partikolarment esposti għal prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni online qarrieqa jew aggressivi u jeħtieġ li jinstabu soluzzjonijiet għal din il-problema. Barra minn hekk, it-tfal għandhom jiġu protetti kontra l-prodotti perikolużi eżistenti u kontra r-riskji marbutin mal-prodotti, u għalhekk ir-rekwiżiti tas-sikurezza se jiġu aġġornati fir-rigward tal-istandards applikabbli għal ċerti prodotti maħsuba għat-tfal.

2.4.3.4 Ir-riskju ta' diskriminazzjoni huwa xi kultant aggravat minn algoritmi użati minn ċerti fornituri ta' oġġetti u servizzi, li jistgħu jiġu fformulati b'ċertu preġudizzju li spiss jirriżulta minn aspettattivi kulturali jew soċjali preeżistenti.

2.5 Il-protezzjoni tal-konsumatur fil-kuntest globali

2.5.1 Huwa importanti li l-UE tippromovi fil-livell internazzjonali l-livell għoli tagħha ta' protezzjoni tal-konsumatur bħala valur Ewropew u mudell Ewropew.

2.5.2 Biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-importazzjonijiet u biex il-konsumaturi tal-UE jiġu protetti minn prattiki kummerċjali żleali minn operaturi barra mill-UE, hemm bżonn li tiżdied l-azzjoni domestika, permezz ta' għodod ta' sorveljanza tas-suq aktar b'saħħithom, u li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-awtoritajiet tal-pajjiżi msieħba tal-UE.

2.5.3 Il-kooperazzjoni multilaterali dwar kwistjonijiet tal-konsumatur hija essenzjali għall-promozzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni u sikurezza fil-livell internazzjonali u għall-protezzjoni tal-konsumaturi fid-dinja.

2.6 Governanza

2.6.1 L-aġenda tistabbilixxi l-azzjonijiet għall-promozzjoni tal-prijoritajiet tal-politika tal-konsumatur li jistgħu jiġu segwiti mill-UE u l-Istati Membri tagħha matul il-ħames snin li ġejjin.

2.6.2 Din il-viżjoni ġdida ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-prijoritajiet politiċi nazzjonali teħtieġ qafas ġdid għal kooperazzjoni msaħħa li tista' twassal għal azzjonijiet konkreti.

2.6.3 Il-Kummissjoni se tagħmel hilita biex tinvolvi ruħha b'mod regolari mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni. Se taħdem ukoll mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali biex tiżgura koordinazzjoni mill-qrib tal-azzjonijiet u użu aħjar tal-fondi disponibbli.

2.6.4 Din il-ħidma għandha tkun akkumpanjata minn kooperazzjoni mill-qrib u effettiva mal-partijiet interessati ewlenin, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, in-negozji u l-qasam akkademiku. L-organizzazzjonijiet tal-konsumatur b'saħħithom fil-livell nazzjonali u tal-UE huma msieħba ewlenin fit-tnejn tal-ħidma li għandha titwettaq fil-qafas tal-Aġenda u biex jintlaħqu l-konsumaturi.

2.6.5 Għalhekk, il-Kummissjoni:

— se tistabbilixxi grupp konsultattiv ġdid dwar il-politika tal-konsumatur;

— se ġġedded it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet tal-Konsumatur fl-2021.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Fir-rigward tal-kriżi tas-saħħa, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex ilaqqu l-popolazzjoni u jagħmlu l-istrateġija Ewropea tat-tilqim soċjalment u ekonomikament aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha.

3.2 Huwa importanti li l-konsumaturi jingħataw il-mezzi biex jaġixxu u jiġu involuti fl-ekonomija u li dawn isiru atturi ewlenin għal irkupru sostenibbli, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE u tas-suq uniku. Huma importanti mudelli ta' negozju ġodda biex jottimizzaw l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-prodotti u s-servizzi.

3.3 Il-konsumaturi għandhom ikunu atturi rilevanti fit-tranżizzjoni ekoloġika, u jippromovu l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli. Il-prodotti kollha għandhom ikunu sikuri, disponibbli, affordabbli u aċċessibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħajja tagħhom fuq l-ixkaffa, id-durabbiltà, possibbiltà ta' tiswija u r-riċiklabbiltà tagħhom. Il-KESE diġà esprima li kien favur ir-regolamentazzjoni tal-obsolexxenza pplanata u d-durabbiltà tal-prodotti, anke fir-rigward tas-software. Il-miżuri proposti huma ġeneralment orizzontali u mhumiex speċifiċi għall-protezzjoni tal-konsumatur.

3.4 L-SMEs għandhom ikunu involuti f'din it-tranżizzjoni ekoloġika, mingħajr ma jinħoloq piż amministrattiv eċċessiv.

3.5 Il-KESE huwa determinat li jaħdem b'mod attiv favur tranżizzjoni "ekoloġika" u trasformazzjoni "diġitali", mingħajr ma dan iwassal għall-esklużjoni soċjali, u jevita sistema b'żewġ veloċitajiet għall-konsumaturi vulnerabbli u sitwazzjonijiet diskriminatorji li jillimitaw l-għażla u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, bħal meta n-nisa tqal ma jingħatawx aċċess għal servizzi ta' kreditu minħabba l-possibbiltà ta' telf ta' dħul jew meta l-ommijiet waħedhom ma jkunux jistgħu jaċċessaw ċerti servizzi finanzjarji.

3.6 Għandhom jittieħdu miżuri ta' appoġġ biex tiġi indirizzata l-vulnerabbiltà finanzjarja tal-familji, inklużi ġenituri waħedhom u konjuġi tal-istess sess, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-dejn. Fl-Opinjonijiet tiegħu, il-KESE kemm-il darba esprima l-appoġġ tiegħu għar-regolazzjoni tad-dejn eċċessiv tal-unitajiet domestiċi.

3.7 Bħala parti mill-miżuri orizzontali, il-Kummissjoni għandha taġixxi fil-qasam tal-faqar enerġetiku u tevita sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għall-esklużjoni soċjali.

3.8 Il-KESE jittama li l-Kummissjoni teżamina malajr kemm jista' jkun ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, id-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur, id-Direttiva dwar it-Tqegħid fis-Suq b'Distanza ta' Servizzi Finanzjarji, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur u d-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali.

3.9 Il-KESE għandu aspettattivi għoljin fir-rigward tad-Direttiva dwar l-Azzjonijiet Rappreżentattivi għall-Protezzjoni tal-Interessi Kollektivi tal-Konsumaturi, u jistenna li din id-direttiva tiġi trasposta b'mod konsistenti mal-oqfsa legali tal-Istati Membri.

3.10 Il-KESE jappoġġja l-għan li l-konsumaturi jingħataw il-mezzi bil-għan li jaqdu rwol aktar attiv fit-tranżizzjoni ekoloġika. Mhuwiex biżżejjed li n-negozji jibdlu u jinnovaw; jeħtieġ li s-suq jaċċetta dan it-tibdil u jittrasforma ruħu b'mod li l-ekonomija ssir aktar ċirkolari: il-konsum ta' prodotti aktar sostenibbli (preżumibbilment aktar għaljin), żieda fid-durabbiltà u t-tiswija tal-prodotti abbażi tal-ekodisinn mixtieq (żvilupp tal-prodotti fuq il-bażi ta' kriterji ekoloġiċi) u żieda fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi naturali. Għandu jitqies ukoll ir-rwol tat-trasport fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika.

3.11 Huwa importanti li jitwassal il-messaġġ li l-impenn fil-konfront tal-ambjent huwa r-responsabbiltà ta' kulħadd: in-negozji, li jimplimentaw miżuri u prattiki aktar sostenibbli, jinfurmaw u jħarrġu lill-konsumaturi u, sabiex dawn il-miżuri jkunu effettivi, il-konsumaturi, li jeħtieġu wkoll jadottaw drawwiet u mġiba sostenibbli. Fir-rigward tal-ispejjeż addizzjonali potenzjali għall-SMEs Ewropej, kif imkejla fil-valutazzjoni tal-impatt tat-test tal-SMEs (li huwa parti integrali tal-inizjattiva tas-"Small Business Act" għall-Ewropa), għandha tingħata attenzjoni biex dawn jittaffew fil-qafas ta' dal-mekkaniżmu, li jinkludi wkoll il-konsultazzjoni kontinwa tar-rappreżentanti tal-SMEs. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi u mezzi biex l-SMEs ikunu jistgħu jaġġornaw u jġeddu l-għarfien tagħhom.

3.12 Il-KESE jqis li huwa importanti li tissaħħaħ il-għieda kontra l-prattiki kummerċjali żleali online li ma jirrispettawx id-drittijiet tal-konsumatur u tal-operaturi l-oħra kollha involuti fiċ-ċiklu tal-prodotti. Huwa jafferma li dak kollu li huwa meqjus abbużiv fid-dinja fiżika (offline) għandu jiġi ttrattat bl-istess mod fid-dinja diġitali (online). Tipi ġodda ta' abbuż fid-dinja offline, bħall-istrateġiji ta' sorveljanza tan-negozju u l-interfaċċi qarrieqa, jeħtieġu protezzjonijiet saħansitra aktar b'saħħithom.

3.13 Huwa importanti li jissaħħu r-riżorsi tal-IT, umani u riżorsi ta' tip ieħor li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-frodi diġitali. Minħabba t-tixrid mifruq ta' tali frodi, l-azzjoni tal-awtoritajiet issir ħafna aktar kumplessa, inkluż f'każijiet fejn tiġi attakkata s-saħħa pubblika (pereżempju, fil-forma ta' xiri online ta' mediċini "illegali").

3.14 L-azzjonijiet 8, 9 u 10 għandhom iżommu l-bilanċ bejn is-sigurtà u l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġi evitat it-tfixkil tal-innovazzjoni u tal-progress teknoloġiku u ekonomiku. Huwa importanti li jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni maċ-Ċina dwar is-sikurezza tal-prodotti u li jiżdied l-appoġġ għall-pajjiżi msieħba tal-UE, anke fl-Afrika, għat-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tar-regolamentazzjoni u l-għajnuna teknika. Huwa importanti li tiġi protetta l-awtentiċità tal-prodotti (u, barra minn hekk, il-liġi tat-trade marks), peress li huwa rikonoxxut li hemm volum sinifikanti ta' flus foloz u falsifikazzjonijiet ta' prodotti f'ċerti pajjiżi terzi. Il-prodotti oriġinali, għal raġunijiet ta' kwalità, konvenjenza u reputazzjoni, jistħoqqilhom attenzjoni u interess sostanzjali mill-konsumaturi.

3.15 Il-KESE jappella għall-adozzjoni ta' metodu ta' evalwazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva. Huwa importanti li jiġi vvalutat jekk id-direttivi tal-UE humiex implimentati fil-ħin, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni sekondarja u l-prinċipji tar-regolamentazzjoni aħjar.

3.16 Il-KESE jinnotta distakk dejjem jikber bejn l-istrategġija (eż. il-Patt Ekoloġiku Ewropew b'mod ġenerali u l-Istrategġija "Mill-Għalqa sal-Platt" jew l-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida b'mod partikolari) u l-inizjattivi regolatorji (jew mhux regolatorji) aktar dettaljati li suppost għandhom jimplimentaw dawn l-istrategġiji. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li l-ambizzjonijiet tal-Aġenda tal-Konsumatur dwar l-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ikunu kostanti matul l-implimentazzjoni tal-inizjattivi ta' segwitu individwali tagħha.

4. Il-kriżi tal-COVID-19

4.1 Il-kriżi pandemika attwali laqtet lil kulħadd b'mod aħrax u kellha impatt sinifikanti fuq ħafna aspetti ta' ħajjitna. Hija wasslet għal bidla fil-prijoritajiet ewlenin tal-Istati Membri u ppenalizzat bil-bosta lill-konsumaturi, peress li d-drittijiet tagħhom ġew ristretti indebitament mingħajr ma ssaħħew il-mekkaniżmi eżistenti jew, saħansitra, mingħajr ma nħolqu mekkaniżmi bil-għan li jindirizzaw iċ-ċirkustanzi l-ġodda biex jiżguraw il-protezzjoni finanzjarja tal-konsumaturi.

4.2 Għalhekk huwa essenzjali. sabiex jiġu antiċipati l-konsegwenzi potenzjali għall-konsumaturi, u fid-dawl tat-tagħlimiet misluta mill-kriżi pandemika, li fil-ġejjieni nfitxu li nsaħħu l-protezzjoni tal-konsumatur fl-oqsma tas-saħħa, l-enerġija, il-komunikazzjoni, is-servizzi finanzjarji, l-avjazzjoni u d-drittijiet tal-passiġġieri, il-pakketti tal-ivvjaġġar, il-monitoraġġ, l-ikel u s-servizzi diġitali.

4.3 Min-naħa l-oħra, il-kriżi aggravat il-proliferazzjoni ta' Prattiki kummerċjali żleali mmirati lejn dawk l-aktar vulnerabbli u, għal xi żmien, wasslet għal prezzijiet għaljin ħafna u spekulattivi flimkien ma' interruzzjonijiet fl-istokk ta' ċerti prodotti u tagħmir ta' protezzjoni personali. Din is-sitwazzjoni ser teħtieġ għal darb'oħra, fid-dawl ta' żieda ulterjuri tal-kriżi, aktar attenzjoni u żieda fir-riżorsi għall-korpi responsabbli għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni.

4.4 Il-KESE għandu jħeġġeġ it-tħejjija ta' Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar dan is-suġġett biex jgħin lill-Kummissjoni fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.

5. Oqsma oħra mhux inklużi fl-Aġenda tal-Konsumatur ġdida jew indirizzati indirettament u li għandhom jiġu indirizzati

5.1 Il-ġestjoni tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri

Qed jittieħdu l-ewwel passi lejn il-ħolqien ta' Unjoni tas-Saħħa Ewropea. Il-kriżi tal-coronavirus turi li l-UE jeħtieġ li taqdi rwol ħafna aktar attiv fil-qasam tas-saħħa pubblika, sabiex tiproteġi s-saħħa taċ-ċittadini Ewropej kollha, permezz ta' sistemi tas-saħħa aktar reżiljenti u qafas tas-sigurtà tas-saħħa aktar b'saħħtu.

5.2 Is-servizzi finanzjarji

Fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur, se jkun essenzjali li jiġi enfasizzat il-mekkaniżmu ta' moratorju u l-ħolqien ta' approċċ integrat li jiproteġi l-interessi tal-konsumaturi, irrispettivament min-natura tal-kreditu. Se jkun importanti fil-livell Ewropew li jiġi vvalutat il-mekkaniżmu speċjali ta' insolvenza għall-individwi, u li titqies il-ħtieġa li jiġi evitat tnaqqis fil-protezzjoni li bħalissa jgawdu l-konsumaturi.

5.3 Turiżmu, rikreazzjoni u drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru

Huwa importanti li jinħolqu, jissaħħu jew jiġu modifikati d-drittijiet tal-konsumatur u li jiġu stabbiliti fondi tal-UE biex jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi f'dawn l-oqsma. Din se tkun ukoll opportunità ideali biex tiġi rieżaminata l-protezzjoni tal-konsumatur permezz ta' sistema adegwata ta' protezzjoni finanzjarja li tippoteġi lill-passiġġieri kontra r-riskju ta' kriżi ta' likwidità jew fil-każ li linja tal-ajru ssir insolventi f'dak li jirrigwarda r-rimborż tal-biljetti u, fejn meħtieġ, ir-ripatrijazzjoni.

5.4 L-akkomodazzjoni

Jeħtieġ li jinholq programm Ewropew integrat tad-djar li jkopri oqsma differenti, bħall-ambjent, l-enerġija, is-servizzi finanzjarji, id-drittijiet kuntrattwali u s-saħħa, sabiex jinholq dritt għall-konsumaturi Ewropej li jkollhom aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli fuq perjodu twil ta' żmien. Għandu jithegheg il-bini ta' djar sostenibbli (pereżempju, is-djar passivi). L-applikazzjoni tal-prinċipji taċ-ċirkolarità għar-riabilitazzjoni tal-bini se tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra marbutin mal-materjali tal-bini. Ir-rinnovazzjoni tal-bini tista' tiftaħ ħafna opportunitajiet u tiġġenera benefiċċji soċjali, ambjentali u ekonomiċi importanti fit-tul.

5.5 L-enerġija

Jeħtieġ li jissaħħu d-drittijiet tal-konsumatur f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-enerġija rinnovabbli, l-awtokonsum u t-tariffi tas-suq u li jiġi żgurat li l-ebda konsumatur ma jiġi diskriminat jew ikun nieqes mill-konnettività li ma thallihx jibbenefika mill-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet tal-enerġija alternattivi ġenwini.

5.6 Hemm bżonn li tiġi definita u msaħħa aħjar ir-responsabbiltà tal-pjattaformi diġitali, kemm għall-finijiet tas-sikurezza tal-prodotti kif ukoll għar-responsabbiltà fl-intermedjazzjoni ta' kuntratti online.

5.7 Huwa importanti li tiġi stabbilita struttura ċara ta' responsabbiltà għall-pjattaformi online, inklużi miżuri adatti biex jiġu indirizzati Prattiki kummerċjali frodulent, iġusti u qarrieqa u l-bejgħ ta' prodotti mhux konformi u oġġetti u servizzi perikolużi permezz ta' pjattaformi online. F'dan ir-rigward, huwa importanti li tissaħħa il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiġu miġġielda dawn il-prattiki diżonesti.

5.8 Il-bejgħ dirett ta' prodotti perikolużi lill-konsumaturi għandu jintemm jew jiġi limitat, l-aktar minħabba l-kompożizzjoni kimika tagħhom. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni tas-sistema Safety Gate bħala sistema ta' twissija rapida tal-UE għall-prodotti li huma perikolużi għall-konsumaturi.

5.9 Hemm bżonn li tissaħħa il-protezzjoni fil-qasam tas-servizzi over-the-top (OTTs), li għadhom mhumix koperti mill-biċċa l-kbira tal-liġijiet nazzjonali u lanqas mhum koperti mill-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

5.10 Billi tiżviluppa l-politika tagħha dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, l-UE se ssaħħa il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha. Indipendentement mill-iżvilupp tal-politiki globali tagħha, jeħtieġ li timplimenta għadd ta' azzjonijiet u programmi eqreb taċ-ċittadini, u dan jitlob it-tisħiħ tan-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net) u n-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, bl-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali kollha.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ANNEX

L-emenda proposta li ġejja ġiet irrifjutata mill-Assemblea, allavolja aktar minn kwart tal-voti mixħuta kienu favur l-adozzjoni tagħhom (Artikolu 59(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

Punt 1.13.**Ħassar it-test kif ġej:**

~~1.13 Il-KESE jgħbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li n-negozji, speċjalment l-SMEs, jingħataw riżorsi finanzjarji biex jissodisfaw it-talbiet tal-Aġenda, speċjalment fi żmien meta l-għieda kontra l-kriżi tal-COVID-19 wasslet għal tnaqqis fl-investiment tal-intrapriżi fis-setturi diġitali u ekoloġiċi.~~

Raġuni:

Kif inhu miktub il-punt, hemm l-assunzjoni li l-appoġġ tas-settur pubbliku għandu jingħata sabiex in-negozji jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti bażiċi tal-protezzjoni tal-konsumatur. Huwa ovvju li din l-idea tmur wisq "il bogħod fis-sistema ekonomika tagħna bbażata fuq il-profitt, u tikkontradixxi l-assunzjonijiet li topera bihom. Il-protezzjoni tal-konsumaturi hija rekwiżit: la hija lussu u lanqas hija servizz addizzjonali li għandu jingħata mill-fondi pubbliċi.

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 64

Kontra: 139

Astensjonijiet: 35

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa”

[COM(2020) 761 final]

(2021/C 286/10)

Relatur: **Martin SCHAFFENRATH**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 14.1.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	232/1/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' qabelxejn l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, bl-istrateġija farmaċewtika l-għdida għall-Ewropa, flimkien mal-promozzjoni tal-kompetittività tal-industrija farmaċewtika, li tiżgura provvista ta' mediċini sikuri, ta' kwalità għolja u bi prezz raġonevoli u s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri. Approċċi komuni Ewropej ġodda għandhom rwol ċentrali b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

- l-aċċess għall-mediċini u d-disponibbiltà tagħhom;
- l-affordabbiltà u s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali;
- il-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni biex tissaħħa il-kompetittività tal-industrija farmaċewtika Ewropea;
- it-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista u tal-produzzjoni reżiljenti u trasparenti;
- l-implimentazzjoni effiċjenti tal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku ⁽¹⁾ minn industrija farmaċewtika newtrali għall-klima.

1.2. Il-pandemija attwali tal-COVID-19 turi kemm huwa importanti approċċ Ewropew ikkoordinat. Il-KESE jenfasizza għalhekk l-importanza ta' strateġiji komuni għar-riċerka u l-iżvilupp tal-mediċini inkluż l-ipprezzar, speċjalment fir-rigward ta' prodotti b'riskju għoli u meta r-redditu fuq l-investment għall-manifatturi ma jkunx iggarantit.

1.3. Il-KESE jenfasizza li kwalunkwe miżura politika fil-livell tal-UE għandha tiżgura r-rispett għall-kompetenzi tal-Istati Membri u l-prinċipju tas-sussidjarjetà skont l-Artikolu 168(7) tat-TFUE sabiex jitqiesu s-sistemi tas-saħħa nazzjonali organizzati b'mod differenti u biex dawn ma jiġux finanzjarjament destabilizzati. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' pprezzar u rimborż li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà unika tal-Istati Membri. Madankollu, huwa importanti li jiġi żgurat li l-informazzjoni, l-għarfien u l-aħjar prattiki jiġu kondiviżi b'mod kontinwu fil-livell tal-UE sabiex jiġi evitati kwalunkwe frammentazzjoni u inugwaljanza.

⁽¹⁾ https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt.

1.4. Il-KESE jinnota li, taħt il-kundizzjonijiet ta' qafas attwali, f'dawn l-aħħar snin is-settur farmaċewtiku Ewropew żviluppa f'direzzjoni li f'xi każijiet wasslet għall-użu ħażin tad-diversi sistemi ta' inċentivi, filwaqt li f'bosta aspetti turi nuqqas ta' trasparenza u wasslet għal konċentrazzjoni fuq oqsma tan-negozju b'marġini ta' profitt għoljin u, f'xi każijiet, prezzijiet eċċessivi. Il-KESE jqis għalhekk il-ħtieġa urġenti li jiġi rivedut u adattat il-qafas legali attwali għall-prodotti mediċinali u li dan jintrabat aktar mill-qrib mal-kundizzjonalitajiet fir-rigward tal-affordabbiltà u d-disponibbiltà.

1.5. Il-KESE jenfasizza b'mod partikolari r-rwol ċentrali ta' suq intern li jiffunzjona, ġust u effiċjenti li fih, minn naħa waħda, tiġi promossa u ppremjata innovazzjoni medika ġenwina b'valur miżjud reali għall-kura tas-saħħa, u, min-naħa l-oħra, tissaħħaħ il-kompetizzjoni għall-mediċini biex tiżgura aċċess ekwu u affordabbli għall-mediċini.

1.6. Sabiex jiġu promossi r-riċerka u l-iżvilupp innovattivi bħala l-bażi għall-kompetittività globali tal-industrija farmaċewtika Ewropea, il-KESE jappoġġja b'mod partikolari l-istandardizzazzjoni proposta tal-qafas legali għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali u l-applikazzjoni konsistenti tiegħu fl-Istati Membri.

1.7. Fir-rigward ta' ktajjen ta' provvista u produzzjoni aktar reżiljenti biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Ewropa u jiġu evitati l-ostakli fil-provvista, il-KESE jirrakkomanda approċċ ibbilanċjat bejn diversifikazzjoni akbar tas-siti tal-produzzjoni u rilokazzjoni progressiva/gradwali, parzjali u, fl-istess ħin, sostenibbli tal-produzzjoni lura lejn l-Ewropa. Inċentivi finanzjarji u fiskali possibbli fil-livell tal-Istati Membri u l-effiċjenza tagħhom għandhom jiġu diskussi u analizzati b'mod konġunt fil-livell tal-UE.

1.8. Il-KESE jilqa' wkoll ir-reviżjoni ppjanata tas-sistema Ewropea ta' inċentivi għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-farmaċewtika fl-Ewropa, fuq kollox il-qafas legali għall-mediċini għat-tfal kif ukoll il-mediċini għall-mard rari. B'mod partikolari, il-ħtieġa kbira mhux issodisfata ta' terapiji adatti fil-qasam tal-kanċer fit-tfal għandha tingħata prijorità fl-istrateġiji futuri.

1.9. Il-KESE jemmen li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju farmaċewtiku u kwalunkwe inizjattiva futura fil-livell tal-UE għandhom ikunu mmirati primarjament lejn il-prinċipju tat-trasparenza sabiex jiġi ġġenerat valur miżjud reali għall-ġid komuni. Minbarra l-ispejjeż min-naħa tal-manifattur, dan japplika wkoll għall-allokazzjoni ta' fondi pubbliċi għar-riċerka u l-iżvilupp, l-użu ta' inċentivi, eċċ.

1.10. Il-KESE jilqa' u jappoġġja inizjattivi mill-Istati Membri promossi mill-Kummissjoni Ewropea biex flimkien jakkwistaw mediċini innovattivi u li huma għaljin biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali.

1.11. Il-KESE jirrikonoxxi r-rwol pożittiv tal-mediċini ġeneriċi u l-bijoanalogi, fir-rigward tal-aċċess għal mediċini bi prezz raġonevoli, l-importanza tagħhom fil-finanzjament sostenibbli tas-sistemi tas-saħħa, u l-kontribut tagħhom għal suq farmaċewtiku Ewropew reżiljenti u b'indipendenza strateġika. Il-KESE jappoġġja miżuri li jwasslu għal disinn sostenibbli tas-suq għall-mediċini ġeneriċi u l-bijoanalogi, bħal, pereżempju, fil-kuntest tal-akkwist pubbliku permezz tal-applikazzjoni tal-kriterji MEAT (l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża) u offerti b'diversi rebbeha, u filwaqt li jitqiesu l-aspetti tal-protezzjoni ambjentali u soċjali.

1.12. Il-KESE jħeġġeġ approċċ ta' kawtela fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet aċċellerati bbażati fuq nuqqas ta' evidenza u użu akbar ta' data reali, u sakemm ma tkunx kwistjoni ta' kriżi tas-saħħa transkonfinali. Irid jiġi evitat trasferiment tar-riskju għad-detriment tal-pazjent mill-fażi ta' qabel l-awtorizzazzjoni sal-fażi ta' wara t-tqegħid fis-suq. Għalhekk, id-data u r-riżultati tal-istudju għandhom jiġu ppubblikati b'mod konsistenti sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effiċjenti wara l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Skont ir-rapport “Health at a Glance: Europe 2020” [Ħarsa ħafifa lejn is-Saħħa: L-Ewropa 2020 (Mhux disponibbli bil-Malti)]⁽²⁾, li ġie ppubblikat fit-18 ta' Novembru 2020, l-infiq fuq is-saħħa fis-27 Stat Membru kollha tal-Unjoni żdied b'medja annwali ta' 3,0 % bejn l-2013 u l-2019, u fl-2019 kien ta' 8,3 % tal-PDG. Anke jekk dan is-sehem żviluppa f'konformità mat-tkabbir ekonomiku fl-Istati Membri, hija mistennija żieda drastika matul il-pandemija attwali tal-COVID-19.

2.2. Kif diġà ġie enfasizzat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2016⁽³⁾ u r-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew dwar l-alternattivi għat-titjib tal-aċċess għall-mediċini⁽⁴⁾, il-prezzijiet farmaċewtiċi li qed jogħlew qed jagħmlu pressjoni dejjem akbar fuq is-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Il-bilanċ fis-sistema farmaċewtika kumplessa bejn l-approvazzjoni u l-miżuri biex tiġi promossa l-innovazzjoni għandu għalhekk jiġi rrestawrat fl-UE sabiex jiġi ggarantit aċċess ugwali għall-mediċini fl-Istati Membri kollha.

2.3. B'mod partikolari, il-prezzijiet li dejjem qed jogħlew għal terapiji ġodda approvati qed jheddu l-istabbiltà tal-baġit għall-mediċini u b'hekk anke l-aċċess tal-pazjenti għall-mediċini⁽⁵⁾. B'rabta ma dan il-KESE jqis bħala aspett kritiku ħafna l-formazzjoni qawwija ta' raggruppamenti (pereżempju fir-rigward tal-kanċer) madwar oqsma riċerkati sew li fil-biċċa l-kbira tagħhom jikkoinċidu mal-portafolli eżistenti tal-manifatturi. Għalhekk, fil-futur iridu jinstabu modi effettivi biex dan ir-raggruppament jiġi eliminat. It-terapiji għandhom ikunu affordabbli u konsegwentement aċċessibbli għall-pazjenti kollha fuq bażi uguali. Għal dak il-għan, jeħtieġ li r-riċerka u l-iżvilupp jiġu orjentati lejn oqsma bi ħtieġa medika reali mhux issodisfata, pereżempju fil-każ ta' mard rari jew tipi ta' kanċer fit-tfal.

2.4. Il-pjan direzzjonali rigward il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Propjetà Intellettuali⁽⁶⁾ diġà jenfasizza li l-Unjoni għandha qafas legali b'saħħtu għall-protezzjoni tal-propjetà intellettuali. Kwalunkwe bidla f'din is-sistema għandha għalhekk tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa sabiex ikunu jistgħu jsiru biss il-bidliet meħtieġa.

2.4.1. Għandhom jinħolqu inċentivi bi privattivi, ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari (SPCs) u esklużività tad-data, biex jippromovu riċerka f'oqsma ġodda. Fl-iżvilupp ulterjuri tal-istrateġija farmaċewtika, huwa importanti li d-direzzjoni tkun lejn valur soċjali miżjud. L-enfasi ċentrali għandha tkun fuq l-aċċess għal mediċini effettivi, siguri u affordabbli u d-disponibbiltà tagħhom għall-benefiċċju tal-pazjenti kollha, skont id-dritt għal kura tas-saħħa adegwata kif stabbilit fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁽⁷⁾. Dan ma japplikax biss għall-provvista ta' mediċini ġodda innovattivi, protetti mill-privattivi, iżda japplika wkoll bl-istess mod għall-aċċess għal mediċini ġeneriċi u l-bijoanalogi. Għalhekk, suq intern li jiffunzjona u ġust għandu rwol ċentrali.

2.4.2. Il-KESE jappoġġja wkoll l-armonizzazzjoni tal-qafas legali għall-SPCs sabiex il-proċedura tal-għoti ssir aktar koerenti u tiġi eliminata l-frammentazzjoni tal-applikazzjoni fl-Istati Membri. Fid-dawl tal-effetti soċjali tal-SPCs, għandu jiġi żgurat li l-awtorità li għandha tiġi stabbilita ċentralment f'dan il-kuntest tkun subordinata għall-istituzzjonijiet tal-UE.

2.4.3. Il-KESE huwa mħasseb ħafna dwar il-possibbiltà li jiġu estenzi d-drittijiet esklużivi u li jissaħħu aktar id-drittijiet tal-propjetà intellettuali fir-rigward tas-suq farmaċewtiku. Sabiex il-pazjenti jkunu jistgħu jkomplu jkollhom aċċess għal terapiji bi prezz raġonevoli, l-iżvilupp u t-tnedija fis-suq ta' mediċini ġeneriċi u bijoanalogi ma għandhom fl-ebda ċirkostanza jxekklu l-kompetizzjoni tal-prezzijiet. Għalhekk huwa importanti li tiġi evitata protezzjoni f'diversi livelli ta' prodott fl-Istati Membri differenti jew permezz ta' diversi privattivi (“partizzjoni tal-privattivi (patent slicing)”), speċjalment peress li ma hemm l-ebda evidenza li turi li protezzjoni aktar b'saħħitha tal-propjetà intellettuali tippromovi l-innovazzjoni u l-produttività⁽⁸⁾.

⁽²⁾ https://ec.europa.eu/health/state/glance_mt

⁽³⁾ ĠU C 269, 16.7.2016, p. 31

⁽⁴⁾ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-8-2017-0040_MT.pdf

⁽⁵⁾ <https://www.oecd.org/health/health-systems/Addressing-Challenges-in-Access-to-Oncology-Medicines-Analytical-Report.pdf>

⁽⁶⁾ <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12510-Intellectual-Property-Action-Plan>

⁽⁷⁾ https://ec.europa.eu/info/publications/european-pillar-social-rights-booklet_en

⁽⁸⁾ <https://pubs.acaweb.org/doi/pdf/10.1257/jep.27.1.3>

2.4.4. B'mod partikolari fil-kuntest tad-diskussjoni politika attwali dwar ir-rilokazzjoni ta' siti ta' produzzjoni lura lejn l-Ewropa biex tiġi żgurata l-provvista, għandha tiġi analizzata bir-reqqa l-bidla fil-qafas legali dwar il-proprjetà intellettuali. Skont il-valutazzjoni tal-impatt tal-hekk imsejħa Direttiva dwar il-Mediċini Ffalsifikati 2011/62/UE⁽⁹⁾, il-maġġoranza l-kbira tal-ingredjenti attivi għall-mediċini ġeneriċi jiġu prodotti fl-Indja u ċ-Ċina, filwaqt li fil-biċċa l-kbira tagħhom, l-ingredjenti attivi ta' mediċini ġodda u protetti bil-privattivi jiġu prodotti fl-Ewropa. Għaldaqstant, biex tiġi rilokata b'mod partikolari l-produzzjoni tal-mediċini ġeneriċi, għandhom jintużaw inċentivi u mekkaniżmi oħra għajr it-tisħiħ ulterjuri tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Miżuri alternattivi jistgħu jkunu, pereżempju, ftehimiet għall-ħruġ ta' liċenzja, garanziji ta' xiri jew l-hekk imsejħa aggregazzjonijiet ta' privattivi għall-mediċini⁽¹⁰⁾. Fl-istess ħin mar-rilokazzjoni, għandhom jinstabu wkoll modi biex jiddiversifikaw il-produzzjoni kemm fl-Ewropa kif ukoll barra minnha sabiex jissaħħu u jiġi żgurati l-ktajjen tal-provvista.

2.5. Fil-qasam ta' mediċini orfni (OMPs), il-KESE jilqa' l-fatt li l-għadd ta' OMPs awtorizzati żdied b'mod kostanti bħala riżultat tal-inċentivi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 141/2000⁽¹¹⁾, li tejjeb b'mod sinifikanti l-aċċess ugwali għall-pazjenti u għalhekk għandhom jintlaqgħu b'mod pożittiv. Madankollu, l-aċċess qed jiġi mxejkel dejjem aktar minħabba l-prezzijiet għoljin li qed jintalbu min-naħa tal-manifatturi⁽¹²⁾. Għalhekk, il-KESE jenfasizza li l-istatus ta' OMP ma għandux jiġi sfruttat għal prezzijiet u profitti sproporzjonati, u jappoġġja għalhekk ir-reviżjoni ta' dan il-qafas legali li bdiet mill-valutazzjoni tal-impatt⁽¹³⁾ ippubblikata f'Novembru 2020. Għandu jitqies li ssir evalwazzjoni awtomatika regolari mill-ġdid tal-kriterji kif ukoll li jsir aġġustament fid-durata tal-esklużività tas-suq taħt ċerti kundizzjonijiet, li għad iridu jiġu ddefiniti. Il-KESE jappoġġja wkoll reviżjoni possibbli tal-kriterji, b'mod partikolari l-prevalenza (b'kunsiderazzjoni tal-indikazzjonijiet kollha approvati), fir-rigward tad-denominazzjoni ta' OMP.

2.6. Il-KESE jappoġġja b'mod partikolari t-talba tal-Kummissjoni Ewropea u ta' bosta membri tal-Parlament Ewropew biex ikun hemm trasparenza akbar fis-settur farmaċewtiku kollu, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp. Peress li fil-maġġoranza tal-każijiet, ma jeżistux regolamenti fundamentali dwar it-trasparenza fl-ispejjeż fl-iżvilupp tal-mediċini, l-awtoritajiet tal-ipprezzar u r-rimborż responsabbli ma jistgħux jivverifikaw l-ipprezzar ta' mediċini ġodda, u b'hekk l-adeguatezza tal-prezzijiet mitluba abbażi tal-argument ta' nfiq għoli fil-qasam tar-riċerka.

2.6.1. Il-KESE jemmen li d-Direttiva dwar it-Trasparenza 89/105/KEE⁽¹⁴⁾ tista' tkun strument importanti f'dan il-kuntest. L-Artikolu 6 tad-Direttiva jistipula li l-Istati Membri li jżommu lista pożittiva għandhom jipubblikaw lista sħiħa tal-prodotti koperti mill-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa tagħhom, kif ukoll il-prezzijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, u jibagħtuhom lill-Kummissjoni. Madankollu, il-prezzijiet attwalment imħallsa huma protetti minn ftehim ta' xiri kunfidenzjali, li jagħmel l-iskambji bejn l-awtoritajiet nazzjonali ferm aktar diffiċli. Il-bażi tad-data tal-EURIPID⁽¹⁵⁾ tista' sservi bħala punt tat-tluq f'dan il-kuntest, dment li l-Istati Membri kollha jkunu marbutin li jissottomettu l-informazzjoni dwar il-prezz tagħhom.

2.6.2. Fil-fehma tal-KESE, żieda sinifikanti fit-trasparenza fir-rigward tal-provvista farmaċewtika globali u l-ktajjen tal-produzzjoni hija wkoll ta' importanza ċentrali sabiex jiġi miġġielda l-ostakli possibbli fil-provvista u tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa. Minbarra l-istabbiliment ta' sistema ta' rapportar ikkoordinata, kif diġà ġie previst b'rabta mal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, bil-parteċipazzjoni obligatorja simultanja tal-atturi rilevanti kollha, l-istabbiliment ta' ħażna strateġika ta' mediċini li d-WHO ddikjarat bħala essenzjali huwa ta' importanza kruċjali.

⁽⁹⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32011L0062&qid=1615191543085> (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 74).

⁽¹⁰⁾ <https://www.who.int/bulletin/volumes/97/8/18-229179/en/>.

⁽¹¹⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02000R0141-20190726&qid=1598193643269&from=MT> (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

⁽¹²⁾ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/files/paediatrics/docs/orphan-regulation_study_final-report_en.pdf.

⁽¹³⁾ <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12767-Revision-of-the-EU-legislation-on-medicines-for-children-and-rare-diseases>.

⁽¹⁴⁾ ĠU L 40, 12.2.1989, p. 8.

⁽¹⁵⁾ L-EURIPID hija bażi tad-data volontarja tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-kwistjonijiet tal-ipprezzar u r-rimborż. Din tinkludi l-lista uffiċjali tal-prezzijiet tal-prodotti mediċinali li jintużaw l-aktar barra l-isptar, abbażi tad-Direttiva dwar it-Trasparenza 89/105/KEE; <https://euripid.eu/about/>.

2.6.3. Fl-isfond tal-pandemija attwali tal-COVID-19, il-KESE jappoġġja t-talba ta' bosta membri tal-Parlament Ewropew u partijiet ikkonċernati rilevanti biex ikun hemm aktar trasparenza fir-rigward tal-ftehimiet ta' xiri ma' manifatturi farmaċewtiċi għall-vaċċini tal-COVID-19. It-trasparenza hija essenzjali għall-fiduċja u l-aċċettazzjoni ta' ċittadini tal-UE fl-immunizzazzjoni kontra l-virus. Dan ma għandux japplika biss għall-kuntratti attwali tal-vaċċin, iżda għandu jservi wkoll bħala qafas għid ta' trasparenza għal kwalunkwe akkwist konġunt futur.

2.7. Fir-rigward ta' miżuri għall-akkwist konġunt ta' prodotti farmaċewtiċi ġodda approvati u li għandhom prezz għoli, dawn għandhom jiġu msaħħa b'mod espliċitu u promossi fil-livell Ewropew. Minbarra żieda fis-sigurtà tal-provvista fl-Ewropa, il-pożizzjoni tan-negozjati mal-manifatturi farmaċewtiċi tista' tissaħħaħ ukoll u jista' jinkiseb tnaqqis ċar fl-ispejjeż permezz ta' volum akbar ta' xiri.

2.8. Fir-rigward tal-promozzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam farmaċewtiku, il-KESE jappoġġja l-kritika ta' bosta atturi u partijiet ikkonċernati rigward in-nuqqas ta' trasparenza, l-involvement insuffiċjenti tal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u n-nuqqas ta' aċċess pubbliku għar-riżultati tar-riċerka.

2.8.1. Il-KESE jitlob għalhekk li l-fondi kollha għar-riċerka mill-fondi pubbliċi kif ukoll l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp isiru pubbliċi fil-ġejjieni, sabiex dan ikun jista' jitqies fi kwistjonijiet ta' pprezzar nazzjonali u jkun jista' jiġi garantit redditu pubbliku reali fuq l-investment pubbliku. F'dan ir-rigward għandu jitqies li ssir evalwazzjoni regolari tal-finanzjament tar-riċerka u li jintbagħat rapport lill-Parlament Ewropew. Speċjalment f'oqsma sensittivi tal-kura tas-saħħa, il-fatt li l-finanzjament tar-riċerka jiffoka biss fuq l-interessi industrijali huwa ta' żvantaġġ. Fil-ġejjieni, l-atturi rilevanti kollha għandhom għalhekk ikunu involuti b'mod sinifikanti fl-aġendi tar-riċerka tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu allinjati mal-ħtiġijiet mediċi u tas-soċjetà attwali.

2.8.2. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li tiġi stabbilita definizzjoni komuni u madwar l-UE ta' ħtieġa medika mhux issodisfata sabiex l-attivitajiet farmaċewtiċi tar-riċerka u l-iżvilupp jiġu diretti b'mod effiċjenti lejn oqsma fejn ma teżisti l-ebda terapija adegwata jew effettiva. Dawn il-kriterji għandhom ikunu bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-pazjenti u s-saħħa pubblika.

2.9. Fl-istess ħin, fil-kuntest tar-riċerka u l-iżvilupp mediku u l-istudji kliniċi, il-KESE jappella għal miżuri fil-livell tal-UE biex jitqiesu aktar id-differenzi bejn il-ġeneri u l-effetti differenti tal-mediċini fil-prattika medika ta' kuljum, abbażi ta' indikaturi rilevanti. Jappella wkoll għal aktar trasparenza u għalhekk sensibilizzazzjoni akbar tal-partijiet ikkonċernati kollha f'dan ir-rigward.

2.10. Fl-opinjoni tal-KESE, il-fatt li fl-istrategġija farmaċewtika saret enfasi espliċita fuq ir-riskju dejjem akbar ta' reżistenza għall-antimikrobiċi huwa punt pożittiv. Minbarra miżuri effiċjenti biex jitnaqqas l-użu tal-antibijotiċi, l-enfasi għandha tkun fuq mudelli alternattivi ta' inċentivi tul iċ-ċiklu tar-riċerka u l-iżvilupp u fuq mudelli ġodda ta' pprezzar. Dan jista' jinkludi inċentivi ppruvati u ttestjati, pereżempju djalogo bikri mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), filwaqt li tista' tintuża r-rinunza tal-miżati tar-reġistrazzjoni. Fil-futur, se jkun importanti li l-profitt tal-manifattur jiġi diżakkopjat mill-volum tal-bejgħ. Madankollu, fl-istess ħin mal-promozzjoni ta' antibijotiċi ġodda, għandhom jittieħdu miżuri ġodda bħal pereżempju garanzji ta' aċċettazzjoni, biex jippermettu lill-manifatturi aktar prevedibbiltà.

2.11. Fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' approvazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq, il-KESE jilqa' b'mod ġenerali d-disponibbiltà rapida ta' mediċini innovattivi, speċjalment f'oqsma b'livell għoli ta' ħtieġa medika reali mhux issodisfata. Madankollu, approvazzjonijiet aktar mgħaġġla ma jiżgurawx b'mod awtomatiku provvista aħjar tal-mediċini. L-għan primarju tal-politika farmaċewtika Ewropea għandu għalhekk ikun aċċess uguali għal prodotti farmaċewtiċi siguri, bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għolja għall-pazjenti kollha.

2.11.1. Fl-isfond tal-possibbiltajiet teknoloġiċi li qed jiżviluppaw b'rata mgħaġġla u d-domanda assoċjata għal tfassil ta' studji flessibbli, il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li l-provi aleatorji kkontrollati li jkollhom (idealment) komparaturi u punti tat-tmiem rilevanti għandhom ikomplu jkunu l-aktar standard prestiġġjuż għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq. Eċċezzjonijiet għandhom isiru biss f'każijiet individwali u b'ġustifikazzjoni adatta. Jekk il-ġenerazzjoni

tad-data tiġi rilokata għall-fażi ta' wara l-approvazzjoni tas-suq, għandu jiġi żgurat li l-ispejjeż assoċjati ma jiġux ittrasferiti mill-kumpaniji farmaċewtiċi għas-settur pubbliku, u li s-sikurezza tal-pazjenti ma tkunx ipperikolata minn approvazzjonijiet prematuri. Il-fatt li ma hemmx biżżejjed data disponibbli u li għalhekk trid tiġi ġġenerata aktar data għandu jiġi kkunsidrat fl-iffissar tal-prezzijiet.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE Pjan ta’ azzjoni għall-proprjetà intellettuali b’appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE”

[COM(2020) 760 final]

(2021/C 286/11)

Relatur: **Rudolf KOLBE**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 14.1.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	241/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-pjan ta’ azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-proprjetà intellettuali bħala approċċ tajjeb ħafna u olistiku għall-immodernizzar tas-sistema tal-proprjetà intellettuali tal-UE.

1.2 Il-KESE jemmen bis-sħiħ li t-tnedija tas-Sistema tal-Privattiva Unitarja jeħtieġ li tkun prijorità ewlenija u se ssaħħaħ b’mod konsiderevoli l-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE. Minħabba d-diffikultajiet evidenti fl-implimentazzjoni tas-sistema, il-KESE huwa konvint li t-trasferiment tas-Sistema tal-Privattiva Unitarja għas-sistema leġiżlattiva tal-UE jeħtieġ li jsir l-għan (fit-tul).

1.3 Il-KESE jenfasizza l-importanza ta’ miżuri ta’ appoġġ għall-SMEs fl-oqsma kollha tal-protezzjoni tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettuali. Minbarra l-miżuri ta’ appoġġ finanzjarju, għandu jkun hemm enfasi speċjali fuq iż-żieda tal-għarfien espert dwar id-drittijiet ta’ proprjetà intellettuali u dwar is-servizzi ta’ konsulenza u pariri mfassla apposta.

1.4 Il-KESE jixtieq iniedi diskussjoni dwar kif jista’ jissaħħaħ l-għarfien tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettuali u l-ġestjoni tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettuali fil-livelli kollha tas-sistemi edukattivi tal-UE.

1.5 Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea timplimenta titolu unitarju ta’ ċertifikat supplimentari ta’ protezzjoni u teżamina l-possibbiltà li tiġi applikata s-sistema ta’ ċertifikat supplimentari ta’ protezzjoni għal setturi ġodda.

1.6 Il-KESE jemmen li l-armonizzazzjoni tal-qafas tad-drittijiet tal-awtur u l-ġestjoni tad-data dwar id-drittijiet tal-awtur tagħti spinta lill-użu tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettuali fis-settur kreattiv.

1.7 Il-KESE jappella għal proċess ta’ dialogu soċjali li, minbarra r-regoli legali, jiċċara u jiddefinixxi d-drittijiet ta’ proprjetà intellettuali ġusti permezz ta’ negozjar kollettiv sabiex joffri inċentivi lill-awturi u lill-produtturi bħala forma ta’ rikonoxximent tal-kreazzjonijiet tagħhom kif ukoll kumpens ekonomiku ġust.

1.8 Il-KESE jqis li l-indikazzjonijiet ġeografiċi huma għodda importanti għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-produtturi lokali, u jenfasizza l-potenzjal li tiżdied sistema armonizzata għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ta’ prodotti mhux agrikoli.

1.9 Il-KESE jirrikonoxxi l-potenzjal ekonomiku u l-interess pubbliku li jithegġegħ il-fluss tad-data madwar l-UE, iżda jenfasizza l-problemi li jirriżultaw minn regolamenti żbilanċjati.

1.10 Il-KESE jilqa' l-miżuri kollha biex tiġi infurzata l-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, u t-tisħiħ tar-rwol tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi fil-ġlieda kontra l-kontraffazzjoni.

1.11 Il-KESE jirrakkomanda li jissaħħu aktar l-għodod ta' appoġġ dirett għan-negozji tal-UE li joperaw f'pajjiżi mhux tal-UE u l-infurzar rigoruż tal-liġijiet dwar il-proprjetà intellettuali u d-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE sabiex dawn in-negozji jiġu mħarsa kontra l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali.

1.12 Il-kriżi tas-saħħa ta' bħalissa uriet biċ-ċar il-ħtieġa għal aċċess għal proprjetà intellettuali sistemikament rilevanti f'sitwazzjonijiet kritiċi. Id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali ma għandhomx ifixxlu l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà ta' vaċċini jew trattamenti kontra l-pandemija: sistemi effettivi ta' liċenzjar obbligatorju jipprovdu xibka ta' sikurezza għas-soċjetà f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u kumpens ġust għan-negozji.

2. Kummenti ġenerali

2.1 Il-KESE jilqa' l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-proprjetà intellettuali bħala approċċ importanti għall-immodernizzar tas-sistema tal-proprjetà intellettuali tal-UE u għat-tisħiħ tal-potenzjal enormi ta' innovazzjoni tal-kumpaniji tal-UE, speċjalment l-SMEs u l-mikrointrapriżi. Peress li qed tkompli tiżdied fl-UE l-importanza ekonomika kbira tal-prodotti ta' proprjetà intellettuali bħall-invenzjonijiet, il-kreazzjonijiet artistiċi u kulturali, il-marki, is-software, l-għarfien espert, il-proċessi tan-negozju u d-data, il-KESE jqis li qafas legali u politiku ottimizzat u aċċessibbli huwa essenzjali.

2.2 Ħafna kumpaniji, speċjalment l-SMEs, li jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha fl-UE, ma jagħmlux użu (sħiħ) mill-opportunitajiet ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettuali. It-tisħiħ tal-użu tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali fil-kumpaniji tal-UE – b'enfasi speċjali fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi – jeħtieġ li jkun l-aspett ewlieni tal-pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettuali. Il-miżuri meħtieġa huma diversi, li jvarjaw mill-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż, jiġu ssemplifikati l-proċeduri, jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-għarfien, jingħataw pariri u appoġġ mfassla apposta u tiġi mmodernizzata s-sistema edukattiva fir-rigward tal-għarfien dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali.

2.3 Il-proprjetà intellettuali hija fattur ekonomiku ewlieni – l-industriji relatati mal-proprjetà intellettuali jammontaw għal kważi 45 % tal-PDG tal-Ewropa u għal 30 % tal-impjiegi – iżda wkoll fattur ewlieni sabiex jiġu indirizzati l-aktar sfidi importanti li qed tiffaċċja s-soċjetà tagħna. Il-kriżi tal-COVID-19 uriet b'mod ċar ħafna d-dipendenza tal-UE mill-eċċellenza professjonali, flimkien ma' regoli u għodod effettivi tal-proprjetà intellettuali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tal-proprjetà intellettuali kritika. Is-suċċess fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima se jiddependi wkoll bil-bosta mill-iżvilupp rapidu u l-adozzjoni ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati u għodod effettivi għal approċċi ġusti għall-iskambju ta' assi intanġibbli u data kritiċi.

2.4 Ir-rivoluzzjoni teknoloġika hija forza li tixpruna d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali iżda hija wkoll sfida li teħtieġ approċċ ibbilanċjat sew għall-għodod immexxija mill-innovazzjoni. Id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali jqajmu ħafna kwistjonijiet relatati mal-proprjetà intellettuali li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati, bħat-trasparenza, l-orijini tad-data u d-drittijiet tal-awtur, il-livell ta' intervent uman, il-prinċipji etiċi, eċċ. Il-KESE jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni Ewropea li s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali m'għandhomx jiġu ttrattati bħala awturi jew inventuri. B'mod ġenerali, il-KESE jemmen li – b'emendi u aġġornamenti bbilanċjati sew – il-qafas Ewropew tal-intelliġenza artifiċjali huwa adatt biex jindirizza l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni u tal-intelliġenza artifiċjali. Peress li l-UE għadha lura b'mod sinifikanti meta mqabbla ma' reġjuni oħra f'termini tal-għadd ta' privattivi għal prodotti u teknoloġiji diġitali, jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lil miżuri li jtejbju dan is-suq importanti.

3. Kummenti speċifiċi

3.1 Il-Protezzjoni tal-Proprietà Intellettuali

3.1.1 Is-Sistema tal-Privattiva Unitarja, bħala punt uniku ta' servizz għan-negozji, hija kruċjali biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-ispejjeż tal-privattivi, jiġi ffaċilitat il-liċenzjar, titjeb it-trasparenza u jingħelbu l-ostakli għall-aċċessibbiltà għall-SMEs. It-tnedija tas-Sistema tal-Privattiva Unitarja u l-funzjonament tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi se jtejbju b'mod konsiderevoli l-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali u jridu jkun ta' prijorità għall-Pjan ta' Azzjoni. L-iffaċilitar tal-proċeduri se jħaffef ukoll il-proċess globali u b'hekk tiżdied il-kompetittività tal-propjetarji tal-privattivi Ewropej. Il-ftehim dwar il-Qorti Unifikata tal-Privattivi jipprovdi bażi importanti għal sistema effiċjenti, speċjalizzata u teknikament kompetenti għal-litigazzjoni dwar il-privattivi li tkun tista' ttejjeb iċ-ċertezza legali, is-sempliċità u l-effiċjenza. Madankollu, kif juru d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni, l-għan għandu jkun li s-sistema tiġi trasferita fis-sistema leġislattiva tal-UE. Sadanittant, jeħtieġ li jiġi indirizzat b'mod urġenti d-dewmien ulterjuri kkawżat mill-proċedimenti fl-Istati Membri u/jew il-ħruġ tar-Renju Unit mill-ftehim. Il-fatt li s-sehem tal-UE tal-privattivi globali naqas b'mod drammatiku minn 17,4 % fl-2009 għal 11,3 % fl-2019 juri wkoll b'mod ċar li jeħtieġ li tittieħed aktar azzjoni.

3.1.2 Ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni jista' jestendi l-protezzjoni mogħtija minn privattiva għal prodott mediċinali jew prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li għalih tapplika l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq korrispondenti. Għalhekk, huwa għodda importanti biex jiġi kkompensat it-telf ta' protezzjoni effettiva tal-privattivi minħabba t-tul meħtieġ tat-testijiet, il-provi kliniċi/fuq il-post u l-proċessi regolatorji. Il-KESE jqis li l-ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni huma essenzjali għall-promozzjoni effiċjenti tal-innovazzjoni f'sustanzi attivi ġodda u biex jiġu attirati ċentri tar-riċerka u l-iżvilupp fl-UE, filwaqt li eżenzjonijiet ibbilanċjati mid-drittijiet ta' ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni għandhom jiżguraw l-affordabbiltà u l-provvisti suffiċjenti tal-mediċini. Għalkemm is-sistema ta' ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni hija sistema sempliċi u li tistimula l-innovazzjoni, din għadha frammentata u teħtieġ il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE li għalihom qed tintalab il-protezzjoni taċ-ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni. L-istabbiliment, permezz ta' regolament separat ġdid tal-UE, ta' titolu unitarju ta' ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni u awtorità unika bħala punt uniku ta' servizz għall-għoti ta' privattiva unitarja/ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni jagħmel iċ-ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni aktar attraenti għall-propjetarji tal-privattivi, joffri protezzjoni aħjar għall-innovaturi u johlq ċertezza legali għal partijiet terzi. Il-KESE jappoġġja wkoll l-approċċ li tiġi eżaminata l-applikabbiltà ta' sistema ta' ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni ottimizzata għal setturi ġodda li l-prodotti tagħhom x'aktarx li jeħtieġu awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

3.1.3 Abbażi tal-esperjenza tar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trademarks, il-KESE huwa konvint li l-aġġornament tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinn se jiġi implimentat b'suċċess. L-esperjenza pożittiva tar-regolamentazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet permezz tal-leġiżlazzjoni tal-UE għandha sservi bħala motivazzjoni għall-Kummissjoni biex tniedi proposta għal regolament ġdid separat dwar il-privattivi unitarji u ċ-ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni u, fuq medda twila ta' żmien, biex tinkorpora s-sistema ta' privattiva unitarja fis-sistema legali tal-UE.

3.1.4 Il-KESE josserva li l-indikazzjonijiet ġeografiċi huma riżorsa unika u prezzjuża għall-produtturi tal-Unjoni Ewropea f'suq dinji dejjem aktar liberalizzat u kompetittiv. Is-sistema ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE għandha valur ekonomiku kbir fis-settur agrikolu. B'mod ġenerali, is-sistema taħdem tajjeb ħafna, iżda l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għad trid tiġi infurzata, permezz ta' sistema ta' kontroll armonizzata tal-awtoritajiet u definizzjoni komuni ta' frodi alimentari, pereżempju. Il-ftehimiet kummerċjali għandhom jiffukaw ukoll fuq tali miżuri speċifiċi ta' protezzjoni. Il-KESE jenfasizza l-potenzjal li tiżied sistema armonizzata għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti mhux agrikoli, li huma parti importanti mill-identità lokali. Dan jgħin lill-produtturi lokali jippreżentaw il-prodotti ta' kwalità tagħhom b'aktar suċċess, u jkollu impatt pożittiv addizzjonali fuq ir-reġjuni inqas żviluppati. Barra minn hekk, is-semplifikazzjoni tal-proċedura ta' reġistrazzjoni tkun ta' benefiċċju għall-produtturi.

3.1.5 Is-sistema tad-Dritt ta' Varjetajiet ta' Pjanti fil-Komunità hija eżempju pożittiv ieħor ta' approċċ armonizzat għall-protezzjoni tal-proprietà intellettuali bbażat fuq Regolament tal-UE. Hija tista' tipprovdi wkoll bażi sikura għan-nissela ta' skala żgħira u ta' daqs medju u tinkludi eċċezzjonijiet importanti għall-agrikoltura u għan-nissela. F'termini tal-għanijiet iddikjarati tagħha, is-sistema tiffirma bażi tajba li fuqha n-nissela jistgħu jikkontribwixxu b'mod effiċjenti għall-miri tat-tranżizzjoni ekoloġika.

3.1.6 Il-KESE jenfasizza li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, tad-disinn u d-drittijiet relatati hija essenzjali għall-professjonijiet kulturali u kreattivi, li jiġġeneraw ġid ekonomiku sinifikanti u jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-identità, il-kultura u l-valuri Ewropej – bħal xogħlijiet arkitettoniċi u xogħlijiet kulturali oħra – iżda spiss ma jkollhomx biżżejjed għarfien espert jew mezzi finanzjarji biex jipproteġu l-proprietà intellettuali u jittrasformaw l-innovazzjonijiet fi prodotti. L-armonizzazzjoni tal-qafas tad-drittijiet tal-awtur u l-ġestjoni tad-data dwar id-drittijiet tal-awtur hija importanti u jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn miżuri ta' appoġġ addizzjonali.

3.1.7 L-impjegati li jwettqu xogħol kreattiv, u joħlqu invenzjonijiet b'mod partikolari, huma detenturi possibbli ta' drittijiet. Huwa kruċjali li jiġi stabbilit proċess ta' dialoġu soċjali fil-livell Ewropew, nazzjonali, settorjali jew tal-kumpanji li, minbarra r-regoli legali, jiċċara u jiddefinixxi d-drittijiet ta' proprietà intellettuali ġusti permezz ta' negozjar kollettiv sabiex joffri lill-awturi u lill-produtturi iċċentivi fil-forma ta' rikonoxximent tal-kreazzjonijiet tagħhom kif ukoll kumpens ekonomiku ġust. Il-ftehimiet dwar iċ-ċessjoni tad-drittijiet tal-awtur ma għandhomx jitqiesu bħala obbligu li jiġu ttrasferiti l-proprietà intellettuali kollha lil min iħaddem mingħajr kumpens adatt.

3.1.8 Id-Direttiva dwar il-Bijoteknoloġija toffri qafas importanti għall-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi. Hija tittratta suġġetti politikament u etikament sensitivi u għalhekk hija r-riżultat ta' bbilanċjar bir-reqqa ta' interessi kontroversjali ħafna. Madankollu, l-iżvilupp rapidu tal-bijoteknoloġija huwa meħtieġ ukoll fl-oqsma tas-saħħa u l-ġlieda kontra l-epidemiji ewlenin u l-ġlieda kontra l-ġuħ fid-dinja. Għalhekk huwa importanti li r-riċerka u l-innovazzjoni jiġu promossi bil-bosta f'dawn l-oqsma, iżda wkoll li jinxtardu u jiġu liċenzjati b'mod effiċjenti.

3.1.9 Is-sigriet tal-mestier huma assi intanġibbli li jikkomplementaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Dawn jintużaw ħafna fil-proċess kreattiv li jwassal għall-innovazzjoni u l-ħolqien ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali, u għalhekk huwa ferm importanti li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tagħhom. Għalhekk, il-KESE jqis li huwa objettiv importanti li tiġi ċċarata l-bażi stabbilita fid-Direttiva (UE) 2016/943 ⁽¹⁾.

3.2 L-użu u l-implimentazzjoni tal-proprjetà intellettuali – b'enfasi speċjali fuq l-SMEs

3.2.1 Il-KESE jqis li ż-żieda fl-użu tal-potenzjal tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali mill-SMEs hija waħda mill-obiettivi ewlenin tal-pjan ta' azzjoni, li taffettwa s-sistemi differenti kollha tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali. Għalkemm hemm potenzjal kbir għall-innovazzjoni fl-SMEs u l-mikrointrapriżi tal-UE, il-maġġoranza l-kbira fosthom ma jistgħux iżidu l-valur tal-assi intanġibbli tagħhom.

3.2.2 Il-fattur tal-ispejjeż huwa raġuni waħda għaliex 9 % biss tal-SMEs tal-UE rreġistraw drittijiet ta' proprjetà intellettuali. L-ispejjeż biex tinkiseb privattiva fl-UE bħalissa huma ferm ogħla milli fl-Istati Uniti jew fil-Ġappun, pereżempju, u jirrappreżentaw piż finanzjarju enormi għall-SMEs u l-mikrointrapriżi. Għalhekk, sabiex jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali, jeħtieġ li jitnaqqsu l-ispejjeż. L-implimentazzjoni rapida tas-Sistema tal-Privattiva Unitarja, li se tnaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż tar-reġistrazzjoni tal-privattivi, se tagħmel differenza deċiżiva għall-SMEs u l-mikrointrapriżi innovattivi bħall-kumpaniji tal-inġinerija professjonali liberi. Il-KESE jenfasizza wkoll l-importanza tal-approċċi differenti kollha għall-appoġġ finanzjarju u ta' għarfien espert għall-SMEs, il-vawċers tal-proprjetà intellettuali tal-EUIPO, l-approċċ li l-SMEs jiġu megħjuna biex jibbenefikaw mill-proprjetà intellettuali tagħhom sabiex jiksbu aċċess għall-finanzjament u l-programm IPA4SME, li jipprovdi sa EUR 15 000 biex jikkofinanzja d-dijanostika u l-miżuri ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettuali, eċċ. Huwa josserva wkoll ir-rwol importanti tal-avukati fil-qasam tal-privattivi f'din is-sistema ta' apoġġ.

3.2.3 Il-KESE jemmen li problema kbira hija n-nuqqas enormi ta' għarfien tal-istrateġiji tal-ġestjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali fil-kumpaniji tal-UE, speċjalment, iżda mhux biss, fl-SMEs u fil-mikrointrapriżi. L-għoti ta' informazzjoni – kemm ġenerali kif ukoll mfassla apposta – apoġġ u pariri li jkunu aċċessibbli faċilment għall-SMEs u l-mikrointrapriżi, kif ipprovdut permezz ta' varjetà ta' programmi u inizjattivi bħall-Helpdesk Ewropew għad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali u permezz ta' mezzi u networks differenti, huwa għalhekk ta' importanza kbira fl-indirizzar ta' din l-isfida u għandu jiġi estiż aktar. L-għarfien dwar il-potenzjal tal-drittijiet ta' proprejtà intellettuali għall-imprendituri jeħtieġ li jiżdied u jiġi kkombinat ma' diversi programmi ta' taħriġ b'ostakli baxxi. Il-KESE jissuġġerixxi li jiġu eżaminati modi kif jiżdied l-għadd ta' manigġers kwalifikati fil-qasam tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali fil-kumpaniji tal-UE.

3.2.4 Il-KESE jixtieq ukoll iniedi diskussjoni dwar kif jista' jissaħħaħ l-għarfien dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u l-ġestjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali fis-sistema edukattiva tal-UE: għarfien bażiku u sensibilizzazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali għandhom jiġu inkorporati fl-edukazzjoni sekondarja u għolja, b'għarfien profund tal-istudji dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali li jvarjaw minn studji tan-negozju u tekniċi għal ħafna oħrajn inklużi fil-kurrikuli. Il-ġestjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali għandha tiġi offruta wkoll bħala suġġett awtonomu fl-edukazzjoni għolja. Il-KESE huwa konvint li t-tisħiħ tal-għarfien espert disponibbli jista' jżid l-użu tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali.

3.2.5 L-importanza li r-riżultati tar-riċerka jinbidlu f'innovazzjoni hija evidenti, u l-KESE għalhekk jilqa' kwalunkwe attività li tippromovi t-trasferiment tal-għarfien u ġestjoni aħjar tal-proprjetà intellettuali fil-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-SMEs u l-mikrointrapriżi ħafna drabi huma imsieħba żgħar f'konsorzju ta' proġetti u f'dan ir-rwol jeħtieġu apoġġ aħjar biex id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali jissarrfu fi prodotti u biex jipproteġu d-drittijiet tagħhom fi ħdan konsorzji bħal dawn. Dan għandu jkun punt fokali partikolari ta' programmi ta' apoġġ li jipprovdu pariri u apoġġ imfassla apposta.

3.3 Aċċess għal assi protetti mill-proprjetà intellettuali, u l-kondiviżjoni tagħhom

3.3.1 Il-kriżi tas-saħħa ta' bħalissa uriet biċ-ċar il-ħtieġa għal aċċess għal proprjetà intellettuali sistemikament rilevanti f'sitwazzjonijiet kritiċi. Id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali m'għandhomx ifixklu l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà ta' vaċċini jew trattamenti pandemiċi. L-impatt tar-riċerka mwettqa bil-fondi pubbliċi Ewropej għandu jiġi massimizzat billi jiġi żgurat li jiġu kondiviżi l-għarfien u l-proprjetà intellettuali li jirriżultaw. Min-naħa l-oħra, sistemi effettivi għall-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji huma xibka ta' sikurezza għas-soċjetà f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Il-proċeduri tagħhom jeħtieġ li jkunu bbażati fuq bilanċ bir-reqqa tal-interessi differenti kkonċernati, filwaqt li jiġi żgurat li dawn ikunu rapidi u kkoordinati fil-livell Ewropew sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa pubblika b'mod effettiv kemm jista' jkun. F'dan il-kuntest, il-KESE jixtieq jenfasizza wkoll l-importanza tar-Regolament (KE) Nru 816/2006 dwar il-liċenzjar obbligatorju ta' privattivi relatati mal-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi li għandhom problemi ta' saħħa pubblika ⁽²⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 9.6.2006, p. 1.

3.3.2 It-tisħiħ tat-trasparenza tas-sjeda u l-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali huwa prerekwiżit għall-iffaċilitar tal-liċenzjar u d-distribuzzjoni tal-proprjetà intellettuali. F'dan il-kontest, il-KESE jixtieq jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal implimentazzjoni rapida tas-Sistema tal-Privattiva Unitarja u l-importanza li tittejjeb l-infrastruttura tad-drittijiet tal-awtur f'termini ta' informazzjoni dwar id-detenturi tad-drittijiet, it-termini u l-kundizzjonijiet u l-għażliet ta' liċenzjar, kif ukoll fir-rigward tat-teknoloġija blockchain.

3.3.3 Peress li l-istandardizzazzjoni hija proċess b'ħafna interessi differenti tal-partijiet ikkonċernati, il-Privattivi Essenzjali għal Standard jeħtieġu livell partikolarment għoli ta' trasparenza u regoli ta' liċenzjar ġusti. Għalhekk, il-KESE jappoġġja approċċi għal sistema indipendenti ta' kontrolli tal-essenzjalità ta' partijiet terzi u miżuri biex jitnaqqsu l-ksur u l-punti ta' frizzjoni.

3.3.4 Il-KESE jirrikonoxxi l-potenzjal ekonomiku tat-trawwim tal-kondiviżjoni tad-data u l-fluss tad-data madwar l-UE fis-setturi kollha, iżda jenfasizza li l-iffaċilitar tal-fluss u l-użu mifrux tad-data jrid ikun ibbażat fuq approċċ ibbilanċjat li jiżgura l-privatezza, is-sigurtà, is-sikurezza, l-istandards etiċi u l-interessi leġittimi tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali. Dan jeħtieġ li jiġi żgurat fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-protezzjoni legali ta' databases fl-2021 ⁽³⁾.

3.4 Ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali

3.4.1 L-infurzar effettiv u r-rimedju ġudizzjarju huma l-kriterji ewlenin għal sistema ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettuali li tirnexxi u għalhekk jeħtieġ li jissaħħu b'mod sostanzjali. Il-KESE jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi se tagħti spinta enormi lill-infurzar tad-drittijiet ta' privattivi, u li l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali f'sistemi oħra tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (eż. l-assigurazzjoni) irid jissaħħa ukoll b'mod konsiderevoli permezz ta' miżuri prattiċi u/jew legali. L-SMEs u l-mikrointrapriżi b'mod partikolari spiss ma jkollhomx il-mezzi biex jinfurzu id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali tagħhom.

3.4.2 Id-diġitalizzazzjoni wasslet għal forom ġodda ta' ksur tal-proprjetà intellettuali b'has-serq ċibernetiku ta' sigrieti tal-mestier, streaming illegali eċċ. Il-KESE jilqa' regolamenti vinkolanti, b'hal-Att dwar is-Servizzi Diġitali ⁽⁴⁾, li jiżguraw qafas legali aħjar.

3.4.3 Il-kontraffazzjoni u l-piraterija jikkawżaw telf enormi fil-bejgħ fl-UE, iżda joħlqu wkoll theddid għas-saħħa, is-sikurezza u s-sigurtà tal-konsumaturi. Il-KESE jilqa' l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha, l-istabbiliment ta' sett ta' għodod tal-UE u t-tisħiħ tar-rwol tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi fil-ġlieda kontra l-kontraffazzjoni.

3.5 Kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-livell globali

3.5.1 L-UE mhijiex minn ta' quddiem fil-kompetizzjoni globali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali. Fl-applikazzjonijiet għall-privattivi, l-Asja żiedet is-sehem tagħha tal-applikazzjonijiet globali kollha għal privattivi għal 65 % fl-2019, filwaqt li s-sehem tal-UE naqas b'mod drammatiku minn 17,4 % (2009) għal 11,3 %. It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-UE huwa għalhekk estremament importanti.

3.5.2 Il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali huma sfida addizzjonali għan-negozji tal-UE li qed joperaw f'pajjiżi mhux tal-UE. Għalhekk, il-KESE jhegġegħ il-miżuri kollha li qed tieħu l-Kummissjoni biex ittejjeb din is-sitwazzjoni. In-negozjar tal-kapitoli dwar il-proprjetà intellettuali b'livell għoli ta' protezzjoni fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles u d-djalogi dwar il-proprjetà intellettuali mal-imsieħba kummerċjali huma approċċi importanti fit-tul, kif ukoll kooperazzjoni f'organizzazzjonijiet dinjija b'hal-WIPO u d-WTO u l-parteċipazzjoni fi ftehimiet globali dwar il-proprjetà intellettuali.

3.5.3 Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' għodod ta' appoġġ dirett li jipprovdu informazzjoni lin-negozji tal-UE li joperaw f'pajjiżi mhux tal-UE, b'hal-iskrinjar tal-investiment barrani, il-Lista ta' Sorveljanza tal-Kontraffazzjoni u tal-Piraterija u r-Rapport tal-Pajjiżi Terzi. Miżuri b'hal-helpdesks għad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali għall-SMEs biex jappoġġjaw lill-SMEs u l-mikrointrapriżi huma partikolarment importanti u għandhom jiġu żviluppati aktar.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽³⁾ ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20.

⁽⁴⁾ COM(2020) 825 final.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)”

[COM(2020) 842 final – 2020/374 (COD)]

(2021/C 286/12)

Relatur: **Emilie PROUZET**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 10.2.2021 Parlament Ewropew, 8.2.2021
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	179/9/16

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' livell għoli

1.1. Matul dawn l-aħħar għaxar snin, tqajmu kwistjonijiet u ħtiġijiet kemm f'termini tal-kompetizzjoni kif ukoll tar-regoli tas-suq intern. Dawn ċertament żdiedu matul il-kriżi tal-COVID-19. Il-KESE jilqa' l-Proposta għal Regolament dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali, li għandha l-għan li tipprevjeni lill-gwardjani milli jimponu kundizzjonijiet iġusti fuq in-negozji u l-konsumaturi u li tiżgura l-aċċessibbiltà ta' servizzi diġitali importanti.

1.2. Il-pjattaformi online huma fenomenu dejjem preżenti li jisfida lill-operaturi stabbiliti billi jbiddu il-mod kif nikkunsmaw u nipprovdu prodotti u servizzi, iżda wkoll kif naħdmu u nimpjegaw lin-nies. F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' l-approċċ olistiku tal-Kummissjoni Ewropea fit-trattament tal-aspetti kollha ta' din l-ekosistema. Il-Kumitat se jkun partikolarment viġilanti hawnhekk fir-rigward tat-tassazzjoni, il-governanza tad-data u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dwar dan l-aħħar punt, il-KESE jilqa' l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi u jistenna bil-ħerqa l-inizjattiva leġislattiva ppjanata għall-aħħar tas-sena.

1.3. Il-kisba ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi differenti fis-swieq diġitali tibqa' l-oġettiv primarju. L-Ewropa teħtieġ ambjent ta' pjattaforma online ġust u kontestabbli sabiex jinkiseb funzjonament aħjar tas-suq intern. Il-KESE jemmen li l-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali ⁽¹⁾ flimkien se jiffurmaw il-pedament ta' qafas li għandu jiġi pperfezzjonat matul is-snin u applikat b'konsistenza ma' politiki diġitali ewlenin oħra bħar-Regolament dwar il-privatezza elettronika, il-GDPR, ir-Regolament P2B u l-allinjament tar-regoli tal-kompetizzjoni mal-era diġitali.

1.4. Is-salvagwardja ta' ambjent ta' negozju ġust u favorevoli għall-innovazzjoni, filwaqt li jipproteġi lill-utenti finali, tibqa' fundamentali. L-abbozz tal-Att dwar is-Swieq Diġitali huwa rispons għall-era diġitali rapida u dejjem tevolvi, u l-abbozz jipprevedi skadenzi qosra u proċeduri li jistgħu jiġu aġġornati malajr filwaqt li jissalvagwardja ċ-ċertezza tad-dritt u d-dritt tad-difiża. Madankollu, il-KESE jemmen li l-Artikolu 16 dwar l-investigazzjoni tas-suq dwar in-nuqqas ta' konformità jrid jissaħħaħ kemm f'termini ta' dewmien (l-istennija li jitwettqu tliet atti ta' nuqqas ta' konformità fi żmien ħames snin tikkawża wisq dannu) kif ukoll ta' penali.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (ara paġna xxx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

1.5. Billi tiffoka fuq servizzi speċifiċi irrispettivament mill-post fejn huwa stabbilit il-fornitur tas-servizz jew mil-liġi applikabbli għall-forniment tas-servizz, il-Kummissjoni tindirizza b'mod effettiv il-kwistjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi online Ewropej u globali. Il-KESE jemmen li l-immirar tas-servizz aktar milli tal-operatur huwa soluzzjoni tajba għad-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom meta jipprova jissorvelja tali atturi diġitali daqshekk differenti.

1.6. B'differenza għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali ma jeħtieġx direttament li l-gwardjani maħtura tal-pjattaformi jaħtu rappreżentant legali fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-proċeduri ta' evalwazzjoni u investigazzjoni deskritti hawn taħt jeħtieġu djalogu u koordinazzjoni bejn il-pjattaformi ta' servizzi ewlenin u l-Kummissjoni. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi inkluża referenza għall-Artikoli 10 u 11 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali biex jiġi żgurat li l-gwardjani kollha jistabbilixxu rappreżentant legali fl-Unjoni Ewropea.

1.7. Barra minn hekk, priyorità ewlenija għall-KESE hija li jiġi evitat li l-multiplikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali twassal għal frammentazzjoni ferm akbar tas-suq intern. Il-KESE jemmen li l-azzjoni fil-livell tal-UE hija tal-akbar importanza u jappoġġja bis-sħiħ l-Artikolu 1(5) u (7).

1.8. Fl-istess ħin, il-KESE jaqbel mal-Att dwar is-Swieq Diġitali li l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jaġixxu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni (permezz ta' deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 3(6), skont l-Artikolu 33 jew b'mod parallel, abbażi tar-regoli tal-kompetizzjoni.)

1.9. Sabiex jiġu koperti każijiet fejn ir-responsabbiltà tirriżulta simultanjament minn ksur tal-Att dwar is-Swieq Diġitali u minn ksur tar-regoli skont l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, huwa mifhum li dawn iż-żewġ settijiet ta' regoli jistgħu jiġu applikati simultanjament. L-Att dwar is-Swieq Diġitali għalhekk għandu jiċċara l-proċessi ta' implimentazzjoni u koordinazzjoni fl-interessi taċ-ċertezza tad-dritt u l-effiċjenza (Artikolu 1(6)).

1.10. Il-KESE jemmen li hija meħtieġa diskussjoni dettaljata dwar ir-raġunijiet u l-impatt tal-approċċ differenti biex jiġu stabbiliti obbligi ġodda skont l-Artikolu 10 u biex jiġu estiżi l-prattiki skont l-Artikolu 17. Fl-istess ħin, il-KESE jemmen li għandhom jiġu definiti ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali speċifiċi fir-rigward tas-sitt parametri użati biex jinħatru gwardjani (Artikolu 3(6)).

1.11. Għalhekk, il-KESE jqis li d-definizzjonijiet ta' "servizzi ewlenin", "utenti finali" u "utenti kummerċjali" għandhom ikunu ħafna aktar speċifiċi.

1.12. Il-KESE jemmen li għandu jiġi ċċarat li l-prattiki msemmin fl-Artikoli 5 u 6 jikkostitwixxu Prattiki pprojbiti. Madankollu, l-Artikolu 6 dwar il-prattiki jeħtieġ li jiġi implimentat speċifikament matul id-djalogu regolari bejn il-Kummissjoni u l-gwardjani.

2. Kummenti dwar il-kamp ta' applikazzjoni u d-deżinjazzjoni

2.1. Il-KESE jemmen li l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi huwa wiesa' ħafna, iżda ta' importanza ewlenija. Fil-fatt, huma biss il-prattiki relatati direttament ma' dawn is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni u huma soġġetti għal obbligi. Il-KESE jappoġġja ċ-ċertezza tad-dritt provduta mir-reviżjoni tar-Regolament bi kwalunkwe bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi.

2.2. Il-KESE jinnota li t-tħassib identifikat rigward il-funzjonament tas-suq tas-servizzi ewlenin mhuwiex kollu relatat mal-utenti finali (ara s-servizzi (f), (g) u (h)) u jistaqsi jekk l-impatt tal-proċess tal-Att dwar is-Swieq Diġitali fi ħdan is-servizzi ewlenin minn negozju għal negozju (B2B) ġiex ivvalutat biżżejjed, speċjalment fl-ekosistema tar-reklamar (is-suq tar-reklami).

2.3. Jekk jiġi propost servizz ewleni, imbagħad ikun possibbli li jiġi vvalutat jekk xi fornitur ta' dan is-servizz għandux attributi li jissodisfaw b'mod kumulattiv il-kriterji biex jitqies bħala gwardjan għal dak is-servizz speċifiku. Il-KESE jappoġġja dan l-approċċ kumulattiv.

2.4. Kummenti speċifiċi dwar l-evalwazzjoni kwantitattiva – gwardjani preżunti

2.4.1. Fir-rigward tal-ewwel livell limitu, il-KESE jinnota li l-livell limitu jirreferi għall-fatturat totali tal-kumpanija li hija s-sid tal-pjattaforma, inkluż kwalunkwe linja ta' negozju li mhijiex mudell ta' negozju tal-pjattaforma jew li mhijiex attività online, u mhux għall-fatturat tas-servizz.

2.4.2. Il-KESE jappoġġja l-livell limitu tad-data finanzjarja, speċjalment il-mod kif ikopri ċ-ċifri tal-kapitalizzazzjoni biex jirrifletti l-kapaċità tal-pjattaforma li jimmonetizzaw l-utenti tagħhom u l-kapaċità finanzjarja tagħhom (inkluża l-kapaċità li jingranaw l-aċċess għas-suq finanzjarju).

2.4.3. Fir-rigward tat-tieni livell limitu, il-KESE jirrikonoxxi r-rilevanza tal-kriterji relatati mal-ġhadd ta' utenti (għas-servizz ewlieni speċifiku tal-pjattaforma analizzat).

2.4.4. Fl-abbozz, id-definizzjoni ta' utenti finali (Artikolu 2(16)) tixbah ħafna d-definizzjoni ta' konsumatur u, kif jiġri s-soltu, tikkuntrasta mad-definizzjoni ta' utenti professjonali. L-Artikolu 3(2)(b) jiddefinixxi l-kunċett ta' utenti finali f'termini ta' tul ta' żmien (xhur) u rilevanza (li jkunu attivi). Il-KESE jemmen li d-definizzjoni tal-kunċett ta' utenti finali għandha tkun preċiża (jiġifieri l-utenti li jgħaddu mill-pjattaforma, iżuru s-sit, jużawha darba fix-xahar). L-istess kwistjoni tapplika għall-utenti kummerċjali. Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, il-KESE jirrakkomanda li l-kunċett ta' "utenti finali" u "utenti kummerċjali" jiġi ċċarat jew tal-anqas definit fl-abbozz ta' Regolament.

2.5. Kummenti speċifiċi dwar l-evalwazzjoni kwalitattiva – gwardjani evalwati

2.5.1. Jekk il-livelli limitu ma jintlaħqux kollha b'mod kumulattiv, il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq. Din tista' tintalab minn Stat Membru (Artikolu 15) u tuża sitt parametri oħra biex tiddetermina jekk il-pjattaforma tissodisfax it-tliet kriterji determinanti (Artikolu 3(6)).

2.5.2. Il-valutazzjoni kwalitattiva tas-suq intern introdotta mill-Kummissjoni Ewropea tirrifletti ħafna parametri li huma rilevanti fid-dritt tal-kompetizzjoni u l-ekonomija. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' preċedenti (l-ebda hteġa li jiġi definit suq rilevanti jew li tingħata prova ta' dominanza biex jiġi stabbilit l-istatus ta' gwardjan), mhuwiex ċar jew ma ġiex verifikat kemm se jkun hemm karatteristiċi/parametri u kemm se jkunu b'saħħithom.

2.5.3. Jekk l-għan huwa li jiġu mmirati sitwazzjonijiet komparabbli ma' daww identifikati fil-valutazzjoni kwantitattiva iżda fejn il-livelli limitu ma nqabżux, il-KESE jemmen li l-mekkaniżmu ta' valutazzjoni għandu livell ta' dettall limitat ħafna. Mal-ewwel daqqa t'għajn, xejn ma jimpedixxi interpretazzjoni usa' ta' dawn il-parametri biex jiġu applikati għal għadd akbar ta' operaturi, peress li, kif nafu, ħafna mudelli ta' negozju fl-ekonomija qed jevolvu u jesperimentaw permezz ta' trasformazzjoni diġitali u mudelli ta' negozju ġodda.

2.5.4. Peress li dawn is-sitt parametri jagħmluha possibbli li jinħatru gwardjani, il-KESE jemmen li ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali speċifiċi tagħhom għandhom jiġu definiti.

3. Kummenti dwar il-prattiki elenkati

3.1. Biex wieħed jifhem il-listi ta' Prattiki Stabbiliti fl-abbozz tal-Att dwar is-Swieq Diġitali, il-KESE jemmen li huwa importanti li wieħed iħares lura lejn il-ħidma tal-Kummissjoni: il-prattiki identifikati f'dawn l-aħħar snin, daww diġà koperti mir-Regolament P2B il-ġdid u daww li jistgħu jiġu koperti bl-adattament tad-dritt tal-kompetizzjoni għall-ekosistema diġitali.

3.2. Il-KESE jemmen li l-kamp ta' applikazzjoni tal-prattiki għandu jiġi ċċarat, speċjalment jekk il-Kummissjoni tista' testendih. Għalhekk, jidher li ħafna mill-prattiki msemmija fl-Artikolu 5 huma parti mis-servizz ewlieni tal-pjattaforma, filwaqt li l-Artikolu 6 jirreferi għall-użu ta' tali servizzi ewlenin tal-pjattaforma biex jingranaw u jinfluwenzaw l-eżiti tas-suq.

3.3. Il-KESE jappella għall-iżvilupp ta' sistema ta' ċertifikazzjoni robusta bbażata fuq proċeduri ta' ttestjar li jippermettu lill-kumpaniji jafferimaw l-affidabbiltà u s-sigurtà tas-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali tagħhom. It-trasparenza, speċjalment tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, it-traċċabbiltà u l-ispejgabbiltà tal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiċi huma sfida teknika li titlob l-appoġġ ta' strumenti tal-UE bħall-programm Orizzont Ewropa ⁽²⁾.

⁽²⁾ ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64.

3.4. Kummenti speċifiċi dwar prattiki inġusti xprunati mid-data

3.4.1. Il-KESE jirrikonoxxi l-ħtieġa li tittejjeb aktar l-implimentazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) billi tiġi prevista l-prattika fl-Artikolu 5(a). Il-KESE jhegġegħ ukoll lill-Kummissjoni tirrevedi regolament il-GDPR u r-regolamenti relatati fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi ⁽³⁾.

3.4.2. Fir-rigward tal-portabbiltà effettiva tad-data (Artikolu 6(1)(h)), il-KESE jirrimarka li skont ir-Regolament dwar il-moviment liberu tad-data, l-industrija tal-cloud qed tiżviluppa kodiċi ta' kondotta biex tiżgura t-trasparenza kuntrattwali u teknika għat-tmiem tal-kuntratti u għall-portabbiltà tad-data bejn il-fornituri ta' servizz ta' cloud jew l-irkupru tad-data għal ħżin fuq il-post. L-effettività tal-kodiċi fit-trawwim tal-portabbiltà fis-suq tal-cloud se tiġi evalwata dalwaqt.

3.5. Kummenti speċifiċi dwar l-awtopreferenzjar inġust

3.5.1. L-Att dwar is-Swieq Diġitali jistabbilixxi l-obbligu tal-gwardjan li joqgħod lura milli jagħti trattament aktar favorevoli anke fir-rigward ta' "kwalunkwe parti terza li tappartjeni għall-istess impraża". Madankollu, din l-ispeċifikazzjoni ulterjuri mhijiex ripetuta f'dispożizzjonijiet oħra, avolja gwardjan jista' jevita r-restrizzjoni stipulata f'dawn id-dispożizzjonijiet billi jipprovi data rilevanti lil parti terza. Bħala eżempju, nistgħu nirreferu għall-Artikolu 5(a) jew l-Artikolu 6(1)(a), fejn it-trasferiment ta' data lil parti terza (kemm jekk tappartjeni għall-istess impraża kif ukoll jekk le) mhuwiex ipprobit. Filwaqt li l-Artikolu 11 joffri soluzzjoni f'dan ir-rigward, ma nqisuhix biżżejjed.

3.5.2. Fid-dawl tal-klawżola ta' parità prevista fl-Artikolu 5(b), issa gwardjan huwa pprobit milli jimpedixxi li l-utenti kummerċjali joffru l-istess prodotti jew servizzi lill-konsumaturi permezz ta' servizzi ta' intermedjazzjoni online oħra jew magni tat-tiftix b'kundizzjonijiet differenti minn dawk offruti mill-pjattaforma tiegħu. Il-KESE jemmen li l-frażi "... bi prezzijiet jew b'kundizzjonijiet differenti ..." hija wiesgħa u tista' tinkludi kriterji oħra apparti l-prezz li jista' jkun hemm bżonn li jiġu speċifikati.

3.6. Kummenti speċifiċi dwar kundizzjonijiet ta' aċċess inġusti

3.6.1. Fir-rigward tal-prattika msemija fl-Artikolu 5(d), il-KESE jinnota li r-Regolament P2B diġà jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-iżgurar tal-aċċess għall-utenti kummerċjali biex jagħmlu lmenti u dwar it-trasparenza fir-rigward tat-trattament tal-ilmenti, u jiddubita r-rilevanza ta' din il-prattika. Il-KESE jistaqsi għaliex l-utenti finali mhumix koperti.

4. Kummenti dwar setgħat investigattivi, ta' infurzar u ta' monitoraġġ

4.1. Għall-finijiet tal-Artikolu 3(6), għandha tingħata aktar konsiderazzjoni lill-involvement tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati fit-teħid tad-deċizzjonijiet. Aħna nemmnu li l-awtoritajiet ta' Stat Membru għandu jkollhom id-dritt li jressqu talba lill-Kummissjoni biex tohrōg deċizzjoni skont il-paragrafu 6, u l-Kummissjoni għandu jkollha l-obbligu korrispondenti li tiddiskuti t-talba u, fejn adatt, tippermetti lill-Istat Membru kkonċernat jadotta miżuri preliminari sakemm il-Kummissjoni tieħu deċizzjoni. Għall-finijiet tad-deċizzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob ukoll opinjoni mill-Istati Membri kollha li fihom jopera l-gwardjan potenzjali.

4.2. L-abbozz ta' Regolament jikkombina l-awtoevalwazzjoni mill-pjattaformi u l-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, din il-valutazzjoni titwettagħ l-ewwel nett mill-pjattaforma ta' servizzi ewlenija, li għandha tinnotifika lill-Kummissjoni li dawn il-livelli limitu jkun ntaħqu fi żmien tliet xhur (Artikolu 3(3)). Il-KESE jirrikonoxxi u jappoġġja l-fatt li l-proċess tal-Att dwar is-Swieq Diġitali jagħmel il-pjattaformi responsabbli. Huwa jinnota wkoll li l-abbozz jirrispetta d-drittijiet tad-difiża u ta' appell u l-pass tan-negozju diġitali.

4.3. Il-KESE jappoġġja l-miżuri tal-Att dwar is-Swieq Diġitali li jippermettu lill-Kummissjoni tivvaluta u timmonitorja t-tkabbir tal-pjattaformi ta' gwardjani, bħal fużjonijiet barra l-livelli limitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 ⁽⁴⁾.

⁽³⁾ ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64.

⁽⁴⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

4.4. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja l-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni dwar jekk ir-reġim attwali tal-UE jippermettix li akkwisti importanti ta' miri ta' fatturat baxx li jista' jkollhom impatt fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern tal-UE jinqabdu b'mod suffiċjenti ⁽⁵⁾. Il-proposta tal-Kummissarju Vestager li jibdew ikunu aċċettati riferimenti mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni dwar fużjonijiet kemm jekk dawk l-awtoritajiet kellhom is-setgħa li jirrevedu l-każ kif ukoll jekk le tista' tkun għażla ⁽⁶⁾.

4.5. Flimkien mal-Kummissjoni tal-UE, il-Kumitat Konsultattiv ippjanat għas-Swieq Diġitali wkoll jeħtieġ li jiġi stabbilit biex tintlaħaq effettività massima. Il-KESE jqis li l-Artikolu 32 huwa vag ħafna f'dan ir-rigward u jemmaen li l-kumitat għandu jiġi fdat b'supervizzjoni u monitoraġġ kontinwi. Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li jiġi kkunsidrat jekk il-kumitat jistax jirċievi lmenti mingħand assoċjazzjonijiet tal-konsumatur u l-imsieħba soċjali.

4.6. Il-KESE jemmaen li l-organizzazzjonijiet b'rabta mal-interessi tan-negozju, il-protezzjoni tal-konsumatur u t-trade unions għandhom jingħataw widen u l-fehmiet tagħhom għandhom jiġu kkunsidrati, l-istess bħal kif jista' jiġri f'każijiet ta' kompetizzjoni. L-Artikolu 20 tal-Att dwar is-Swieq Diġitali jawtorizza lill-Kummissjoni twettaq intervisti u tiegħu dikjarazzjonijiet. Il-KESE jissuġġerixxi li l-involviment tagħhom u d-dritt tagħhom li jingħataw widen għandhom jiġu ddikjarati b'mod ċar f'dan l-artikolu.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁵⁾ [https://one.oecd.org/document/DAF/COMP/WD\(2020\)24/en/pdf](https://one.oecd.org/document/DAF/COMP/WD(2020)24/en/pdf).

⁽⁶⁾ https://ec.europa.eu/commission/commissioners/2019-2024/vestager/announcements/future-eu-merger-control_mt.

ANNEX

It-test hawn taħt, li kien jagħmel parti mill-opinjoni tas-Sezzjoni, tħassar u ħadet postu emenda li ġiet adottata mill-Assemblea, iżda rċieva mill-inqas kwart tal-voti:

“2.3. Jekk jiġi propost servizz ewlieni, imbagħad ikun possibbli li jiġi vvalutat jekk xi fornitur ta’ dan is-servizz għandux attributi li jissodisfaw b’mod kumulattiv il-kriterji biex jitqies bħala gwardjan għal dak is-servizz speċifiku. Il-KESE ma jemminx li dan l-approċċ kumulattiv effettivament ikopri lill-gwardjani, iżda jipproponi li għandu jiġi ssodisfat kriterju wieħed biss, preferibbilment l-għadd ta’ utenti sabiex jaġixxu f’konformità mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Jesprimi wkoll tħassib li l-proċedura biex jiġu identifikati l-gwardjani tista’ tkun tedjanti u għalhekk jirrakkomanda proċess aktar rapidu.”

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 98

Kontra: 83

Astensjonijiet: 20

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE”

[COM(2020) 825 final — 2020/0361 (COD)]

(2021/C 286/13)

Relatur: **Gonçalo LOBO XAVIER**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 11.2.2021 Parlament Ewropew, 8.2.2021
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	235/3/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-proposta għal suq uniku għas-servizzi diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) fi żmien meta tfaċċaw servizzi ġodda u innovattivi tas-soċjetà tal-informazzjoni (diġitali), li jbiddu l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-UE u jsawru u jitransformaw kif jikkomunikaw, jikkollegaw, jikkunsmaw u jagħmlu n-negozju. Dawn is-servizzi ikkontribwixxew b'mod estensiv għat-trasformazzjoni soċjetali u ekonomika fl-UE u madwar id-dinja, u l-kriżi tal-COVID-19 uriet kemm huma kruċjali sabiex tinholq soċjetà aħjar.

1.2. Il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex jiġi evitat li s-suq intern jiġi frammentat minħabba l-proliferazzjoni ta' regoli u regolamenti nazzjonali li jistgħu jimminaw is-sistema u jipprevjenu lill-kumpaniji Ewropej kollha milli jibbenefikaw minn suq uniku b'saħħtu. Għalhekk, il-KESE jappella għal dikjarazzjoni ċara dwar in-natura eżawrjenti tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Il-KESE jemmen li din hija opportunità biex jiġu stabbiliti standards globali għas-swieq diġitali li jistgħu jiggwidaw lill-Ewropa f'din l-era ġdida, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tal-konsumatur online.

1.3. Il-KESE huwa konxju li d-diskussjoni dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali ser tieħu ż-żmien u li, fuq perjodu twil ta' żmien, ser ikunu meħtieġa kompromessi. Minkejja dan, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiddefinixxu skeda raġonevoli sabiex jinbnew id-diskussjoni u l-konsultazzjoni inklużiva pubblika u sabiex jiġu implimentati r-Regolament u l-istrategġija. Huwa fundamentali li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaqdu rwol f'dan il-proċess sabiex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha, irrispettivament minn jekk humiex stabbiliti fl-Unjoni Ewropea jew le.

1.4. Il-KESE jemmen ukoll li, minħabba l-importanza tat-teknoloġiji diġitali, il-ħtieġa għal regoli u regolamenti ġodda biex jissolvew il-problemi u l-isfidi ta' dawn it-teknoloġiji saret prijorità. Ekonomija ġdida titlob approċċi ġodda.

1.5. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-trasparenza akbar għas-sistemi ta' rakkomandazzjoni u għar-reklamar. Madankollu, dawn is-sistemi ta' rakkomandazzjoni m'għandhomx jiġu demonizzati, iżda għandu jiġi żgurat li l-konsumaturi jakkwistaw biss ir-reklamar li jridu. Għalhekk, ir-regolamenti għandhom jenfasizzaw l-awtonomija individwali, u l-KESE jemmen li l-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament għalhekk għandhom jilhqqu bilanċ xieraq.

1.6. Il-KESE jinnota li hemm ħafna nuqqasijiet fir-rigward tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini u jappella li jiġu kkunsidrati bir-reqqa metodi alternattivi, bħall-prinċipju tal-pajjiż ta' destinazzjoni, l-iżjed fil-kwistjonijiet tat-taxxa, tax-xogħol u tal-konsumatur sakemm ma jkunx hemm regolamentazzjoni aktar b'saħħitha fil-livell tal-UE sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Għandu jiġi żgurat li l-istess dispożizzjonijiet

tal-liġi tax-xogħol japplikaw għall-ħaddiema tal-pjattaforma bħal daww fis-seħħ fil-pajjiż fejn jiġi pprovdut is-servizz, peress li kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena għall-impjegati saru problematiċi ħafna għall-kompetizzjoni ġusta. L-għan ġenerali huwa li jiġi infurzat u li jissaħħaħ is-suq intern billi jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-atturi kollha.

1.7. L-obbligi ta' trasparenza m'għandhomx jipprevjenu l-progress fit-teknoloġija, b'mod partikolari fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali u x-xjenza tal-kompjuter. Minkejja li l-intelliġenza artifiċjali bl-effett tal-"kaxxa s-sewda" tippreżenta riskji, tista' tgħid ukoll benefiċċji sinifikanti. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-liġi tiġi rfinata u ma xxekklix il-progress tekniku lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ, waqt li jitqies l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-ħaddiem. Huwa jappella li jiġi żviluppat qafas adegwat li jippermetti lill-kumpaniji jasserixxu l-ġustizzja, l-affidabbiltà u s-sigurtà tas-sistemi tagħhom tal-intelliġenza artifiċjali.

1.8. L-eżenzjoni tar-responsabbiltà għas-servizzi ta' hosting għandha tiegħa appllika biss fir-rigward ta' kontenut li huwa bla dubju illegali, jew li għie stabbilit hekk minn deċiżjoni tal-qorti. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi stabbilita sistema ta' responsabbiltà pożittiva għas-swieq online, li għandha tiġi appllikata f'ċerti ċirkostanzi.

1.9. Id-definizzjonijiet użati għandhom jiġu ssemplifikati u, sa fejn ikun possibbli, armonizzati ma' testi legali relatati bħall-Att dwar is-Swieq Diġitali, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali u r-Regolament P2B.

1.10. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali huwa parti minn approċċ regolatorju usa' għall-ekonomija tal-pjattaformi, li għandu jindirizza wkoll it-tassazzjoni, id-drittijiet tal-ħaddiema (inklużi l-protezzjoni soċjali, is-saħħa u s-sigurtà, id-dritt għall-organizzazzjoni u n-negozjar kollettiv), id-distribuzzjoni tal-ġid u s-sostenibbiltà u s-sikurezza tal-prodotti. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-kompitu enormi li tinkiseb koordinazzjoni xierqa bejn l-istrumenti u l-inizjattivi rilevanti kollha, b'mod partikolari fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, it-telekomunikazzjonijiet, id-data u l-privatezza, ir-responsabbiltà għall-prodotti, is-sikurezza tal-prodott, is-settur awdjoviżiv u, naturalment, id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. Hija meħtieġa ħarsa ġenerali xierqa ta' kif jistgħu jiġu integrati dawn il-perspettivi differenti li jaffettwaw l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

1.11. Il-KESE ser ikun partikolarment viġilanti fir-rigward tat-tassazzjoni, il-governanza tad-data, l-istatus tal-impjeg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-konsumatur, peress li dawn huma fatturi sinifikanti għall-kompetizzjoni inġusta attwali fl-ekonomija diġitali. Il-Kumitat jenfasizza li dawn l-isfidi jeħtieġ li jiġu indirizzati fid-dawl tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-Aġenda Diġitali, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

2. Kummenti ġenerali

2.1. It-teknoloġiji diġitali jistgħu jkunu kruċjali għall-ħajja tagħna ta' kuljum. Jistgħu jkunu ta' benefiċċju kbir għas-soċjetà u għall-ekonomija, u issa huwa rikonoxxut minn kulħadd li huma indispensabbli għall-mod kif jopera s-suq u l-mod kif aħna nirrelataw ma' xulxin, b'benefiċċji reali għall-komunità inġenerali. Madankollu, is-servizzi diġitali ħolqu wkoll sfidi sinifikanti għall-individwi, is-soċjetà u s-suq. Ewropa aktar ġusta tiddependi minn regolazzjoni kif suppost tas-settur diġitali u mill-iżgurar ta' distribuzzjoni xierqa ta' daww il-benefiċċji u protezzjoni adegwata tal-partiċipanti kollha fis-suq (ċittadini, konsumaturi, ħaddiema, u kumpaniji, ikun xi jkun id-daqs tagħhom).

2.2. Ir-reazzjoni tal-Kummissjoni għal numru ta' dokumenti, żviluppi ta' ġurisprudenza u talbiet – fuq naħa għal riformi ambizzjużi tal-qafas legali eżistenti tal-UE dwar il-kummerċ elettroniku, filwaqt li jinżammu l-prinċipji ewlenin tiegħu tar-reġim tar-responsabbiltà, il-projbizzjoni ta' monitoraġġ ġenerali u l-klawżola dwar is-suq intern, u fuq in-naħa l-oħra għal suq diġitali aġġornat, aktar ġust u kompetittiv – hija ffokata fuq żewġ oqsma prinċipali: l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali.

2.3. Permezz tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-UE trid tiżgura livell għoli ta' protezzjoni Ewropea tal-konsumatur għal diversi aspetti fl-ekonomija diġitali, b'mod partikolari fil-pjattaformi online diġitali. Il-ġlieda kontra l-kontenut illegali u ż-żieda fit-trasparenza fil-mod kif ir-reklamar jagħżel il-pubbliku destinatarju huma fost l-aktar aspetti importanti u kontroversjali ta' din il-proposta.

2.4. Permezz tal-Att dwar is-Swieq Diġitali, il-Kummissjoni tiffoka fuq il-mod kif jaħdem is-suq diġitali Ewropew filwaqt li tipprova tagħmlu aktar ibbilanċjat, aktar kompetittiv u aktar innovattiv, billi ttipprovdi lin-nies b'aktar servizzi u servizzi aħjar, billi tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi għal kull parteċipant fis-suq.

2.5. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tirregola aktar l-ekonomija diġitali u tagħmilha affidabbli kemm għas-soċjetà kif ukoll għall-ekonomija. Iċ-ċittadini, il-ħaddiema u l-operaturi ekonomiċi, speċjalment l-SMEs u l-individwi vulnerabbli, jeħtieġu salvagwardji fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pjattaformi diġitali, u s-sigurtà jeħtieġi li tiġi ggarantita fl-operazzjonijiet kollha f'termini kemm tal-kontenut, tat-tranżazzjonijiet ekonomiċi kif ukoll tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali.

2.6. Ir-regoli tal-UE dwar iċ-ċiberspazju qed isiru dejjem aktar kumplessi u frammentati. Għandu jsir sforz biex jiżiedu l-leġibbiltà u l-koerenza tagħhom. Regoli kumplessi żżejjed jistgħu jkunu ħżiena kemm għan-negozji kif ukoll għaċ-ċittadini, joħonqu l-innovazzjoni, iżidu l-ispejjeż u jagħmluha aktar diffiċli għan-nies li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkordina u tissemplifika l-aspetti proċedurali tar-regoli ta' infurzar fi ħdan l-Istati Membri u l-għażla ta' strument legali applikabbli direttament.

2.7. Il-KESE jenfasizza li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali m'għandux ikun f'kunflitt mal-qafas legali potenzjali li jindirizza kwistjonijiet rilevanti oħra relatati mal-ekonomija tal-pjattaformi bħad-drittijiet tal-ħaddiema (inklużi l-protezzjoni soċjali, is-saħħa u s-sigurtà, id-dritt għall-organizzazzjoni u n-negozjar kollettiv) ⁽¹⁾, id-distribuzzjoni tat-taxxa u tal-ġid u s-sostenibbiltà, u jenfasizza l-htiegi li dawn l-isfidi jiġu indirizzati fil-livell Ewropew u fid-dawl tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-Aġenda Diġitali, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fost l-inizjattivi futuri tal-Kummissjoni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ser ikun partikolarment viġilanti fir-rigward tat-tassazzjoni, il-governanza tad-data, l-istatus tal-impjeg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-konsumatur, peress li dawn huma fatturi sinifikanti għall-kompetizzjoni xi kultant inġusta fl-ekonomija diġitali.

2.8. Ir-regolamentazzjoni taċ-ċiberspazju għandha tkun kemm jista' jkun valida għall-futur u teknoloġikament newtrali. Dan ser jipprovdi ċarezza u opportunitajiet tas-suq għal kulħadd b'enfasi fuq il-protezzjoni u s-sigurtà tal-konsumatur.

2.9. Huwa importanti li, fil-qasam tat-tassazzjoni diġitali, il-Kummissjoni tieħu inizjattivi fi ħdan il-qafas ta' diskussjonijiet internazzjonali billi ttiprovdi prinċipji ta' ekwità u trasparenza, distribuzzjoni tal-ġid u s-sostenibbiltà, u tiġi enfasizzata l-htiegi li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati fil-livell Ewropew u f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-Istrateġija Diġitali, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Regolazzjoni aħjar u aktar effiċjenti, fost affarijiet oħra biex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta, hija waħda mis-suġġetti ewlenin f'din l-ekonomija l-ġdida. Il-Kummissjoni temmen b'mod ċar, u l-KESE jappoġġja, li hemm bżonn ta' mezz u approċċi ġodda biex jiġi rregolat suq li ma jistax juża l-għodod u jopera bir-rutina tas-soltu. Huwa fatt li l-qafas tal-kompetizzjoni regolatorja "normali" mhuwiex biżżejjed biex jiġu indirizzati b'mod effiċjenti l-isfidi u d-diffikultajiet ikkawżati mill-eżistenza ta' BigTechs.

3.2. Il-KESE jappella għal regoli aktar ċari, bħal dawk li l-Kummissjoni hija lesta tesplora abbażi ta' qafas regolatorju semplifikat u rapidu għas-suq intern fir-rigward tal-qasam diġitali. L-UE trid taġġorna s-sett ta' għodod regolatorji tagħha biex tindirizza b'mod effettiv is-swieq diġitali minbarra l-kwistjonijiet tal-pjattaforma bi rwol ta' gwardjan. L-ekonomija l-ġdida titlob azzjoni differenti u għalhekk il-KESE jilqa' wkoll l-inizjattiva tal-Att dwar is-Swieq Diġitali ⁽²⁾.

3.3. Is-sovranià diġitali Ewropea trid titqies fl-eżerċizzji regolatorji kollha, biex jiġu protetti mhux biss in-negozji iżda wkoll il-ħaddiema, il-konsumaturi u ċ-ċittadini. Bil-kriżi tal-COVID-19, il-bejgħ ta' prodotti mhux sikuri, ir-reċensjonijiet foloz, il-prattiki kummerċjali inġusti u ksur ieħor tal-liġi tal-konsumatur, il-piraterija u l-falsifikazzjoni fuq pjattaformi diġitali żdiedu għal livelli inaċċettabbli. Dawn juru l-valur tal-inizjattiva tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-htiegi urġenti għal azzjoni.

⁽¹⁾ Konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol tal-pjattaformi.

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-KESE dwar "L-Att dwar is-Swieq Diġitali" (ara paġna 64x ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

3.4. Huwa ċar ukoll li l-mekkaniżmi ta' infurzar għall-ġlieda kontra l-frodi u l-attività illegali assoċjata mal-pjattaformi diġitali jippreżentaw sfida, u jiżguraw li l-kumpaniji li japproftaw l-aktar fl-ekonomija diġitali jkollhom ukoll aktar responsabbiltajiet. Il-KESE jemmen li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali għandu rwol kritiku x'jaqdi biex terġa' tinkiseb il-fiduċja fis-suq u biex l-Istati Membri jitħeġġu jiddefinixxu mekkaniżmu ta' infurzar rapidu u effiċjenti li jkun adatt għall-Istati Membri kollha, waqt li jitqiesu d-differenzi eżistenti tagħhom. Il-KESE jilqa' l-fatt li d-defiċits ta' infurzar fil-qasam tar-reklamar online illegali x'aktarx li jitnaqqsu minħabba l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

3.5. Ikun xi jkun l-approċċ meħud f'termini ta' sistemi u mekkaniżmi ta' infurzar, jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jallokaw biżżejjed fondi għal investiment fir-riżorsi umani, fis-sistemi ta' taħriġ, fis-software u fil-hardware li jistgħu jsaħħu l-fiduċja fis-suq u fl-individwi. Għalhekk hija prijorità li jiġu definiti l-ispejjeż involuti fl-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali kif ukoll l-ispejjeż antiċipati għas-soċjetà jekk ma tittieħed l-ebda azzjonali, u jiġu żgurati kundizzjonijiet adegwati sabiex kull Stat Membru jimpenja ruħu.

3.6. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, id-daqs huwa importanti: mhux il-kumpaniji kollha f'dan il-qasam għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod, biex tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta bbażata fuq is-setgħa u d-dimensjoni finanzjarja. Il-kriterju propost, jiġifieri n-numru ta' ħaddiema, jista' jirriżulta li huwa inadegwat u faċli biex jiġi evitat. Dan huwa partikolarment kritiku, peress li partijiet sinifikanti mill-obbligi għall-pjattaformi stabbiliti fir-Regolament propost ma japplikawx għall-intrapriżi mikro jew żgħar, bħall-ġestjoni tal-ilmenti, l-imġiba abbużiva, ir-rappurtar ta' reati kriminali, it-trasparenza tar-reklamar, l-awditi indipendenti u s-sinjalaturi fdati.

3.7. Madankollu, il-KESE jenfasizza li huwa importanti li jiġu protetti l-SMEs, l-intrapriżi mikro u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Dawn jista' jkun li ma jaffordjawx l-ispejjeż tal-konformità u tal-investiment u jrid jiġi żgurat li mhux ser ibatu mill-implimentazzjoni ta' regolament li suppost kellu jiżgura kompetizzjoni ġusta. Għalhekk, il-KESE jitlob li jinstabu kriterji alternattivi sabiex jiġu definiti l-intrapriżi mikro u żgħar (Artikolu 16), bħall-fatturat annwali jew is-sjeda jew l-istruttura organizzattiva tagħhom.

3.8. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-perjodu ta' adattament għall-kumpaniji li jaqgħu fil-kategorija ta' pjattaformi online kbar ħafna (Artikolu 25(4)). Ħafna drabi, dawn il-kumpaniji jikbru malajr ħafna u għandhom jingħataw opportunità ġusta biex jadattaw għar-rekwiżiti u d-dmirijiet aktar stretti stabbiliti fil-proposta.

3.9. Għalkemm il-proposta tagħmilha ċara li għandha tintfieh bħala lex generalis, jidher li hemm ħafna definizzjonijiet relatati mill-qrib fi strumenti differenti, li jistgħu jsiru wisq ikkumplikati mill-perspettiva tal-konformità, billi jimponu spejjeż addizzjonali fuq il-kumpaniji u l-konsumaturi. Pereżempju, il-kunċett ta' "pjattaforma online" huwa definit fil-proposta; il-kunċett ta' "pjattaforma" mhuwiex definit iżda jintuża fir-Regolament P2B (Regolament (UE) 2019/1150⁽³⁾); id-Direttiva dwar is-Suq Uniku Diġitali ((UE) 2019/790⁽⁴⁾) tuża l-kunċett ta' "fornitur ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online"; u l-proposta għall-Att dwar is-Swieq Diġitali tirreferi għal "gwardjani" u "servizzi tal-pjattaforma ewlenija".

3.10. Biż-żieda fis-servizzi diġitali, il-mudelli tan-negozju evolvew u saru aktar kumplessi. Id-distinzjonijiet bejn l-atturi differenti ma baqgħux ċari. Minħabba l-iżviluppi mgħaġġla fis-settur, li huma sfida għar-regolaturi, hemm bżonn ta' definizzjonijiet ċari. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu definiti b'mod aktar ċar il-pjattaformi, l-utenti jew ir-riċevituri (il-proposta tuża ż-żewġ termini iżda "riċevituri" tintuża ħafna aktar ta' spiss), il-konsumaturi u l-ħaddiema fl-ekonomija diġitali.

3.11. Skont il-proposta attwali, ir-regoli dwar it-traċċabbiltà tal-kummerċjanti japplikaw biss "meta pjattaforma online tippermetti li l-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' kummerċjanti" (Artikolu 22). Alternattiva hija li dawn il-fornituri/il-pjattaformi li jippermettu li l-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' kummerċjanti jiġu definiti bħala "swieq" u jiġu ċċarati liema regoli japplikaw għal dik il-kategorija ta' intermedjarji.

⁽³⁾ ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57.

⁽⁴⁾ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92.

3.12. L-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' kondotta skont l-Artikoli 35 u 36 għandu jitwettaq b'mod miftuħ u parteċipattiv. L-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-utenti u lir-riċevituri, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-imsieħba soċjali u lill-awtoritajiet rilevanti jenħtieġ li jkunu involuti.

3.13. Il-KESE jinnota li hemm ħafna nuqqasijiet fir-rigward tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini u jappella li jiġu kkunsidrati bir-reqqa metodi alternattivi, bħall-prinċipju tal-pajjiż ta' destinazzjoni, l-iżjed fil-kwistjonijiet tat-taxxa, tax-xogħol u tal-konsumatur sakemm ma jkunx hemm regolamentazzjoni aktar b'saħħitha fil-livell tal-UE sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Għandu jiġi żgurat li l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi tax-xogħol japplikaw għall-ħaddiema tal-pjattaforma bħal daww fis-seħħ fil-pajjiż fejn jiġi pprovdut is-servizz, peress li kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena għall-impjegati saru problematiċi ħafna għall-kompetizzjoni ġusta. L-għan ġenerali huwa li jiġi infurzat u li jissaħħaħ is-suq intern billi jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-atturi kollha.

3.14. Barra minn hekk, is-sistema stabbilita fl-Artikoli 8 u 9 tal-proposta m'għandhiex titqies bħala alternattiva għar-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi, u għandu jiġi ċċarat li r-regoli dwar ir-rifjut tar-rikonoxximent u r-rifjut tal-infurzar jibqgħu validi u applikabbli.

3.15. Il-KESE jilqa' l-kjarifika li l-investigazzjonijiet volontarji ma jaffettwawx l-applikabbiltà tal-livell xieraq ta' protezzjoni (safe harbour) (Artikolu 6) u l-fatt li l-prinċipju ġenerali ta' nuqqas ta' obbligu ta' monitoraġġ (Artikolu 7) huwa ppreservat. Madankollu, jenħtieġ li daww ir-regoli ma jaffettwawx id-dmir tas-swieq online li jwettqu kontrolli regolari fuq in-negozjanti u fuq il-prodotti u s-servizzi offruti stabbiliti fl-Artikolu 22.

3.16. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(1) għandha tiġi ċċarata, b'mod partikolari biex jiġi speċifikat jekk id-dispożizzjoni tkoprix informazzjoni bħal data teknika pprovduta lil bejjiegħ ta' software fi ftehim ta' software bħala servizz.

3.17. Il-KESE jilqa' r-regolazzjoni dettaljata tal-avviż u l-proċedura interna tat-trattament tal-ilmenti u s-salvagwardji li ggħib magħha l-proposta. Madankollu, il-KESE jemmen li l-eżenzjoni tar-responsabbiltà (Artikolu 5) għandha tkun eskluża biss fejn il-kontenut huwa bla dubju illegali skont il-liġi nazzjonali fil-pajjiż ta' oriġini, jew skont il-liġi tal-UE direttament applikabbli jew fejn ġie stabbilit minn qorti li huwa illegali. Inkella, l-intermedjarji ser ikollhom inċentiv biex ineħħu l-kontenut b'mod awtomatiku. Il-valutazzjoni legali ta' ċerti tipi ta' kontenut tista' tkun kumplessa ħafna u l-intermedjarji ma għandhomx jinżammu responsabbli jekk ma jkunux neħħewh. Dan huwa konformi mad-dmir ta' sospensjoni stabbilit fl-Artikolu 20, li jirreferi għal kontenut manifestament illegali.

3.18. Il-ħolqien ta' servizzi diġitali huwa essenzjalment ibbażat fuq il-kapaċità li tiġi ġestita u aċċessata d-data. F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed jirreferi għall-Att dwar il-Governanza tad-Data (COM (2020) 767 final), li jsemmi l-possibbiltà li jinħolqu "kooperattivi għall-ġestjoni u l-iskambju tad-data", strument li ser jiffavorixxi negozji żgħar, negozji u intraprendituri individwali li jaf ma jkunux jistgħu jaċċessaw jew jipproċessaw ammonti kbar ta' data individwalment. Dawn l-istrutturi jistgħu jipprovdur governanza parteċipattiva kondiviża għall-ġestjoni tas-servizzi tal-intermedjazzjoni, tal-iskambju jew tal-kondiviżjoni tad-data bejn il-kumpaniji u bejn in-negozji u l-imprendituri, li jistgħu jipprovdur data iżda wkoll jibbenefikaw minnha u jużawha.

4. Strateġija ta' implimentazzjoni – titlesta l-ħidma

4.1. Huwa ddikjarat li r-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt iċċara r-rabtiet bejn l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-qafas regolatorju usa', billi pprovdur deskrizzjonijiet aktar dettaljati tal-għażliet ta' politika, b'analiżi aktar dettaljata tal-evidenza sottostanti indirizzata fir-rapport rivedut tal-valutazzjoni tal-impatt. Dan huwa kruċjali, iżda ma jfissirx li s-soċjetà mhux ser tibqa' anzuża fil-konfront tal-fatturi varjabbli kollha involuti u tkompli tkun kawta. L-importanza tas-servizzi diġitali fl-ekonomija u s-soċjetà tagħna, iżda wkoll ir-riskji li qed jikbru li jgħibu magħhom, ser ikomplu jiżdiedu.

4.2. Fir-rigward tal-valur miżjud fl-infurzar tal-miżuri, l-inizjattiva toħloq kisbiet sostanzjali fl-effiċjenza fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u tiġbor flimkien ċerti riżorsi għall-assistenza teknika fil-livell tal-UE fir-rigward tal-ispezzjoni u l-awditjar ta' sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut, sistemi ta' rakkomandazzjoni u reklamar online fuq pjattaformi online kbar ħafna. Dan, min-naħa tiegħu, ser jagħmel il-miżuri ta' infurzar u superviżjoni aktar effettivi peress li s-sistema attwali tiddependi ħafna fuq il-kapaċità limitata għas-superviżjoni f'għadd żgħir ta' Stati Membri. Madankollu, il-proposta jeħtieġ li tittejjeb biex jiġi żgurat li l-infurzar u r-rimedju għall-konsumaturi jseħħu b'mod effettiv u rapidu. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali jrid jinkludi rimedji, inkluż kumpens għad-danni, għall-konsumaturi meta l-kumpaniji jonqsu milli jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

4.3. Huwa ddikjarat li l-Kummissjoni ser tistabbilixxi qafas komprensiv għall-monitoraġġ kontinwu tal-output, tar-riżultati u tal-impatt ta' dan l-istrument leġiżlattiv meta jiġi applikat. Abbażi tal-programm ta' monitoraġġ stabbilit, hija prevista evalwazzjoni tal-istrument fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Il-KESE jemmen li dan mhuwiex perijodu ta' żmien raġonevoli li ser jispira l-fiduċja fis-suq u ċ-ċittadini u tiġi żgurata konsistenza mar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi evalwazzjoni regolari kull sentejn.

4.4. Ir-regoli jenħtieġ li jiġu kkommunikati b'mod effettiv u jenħtieġ li ma jtapnux l-immaġni tal-UE. Il-protezzjoni ta' ċ-ċittadini tal-UE u l-protezzjoni tal-konsumatur għandhom ikunu wieħed mill-punti ewlenin tal-komunikazzjoni u l-infurzar futuri. L-UE hija, u jinħtieġ li tibqa', post akkoljenti għall-kumpaniji, il-ħaddiema u ċ-ċittadini, inklużi dawk barra mill-UE. Ir-Regolament m'għandux jitqies bħala piż jew ostaklu iżda pjuttost bħala approċċ bilanċjat għar-regolamentazzjoni tal-Internet tas-seklu 21, li jistabbilixxi standard għal ekonomija diġitali aħjar u aktar ġusta, spazju online aktar sikur, u li jissalvagwardja demokrazzi vibranti.

5. Id-drittijiet fundamentali

5.1. Għandhom jiġu salvagwardjati kif dovut id-drittijiet tal-ħaddiema, u l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, privatezza u protezzjoni tad-data personali, u l-libertajiet fundamentali bħal-libertà li wieħed iwettaq negozju u jipprovdi servizzi u l-libertà tal-espressjoni, tal-ħsieb u tal-opinjoni, skont il-leġiżlazzjoni u b'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-proposta għandu jkollha l-għan li ssib bilanċ ġust f'dak ir-rigward.

5.2. Aspett importanti tal-proposta huwa l-ġustizzja proċedurali. Madankollu, dan waħdu jista' ma jkunx biżżejjed biex jiżgura ġustizzja reali u effettiva jekk l-inċentivi ma jkunux allinjati kif suppost. Kunċett wiesa' ta' kontenut illegali jew, kif ipproponew xi wħud, "kontenut dannuż", jista' jirriżulta li jirrestrinġi l-libertà tal-espressjoni u tal-opinjoni.

5.3. Id-dinjità tal-bniedem hija salvagwardjata permezz ta' regoli b'saħħithom u ċari biex jiġu protetti ċ-ċittadini u l-konsumaturi. Dawn l-aspetti jaqdu rwol importanti fil-proposta u għandhom jinżammu.

5.4. Il-qafas propost mill-Att dwar is-Servizzi Diġitali jipprovdi lill-awtoritajiet bl-għodod it-tajba biex jipprevjenu, jimmonitorjaw u jirreaġixxu għall-manipulazzjoni, ir-riskju ta' diskriminazzjoni, u abbużi oħra. Il-KESE jqis li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jinvestu riżorsi konsiderevoli u jiżguraw li dawn jiġu ingranati għall-benefiċċju tas-soċjetà inġenerali.

5.5. Sabiex jittaffa r-riskju diskriminatorju, il-KESE jħeġġeġ li l-UE u l-Istati Membri tagħhom għandhom jinvestu biżżejjed riżorsi biex jikkontrollaw u jissorveljaw l-algoritmi użati mill-pjattaformi. Il-KESE japprezza ż-żieda fl-aċċess għad-data u għall-algoritmi u jirrakkomanda li dan irid jiġi garantit għall-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha kif ukoll għar-riċerkaturi indipendenti verifikati, inklużi minn soċjetà ċivili indipendenti li taħdem għall-interess pubbliku.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — L-istrategġja tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali”

[JOIN(2020) 18 final]

(2021/C 286/14)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 21.4.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	238/0/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Fil-fehma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), l-istrategġja proposta hija pass pożittiv lejn il-protezzjoni tal-gvernijiet, iċ-ċittadini u n-negozji fl-UE minn theddid ċibernetiku globali, u lejn is-salvagwardja tat-tkabbir ekonomiku.

1.2. Il-KESE huwa tal-fehma li riżorsi addizzjonali ta' finanzjament jeħtieġ li jkunu aċċessibbli għal entitajiet statali, sabiex ikunu jistgħu jsiru investimenti finfrastruttura taċ-ċibersigurtà biex jirreaġixxu b'mod effettiv għal kriżi bħal pandemija.

1.3. Il-KESE jilqa' l-proposta biex jinbena network ta' Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà (SOCs) fl-UE, u l-proposta li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) taħdem mal-partijiet interessati kollha biex jiġu limitati r-riskji marbuta mal-5G.

1.4. Il-KESE jilqa' wkoll il-proposta li tkompli jiġi żviluppat ir-rwol tal-Europol bħala ċ-ċentru tal-għarfien espert dwar iċ-ċiberkriminalità. Il-kooperazzjoni mal-komunità ta' diversi partijiet ikkonċernati kif ukoll il-kooperazzjoni flivell internazzjonali huma meqjusa importanti wkoll.

1.5. Il-KESE jwissi dwar id-diskrepanza fil-ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà, u jirrakkomanda Għodda għall-Perkorsi ta' Karriera fiċ-Ċibersigurtà fl-UE kollha li tgħin lill-individwi jidentifikaw, jibnu u jinnavigaw perkors rilevanti ta' karriera.

1.6. Il-KESE jenfasizza l-kwistjoni tad-diżinformazzjoni. It-tixrid tad-diżinformazzjoni jista' jkollu konsegwenzi serji u jeħtieġ li l-prevenzjoni tad-diżinformazzjoni tiffirma parti minn kwalunkwe strategġja dwar iċ-ċibersigurtà.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda li kwalunkwe investiment barrani f'setturi strateġiċi fl-Unjoni jikkonforma mal-politika ta' sigurtà tal-UE.

1.8. Il-KESE jwissi dwar il-wasla tal-kompjuters kwantistiċi u r-riskji marbuta magħhom. Għalhekk, tinħtieġ tranżizzjoni lejn kriptografija reżistenti għall-kwantum jew postkwantum.

1.9. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istrategġja tal-Kummissjoni dwar iċ-ċibersigurtà tiġi aġġornata regolarment, iżda mhux inqas minn kull sentejn, biex tikkunsidra b'mod effettiv it-teknoloġiji u r-riskji futuri.

1.10. Fl-aħħar nett, il-KESE jenfasizza l-importanza tad-djalogu soċjali fit-tfassil tal-politiki dwar iċ-ċibersigurtà li jipproteġu b'mod effettiv lill-individwi fil-każ ta' xogħol mill-bogħod u attività online b'mod aktar ġenerali.

2. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea

2.1. L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tenfasizza l-impenn tal-UE biex tissalvagwardja ambjent online li jipprovdi l-ogħla livell ta' libertà u sigurtà possibbli, għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħha.

2.2. Il-Komunikazzjoni tiddekrivi l-viżjoni tal-UE f'dan il-qasam, tiddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet, u tipproponi attivitajiet speċifiċi fil-livell tal-UE mmirati biex jipprovdu protezzjoni robusta u effettiva filwaqt li jissalvagwardjaw id-drittijiet taċ-ċittadini sabiex jiġi żgurat ambjent online sigur u mingħajr periklu.

2.3. L-azzjonijiet proposti għandhom l-għan li:

- jiksbu reżiljenza ċibernetika, billi jżidu l-kapaċitajiet, it-tħejjija, il-kooperazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni fil-qasam tas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni, għas-setturi pubbliċi u privati u fil-livell nazzjonali u dak tal-UE;
- jistandardizzaw is-sekwenzi tal-proċessi għaċ-ċiberdifiża fl-Unjoni kif ukoll jibnu bażi tad-data li jkun fiha informazzjoni rilevanti biex tiġi pprovduta intelligence dwar it-theddid b'appoġġ għas-settur jew l-ekonomija milquta;
- inaqqsu drastikament iċ-ċiberkriminalità billi jsaħħu l-għarfien espert ta' dawk responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tagħha, billi jadottaw approċċ aktar ikkoordinat bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-Unjoni, u billi jtejbju l-kooperazzjoni ma' atturi oħra;
- jistabbilixxu edukazzjoni u ċertifikazzjoni fl-UE kollha għall-professionisti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' esperti kwalifikati fil-qasam taċ-ċiberkriminalità, li jevolvu f'livell ta' ħiliet koerenti fl-Unjoni kollha;
- jiżviluppaw politika tal-EU dwar iċ-ċiberdifiża u kapaċitajiet fil-qafas tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni;
- irawmu r-riżorsi industrijali u teknoloġiċi meħtieġa biex nibbenefikaw mis-Suq Uniku Diġitali. Dan se jgħin biex jistimula l-ħolqien ta' industrija u suq Ewropej għal ICT siguri; se jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE; u se jżid l-infiq pubbliku u privat fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) fil-qasam taċ-ċibersigurtà;
- itejbu l-politika internazzjonali tal-UE dwar iċ-ċiberspazju biex jippromovu l-valuri ewlenin tal-UE, jiddefinixxu n-normi għal imġiba responsabbli, jippromovu l-applikazzjoni tal-liġi internazzjonali eżistenti fiċ-ċiberspazju u jgħinu lill-pajjiżi barra mill-UE biex jibnu l-kapaċità taċ-ċibersigurtà; u
- jiżviluppaw u jimplimentaw siġill ta' approvazzjoni tas-sigurtà fil-livell tal-UE għal prodotti, servizzi u teknoloġiji li jissodisfaw l-istandards u r-rekwiżiti għal soluzzjonijiet effettivi mil-lat ċibernetiku.

2.4. L-Istrateġija proposta tkopri s-sigurtà tas-servizzi essenzjali bħal sptarijiet, grilji tal-enerġija u linji ferrovjarji u l-ammont dejjem jiżdied ta' tagħmir konness fid-djar, l-uffiċċji u l-fabbriki tagħna, il-bini ta' kapaċitajiet kollettivi biex jirrispondu għal attakki ċibernetiċi kbar u l-ħidma ma' msieħba madwar id-dinja biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali fiċ-ċiberspazju.

2.5. Billi t-theddid taċ-ċibersigurtà huwa kważi dejjem transfruntier, u minħabba li attakk ċibernetiku fpajjiż wieħed jista' jaffettwa grupp ta' Stati Membri jew lill-UE kollha kemm hi, il-Kummissjoni tipproponi wkoll it-twaqqif ta' Ċiberunità Konġunta sabiex tipprovdi l-aktar rispons effettiv għat-theddid ċibernetiku bl-użu ta' riżorsi kollettivi u għarfien espert disponibbli għall-UE u l-Istati Membri.

2.6. L-Istrateġija ta' EUR 2 biljun se tiġi ffinanzjata taħt il-Programm Ewropa Diġitali tal-UE u l-Orizzont Ewropa, b'investimenti ukoll mill-Istati Membri u s-settur privat.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Illum il-ġurnata, iċ-ċibersigurtà hija aċċettata universalment bħala parti integrali mill-funzjonament tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, u ta' kull Stat Membru u l-ekonomija tiegħu. Iċ-ċibersigurtà hija kruċjali biex tappoġġja l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni, l-użu ta' grilji intelliġenti ⁽¹⁾, id-diġitalizzazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomiji tal-UE. Daqstant importanti huma l-ħarsien u s-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini ggarantiti miċ-ċibersigurtà. Is-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet hija partikolarment rilevanti peress li l-attakki ċibernetiċi jistgħu jolqtu b'mod negattiv liċ-ċittadini u lill-unitajiet domestiċi (kif ukoll lin-negozji, lill-organizzazzjonijiet u lis-servizzi pubbliċi). L-attakk informatiku reċenti fi sptar f'Tournai, il-Belġju, huwa eżempju ta' theddida mhux biss għall-assi fiżiċi iżda wkoll għall-ħajja tal-bnedmin minħabba li jiġu posposti operazzjonijiet kirurġiċi ⁽²⁾.

3.2. Skont DIGITALEUROPE ⁽³⁾, it-theddid ċibernetiku jirrappreżenta ostaklu kbir għall-Ewropa fi triqitha lejn il-prospertà. Madwar id-dinja, it-telf ekonomiku minħabba ċ-ċiberkriminalità kien stmat li jilħaq EUR 2,5 triljun sal-aħħar tal-2020, u 74 % tan-negozji fid-dinja jistgħu jistennu li jiġu kompromessi fl-2021. Minkejja dan, 32 % biss tan-negozji Ewropej għandhom politiki dwar iċ-ċibersigurtà. Huwa ċar u inevitabbli li t-theddid ċibernetiku jirrikjedi rispons ikkoordinat mill-UE u strateġija taċ-ċibersigurtà li kapaċi tilqa' l-isfidi attwali u tiddefendi l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini mill-ġenerazzjoni li jmiss ta' theddid ċibernetiku. Dan japplika speċjalment fi ħdan is-servizzi pubbliċi fejn jiġi ġestit ammont kbir ta' data personali u sensittiva u li jeħtieġ li tiġi protetta. Barra minn hekk, it-triq lejn is-sovranià tad-data Ewropea u ż-żamma tal-kunfidenzjalità tad-data fi ħdan l-Unjoni jeħtieġ li tissaħħaħ permezz tar-reżiljenza ċibernetika u diġitali, li min-naħa tagħha se ssaħħaħ il-prospertà fi ħdan l-UE.

3.3. It-telf ekonomiku li jista' jirriżulta mill-attakki ċibernetiċi huwa enormi u jinkludi:

- it-telf ta' proprjetà intellettuali u informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali;
- frodi u reati finanzjarji online, li spiss ikunu r-riżultat ta' informazzjoni personalment identifikabbli (PII) misruqa;
- manipolazzjoni finanzjarja, bl-użu ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva misruqa dwar fużjonijiet potenzjali jew għarfien bil-quddiem ta' rapporti dwar il-prestazzjoni ta' kumpaniji elenkati fil-Borża;
- il-kost tal-għażla, inkluż it-tfixkil fil-produzzjoni jew fis-servizzi, u fiduċja mnaqqa f'attivitajiet online;
- l-ispiża tas-sigurtà tan-networks, bħal xiri ta' assigurazzjoni ċibernetika ⁽⁴⁾, u ħlas għall-irkupru mill-attakki ċibernetiċi; u
- ħsara għar-reputazzjoni u r-riskju ta' responsabbiltà għall-kumpanija kompromessa u d-ditta tagħha, inkluża ħsara temporanja fil-valur tal-ishma.

3.4. Ta' min jinnota li l-Ewropa għandha l-ogħla impatt ekonomiku taċ-ċiberkriminalità, li huwa stmat għal 0,84 % tal-PDG tal-UE, meta mqabbel ma' 0,78 % fl-Amerka ta' Fuq, skont l-aħħar rapport dwar l-impatt ekonomiku taċ-ċiberkriminalità li tfassal miċ-Ċentru għall-Istudji Strateġiċi u Internazzjonali (CSIS).

3.5. F'dan l-isfond, l-Istrateġija proposta, li ssegwi perjodu ta' konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati, ma setgħetx tasal fi żmien aħjar hekk kif l-esperti qed ibassru li l-għadd ta' apparati konnessi madwar id-dinja se jiżdied għal 25 biljun sal-2025. Kwart minn dawn l-apparati huma mistennja li jkunu fl-Ewropa.

⁽¹⁾ Attakk ċibernetiku fuq grilja intelliġenti jista' jkollu impatt fuq il-provvista tal-enerġija għall-konsumaturi u n-negozji.

⁽²⁾ <https://www.databreaches.net/chwapi-hospital-hit-by-ransomware-operations-canceled-and-another-city-hit/>

⁽³⁾ <https://www.digitaleurope.org/>.

⁽⁴⁾ Naturalment, l-assigurazzjoni ċibernetika mhijiex fi provvista illimitata. Il-marda tal-COVID-19 enfasizzat il-fatt li l-akkumulazzjoni tar-riskji hija sfida għall-assigurabbiltà. Ħidma li twettqet dan l-aħħar minn AON tappoġġja d-dikjarazzjoni li l-assigurazzjoni hija biss parti żgħira ħafna (5 %) tal-ispejjeż marbuta mat-thejġja ċibernetika. Instab li l-awditjar u t-taħriġ kienu l-aktar fatturi determinanti importanti tal-ispejjeż.

3.6. L-Istrateġija tħabbret fl-istess ġurnata meta l-kompjuters fl-aġenziji tal-gvern federali tal-Istati Uniti allegatament ġew kompromessi minn attakk ċibernetiku mmirat lejn kumpanija fl-Istati Uniti li tiżviluppa software għall-intrapriżi biex ikunu jistgħu jgħestixxu n-networks u s-sistemi tal-IT tagħhom. Mijiet ta' korporazzjonijiet fl-Istati Uniti kienu wkoll vulnerabbli għall-attakk, li fih il-hackers poġġew malware ma' aġġornament tas-software li tniżżel minn eluf ta' klijenti tal-kumpanija affettwata fl-Istati Uniti. Dan l-inċident juri kif l-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji fis-setturi kollha u s-soċjetà ċivili kollha kemm hi jistgħu jkunu friskju ta' attakk ċibernetiku.

3.7. Mhuwiex sorprendenti li s-setturi ewlenin qed jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Istrateġija: dawn jinkludu l-fornituri ta' servizzi tad-data u ta' cloud, it-telekomunikazzjonijiet, is-sistemi tal-IT tal-gvern, u l-manifattura. Eżempji rilevanti oħra fejn jista' jkun hemm theddid għaċ-ċibersigurtà jinkludu applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti bħal dawk applikati b'rispons għall-COVID-19. Li l-applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti jsiru aktar siguri bla dubju ta' xejn jgħin biex tiżdied il-fiduċja tal-pubbliku fil-protezzjoni tad-data privata fir-rigward tal-miżuri tal-COVID-19 li huma meqjusa essenzjali b'rispons għall-pandemija.

3.8. Il-pandemija tal-COVID-19 ħaffet il-bidla fil-mudelli tax-xogħol, meta wieħed iqis li 40 % tal-ħaddiema tal-UE bdew jaħdmu mill-bogħod fl-2020⁽⁵⁾. Madankollu, huwa stmat li 40 % tal-utenti tal-UE esperjenzaw kwistjonijiet relatati mas-sigurtà fl-2020, u kien hemm aktar minn 12 % tan-negozji li ġew affettwati minn attacchi ċibernetiċi.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jqis l-Istrateġija proposta bħala pass fid-direzzjoni t-tajba biex il-gvernijiet, iċ-ċittadini u n-negozji fl-UE jiġu protetti mit-theddid ċibernetiku globali, u biex tiġi pprovduta tmexxija fiċ-ċiberspazju, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li kulħadd ikun jista' jgawdi mill-benefiċċji tal-Internet u mill-użu tat-teknoloġiji.

4.2. Il-KESE jqis li ċ-ċibersigurtà hija essenzjali biex tiġi ssalvagwardjata l-attività ekonomika u jissaħħa it-tkabbir ekonomiku, kif ukoll biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-utenti f'attivitajiet online. Jaqbel ukoll li jinħtieġu passi kuraġġjużi biex jiġi żgurat li l-Ewropej ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod sigur mill-innovazzjoni, il-konnettività u l-awtomatizzazzjoni.

4.3. Il-KESE jirrikonoxxi li s-setturi ekonomiċi tal-UE qed isiru dejjem aktar diġitalment dipendenti u interdipendenti. Kien hemm ukoll espansjoni enormi fl-użu tal-apparati tal-Internet tal-oġġetti (IoT) mill-konsumaturi u n-negozji, kif ukoll f'ambjenti industrijali bħall-manifattura, filwaqt li l-FinTech u r-RegTech saru aktar aċċessibbli għal kulħadd. L-introduzzjoni tal-5G qabdet ritmu mgħaġġel u, dan l-aħħar, il-kriżi tal-COVID-19 ħaffet it-trasformazzjoni diġitali ta' ħafna kumpaniji u gvernijiet, u ġegħlithom iwettqu ħidmithom mill-bogħod kważi mil-lum għal għada, u b'hekk fil-biċċa l-kbira hegħgħithom jużaw is-servizzi bbażati fuq cloud. Żviluppi bħal dawn jeħtieġu rispons taċ-ċibersigurtà effettiv, rapidu u inklużiv.

4.4. Dawn il-bidliet żiedu l-livell ta' riskju kritiku għall-gvernijiet u l-industrija. Il-KESE għalhekk jappoġġja l-Istrateġija l-ġdida dwar iċ-ċibersigurtà u l-firxa ta' proposti tagħha biex tittejjeb ir-reżiljenza ċibernetika kemm fl-UE kif ukoll esternament. Minkejja li l-entitajiet pubbliċi huma eliġibbli għall-fondi tal-UE taħt diversi programmi rilevanti li jappoġġjaw investimenti f'dan il-qasam, bħalma huma Orizzont 2020/Orizzont Ewropa, il-KESE huwa tal-fehma li jinħtieġu aktar opportunitajiet ta' finanzjament għal entitajiet pubbliċi jew parzjalment pubbliċi, sabiex ikunu jistgħu jsiru investimenti għal infrastruttura adegwata taċ-ċibersigurtà biex tiġi żgurata s-sikurezza ta' provvista għaċ-ċittadini b'mod speċjali fi żmien ta' kriżi bħall-indirizzar ta' pandemija.

4.5. Il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex jinbena network ta' Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà fl-UE kollha li jista' jisfrutta l-intelliġenza artifiċjali (IA) u t-tagħlim awtomatiku biex jittejjeb l-identifikazzjoni u l-analiżi ta' theddid u inċidenti, u biex jingħata rispons aktar malajr għalihom, hija importanti u f'waqtha. Il-KESE jagħraf li l-prevenzjoni manwali ta' attacchi ċibernetiċi li tkun ta' suċċess qed issir aktar diffiċli, minħabba n-numru kbir wisq ta' twissijiet ta' kuljum li t-timijiet tas-sigurtà jridu jħabbtu wiċċhom magħhom, flimkien ma' nuqqas ġenerali ta' ħaddiema speċjalizzati fil-qasam. Dan kollu jagħmel l-awtomatizzazzjoni taċ-Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà inevitabbli.

⁽⁵⁾ Eurofound (2020), Living, working and COVID-19 (L-għajxien, ix-xogħol u l-COVID-19), COVID-19 series, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (mhux disponibbli bil-Malti).

4.6. Il-KESE jilqa' l-għanijiet u l-azzjonijiet dwar is-sigurtà tal-5G, li se jkunu essenzjali biex jgħinu jtaffu riskji ġodda li jirriżultaw mis-superfície ta' attakk dejjem akbar li se joħlqu l-infrastrutturi tan-network 5G. B'mod partikolari, il-KESE jappoġġja s-sejħa tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u tal-Istati Membri biex jaħdmu mal-partijiet ikkonċernati kollha biex jifhmu aħjar it-teknoloġiji u l-kapaċitajiet ġodda tas-sigurtà tal-5G kif ukoll it-theddid. Huwa evidenti li l-Istrateġija tirrikonoxxi li l-użu tal-5G ta' teknoloġiji ġodda bħall-virtwalizzazzjoni tan-network, il-partizzjoni tan-network u l-edge computing huma partikolarment suxxettibbli għal vulnerabbiltajiet speċifiċi li jirrikjedu miżuri addizzjonali ta' sigurtà.

4.7. Il-KESE jilqa' wkoll il-proposta li jiġi żviluppat aktar ir-rwol tal-Europol bħala ċ-ċentru ta' għarfien espert dwar iċ-ċiberkriminalità biex jappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll aktar finanzjament u mandat imsaħħa għas-CERT-UE. Iż-żewġ entitajiet għandhom rwoli kritiċi fl-appoġġ tal-isforzi taċ-ċibersigurtà fl-UE kollha. Dawn l-isforzi bla dubju se jgħinu biex titjieb iċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE u lil hinn.

4.8. Il-KESE jfaħħar l-enfasi fi ħdan l-Istrateġija fuq il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE, pereżempju permezz tad-diplomazija ċibernetika fir-relazzjonijiet internazzjonali, iż-żieda fid-djalogi bilaterali dwar iċ-ċibersigurtà, u t-tisħiħ tal-kapaċità ċibernetika f'pajjiżi terzi. It-theddid taċ-ċibersigurtà huwa globali u mhux biss reġjonali, u l-politiki effettivi biex dan jiġi miġġieled għandhom ikunu globali wkoll.

4.9. Il-KESE jinnota wkoll li l-importanza tad-djalogu u tal-kooperazzjoni fi ħdan il-komunità tad-diversi partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari permezz ta' skambji regolari mas-settur privat u dak pubbliku, l-imsieħba soċjali u l-akkademiċi, hija enfasiszata f'din l-Istrateġija. Dan l-approċċ huwa milqugħ u se jkun essenzjali biex jiġu żviluppati aktar il-proposti li jinsabu fl-Istrateġija u biex jiġu indirizzati żviluppi importanti bħall-isfidi tas-sigurtà li jirrapreżenta x-xogħol mill-bogħod. Il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha għandu jibqa' għaddej hekk kif il-livell tat-teknoloġija użat fiċ-ċiberkriminalità qed isir aktar sofistikat.

4.10. Il-KESE jilqa' l-enfasi li saret fuq l-iżvilupp ta' ħliet rilevanti li jipproteġu kontra t-theddid ċibernetiku b'mod ġenerali. Madankollu, għall-biċċa l-kbira tal-kumpaniji Ewropej u speċjalment l-SMEs, id-diskrepanza dejjem tikber fil-ħiliet għadha problema kbira fil-konfront tat-theddid taċ-ċibersigurtà. Il-KESE jemmen li din id-diskrepanza fil-ħiliet tista' tiġi indirizzata biss permezz ta' Għodda għall-Perkorsi ta' Karriera fiċ-Ċibersigurtà fl-UE kollha li tgħin lill-individwi jidentifikaw, jibnu u jinnavigaw karriera potenzjali fiċ-ċibersigurtà billi jiżied il-fehim tal-għarfien, tal-ħiliet u l-abbiltajiet meħtieġa għall-bidu, it-tranżizzjoni jew l-avvanz ta' karriera fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Jeħtieġ li din l-għodda tinkludi wkoll programmi speċifiċi li jindirizzaw l-aċċessibbiltà u d-diversità fl-isparzu taċ-ċibersigurtà. Ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET) huwa meqjus kritiku biex jappoġġja Għodda għall-Perkorsi ta' Karriera fiċ-Ċibersigurtà fl-UE kollha. Barra minn hekk, kulma jmur l-UE għadha tfitx inizzjattivi konġunti ta' riċerka (fl-UE u lil hinn) biex tipproduċi professjonisti b'ħiliet u kwalifiki fil-qasam taċ-ċibersigurtà b'mod inklużiv, fid-dawl tar-rwol li qed jevolvi tat-teknoloġija fil-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol u soċjetà aktar inklużivi. Fl-aħħar nett, għandhom jitqiesu b'mod attiv miżuri intiżi biex iħeġġu lill-istudenti jseguw studji universitarji fil-qasam taċ-ċibersigurtà billi jiġu provduti boroż ta' studju għall-gradni ta' Baċċellerat u Master u lawrji li jiffukaw fuq iċ-ċibersigurtà, bi skambju għall-għoti ta' servizz fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE kif ukoll fis-servizzi pubbliċi fl-UE hekk kif jiggradwaw.

4.11. Il-KESE jinnota li l-konnessjoni bejn iċ-ċibersigurtà u d-diżinformazzjoni hija aspekk li ma ġiex indirizzata fl-Istrateġija dwar iċ-ċibersigurtà. B'mod speċifiku, il-KESE jirreferi għall-istudju, ikkummissjonat mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali⁽⁶⁾. Fl-era taċ-ċiberspazju tal-Internet, it-tixrid tad-diżinformazzjoni jista' jkollu konsegwenzi serji. L-attakki transfruntiera jistgħu jimmiraw iċ-ċentri ta' informazzjoni, istituzzjonijiet governattivi jew Ewropej biex ixerrdu d-diżinformazzjoni u attakki bħal dawn jistgħu jnaqqsu wkoll il-fiducia fl-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk jeħtieġ li ssir enfasi fuq il-prevenzjoni tad-diżinformazzjoni fi kwalunkwe strateġija dwar iċ-ċibersigurtà.

4.12. Il-KESE jinnota wkoll li l-investiment barrani f'setturi strateġiċi, l-akkwist ta' assi, teknoloġiji u infrastrutturi kritiċi fl-Unjoni u l-provvista ta' tagħmir kritiku jistgħu jkunu ta' riskju wkoll għas-sigurtà tal-UE. F'dan ir-rigward u b'konformità mar-regoli eżistenti dwar l-akkwist pubbliku, il-KESE jirrakkomanda li tingħata aktar importanza lill-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà fl-għoti tal-kuntratti.

⁽⁶⁾ [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2019/608864/IPOL_STU\(2019\)608864_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2019/608864/IPOL_STU(2019)608864_EN.pdf) (mhux disponibbli bil-Malti).

4.13. Il-KESE jinnota wkoll li s-sigurtà tas-software u s-sistemi kriptografiċi attwali hija compromessa mill-introduzzjoni tal-kompjuter kwantistiku, li huwa mistenni li jkun disponibbli għall-pubbliku fi żmien għaxar snin jew inqas. Dan jimmotiva l-ħtieġa għal tranżizzjoni lejn kriptografija reżistenti għall-kwantum jew postkwantum. Xhieda ta' dan huma l-inizjattivi dinjija għall-istandardizzazzjoni ta' skemi kriptografiċi postkwantum, bħall-Proċess ta' Standardizzazzjoni tal-Kriptografija Postkwantum tan-NIST fl-Istati Uniti, il-Grupp ta' Ħidma tal-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) dwar il-Kriptografija Sigura għall-Kwantum u l-Kompetizzjoni tal-Kriptografija Postkwantum organizzata mill-Assoċjazzjoni Ċiniża għar-Riċerka Kriptoloġika.

4.14. Il-KESE jirrakkomanda li l-istrateġiji nazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà jiġu riveduti biex tiġi żgurata konsistenza mal-Istrateġija tal-Kummissjoni u biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-Istati Membri jikkonformaw mal-proposti li jinsabu fl-Istrateġija tal-Kummissjoni. Għandu jkun hemm konverġenza tal-istrateġija fl-UE kollha kif ukoll tal-istrateġiji nazzjonali biex it-theddid ċibernetiku jiġi indirizzat b'mod effettiv illum u fil-ġejjieni.

4.15. Minħabba li r-riskji futuri huma fil-biċċa l-kbira imprevedibbli u b'referenza għall-punt 4.13 hawn fuq, il-KESE jirrakkomanda li l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar iċ-ċibersigurtà tiġi aġġornata regolarment, iżda mhux inqas minn kull sentejn, biex tikkunsidra b'mod effettiv it-teknoloġiji u r-riskji futuri. Kif intqal qabel, l-involvement tal-partijiet ikkonċernati u r-riċerka ta' livell għoli se jkun essenzjali wkoll fl-aġġornament tal-istrateġiji dwar iċ-ċibersigurtà.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG

Il-President

tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726”

[COM(2020) 712 final — 2020/0345 (COD)]

(2021/C 286/15)

Relatur: **Ozlem YILDIRIM**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 24.2.2021
Bażi legali	Artikolu 81(2) u Artikolu 82(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	247/0/3
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva regolatorja proposta, li teħtieġ li tiġi supplimentata mill-proposti tal-Parlament Ewropew. Is-sistema e-Codex se jkollha impatt pożittiv indirett peress li tissemplifika u tħaffet il-proċeduri u l-kooperazzjoni għidizzjarji transfruntiera, li se jikkontribwixxu wkoll għat-titjib tal-funzjonament tas-suq uniku.

1.2. Ta' min wieħed jinnota li s-sistema e-Codex mhijiex limitata għal għustizzja elettronika. B'antiċipazzjoni għall-futur, il-KESE jirrakkomanda li tiġi inkludha dispożizzjoni biex tinfetħ il-possibbiltà ta' użi oħra minn amministrazzjonijiet pubbliċi oħra, inkluż pereżempju t-trasferiment ta' rekords tas-saħħa elettronika.

1.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tinkludi l-aspett tal-iskalabbiltà fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Sa issa, s-sistema e-CODEX kienet qed topera fi ftit Stati Membri li huma l-isponsors inizjali ta' dan il-proġett. Madankollu, il-proġett attwali tas-sistem e-CODEX jeħtieġ li jissaħħaħ u jkompli jiffunzjona mingħajr xkiel fl-Istati Membri kollha, peress li din hija l-intenzjoni tar-Regolament propost.

1.4. Id-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà, l-ekonomija u l-amministrazzjoni qed taċċellera u flimkien dawn jirrappreżentaw għan ambizzjuż; hija meħtieġa rabta ċara ma' din ir-realtà. Is-sistema e-CODEX hija komponent ewlieni tal-“Pakkett ta' kooperazzjoni għidizzjarja diġitali” u l-infrastruttura tas-servizzi diġitali tal-Għustizzja elettronika, fost inizjattivi oħra. Peress li tindirizza l-għustizzja u d-drittijiet fundamentali, il-KESE jqis li din għandha tkun marbuta mal-istrateġija diġitali globali “Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa”⁽¹⁾, aspett ewlieni li mhuwix espliċitu fir-Regolament.

1.5. Peress li l-eu-LISA mhijiex aġenzija regolatorja, il-KESE jemmen li l-Kapitolu 2 tar-Regolament propost jeħtieġ li jindirizza t-trasparenza tal-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet, l-involviment tal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u l-indipendenza meħtieġa tad-deċizzjonijiet meħuda mill-korpi involuti fil-governanza tiegħu.

1.6. Peress li s-sistema e-CODEX tikkonsisti f'pakkett ta' prodotti ta' software, li jista' jintuża biex jiġi stabbilit punt ta' aċċess għal komunikazzjoni sigura, il-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà trid tkun objettiv ewlieni fir-Regolament, li jinftehem bħala l-ħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri ta' sigurtà li jipproteġu l-eżerċizzju liberu tad-drittijiet individwali.

⁽¹⁾ COM(2020) 67 final.

1.7. Punt partikolari li l-KESE jemmen li jistħoqqlu attenzjoni akbar huwa l-aċċess reali u wiesa' għall-ġustizzja diġitali. Il-benefiċċji tas-sistema e-CODEX jeħtieġ li jmorru lil hinn minn aspetti relatati ma' titjib fil-ġestjoni, l-operat u l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni. Il-KESE jemmen li l-iżvilupp tal-ġustizzja diġitali għandu jkollu l-għan li jiżgura li ċittadini kollha fl-UE jkollhom aċċess sigur, sikur, affidabbli u faċli għall-ġustizzja.

1.8. Il-KESE jindika t-tassib eżistenti li qajmu diversi partijiet ikkonċernati u Stati Membri dwar jekk il-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura huwiex se jiġi żgurat biżżejjed fl-operazzjoni permanenti u fl-iżvilupp ulterjuri tas-sistema e-CODEX mill-eu-LISA.

2. Il-kuntest u l-punti ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni

2.1. Is-sistema e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' Data Online) tnediet taħt il-Pjan ta' Azzjoni pluriennali 2009-2013 dwar l-e-Justice Ewropea ⁽²⁾, prinċipalment biex tippromovi d-diġitalizzazzjoni ta' proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera u biex tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri.

2.2. Is-sistema e-CODEX hijaa l-għodda ewlenija biex jiġi stabbilit network ta' komunikazzjoni interoperabbli u deċentralizzat bejn is-sistemi tal-IT nazzjonali fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera. Hijaa pakkett ta' software li jippermetti konnessjoni bejn is-sistemi nazzjonali, u li jħalli lill-utenti, bħal awtoritajiet ġudizzjarji, prattikanti legali u membri tal-pubbliku, jibagħtu u jirċievu dokumenti, forom legali, evidenza u informazzjoni oħra b'mod rapidu u sikur. Is-sistema e-CODEX tikkonsisti f'pakkett ta' prodotti ta' software li jista' jintuża biex jiġi stabbilit punt ta' aċċess għal komunikazzjoni sigura.

2.3. Is-sistema e-CODEX hija waħda mill-komponenti ewlenin tal-politika tal-Ġustizzja elettronika tal-Kummissjoni biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u l-effiċjenza tagħha fl-Istati Membri u hija inkluża fil-Pjan ta' azzjoni pluriennali Ewropew dwar il-Ġustizzja elettronika għall-2019-2023 ⁽³⁾. Hija kkonfermata wkoll bħala l-għodda ewlenija għal komunikazzjoni diġitali sigura fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea – Strumentarju ta' opportunitajiet* ⁽⁴⁾. Fil-kuntest ta' suq uniku diġitali li għandu l-għan li jipprovdi infrastruttura u servizzi b'veloċità għolja, siguri u affidabbli, is-soluzzjonijiet għall-promozzjoni tal-Ġustizzja elettronika kienu parti mill-pjan ta' azzjoni tal-Gvern elettroniku għall-2016-2020 ⁽⁵⁾.

2.4. Is-sistema e-CODEX ġiet żviluppata minn 21 Stat Membru tal-UE bil-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi/territorji u organizzazzjonijiet oħra ⁽⁶⁾ bejn l-2010 u l-2016.

2.5. Bħalissa s-sistema e-CODEX hija ġestita minn konsorzju ta' Stati Membri u organizzazzjonijiet oħra, iffinanzjati minn għotja tal-UE.

2.6. Is-sistema e-CODEX teħtieġ li tiġi ġestita b'mod li ma jpoġġix fid-dubju l-indipendenza tal-ġudikaturi nazzjonali.

2.7. Il-Kummissjoni qed tressaq proposta għal Regolament biex tistabbilixxi s-sistema e-CODEX fil-livell tal-UE, u qed tafda lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) bil-ġestjoni operattiva tas-sistema. Governanza stabbli għas-sistema e-CODEX se tagħmilha possibbli li din tiġi stabbilita bħala s-sistema prestabbilita għall-iskambju ta' messaġġi elettroniċi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-livell tal-UE. L-eu-LISA mhijiex se tieħu f'idejha l-ġestjoni tas-sistema e-CODEX qabel Lulju 2023.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva regolatorja proposta, li teħtieġ li tiġi supplimentata mill-proposti tal-Parlament Ewropew. Is-sistema e-Codex se jkollha impatt pożittiv indirett peress li tissempjifika u tħaffef il-proċeduri u l-kooperazzjoni ġudizzjarji transfruntiera, li se jikkontribwixxu wkoll għat-titjib tal-funzjonament tas-suq uniku.

⁽²⁾ ĠU C 75, 31.3.2009, p. 1

⁽³⁾ Regolament (UE) 2018/1726.

⁽⁴⁾ COM(2020) 710 final.

⁽⁵⁾ COM(2016) 179 final.

⁽⁶⁾ Jersey, in-Norveġja, it-Turkija, il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE) u l-Kunsill tan-Notarjati tal-Unjoni Ewropea (CNUE).

3.2. L-Ewropa hija forza ewlenija fit-trasformazzjoni diġitali. Is-sistema e-CODEX hijaa katalista għal din it-trasformazzjoni fl-Ewropa u fl-Istati Membri u, b'mod importanti, bejniethom. Hija tmur lil hinn mill-ħtiġijiet funzjonali tal-IT, billi tirrigwarda fatturi ewlenin bħall-armonizzazzjoni, il-kultura, id-drittijiet tal-bniedem u proċessi oħra li jeħtieġ li jiġu indirizzati mill-Istati Membri fid-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u l-ekonomija.

3.3. Peress li dan ir-Regolament jippermetti liċ-ċittadini jibbenefikaw minn aċċess transfruntier aħjar għall-ġustizzja, il-KESE jqis li dan irrid jindirizza wkoll b'mod speċifiku t-tisħiħ u l-armonizzazzjoni meħtieġa tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja. Dan jibda bl-ekosistema diġitali li tinfed is-sistema e-CODEX, li trid tippermetti ambjent interoperabbli u interkonness. Il-KESE jixtieq jirrimarka li sa issa, l-adozzjoni tal-IT min-naħa tal-ġudikatura fl-Ewropa kienet diverġenti. Għalhekk, il-KESE jappella għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn id-dipartimenti nazzjonali tal-ġustizzja u konverġenza fl-UE kollha f'diversi livelli, filwaqt li jiġi rrispettati bis-sħiħ il-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi nazzjonali inklużi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tad-diversi atturi involuti. Fuq livell tekniku, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom livelli simili ta' awtomatizzazzjoni u l-kapaċità teknika biex jimmaniġġjaw u jaħżnu dokumenti elettroniċi kbar, kif ukoll biex il-fornituri tas-servizzi jiġu interkonnessi b'mod sigur ħafna.

3.4. It-tisħiħ tal-fiduċja fl-interazzjoni elettronika transfruntiera bejn iċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi huwa kruċjali. L-impatt tar-Regolament dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-Suq Uniku Ewropew (eIDAS) fuq l-infrastruttura u l-funzjonament tas-sistema e-CODEX ma jistax jiġi injorat. Peress li r-Regolament eIDAS jirregola l-firem elettroniċi, it-tranżazzjonijiet elettroniċi, il-korpi involuti u l-proċessi tagħhom, il-KESE josserva li s-sistema e-CODEX tiffunzjona bħala mezz effettiv għall-komunikazzjoni b'mod wiesa'. Jeħtieġ li l-infrastruttura tagħha topera f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament eIDAS u tippermetti interoperabbiltà sigura.

3.5. Ta' min wieħed jinnota li s-sistema e-CODEX mhijiex limitata għall-ġustizzja elettronika. B'antiċipazzjoni għall-futur, il-KESE jirrakkomanda li tiġi inkluża dispożizzjoni biex tinfetħ il-possibbiltà ta' użi oħra minn amministrazzjonijiet pubbliċi oħra, inkluż pereżempju t-trasferiment ta' rekords tas-saħħa elettronika. L-użu tas-sistema e-CODEX lil hinn mill-ġustizzja elettronika se jikkontribwixxi biex jiġi żgurat l-użu fit-tul tiegħu u jhegħġeg lill-Istati Membri biex jagħmlu l-investiment meħtieġ fl-infrastruttura tagħhom. Peress li din il-proposta tirregola l-aspetti tal-ġustizzja biss, sabiex isir dan, ikunu meħtieġa proposti leġiżlattivi differenti.

3.6. Il-KESE jappoġġja s-sistema e-CODEX peress li tippermetti trażmissjoni elettronika sigura tal-informazzjoni u d-dokumenti fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera. Kif tinnota l-Kummissjoni, dan ir-Regolament huwa meħtieġ għal żewġ raġunijiet ewlenin: (1) biex tiġi stabbilita u prevista s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema e-CODEX, u (2) biex jiġu fdati l-ġestjoni, l-iżvilupp ulterjuri u l-manutenzjoni tagħha lill-Aġenzija eu-LISA. Madankollu, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li governanza effettiva tas-sistema ġudizzjarja diġitali teħtieġ kemm arkitettura teknika li hija sostenibbli u stabbli, kif ukoll infrastruttura soda ta' governanza.

3.7. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tinkludi l-aspett tal-iskalabbiltà fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Sa issa, is-sistema e-CODEX kienet qed jopera fi ftit Stati Membri li huma l-isponsors inizjali ta' dan il-proġett. Madankollu, il-proġett attwali tas-sistem e-CODEX jeħtieġ li jissaħħaħ u jkompli jiffunzjona mingħajr xkiel fl-Istati Membri kollha, peress li din hija l-intenzjoni tar-Regolament propost. Il-KESE jenfasisza li hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jiżgura li s-sistemi tal-IT u l-infrastruttura nazzjonali tagħhom jiffunzjonaw tajjeb, ikunu siguri u li d-data personali u l-privatezza jkun żgurati.

3.8. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tgħin lill-entitajiet li joperaw barra mill-UE, b'mod partikolari f'pajjiżi assoċjati mal-Unjoni Ewropea, biex jistabbilixxu l-pakkett ta' prodotti tas-software tas-sistema e-CODEX. It-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett, li għandu jkun ibbażat fuq mudell ċar ta' kofinanzjament, iġib benefiċċji għall-partijiet kollha involuti. Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-iskalabbiltà u l-operazzjonalità tas-sistema għandha tiġi kkunsidrata.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. L-allinjament u l-konsistenza mal-istrategġi ewlenin Ewropej

4.1.1. Id-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà, l-ekonomija u l-amministrazzjoni qed taċċellera u flimkien dawn jirrappreżentaw għan ambizzjuż; hija meħtieġa rabta ċara ma' din ir-realtà. Is-sistema e-CODEX hija komponent ewleni tal-“Pakkett ta' kooperazzjoni għidizzjarja diġitali” u l-infrastruttura tas-servizzi diġitali tal-Ġustizzja elettronika, fost inizjattivi oħra. Peress li tindirizza l-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali, il-KESE jqis li din għandha tkun marbuta mal-istrategġja diġitali globali “Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa”⁽⁷⁾, aspett ewleni li mhuwiex espliċitu fir-Regolament.

4.1.2. Fil-fehma tal-KESE, l-inizjattiva leġislattiva li jmiss dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA), li se tiġi żvelata mill-Kummissjoni fir-rebbiegħa tal-2021⁽⁸⁾, jeħtieġ li tindirizza b'mod speċifiku r-rwol tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA sabiex tippermetti soluzzjonijiet tal-ġustizzja elettronika u r-riskji assoċjati mal-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA mill-awtoritajiet għidizzjarji. Dawn l-użi possibbli jinkludu “ġustizzja predittiva” u l-isfidi tagħha, l-użu ta' pjattaformi għas-soluzzjoni online għat-tilwim, u l-użu ta' algoritmi f'investigazzjonijiet kriminali.

4.1.3. Il-KESE jirrikonoxxi li s-sistema e-CODEX ma tinvolvi l-użu tal-IA. Madankollu, l-IA qed tintuża dejjem aktar fis-sistemi għidizzjarji. Għaldaqstant, minħabba r-relazzjoni indiretta, il-KESE jirrakkomanda li l-ewwel rieżami tal-Pjan Koordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali⁽⁹⁾, skedat għall-ewwel trimestru tal-2021, jindirizza r-rabta bejn l-IA u l-ġustizzja diġitali u s-sistema e-CODEX.

4.2. Governanza effettiva u aspetti operattivi tas-sistema e-CODEX

4.2.1. Peress li l-eu-LISA mhijiex aġenzija regolatorja, il-KESE jemmen li l-Kapitolu 2 tar-Regolament propost jeħtieġ li jindirizza t-trasparenza tal-proċess tad-deċiżjonijiet, l-involviment tal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u l-indipendenza meħtieġa tad-deċiżjonijiet meħuda mill-korpi involuti fil-governanza tiegħu. Pereżempju, u minħabba li se jkun hemm grupp potenzjali ewleni ta' utenti tas-sistema e-CODEX, il-parteċipazzjoni tal-avukati tista' tiġi inkluża kemm fil-livell ta' politika kif ukoll f'dak ta' implimentazzjoni biex twieġeb, pereżempju, għall-ħtieġa li jiġi żgurat li s-sistema e-CODEX tappoġġja kundizzjonijiet ekwi f'termini ta' aċċessibbiltà għall-partijiet kollha u jissodisfa r-rekwiżiti tal-avukati. Il-professjonisti legali għidizzjarji għandhom għalhekk ikunu involuti b'mod strutturali u mhux biss ikkonsultati.

4.2.2. Fuq livell operattiv, il-KESE jissottolinja li hemm bżonn ta' xi kjarifika rigward, pereżempju, id-delimitazzjoni stretta tal-kwistjonijiet tal-affarijiet interni u l-kwistjoni tal-“punt uniku ta' servizz”. Jeħtieġ li jiġu armonizzati wkoll il-formati għall-preżentazzjoni u l-iskambju tal-evidenza bejn il-ġurisdizzjonijiet.

4.2.3. Rigward l-eu-LISA, l-aġenzija jeħtiġilha tkun ipprovduta b'riżorsi umani biżżejjed u riżorsi finanzjarji suffiċjenti. Sabiex jissaħħaħ dan il-punt, il-KESE jtenni r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar it-taħriġ meħtieġ għall-persunal tal-eu-LISA⁽¹⁰⁾, b'mod partikolari l-persunal tal-IT, li għandu jinkludi fehim tajjeb ta' kif il-ġestjoni tas-sistema e-CODEX trid tiżgura l-indipendenza tal-ġudikatura u d-dritt għal proċess ġust. Dan jista' jiġi żviluppata aktar fl-Artikolu 13 tar-Regolament propost.

4.3. Livell għoli ta' sigurtà għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet

4.3.1. Peress li s-sistema e-CODEX tikkonsisti f'pakkett ta' prodotti ta' software, li jista' jintuża biex jiġi stabbilit punt ta' aċċess għal komunikazzjoni sigura, il-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà trid tkun għan ewleni fir-Regolament, li jinftehem bħala l-ħtieġa li jiġu stabbiliti miżuri ta' sigurtà li jiproteġu l-eżerċizzju mingħajr limitu tad-drittijiet individwali⁽¹¹⁾. Il-KESE jemmen ukoll li r-Regolament dwar is-sistema e-CODEX irid jisħaq fil-Kapitolu 2 li hemm fis-seħħ ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Aġenzija eu-LISA u l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)⁽¹²⁾.

⁽⁷⁾ COM(2020) 67 final.

⁽⁸⁾ <https://www.europarl.europa.eu/news/mt/headlines/eu-affairs/20201208STO93329/coming-up-eu-spearheads-efforts-for-recovery-in-2021>

⁽⁹⁾ COM(2018) 795 final <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/ALL/?uri=CELEX:52018DC0795>.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 283, 10.8.2018, p. 48

⁽¹¹⁾ Opinjoni EESC-2020-05923 adottata matul is-sessjoni plenarja ta' April 2021 (ara paġna 76 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽¹²⁾ <https://www.enisa.europa.eu/publications/artificial-intelligence-cybersecurity-challenges>.

4.3.2. Is-soluzzjonijiet diġitali jeħtieġ li jiżguraw livell għoli ta' privatezza u protezzjoni tad-data. Livell għoli ta' sigurtà jinvolti wkoll l-iżguraw ta' protezzjoni armonizzata tad-data fil-livell nazzjonali. Il-KESE jtenni l-ħtieġa li l-kontrolluri tad-data fl-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi adegwati, jimplimentaw prinċipji tal-protezzjoni tad-data b'mod effettiv u jiżguraw biżżejjed riżorsi finanzjarji biex dan ikun jista' jseħħ.

4.3.3. Ir-riskji relatati mas-sigurtà qed isiru dejjem aktar imprevedibbli. Il-KESE jirrikonoxxi l-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni tar-riskju jinsabu fil-qalba taċ-ċiklu annwali tal-aġenzija eu-LISA fl-oqsma ta' ppjanar, operazzjonijiet ta' rutina u rappurtar. Il-KESE jemmen li minbarra l-istrategġiji ta' mitigazzjoni tar-riskju u l-immappjar ta' "riskji kbar", l-eu-LISA tista' ssaħħaħ il-qafas tagħha permezz ta' mmappjar ta' riskji possibbli b'riżultati mhux mistennija. Dan jagħmilha aġenzija aktar reżiljenti u antiċipatorja.

5. Il-konformità mad-drittijiet fundamentali

5.1. *L-aċċess għall-ġustizzja diġitali għal kulħadd, bħala mod kif jiġu żgurati l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni*

5.1.1. Punt partikolari li l-KESE jemmen li jistħoqqlu attenzjoni akbar huwa l-aċċess reali u wiesa' għall-ġustizzja diġitali. Il-benefiċċji tas-sistema e-CODEX jeħtieġ li jmorru lil hinn minn aspetti relatati ma' titjib fil-ġestjoni, l-operat u l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni. Il-KESE jemmen li l-iżvilupp tal-ġustizzja diġitali għandu jkollu l-għan li jiżgura li ċ-ċittadini kollha fl-UE jkollhom aċċess sigur, sikur, affidabbli u faċli għall-ġustizzja. L-ugwaljanza tal-aċċess jeħtieġ li tkun fil-qalba tar-Regolament, sabiex jiġu evitati d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi. Il-KESE jirrakkomanda li r-Regolament dwar is-sistema e-CODEX jenfasizza aħjar il-fatt li ċ-ċittadini jeħtieġilhom jibbenefikaw b'mod ġenwin minn protezzjoni legali ugwali u effettiva u aċċess għal ġustizzja elettronika u servizzi diġitali relatati.

5.1.2. Il-benefiċċji tas-sistema e-CODEX jridu jilhq u jservu pubbliku akbar. F'dimensjoni usa', kemm l-awtoritajiet ġudizzjarji u dawk transfruntiera mhumie x l-uniċi partijiet ikkonċernati. L-ambjent li fih teżisti s-sistema e-CODEX jeħtieġ li jintegra mhux biss l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-punti ta' aċċess tas-sistema e-CODEX, iżda anke għadd kbir ta' atturi: ċittadini, qrati, persunal tal-qorti, persunal ieħor amministrattiv u tal-ICT, aġenziji tal-infurzar tal-liġi, nutara, esperti forensiċi diġitali, avukati, u partijiet terzi li jibbenefikaw b'mod dirett jew indirett mis-sistema.

5.1.3. Barra minn hekk, minħabba l-importanza tas-sistema e-CODEX biex jiġi żgurat aċċess effettiv taċ-ċittadini u n-negozji għall-ġustizzja, għandha tiġi inkluża wkoll referenza għall-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali.

5.2. *Ir-rispett tal-indipendenza tal-ġudikatura u d-dritt għal proċess ġust*

5.2.1. L-indipendenza tal-ġudikatura hija l-pedament tal-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat u wieħe d mill-prinċipji essenzzjali tal-istat tad-dritt. L-użu tat-teknoloġija ma għandux jissagrifika t-twetliq konsistenti tal-ġustizzja. Għal din ir-raġuni, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni adegwata dwar jekk is-sistema użata għall-interkonnessjoni tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja elettronika hijiex kapaċi tikkonforma mal-prinċipji ta' proċess ġust u dovut. Tali salvagwardji japplikaw, b'mod partikolari, fil-każ ta' trasferiment tas-sistema e-CODEX lil eu-LISA.

5.2.2. Il-KESE jindika t-tħassib eżistenti li qajmu diversi partijiet ikkonċernati u Stati Membri dwar jekk il-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura huwiex se jiġi żgurat biżżejjed fl-operazzjoni permanenti u fl-iżvilupp ulterjuri tas-sistema e-CODEX mill-eu-LISA. Id-dispożizzjonijiet attwali tal-proposta li jsemmu l-indipendenza tal-ġudikatura mhumie x sodisfaċenti. Minħabba l-importanza ta' dan il-prinċipju, hemm bżonn ta' kliem aktar b'saħħtu. Barra minn hekk, il-KESE jitlob kjarifika dwar kif l-istruttura ta' governanza proposta tassistema e-CODEX se tiżgura dan il-prinċipju b'mod effettiv fil-prattika.

5.3. *Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u referenza għalihom*

5.3.1. Il-KESE jissottolinja l-fatt li dan ir-Regolament jrid jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-konstituzzjonijiet tal-Istati Membri. Dawn jinkludu d-dritt għas-sigurtà, id-dritt għal rimedju effettiv, u l-prinċipji tal-legalità u l-proporzjonalità. Il-KESE jirrimarka li l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet tiddependi fuq il-kundizzjonijiet skont liema dawn id-drittijiet jistgħu jinkisru u min jiddeċiedi dwar dan.

5.3.2. L-użu tat-teknoloġiji diġitali m'għandux idgħajef id-dritt għal proċess ġust u rimedju legali effettiv. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward ta': opportunità ugwali għaż-żewġ partijiet biex jargumentaw il-każ tagħhom (opportunità ugwali għall-partijiet); id-dritt li jkollhom għarfien/kummenti dwar l-evidenza u l-osservazzjonijiet kollha ppreżentati (proċedimenti kontenzjużi); id-dritt għal smigħ pubbliku; fi proċedimenti kriminali, nuqqas ta' interferenza mad-drittijiet tad-difiża.

5.3.3. Referenza speċifika għall-applikabbiltà tat-Titolu VI: Ġustizzja tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u għall-Artikolu 47 tagħha, għandha tiġi inkluża fil-proposta.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea Strumentarju ta' opportunitajiet”

[COM(2020) 710 final]

(2021/C 286/16)

Relatur: **João NABAIS**

Konsultazzjoni	21.4.2021
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	31.3.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	237/2/9

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni bħala pass essenzjali u effettiv li jippermetti d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja. Huwa kruċjali li l-Istati Membri jiġu appoġġjati fil-livell nazzjonali biex jagħmlu din il-bidla billi jiġu pprovduti mhux biss bil-finanzjament meħtieġ, iżda wkoll bl-għodod. B'dan l-appoġġ, tista' tiġi żviluppata d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fil-livell Ewropew, sabiex jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jippermettu aktar kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji.

1.2. Il-KESE jinnota li s-sitwazzjoni tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor u li minħabba d-diversità ta' għodod nazzjonali tal-IT, l-Istati Membri ma jużawx ċerti mekkaniżmi, bħas-sistema e-CODEX ⁽¹⁾, b'mod konsistenti.

1.3. Għalhekk, fil-fehma tal-KESE qed isir dejjem aktar importanti li jiġu stabbiliti regoli mmirati lejn armonizzazzjoni aħjar bejn id-diversi Stati Membri.

1.4. Il-KESE jemmen li d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja hija għodda kruċjali biex tiġi żgurata kooperazzjoni ġenwina bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra Prattiki Kriminali li jagħmlu ħsara kbira liż-żona Ewropea.

1.5. Il-KESE jinnota li xi aspetti speċifiċi tal-Komunikazzjoni ma jirriflettux ir-realtà multidimensjonali tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri differenti.

1.6. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tadotta direttiva dwar interventi fi proċedimenti ġudizzjarji mill-bogħod, li tippredvi u taċċetta kwalunkwe mezz ta' kuntatt permezz ta' telefonata bil-vidjo fuq kwalunkwe mezz li jiggwarantixxi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u ma jikkompromettix il-protezzjoni tad-data personali tal-persuni kkonċernati, u lanqas il-kunfidenzjalità tal-proċedura li tkun għaddejja.

1.7. Il-KESE ma jemminx li l-użu ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni mill-bogħod, li diġà jeżistu, jista' jipperikola l-protezzjoni tad-data nnifisha, peress li kulħadd jista' jattendi l-biċċa l-kbira tal-proċedimenti tal-qorti.

1.8. Il-KESE jqis li l-awtorità tal-pulizija li tkun qed tinvestiga grupp terroristiku potenzjali fi Stat Membru għandu jkollha aċċess immedjat għall-evidenza miġbura mhux biss fil-bażijiet tad-data tal-Europol, tal-Eurojust u tal-UPPE (Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew), iżda wkoll fil-bażijiet tad-data tal-awtorità tal-infurzar tal-liġi ta' kull Stat Membru.

⁽¹⁾ COM(2020) 712 final.

1.9. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jsir l-aħjar użu mill-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni għall-possibbiltà li jiġu infurzati sentenzi fi Stati Membri oħra, għal mekkaniżmi alternattivi ta' tilwim u għal kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE.

2. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

2.1. Din il-Komunikazzjoni tipproponi sett ta' għodod għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, sabiex is-settur tal-ġustizzja javvanza fl-era diġitali. Hija tirrakkomanda approċċ li jqis il-partikolaritajiet u l-kompetenzi nazzjonali, li huma differenti bejn l-Istati Membri, u li jirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Fl-istess ħin, huwa importanti li l-Istati Membri kollha jimpenjaw ruħhom biex inaqsu d-distakki li jeżistu fid-diġitalizzazzjoni u l-frammentazzjoni bejn is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, u li jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet offruti mill-mekkaniżmi xierqa ta' finanzjament tal-UE.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-kriżi tal-COVID-19 ħolqot bosta problemi għall-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja u għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Is-seduti wiċċ imb wiċċ u n-notifika transfruntiera tad-dokumenti ġudizzjarji ttardjaw, kien temporanjament impossibbli li tinkiseb assistenza legali personali u xi limiti ta' żmien skadew minħabba dewmien akkumulat. Fl-istess ħin, iż-żieda fl-għadd ta' każijiet ta' insolvenza u ta' sensji marbuta mal-pandemija qed tikkomplika aktar il-ħidma tal-qrati.

3.2. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġu implimentati miżuri ġodda biex tiġi intensifikata u aċċellerata d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li l-Istati Membri jiġu appoġġjati fil-livell nazzjonali billi mhux biss jiġu pprovduti bil-mezzi finanzjarji meħtieġa, iżda wkoll bl-għodod li bihom l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-professjonisti tal-ġustizzja kollha jkunu jistgħu jippreparaw għal dawn iż-żminijiet ta' bidla. Huwa kruċjali li l-ġustizzja ssir aktar aċċessibbli u li titqarreb lejn iċ-ċittadini.

3.3. Huwa biss dan l-appoġġ, fil-livell nazzjonali, li se jagħmilha possibbli li tiġi żviluppata d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fil-livell Ewropew, sabiex jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jippermettu aktar kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji.

3.4. Ta' min jinnota li, b'mod ġenerali, is-sitwazzjoni tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor u li minħabba d-diversità ta' għodod nazzjonali tal-IT, l-Istati Membri ma jużawx ċerti mekkaniżmi, bħas-sistema e-CODEX, b'mod konsistenti.

3.5. Għalhekk qed isir dejjem aktar importanti li jiġu stabbiliti regoli mmirati lejn armonizzazzjoni aħjar bejn id-diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.

3.6. L-oġettiv ewlieni tal-Komunikazzjoni huwa li tkompli d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-ġustizzja, li tippromovi l-użu ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni mill-bogħod (vidjokonferenzi) siguri u ta' kwalità għolja, li tiffaċilita l-interkonnnessjoni ta' bażijiet tad-data u ta' reġistri nazzjonali u li tippromovi l-użu ta' mezzi siguri ta' trażmissjoni elettronika bejn l-awtoritajiet kompetenti.

3.7. Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja hija għodda fundamentali biex tiżgura sħubija ġenwina bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra attivitajiet kriminali li jimminaw serjament l-ispazju Ewropew, bħar-reati terroristiċi, il-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni, it-traffikar tal-bnedmin, il-mibegħda u l-inċitament għal diskors ta' mibegħda u għal vjolenza.

3.8. Illum il-ġurnata, dawn ir-reati qed ikunu dejjem aktar ta' natura trasversali. Għalhekk, it-tranżizzjoni diġitali tirrappreżenta pass ta' ġgant 'il quddiem, u pass essenzjali, fl-istrateġija ta' investigazzjoni u ta' infurzar tal-liġi fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet dannużi.

3.9. Għalkemm il-Kummissjoni għamlet sforzi konsiderevoli f'dan il-qasam u l-komunikazzjoni tagħha jistħoqqilha valutazzjoni pożittiva ħafna, id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja hija fil-fatt proċess twil u diffiċli.

3.10. Ċerti aspetti speċifiċi tal-komunikazzjonijiet jistgħu jiġu kkritikati minħabba lakuni, jew saħansitra perċezzjoni insuffiċjenti tal-inkompatibbiltajiet bejn l-ideat proposti u r-realtà multidimensjonali tal-ambjenti ġudizzjarji tal-Istati Membri differenti.

3.11. Il-Kummissjoni tidher li qed tittraskura l-modalitajiet tat-tmexxja ta' proċessi u dmirijiet ġudizzjarji oħra, kemm fi proċeduri ċivili, kummerċjali u tal-liġi tax-xogħol, kif ukoll fi proċeduri kriminali (bħall-interrogazzjoni ta' konvenuti u s-smigħ ta' xhieda waqt investigazzjoni kriminali), li jeħtieġu l-parteċipazzjoni ta' atturi mill-bogħod, jew permezz ta' applikazzjonijiet disponibbli fis-suq, jew permezz ta' telefonati bil-vidjo fil-qafas ta' applikazzjonijiet ta' kuntatt.

3.12. Il-KESE jifhem li l-aspetti ritwali tal-ġustizzja għandhom jiġu rrispettati, iżda l-kriżi tal-COVID-19 wasslitna biex nagħrfu li mhuwiex essenzjali li l-vidjokonferenzi jsiru permezz ta' mekkaniżmi eżistenti ta' interazzjoni bejn il-qrati (kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak internazzjonali) fil-preżenza tal-partijiet fil-proċedura fil-qrati kompetenti fil-ġurisdiżzjoni mid-dar jew f'postijiet maħsuba u awtorizzati minn qabel (bħall-għases tal-pulizija, is-servizzi tax-xjenza forensika u oħrajn), filwaqt li l-kuntatt max-xhieda jista' jsir bil-kompjuter jew bil-mowbajl, irrispettivament mill-post fejn ikunu.

3.13. Illum il-ġurnata, diġà hemm xi mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod li mhux biss jiggarrantixxu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, iżda wkoll il-protezzjoni tad-data, żewġ elementi kruċjali, li naturalment għandhom ikunu ssalvagwardjati.

3.14. Ta' min ifakkar li l-prinċipju tal-aċċess pubbliku japplika għall-biċċa l-kbira tal-proċedimenti ġudizzjarji. Għalhekk, waqt proċeduri tal-qorti miftuħa għall-pubbliku, ma jkunux involuti biss qraba u ħbieb tad-diversi partijiet ikkonċernati (jew l-attur u l-konvenut, fil-kuntest ta' proċeduri legali ċivili, kummerċjali u tal-liġi tax-xogħol, jew xhieda u konvenuti fil-kuntest ta' proċedura kriminali), iżda wkoll persuni oħra li ma jkunux direttament involuti fil-proċess, u f'ħafna każijiet anke ġurnalisti u professjonisti oħra tal-midja.

3.15. Għalhekk, il-KESE ma jabsibx li l-użu ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni mill-bogħod, bħall-pjattaformi tal-IT u applikazzjonijiet diġitali oħra debitament iċċertifikati, li diġà jeżistu, jistgħu jipperikolaw il-protezzjoni tad-data nnifisha, meta fil-fatt kulħadd jista' jattendi għall-biċċa l-kbira tal-proċeduri tal-qorti.

3.16. Barra minn hekk, u b'mod partikolari fil-liġi proċedurali kriminali, il-konvenuti wkoll għandu jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu li jinstemgħu permezz ta' għodod ta' komunikazzjoni mill-bogħod aktar milli jkunu preżenti fil-qorti, jekk ma jkunx hemm eċċezzjonijiet speċifiċi li jiġġustifikaw li l-konvenut ikollu jidher personalment fil-qorti.

3.17. Fir-rigward tax-xhieda, jenħtieġ li jiġi żgurat li persuna b'xi diżabbiltà fiżika u li tirrisjedi f'lokalità żgħira li tkun tinsab ħafna kilometri 'l bogħod mill-eqreb qorti ma jkollhiex għalfejn tħalli l-kumdità ta' darha u jkollha tistenna sigħat sħaħ qabel ma tissejjaħ biex tixhed, peress li llum il-ġurnata jeżistu pjattaformi elettroniċi affidabbli u ċċertifikati li jiżguraw is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' xhieda mill-bogħod.

3.18. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tipproponi "il-promozzjoni tal-użu ta' teknoloġija tal-komunikazzjoni mill-bogħod sigura u ta' kwalità għolja (vidjokonferenzi)".

3.19. Għalhekk, u f'konformità ma' dak li ntqal hawn fuq, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tadotta direttiva dwar proċedimenti ġudizzjarji mill-bogħod, li tipprevedi u taċċetta kwalunkwe mezz ta' kuntatt permezz ta' telefonata bil-vidjo fuq kwalunkwe mezz (eż. kompjuter, laptop jew anke mowbajl), li tiggarantixxi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u ma tikkompromettix il-protezzjoni tad-data personali tal-persuna kkonċernata, u lanqas il-kunfidenzjalità tal-proċedura li tkun għaddejja.

3.20. Approċċ bħal dan huwa konformi mar-rapport ta' prospettiva strateġika tal-2020 tal-Kummissjoni, li juri li t-tranżizzjoni diġitali fil-qasam tal-ġustizzja għandha tagħti prijorità liċ-ċittadini u toħloq possibbiltajiet ġodda għad-diversi partijiet ikkonċernati, billi tgħin biex jitnaqqas id-dewmien, tiżdied iċ-ċertezza tad-dritt u jingħata aċċess irħas u aktar faċli għall-ġustizzja.

3.21. Madankollu, jeħtieġ li nibqgħu attenti għas-sitwazzjoni tal-minorenni u l-persuni vulnerabbli, kif ukoll fil-każijiet li jikkonċernaw reati ta' mibegħda jew ta' natura sesswali, jiġifieri fil-każijiet fejn huwa aktar importanti, saħansitra essenzjali, li jiġi żgurat ir-rispett tal-ħajja privata u ċ-ċertezza tad-dritt.

3.22. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni hija mħassba wkoll dwar l-iżvilupp ta' mudell standard għall-aċċess għall-każistika tal-qrati nazzjonali f'format li jista' jinqara mill-magni, "identifikatur tal-każistika Ewropea".

3.23. Din il-proposta jistħoqqilha appoġġ sħiħ iżda, sabiex tkun kompletament effettiva, tista' teħtieġ komplement leġiżlattiv fis-sens tal-istandardizzazzjoni formali (mhux tas-sustanza) tas-sentenzi tal-qorti.

3.24. Kif jaf kulħadd, kull Stat Membru għandu mhux biss il-leġiżlazzjoni tiegħu stess, iżda wkoll is-sistema ta' konvenzjonijiet tiegħu stess. L-istruttura u l-kompożizzjoni ta' sentenza fil-Portugall ċertament mhux se jkunu l-istess bħal fl-Italja jew fi Franza, u dawn id-differenzi għandhom għalhekk jitqiesu debitament mill-Kummissjoni.

3.25. Il-Kummissjoni tippromponi wkoll li toħloq pjattaforma tal-IT għall-kollaborazzjoni bejn it-timijiet ta' investigazzjoni konġunti (li jlaqqgħu flimkien l-investigaturi u l-prosekuturi mill-Istati Membri, fejn meħtieġ bl-appoġġ tal-Europol, il-Eurojust u l-UPPE). L-aċċess għal data u bażijiet tad-data disponibbli fl-Istati Membri għandu jkun limitat għall-awtoritajiet kompetenti, li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.

3.26. Din hija proposta eċċellenti li madankollu tista' tiġi mxejnkla min-nuqqas ta' armonizzazzjoni tar-regoli tal-kodiċijiet differenti tal-proċedura kriminali tal-Istati Membri li jirregolaw il-kwistjonijiet kollha relatati mal-kumpilazzjoni ta' xhieda.

3.27. Sakemm issejh standardizzazzjoni bħal din, huwa possibbli li ċerti proċeduri ta' investigazzjoni jwasslu għal każijiet ta' nullità skont il-leġiżlazzjoni ta' ċerti Stati Membri, u li għalhekk jistgħu jikkompromettu l-effettività ta' investigazzjonijiet konġunti.

3.28. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu hija waħda mill-preokkupazzjonijiet tal-Kummissjoni f'din il-Komunikazzjoni. Madankollu, lil hinn mill-affermazzjoni tal-hteġa ta' proposta leġiżlattiva relatata mal-iskambji dwar każijiet ta' terroriżmu diġitali transfruntiera, huwa imperattiv li jinħolqu u jiġu implimentati għodod ibbażati fuq l-interkonnessjoni diġitali għall-iskambju mhux biss ta' proċedimenti, iżda wkoll ta' informazzjoni dwar persuni suspettati u l-attivitajiet ta' gruppi sorveljati⁽²⁾.

3.29. Fid-dawl tal-hteġa li jiġi miġġieled it-terroriżmu, il-KESE jqis li l-awtorità tal-pulizija li tkun qed tinvestiga grupp terroristiku potenzjali fi Stat Membru għandu jkollha aċċess immedjat għall-evidenza miġbura mhux biss fil-bażijiet tad-data tal-Europol, tal-Eurojust u tal-UPPE, iżda wkoll fil-bażijiet tad-data ta' kull waħda mill-awtoritajiet tal-pulizija fl-Istati Membri. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-informazzjoni ma tiġix trażmessa lil persuni mhux awtorizzati jew li ma hemmx fiduċja fihom.

3.30. Jenħteġ li jkun żgurat ukoll il-forniment ta' servizzi online bħat-tiġdid tal-karta tal-identità, iċ-ċertifikati ġudizzjarji elettroniċi, iċ-ċertifikati tal-istat ċivili jew saħansitra r-rekords kriminali, kif ukoll il-konsultazzjoni online ta' proċedimenti ġudizzjarji, għaliex dan mhux biss inaqqas l-ispostamenti lejn il-postijiet fiżiċi fejn jingħataw is-servizzi, iżda joffri wkoll dawn is-servizzi anke meta l-postijiet fiżiċi jkollhom jagħlqu.

3.31. Madankollu, fir-rigward tal-interkonnessjoni ta' data (b'mod partikolari dwar in-negozji, il-fallimenti, ir-reġistri tal-artijiet u dawk kummerċjali u r-rekords kriminali), jeħtieġ li jiġi żgurat li l-aċċess għal din id-data ma jistax, f'ċerti każijiet (pereżempju għad-data ta' rekords kriminali), jipperikola d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali.

3.32. Għalhekk, huwa essenzjali li l-mudell tal-IT stabbilit f'dan il-qasam jiġi studjat b'mod partikolari fil-fond sabiex id-diġitalizzazzjoni mixtieqa ma tkunx ta' dannu għaċ-ċittadini u ma taffettwax id-drittijiet fundamentali tagħhom.

3.33. Fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tippreżenta l-ħolqien tal-istrument intitolat "L-ispażju tiegħi tal-Ġustizzja elettronika", li l-għan tiegħu huwa li jippermetti lill-individwi jaċċessaw b'mod elettroniku d-dokumenti ġudizzjarji li persuna, jew ir-rappreżentant legali tagħha, titħalla tikkonsulta u/jew tikseb (fil-każijiet nazzjonali jew fil-każijiet pendenti fi Stati Membri oħra).

⁽²⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE (ĠU C 110, 22.3.2019, p. 67).

3.34. Sakemm tiżgura aċċess aktar mgħaġġel, aktar effiċjenti u inqas għali għall-ġustizzja, il-possibbiltà ta' aċċess diġitali għall-informazzjoni msemmija fil-każijiet li fihom ċittadini ikun parti huwa aspett essenzjali għall-ħolqien ta' trasparenza gudiżzarja vera, għodda essenzjali biex iċ-ċittadini jingħataw is-sens li l-ġustizzja mhijiex sigrieta u inaċċessibbli.

3.35. Il-fatt li l-awtoritajiet gudiżzarji u l-avukati nfushom jistgħu jaċċessaw b'mod elettroniku l-każijiet li jkunu ġew ipproċessati fi Stat Membru ieħor jirrappreżenta pass ta' ġgant 'il quddiem u pass essenzjali fid-diġitalizzazzjoni tant mixtieqa tal-ġustizzja.

3.36. Madankollu, fid-dawl tad-differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-firxa tal-kunfidenzjalità gudiżzarja fil-proċeduri kriminali, jidher li fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali f'dan il-qasam, din il-proposta eċċellenti tal-Kummissjoni se tkun ċertament kompromessa fil-kuntest tar-reġistri transfruntiera.

3.37. Id-diġitalizzazzjoni mixtieqa tal-ġustizzja għandha toffri liċ-ċittadini tal-Unjoni possibbiltajiet ġodda u sinifikanti biex isolvu problemi f'kuntest transfruntier. Dan huwa l-uniku mod biex jinkiseb l-oġettiv tat-tisħiħ tad-dritt taċ-ċittadini għall-aċċess għall-ġustizzja.

3.38. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirrimarka, pereżempju, l-istabbiliment ta' mezzi (b'mod diġitali) biex jinbnew ordnijiet transfruntiera u l-possibbiltà li tiġi żgurata l-eżekuzzjoni transfruntiera tal-ħlas tal-manteniment lill-minorenni fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri.

3.39. Madankollu, fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ħalliet barra l-kwistjoni tasew fundamentali tal-possibbiltà li jiġu eżegwiti deċiżjonijiet tal-qorti fi Stati Membri oħra. Id-diġitalizzazzjoni toffri l-mezzi biex dan l-oġettiv, li huwa talba li ilha teżisti minn ħafna professjonisti legali, jintlaħaq b'mod konkret. Ta' min jinnota li f'diversi oqsma (il-liġi kummerċjali u l-liġi tal-familja) is-sitwazzjoni inkwistjoni diġà hija prevista, għalhekk jeħtieġ li tiġi estiża għall-oqsma li għadhom mhumiex koperti.

3.40. Ilu ħafna stabbilit li d-deċiżjonijiet gudiżzarji jinevitabbilment jingħataw mill-qrati ta' kull Stat Membru u li, f'dan ir-rigward, is-sovranià tal-Istati Membri tal-Unjoni għandha titqies bħala inaljenabbli.

3.41. Iżda l-verità hi li ħafna deċiżjonijiet tal-qorti fl-aħħar japplikaw għal proprjetajiet, negozji jew ċittadini li jinsabu barra t-territorju fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni.

3.42. F'każijiet bħal dawn, il-fruntieri bejn l-Istati Membri jikkostitwixxu ostakli għall-implimentazzjoni rapida tal-ġustizzja. Il-kooperazzjoni gudiżzarja fi ħdan l-Unjoni għandha għalhekk tieħu vantaġġ mill-possibbiltajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni sabiex l-eżekuzzjoni tas-sentenzi sseħħ direttament fit-territorju fejn jinsabu l-proprjetajiet ikkonċernati.

3.43. L-istess japplika għall-modi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, li l-proċeduri tagħhom għandhom ikunu jistgħu jsiru wkoll online, inklużi l-attivitajiet taċ-ċentri dwar l-arbitraġġ, il-kummissarji tal-ġustizzja u s-sistemi pubbliċi ta' medjazzjoni.

3.44. Fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji u l-korpi tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera, il-Kummissjoni bir-raġun tagħraf il-ħtieġa li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-kooperazzjoni diġitali.

3.45. Madankollu, filwaqt li kien mistenni li fil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni tiddefinixxi l-mudell li għandu jiġi adottat u l-investimenti li tkun lesta tappoġġja sabiex tikseb dan l-oġettiv importanti, hija biss xewqa fiergħa li l-Eurojust, l-UPPE, l-OLAF (l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi) u l-Europol "jaqblu dwar approċċ komuni li jiggarrantixxi kooperazzjoni ordnata u sigura mal-Istati Membri [...]".

3.46. Madankollu, f'qasam daqshekk importanti, jeħtieġ li l-Kummissjoni tintalab tistabbilixxi perjodu ta' żmien għall-istabbiliment ta' mudell ta' kooperazzjoni u, aktar milli sempliċement tittama li l-istituzzjonijiet jaqblu, timpenja ruħha biex toħloq strument (direttiva?) li jagħmilha possibbli li jiġi impost, f'dan il-każ ukoll, mekkaniżmu bbażat fuq il-possibbiltajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni.

3.47. Il-KESE jilqa' l-intenzjonijiet espressi mill-Kummissjoni f'din il-Komunikazzjoni fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju pprovdut lill-Istati Membri għall-iżvilupp ta' sistemi xierqa tal-IT u d-definizzjoni ta' strateġija għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-UE fil-qafas tal-Programm dwar il-Ġustizzja l-ġdid u l-programm Ewropa Diġitali.

3.48. Ta' min jinnota li mhumiex l-awtoritajiet ġudizzjarji jew iċ-ċittadini li jikkostitwixxu l-ostaklu ewlieni għad-diġitalizzazzjoni, iżda n-nuqqas ta' mezzi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri biex jikkonkretizzaw miżuri bħal dawn ta' ħolqien u implimentazzjoni ta' pjattaformi diġitali u ta'mezzi elettroniċi fil-qasam tal-ġustizzja.

3.49. Huwa għalhekk, u b'mod partikolari fil-kuntest tal-kriżi attwali, li qed tolqot l-ekonomiji tal-Istati Membri b'mod ħażin ħafna, mhux biss fuq medda qasira ta' żmien, iżda wkoll fuq medda twila ta' żmien, li għandhom jinstabu malajr soluzzjonijiet ta' finanzjament għal dawn il-pajjiżi, sabiex id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja tkun tista' tinkiseb bl-armonija u l-uniformità meħtieġa. Huwa biss b'din il-kundizzjoni li l-kooperazzjoni transfruntiera tista' tiġi stabbilita fuq livell Ewropew.

3.50. Barra minn hekk, jenħteġ li jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni turi l-intenzjoni tagħha li jiġi żgurat li dan l-oġettiv tant importanti, li jikkonsisti fl-isfruttament tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni biex jinholq spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fl-UE, jibbenefika minn riżorsi li se jkunu disponibbli fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

3.51. Huwa wkoll rassiguranti li jiġi nnutat li l-Kummissjoni tqis li l-istrument ta' assistenza teknika, li jirriżulta minn Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, se jgħin lill-Istati Membri kollha jimplimentaw riformi fis-settur tal-ġustizzja, li naturalment se jimplika l-investimenti fit-tranżizzjoni diġitali msemmija qabel.

3.52. Peress li l-Kummissjoni tqis li l-kooperazzjoni transfruntiera attwali bbażata fuq il-karta għandha bosta nuqqasijiet li għandhom impatt negattiv fuq l-effettività u l-ispejjeż tal-proċedimenti ġudizzjarji, huwa essenzjali li t-trażmissjoni elettronika ssir il-mezz awtomatiku għall-komunikazzjoni u l-iskambju ta' dokumenti.

3.53. Sistema tal-IT deċentralizzata tista' titqies biex tiġbor flimkien is-sistemi nazzjonali sabiex id-dokumenti jkunu jistgħu jinqasmu b'mod elettroniku, b'mod aktar rapidu u b'mod aktar sigur. Għal dan il-għan, il-protezzjoni tad-data u l-privatezza għandhom jitqiesu meta jiġu trażmessi d-dokumenti u tinġabar l-evidenza.

3.54. L-universalizzazzjoni tal-proċeduri elettroniċi, il-bidla għal komunikazzjonijiet diġitali bejn il-qrati u entitajiet u servizzi oħra, kif ukoll il-forniment ta' dokumenti proċedurali multimedjali mir-rappreżentanti legali huma miżuri essenzjali biex tinkiseb id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja.

3.55. Jenħteġ ukoll li tinġibed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-ħtieġa li l-prattikanti legali jingħataw l-għodod li jippermettullhom jimplimentaw il-miżuri msemmija, permezz ta' taħriġ diġitali u korsijiet ta' speċjalizzazzjoni għall-użu ta' ċerti applikazzjonijiet u pjattaformi elettroniċi, li neċessarjament se jinvolvu spejjeż.

3.56. Madankollu, għandha ssir eċċezzjoni għall-Istati Membri soġġetti għal proċedimenti għall-ksur tad-drittijiet fundamentali jew għall-ksur tal-istat tad-dritt:

(a) m'għandhomx jibbenefikaw minn finanzjament tal-UE; u

(b) mhux l-informazzjoni kollha għandha tiġi kondiviża magħhom minħabba li l-qrati tagħhom, is-sistema ġudizzjarja tagħhom u l-awtoritajiet tal-pulizija tagħhom ma jistgħux jiġu fdati aktar.

3.57. L-isforzi ta' trasformazzjoni attwali jipprovdu bażi soda għall-mobilizzazzjoni akbar ta' kapaċitajiet teknoloġiċi permezz ta' teknoloġiji emerġenti biex tiġi stabbilita ekosistema ta' ġustizzja mogħnija b'mezzi diġitali u ċċentrata fuq l-individwi.

3.58. Il-KESE jistenna b'interess kbir modifika tal-leġiżlazzjoni li tippermetti t-tranżizzjoni mixtieqa tal-ġustizzja għall-era diġitali, u li tipprevedi b'mod partikolari l-aċċettazzjoni tal-identifikazzjoni elettronika għat-trażmissjoni diġitali ta' dokumenti ġudizzjarji u l-ammissibbiltà ta' dokumenti elettroniċi jew trażmessi b'mod elettroniku bħala evidenza fil-proċedimenti ġudizzjarji.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE”

[COM(2018) 51 final — 2018/18 (COD)]

(2021/C 286/17)

Relatur: **Dimitris DIMITRIADIS**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 24.3.2021
Bażi legali	Artikoli 168(4) u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	227/0/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-azzjoni tal-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE fil-ksib ta' mandat ⁽¹⁾ mill-Istati Membri biex jibdev negozjati mal-Parlament Ewropew dwar proposta leġiżlattiva li tikkonċerna l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa għall-benefiċċju tal-pazjenti.

1.2. Il-KESE jaqbel li l-proċessi bbażati fuq l-evidenza bħall-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, li hija xprun ewlieni għat-tkabbir soċjoekonomiku u l-innovazzjoni fl-Unjoni, jistgħu jkopru kemm l-aspetti kliniċi kif ukoll dawk mhux kliniċi tat-teknoloġija tas-saħħa u li dan jista' jinkiseb permezz ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-livell tal-Unjoni, li timmira għal protezzjoni għolja tas-saħħa għall-pazjenti u li tiżgura funzjonament bla xkiel ta' Suq Uniku inklużiv.

1.3. Il-KESE jisħaq li r-regolament dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, ladarba jiġi adottat, se jkun pass kbir 'il quddiem fil-qasam tal-kura tas-saħħa u se jwitti t-triq għal Unjoni Ewropea tas-Saħħa b'saħħitha li se ttejjeb u tissalvagwardja s-saħħa taċ-ċittadini kollha.

1.4. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-mandat jirreferi għas-saħħa bħala suq, filwaqt li s-saħħa hija ben komuni u għandha tiġi indirizzata mill-perspettiva ta' interess ġenerali.

1.5. Il-KESE jirrikonoxxi li l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa jista' jkollha rwol ewlieni fil-provvista ta' kura tas-saħħa ġusta u sostenibbli.

1.6. Il-KESE jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrikorri għall-proċedura leġiżlattiva ta' Regolament minflok għal strument ġuridiku ieħor, minħabba li din hija adegwata biex tiggarantixxi kooperazzjoni aktar diretta u aktar effettiva fil-livell tal-Istati Membri ⁽²⁾ kif ukoll bejn l-Istati Membri, minn perspettiva Ewropea.

1.7. Il-KESE jemmen li t-tixjib tal-popolazzjoni tal-Ewropa x'aktarx li jiżdied fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, il-prevalenza ta' mard kroniku, pandemiji u l-miġja ta' teknoloġiji ġodda kumplessi se jżidu l-ħtieġa ta' investiment fis-sistemi tal-kura tas-saħħa, filwaqt li l-Istati Membri qed iħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet baġitarji dejjem akbar.

⁽¹⁾ Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE.

⁽²⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/health-technology-assessment>

1.8. Il-KESE jappoġġja l-użu ta' inċentivi fiskali f'ċerti Stati Membri, kif ukoll il-possibbiltà li l-limitu ta' għajjnuna mill-Istat "de minimis" jiġi rivedut 'il fuq.

1.9. Il-KESE jemmen li l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw u jiffinanzjaw ideat ta' teknoloġiji tas-saħħa ġodda u kwalunkwe inizzjattiva rilevanti minn negozji ġodda.

1.10. Il-KESE jaqbel mal-inizzjattiva li tiġi introdotta aktar koordinazzjoni dwar il-valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa billi jiġi ppreżentat dossier wieħed, u japprova skeda ta' implimentazzjoni gradwali, iżda jinnota n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċjali għall-SMEs.

1.11. Il-KESE huwa mħasseb dwar l-iskedi stabbiliti għall-implimentazzjoni u speċjalment l-applikazzjoni mdewma ta' tliet snin u jemmen li, għall-benefiċċju tal-pazjenti u l-kosteffettività, din tista' titqassar.

1.12. Il-KESE jirrakkomanda li r-Regolament jirreferi għal miżuri preventivi li se jkollhom impatt sinifikanti fuq il-pazjenti, bħal gwida bi struzzjonijiet għall-isptarijiet fil-monitoraġġ ta' infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar u l-prevenzjoni u l-limitazzjoni tagħhom, u li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkun estiż/issupplimentat sabiex jinkludi tali miżuri bħala parti minn ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati.

1.13. Il-KESE jenfasizza li sabiex titwettagħ il-wegħda tas-saħħa u l-kura diġitali, li minnha tagħmel parti l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, l-involviment tas-soċjetà ċivili (b'mod partikolari tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti) huwa kruċjali.

2. Sfond

2.1. Il-Proposta għal Regolament isseħħ wara aktar minn 20 sena ta' kooperazzjoni volontarja fil-qasam tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa. Wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali (Direttiva 2011/24/UE)⁽³⁾, fl-2013 ġie stabbilit, fuq bażi volontarja, network fil-qasam tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa magħmul minn diversi awtoritajiet u korpi nazzjonali tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, inkarigat li jiggwida l-istrateġija u l-politika fil-qasam tal-kooperazzjoni xjentifika u teknika fil-livell tal-Unjoni.

2.2. Dawn l-attivitajiet ġew ikkomplementati minn tliet azzjonijiet konġunti suċċessivi⁽⁴⁾ dwar Il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, li pprovdew lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-opportunità li jistabbilixxu bażi ta' għarfien soda ta' informazzjoni u l-metodoloġiji fir-rigward tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa.

2.3. Il-KESE jirrikonoxxi li s-sistemi tas-saħħa u l-proċess tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa għandhom l-għeruq tagħhom fit-tradizzjonijiet u l-kulturi nazzjonali. Madankollu, bħala ċittadini Ewropej, aħna nemmnu bis-sħiħ li se negħlbu biss l-isfidi futuri marbuta mas-saħħa u nibbenefikaw minn opportunitajiet futuri fil-kura tas-saħħa permezz ta' kollaborazzjoni effettiva fil-livell Ewropew.

2.4. Il-prinċipju tat-twaqqif ta' analiżi prospettiva, b'mod partikolari permezz tal-"analiżi tal-prospettivi", għandu jiġi promoss biex jippermetti l-identifikazzjoni nazzjonali bikrija Ewropea tat-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti li x'aktarx ikollhom impatt kbir fuq il-pazjenti, is-saħħa pubblika u s-sistemi tal-kura tas-saħħa. Analiżi prospettiva bħal din tista' tintuża biex tappoġġja l-grupp ta' koordinazzjoni fl-ippjanar tax-xogħol tiegħu.

3. Problemi u lakuni li l-proposta għandha l-għan li tindirizza

3.1. Il-KESE jaqbel mal-konklużjoni li rriżultat mill-konsultazzjoni wiesgħa li tgħid li, sal-lum, l-aċċess għas-suq tat-teknoloġiji innovattivi huwa mxekkel jew saħansitra distort minħabba differenzi bejn il-proċeduri jew il-metodi amministrattivi applikati fil-livell nazzjonali jew reġjonali u r-rekwiżiti li jeżistu fl-Unjoni kollha fil-qasam tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, imposti mil-leġiżlazzjonijiet u l-prattiki nazzjonali differenti. Din hija r-raġuni li wasslet lill-Kummissjoni tressaq proposta għal regolament bħala l-iżjed approċċ leġiżlattiv adatt⁽⁵⁾.

⁽³⁾ Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

⁽⁴⁾ Azzjoni Konġunta 1 EUnetHTA fl-2010-2012, Azzjoni Konġunta 2 EUnetHTA fl-2012-2015, u Azzjoni Konġunta 3 EUnetHTA fl-2016-2019. Ara: <http://www.eunetha.eu/>

⁽⁵⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/health-technology-assessment>

3.2. Il-KESE jaqbel ukoll li s-sitwazzjoni attwali tikkontribwixxi għan-nuqqas ta' prevedibbiltà tan-negozju, bi spejjeż ogħla għall-industrija u l-SMEs, li twassal għal dewmien fl-aċċess għal teknoloġiji ġodda u tikkawża effetti negattivi fuq l-innovazzjoni. Eżempju tas-sitwazzjoni attwali mingħajr l-armonizzazzjoni tista' tinstab fid-dokument mill-grupp ta' riflessjoni *I-Com*, *l-Istitut għall-Kompetittività* ⁽⁶⁾. F-paġna 49, id-dokument jirrapporta, b'referenza għall-BEUC (l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Konsumatur): li xi korpi tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa jagħmlu l-valutazzjonijiet disponibbli pubblikament, direttament jew fuq talba, filwaqt li oħrajn jikkunsidrawhom kunfidenzjali. Barra minn hekk, xi wħud jaċċettaw l-istudji ta' osservazzjoni intiżi biex jivvalutaw il-valur ta' prodott mediċinali, filwaqt li l-oħrajn jiċchduhom. Bħalma wrew diversi deċennji ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fl-UE, dawn il-problemi ma ġewx solvuti b'mod sodisfaċenti bl-approċċ strettament volontarju li ġie segwit għall-ħidma konġunta mwettqa sal-lum.

3.3. L-inizjattiva se tindirizza b'mod effettiv ix-xenarju frammentat attwali tas-sistemi nazzjonali tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa (proċeduri u metodoloġiji diverġenti li jaffettwaw l-aċċess għas-suq), fid-dawl tal-fatt li l-affidabbiltà ta' kwalunkwe mekkaniżmu ġdid se tkun iggwidata mill-prinċipji ta' espressjoni indipendenti u ħielsa għall-partijiet involuti, abbażi ta' kriterji xjentifiċi, etiċi u imparzjali u li l-għanijiet jistgħu jintlaħqu b'mod adegwat permezz ta' kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-UE skont dawn il-prinċipji. Filwaqt li tissaħħa il-kooperazzjoni fl-livelli oħra li huma indispensabbli għall-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa (pereżempju, f'dawk l-Istati Membri li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet minħabba li ma għandhomx reġistri tal-pazjenti), se jkollhom jitniedu pjani nazzjonali ta' azzjoni għall-patoloġiji kollha sabiex tithaffeff il-ħidma tal-ministeri għas-saħħa rilevanti filwaqt li jitqiesu l-aqwa Prattiki fis-seħħ fi Stati Membri oħra. Dan l-approċċ jinkorpora wkoll il-valuri u l-prioritajiet soċjali fil-proċedura għat-teħid ta' deċiżjonijiet xjentifiċi.

3.4. Il-KESE jirrimarka l-ħtieġa li tiġi appoġġjata l-innovazzjoni teknoloġika fis-settur tas-saħħa, sabiex tkopri wkoll il-kura li ma tingħatax fi sptar fil-livell lokali. Hekk kif il-popolazzjoni tixjieħ ⁽⁷⁾, il-mard kroniku jsir aktar prevalenti u aktar persuni jitolfu l-awtonomija, jeħtieġ li t-teknoloġiji u l-metodi ta' intervent fil-qasam tal-kura fid-djar isiru speċjalizzati u jintużaw b'mod aktar effettivi. Għal dan il-għan, għandhom jiġu inkoraġġiti programmi apposta tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, li jkollhom l-għan li jtejb u l-kura u l-assistenza fid-djar, mhux biss bl-użu ta' teknoloġiji ġodda u t-telemediċina, iżda wkoll permezz ta' żieda fil-kwalità tas-servizzi fis-settur tal-kura b'mod ġenerali.

4. X'inhuma r-riżultati mistennja minn din il-proposta speċifika?

4.1. L-għan propost tar-Regolament tal-UE dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa huwa, fost l-oħrajn, li jiġi żgurat li l-mekkaniżmu li jiżgura l-valutazzjonijiet kliniċi jiġi sottomess darba biss fil-livell tal-Unjoni biex tiġi promossa d-disponibbiltà ta' teknoloġiji tas-saħħa innovattivi għall-pazjenti fl-Ewropa u biex isir użu aħjar mir-riżorsi disponibbli, filwaqt li tittejjeb il-prevedibbiltà tan-negozju.

4.2. Il-KESE jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrikorri għall-proċedura leġislattiva ta' regolament minflok għal strument ġuridiku ieħor, minħabba li din tiggarantixxi kooperazzjoni aktar diretta u aktar effettiva fil-livell tal-Istati Membri, kif ukoll bejn l-Istati Membri, b'approċċ Ewropew.

4.3. Il-Proposta għal Regolament hija intiża wkoll biex tiżgura li l-metodi u l-proċeduri applikati fil-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa jkunu aktar prevedibbli fl-UE kollha u li l-valutazzjonijiet kliniċi konġunti ma jkunux irduppjati fil-livell nazzjonali, u dan sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u d-diverġenzi. L-għażla ppreferuta hija meqjusa li ttipprovdi l-aħjar kombinazzjoni ta' effiċjenza u effettiva fl-ilħuq tal-għanijiet tal-politika, filwaqt li tirrispetta wkoll il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Dan jirrappreżenta l-aħjar mezz possibbli biex jintlaħqu l-għanijiet tas-suq intern.

4.4. Il-KESE jaqbel li l-proposta ttipprovdi qafas sostenibbli lill-Istati Membri li jagħtihom il-possibbiltà li jlaqqgħu flimkien il-kompetenzi tagħhom, isaħħu t-teħid tad-deċiżjonijiet fuq il-bażi tal-evidenza, u li jappoġġjahom fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw is-sostenibbiltà tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa. L-għażla ppreferuta hija wkoll kosteffiċjenti fis-sens li l-ispejjeż huma bbilanċjati b'mod sinifikanti bl-iffrankar għall-Istati Membri, l-industrija u l-SMEs, bħala riżultat tal-ġbir tar-riżorsi, l-evitar tad-duplikazzjoni u t-titjib tal-prevedibbiltà tan-negozju. Il-proposta fiha dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' għodod komuni tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, li jadottaw implimentazzjoni gradwali tal-kamp ta' applikazzjoni, li jibdw bil-mediċini tal-kanċer, bil-mediċini orfni u bil-prodotti mediċinali ta' terapija avanzata u tistabbilixxi l-erba' pilastri għall-ħidma konġunta tal-Istati Membri fil-livell tal-UE, bħall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti, il-konsultazzjonijiet konġunti, l-identifikazzjoni ta' teknoloġiji tas-saħħa emerġenti u l-kooperazzjoni volontarja.

⁽⁶⁾ <http://www.astrid-online.it/static/upload/7787/7787e169a7f0afc63221153a6636c63f.pdf>.

⁽⁷⁾ http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/european_economy/2015/pdf/ee3_en.pdf.

4.5. Il-KESE, filwaqt li jaqbel ma' implimentazzjoni dettaljata ta' skeda taż-żmien, iqis li r-rwol sinifikanti tal-IA, flimkien mat-trasformazzjoni diġitali, bidlu x-xenarju tas-saħħa u l-kura li joffri strateġiji ta' trattament rapidi. Għalhekk, il-KESE huwa mħasseb dwar l-iskedi stabbiliti għall-implimentazzjoni u speċjalment l-applikazzjoni mdewma ta' tliet snin kif deskritt fl-Artikolu 5(2)(b) ⁽⁸⁾ u jemma li għall-benefiċċju tal-pazjenti u l-kosteffettività, din tista' titqassar.

4.6. Approċċ iċċentrat fuq il-pazjent huwa l-uniku mod biex jiġi żgurat li l-kura tas-saħħa tkun adegwata u rilevanti. Għal din ir-raġuni, ir-rwol tal-pazjenti, daww li jieħdu ħsieb il-pazjenti, l-ekonomija soċjali u l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti għandu jkollha fin-network propost tal-partijiet ikkonċernati, fil-grupp ta' koordinazzjoni u fi kwalunkwe valutazzjoni klinika. Aħna nappoġġjaw is-sejħa tal-Forum Ewropew tal-Pazjenti għall-involviment obbligatorju u sinifikattiv tal-komunità tal-pazjenti sabiex jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa jitwettqu fl-interess tal-pazjenti ⁽⁹⁾.

5. Liema għażliet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi għew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta?

5.1. Il-KESE jqis li l-Proposta għal Regolament hija konformi mal-għanijiet ġenerali tal-UE, inklużi daww ta' funzjonament bla xkiel tas-suq intern, ta' sistemi tas-saħħa sostenibbli, u ta' aġenda ambizzjuża għar-riċerka u l-innovazzjoni.

5.1.1. Minbarra li hija konsistenti ma' dawn l-għanijiet politiċi tal-EU, il-proposta hija wkoll kompatibbli mat-Trattati tal-UE eżistenti, leġiżlazzjoni li tirregola l-prodotti mediċinali, apparat mediku djanjostiku in vitro u apparat mediku ⁽¹⁰⁾. Pereżempju, għalkemm il-proċess regolatorju u l-proċess tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa se jibqgħu separati b'mod ċar minħabba li għandhom skopijiet differenti, hemm opportunitajiet biex jinħolqu sinerġiji permezz tal-kondiviżjoni reċiproka ta' informazzjoni u allinjament aħjar taż-żmien li fi h jitwettqu l-proċeduri bejn il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti proposti u l-awtorizzazzjoni ċentralizzata għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti mediċinali ⁽¹¹⁾.

5.2. Il-bażi ġuridika tal-proposta huma l-Artikoli 114 u 116 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

5.2.1. L-Artikoli 114 u 116 tat-TFUE jippermettu l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri, sakemm dawn ikunu meħtieġa għall-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika.

5.2.2. Il-proposta trid tikkonforma wkoll mal-Artikolu 168(7) tat-TFUE, skont liema r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika jiġu rispettati mill-Unjoni.

5.2.3. Għalkemm huwa ċar ħafa li l-Istati Membri tal-UE se jibqgħu responsabbli mill-valutazzjoni tal-aspetti mhux kliniċi (eż. daww ekonomiċi, soċjali jew etiċi) tat-teknoloġija tas-saħħa u mit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar u r-rimborż, il-KESE jissuġġerixxi li tiġi eżaminata u jiġi ddedikat studju separat dwar politika tal-ipprezzar tal-UE komuni – bl-għan li jiġu żgurati t-trasparenza u l-aċċessibbiltà għaċ-ċittadini kollha – fir-rigward tal-prodotti mediċinali, l-apparat mediku u l-apparat mediku djanjostiku in vitro, b'mod partikolari meta dawn kienu s-suġġett ta' valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, bl-għan li titjeb l-aċċessibbiltà għalihom miċ-ċittadini Ewropej kollha u jiġu evitati l-esportazzjonijiet jew l-importazzjonijiet paralleli abbażi biss tal-prezz. Dan jappoġġja l-kumitati nazzjonali rilevanti fuq ir-reġistri jew l-osservatorji tal-lista tal-prezzijiet (li jistabbilixxu l-prezzijiet massimi) li jeżistu f'ċerti pajjiżi, b'mod partikolari fir-rigward tal-apparat mediku.

5.3. Minkejja li t-terminu "teknoloġija tas-saħħa" irid jinftehem fis-sens wiesa' li jinkludi prodott mediċinali, apparat mediku u apparat mediku djanjostiku in vitro jew proċeduri mediċi u kirurġiċi, kif ukoll miżuri għall-prevenzjoni, id-dijanjożi jew it-trattament tal-mard użati fil-kura tas-saħħa, il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti huwa limitat għal: prodotti mediċinali li jkun għaddejjin mill-proċedura ċentralizzata ta' awtorizzazzjoni għall-kum-

⁽⁸⁾ Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

⁽⁹⁾ Diġarazzjoni ta' pożizzjoni mill-Grupp ta' Ħidma tan-Networks Ewropej li jipprovdu Appoġġ għall-Pazjenti bil-Kanċer (WECAN – Workgroup of European Cancer Patient Advocacy Networks) dwar aktar integrazzjoni tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-UE, <https://wecanadvocate.eu/wecan-position-further-eu-integration-of-hta/>.

⁽¹⁰⁾ Il-leġiżlazzjoni rilevanti tinkludi d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004, ir-Regolament (UE) Nru 536/2014, ir-Regolament (UE) 2017/745 u r-Regolament (UE) 2017/746.

⁽¹¹⁾ Il-ħtieġa ta' sinerġiji mtejba għet rikonoxxuta wkoll mill-Istati Membri fil-Karta ta' Riflessjoni tan-Network tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa "Sinerġiji bejn il-kwistjonijiet regolatorji u tal-HTA dwar il-farmaċewtiċi" kif ukoll mill-EUNETHTA u l-EMA, fir-Rapport konġunt tagħhom dwar "L-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma ta' tliet snin tal-EMA-EUNETHTA li jkopri l-perjodu 2012-2015".

merċjalizzazzjoni, sustanzi attivi ġodda u prodotti eżistenti li għalihom l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni hija estiża għal indikazzjoni terapewtika ġdida, u ċerti klassijiet ta' apparat mediku u ta' apparat mediku dijanjostiku in vitro li għalihom il-gruppi tal-esperti rilevanti stabbiliti f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2017/745 ⁽¹²⁾ u (UE) 2017/746 ⁽¹³⁾ taw l-opinjoni jekk jew il-fehmiet tagħhom u li ntgħażlu mill-grupp ta' koordinazzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament.

5.4. Bħala parti mill-isforzi biex jiġi evitat il-mard deġenerattiv, u anke biex jitnaqqas id-dħul abbużiv fl-isptar ta' persuni anzjani li mhumiex kapaċi jieħdu ħsieb tagħhom infushom, għandhom jitnedew miżuri li jtejbju l-kwalità tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali u b'hekk jizziedu s-sigurtà u l-benessri tal-pazjenti.

5.4.1. Il-KESE jemmen li għandha tittieħed azzjoni u għandhom jiġu introdotti miżuri biex jappoġġjaw lill-isptarijiet fil-monitoraġġ tal-infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar u fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tagħhom, u li l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament għandu jkollha biex jinkludi dawn il-miżuri, li jistgħu jkunu utli għal kważi jiet ta' pandemiji bħal dik attwali. Dan l-eżempju speċifiku jirrigwarda madwar 37 000 ⁽¹⁴⁾ persuna li kull sena fl-Ewropa jmutu minħabba infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar. Hemm hteġa urġenti li jittieħdu s-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa pprovduti, b'enfasi fuq il-prevenzjoni tal-infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar u bl-użu adatt ta' antibijotiċi.

6. X'inhil l-ispiża tal-għażla ppreferuta?

6.1. Il-KESE jemmen li l-għażla ppreferuta hija kosteffiċjenti, peress li l-ispejjeż huma b'bilanċjati b'mod sinifikanti bl-iffrankar għall-Istati Membri u l-industrija ⁽¹⁵⁾, bħala riżultat tal-ġbir tar-riżorsi, l-evitar tad-duplikazzjoni u t-titjib tal-prevedibbiltà tan-negożju.

6.2. Il-KESE jappoġġja l-kunċett ta' finanzjament suffiċjenti għall-ħidma konġunta u l-kooperazzjoni volontarja dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa bejn l-Istati Membri f'oqsma bħall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' tilqim sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjeż riżorsi disponibbli ⁽¹⁶⁾ għall-ħidma konġunta prevista fil-Proposta għal Regolament, u għall-qafas ta' appoġġ li jirfed dawn l-attivitàjiet.

6.3. Il-KESE jissuġġerixxi li tiġi żgurata l-effiċjenza fir-rigward tal-ispejjeż u l-ħin, li l-grupp ta' koordinazzjoni magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri jista' jkopri aktar minn wieħed u massimu ta' tliet kwistjonijiet, li jgħidmu b'mod parallel, jiġifieri wieħed għall-mediċini kontra l-kanċer, il-mediċini orfni u l-prodotti mediċinali ta' terapija avanzata, wieħed għall-mediċini l-oħrajn kollha u wieħed għall-apparat mediku dijanjostiku in vitro u l-apparat mediku. Id-deċiżjonijiet meħuda minn tali korpi bbażati fuq ix-xjenza għandhom ikunu riflessi permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza sempliċi.

6.4. B'kollox, in-nefqa fuq il-kura tas-saħħa fl-UE (pubblika u privata), tammonta għal madwar EUR 1,3 triljun fis-sena ⁽¹⁷⁾ (inklużi EUR 220 biljun għall-prodotti mediċinali ⁽¹⁸⁾ u EUR 100 biljun għall-apparat mediku ⁽¹⁹⁾). Għalhekk, bħala medja, il-kura tas-saħħa tirrappreżenta madwar 10 % tal-PDG tal-UE ⁽²⁰⁾.

⁽¹²⁾ ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1.

⁽¹³⁾ ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176.

⁽¹⁴⁾ <http://www.cleoresearch.org/en/>.

⁽¹⁵⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52018SC0041>: l-iffrankar tal-ispejjeż b'rabta mal-valutazzjonijiet konġunti (Valutazzjonijiet tal-Effettività Relattiva, jew REA – Relative Effectiveness Assessments) jista' jammonta għal EUR 2,67 miljun fis-sena.

⁽¹⁶⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52018SC0041>: l-ispiża totali tal-għażla ppreferuta ġiet stmata għal madwar EUR 16-il miljun.

⁽¹⁷⁾ Data tal-Eurostat. Mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Pharmaceutical Industry: A Strategic Sector for the European Economy" (L-Industrija Farmaċewtika: Settur Strateġiku għall-Ekonomija Ewropea), DG GROW, 2014. Eurostat, nefqa fuq il-kura tas-saħħa għall-Istati Membri kollha, data tal-2012 jew dik l-aktar reċenti li hija disponibbli. Iċ-ċifra hija kkomplementata mid-data dwar is-saħħa tad-WHO għall-pajjiżi li ġejjin: IE, IT, MT u UK (bir-rata tal-kambju annwali tal-BĊE).

⁽¹⁸⁾ Data tal-Eurostat, f'DG GROW, 2014, "Pharmaceutical Industry: A Strategic Sector for the European Economy" (L-Industrija Farmaċewtika: Settur Strateġiku għall-Ekonomija Ewropea).

⁽¹⁹⁾ Kommunikazzjoni dwar "Apparat mediku u apparat mediku dijanjostiku in vitro li huma sikuri, effettivi u innovattivi għall-benefiċċju tal-pazjenti, il-konsumaturi u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa", COM(2012) 540 final. Analiżi mill-Bank Dinji, EDMA, Espicom u Eucomed.

⁽²⁰⁾ Kummissjoni Ewropea. Skeda Informattiva Tematika tas-Semestru Ewropew: Is-Saħħa u s-Sistemi tas-Saħħa, 2015. DG ECFIN, Cost-containment policies in public pharmaceutical spending in the EU, 2012. Ara wkoll http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2016_sante_144_health_technology_assessments_en.pdf

6.5. Il-KESE jemmen li l-fattur taż-żieda fit-tixji, flimkien mal-prevalenza akbar ta' mard kroniku u pandemiji, isaħħu l-ħtieġa ta' investiment fis-sistemi tas-saħħa u l-kura tas-saħħa, filwaqt li fl-istess ħin l-Istati Membri qed iħabbtu wiċċhom ukoll ma' restrizzjonijiet baġitarji dejjem akbar.

6.6. Il-KESE jantiċipa wkoll li dawn l-iżviluppi se jesigū li l-Istati Membri jsaħħu aktar l-effiċjenza u l-effettività tal-baġits tal-kura tas-saħħa billi jagħmlu enfasi fuq it-teknoloġiji tas-saħħa b'saħħithom filwaqt li jżommu l-inċentivi għall-innovazzjoni ⁽²¹⁾.

6.7. Il-KESE jappoġġja l-użu ta' inċentivi fiskali f'ċerti Stati Membri, kif ukoll il-possibbiltà li l-limitu ta' għajjnuna mill-Istat "de minimis" jiġi rivedut 'il fuq. Proposta waħda li għandha tiġi kkunsidrata tikkonċerna l-possibbiltà ta' reviżjoni 'l fuq tal-ammonti massimi ta' għajjnuna mill-Istat "de minimis" mill-ammont attwali ta' EUR 200 000 għal tal-inqas EUR 700 000 għall-SMEs attivi fil-qasam tas-saħħa u tal-assistenza soċjali, filwaqt li jiġu introdotti rekwiżiti ta' kwalità supplimentari bħall-operazzjoni abbażi ta' proġetti li jinvolvu diversi intrapriżi, l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, jew l-investiment mill-ġdid tal-profitti kollha lura fil-kumpanija. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu utli sabiex iħeġġu lill-SMEs u lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jinvestu aktar fir-riċerka u l-innovazzjoni u għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni bbażata fuq networks ⁽²²⁾.

6.8. Il-KESE jemmen li l-finanzjament pubbliku huwa rilevanti ħafna għall-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa, u ċertament dan jista' jissaħħa permezz ta' kooperazzjoni dwar ħidma konġunta billi tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi. Kull valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa nazzjonali hija stmata li tiswa madwar EUR 30 000 għall-korpi nazzjonali u EUR 100 000 għas-settur tal-kura tas-saħħa ⁽²³⁾. Jekk pereżempju għaxar Stati Membri jwettqu valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa għall-istess teknoloġija u l-ħidma tagħhom tiġi koperta minn rapport konġunt, dan iwassal għal iffrankar ta' 70 %, anke bis-suppożizzjoni li l-ħtieġa akbar ta' koordinazzjoni tagħmel valutazzjoni konġunta tliet darbiet aktar għalja minn rapport nazzjonali wieħed. Dawn ir-riżorsi jistgħu jiġu ffrankati, jew allokati mill-ġdid għal attivitajiet oħra tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa. Madankollu, minħabba l-ispejjeż għolja ħafna ta' teknoloġiji ġodda, huwa kruċjali li l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa użata minn Stat Membru biex jiddeċiedi dwar ir-rimborż ta' teknoloġija tkun f'konformità mal-firxa terapewtika tal-Istat Membru. Għat-trattamenti tal-kanċer, pereżempju, li jaqbz b'mod ġenerali spiża ta' EUR 100 000 għal kull pazjent, valutazzjoni klinika mhux adatta jkollha spiża ferm ogħla mill-ammonti ffrankati mill-valutazzjoni konġunta. Huwa importanti li wieħed isemmi li l-Koalizzjoni Ewropea tal-Pazjenti bil-Kanċer (ECPC) tilqa' l-proposta. Billi jiġu evitati l-isforzi doppji, il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti jneħħu r-riskju ta' riżultati diverġenti u b'hekk inaqqsu d-dewmien fl-aċċess għal trattamenti ġodda ⁽²⁴⁾. Barra minn hekk, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Organizzazzjonijiet ta' Benefiċċju Reċiproku (magħrufa bħala AIM, organizzazzjoni internazzjonali ta' NGOs tal-kura tas-saħħa), tilqa' bi pjaċir il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tagħti l-kollaborazzjoni tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell ta' UE status aktar permanenti ⁽²⁵⁾.

6.9. B'interessi ekonomiċi enormi, is-settur tat-teknoloġija tas-saħħa huwa suxxettibbli għal kunflitti ta' interess u għalhekk huwa importanti ħafna li l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa tiġi organizzata b'mod oġġettiv, indipendenti, robust u trasparenti, kif indikat fil-proposta.

7. L-SMEs u l-mikrointrapriżi kif se jintlaqtu?

7.1. Il-KESE jemmen li l-proposta għandha tkun ta' benefiċċju għall-SMEs, kif ukoll għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali li joperaw fis-settur, peress li r-rapport ta' valutazzjoni klinika se jkun ibbażat fuq dossier ta' informazzjoni kompleta u aġġornata, li b'hekk inaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż ta' konformità assoċjati mal-preżentazzjoni ta' diversi dossiers biex jiġu ssodisfati d-diversi talbiet tal-valutazzjonijiet nazzjonali tat-teknoloġija tas-saħħa. Dan se jżid il-parteċipazzjoni tal-SMEs, u għalhekk il-KESE jesprimi dispaċir għan-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċjali għall-SMEs.

⁽²¹⁾ DĠ ECFIN, Cost-containment policies in public pharmaceutical spending in the EU, 2012

⁽²²⁾ Bħalissa, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 jillimita l-ammont massimu tal-għajjnuna mill-Istat li tista' tingħata lil intrapriża għal EUR 200 000 fuq tliet snin, inkluż fil-forma ta' ħelsien mit-taxxa. Fl-2008, fl-ambitu tal-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku, l-UE żiedet b'mod proviżorju l-limitu massimu għal EUR 500 000, b'rispons għall-kriżi ekonomika. Għandu jiġi rrikonoxxut li l-impatt fuq is-sistemi tas-saħħa tad-domanda dejjem tikber għal servizzi tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-persuni li mhumiex kapaċi jgħixu b'mod indipendenti, se tikkostitwixxi waħda mill-elementi prinċipali tan-nefqa tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri. Għalhekk ikun utli li tiġi prevista sistema speċjali ta' inċentivi u appoġġ għall-intrapriżi involuti b'mod speċifiku fil-provvista ta' servizzi ta' assistenza soċjali lokali.

⁽²³⁾ DĠ ECFIN, The 2015 Ageing Report, 2015. OECD, 2015. Pharmaceutical expenditure and policies: past trends and future challenges.

⁽²⁴⁾ [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/614772/EPRS_BRI\(2018\)614772_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/614772/EPRS_BRI(2018)614772_EN.pdf).

⁽²⁵⁾ <https://www.aim-mutual.org/wp-content/uploads/2018/02/AIM-on-HTA.pdf>.

B'mod partikolari, il-valutazzjonijiet kliniċi u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti previsti jżidu l-prevedibbiltà tan-negozju għas-settur. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-SMEs u l-intrapriżi soċjali, li ġeneralment ikollhom portafoll iżgħar tal-prodotti u riżorsi u kapaċitajiet limitati għall-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa ⁽²⁶⁾. Għandu jiġi nnotat li l-proposta ma tippredix imposti għall-valutazzjonijiet kliniċi u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, fattur li għandu wkoll importanza kbira fir-rigward tal-impjegi (jiġifieri t-tnaqqis tal-qgħad). It-titjib fil-prevedibbiltà tan-negozju permezz tal-ħidma konġunta dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fl-UE kollha, huwa mistenni li jkollu impatt pożittiv fuq il-kompetittività tal-UE fis-settur tat-teknoloġiji tas-saħħa.

7.2. Inċentiv soċjoekonomiku importanti ħafna għall-SMEs jista' jkun il-fatt li jitħeġġu jieħdu sehem, wara l-2020, fi programmi Ewropej ta' finanzjament tal-iżvilupp skont oqfsa ta' referenza strateġiċi nazzjonali. L-oqfsa ta' referenza strateġiċi nazzjonali għall-perjodu 2014-2020 kienu jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-riċerka u l-iżvilupp intiżi għall-ġlieda kontra l-faqar u l-qgħad.

7.2.1. Il-KESE huwa tal-fehma li dawn il-programmi ma għandhomx biss jinżammu, iżda għandhom jiġu estiżi fil-qafas usa' tal-prinċipji tal-Proposta għal Regolament u li għandhom ikkontribwixxu bħala inċentiv għar-riċerka, l-iżvilupp u l-kreattività.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁶⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52018SC0041>.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-għoti ta’ kompetenzi ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiddetermina t-tifsira tat-termini użati f’ċerti dispożizzjonijiet ta’ dik id-Direttiva”

[COM(2020) 749 final — 2020/331 (CNS)]

(2021/C 286/18)

Relatur: **Christophe LEFÈVRE**

Konsultazzjonijiet	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 7.1.2021
Bażi legali	Artikolu 113 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	13.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	226/2/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappoġġja l-oġettiv ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni, peress li l-iżgurar taċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà fir-rigward tad-Direttiva tal-VAT⁽¹⁾ huwa kruċjali għall-ħolqien ta’ kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha u għall-promozzjoni ulterjuri tas-suq uniku.

1.2. Id-diverġenzi kontinwi bejn l-Istati Membri, kemm fir-rigward tal-interpretazzjoni kif ukoll tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-VAT, huma bla dubju ta’ ħsara għas-suq uniku, kif indikat mill-Kummissjoni. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ azzjoni rapida u effettiva f’dan ir-rigward.

1.3. Aktar uniformità tar-regoli tal-VAT tista’ tabilħaqq tnaqqas il-kostijiet tal-konformità u twassal għal tkabbir għall-intrapriżi kollha li joperaw fl-UE u, speċjalment, għall-SMEs li jaħdmu fuq bażi transnazzjonali, peress li d-differenzi regolatorji bejn l-Istati Membri iħallu impatt akbar fuqhom.

1.4. Id-diskrepanzi fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli tal-VAT jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet negattivi sinifikanti fis-suq intern kollu u, bħala konsegwenza, effetti soċjali negattivi li għandhom jiġu evitati billi tiġi żgurata aktar konsistenza fl-applikazzjoni tar-regoli eżistenti.

1.5. Madankollu, il-KESE ma jistax ma jinnotax li l-proposta tal-Kummissjoni, u b’mod partikolari l-punti prinċipali proposti tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati skont is-sett il-ġdid ta’ regoli jistgħu jsibu reżistenza qawwija minn ħafna Stati Membri, li x’aktarx tista’ tqajjem “oġġezzjonijiet abbażi ta’ prinċipju” għall-proposta tal-Kummissjoni.

1.6. Għalhekk, il-KESE jitlob li jitqiesu miżuri oħra li jistgħu jtejbju s-suq uniku mill-aktar fis possibbli. Fl-ambjent politiku attwali, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, bħala l-ewwel pass, tqis it-titjib u t-tisħiħ tal-Kumitat Konsultattiv eżistenti tal-VAT u l-proċess tat-teħid ta’ deċizzjonijiet tiegħu, sabiex jittejjeb il-livell mhux sodisfaċenti ta’ uniformità tar-regoli tal-VAT fl-Istati Membri kollha.

1.7. Barra minn hekk, il-KESE jqis li huwa utli li jiġu intraċċati kif dovut l-applikazzjonijiet u l-implimentazzjonijiet eteroġenji tar-regoli maqbula tal-VAT fil-livell nazzjonali. Huwa importanti li d-differenzi eżistenti jsiru trasparenti, ċari u pubbliċi sabiex tittejjeb l-uniformità fl-ambitu tal-qafas regolatorju attwali.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

1.8. Dan l-approċċ jista' jirriżulta f'sistema effettiva ta' "pressjoni mill-pari", li jagħmilha ħafna aktar diffiċli għall-Istati Membri li jiddevjaw mill-interpretazzjonijiet konsolidati u l-prattiki ta' implimentazzjoni għad-detriment tas-suq intern.

1.9. Barra minn hekk, il-KESE jqis li huwa importanti li l-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt ta' kwalunkwe differenza fl-implimentazzjoni jew l-interpretazzjoni tar-regoli maqbula tal-VAT fi kwalunkwe Stat Membru. Il-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom isiru pubbliċi, jiġu diskussi u segwiti sew fi ħdan il-Kumitat tal-VAT.

1.10. Fl-aħħar nett, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għal xi effetti mhux mixtieqa possibbli tal-proposta l-ġdida. Ir-rwol ta' implimentazzjoni propost għall-Kummissjoni, fir-rigward ta' xi kunċetti ewlenin fi ħdan id-Direttiva tal-VAT, jista' jagħmilha diffiċli biex issir distinzjoni bejn il-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat il-ġodda tal-Kummissjoni, minn naħa, u l-elementi li fil-fatt se jikkostitwixxu modifika tad-Direttiva tal-VAT, min-naħa l-oħra. Din l-inċertezza tista' possibbilment tipprevjeni l-kisba tal-ftehim unanimu meħtieġ biex id-Direttiva tal-VAT tiġi mmodifikata fi ħdan il-Kunsill fil-futur.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni

2.1. Il-proposta leġiżlattiva li qed tiġi eżaminata tindika li l-Kummissjoni bħalissa ma għandha l-ebda setgħa ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva tal-VAT. F'dan ir-rigward, l-unika għodda disponibbli għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva hija l-Kumitat Konsultattiv stabbilit fl-Artikolu 398.

2.2. Il-Kumitat Konsultattiv huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, u huwa inkarigat li jeżamina kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-VAT li jitressqu mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru. Il-Kumitat Konsultattiv bħalissa jista' biss jilħaq qbil dwar linji gwida mhux vinkolanti b'rabta mal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT, filwaqt li l-Kunsill jista' jadotta miżuri ta' implimentazzjoni vinkolanti, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

2.3. Skont il-Kummissjoni, il-linji gwida eżistenti mhux dejjem jiżguraw applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT, ukoll minħabba d-diffikultajiet li kien hemm biex jintlaħqu linji gwida unanimi fi ħdan il-Kumitat Konsultattiv. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni, il-Kummissjoni telenka diversi eżempji ta' nuqqasijiet biex jintlaħaq ftehim unanimu dwar ir-regoli u l-prinċipji li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet u l-kunċetti strateġiċi li jinsabu fid-Direttiva tal-VAT.

2.4. Il-Kummissjoni targumenta wkoll li dawn id-diskrepanzi jistgħu jirriżultaw f'diversi riżultati negattivi inklużi: i) riskju ta' tassazzjoni doppja jew l-ebda tassazzjoni, ii) inċertezza legali u nuqqas ta' prevedibbiltà u iii) kostijiet addizzjonali għan-negozji. F'dan ir-rigward, għalkemm utli, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ma tkunx, skont il-Kummissjoni, soluzzjoni ottimali biex jiġu evitati l-inċertezzi kollha li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT.

2.5. Għalhekk, sabiex jittejjbu ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà, il-proposta leġiżlattiva tipprevedi li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'ċerti oqsma koperti mid-Direttiva tal-VAT, kif ukoll il-ħolqien ta' kumitat li se jissorvelja s-setgħat il-ġodda tal-Kummissjoni.

2.6. Ir-rwol ta' implimentazzjoni propost tal-Kummissjoni se jiffoka fuq daww l-oqsma u l-kunċetti speċifiċi relatati mal-VAT tal-UE li jirrikjedu applikazzjoni uniformi u fejn huma meħtieġa aktar ċertezza u prevedibbiltà. Il-Kunsill, min-naħa tiegħu, se jżomm is-setgħat ta' implimentazzjoni tiegħu barra mill-kompetenza prospettiva tal-Kummissjoni.

2.7. B'mod partikolari, ir-regoli l-ġodda jsostnu li l-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, se tiddetermina t-tifsira tat-termini użati fl-oqsma/kunċetti li ġejjin tad-Direttiva tal-VAT: i) persuni taxxabbli għall-finijiet tal-VAT; ii) tranżazzjonijiet li huma taxxabbli għall-finijiet tal-VAT; iii) il-post ta' tranżazzjoni taxxabbli; iv) l-avveniment li li jagħti lok għal ħlas u l-impożizzjoni tal-VAT; v) l-ammont taxxabbli tal-VAT; vi) l-eżenzjonijiet mill-VAT; vii) it-tnaqqis mill-VAT; viii) l-obbligi ta' persuni taxxabbli u ċerti persuni mhux taxxabbli u ix) skemi speċjali tat-taxxa.

2.8. Il-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu 113 tat-TFUE, li jippermetti lill-Kunsill – li jaġixxi unanimament skont proċedura leġiżlattiva speċjali u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – jadotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni indiretta.

2.9. Skont il-proposta, l-għoti tas-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni mhux se jeskludi kontrolli ġenerali mill-Istati Membri fuq l-eżerċizzju tal-Kummissjoni ta' dawk is-setgħat.

2.10. Kumitat iddedikat huwa stabbilit mir-regoli l-ġodda. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kompożizzjoni tal-kumitat u l-president tiegħu huma stipulati direttament fl-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-Proċedura ta' Kumitat.

3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Il-KESE jilqa' u jappoġġja l-oġġettivi ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni. L-iżgurar taċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà fir-rigward tad-Direttiva tal-VAT huwa ta' importanza kbira għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi u l-promozzjoni ta' suq uniku.

3.2. Id-diverġenzi attwali bejn l-Istati Membri, fir-rigward tal-atti ta' implimentazzjoni, huma ta' ħsara għas-suq uniku, kif indikat mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-qafas regolatorju qed isir dejjem aktar ikkumplikat minħabba l-fatt li mhux biss l-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jvarjaw, iżda wkoll l-interpretazzjoni tar-regoli u l-kunċetti tad-Direttiva tal-VAT fl-ewwel lok.

3.3. Aktar uniformità tar-regoli tal-VAT tista' tabilħaqq tnaqqas il-kostijiet tal-konformità u twassal għal tkabbir għall-intrapriżi kollha li joperaw fis-suq intern u, speċjalment, għall-SMEs li jaħdmu fuq bażi transnazzjonali. Il-konsolidazzjoni tas-suq intern innifsu tista' tibbenefika sostanzjalment minn aktar konsistenza fl-Istati Membri kollha fil-qasam tal-VAT.

3.4. Hemm bosta eżempji ta' differenzi ta' ħsara fl-implimentazzjoni tar-regoli maqbula tal-VAT. Pereżempju, m'hemm l-ebda kunsens u interpretazzjoni komuni dwar jekk "maħżen" huwiex "stabbiliment fiss ta' persuna taxxabbli u kemm jekk le" jew dwar it-tifsira tal-espressjoni "fornitur li jibgħat jew jittrasporta l-merkanzija jew huwa stess jew permezz ta' parti terza li taġixxi f'ismu", skont l-Artikolu 36a(3) tad-Direttiva tal-VAT.

3.5. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-diskrepanzi fl-applikazzjoni tar-regoli tal-VAT jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet negattivi sinifikanti fis-suq intern kollu u, bħala konsegwenza, effetti soċjali negattivi li mhumix aċċettabbli u għandhom jiġu evitati billi tiġi żgurata aktar konsistenza fl-applikazzjoni tar-regoli tal-VAT eżistenti.

3.6. Madankollu, il-KESE ma jistax ma jinnotax li l-proposta tal-Kummissjoni tista' tiffaċċja ostakli kbar, li joħolqu diversi Stati Membri, fir-rigward tal-qbil dwar liema kwistjonijiet għandhom jiġu ttrattati skont is-sett il-ġdid ta' regoli u r-regoli eżistenti li jikkonċernaw bidla fid-Direttivi tal-VAT. Għalhekk, il-KESE jitlob li jitqiesu miżuri oħra li jistgħu jsaħħu s-suq uniku mill-aktar fis possibbli.

3.7. Fl-ambjent politiku attwali, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, bħala l-ewwel pass, tqis it-titjib tal-Kumitat Konsultattiv eżistenti tal-VAT. Il-Kumitat jista' jissaħħaħ u jsir aktar effettiv, u b'hekk jinżamm rwol sinifikanti għall-Istati Membri u jittejjeb il-livell mhux sodisfaċenti attwali tal-uniformità.

3.8. Il-KESE jqis li huwa utli li jiġu intraċċati kif dovut l-applikazzjonijiet u l-implimentazzjonijiet eteroġeni tar-regoli maqbula tal-VAT fil-livell nazzjonali. Huwa importanti li d-differenzi jsiru trasparenti, ċari u pubbliċi sabiex tittejjeb l-uniformità fl-ambitu tal-qafas regolatorju attwali. Minkejja l-limitazzjonijiet u n-nuqqasijiet kollha deskritti mill-Kummissjoni, il-Kumitat Konsultattiv madankollu żviluppa esperjenza sinifikanti fit-trattament ta' kwistjonijiet kumplessi rigward id-Direttiva tal-VAT.

3.9. Il-KESE jissuġġerixxi approċċ ta' "pressjoni mill-pari". Approċċ bħal dan jista' jkun effettiv, u jagħmilha ħafna aktar diffiċli għall-Istati Membri biex jiddevjaw u joħolqu ostakli għal suq uniku li jiffunzjona tajjeb. L-Istati Membri jkollhom jispjegaw għaliex kien hemm devjazzjoni fl-implimentazzjoni. Il-KESE jemmen li l-Istati Membri ma għandhomx jopponu t-trasparenza u r-responsabbiltà.

3.10. Barra minn hekk, il-KESE jqis li huwa importanti li l-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt ta' kwalunkwe differenza fl-implimentazzjoni jew l-interpretazzjoni tar-regoli maqbula tal-VAT fi kwalunkwe Stat Membru. Il-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom jiġu ppubblikati u diskussi u segwiti fil-Kumitat tal-VAT.

3.11. B'dan ir-raġunament, il-motivazzjoni għal devjazzjoni mir-regoli komuni u l-implimentazzjoni maqbula tagħhom tista' tiġi kkontestata, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà.

3.12. Fl-aħħar nett, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għal xi effetti mhux mixtieqa possibbli tal-proposta l-ġdida. Ir-rwol ta' implimentazzjoni għall-Kummissjoni, fir-rigward ta' xi kunċetti aktar rilevanti li jinsabu fid-Direttiva tal-VAT, jista' jagħmilha diffiċli biex issir distinzjoni bejn il-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat il-ġodda tal-Kummissjoni, minn naħa waħda, u l-elementi li fil-fatt se jikkostitwixxu modifika tad-Direttiva tal-VAT, min-naħa l-oħra. Din l-inċertezza tista' possibbilment tagħmilha aktar diffiċli biex jintlaħaq il-ftehim unanimu meħtieġ biex id-Direttiva tal-VAT tiġi mmodifikata fi ħdan il-Kunsill fil-futur.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi”

[COM(2021) 28 final – 2021/0015 (CNS)]

(2021/C 286/19)

Relatur: **Szilárd PODRUZSIK**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 5.2.2021
Bażi legali	Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	13.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	230/0/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Kif diġà ġie indikat ⁽¹⁾, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-aġġornament kostanti tar-regoli li jippermettu livell adatt ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli mis-sistemi tal-IT u dawk imsaħħa bit-teknoloġija biex jitjieb il-ġbir tat-taxxi u tiġi indirizzata l-frodi.

1.2. Il-Proposta tal-Kummissjoni għandha l-appoġġ sħiħ tal-KESE, peress li tinvolvi adattamenti tekniċi għal-leġiżlazzjoni attwali dwar ir-reġistri nazzjonali rigward id-dazji tas-sisa, li saru meħtieġa bl-approvazzjoni reċenti tad-Direttiva (UE) 2020/262 ⁽²⁾.

1.3. Il-KESE jfakkar fl-importanza tal-organizzazzjoni u t-tħaddim tar-reġistri nazzjonali dwar id-dazji tas-sisa, filwaqt li jiġi rispettata id-dritt għall-privatezza fir-rigward tal-informazzjoni mdaħħla u pproċessata f'reġistri bħal dawn. L-ipproċessar ta' tali data ma għandux imur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat għall-iskop tal-protezzjoni tal-interess fiskali leġittimu tal-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif żviluppat mill-ġurisprudenza tal-QĠUE.

1.4. Billi sar meħtieġ li r-reġistri nazzjonali jiġu adattati wara l-approvazzjoni tad-Direttiva (UE) 2020/262, li tipprevedi d-definizzjonijiet ta' "konsenjatur iċċertifikat" u "destinatarju iċċertifikat", kif ukoll id-definizzjonijiet addizzjonali ta' "konsenjatur iċċertifikat jew destinatarju iċċertifikat li jibgħat jew jirċievi oġġetti soġġetti għas-sisa okkazzjonalment biss", il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżgura livell suffiċjenti ta' armonizzazzjoni fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' kunċetti bħal dawn sabiex tiġi garantita l-omoġeneità tal-informazzjoni mdaħħla fir-reġistri nazzjonali.

1.5. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri jikkunsidraw bir-reqqa u jimmonitorjaw l-ispejjeż tal-implimentazzjoni matul il-proċess ta' adattament skattat mill-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, jekk il-proċess ta' adattament jenfasizza l-ħtieġa ta' nfiq addizzjonali sabiex tiġi protetta b'mod sħiħ il-privatezza tan-negozji u l-persuni Ewropej, għandhom isiru minnufih investimenti addizzjonali adegwati fl-IT u fiċ-ċibersigurtà tar-reġistri.

⁽¹⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar Kooperazzjoni Amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa (ĠU C 68, 6.3.2012, p. 45).

⁽²⁾ ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4.

2. Proposta tal-Kummissjoni

2.1. Il-Proposta tal-Kummissjoni temenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 ⁽³⁾, li jistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi nazzjonali.

2.2. Il-Proposta kienet meħtieġa mit-Taqsima V tad-Direttiva (UE) 2020/262 li ġiet approvata reċentement. B'mod partikolari, l-Artikolu 35(8) tad-Direttiva jiddikjara li “għal konsenjatur iċċertifikat jew destinatarju iċċertifikat li jibgħat jew jirċievi oġġetti soġġetti għas-sisa okkazzjonalment biss, iċċertifikazzjoni msemmija fil-punti (12) u (13) tal-Artikolu 3 għandha tkun limitata għal kwantità speċifikata ta' oġġetti soġġetti għas-sisa, destinatarju jew konsenjatur wieħed u perjodu ta' żmien speċifikat.”.

2.3. Filwaqt li tikkunsidra din id-dispożizzjoni, il-Proposta tal-Kummissjoni tidentifika l-informazzjoni li għandha tiddaħħal fir-reġistri miżmuma mill-Istati Membri dwar il-konsenjaturi u d-destinatarji iċċertifikati li jċaqlqu l-oġġetti okkazzjonalment biss.

2.4. L-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 jistabbilixxi l-obbligu ġenerali għall-Istati Membri biex iżommu reġistri elettroniċi ta' awtorizzazzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi u tal-imħażen li huma involuti fil-moviment tal-oġġetti soġġetti għas-sisa b'arranġamenti ta' sospensjoni tad-dazju, kif ukoll l-awtorizzazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi li jċaqlqu l-oġġetti li diġà ġew rilaxxati għall-konsum huma l-konsenjaturi iċċertifikati u d-destinatarji iċċertifikati.

2.5. Sabiex jinkiseb il-funzjonament adatt tas-sistema kompjuterizzata billi tiġi żgurata l-ħażna ta' data kompleta, aġġornata u preċiża, l-għan tal-Proposta tal-Kummissjoni huwa li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012, li jistabbilixxi l-informazzjoni li għandha tiġi introdotta fir-reġistri nazzjonali tal-operaturi ekonomiċi li jċaqlqu l-oġġetti soġġetti għas-sisa okkazzjonalment biss.

2.6. B'mod aktar speċifiku, din l-informazzjoni tikkonċerna, kemm għall-konsenjaturi u kif ukoll għad-destinatarji iċċertifikati, il-kwantità ta' merkanzija, l-identità tal-operatur ekonomiku fi tmiem il-moviment tal-merkanzija u t-tul ta' iċċertifikazzjoni temporanja.

2.7. L-emenda proposta ma għandhiex l-intenzjoni li tiddefinixxi ċirku ġdid ta' detenturi ta' liċenzja tas-sisa, iżda pjuttost torbot il-vjeġġi f-moviment liberu fi Stat Membru primarjament mal-kunċetti diġà definiti ta' “maħżen tat-taxxa”, “destinatarju rreġistrat” u “konsenjatur irreġistrat”, u tassoċjahom mal-“konsenjatur iċċertifikat” il-ġdid u/jew mal-istatus tad-“destinatarju iċċertifikat”. Għalhekk, l-emenda testendi u tirfina l-informazzjoni diġà rreġistrata fil-bażi tad-data uffiċjali.

2.8. Il-Proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 113 tat-TFUE, li skontu “il-Kunsill, li jaġixxi unanimament skont il-proċedura leġislattiva speċjali u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandu jadotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni ta' leġislazzjoni li tittratta dwar taxxi fuq it-turnover, dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta daqs kemm din l-armonizzazzjoni tkun neċessarja sabiex tiżgura l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern u tevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni”.

2.9. Il-Proposta ma għandhiex impatt fuq il-baġit tal-UE u għandha tapplika mit-13 ta' Frar 2023.

3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Kif indikat f'Opinjonijiet preċedenti ⁽⁴⁾, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-aġġornament kostanti tar-regoli li jippermettu livell adatt ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali bil-għan li jiġi żgurat il-ġbir sħiħ tat-taxxa u tiġi miġġielda b'mod effettiv il-frodi fir-rigward tad-dazji tas-sisa.

3.2. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja l-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli mis-sistemi tal-IT u dawk imsaħħa bit-teknoloġija biex jitjieb il-ġbir tat-taxxi u tiġi indirizzata l-frodi.

3.3. Għalhekk il-Proposta taħt valutazzjoni għandha l-appoġġ sħiħ tal-KESE, peress li tinvolvi adattamenti tekniċi għal-leġislazzjoni attwali dwar ir-reġistri nazzjonali dwar id-dazji tas-sisa, li saru meħtieġa mill-approvazzjoni u l-implimentazzjoni reċenti tad-Direttiva (UE) 2020/262.

⁽³⁾ ĠU L 121, 8.5.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar Kooperazzjoni Amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa (ĠU C 68, 6.3.2012, p. 45).

3.4. Il-KESE jqis li huwa ta' vantaġġ li jkun hemm bażi tad-data komprensiva, li tagħmel l-informazzjoni koperta mill-Proposta verifikabbli fis-sistema SEED. Il-monitoraġġ tal-vjeġġi intaxxati u t-twettiq ta' kwalunkwe obbligi tat-taxxa f'termini ta' dazji tas-sisa b'hekk se jsiru unifikati, aktar effiċjenti u aktar trasparenti.

3.5. Il-Proposta tidher li tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li l-kontenut u l-funzjonament tar-reġistri nazzjonali rigward l-informazzjoni dwar il-konsenjaturi u d-destinatarji rreġstrati li joperaw fuq bażi okkażjonali għandhom jiġu armonizzati permezz ta' regoli Ewropej. Regoli bħal dawn jistgħu jilhqgħu aħjar l-għan regolatorju li għandha l-Kummissjoni, jekk imqabbel ma' diversi approċċi nazzjonali. F'dan ir-rigward, l-għażla ta' regolament li għandu jiġi approvat skont l-Artikolu 113 tat-TFUE tidher li hija adatta.

3.6. Il-Proposta hija wkoll konformi mal-prinċipji tal-proporzjonalità kif żviluppata mill-ġurisprudenza tal-QĠUE u mnaqqxa fit-Trattat. Il-kontenut tal-Proposta, fil-fatt, ma jmurx lil hinn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan regolatorju segwit mill-Kummissjoni, u ma jħallix impatt bla bżonn fuq l-interess tan-negozji privati.

3.7. Fi kliem ieħor, il-Proposta twassal għal żieda aċċettabbli fil-piżijiet amministrattivi għall-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa, li hija ġġustifikata mir-riżultat finali fejn is-sistema ta' kontroll li titħaddem permezz tar-reġistri ssir aktar komprensiva, kif ukoll aktar effiċjenti u trasparenti.

3.8. Il-KESE jfakkar fl-importanza tal-organizzazzjoni u t-tmexxija tar-reġistri nazzjonali, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza fir-rigward tal-informazzjoni mdaħħla u pproċessata f'reġistri bħal dawn. L-ipproċessar ta' tali data ma għandux imur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat għall-iskop tal-protezzjoni tal-interess fiskali leġittimu tal-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

3.9. Billi l-adattament tar-reġistri sar meħtieġ wara l-approvazzjoni tad-Direttiva 2020/262, li tippredvi d-definizzjonijiet ta' "konsenjatur iċċertifikat" u "destinatarju ċċertifikat" (Artikolu 3) u d-definizzjonijiet addizzjonali ta' "konsenjatur iċċertifikat jew destinatarju ċċertifikat li jibgħat jew jirċievi oġġetti soġġetti għas-sisa okkażjonalment biss" (Artikolu 35), il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżgura livell suffiċjenti ta' armonizzazzjoni fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' kunċetti bħal dawn sabiex tiġi garantita l-omoġeneità tal-informazzjoni mdaħħla fir-reġistri li joperaw fil-livell nazzjonali.

3.10. Il-KESE jinnota li l-Proposta mhux se jkollha impatt fuq il-baġit tal-UE iżda, fl-istess ħin, ihegġegħ lill-Istati Membri jikkunsidraw bir-reqqa u jimmonitorjaw l-ispejjeż tal-implimentazzjoni matul il-proċess ta' adattament. Madankollu, jekk jitqies meħtieġ, għandhom isiru investimenti addizzjonali adegwati fl-IT jekk il-proċess ta' adattament jenfasizza l-ħtieġa ta' nfiq addizzjonali sabiex tiġi protetta b'mod sħiħ il-privatezza tan-negozji u l-persuni Ewropej.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-bini ta’ Unjoni Ewropea tas-Saħħa: Rinforzar tar-reżiljenza tal-UE għat-theddid transkonfinali għas-saħħa”

[COM(2020) 724 final]

dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fl-immaniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi”

[COM(2020) 725 final – 2020/321(COD)]

dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard”

[COM(2020) 726 final – 2020/320 (COD)]

u dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE”

[COM(2020) 727 final – 2020/322 (COD)]

(2021/C 286/20)

Relatur: **Ioannis VARDAKASTANIS** (EL-III)

Konsultazzjoni	Kunsill, 14.12.2020 Parlament Ewropew, 14.12.2020 Kummissjoni, 12.11.2020
Bażi legali	Artikolu 168(5) u Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	16.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	232/3/7

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Permezz ta’ dan il-pakkett għal “Unjoni tas-Saħħa tal-UE”, jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri jirrispondu għax-xewqa tan-nies li jgħixu fl-UE biex din ikollha rwol aktar attiv fil-ħarsien tas-saħħa tagħhom u fil-promozzjoni tad-dritt għas-saħħa. Skont stħarriġ reċenti tal-UE, 66 % taċ-ċittadini tal-UE jixtiequ jaraw lill-UE tkun aktar involuta fi kwistjonijiet relatati mas-saħħa. 54 % tan-nies mistħarrġa jgħidu li s-saħħa pubblika għandha tkun prijorità ta’ nfiq għall-bagħit tal-UE⁽¹⁾. Jeħtieġ li jkun hemm titjib partikolari fil-kapaċità tal-UE li tipprevjeni, tidentifika, tħejji u tiġġestixxi b’mod effettiv it-theddid transkonfinali għas-saħħa. Bħala tali, jeħtieġ li jsiru diskussjoni u rieżami potenzjali tas-sussidjarjetà, il-kondiviżjoni tal-kompetenzi u r-referenzi għat-theddid transkonfinali għas-saħħa u għat-tħejjija fit-Trattati tal-UE ladarba ż-żmien jagħtina l-opportunità li tiġi evalwata bis-sħiħ din il-pandemija u r-rispons tal-UE u dak nazzjonali. Sadanittant, għandhom jitkomplew l-azzjonijiet ambizzjużi fil-qafas attwali tat-Trattati.

⁽¹⁾ Public opinion in the EU in time of coronavirus crisis 3 (europa.eu)

1.2. Matul il-pandemija, ġie osservat u nħass min-nies li jgħixu fl-Ewropa kemm l-UE ma kinitx lesta biex iżżomm lin-nies sikuri, bl-arkitettura tal-kura tas-saħħa u l-istrategġija ta' prevenzjoni frammentati tagħha, kif ukoll għexieren ta' snin ta' awsterità u nuqqas ta' investiment fis-servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali. Dan kellu impatt fuq it-telf tal-ħajja, iż-żieda fl-inugwaljanza u r-rati tal-faqar. Hija żvelat ukoll li ħafna nies għadhom mhumiex protetti kontra d-diskriminazzjoni fl-UE jew ma għandhomx aċċess għall-informazzjoni dwar is-saħħa pubblika jew il-kura tas-saħħa. Il-KESE jitlob b'mod permanenti konverġenza 'l fuq tas-sistemi tas-saħħa u dawk soċjali u l-prinċipji ġenerali komuni tal-UE⁽²⁾. Il-miżuri tal-protezzjoni tas-saħħa dejjem iridu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali kollha u għandhom ikunu bbażati fuq sistemi tas-saħħa bbażati fuq is-solidarjetà. Il-proċedura tas-Semestru tal-UE għandha tivverifika l-prestazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri.

1.3. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet kemm huma vitali s-servizzi tas-saħħa u tal-kura u li s-saħħa hija ben pubbliku. Għal dak il-għan, l-UE u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kulħadd ikollu aċċess ugwali għal servizzi tas-saħħa u soċjali ta' kwalità tajba, b'persunal biżżejjed u mġhammra tajjeb.

1.4. Matul il-pandemija, il-ħaddiema tas-saħħa, il-ħaddiema soċjali, il-medjaturi tas-saħħa, l-atturi tas-soċjetà ċivili u l-fornituri tas-servizzi essenzjali (l-ikel, it-trasport) kienu fuq quddiem nett fil-pandemija u wrew livell eċċellenti ta' solidarjetà matul l-aktar żminijiet diffiċli. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa u l-ħtieġa li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-pagi, ir-reklutaġġ u ż-żamma, kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza tagħhom. Il-persjoni tal-pandemija wasslet lil ħafna biex iqisu li jitolqu mill-professjoni. Dan il-pakkett jeħtieġ li jieħu nota ta' dan u tar-rwol li jista' jkollhom l-atturi kollha msemmija hawn fuq fil-qasam tas-saħħa. Bl-istess mod, l-awtoritajiet lokali, il-fornituri tas-servizzi u l-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa għandhom jiġu kkonsultati b'mod aktar komprensiv. Koordinazzjoni aħjar bejn il-livelli tal-UE, tal-Istati Membri, reġjonali u lokali – inkluża s-soċjetà ċivili – se żżid l-effiċjenza għall-benefiċċju tan-nies fl-UE.

1.5. Filwaqt li l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ifaħħar lill-UE għas-solidarjetà murija fl-istrategġija tat-tilqim, qed naraw dewmien kbir biex in-nies jitlaqqmu. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea (KE) tiżgura li l-aċċess għat-tilqim jibqa', kif kien iddikjarat oriġinarjament mill-KE, ben pubbliku, mingħajr ħlas għall-persuni kollha. Id-disponibbiltà ta' vaċċini futuri m'għandhiex tiġi mxejnkla mid-drittijiet tal-proprietà intellettuali u mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-data u l-esklużività tas-suq. Barra minn hekk, għandu jkun hemm obbligi legali għall-benefiċjarji tal-fondi tal-UE biex jikkondividu l-għarfien marbut mat-teknoloġija tas-saħħa tal-COVID-19.

1.6. Il-pandemija żvelat ir-relazzjoni tossika bejn il-mard komunikabbli u dak mhux komunikabbli. Il-maġġoranza l-kbira tal-imwiet mill-COVID-19 kienu marbuta ma' kundizzjonijiet tas-saħħa sottostanti u diġà eżistenti. Effett osservat ieħor tal-pandemija kien l-impatt fuq pazjenti b'mard kroniku li l-aċċess tagħhom għat-trattament kien affettwat b'mod negattiv mill-pandemija. Għalhekk, il-mekkaniżmu ta' rispons għall-kriżijiet u l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa għandhom jinkludu wkoll enfasi fuq il-mard mhux komunikabbli. Dan għandu jkun fih ukoll enfasi qawwija fuq il-kriżi tas-saħħa mentali li kienet diġà preżenti qabel il-pandemija iżda jista' jingħad li qed tiżdied f'daqqa minħabba l-persjoni li ħafna nies issa jsibu ruħhom taħtha.

1.7. Fir-rigward tar-regolament tal-UE dwar it-theddid transkonfinali serju għas-saħħa, il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa: li jinħażnu u jiġu żviluppati mediċini li jistgħu jintużaw u li huma affordabbli għall-popolazzjoni kollha kemm hi; li t-tħejjija għall-protezzjoni ta' gruppi friskju għoli tinbeda immedjatament, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk f'ambjenti u istituzzjonijiet magħluqa; li tinġabar data biex tkun diżaggregata aħjar biex jiġi pprovdut fehim ċar tan-nies l-aktar friskju; u li l-innovazzjonijiet u r-rispons mediċi jkunu aċċessibbli għal kulħadd, irrispettivament mill-introjt, l-Istat Membru jew ir-reġjun tar-residenza tagħhom.

1.8. Fid-dawl tal-mandat imġedded taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, il-KESE jissottolinja l-importanza li t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE jsir ċentrali għall-ħidma taċ-Ċentru, kif ukoll jinkludi l-mard mhux komunikabbli; ikun mġhammar bis-sħiħ biex jiġbor data diżaggregata u anonimizzata bis-sħiħ, u jiġġenera rakkomandazzjonijiet dwar id-determinanti soċjali u kummerċjali tas-saħħa⁽³⁾; u jkollu mandat biex jimmonitorja l-investimenti u jiġġenera rakkomandazzjonijiet dwar il-finanzjament tas-sorveljanza tas-saħħa, il-valutazzjoni tar-riskju, it-tħejjija u r-rispons, kemm għal-livell tal-UE kif ukoll għal dak nazzjonali.

⁽²⁾ ĠU C 13, 15.1.2016, p. 40, ĠU C 14, 15.1.2020, p. 1.

⁽³⁾ Policy & practice: Commercial determinants of health and sport

1.9. Fir-rigward tar-rwol imsaħħa tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), il-KESE jhegġegħ li: il-Gruppi ta' Tmexxija dwar il-Mediċini u l-Apparati Medici jinkludu u jikkonsultaw b'mod sinifikanti lis-soċjetà ċivili u lill-imsieħba soċjali; il-provvista ta' mediċini u apparati mediċi fl-UE mhux biss tkun konsistenti u suffiċjenti, iżda li l-EMA taħdem ukoll mal-partijiet ikkonċernati kollha tas-saħħa biex jiġi stabbilit mudell Ewropew għall-ipprezzar tal-mediċini b'mod ġust, responsabbli u trasparenti.

1.10. Il-pakkett il-ġdid tal-UE dwar is-saħħa għandu jiġi kkombinat mat-tnedija tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipji 12, 16, 17 u 18 tiegħu u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru li jipproponi, fost affarijiet oħra, Spazju tal-UE tad-Data dwar is-Saħħa. Għandu jkun ukoll parti mit-tilħiq tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 3.

1.11. Jeħtieġ li jiġi indirizzat it-trikkib bejn l-għanijiet tar-regolamenti differenti u jiġu ċċarati l-mandati tal-aġenziji differenti, sabiex tiżdied l-effiċjenza u tiġi evitata l-konfużjoni dwar min huwa responsabbli għal azzjonijiet differenti. Barra minn hekk, għandhom jiġu segwiti l-kummenti formali maħruġa dan l-aħħar mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) dwar il-pakkett propost tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa.

1.12. Hija l-fehma tal-KESE li ċerti elementi ta' dan il-pakkett ta' regolamenti forsi waslu kmieni wisq, peress li għadna f'nofs il-pandemija tal-COVID-19 u għadna qed nitgħallmu dwar l-impatti tagħha. Fl-istess ħin, napprezzaw li hija meħtieġa azzjoni urġenti f'ċerti oqsma tal-koordinazzjoni tas-saħħa tal-UE. Nistiednu lill-KE tippreżenta rapport sa Ġunju 2021 dwar it-tagħlimiet meħuda s'issa mill-pandemija.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-KESE jilqa' l-pakkett propost mill-KE għall-bini ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa b'saħħitha. Il-pakkett propost jinkludi: a) il-komunikazzjoni dwar "Il-bini ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa", favur it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE għat-theddid transkonfinali għas-saħħa; b) l-adozzjoni ta' regolament ġdid dwar theddid transkonfinali serju għat-tisħiħ tat-tħejjija, it-tisħiħ tas-sorveljanza u t-titjib tar-rappurtar tad-data; c) kapaċità mtejba taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) biex jiproteġu aħjar lin-nies li jgħixu fl-UE u jindirizzaw it-theddid transkonfinali għas-saħħa; d) it-twaqqif ta' Awtorità tal-UE għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA) biex tappoġġja b'mod effiċjenti r-rispons fil-livell tal-UE għat-theddid transkonfinali għas-saħħa; u e) l-istabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) l-ġdida li se tkun inkarigata mit-tnedija u l-ġestjoni tal-programmi ta' ħidma annwali tal-Programm EU4Health.

2.2. Il-KESE jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jirrispondu għat-talba taċ-ċittadini Ewropej biex is-saħħa ssir prijorità. Kif indikat mill-KE fil-Komunikazzjoni tagħha, "iċ-ċittadini Ewropej qed juru b'mod aktar ċar li jistennew li l-UE jkollha rwol aktar attiv fil-ħarsien ta' saħħithom, b'mod partikolari fil-ħarsien mit-theddid għas-saħħa li jmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali".

2.3. Il-pakkett propost mill-KE huwa l-punt tat-tluq għar-realizzazzjoni tad-dritt għal saħħa ta' kwalità tajba, u għat-tisħiħ ta' sistemi tas-saħħa u tal-kura tas-saħħa inklużivi għall-persuni kollha fl-UE, fil-pajjiżi ġirien u fil-pajjiżi li se jissieħbu mal-UE. Huwa jsahha ukoll il-pjattaforma għall-kontribut tal-UE għas-saħħa pubblika globali. Barra minn hekk, il-protezzjoni soċjali fis-saħħa trid tingħata prijorità fis-sħubijiet internazzjonali tal-KE.

2.4. Filwaqt li l-pakkett tal-"Unjoni Ewropea tas-Saħħa" jimxi fid-direzzjoni t-tajba, jeħtieġ li jespandi lil hinn minn sempliċi koordinazzjoni. Miżuri ġodda għandhom jiġu kkombinati ma' revizzjoni possibbli tat-Trattati tal-UE, b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 168(1) tat-TFUE, biex jitwessgħu l-kompetenzi tal-UE fil-qasam tal-emerġenzi tas-saħħa u t-theddid transkonfinali għas-saħħa u biex il-protezzjoni tas-saħħa tiġi deskritta bħala ben pubbliku. L-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li: "Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal kura preventiva tas-saħħa u d-dritt li tgawdi minn kura medika skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġijiet u l-prattiki nazzjonali. Għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-linji ta' politika u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni". Għal dan il-għan, għandu jiġi żgurat li l-Istati Membri jinvestu b'mod adegwat fis-saħħa pubblika u l-kura soċjali. Għandu jitqies ukoll il-bilanċ xieraq bejn is-sistemi nazzjonali tas-saħħa u tal-kura approvati demokratikament u l-ħtiġijiet komuni għall-Ewropa. Is-sorsi xjentifiċi rilevanti kollha għandhom jikkontribwixxu għal deċizzjonijiet politiċi responsabbli u għandha tiġi implimentata valutazzjoni obbligatorja tal-impatt fuq

is-saħħa tal-inizjattivi kollha ta' politika tal-UE. Fl-aħħar nett, il-miżuri tal-protezzjoni tas-saħħa jridu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali kollha. Il-limitazzjonijiet ta' dawn id-drittijiet għandhom ikunu proporzjonati, ikkontrollati mill-qrati u jseguw l-prinċipji tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt.

2.5. Il-KESE diġà adotta Opinjonijiet fil-qasam tas-saħħa ⁽⁴⁾. F'Ġunju 2020, il-plenarja tal-KESE adottat ukoll Riżoluzzjoni dwar il-proposti tal-KESE għar-rikostruzzjoni u l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 ⁽⁵⁾.

2.6. Il-pass biex tittejjeb il-kapaċità tal-UE li tipprevjeni, tħejji u timmaniġġja b'mod effettiv it-theddid transkonfinali għas-saħħa b'mod olistiku għandu jiġi kkombinat mat-tnedija tal-Pilastru, b'mod partikolari l-prinċipji 12, 16, 17 u 18 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru, li jipproponi, fost affarijiet oħra, Spazju tal-UE tad-Data dwar is-Saħħa. L-ispażju għandu jiġi rregolat bħala ben pubbliku. Din l-inizjattiva għandha wkoll tkun parti mill-kisba tal-SDGs u tkun marbuta ma' riformi ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li tista' twitti t-triq għal avvanzi fis-saħħa elettronika u t-telemediċina aċċessibbli. Il-KESE jistenna b'interess it-tabella ta' valutazzjoni tal-Faċilità, li se tenfasizza x-investimenti saru permezz tal-Faċilità fis-settur tas-saħħa.

2.7. Minkejja l-programmi ta' kooperazzjoni Ewropej bejn ir-reġjuni transkonfinali, b'aktar minn għoxrin sena ta' investiment mill-fondi tal-UE għall-promozzjoni tal-mobilità tas-saħħa f'dawn l-oqsma, għadna ma ksibniex mudell aktar integrat tal-kura transkonfinali. Hemm bżonn ta' impetu għid u viżjoni fit-tul biex it-territorji transkonfinali jkunu l-ixprunaturi tas-solidarjetà u l-kooperazzjoni fis-saħħa. Fejn l-Istati Membri jaqsmu fruntiera tal-art, "L-Ippjanar tal-Prevenzjoni, it-Tħejji u r-Rispons" għandu jinkludi l-familjarità mal-istrutturi tas-saħħa pubblika u l-persunal fl-Istat kontigwu u għandu jinvolvi t-tweqqif ta' eżerċizzji konġunti transkonfinali.

2.8. Il-pandemija żiedet b'mod drammatiku r-rati tal-faqar u aggravat l-inugwaljanzi li kienu diġà jeżistu, speċjalment fl-Istati Membri li ntaqtu ħażin mill-kriżi ekonomika matul l-aħħar għaxar snin. Il-kriżi tas-saħħa affettwat b'mod qawwi l-ekonomija, is-suq tax-xogħol u l-koeżjoni soċjali. L-impatti evidenti fuq is-suq tax-xogħol huma ż-żieda fil-qgħad, l-iffriżar tar-reklutaġġ, in-nuqqas li jinħolqu impjiegi ġodda u t-tnaqqis fis-siġħat tax-xogħol. Iċ-ċifri tal-Eurostat juru impatt ċar fuq ir-rati tal-qgħad fl-UE minħabba l-pandemija, u l-affarijiet x'aktarx se jkomplu jmorru għall-agħar fis-snin li ġejjin. Ir-rata tal-qgħad tal-UE kienet ta' 7,6 % f'Ottubru 2020, żieda minn 6,6 % f'Novembru 2019. Għaż-żgħażaġħ is-sitwazzjoni hija saħansitra agħar, meta wieħed iqis li l-qgħad żdied minn 14,9 % għal 17,7 % bejn Novembru 2019 u Novembru 2020 ⁽⁶⁾. Għandu jiġi nnutat li l-Artikolu 31(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li "Kull ħaddiem għandu d-dritt li jaħdem f'kundizzjonijiet li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu". L-Artikolu 3(3) tat-TUE jesprimi wkoll l-għan ta' livell massimu ta' impjiegi.

2.9. Is-sistemi tal-kura tas-saħħa eżistenti madwar l-UE – mhux l-inqas dawk fl-Istati Membri li ġew affettwati minn politiki mmexxija mill-awsterità, nuqqas ta' investiment kontinwu u tnaqqis estrem fin-nefqa pubblika fl-għaxar snin preċedenti – ma setgħux jirrispondu b'mod effettiv għall-pressjoni enormi li kkawżat il-pandemija tal-COVID-19. Din il-pandemija enfasizzat in-nuqqasijiet fis-sistemi tas-saħħa madwar l-Ewropa u l-ħtieġa li nbidlu kif naħsbu dwar il-kura tas-saħħa. Il-kura tas-saħħa ma tistax tiġi ttrattata bħala komodità. L-aċċess ugwali għat-trattament, iż-żieda fil-persunal fis-settur tas-saħħa u kundizzjonijiet imtejba għall-ħaddiema tas-saħħa jridu jsiru prijorità.

2.10. L-istrateġija kkoordinata tal-UE għat-tilqim u l-akkwist konġunt tal-vaċċini wrew li mhumix biżżejjed. L-UE għadha wkoll qed tissielet mal-kapaċità tal-produzzjoni, li qed tirriżulta f'telf ta' ħajja bla bżonn. Il-KESE jitlob li jsir rieżami bir-reqqa tas-sistema ċentrali ta' xiri tal-UE għall-vaċċini kontra l-COVID-19. Ladarba tintemm il-pandemija, ikun utli li wieħed jara kif sar dan ix-xiri ċentrali, x'ħadem u x'seta' jsir aħjar. Huwa vitali li nitgħallmu t-tagħlimiet kollha possibbli minn din is-sitwazzjoni attwali u nibnu fuq tali tagħlimiet fl-ippjanar futur tagħna.

2.11. Matul il-pandemija, is-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali kellhom rwol kruċjali fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet. Fl-azzjonijiet futuri kollha li għandhom l-għan li jtejbu s-saħħa tal-Ewropej l-aktar milquta mill-COVID-19 – il-persuni akbar fl-età, speċjalment dawk li jgħixu fil-kura residenzjali, il-persuni mingħajr dar, il-persuni li jgħixu fil-faqar, il-persuni b'diżabilità, il-persuni b'mard kroniku, il-migranti, ir-refuġjati, il-minoranzi etniċi u l-komunità LGBTQ+ – l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali jridu jkunu fil-qalba tat-tfassil u l-eżekuzzjoni ta' tali azzjonijiet.

⁽⁴⁾ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 251; ĠU C 440, 6.12.2018, p. 150; ĠU C 242, 23.7.2015, p. 48; ĠU C 181, 21.6.2012, p. 160; ĠU C 14, 15.1.2020, p. 1; ĠU C 13, 15.1.2016, p. 40.

⁽⁵⁾ Riżoluzzjoni tal-KESE (ĠU C 311, 18.9.2020, p. 1).

⁽⁶⁾ <https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-euro-indicators/-/3-08012021-ap>

2.12. Il-pandemija żvelat li ħafna nies għadhom mhumiex protetti mid-diskriminazzjoni fl-UE jew ma għandhomx aċċess għall-informazzjoni dwar is-saħħa pubblika jew għall-kura tas-saħħa essenzjali. Barra minn hekk, osservajna t-tkabbir tal-hekk imsejja deżerti mediċi⁽⁷⁾. Skont it-Trattati tal-UE, in-nies għandhom ikunu ħielsa wkoll mid-diskriminazzjoni. Bħalissa, il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-livell tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa ma tkoprix l-oqsma kollha. Il-fatt li l-Kunsill ma adottax id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali ppubblikata fl-2008 ifisser li l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa għadha mhix żgurata pereżempju minħabba l-età, id-diżabilità, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali. Dan deher ċar waqt il-pandemija. Il-lakuni fis-servizzi, l-aċċess u l-protezzjoni mid-diskriminazzjoni fl-UE jridu jiġu indirizzati.

2.13. Il-KESE huwa lest li jkun il-punt fokali ċentrali għall-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, billi jlaqqa' flimkien ir-rappreżentanti mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

2.14. L-"Unjoni Ewropea tas-Saħħa" hija żvilupp importanti ġdid. Din trid tikkontribwixxi għat-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa, u s-sikurezza u l-benesseri tal-persuni li jgħixu fl-UE; din se ssaħħaħ l-apprezzament tal-impenn tal-Unjoni biex taqdi n-nies tagħha, u se tippoteġi wkoll lill-Istati Membri mit-theddid ta' nazzjonaliżmu u populiżmu li qed jiżdiedu. Għalhekk dan għandu jkun suġġett li għandu jkun inkluż fil-konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa. Għal dan il-għan, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Livell Għoli dwar is-Saħħa, l-Impjiegi u t-Tkabbir Ekonomiku tad-WHO, "Working for health and growth: investing in the health workforce" (Naħdmu għas-saħħa u t-tkabbir: ninvestu fil-forza tax-xogħol tas-saħħa – mhux disponibbli bil-Malti), u għall-Pjan ta' Azzjoni ta' Ħames Snin għall-Impjiegi fis-Settur tas-Saħħa u t-Tkabbir Ekonomiku Inklużiv (2017-2021) li għandu jiġi implimentat bħala parti mit-titjib tat-tħejija tal-UE għal emerġenzi tas-saħħa futuri.

2.15. Unjoni Ewropea tas-Saħħa ġenwina u inklużiva ma tistax tinkiseb bil-miżuri proposti biss. Din trid tmur lil hinn mis-sempliċi ġestjoni tal-kriżijiet u fl-aħħar mill-aħħar timmira għal Ewropa li fiha kulħadd igawdi l-ogħla standard ta' saħħa li jista' jinkiseb b'aċċess ugwali għal trattament ta' kwalità għolja. Għandha tibda bidla sistemika biex tkun imħejjija aħjar mhux biss għall-pandemija li jmiss iżda wkoll għal sfidi tas-saħħa transkonfinali oħra bħar-reżistenza antimikrobika, u l-obeżità u l-epidemiji mhux komunikabbli li jaffettwaw il-pajjiżi Ewropej kollha. Għandha tadotta wkoll l-approċċ "saħħa waħda", billi taħdem fuq ir-rabta bejn il-benesseri tal-bniedem, tal-annimali u dak ambjentali sabiex tiġi ppreservata s-saħħa tagħna.

2.16. Minħabba li f'ħafna Stati Membri huwa l-livell lokali jew reġjonali li huwa responsabbli għall-prevenzjoni u għall-implimentazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, huwa ta' importanza kbira li l-pakkett tal-UE dwar is-saħħa jipprevedi governanza f'diversi livelli li tinkludi bis-sħiħ l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet ta' emerġenza u l-fornituri tas-servizzi. Jeħtieġ li jkun ċar li, fil-każ ta' inċident kbir tas-saħħa, l-awtoritajiet lokali se jkollhom rwol vitali x'jaqdu fil-komunikazzjoni tal-informazzjoni u d-data u fil-komunikazzjoni tad-disponibbiltà tal-sodod tal-isptar, l-infermiera u l-apparati tas-salvagħ u l-mediċini fil-lokalità tagħhom. Din l-informazzjoni jeħtieġ li tinġabar ċentralment fil-livell tal-UE u, fil-każ ta' reġjuni tal-fruntiera, għandha tintwera solidarjetà bejn l-Istati Membri fl-appoġġ lir-reġjuni ġirien u lill-pajjiżi li se jissiehu mal-UE li qabżu l-kapaċità fil-provvista ta' kura tas-saħħa ta' emerġenza. F'xi Stati Membri, is-servizzi tas-saħħa huma pprovduti mill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali mingħajr skop ta' qligħ, bħall-kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa komuni. Fl-Istati Membri kollha għandu jkun hemm oqfsa legali u finanzjarji adegwati għal dawn is-servizzi biex tiġi żgurata parteċipazzjoni diretta fil-miżuri tal-UE, kompetizzjoni ġusta u konverġenza 'l fuq fil-kwalità u l-aċċessibbiltà, filwaqt li tiġi żgurata ż-żamma tal-prinċipju tas-saħħa bħala ben pubbliku. Barra minn hekk, filwaqt li jqis l-Opinjoni tiegħu "Lejn qafas legali Ewropew adattat għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali", il-KESE jipproponi li fid-dritt tal-Unjoni jiġi introdott qafas legali adattat għal rikonoxximent aħjar tal-Intrapriżi tal-Ekonomija Soċjali. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fi ħdan l-Istati Membri għandhom jiġu indirizzati direttament, b'mod diġitali u rapidu mit-tim ċentrali tal-ġbir tad-data, biex ikun hemm l-aqwa preċiżjoni tad-data miġbura u kwalità tar-rispons koordinat tal-UE.

2.17. L-UE għandha wkoll tħares aktar mill-qrib lejn ir-reklutaġġ, iż-żamma u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u l-kura soċjali. Is-sikurezza tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tal-kura soċjali għandha tingħata prijorità wkoll, minħabba l-għadd ta' mwiet li ġew osservati waqt il-pandemija. Barra minn hekk, l-UE għandha tiġbor data rilevanti u trasparenti dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq il-ħaddiema tas-saħħa u daww tal-kura soċjali. Dan se jippermetti lill-UE u lill-Istati Membri jivvalutaw il-konsegwenzi fit-tul tal-COVID-19 b'mod aktar preċiż u jiżviluppaw miżuri biex jiżguraw li s-sistemi tal-kura tas-saħħa jkunu mħejjija aħjar għall-emerġenzi tas-saħħa futuri.

(7) <https://www.aim-mutual.org/mediaroom/tackling-medical-deserts-across-the-eu/>

2.18. Jidher li hemm sovrappożizzjoni bejn l-għanijiet tar-Regolamenti differenti. Mhuwiex ċar kif id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet se taħdem fil-prattika. Hemm nuqqas ta' ċarezza dwar liema aġenzija jew korp se jmxexx dawk l-azzjonijiet li jikkoinċidu, u dan jista' jwassal għal konfużjoni u ineffiċjenza fl-isforzi ta' koordinazzjoni tal-UE. Dan jeħtieġ li jiġi ċċarat. Fejn fir-Regolamenti differenti għad hemm ir-ripetizzjoni, trid tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat sett komuni ta' definizzjonijiet għat-termini kollha użati, bħal x'jikkostitwixxi "kriżi tas-saħħa pubblika".

2.19. Il-COVID-19 ġibdet l-attenzjoni għall-frammentazzjoni tal-arkitettura tas-saħħa tal-UE u l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-aġenziji Ewropej rilevanti kollha. Minkejja l-finanzjament tal-UE, għad hemm investiment insuffiċjenti fid-dawl tal-iskala tal-isfidi, inkluża l-prevenzjoni. Il-KESE jesprimi wkoll dispjaċir għall-fatt li l-investiment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fis-saħħa tnaqqas meta mqabbel mal-proposta tal-KE. Fil-fehma tagħna dan huwa żball kbir.

2.20. Il-KESE jħeġġeġ kawtela meta tittieħed azzjoni rigward il-proposti fil-pakkett. Filwaqt li b'mod ġenerali nappoġġjaw il-pakkett ta' regolamenti, il-KESE jistenna li ssir valutazzjoni tas-sitwazzjoni u l-adegwatezza tal-pakkett ta' regolamenti ladarba tintemm il-pandemija u toħroġ stampa aktar ċara tal-impatt.

3. Regolament tal-UE dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa

3.1. Il-KESE jilqa' dan ir-Regolament li se jwassal għall-ħolqien ta' qafas legali aktar b'saħħtu u aktar komprensiv li jippermetti lill-Unjoni tħejji aħjar u tirreaġixxi malajr għat-theddid transkonfinali għas-saħħa.

3.2. Il-KESE huwa tal-fehma li l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni attwali bla dubju ma kinux biżżejjed biex irażżnu l-pandemija tal-COVID-19 u jipproteġu lin-nies li jgħixu fl-UE, kemm jista' jkun:

3.2.1. L-arranġamenti attwali tas-sigurtà tas-saħħa, abbażi tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS) u l-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni fi ħdan il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, f'it li xejn jistgħu jiskattaw rispons komuni f'waqtu fil-livell tal-UE, jikkordinaw l-aspetti kruċjali tal-komunikazzjoni tar-riskju, jew jiżguraw solidarjetà fost l-Istati Membri.

3.2.2. Kien hemm approċċ frammentat biex jitrażżan il-virus li dgħajef il-kapaċità tal-Ewropa li timpedixxi t-tixrid tiegħu. F'numru kbir ta' Stati Membri l-miżuri introdotti ma kinux saru skont il-parir xjentifiku. Rajna dan rifless fir-rata ta' infezzjoni ta' pajjiżi li kienu hađu wisq żmien biex jadottaw miżuri preventivi, ma imponewx lockdowns jew għażlu approċċ ta' "immunità kollettiva". Iċ-ċirkostanzi ġeografiċi speċifiċi tal-Istati Membri, bħall-fruntieri li jaqsmu ma' pajjiżi oħra b'rati għolja ta' infezzjoni jew dawk li jesperjenzaw fluss sinifikanti ta' migranti u refuġjati, ma ġewx ikkunsidrati biżżejjed.

3.2.3. Il-persuni fil-kura istituzzjonali kienu partikolarment suxxettibbli għall-infezzjoni u kienu jirrappreżentaw għadd sproporzjonat ta' mwiet. Pereżempju, id-data disponibbli tindika li n-nies f'ambjenti istituzzjonali kienu qed jiffaċċjaw, u jkomplu jiffaċċjaw, l-oġġla rati ta' infezzjoni u mortalità mill-COVID-19. Fis-Slovenja, pereżempju, 81 % tal-imwiet mill-COVID-19 kienu fost ir-residenti tal-kura fid-djar⁽⁸⁾. Il-virus kellu impatt devastanti f'dawn l-ambjenti u l-azzjoni futura tal-UE dwar is-sigurtà tas-saħħa għandha tindirizza bis-sħiħ din il-lakuna.

3.2.4. Meta l-unitajiet tal-kura primarja u ta' emerġenza laħqu saturazzjoni, dawk li l-aktar jinsabu friskju ta' infezzjoni u implikazzjonijiet serji għas-saħħa kienu l-ewwel li ma ngħatawx trattament taħt sistemi ta' triage. Il-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabilità kienu partikolarment friskju li jiġu mċaħħda minn trattament ta' emerġenza.

3.2.5. Il-bidu tal-pandemija ra nuqqasijiet serji fit-tagħmir protettiv personali (PPE) u fit-tagħmir mediku. Il-pandemija esponiet dgħufijiet fis-solidarjetà tal-UE, b'xi Stati Membri jipprevjenu l-esportazzjoni tal-PPE jew tal-ventilaturi lejn Stati Membri oħra li kellhom ħtieġa kbira għalihom. In-nuqqas ta' Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa ċentrali fil-livell tal-UE għall-farmaċewtiċi u l-apparati mediċi ġie żvelat ukoll bħala kwistjoni konsiderevoli. Dawn huma kwistjonijiet li l-UE qatt ma għandha terġa' tiffaċċja.

⁽⁸⁾ A. Comas-Herrera et al., *Mortality associated with COVID-19 outbreaks in care homes: early international evidence*, (Mejju 2020).

3.2.6. Kien hemm nuqqas ta' data diżaggregata dwar il-gruppi l-aktar milquta mill-COVID-19, li fixxkel it-tentattivi biex jiġu identifikati u protetti dawk l-aktar f'riskju.

3.2.7. Komunikazzjoni inkonsistenti mal-pubbliku u mal-partijiet ikkonċernati bħall-professjonisti fil-kura tas-saħħa madwar l-UE, kif ukoll bejn l-Istati Membri, kellha impatt negattiv fuq l-effettività tar-rispons tal-perspettiva tas-saħħa pubblika. Hemm ukoll nuqqas ta' implimentazzjoni effettiva tal-għodod tal-UE għas-saħħa elettronika u teknoloġiji ġodda tal-intelliġenza artifiċjali.

3.3. Il-KESE huwa tal-fehma li r-Regolament tal-UE dwar it-theddid transkonfinali serju għas-saħħa jista' jgħin biex jittaffew dawn il-problemi matul kriżijiet futuri tas-saħħa fl-UE kollha billi:

3.3.1. Tiġi stabbilita proċedura konġunta ta' akkwist tal-UE u tiġi pprovduta kumulazzjoni ta' riżerva strateġika permezz tar-riżerva rescEU biex tgħin fil-mitigazzjoni ta' nuqqasijiet simili matul kriżijiet futuri tas-saħħa fl-UE kollha. Se jkun importanti ħafna li jiġu pprovduti mediċini li jistgħu jintużaw mill-popolazzjoni kollha u li dan jitqies bis-sħiħ f'każijiet fejn ċerti gruppi jkunu jirrikjedu forum adattati jew alternattivi ta' trattament minħabba l-età, is-sess u l-ġeneru, il-kundizzjoni jew id-diżabilità tagħhom.

3.3.2. Jinħoloq qafas leġislativ komprensiv li jirregola u jimplimenta azzjoni b'mod effettiv fil-livell tal-Unjoni dwar it-tħejjija, is-sorveljanza, il-valutazzjoni tar-riskju, u t-twissija bikrija u r-rispons. It-tħejjija għall-protezzjoni ta' gruppi f'riskju għoli għandha tibda immedjatement, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk li jgħixu fi gruppi flimkien u istituzzjonijiet fejn ikun intwera li huwa diffiċli ħafna li r-residenti jiġu protetti biżżejjed u li d-drittijiet tagħhom jiġu rrispettati, kif ukoll biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sikurezza f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tax-xogħol u livell adegwat ta' persunal kemm fis-setturi tas-saħħa kif ukoll tal-kura. Dan ir-Regolament għandu jipprevedi wkoll monitoraġġ imtejjeb tan-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tal-kura sabiex jassisti lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-imsieħba soċjali nazzjonali u Ewropej biex jikkunsidraw soluzzjonijiet biex ix-xogħol fis-settur isir aktar attraenti u b'hekk jittejjbu r-reklutaġġ u ż-żamma.

3.3.3. Jiġi mmobilizzat l-għarfien espert xjentifiku u d-djalogu interdixxiplinari b'mod ikkoordinat. Hija l-fehma tal-KESE li dan għandu jsir flimkien mal-għarfien espert tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi li jinsabu f'riskju għoli matul il-pandemiji bħall-persuni akbar fl-età, il-persuni bla dar, il-persuni minn minoranzi etniċi u l-persuni b'diżabilità. Għandu jinkludi wkoll is-settur tal-kura tas-saħħa, ir-riċerkaturi u atturi rilevanti oħra, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

3.3.4. Il-Kumitat tal-UE għas-Sigurtà tas-Saħħa (HSC) ikun jista' jwassal il-gwida fl-adozzjoni ta' miżuri komuni fil-livell tal-UE biex tiġi ffaċċjata theddida transkonfinali futura għas-saħħa. L-imsieħba soċjali Ewropej fis-settur tas-saħħa (bħal fil-Kumitat Ewropew għad-Djalogu Soċjali għas-Settur tas-Saħħa) għandhom jiġu kkonsultati u inklużi fil-governanza tal-kumitat.

3.3.5. Jiġi ffaċilitat ir-rappurtar tad-data tas-sistema tas-saħħa u data rilevanti oħra għall-ġestjoni tat-theddid transkonfinali. Dan il-ġbir ta' data jeħtieġ li jiġi diżaggregat biex jipprovdi fehim aktar ċar u mifrux mal-Unjoni kollha ta' liema gruppi huma l-aktar f'riskju u l-aktar affettwati mit-theddid għas-saħħa. Id-data għandha tqis il-ġeneru, l-età, l-etniċità, l-isfond tal-migrazzjoni, id-diżabilità u l-mard kroniku. Dan għandu jkopri wkoll data dwar il-provvista ta' professjonisti tas-saħħa u tal-kura soċjali, ħażna ta' mediċini, apparati mediċi u taġġmir ta' protezzjoni personali, kura intensiva u kapaċità tas-sodod tal-kura akuta u sodod li jkunu qed jintużaw, ventilaturi u ventilaturi li jkunu qed jintużaw, kapaċità tal-ittestjar u testijiet li jkunu saru, u d-data dwar ir-riżorsi tad-dipartimenti tas-saħħa pubblika sabiex jiġu żgurati livelli ta' persunal adattati u orjentati lejn il-ħtiġijiet, b'mod partikolari l-livelli ta' persunal per capita għall-mediċina komunitarja. Huwa importanti wkoll li tinġabar informazzjoni dwar l-inklużività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali biex jiġi żgurat aċċess aktar ugwali. Din id-data għandha tintuża biex jiġu adottati rakkomandazzjonijiet, inkluż dwar il-proporzjonijiet għar-riżorsi għal kull unità ta' popolazzjoni u n-numru ta' membri tal-persunal tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali, żviluppati abbażi ta' prassi tajba u valutazzjonijiet ta' politika.

3.3.6. Jiġu stabbiliti networks ġodda ta' laboratorji tal-UE. Għandha tingħata attenzjoni dwar kif għandu jiġi żgurat li l-innovazzjonijiet u r-risponsi mediċi jkunu aċċessibbli għal kulħadd, irrispettivament mill-Istat Membru jew ir-reġjun tar-residenza tagħhom, u kif dawn isiru affordabbli għal kulħadd.

3.3.7. Programmi ta' tatriġ għall-ispeċjalisti, li għandhom iqisu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi ta' profili differenti ta' pazjenti, ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tal-kura u t-tranżizzjoni lejn is-saħħa elettronika u t-telemediċina. Matul il-pandemija tal-COVID-19 rajna li l-età u l-eżistenza ta' diversi kundizzjonijiet u diżabilitajiet kellhom impatt enormi fuq ir-riskju ta' sintomi serji u fatalitajiet. Fir-rigward b'mod partikolari tal-persuni b'diżabilità u l-mard kroniku, huwa kruċjali li

l-ispeċjalisti jifhemu kif jikkonsultaw b'mod xieraq lill-pazjenti, jirrispettaw ir-rieda ħielsa ta' kulħadd u jiżguraw li ħadd ma jiġi mġiegħel jieħu trattament. It-taħriġ għandu jkun konsistenti mal-approċċ "saħħa waħda". Barra minn hekk, fir-reġjuni tal-fruntiera, għandhom jiġu promossi eżerċizzji konġunti transkonfinali u għandha titħeġġeġ il-familjarità mas-sistemi tas-saħħa pubblika.

4. Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

4.1. Il-KESE jilqa' t-tisħiħ tal-mandat ta' Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ("iċ-Ċentru") li jindirizza s-sorveljanza, it-tħejjija, it-twissija bikrija u r-rispons fl-ambitu ta' qafas imsaħħa tal-UE għas-sigurtà tas-saħħa.

4.2. Din l-estensjoni u l-espansjoni tal-mandat ta' Ċentru jiġu fi żmien opportun u, jekk dawn ikunu ta' suċċess, se jkunu elementi kostitwenti li jippermettu lill-Unjoni tittratta aħjar il-pandemija tal-COVID-19. Dawn għandhom ukoll il-potenzjal li jindirizzaw id-dgħufijiet li l-pandemija enfasizzat fir-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa pubblika u tas-saħħa fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

4.3. Il-KESE huwa tal-fehma li ċ-Ċentru ma kellux il-mandat, il-mekkaniżmi jew ir-riżorsi meħtieġa biex jirrispondi għall-pandemija tal-COVID-19 b'mod konsistenti u effettiv.

4.4. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika għall-kwistjonijiet nazzjonali tas-saħħa pubblika. Madankollu, fl-Unjoni tagħna, li tinvolvi moviment sinifikanti ta' nies u merkanzija bejn il-fruntieri, il-mard komunikabbli kollu huwa, potenzjalment, theddida transkonfinali għas-saħħa li jisthoqqlha sorveljanza, tħejjija, valutazzjoni tar-riskju, twissija bikrija u rispons fil-livell tal-UE.

4.5. Il-pandemija żvelat ir-relazzjoni tossika bejn il-mard komunikabbli u dak mhux komunikabbli. Il-magħġoranza l-kbira tal-imwiet mill-COVID-19 kienu marbuta ma' kundizzjonijiet tas-saħħa sottostanti u diġà eżistenti u l-aċċess tal-pazjenti b'mard kroniku għat-trattament kien affettwat b'mod negattiv mill-pandemija. Għalhekk, il-mekkaniżmu ta' rispons għall-kriżijiet u l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa għandhom jinkludu wkoll mard mhux komunikabbli.

4.6. L-evalwazzjoni esterna ta' Ċentru ppubblikata f'Settembru 2019 enfasizzat modi importanti li bihom iċ-Ċentru għandu jissaħħaħ. Din enfasizzat il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-rilevanza għall-Istati Membri, u li ssir enfasi fuq l-indirizzar tal-lakuni u n-nuqqasijiet strutturali fis-sistemi tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri li jaffettwaw il-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu b'mod effettiv u jibbenefikaw bl-aħjar mod mill-attivitajiet tal-ECDC. L-evalwazzjoni indikat il-ħtieġa li jiġi rivedut u estiż il-mandat ta' Ċentru, u li jiġi emendat ir-regolament eżistenti.

4.7. Il-KESE jinnota li l-protezzjoni tas-saħħa hija fundamentali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. In-nuqqas ta' sħarriġ adegwat dwar it-theddid għas-saħħa, it-tħejjija għalih, it-twissija dwaru u r-rispons għalih, kif qed inkomplu nosservaw matul il-pandemija, jikkomprometti d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-dritt għas-saħħa, u jixpruna l-inugwaljanzi.

4.8. Il-proposta tinkludi titjib importanti fil-kapaċitajiet ta' Ċentru:

- Il-kapaċità mtejbha biex tiġi mmonitorjata s-sitwazzjoni tas-saħħa se tissaħħaħ abbażi ta' sistemi ta' sorveljanza diġitalizzata.
- Tħejjija aħjar fl-Istati Membri, permezz tal-iżvilupp ta' pjani nazzjonali ta' prevenzjoni u ta' rispons u kapaċitajiet aktar b'saħħithom għal rispons rapidu integrat għas-saħħa.
- Miżuri msaħħa għall-kontroll tal-epidemiji u t-tifqigħat permezz ta' rakkomandazzjonijiet vinkolanti għall-immaniġġjar tar-riskju.
- L-espansjoni tal-kapaċità li tiġi mmobilizzata u użata t-task force tas-saħħa tal-UE.
- Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa għad-dijanjożi, il-prevenzjoni u t-trattament ta' mard komunikabbli u mhux komunikabbli speċifiku.
- Kapaċità msaħħa biex jiġu identifikati s-sezzjonijiet tal-popolazzjoni l-aktar fir-riskju u fil-ħtieġa ta' miżuri ta' rispons immirati.

- Rabtiet imsaħħa bejn ir-riċerka, it-tħejjija u r-rispons, u l-kollaborazzjoni fil-politika bejn is-saħħa pubblika u l-komunitajiet tar-riċerka.
- Il-bini ta' kompetenzi għall-protezzjoni tas-saħħa permezz tal-koordinazzjoni ta' network ġdid ta' laboratorji ta' referenza tal-Unjoni u network ġdid ta' servizzi nazzjonali li jappoġġjaw it-trasfużjoni, it-trapjant u r-riproduzzjoni assistita medikament.
- L-espansjoni tal-ħidma fuq il-mard komunikabbli.
- Il-kontribut għall-impenn tal-UE għas-sigurtà u t-tħejjija globali tas-saħħa.

4.9. Il-KESE kemm-il darba talab it-tisħiħ tal-investiment fis-saħħa pubblika fl-UE. B'dan il-mod, permezz tat-tisħiħ tal-mandat taċ-Ċentru, se jkun importanti li wieħed iżomm f'moħħu dan li ġej:

4.9.1. Iċ-Ċentru għandu jkollu l-mandat u r-riżorsi biex jindirizza l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa u jiżgura li r-rispons tas-saħħa tal-UE jkun immirat lejn dawk ikklassifikati bħala l-aktar friskju minn esperti xjentifiċi multidixxiplinari. L-identifikazzjoni ta' dawk l-aktar friskju għandha tkun ibbażata fuq data diżaggregata tal-kwalità li tinkludi dawn il-popolazzjonijiet. Dan għandu jinvolvi b'mod sinifikattiv lis-soċjetà ċivili, lill-imsieħba soċjali, lill-fornituri tas-servizzi u lill-membri tal-komunitajiet l-aktar milquta. Il-koordinazzjoni bejn is-sistemi tas-saħħa pubblika, il-professjoni medika u s-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, hija kruċjali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

4.9.2. Is-saħħa mhijiex kwistjoni indipendenti. Hija marbuta mill-qrib ma' livell deċenti ta' għajxien, xogħol deċenti, akkomodazzjoni adegwata u nutrizzjoni u firxa sħiħa ta' servizzi u appoġġ. L-UE diġà impenjat ruħha li tmexxi 'l quddiem Ewropa Soċjali permezz tal-EPSR. Iċ-Ċentru jrid ikun mgħammar ukoll biex ikejjel u jiġġenera rakkomandazzjonijiet għall-istrutturi rilevanti tal-UE bħal dawk li jissorveljaw il-proċess tas-Semestru Ewropew u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali mġedda tal-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali. F'koordinazzjoni ma' dawn l-istrutturi, għandu jkun kapaċi jiggwida lill-Istati Membri dwar id-determinanti soċjali tas-saħħa u dwar kif tista' titejjeb is-saħħa billi jiġu indirizzati d-determinanti soċjali.

4.9.3. Iċ-Ċentru għandu jingħata l-mandat li jissorvelja l-investimenti u jiġġenera rakkomandazzjonijiet dwar il-finanzjament tas-sorveljanza tas-saħħa, il-valutazzjoni tar-riskju, it-tħejjija u r-rispons, kemm għal-livell tal-UE kif ukoll għal dak nazzjonali.

4.9.4. Il-kollaborazzjoni fil-monitoraġġ sistematiku għandha ssir bejn l-ECDC u ċ-ċentri nazzjonali għall-kontroll tal-mard. Flimkien għandhom jimmonitorjaw min huwa l-aktar affettwat mit-theddid għas-saħħa, jidentifikaw każijiet u hotspots, jidentifikaw ix-xejriet u jagħtu rakkomandazzjonijiet.

5. Ir-Regolament tal-UE dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

5.1. Il-KESE jilqa' r-rwol imġedded tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) u ż-żieda fil-kapaċità tagħha li timmitiga n-nuqqas ta' mediċini u ta' apparati mediċi madwar l-UE.

5.2. Il-KESE huwa tal-fehma li r-rwol attwali tal-EMA ma kienx biżżejjed biex jiġu indirizzati l-isfidi li toħloq il-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari minħabba li, speċjalment, fil-bidu tal-pandemija, l-UE kellha nuqqasijiet serji fit-tagħmir mediku tas-salvataġġ bħall-ventilaturi. In-nuqqasijiet kienu partikolarment evidenti fxi Stati Membri u ma kienx hemm biżżejjed koordinazzjoni fid-distribuzzjoni tal-apparati u l-PPE b'mod ġust madwar l-Unjoni.

5.3. Ir-rwol imġedded u ż-żieda fil-kapaċità tal-EMA, li għandhom jiġu attivati f'każ ta' kriżi oħra tas-saħħa fil-livell tal-UE, se jgħinu biex jittaffew il-problemi li seħħew matul il-pandemija tal-COVID-19 billi:

5.3.1. Jiġu stabbiliti Grupp ta' Tmexxija dwar il-Mediċini u Grupp ta' Tmexxija dwar l-Apparati Mediċi li jirrapportaw lura lill-KE u lill-Istati Membri dwar in-nuqqasijiet jew ir-riskji ta' nuqqasijiet futuri. Il-Gruppi ta' Tmexxija, magħmula minn esperti minn madwar l-UE biex joffru approċċ koordinat, għandhom jinkludu professjonisti speċjalizzati fi trattament mediku adattat għal dawk li huma aktar friskju ta' kumplikazzjonijiet tas-saħħa matul il-pandemija bħal dik li għaddejjin

minnha. Dan ovvjament jiddependi mit-tip ta' kriżi tas-saħħa li tkun għaddejja minnha l-UE, iżda normalment ikun jeħtieġ għarfien ta' trattament adattat skont is-sess u l-ġeneru għall-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità u l-persuni b'kundizzjonijiet serji tas-saħħa. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jiġu inklużi u kkonsultati b'mod sinifikattiv.

5.3.2. Ikun hemm reazzjoni qabel ma jkun hemm nuqqas ta' mediċini u jiġu identifikati n-nuqqasijiet potenzjali. Dan jeħtieġ li jkun il-każ mhux biss għall-mediċini l-aktar użati fis-suq tal-UE, iżda wkoll biex tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa ta' mediċini u apparati mediċi għall-kundizzjonijiet aktar rari, biex jiġi żgurat li jkunu disponibbli fl-Istati Membri kollha u fil-lokalitajiet kollha fejn ikun meħtieġ.

5.3.3. Jiġu kkoordinati studji flimkien maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) biex jiġu mmonitorjati l-effettività u s-sikurezza tal-vaċċini, u jiġi ffaċilitat "rieżami kontinwu" li fih taskforce tħares lejn id-data u l-evidenza li toħroġ mill-provi kliniċi f'linja reali għat-tħaffif tal-proċess. Din it-taskforce se tagħti wkoll parir xjentifiku dwar l-abbozz ta' provi kliniċi għall-mediċini u għall-vaċċini. Fl-eżerċitar ta' din il-kompetenza, it-taskforce għandha tinkoraġġixxi l-istabbiliment tal-miri ta' prestazzjoni l-aktar klinikament rilevanti għall-prodotti mediċinali li għandhom jitkejlu fil-provi kliniċi. L-aġenzija diġà tagħti parir xjentifiku, iżda dan issa se jsir b'mod rapidu fi żmien 20 jum u mingħajr ħlas.

5.4. Hemm diversi sfidi għall-EMA fl-attivitajiet futuri tagħha. L-aġenzija jeħtieġ li tiżgura li l-provvista tal-mediċini u l-apparati mediċi madwar l-UE ma tkunx konsistenti u suffiċjenti biss, iżda li jkun hemm disponibbiltà ta' stokk li jkun affordabbli għaċ-ċittadini.

5.5. F'dan iż-żmien l-akbar sfida hija d-distribuzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19. Huwa ta' dispaċir li l-istrateġija tal-UE għat-tilqim ma tqisx ċerti gruppi f'riskju għoli bħala eliġibbli għat-tilqim rapidu, bħall-persuni b'diżabilità u l-persuni b'mard kroniku. L-ordni tat-trattament għandu jiġi definit permezz ta' analiżi xjentifika multidixxiplinari li tqis id-diskriminazzjoni u l-esponiment ta' gruppi ta' persuni għall-virus. Il-vaċċin għandu jiġi ttrattat bħala ben pubbliku, u għalhekk huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-għoti f'waqtu tal-vaċċini lill-popolazzjoni ma jiġix imfixkel minn restrizzjonijiet marbuta ma' affarijiet bħad-drittijiet tal-proprietà intellettwali. Is-salvataġġ tal-ħajjiet għandu dejjem ikun il-prijorità ewlenija għall-UE. Għalhekk huwa vitali li l-KE tiżgura li l-Ewropa tibqa' l-kontinent ewlieni f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp tal-vaċċin.

5.6. Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-EMA kkondiviet b'mod proattiv data dwar il-vaċċini u l-mediċini approvati u informazzjoni dwar it-tweqqif tal-attivitajiet tal-Aġenzija. L-EMA spjegat ukoll il-proċessi regolatorji lill-pubbliku. Dan il-livell ta' trasparenza huwa meqjus ta' benefiċċju kbir u għandu jiġi żgurat ukoll fil-futur. Għal dan il-għan, ir-Regolament għandu jinkludi dispożizzjoni li d-data kollha tal-provi kliniċi li abbażi tagħha l-Aġenzija tawtorizza mediċini jew vaċċini għandha tiġi ppubblikata, l-istess bħalma għandhom jiġu ppubblikati l-protokoll tal-provi kliniċi li fuqhom l-Aġenzija tagħti pariri, f'konformità mar-Regolament dwar il-Provi Kliniċi.

5.7. Il-KESE jhegġegħ lill-EMA taħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha tas-saħħa biex jiġi stabbilit mudell Ewropew għall-ipprezzar ġust, responsabbli u trasparenti tal-mediċini u għall-innovazzjonijiet farmaċewtiċi aċċessibbli.

6. L-awtorità għar-rispons f'każ ta' emerġenza tas-saħħa

6.1. L-UE qed tippjana l-ħolqien ta' Awtorità Ewropea għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA). Il-proposta leġislattiva biex titwaqqaf l-aġenzija għandha tinħareġ fir-raba' kwart tal-2021, iżda l-punti prinċipali tal-HERA diġà ġew osservati fl-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa li nħarġet dan l-aħħar.

6.2. Il-pjan huwa li l-HERA timla lakuna strutturali kbira fl-infrastruttura tal-UE għat-tħejija u r-rispons għall-kriżijiet. Din se ssaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri billi tiżviluppa investimenti strateġiċi għar-riċerka, l-iżvilupp, il-manifattura, l-iskjerament, id-distribuzzjoni u l-użu ta' kontromiżuri mediċi. Sabiex jinkiseb dan, il-HERA se tgħin lill-UE tirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet tas-saħħa li jinqalgħu billi:

— Tantiċipa "theddidd speċifiku u teknoloġiji abilitanti permezz tal-analiżi tal-prospettivi u l-previżjoni". Dan se jirrikjedi livell konsiderevoli ta' komunikazzjoni mal-gruppi tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw persuni li normalment huma aktar friskju matul emerġenzi tas-saħħa, sabiex jitkejlu l-modi li bihom it-theddidd potenzjali jista' jkollu effett sproporzjonat fuqhom.

- Tidentifika u tindirizza lakuni fl-investiment f'kontromiżuri ewlenin inkluż l-iżvilupp ta' antimikrobiċi innovattivi.
- Tissorvelja u tiġbor flimkien l-kapaċità tal-produzzjoni, ir-rekwiżiti tal-materja prima u d-disponibbiltà, biex b'hekk tindirizza l-vulnerabbiltajiet tal-katina ta' valur.
- Tappoġġja l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi trażversali b'haat-teknoloġiji tal-pjattaformi tat-tilqim, li jsostnu l-ippjanar ta' thejjiya u rispons għal theddid futur għas-saħħa pubblika.
- L-iżvilupp ta' kontromiżuri speċifiċi, inkluż permezz tar-riċerka, il-provi kliniċi u l-infrastruttura tad-data.

6.3. Il-KESE iqajjem dubji dwar is-sovrapożizzjoni bejn l-għanijiet previsti fl-ambitu tal-HERA u dawk fl-ambitu tal-ECDC, l-EMA u r-Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa. Kwistjonijiet ta' thejjiya għall-kriżijiet, ir-riċerka, id-data u d-distribuzzjoni koordinata tal-mediċini u l-apparati mediċi jidhru li huma koperti fir-Regolamenti msemmija hawn fuq. Għalhekk, il-valur miżjud tal-HERA jidher li mhuwiex ċar, u jista' jkun hemm ir-riskji li jisfoka l-linji bejn liema korp huwa responsabbli għal qasam ta' koordinazzjoni tal-kura tas-saħħa partikolari. Pereżempju, mhuwiex ċar jekk ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin mill-HERA jkollhomx preċedenza fuq dawk li ġejjin mill-EMA fil-każ tad-dikjarazzjoni ta' epidemija li taffettwa lill-UE.

6.4. L-HERA għandha tkun organizzazzjoni purament pubblika b'missjoni ċara għas-saħħa pubblika, li ma għandhiex tiġi kkombinata ma' oqsma ta' politika industrijali, u li tkun lesta li teżerċita ġudizzju li jkun indipendenti mill-industrija farmaċewtika, u tfassal soluzzjonijiet li jkunu xprunati mis-saħħa pubblika (pereżempju, fil-qasam tal-ġlieda kontra r-reżistenza antimikrobika). Għandu jkollha baġit imdaqas li jipprovi ppjanar indipendenti fit-tul. Fit-testi legali li jirregolaw il-funzjonament tal-HERA għandha tiġi prevista klawżola ta' pprezzar raġonevoli.

6.5. Madankollu, dak li jista' jitqies bħala l-valur miżjud tal-HERA huwa r-rwol ta' koordinazzjoni għall-manifattura ta' tagħmir mediku u protettiv, kif ukoll il-medikazzjoni. Il-monitoraġġ u l-ġbir flimkien tal-kapaċità tal-produzzjoni, ir-rekwiżiti tal-materja prima u d-disponibbiltà huma wkoll qasam li fih il-HERA se tispikka meta mqabbla mal-ħidma tal-EMA u tal-ECDC. HERA ta' suċċess hija aġenzija pubblika b'saħħitha, indipendenti u trasparenti. L-interess pubbliku għandu jkun fil-qalba tagħha, li jissarraf fil-prijoritajiet, fil-governanza u fl-ażżjonijiet tagħha. L-iżgurar ta' data diżaggregata aħjar fi gruppi vulnerabbli jkun prerekwiżit għall-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa.

6.6. Il-KESE jqis li hemm kwistjonijiet mhux indirizzati li l-HERA tista' loġikament tingħata l-awtorità li tissorvelja, u li għadhom ma ġewx indirizzati f'komunikazzjonijiet preċedenti. L-HERA hija opportunità kbira biex nibnu fuq l-eċċellenza tax-xjenza Ewropea, biex nitgħallmu mill-kriżi li għaddejjja bħalissa u niżguraw li s-settur pubbliku jaġixxi bħala investitur għaqli li jmxexxi innovazzjoni sinifikanti u xprunata mill-ħtiġijiet tas-saħħa pubblika. Fid-dawl tas-sovrapożizzjonijiet mal-ħidma ta' awtoritajiet oħra, jista' jkun ta' vantaġġ li l-kamp ta' applikazzjoni u r-responsabbiltajiet tal-HERA jiġu adattati biex jinkludu:

6.6.1. Il-koordinazzjoni ta' task force tal-UE li tiffoka speċifikament fuq l-impatt li l-emerġenzi tas-saħħa għandhom fuq gruppi soċjali b'riskju għoli, kif ukoll fuq il-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tal-kura. Dan il-grupp ta' ħidma jista' jiffoka, għalkemm mhux esklużivament, fuq il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'kundizzjonijiet tas-saħħa u l-persuni b'diżabilità.

6.6.2. L-iffukar fuq in-nondiskriminazzjoni fir-rispons tal-UE għall-pandemiji futuri, filwaqt li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' miżuri preventivi, kura medika ta' emerġenza u trattamenti disponibbli għal kulħadd, inklużi l-persuni bla dar, il-komunitajiet li jivvjaġġaw u l-persuni mingħajr dokumenti li jgħixu fl-UE, li kollha kemm huma jinsabu friskju li jispiċċaw jintesev matul rispons pubbliku għall-kriżijiet tas-saħħa.

6.6.3. Kampanji ta' komunikazzjoni waqt emerġenzi tas-saħħa biex jiġi żgurat li n-nies ikollhom livell aħjar ta' fehim dwar kif jiproteġu lilhom infushom, liema adattamenti jeħtieġ li jagħmlu għall-attivitajiet tagħhom ta' kuljum biex jibqgħu sikuri u, jekk u meta t-trattamenti jkunu disponibbli, kif ikollhom aċċess għalihom. Din il-komunikazzjoni jeħtieġ li tkun indirizzata u aċċessibbli direttament għall-persuni kollha u tqis il-ħtiġijiet partikolari ta' gruppi friskju għoli bħall-persuni akbar fl-età, il-persuni b'kundizzjonijiet tas-saħħa u l-persuni b'diżabilità. Matul il-pandemija tal-COVID-19 li għaddejjja bħalissa, din il-komunikazzjoni ddependiet fil-parti l-kbira mill-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għalhekk dawn għandhom jiġu kkonsultati f'din l-attività.

6.6.4. L-istruttura ta' governanza tal-HERA għandha tkun trasparenti u bbilanċjata, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti u tas-saħħa pubblika, is-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali, u r-rappreżentanti tal-komunità tar-riċerka. Filwaqt li l-industriji se jkunu msieħba importanti, dawn ma għandhom ikunu parti mill-ebda struttura ta' governanza ta' din l-organizzazzjoni pubblika ġdida. Id-definizzjoni ta' ħtiġijiet globali mhux issodisfati se ssir mis-settur tas-saħħa pubblika biss u l-għan se jkun l-involviment fl-iżvilupp ta' prodotti ġodda biex jinġiebu fis-suq.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Unjoni ta’ ugwajlanza: Pjan ta’ azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025”

[COM(2020) 565 final]

(2021/C 286/21)

Relatur: **Cristian PÎRVULESCU**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 27.11.2020
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Bureau	1.12.2020
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	16.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	192/2/9

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-pjan ta’ azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea u jittama li se jgħin kemm lill-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll lil dawk tal-Istati Membri jġeddu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra r-razziżmu u forom oħra ta’ diskriminazzjoni strutturali.

1.2. Il-pjan huwa rilevanti u f’waqtu. L-iżvilupp tal-kriżi epidemjoloġika tal-COVID-19 ħoloq sfidi ġodda fir-rigward tal-inklużjoni u l-promozzjoni tad-diversità. Gruppi diġà emarġinati, bħall-migranti, esperjenzaw tbatija medika, soċjali u ekonomika kbira. Fi żminijiet ta’ kriżi, l-attitudnijiet u l-azzjonijiet diskriminatorji għandhom it-tendenza li jsiru aktar prevalenti.

1.3. Anke qabel il-kriżi tal-COVID-19, is-sitwazzjoni tal-minoranzi u l-gruppi vulnerabbli fl-UE kienet qed tiddeterjora. L-attitudnijiet kontra l-migranti saru aktar mifruxa, imbuttati l’quddiem minn mexxejja u partiti mmexxija mill-elettorat li jinstigaw sentimenti anti-Musulmani, u anti-Afrikanu u anti-Asjatiċi. Il-minoranzi storiċi bħar-Rom saru dejjem aktar il-miri ta’ mibegħda motivata mir-razziżmu. Il-popolazzjoni Lhudija fl-Ewropa saret inqas u inqas sikura, u dan għab lura memorji koroh tal-antisemitiżmu krudili li ħakem lill-kontinent qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.

1.4. F’dan l-isfond, il-pjan għandu l-għan li jsempjifika l-azzjonijiet leġiżlattivi, politiċi u baġitarji. Filwaqt li l-pjan jgħor flimkien l-istrumenti kollha disponibbli, xi drabi jidher li huwa nieqes mill-ambizzjoni u l-profondità storika. L-approċċ tiegħu huwa prudenti wisq, filwaqt li s-sitwazzjoni fir-realtà qiegħda tmur għall-agħar malajr. Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-azzjoni biex jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, il-ksenofobija u tipi oħra ta’ intolleranza fil-livell Ewropew hija responsabbiltà ċara mnaqqxa fid-dokumenti fundaturi tal-UE. Mhijiex xi ħaġa fakultattiva u t-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali ma għandux isir il-bażi għall-kompjaċenza u n-nuqqas ta’ azzjoni. Tħassib speċifiku huwa dwar kif l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom jiġu konvinti biex jipparteċipaw f’dan l-isforz u tiġi żgurata l-kooperazzjoni attiva ta’ diversi korpi, istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet fil-livell nazzjonali.

1.5. Il-KESE jappoġġja t-tfassil ta’ leġiżlazzjoni għida biex jissaħħaħ ir-rwol tal-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza.

1.6. Il-KESE jħeġġeġ ukoll lill-Kunsill jadotta l-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ trattament ugwali bejn il-persuni, irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

1.7. Id-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija permezz tal-liġi kriminali, att leġiżlattiv ewlieni, teħtieġ valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tagħha.

1.8. L-ispazju online qed jissostitwixxi dejjem aktar l-isfera pubblika tradizzjonali. Huwa wkoll l-ispazju użat minn xi mexxejja, gruppi u organizzazzjonijiet għall-promozzjoni ta' attitudnijiet razzisti u diskriminatorji. Fit-tfassil tal-politiki u l-proċeduri, għandha ssir enfasi aktar b'saħħha fuq it-tixrid organizzat tad-diskors ta' mibegħda u kif dan għandu jiġi organizzat b'mod xieraq.

1.9. Sfortunatament, fl-aħħar deċennju rajna numru sinifikanti ta' gruppi u organizzazzjonijiet li b'mod miftuħ iħaddnu ideat, simboli u azzjonijiet li joriġinaw mill-faxxiżmu Ewropew ta' bejn iż-żewġ gwerer. Fl-aħħar deċennju dawn imxew mix-xifer tal-ispazju pubbliku għaċ-ċentru tiegħu, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni online. Dawn ġew imhegħa wkoll minn żviluppi politiċi barra mill-Ewropa – gvernijiet ta' stati kbar li hađu pożizzjonijiet nazzjonalisti u konservattivi fil-politika interna u esterna. Din il-mobilizzazzjoni l-ġdida għandha tiġi indirizzata kif xieraq, mhux biss permezz ta' azzjonijiet leġiżlattivi u punittivi, li jistgħu jasl tard wisq, iżda permezz ta' azzjonijiet diretti u deċiżivi li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tar-radikalizzazzjoni tal-lemin.

1.10. Il-KESE jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ippreżentat mill-Kummissjoni, u jittama li se jappoġġja bil-qawwa l-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol, inkluż għal persuni bi sfond ta' minoranza razzjali jew etnika. Aħna nittamaw ukoll li l-impenji soċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri jiġu rispettati fiż-żminijiet ekonomiċi diffiċli li ħolqot l-epidemija tal-COVID-19.

1.11. Il-KESE jistenna bil-ħerqa l-istrateġija komprensiva tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet tat-tfal ippjanata għall-2021. Aħna nittamaw li l-istrateġija tinkludi azzjonijiet li jittrattaw ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni, iżda wkoll rabtiet ma' politiki u riżorsi li jistgħu jimmitigaw l-effetti negattivi tal-epidemija u t-tfixkil li din toħloq.

1.12. Hija meħtieġa rivalutazzjoni komprensiva tal-politika tas-saħħa tal-UE u tal-Istati Membri, bil-għan li jiġi żgurat l-aċċess għal servizzi ta' kwalità għolja għall-persuni kollha u speċjalment għal dawk li ġejjin minn gruppi vulnerabbli u ta' minoranza. Dan jinkludi finanzjament aħjar tas-servizzi, l-iżvilupp ta' infrastruttura tas-saħħa pubblika fir-reġjuni kollha, speċjalment f'żoni ifqar, l-iżvilupp ta' servizzi tas-saħħa primarji u l-ġhoti ta' servizzi abbażi tal-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-pazjenti. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lid-drittijiet, id-dinjità u l-benessri taċ-ċittadini anzjani li jsibu ruħhom iżolati fid-djar tal-kura matul il-pandemija tal-COVID-19.

1.13. L-għeruq storiċi tar-razziżmu għandhom ikunu soġġetti għal interess u azzjoni mġedda, speċjalment fil-qasam tal-edukazzjoni. Għandhom jiġu żviluppati kurrikuli u kotba ġodda u organizzati programmi ta' taħriġ għall-għalliema u l-edukaturi bl-appoġġ tal-UE. Għandu jiġi promoss approċċ interdixxiplinari għall-istorja u l-wirt komuni Ewropew fil-livelli sekondarji u terzjarji tal-edukazzjoni.

1.14. Il-KESE jingħaqad mal-Kummissjoni fl-inkoraġġiment tal-Istati Membri kollha biex jiżviluppaw u jadottaw pjani ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali. Madwar nofs l-Istati Membri biss għandhom pjani bħal dawn, li juri livell varjabbli ta' interess u impenn min-naħa tal-gvernijiet tal-Istati Membri. Il-KESE jistenna bil-ħerqa li jiġu identifikati prinċipli ta' gwida komuni għall-pjani ta' azzjoni nazzjonali mistennija fl-2021 u huwa lest li jikkontribwixxi għall-isforz.

1.15. Il-KESE jittama li l-isforzi magħmula mill-organizzazzjonijiet tan-negozju u l-kumpaniji individwali biex joħolqu u jżommu ambjent tax-xogħol inklużiv għall-impjegati tagħhom, irrispettivament mis-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon, l-età, id-diżabilità jew l-orjentazzjoni sesswali jissaħħu aktar. Ambjent tax-xogħol inklużiv jinkludi wkoll djalogu soċjali reali u rappreżentanza robusta tal-impjegati. Aħna nistennaw bil-ħerqa x-Xahar tal-Karta Ewropea dwar id-Diversità 2021 u t-tneġġja tas-sett ta' għodod online biex jgħin lill-kumpaniji jivvalutaw id-diversità interna u l-istrateġiji ta' diversità tagħhom.

1.16. Il-finanzjament għall-azzjonijiet biex jiġu miġġielda r-razziżmu u d-diskriminazzjoni jidher ġeneruż. Dan jinkludi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), il-programm il-ġdid dwar iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri, Orizzont Ewropa, u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza l-ġdida. Abbażi ta' evalwazzjoni ġenerali tal-azzjonijiet li saru sa issa, il-gvernijiet tal-Istati Membri jidhru li għandhom interess limitat fl-aċċess ta' diversi riżorsi u fil-ħidma kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni. Il-KESE jqis li d-dispożizzjonijiet baġitarji per se mhumiex biżżejjed u għandha tiġi stabbilita sistema ta' inċentivi.

1.17. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-partiti politiċi Ewropej, in-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet, is-soċjetà ċivili u l-akkademja biex ittejjeb il-parteċipazzjoni skont il-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea. Il-KESE huwa lest li jikkontribwixxi għall-ħidma u jgħib il-perspettiva u l-għarfien espert tiegħu stess.

1.18. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra aħjar diversi pjani li għandhom konverġenzi sinifikanti f'dawk li huma objettivi u strumenti. Aħna nissuġġerixxu l-integrazzjoni tal-Pjan kontra r-Razziżmu, l-istrateġija għall-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija u r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. Filwaqt li nirrikonoxxu l-fatt li dawn il-pjani jirrappreżentaw oqsma ta' politika distinti, għandna wkoll nidentifikaw elementi u sinerġiji komuni.

1.19. Wieħed mill-pilastru ta' politiki effettivi fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huwa soċjetà ċivili vibranti, organizzata tajjeb u assertiva li hija attiva fil-livelli kollha, jiġifieri l-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija komprensiva għas-soċjetà ċivili Ewropea biex tgħinha twettaq il-missjoni demokratika tagħha.

2. Kummenti ġenerali

2.1. *L-indirizzar tar-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali permezz tal-leġiżlazzjoni: rieżami u azzjoni*

2.1.1. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni komprensiva tal-qafas legali eżistenti malajr kemm jista' jkun. Il-monitoraġġ tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE huwa kruċjali għall-iżgurar ta' azzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi fil-valutazzjoni l-pożizzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u l-gruppi komunitarji l-aktar esposti kif ukoll il-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza. L-organizzazzjonijiet li jaħdmu direttament mal-gruppi affettwati għandhom ikunu involuti wkoll.

2.1.2. Il-KESE jistenna bil-ħerqa r-rapport ta' monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali li huwa mistenni fl-2021 u jilqa' enfasi possibbli fuq ir-regolamentazzjoni tal-infurzar tal-liġi. Huwa jħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tuża b'mod proattiv il-proċeduri ta' ksur meta jkun meħtieġ.

2.1.3. Il-KESE jappoġġja t-tfassil ta' leġiżlazzjoni ġdida biex jissaħħaħ ir-rwol tal-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza. Huwa ta' dispjaċir li istituzzjonijiet importanti bħal dawn għandhom konfigurazzjonijiet ta' poter u funzjonijiet li huma varjati wisq, meta huma responsabbli għall-għoti ta' assistenza indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni, jippromovu l-ugwaljanza, iwettqu sħarriġiet indipendenti, u joħorġu rapporti u rakkomandazzjonijiet indipendenti. Huwa assolutament essenzjali li r-rwoli tagħhom jiġu riveduti u jkomplu jissaħħu.

2.1.4. Il-KESE jħeġġeġ ukoll lill-Kunsill jadotta l-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni, irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali⁽¹⁾.

2.1.5. Id-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra r-raziżmu u l-ksenofobija permezz tal-liġi kriminali⁽²⁾, att leġiżlattiv ewlieni, teħtieġ valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tagħha. Kif iddikjarat fil-proposta, hemm tħassib serju dwar il-punt sa fejn il-kodiċijiet kriminali nazzjonali jikkriminalizzaw b'mod korrett id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, tħassib li għandu wkoll il-Kumitat.

2.1.6. Ta' tħassib partikolari hija l-proliferazzjoni ta' diskors ta' mibegħda fl-ispazju online⁽³⁾. Għalkemm id-Deċiżjoni Qafas tirrikjedi li l-Istati Membri jikkriminalizzaw l-inkitament pubbliku għall-vjolenza jew il-mibegħda għar-raġunijiet ta' kulur, reliġjon, dixxendenza jew orijini nazzjonali, razzjali jew etnika, hemm nuqqasijiet sinifikanti biex ir-regola tiġi applikata fil-prattika. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom iqisu l-prinċipju tal-libertà tal-kelma u jiddefinixxu f'aktar dettall il-kontenut tal-imġiba illegali online. Fl-istess ħin, iridu jikkooperaw mal-pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni sabiex jirregolaw l-aċċess u jstabbilixxu regoli aktar ċari għall-moderazzjoni u t-tneħħija tal-kontenut. Hemm progress fir-rigward tal-konformità volontarja tal-fornituri tal-pjattaforma u t-tneħħija tal-kontenut illegali iżda huwa meħtieġ sforz kontinwu biex jinżamm il-pass mal-iżviluppi fl-ispazju online.

⁽¹⁾ COM(2008) 426 final.

⁽²⁾ ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

⁽³⁾ L-ispazju online huwa wkoll dejjem aktar immirat mill-istati li qed ifittxu strateġiji mhux konvenzjonali biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika.

2.1.7. L-ispazju online qed jissostitwixxi dejjem aktar l-isfera pubblika tradizzjonali. Huwa l-ispazju li fih isseħħ il-maġġoranza tal-interazzjoni soċjali, għal varjetà ta' ħtiġijiet u għanijiet, mix-xiri ta' prodotti u servizzi, divertiment, informazzjoni, edukazzjoni, konsum kulturali, għall-mobilizzazzjoni ċivika u politika. Huwa spazju wiesa', fejn l-iżvilupp tat-teknoloġija u s-servizzi jmxexxi 'l quddiem il-konfini tas-soċjabbiltà u l-interazzjonijiet. Huwa wkoll l-ispazju favorit għall-mexxejja politiki, il-gruppi u l-organizzazzjonijiet biex jippromovu l-valuri u l-ideoloġiji tagħhom, jinteraġixxu mal-pubbliku u jimmobilizzaw għall-azzjoni (*). Uħud minnhom ipoġġu attitudnijiet razzisti u diskriminatorji fiċ-ċentru tal-azzjoni politika u l-mobilizzazzjoni tagħhom. Fit-tfassil tal-politiki u l-proċeduri, għandha ssir enfasi aktar b'saħħitha fuq it-tixrid organizzat tad-diskors ta' mibegħda u dwar l-indirizzar tiegħu kif xieraq.

2.1.8. Sfortunatament, fl-aħħar deċennju rajna numru sinifikanti ta' gruppi u organizzazzjonijiet li b'mod miftuħ iħaddnu ideat, simboli u azzjonijiet li joriġinaw mill-faxxiżmu Ewropew ta' bejn iż-żewġ gwerer. Dawn jinkludu partiti fil-parlamenti nazzjonali, partiti ekstraparlamentari, movimenti politiki u milizzji, li kollha għandhom l-għeruf tagħhom f'kultura politika ta' mibegħda u diskriminazzjoni. Fl-aħħar deċennju dawn imxew mix-xifer tal-ispazju pubbliku għaċ-ċentru tiegħu, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni online. Dawn ġew imħeġġa wkoll minn żviluppi politiki barra mill-Ewropa – gvernijiet ta' stati kbar li ħadu pożizzjonijiet nazzjonalisti u konservattivi fil-politika interna u esterna. Din il-mobilizzazzjoni l-għdida għandha tiġi indirizzata kif xieraq, mhux biss permezz ta' azzjonijiet leġiżlattivi u punitivi, li jistgħu jaslu tard wisq, iżda permezz ta' azzjonijiet diretti u deċiżivi li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tar-radikalizzazzjoni tal-lemin.

2.1.9. Kif iddikjarat fil-proposta, uħud mill-Istati Membri ħadu azzjoni biex jipprojbixxu gruppi razzisti u s-simboli tagħhom, spiss skont il-leġiżlazzjoni dwar reati ta' mibegħda, diskors ta' mibegħda jew terroriżmu, jew stabbilew sanzjonijiet kriminali marbuta maċ-ċaħda ta' reati kontra l-umanità u/jew il-perjodu Nażist jew Faxxist kif ukoll il-propaganda għal gruppi terroristi. Dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba iżda hija meħtieġa aktar azzjoni. Il-pajjiżi kollha għandhom jiżviluppaw reazzjonijiet nazzjonali għall-estremiżmu vjolenti. U l-approċċ tagħhom għandu jiġi ffaċilitat permezz ta' azzjoni konġunta fil-livell tal-UE. Il-KESE jistenna bil-ħerqa r-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-reazzjonijiet nazzjonali għall-estremiżmu vjolenti. Aħna nħeġġu lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib mhux biss mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li s-soltu jingħataw il-kompitu tal-monitoraġġ tal-estremiżmu vjolenti, iżda wkoll mal-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza, l-istituzzjonijiet indipendenti tal-għassa, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (inklużi l-komunitajiet reliġjużi), l-imsieħba soċjali, il-midja u l-universitajiet. Il-KESE huwa lest li jikkontribwixxi l-għarfien espert tiegħu għall-iżvilupp ta' pjani konġunti tal-UE għall-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. L-azzjonijiet għandhom jimmiraw mhux biss lejn il-każijiet viżibbli u ta' stadju aktar tard tal-estremiżmu vjolenti, iżda l-kawżi ewlenin u l-ambjenti abilitanti li wasslu għar-radikalizzazzjoni u l-azzjoni.

2.1.10. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jikkunsidraw li jirratifikaw mingħajr dewmien il-Konvenzjoni 190 (2019) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-ewwel trattat internazzjonali li jikkundanna b'mod ċar kull forma ta' vjolenza u fastidju fid-dinja tax-xogħol. Bħala tali, dan għandu effett fuq ir-razza, il-ġeneru u kull tip ieħor ta' fastidju u diskriminazzjoni.

2.2. Lil hinn mil-leġiżlazzjoni tal-UE – nagħmlu aktar biex nindirizzaw ir-razziżmu fil-ħajja ta' kuljum

2.2.1. Il-KESE jilqa' l-enfasi l-għdida fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi qed jaħdmu kuljum fil-komunitajiet Ewropej kollha u jistgħu jkunu atturi ewlenin fil-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni. Sfortunatament, l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persunal ġeneralment ma jkopru id-demokrazija, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-diskriminazzjoni. F'xi każijiet, il-persunal tal-infurzar tal-liġi nnifsu jiżviluppa attitudnijiet razzisti, ksenofobiċi u diskriminatorji, u fl-aħħar xenarju possibbli jkun marbut ma' gruppi esterni li jippromovu dawn l-ideat. Aħna nilqgħu l-ħidma li saret mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Aġenzija għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) biex jiġu żviluppati riżorsi u għodod ta' taħriġ iżda dan mhuwiex biżżejjed. In-numru ta' benefiċjarji potenzjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ huwa madwar mijiet ta' eluf. Għalhekk, il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet nazzjonali tat-taħriġ għandha tiżdied b'mod sinifikanti, b'aktar riżorsi ddedikati għat-taħriġ fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Il-FRA u s-CEPOL jistgħu wkoll iħeġġu lill-istituti nazzjonali tat-taħriġ jikkoooperaw mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-universitajiet sabiex jadattaw aħjar il-kontenut tat-taħriġ għall-ispeċifità nazzjonali.

(*) Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tintegra aħjar dan il-pjan ta' azzjoni mal-Istrateġija Diġitali Ewropea.

2.2.2. Il-KESE jilqa' l-impenn qawwi tal-Kummissjoni biex tiġġieled id-diskriminazzjoni, l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni permezz ta' programmi ta' politika u ta' finanzjament. Għalhekk, aħna nilqgħu l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ippreżentat mill-Kummissjoni, u nittamaw li se jappoġġja bil-qawwa l-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol, inkluż għal persuni bi sfond ta' minoranza razzjali jew etnika. Aħna nittamaw ukoll li l-impjenji soċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri jiġu rispettati fiż-żminijiet ekonomiċi diffiċli li ħolqot l-epidemija tal-COVID-19.

2.2.3. Il-KESE jilqa' l-ħsieb li jintużaw in-Next Generation EU, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-baġit ġenerali għall-2021-2027 biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, jiġi żgurati opportunitajiet indaqs għal kulħadd u tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni. Il-kriżi tal-COVID-19, bl-impatt sproporzjonat tagħha fuq il-persuni vulnerabbli u ta' minoranza, ħolqot il-ħtieġa li tiġi żviluppata l-infrastruttura u li jkun hemm aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa u dik soċjali, l-akkomodazzjoni u servizzi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, mhux segregati u inklużivi.

2.2.4. Il-kriżi tal-COVID-19 aggravat il-problemi ta' gruppi vulnerabbli u ta' minoranza b'rabta mas-suq tax-xogħol. Persuni bi sfond ta' minoranza jesperjenzaw diffikultajiet biex isibu impjieg u, anke meta jkollhom wieħed, jesperjenzaw diffikultajiet biex jitħallsu skont il-livell edukattiv u tal-ħiliet tagħhom. L-effett ekonomiku tal-pandemija, b'sensji fuq skala kbira u aktar deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-pagi, qed jolqot b'mod aktar qawwi lill-gruppi vulnerabbli u ta' minoranza. Aħna nistennaw bil-ħerqa l-pjan ta' azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali sabiex tiġi indirizzata aħjar id-diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjiegi.

2.2.5. Il-COVID-19 kellha wkoll effett negattiv fuq l-edukazzjoni. L-għeluq tal-iskejjel li kien hemm fl-2020 – u li probabbilment se jkompli fl-2021 ukoll – fixkel proċess edukattiv li diġà ma kienx inklużiv biżżejjed. Anke qabel il-pandemija, it-tfal u ż-żgħażaġħ minn gruppi vulnerabbli u ta' minoranza kienu jtilqu mill-iskola kmieni jew ma jipparteċipawx b'mod sħiħ fil-proċess edukattiv. Sal-punt li kienu qed jipparteċipaw fl-edukazzjoni, it-tfal bi sfond ta' minoranza kienu soġġetti għal diskriminazzjoni u bullying, li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea ma tirrikonossix bis-sħiħ. L-iskejjel mhumiex biss istituzzjonijiet edukattivi; fihom u madwarhom huma pprovduti diversi servizzi, mill-ġhoti ta' ikel għall-monitoraġġ tas-saħħa u l-ġhajjnuna u l-prevenzjoni tal-abbuż mill-ġenituri u l-komunità. Iċ-ċaqliq tat-tagħlim online kienet soluzzjoni ta' emerġenza. F'ħafna każijiet, dan ħoloq ostaklu ieħor għat-tfal vulnerabbli u tal-minoranzi peress li ma kellhomx apparat xieraq u konnessjoni tal-Internet. Malli l-iskejjel ikunu jistgħu jerġgħu jinfetħu, hija meħtieġa azzjoni diretta u b'saħħitha biex jinbada t-tagħlim ta' rimedju u l-forniment tas-servizzi. Il-KESE jistenna bil-ħerqa l-istrategġija komprensiva tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet tat-tfal ipplanata għall-2021. Aħna nittamaw li l-istrategġija tinkludi azzjonijiet li jittrattaw ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni, iżda wkoll rabtiet ma' politiki u riżorsi li jistgħu jimmitigaw l-effetti negattivi tal-epidemija u t-tfixkil li din toħloq.

2.2.6. Il-KESE jilqa' n-Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni u jittama li l-attivitajiet tiegħu jiġu appoġġjati u żviluppati aktar, speċjalment fir-rigward tal-edukazzjoni.

2.2.7. F'termini ta' saħħa, il-COVID-19 kellha impatt sinifikanti. L-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa li jsufri l-persuni b'minoranza razzjali jew etnika marru għall-aghjar. Aħna nħeġġu lill-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE tindirizza bis-sħiħ il-kwistjoni tat-tnaqqis tal-inugwaljanzi abbażi tal-orijini razzjali jew etnika. L-UE trid tagħmel ħafna aktar biex tiżgura li ċ-ċittadini u r-residenti tal-UE jkollhom aċċess għal servizzi mediċi ta' kwalità għolja matul u wara l-pandemija. L-isforzi tal-UE biex tippovdi tagħmir mediku u, fi stadju aktar tard, aċċess għall-vaċċini, għandhom jitfahhru u jitħeġġu. Iżda hija biss rivalutazzjoni komprensiva tal-politika tas-saħħa tal-UE u tal-Istati Membri li tista' ssolvi l-problema tal-aċċess u l-kwalità fuq perjodu medju u twil ta' żmien għall-persuni kollha u speċjalment għal dawk li jagħmlu parti minn gruppi vulnerabbli u ta' minoranza. Dan jinkludi finanzjament aħjar tas-servizzi, l-iżvilupp ta' infrastruttura tas-saħħa pubblika fir-reġjuni kollha, speċjalment f'żoni ifqar, l-iżvilupp ta' servizzi tas-saħħa primarji u l-ġhoti ta' servizzi abbażi tal-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-pazjenti.

2.2.8. Hija meħtieġa aktar azzjoni fir-rigward tal-akkomodazzjoni. Kif iddikjarat fil-proposta, id-diskriminazzjoni fis-suq tal-akkomodazzjoni ssaħħa is-segregazzjoni, b'effett indirett f'termini ta' edukazzjoni jew opportunitajiet ta' impjieg u, f'każ ta' familji bit-tfal, għandha impatt detrimental sinifikanti fuq l-iżvilupp tat-tfal. L-epidemija tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa ta' azzjoni biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni. Il-prevenzjoni tal-infezzjoni u forom severi tal-marda tiddependi mill-kundizzjonijiet ġenerali tas-saħħa iżda wkoll mill-aċċess għall-infrastruttura tal-ilma u tas-sanità. L-akkomodazzjoni segregata, speċjalment f'żoni ifqar, għandha tkun prijorità. Għalkemm il-fondi għall-appoġġ ta' azzjonijiet ta' akkomodazzjoni mhux segregati u l-iżgurar ta' aċċess għal servizzi bażiċi inklużivi u ta' kwalità għolja huma disponibbli permezz tal-politika ta' koeżjoni, mhuwiex ċar jekk l-awtoritajiet nazzjonali u lokali humiex lesti li jaċċessawha.

2.3. Razziżmu strutturali — l-indirizzar tal-problema sottostanti

2.3.1. Il-ġlieda kontra l-isterjotipi u s-sensibilizzazzjoni dwar il-passat hija tal-akbar importanza għal kontinent mingħajr razziżmu u diskriminazzjoni. L-għeruq storiċi tar-raziżmu għandhom ikunu soġġetti għal interess u azzjoni mġedda, speċjalment fil-qasam tal-edukazzjoni. Aħna nilqgħu l-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-istorja u t-tagħlim tal-istorja. Madankollu, l-għodod ipprovduti ma jintużawx b'mod regolari għat-tagħlim tal-istorja fuq skala kbira. F'din id-direzzjoni hija meħtieġa azzjoni aktar miftiehma u deċiżiva. Għandhom jiġu żviluppati kurrikuli u kotba ġodda u organizzati programmi ta' taħriġ għall-għalliema u l-edukaturi bl-appoġġ tal-UE. Għandu jiġi promoss approċċ interdixxiplinari għall-istorja u l-wirt komuni Ewropew fil-livelli sekondarji u terzjarji tal-edukazzjoni. Enfasi fuq l-edukazzjoni, formali u mhux formali, hija l-pedament ta' kwalunkwe politika effettiva kontra r-raziżmu u d-diskriminazzjoni.

2.3.2. Ir-rwol tas-settur kreattiv huwa importanti ħafna wkoll, billi jaġixxi bħala pont bejn il-gruppi soċjali. L-empatija u s-solidarjetà huma valuri li jiffurmaw il-bażi ta' soċjetà inklużiva. Għalhekk, aħna nilqgħu l-enfasi ta' Ewropa Kreattiva u programmi oħra fuq proġetti li jfittxu li jneħħu l-ostakli u jinkoraġġixxu l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati u żvantaġġati.

2.3.3. Il-ħidma mal-ġurnalisti hija wkoll f'waqtha u rilevanti. Aħna nappoġġjaw l-isforz tal-Kummissjoni biex tiġi żviluppata sensiela ta' seminars dwar l-isterjotipi razzjali u etniċi, li jlaqqgħu flimkien ġurnalisti, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u rappreżentanti ta' persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju. Il-KESE huwa lest li jikkontribwixxi għal dawn l-isforzi.

2.3.4. Il-KESE jhegġegħ lill-KE u lill-Istati Membri biex jaħdmu fuq metodoloġija komuni għall-ġbir ta' data rilevanti, inkluża data diżaggregata skont l-oġġini etnika u razzjali. Il-metodoloġija għandha ssegwi l-prinċipji stabbiliti mill-Konferenza Dinjija tan-NU Kontra r-Razziżmu, id-Diskriminazzjoni Razzjali, il-Ksenofobija u l-Intolleranza Relatata tal-2002 u mill-Programm ta' Azzjoni ta' Durban – il-ġbir ta' data diżaggregata fl-istatistika dwar il-popolazzjoni għandha tinġabar bil-kunsens espliċitu ta' dawk li wiegħbu, abbażi tal-awtoidentifikazzjoni tagħhom u konsistenti mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem li jipproteġu l-privatezza. Il-KESE jqis li l-ħidma mwettqa mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fil-qasam tal-ġbir tad-data mhijiex biżżejjed u għandhom jiġu organizzati sforzi simili fil-livell tal-Istati Membri.

2.3.5. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' Prattika Tajba, f'termini ta' involviment mal-livell lokali (bliet) u l-livell tal-vcinatat/komunitarju, fejn ir-raziżmu strutturali huwa marbut mal-ħajja ta' kuljum u max-xogħol, bil-għan li jitrawwem kuntest ta' tolleranza interkulturali.

2.4. Qafas għat-twassil: l-użu sħiħ tal-għodod tal-UE

2.4.1. Il-KESE jingħaqad mal-Kummissjoni fl-inkoraġġiment tal-Istati Membri kollha biex jiżviluppaw u jadottaw pjani ta' azzjoni nazzjonali kontra r-raziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali. Madwar nofs l-Istati Membri biss għandhom pjani bħal dawn, li juri livell varjabbli ta' interess u impenn min-naħa tal-gvernijiet tal-Istati Membri⁽⁵⁾. Il-KESE jistenna bil-ħerqa li jiġu identifikati prinċipji ta' gwida komuni għall-pjani ta' azzjoni nazzjonali mistennija fl-2021 u huwa lest li jikkontribwixxi għall-isforz. L-oqsma ta' politika enfasizzati fil-pjan ta' azzjoni attwali (il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u r-rwol tal-korpi għall-ugwaljanza; id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda; it-tfassil illegali ta' profili mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi; ir-riskji maħluqa minn teknoloġiji ġodda; l-isterjotipi u s-sensibilizzazzjoni storika; l-aċċess ugħali għall-edukazzjoni, l-impjieg, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-integrazzjoni tat-tħassib dwar l-ugwaljanza fil-livell nazzjonali; l-involviment tal-livelli reġjonali u lokali; il-finanzjament għall-ġlieda kontra r-raziżmu; il-ġbir tad-data, id-djalogu mas-soċjetà ċivili) huma strutturati u komprensivi sew. Tħassib speċifiku huwa dwar kif l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom jiġu konvinti biex jipparteċipaw fl-isforz u tiġi żgurata l-kooperazzjoni attiva ta' diversi korpi, istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet fil-livell nazzjonali.

2.4.2. Il-KESE jittama li jissaħħu aktar l-isforzi magħmula mill-organizzazzjonijiet tan-negozju u l-kumpaniji individwali biex joħlqu u jżommu ambjent tax-xogħol inklużiv għall-impjegati tagħhom, irrispettivament mis-sess, l-oġġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon, l-età, id-diżabilità jew l-orjentazzjoni sesswali⁽⁶⁾. Ambjent tax-xogħol inklużiv jinkludi wkoll djalogu soċjali reali u rappreżentanza robusta tal-impjegati. Aħna nistennew bil-ħerqa x-Xahar tal-Karta Ewropea dwar id-Diversità 2021 u t-tneġġja tas-sett ta' għodod online biex jgħin lill-kumpaniji jivvalutaw id-diversità interna u l-istrateġiji ta' diversità tagħhom.

⁽⁵⁾ Skont ir-rapport tal-FRA tal-2020 (Ġunju 2020, FRA) 15-il Stat Membru kellhom pjani kontra r-raziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali/etnika u l-intolleranza relatata fl-2019: il-Belġju, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovakkja, l-Iżvezja u Spanja. Ir-Renju Unit kellu wieħed iżda ħareġ mill-UE fl-1 ta' Jannar 2021.

⁽⁶⁾ Skont il-proposta, attwalment hemm karti tad-diversità f'24 Stat Membru b'iżjed minn 12 000 firmatarju (kumpaniji, istituzzjonijiet pubbliċi, organizzazzjonijiet non-governattivi, universitajiet, trade unions) u b'kolloz iżjed minn 16-il miljun impjegat.

2.4.3. Il-KESE jappoġġja bis-siġh l-impenn tal-Kummissjoni li tiżgura li l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet speċifiċi, u kif dawn jikkoinċidu ma' raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni, bħas-sess, id-diżabbiltà, l-età, ir-reliġjon jew l-orjentazzjoni sesswali, tkun integrata fil-politiki, fil-leġiżlazzjoni u fil-programmi ta' finanzjament kollha tal-UE.

2.4.4. Il-finanzjament għall-azzjonijiet biex jiġu miġġielda r-razziżmu u d-diskriminazzjoni jidher ġeneruż. Dan jinkludi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), il-programm il-ġdid dwar iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri, l-Orizzont Ewropa, u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza l-ġdida. Abbażi ta' evalwazzjoni ġenerali tal-azzjonijiet li saru sa issa, il-gvernijiet tal-Istati Membri jidhru li għandhom interess limitat fl-aċċess ta' diversi riżorsi u fil-ħidma kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni. Il-KESE jqis li d-dispożizzjonijiet baġitarji per se mhumiex biżżejjed u għandha tiġi stabbilita sistema ta' inċentivi. Raġuni ewlenija għall-interess limitat tista' tkun in-natura politika sensitiva tal-azzjonijiet u l-mobilizzazzjoni politika tal-mexxejja, l-organizzazzjonijiet u l-gruppi radikali kontra dawn l-azzjonijiet.

2.4.5. Il-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni fil-politiki esterni hija wkoll prijorità, speċjalment f'dinja severament milquta mill-epidemija tal-COVID-19. Il-KESE jittama li l-valuri tal-ġlieda kontra r-razziżmu, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza jiġu appoġġjati bis-siġh permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, b'kooperazzjoni mal-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali mill-pajjiżi msieħba tiegħu ⁽⁷⁾.

2.5. Azzjoni pożittiva mill-UE: nisimgħu u nieħdu azzjoni

2.5.1. Il-parteċipazzjoni demokratika u r-rappreżentazzjoni ta' gruppi suxxettibbli għall-marġinalizzazzjoni, bħal nies bi sfond razzjali jew etniku ta' minoranza, għadhom mhumiex biżżejjed fil-biċċa l-kbira tal-partijiet tal-Ewropa. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-partiti politiċi Ewropej, in-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet u s-soċjetà ċivili biex ittejjeb il-parteċipazzjoni skont il-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea. Il-KESE huwa lest li jikkontribwixxi għall-ħidma u jgħib il-perspettiva u l-għarfien espert tiegħu stess. Waħda mill-prijoritajiet tkun li jitneħħew diversi sfidi legali u amministrattivi, ostakli għall-aċċessibbiltà u diffikultajiet istituzzjonali li jiffaċċjaw in-nies li huma lesti li jinvolvu ruħhom fil-politika fil-livelli kollha. Prijorità oħra tkun il-ħidma mal-partiti u l-inkoraġġiment tagħhom biex jibnu kostitwenzi politiċi aktar varjati u inklużivi, u jippromovu l-mexxejja u l-kandidati bi sfond ta' minoranza/minn gruppi vulnerabbli.

2.5.2. Il-KESE jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tiltaqa' regolarment mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali attivi fil-ġlieda kontra r-razziżmu fil-livelli Ewropej, nazzjonali u lokali biex tevalwa l-progress fil-ġlieda kontra r-razziżmu. Il-KESE huwa lest li jipparteċipa fid-djalogu. Huwa importanti li l-atturi reliġjużi jiġu inklużi f'dan il-proċess.

2.5.3. Il-KESE jilqa' l-ħatra ppjanata tal-Kummissjoni ta' koordinatur għall-ġlieda kontra r-razziżmu. Il-koordinatur se jinteraġixxi mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u l-akkademja biex jissaħħu r-razziżmijiet ta' politika fil-qasam tal-ġlieda kontra r-razziżmu.

2.5.4. Il-KESE jistenna bil-ħerqa s-summit ipplanat tal-Kummissjoni kontra r-razziżmu. Is-summit se jiġi organizzat biex jikkoinċidi mal-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali fil-21 ta' Marzu 2021 u dan il-jum se jiġi mfakkar kull sena mill-Kummissjoni.

2.5.5. Il-ħidma tal-Kummissjoni biex tippromovi d-diversità u tiżgura post tax-xogħol mingħajr diskriminazzjoni u inklużiv għall-persuni kollha, irrispettivament mill-orijini razzjali jew etnika jew il-kultur tal-ġilda tagħhom, hija milqugħa u tistabbilixxi standard tajjeb ħafna għall-operat tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁷⁾ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 163.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Unjoni ta’ Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025”

[COM(2020) 698 - final]

(2021/C 286/22)

Relatur: **Ionut SIBIAN**

Korelatur: **Maria del Carmen BARRERA CHAMORRO**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 14.1.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	16.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	187/8/12

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ u jappoġġja l-kuraġġ tal-Kummissjoni Ewropea biex tadotta l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025, li għandha l-għan li tnaqqas id-diskriminazzjoni u tiżgura s-sikurezza u d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGTBI fl-Unjoni Ewropea kollha, permezz tal-adozzjoni ta’ miżuri leġiżlattivi fil-livell Ewropew, iżda wkoll billi l-Istati Membri jġu mħeġġa jfasslu u jimplimentaw il-pjani ta’ azzjoni msemmija fil-istrateġija fil-livell nazzjonali.

1.2. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li sabiex tkun strateġija ta’ suċċess, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmu b’saħħtu għall-implimentazzjoni tagħha u tissorvelja l-applikazzjoni tagħha fuq bażi regolari, kemm b’mod trasversali kif ukoll vertikali. F’dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita djalogu wiesa’ bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-imsieħba soċjali.

1.3. Il-KESE huwa konvint li sabiex tilħaq l-oġġettivi tagħha, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ trid tkun korrelata ma’ strateġiji Ewropej oħra sabiex ikun hemm perspettiva transsettorjali, pereżempju l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, il-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Razziżmu, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabilità, u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

1.4. Waħda mill-aktar kwistjonijiet urġenti rigward id-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ tikkonċerna d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u f’termini ta’ aċċess għas-suq tax-xogħol. Għalhekk, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament u l-Impjieġ (2000/78/KE)⁽¹⁾ trid tippoteġi wkoll lill-persuni transġeneru, mhux binarji, intersesswali u queer kontra d-diskriminazzjoni f’dawn l-oqsma. Barra minn hekk, il-KESE jilqa’ x-xewqa tal-Kummissjoni li testendi l-applikabbiltà tad-Direttiva għal oqsma oħra minbarra l-impjieġ, u jqisha bħala miżura effettiva biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ.

1.5. Sabiex tittejjeb l-impjegabbiltà tal-persuni LGTBIQ, huma meħtieġa politiki attivi dwar l-impjieġi u l-introduzzjoni tal-perspettiva tal-LGTBIQ fil-pjani dwar l-impjieġ. Huwa essenzjali wkoll li jkun hemm Pjani għall-Ugwaljanza tal-LGTBIQ fil-kumpaniji, sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni li jsufri minnha l-persuni LGTBIQ fuq ix-xogħol, u li dawn il-pjani jistabbilixxu miżuri, protokollu u għodod konkreti biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

1.6. Sabiex il-persuni LGBTIQ ma jiffaċċjawx deprivazzjoni soċjoekonomika u rati għoljin ta' faqar u esklużjoni soċjali, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jipprovdu servizzi mediċi u soċjali, postijiet ta' kenn, programmi ta' għajnuna u postijiet sikuri għall-persuni LGBTIQ li jisfaw vittmi ta' vjolenza domestika, reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, u għaż-żgħażaġh LGBTIQ li jitħallew mingħajr appoġġ mill-familja, eċċ.

1.7. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-hekk imsejħa Prattiki ta' konverżjoni għandhom jiġu pprojbiti mill-Istati Membri kollha tal-UE, peress li huma Prattiki li jiksru d-drittijiet fundamentali u li ġew ikklassifikati bħala tortura. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tappoġġja lill-Istati Membri biex jipprojbixxu l-forom kollha ta' Prattiki dannużi, inklużi interventi medikament mhux meħtieġa fuq persuni interesswali, u jirrifirmaw il-liġijiet legali tagħhom dwar il-ġeneri biex jiżguraw li jissodisfaw l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem ta' awtodeterminazzjoni.

1.8. Il-KESE qed jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipprovdi finanzjament għat-taħriġ ta' professjonisti li jinteraġixxu ma' persuni LGBTIQ, kif ukoll tħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, huwa meħtieġ finanzjament Ewropew għat-taħriġ speċjalizzat tat-tobba, l-għalliema u professjonisti oħrajn sabiex wieħed jifhem aħjar iċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni LGBTIQ. Barra minn hekk, il-proġett pilota EUHealth4LGBTIQ qed jipprovdi manwali ta' taħriġ għall-fornituri tal-kura tas-saħħa u l-Kummissjoni Ewropea għandha tappoġġja lill-Istati Membri biex jiżguraw li dawn il-korsijiet ta' taħriġ ikunu disponibbli fil-livell nazzjonali.

1.9. Fir-rigward tal-finanzjament mill-baġit tal-UE għall-Istati Membri, fil-fehma tagħna, il-Kummissjoni Ewropea għandha timplimenta mekkaniżmu b'saħħtu għas-supervizzjoni tal-użu ta' dawn il-fondi mill-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju Ewropew tan-nondiskriminazzjoni msemmi fl-Artikolu 2 tat-TUE, kif ukoll b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Din is-sorveljanza trid titwettaq kemm *ex ante*, billi jitwettaq awditu tad-diversità, kif ukoll *ex post*, kif stabbilit fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-perjodu ta' finanzjament 2021-2027.

1.10. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tassumi r-rwol ta' gwardjan tat-trattati tal-Unjoni Ewropea u żżid l-isforzi tagħha biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE u tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri, speċjalment fir-rigward tad-Direttiva 2004/38/KE⁽²⁾, kif ukoll il-leġislazzjoni dwar l-asil. Huwa importanti wkoll li, fil-kuntest tal-moviment liberu u tas-sitwazzjonijiet transfruntiera, jiġi adottat regolament inklużiv u mhux diskriminatorju ċar fil-livell Ewropew dwar il-kunċett ta' "familja", inklużi familji qawsalla, kif ukoll dwar ir-rikonoxximent taċ-ċertifikati tat-twelid ta' persuni transgender fl-Istati Membri kollha, indipendentement minn proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji oħra.

1.11. L-Unjoni Ewropea għandha tassumi r-rwol tagħha biex tgħin fl-avvanz tad-drittijiet tal-bniedem globalment, inklużi l-libertà u d-dinjità tal-persuni LGBTIQ. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-komunità Ewropea trid taħdem mal-istituzzjonijiet internazzjonali u reġjonali biex l-omosesswalità tiġi dekriminalizzata b'mod universali u biex id-dinjità u d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTIQ jiġu rrispettati madwar id-dinja.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li kemm l-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll daww nazzjonali jistabbilixxu politiki pubbliċi li jipproteġu lill-individwi LGBTIQ, sabiex il-valuri stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (CFD) kif ukoll fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), jiġifieri "id-dinjità tal-bniedem, (...), l-ugwaljanza, (...), ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi", jiġu rrispettati fl-Unjoni kollha⁽³⁾. Il-KESE jappoġġja r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew li tiddikjara lill-UE "Żona ta' Libertà LGBTIQ".

2.2. Data⁽⁴⁾ mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) turi li l-individwi LGBTIQ huma grupp vulnerabbli li jeħtieġ appoġġ kemm mill-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri. Nemmu li l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025 hija l-ewwel pass fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, tal-identità/l-espressjoni tal-ġeneru u tal-karatteristiċi sesswali, kif ukoll biex jiġi żgurat spazju sikur għall-komunità LGBTIQ madwar l-Unjoni Ewropea.

⁽²⁾ ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

⁽³⁾ L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁽⁴⁾ https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2020-lgbti-equality-1_en.pdf.

2.3. Il-KESE jilqa' l-użu tad-dokument tal-Kummissjoni tal-intersezzjonalità bħala prinċipju trasversali: l-orjentazzjoni sesswali, l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru u/jew il-karatteristiċi sesswali jitqiesu flimkien ma' karatteristiċi jew identitajiet personali oħra, bħas-sess, l-orijini razzjali, l-etniċità, ir-reliġjon, il-fidi, id-diżabilità u l-età. Dan kollu jipprova wkoll fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, li affettwat b'mod sproporzjonat lil individwi LGBTIQ vulnerabbli.

2.4. Madankollu, sabiex l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025 tiġi implimentata b'mod effettiv u effiċjenti fl-Unjoni Ewropea kollha, il-Kummissjoni Ewropea għandha toħloq mekkaniżmu ta' operazzjonalizzazzjoni u monitoraġġ biex tissorvelja jekk l-istrateġija ġietx implimentata jew sa liema punt. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tivverifika kull sena jekk l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri implimentawx il-prijoritajiet ewlenin imsemmija fl-istrateġija u sa liema punt għamlu dan. Din l-evalwazzjoni għandha titwettaq f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mas-soċjetà ċivili organizzata.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Diskriminazzjoni kontra individwi LGBTIQ

3.1.1. Id-diskriminazzjoni taffettwa lill-persuni LGBTIQ f'kull stadju tal-ħajja. Minn età bikrija, it-tfal, iż-żgħira u t-tfal minn familji LGBTIQ jew familji b'ġenituri tal-istess ġeneru, fejn wieħed mill-membri jkun LGBTIQ, ta' spiss jiġu stigmatizzati, u b'hekk jisfaw fil-mira ta' diskriminazzjoni u aggressjoni li jaffettwaw il-prestazzjoni edukattiva, il-prospetti tal-impjieg tagħhom, il-ħajja ta' kuljum tagħhom, kif ukoll il-benesseri tal-familja kollha. Għalhekk, huma meħtieġa aktar miżuri ta' protezzjoni tat-tfal u miżuri li jkunu aħjar, speċjalment fil-qasam tal-edukazzjoni, biex tinqed id-diskriminazzjoni li jgħarrbu l-persuni LGBTI.

3.1.2. Waħda mill-aktar kwistjonijiet urġenti rigward id-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ tikkonċerna d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol⁽⁵⁾ u f'termini ta' aċċess għas-suq tax-xogħol. Għalhekk, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament u l-Impjieg trid tippoteġi wkoll lill-persuni transġeneru, u lil dawk mhux binarji, intersesswali u queer kontra d-diskriminazzjoni f'dawn l-oqsma. Barra minn hekk, il-KESE jilqa' x-xewqa tal-Kummissjoni li testendi l-applikabbiltà tad-Direttiva għal oqsma oħra minbarra l-impjieg u t-taħriġ vokazzjonali, u jqisha bħala miżura effettiva biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ.

3.1.3. Fir-rigward tad-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-persuni transġeneru minħabba l-isfidi soċjali li jiffaċċjaw (pereżempju: id-diskrepanza bejn is-sitwazzjoni fattwali u dik legali minħabba proċeduri diffiċli biex jinbidlu d-dokumenti tal-identità fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, in-nuqqas ta' proċeduri mediċi, il-preġudizzji li jiffaċċjaw, eċċ.). Dawn l-isfidi soċjali jistgħu jwasslu għal fastidju fuq il-post tax-xogħol, tkeċċija, u, b'mod ġenerali, bosta problemi mit-tfittxija tax-xogħol u lil hinn.

3.1.4. Nenfasiszaw il-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi linji ta' azzjoni fir-rigward tal-politiki attivi dwar l-impjieg, bil-għan li l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali jiżviluppaw pjani nazzjonali dwar l-impjieg li jinkludu miżuri speċifiċi għall-persuni LGBTIQ u li jillimitaw l-effetti tan-nuqqas ta' aċċess għall-impjieg li jsofru minnhom strutturalment.

3.1.5. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li jiġu estiżi r-regolamenti Ewropej dwar it-trattament ugwali fl-impjieg, bil-għan li jiġu inkorporati l-persuni transesswali, kif ukoll il-persuni mhux binarji, intersesswali u queer, bil-għan li jiġu protetti l-persuni LGBTIQ kollha mid-diskriminazzjoni fl-impjieg abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi sesswali.

3.1.6. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li testendi d-Direttiva dwar it-trattament ugwali għal oqsma oħra lil hinn mix-xogħol u t-taħriġ vokazzjonali. F'dan ir-rigward, inqis li l-Kummissjoni għandha tiġi appoġġjata fit-talba tagħha lill-Kunsill biex jadotta l-proposta, sabiex jiġu eliminati d-diskrepanzi fil-protezzjoni mogħtija mid-dritt tal-Unjoni kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet relatati mal-orjentazzjoni sesswali, iżda wkoll l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru, il-karatteristiċi sesswali u l-grupp tal-familja.

3.1.7. Il-KESE jappoġġja l-appell tal-Istituzzjonijiet Ewropej lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol, li tirreferi għal firxa ta' mgħibiet u prattiki inaċċettabbli diretti lejn il-persuni minħabba s-sess jew il-ġeneru tagħhom u li tagħti gwida lill-gvernijiet u l-imsieħba soċjali

⁽⁵⁾ Fuq il-post tax-xogħol, l-individwi LGBTIQ ikomplu jesperjenzaw diskriminazzjoni matul ir-reklutaġġ, fuq ix-xogħol u fi tmiem il-karrieri tagħhom, għall-kuntrarju tal-leġiżlazzjoni ċara tal-UE f'dan il-qasam. Ħafna individwi LGBTIQ jiffaċċjaw diversi ostakli biex isibu impjiegi ġusti u stabbli, li għandu l-effett li jżid ir-riskju tal-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-problema ta' persuni mingħajr dar.

dwar kif għandhom jiġu identifikati għodod għall-prevenzjoni u jindirizzaw dawn it-tipi ta' diskriminazzjoni. In-negozjar kollettiv fil-livelli kollha u l-ftehimiet kollettivi jistgħu jgħinu biex jiġu stabbiliti miżuri mmirati għall-post tax-xogħol, u bl-implimentazzjoni tal-ftehim awtonomu ffirmat mill-imsieħba soċjali Ewropej kontra l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol.

3.1.8. Minħabba d-diskriminazzjoni kontra l-individwi LGBTIQ fl-istess spazju fejn suppost iħossuhom l-aktar sikuri, jiġifieri fl-ambjent tal-familja, ħafna persuni li jappartjenu għall-komunità LGBTIQ, speċjalment iż-żgħażaġh, jispiċċaw bla dar. F'ħafna Stati Membri hemm nuqqas ta' kapaċità fost l-awtoritajiet biex jipprovdu servizzi soċjali u mediċi sabiex jiġu appoġġjati dawn in-nies. Għalhekk, huwa essenzjali li l-individwi LGBTIQ jibbenefikaw minn postijiet ta' kenn sikuri u servizzi mediċi sabiex ikunu jistgħu jintegraw fis-soċjetà u jkunu jistgħu jsibu impjieg stabbli u sikur.

3.1.9. Minbarra l-proposti tal-Kummissjoni biex tiġi riformata s-sistema komuni Ewropea tal-asil, huwa essenzjali li l-Unjoni Ewropea tippovdi fondi għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-gwardji tal-fruntieri, professjonisti li jaħdmu fis-servizzi tal-immigrazzjoni u interpreti, sabiex jirċievu taħriġ biex jifhmu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, inklużi individwi LGBTIQ.

3.1.10. F'dan ir-rigward, il-KESE jqis li huwa essenzjali li tiġi limitata l-applikazzjoni tal-politiki dwar ir-ritorn tal-migranti fil-fruntieri tal-UE, filwaqt li jitqies il-fatt li ħafna minn dawn il-persuni qed jaħarbu mill-persekuzzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali, l-identità/il-ġeneru espress u l-karatteristiċi sesswali. Il-fatt li dawn jiġu ritornati mingħajr ma tingħatalhom l-oportunità li jitolbu protezzjoni internazzjonali jkser l-aktar drittijiet fundamentali tal-bniedem, it-trattati internazzjonali u, f'xi każijiet, il-liġijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni internazzjonali.

3.1.11. Fil-fehma tagħna, il-Kummissjoni għandha tqis li tirrikonoxxi d-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-ġeneru għall-persuni transesswali, u b'hekk tikkonforma mal-ogħla standards internazzjonali tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tippromovi r-rikonoxximent tagħhom fl-Istati Membri u mill-awtoritajiet nazzjonali, sabiex il-persuni transesswali jkunu jistgħu jaraw l-identità tagħhom rikonoxxuta mingħajr il-ħtieġa li parti terza jkollha tagħti prova ta' dan.

3.1.12. Il-Kummissjoni Ewropea għandha timmonitorja l-aċċess għall-kopertura tal-kura tas-saħħa għal trattament li jafferma l-ġeneru għal persuni transġeneru u timpenja ruħha mal-Istati Membri biex tagħmel użu sħiħ mill-possibbiltajiet tal-qafas tal-kura tas-saħħa transkonfinali tal-UE biex tindirizza kwalunkwe nuqqas nazzjonali.

3.1.13. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw strateġiji fil-livell nazzjonali għas-sorveljanza, il-kontroll u l-prevenzjoni ta' mard trāzmess sesswalment. Huwa essenzjali wkoll li f'dan il-qasam tingħata prijorità lill-fondi għall-professjonisti tas-saħħa u biex jipparteċipaw fit-taħriġ fkonformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u l-11-il edizzjoni tal-Klassifikazzjoni Statistika Internazzjonali tal-Mard u Problemi Relatati tas-Saħħa (ICD-11). Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-iskambju ta' esperjenza u prattiki fost professjonisti speċjalizzati fil-kura tas-saħħa ta' Stati Membri differenti.

3.1.14. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jipprojbixxu t-"terapija ta' konverżjoni" madwar l-UE, prattika degradanti b'bosta riperkussjonijiet fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-individwi LGBTIQ. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jadottaw miżuri leġiżlattivi li jipprojbixxu l-"mutilazzjoni intersesswali". Dan jiżgura li l-persuni intersesswali jkollhom id-dritt li jiddeċiedu huma stess jekk jixtixx jgħaddu minn proċeduri mediċi għall-assenjazzjoni ta' ġeneru partikolari jew le, u deroga minn din ir-regola tkun permessa biss fil-kuntest ta' ħtiġijiet mediċi urġenti fejn il-ħajja tal-persuna intersesswali tkun fil-periklu.

3.1.15. Il-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu marbuta mill-qrib u jkunu kondizzjonali fir-rigward tal-valuri tal-UE promossi fl-Artikolu 2 tat-TUE. Barra minn hekk, għal proġetti kbar, l-Istati Membri għandhom jintalbu jwettqu valutazzjoni tal-impatt fuq il-gruppi vulnerabbli, inklużi l-individwi LGBTIQ, għal proġetti ffinanzjati minn fondi tal-UE. Għalhekk, fil-livell tal-Istati Membri għandu jkun hemm awditu tad-diversità għall-finanzjament tal-UE, li jitwettaq minn kummissjoni indipendenti magħmula minn awtoritajiet pubbliċi nazzjonali lokali jew ċentrali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili⁽⁹⁾.

⁽⁹⁾ Sabiex tiġi implimentata din il-miżura, jeħtieġ li jiġi ffurmat korp ta' esperti biex jivvaluta sa liema punt il-proġetti implimentati mill-Istati Membri jgħinu lill-gruppi vulnerabbli, inkluża l-komunità LGBTIQ, u biex jevalwa l-analiżi li tkun saret kemm ex ante kif ukoll ex post dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej, abbażi ta' tabella ta' evalwazzjoni stabbilita fil-livell Ewropew.

3.1.16. Għat-taħriġ ta' esperti li jintalbu jwettqu dan l-awditu tad-diversità fil-qafas tal-programmi ta' finanzjament tal-UE, għandu jiġi introdott programm ta' taħriġ żviluppat fil-livell Ewropew biex jiġu żviluppati l-ħiliet u l-Istati Membri jiġu mħeġġa jiskambjaw prattiki tajba dwar l-impatt tal-programmi ta' finanzjament tal-UE fuq il-gruppi vulnerabbli, inkluża l-komunità LGBTIQ. Sabiex din il-miżura tiġi implimentata madwar l-UE, jeħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu superviżorju fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea.

3.1.17. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jimplimentaw kampanji u programmi nazzjonali ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni biex titnaqqas u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontra persuni b'orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru differenti. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiżguraw li l-kurrikuli tal-iskola nazzjonali obbligatorji jinkorporaw informazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni, bil-ħsieb li jiġu evitati d-diskriminazzjoni, il-preġudizzji u l-isterjotipi. Barra minn hekk, l-iskejjel primarji u sekondarji għandhom jipprovdu edukazzjoni sesswali komprensiva fejn it-tfal u l-adolesxenti jiksibu l-għarfien u l-ħiliet biex jgħixu haġja aktar f'saħħitha u jinvolvu ruħhom f'relazzjonijiet ugwali.

3.2. Niżguraw is-sikurezza tal-individwi LGBTIQ

3.2.1. Nafu li f'diversi Stati Membri saru referenda biex jiġu emendati l-kostituzzjonijiet nazzjonali, bil-ġħan li jiġu ristretti d-drittijiet tal-individwi LGBTIQ jew li din il-kategorija ta' persuni tiġi stigmatizzata fost il-pubbliku ġenerali. Minħabba li l-informazzjoni tiċċirkola f'żona transfruntiera madwar l-Unjoni Ewropea, jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw it-trasparenza tal-finanzjament pubbliku għall-atturi kollha involuti f'tali referenda.

3.2.2. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva biex tiġi estiża l-lista ta' "reati tal-UE" skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE b'tali mod li tkopri r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, inkluż meta dawn ikunu indirizzati lill-persuni LGBTIQ. Għalhekk huwa neċessarju li l-Kummissjoni tadotta miżuri ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni dwar din il-kwistjoni fil-livell Ewropew. Il-Kummissjoni għandha tnedi kampanja ta' komunikazzjoni bil-ġħan li tegħleb din it-tendenza u l-imġibiet assoċjati, u tippromovi l-ugwaljanza taċ-ċittadini kollha tagħha. Aħna nipproponu li din il-kampanja tinieda fil-livell Ewropew u li tindirizza l-problemi esperjenzati f'kull Stat Membru fil-livell lokali. Dawn l-inizjattivi għandhom jiġu inklużi fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għad-Demokrazija. Barra minn hekk, il-pajjiżi Ewropej kollha hađu l-impenn li jiġbru data għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) dwar reati ta' mibegħda, li tista' tintuża f'dan il-kuntest.

3.2.3. Il-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tadotta wkoll għadd ta' miżuri biex jiġu miġġielda l-aħbarijiet foloz u l-miżinformazzjoni, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda, kemm online kif ukoll offline. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa mekkaniżmu biex tissorvelja l-implimentazzjoni adatta tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (DSMIV) fil-livell tal-Istati Membri, iżda tadotta wkoll qafas leġislativ Ewropew biex l-aħbarijiet foloz u l-miżinformazzjoni jiġu miġġielda b'mod aktar faċli.

3.2.4. Sabiex jiġi miġġield id-diskors ta' mibegħda fl-ambjent online, inqis li huma inkoraġġanti haġna l-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex tippromovi u timplimenta l-"Kodiċi ta' Kondotta" dwar il-ġlieda kontra d-diskors illegali ta' mibegħda online", iffirmat minn Facebook, Microsoft, Twitter u YouTube. Dan it-tip ta' għodda – kodiċi ta' kondotta għall-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda – għandha tiġi implimentata bħala rakkomandazzjoni fil-livell tal-Istati Membri, kemm fl-isparju online kif ukoll f'dak awdjoviżiv, sabiex jinholq spazju sikur għall-individwi LGBTIQ, kif ukoll għal gruppi vulnerabbli oħra li jistgħu faċilment jiġu soġġetti għal fastidju jew diskors ta' mibegħda online (?).

3.2.5. L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTI għall-2020-2025 għandha tkun marbuta mal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Vittmi 2020-2025 sabiex il-persuni li jappartjenu għal minoranzi sesswali jkunu kunfidenti jirrapportaw ir-reati ta' mibegħda li jitwettqu fil-konfront tagħhom. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi żgurat taħriġ professjonali kontinwu għall-uffiċjali tal-pulizija, l-avukati u l-maġistrati fl-oqsma tar-reati ta' mibegħda, preġudizzji u stereotipi, u hija essenzjali l-kooperazzjoni mal-NGOs li jipprovdu appoġġ lill-individwi LGBTIQ f'dan il-qasam.

(?) Il-kodiċijiet ta' kondotta għandhom ikunu ispirati mill-valuri tal-UE dwar l-ugwaljanza, id-drittijiet tal-bniedem, id-diversità, kif ukoll il-libertà tal-espressjoni, u joħlqu grupp ta' esperti biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni ta' din l-għodda ta' ħidma, iżda wkoll bl-involvement ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li l-isfera ta' attività tagħhom qed tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem u l-gruppi vulnerabbli.

3.2.6. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri mhumix mgħammra biżżejjed biex jipprovdu kenn ta' emerġenza jew għal żmien qasir lill-individwi LGBTIQ li huma jew vittmi ta' vjolenza domestika, speċjalment il-persuni transġeneru, jew li qed jiġu attakkati mill-familji tagħhom stess. Għalhekk, il-bini ta' postijiet ta' kenn, djar sikuri u ċentri ta' assistenza u l-ġhoti ta' servizzi ta' assistenza integrati jirrikjedu l-koooperazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u l-finanzjament tal-UE.

3.3. Nibnu soċjetajiet inklużivi għall-individwi LGBTIQ

3.3.1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tassumi r-rwol ta' gwardjan tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, kif jirriżulta mill-atti regolatorji Ewropej u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) għall-applikazzjoni korretta u uniformi tad-dritt Ewropew fl-Istati Membri kollha. Għandha żżid l-isforzi u tiżviluppa mekkaniżmi estensivi biex tissorvelja l-applikabbiltà tad-dritt u d-deċiżjonijiet Ewropej tal-QĠUE fil-qafas tad-dritt nazzjonali u fil-prattiki tal-awtoritajiet nazzjonali.

3.3.2. Fir-rigward tad-dritt għall-moviment liberu, wieħed mill-pilastri tad-dritt Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa mekkaniżmu ta' monitoraġġ biex tiżgura li d-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 2004/38/KE, b'mod partikolari d-dritt li wieħed jiċċaqlaq u jgħix b'mod liberu, jiġu rikonnoxxuti għaċ-ċittadini Ewropej kollha u l-familji tagħhom, inklużi l-familji b'ġenituri li huma persuni LGBTIQ madwar l-Unjoni.

3.3.3. Sabiex il-persuni LGBTIQ kollha jgawdu d-dritt għall-moviment liberu fl-Unjoni Ewropea kollha, nistiednu lill-Kummissjoni Ewropea, minn naħa waħda, biex tiżviluppa qafas regolatorju li permezz tiegħu l-kunċett ta' "familja" jkun wieħed awtonomu, indipendenti mid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri, speċjalment f'sitwazzjonijiet transfruntiera, u, min-naħa l-oħra, biex jiġi żgurat li ċ-ċertifikati tat-twelid skambjati skont proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja jiġu rikonnoxxuti fl-Istati Membri kollha, fil-kuntest tal-moviment liberu. Il-Kummissjoni Ewropea għandha timpenja ruħha mal-Istati Membri fir-rigward tal-iffaċilitar tar-reġistrazzjoni ta' parentela għall-ġenituri transġeneru skont l-identità tal-ġeneru tagħhom rikonnoxxuta legalment, bil-ħsieb li dawn il-familji jiġu protetti kontra l-iżvelar mhux mixtieq tal-preferenza sesswali (outing), id-diskriminazzjoni u l-vjolenza.

3.4. Nippromovu t-talba għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ madwar id-dinja

3.4.1. L-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jassumu r-rwol ta' garanti u protetturi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kemm fl-azzjonijiet interni kif ukoll dawk esterni tagħhom. Sabiex dan iseħħ, jeħtieġ li ssir ħidma ma' istituzzjonijiet reġjonali u internazzjonali oħra, bħall-Kunsill tal-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti, biex l-individwi LGBTIQ u dawk li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem jiġu żgurati s-sikurezza u l-ugwaljanza li jixirqilhom. Huwa importanti wkoll li, minbarra miżuri ta' appoġġ għall-ġlieda kontra l-vjolenza, il-mibegħda u d-diskriminazzjoni kontra l-individwi LGBTIQ permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) f'pajjiżi kandidati jew kandidati potenzjali, l-istituzzjonijiet Ewropej jintroduċu dawn il-kriterji fl-azzjonijiet esterni tagħhom, fil-qasam tal-finanzjament għal pajjiżi mhux tal-UE.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027”

[COM(2020) 758 final]

(2021/C 286/23)

Relatur: **Paul SOETE**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 14.1.2021
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottat fis-sezzjoni	16.4.2021
Adottat fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	205/1/9

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE bi pjaċir jinnota li l-Pjan ta’ Azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni (minn hawn’ il quddiem il-“Pjan ta’ Azzjoni”) huwa parti minn rispons komprensiv għall-isfidi marbuta mal-migrazzjoni, kif ippreżentat fil-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

1.2. Il-Pjan ta’ Azzjoni huwa usa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu minn dak preċedenti: għall-kuntrarju tal-predeċessur tiegħu tal-2016, il-Pjan ta’ Azzjoni l-ġdid ikopri mhux biss il-migranti, iżda wkoll liċ-ċittadini tal-UE “minn kunist ta’ migrazzjoni”. Għalkemm l-integrazzjoni hija importanti għal din il-kategorija ta’ ċittadini wkoll, u għaċ-ċittadini u r-residenti kollha, dan jista’ jirriżulta wkoll f’azzjonijiet anqas immirati, peress li l-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-migranti tal-ewwel ġenerazzjoni huma differenti minn dawk tal-migranti tat-tieni u tat-tielet ġenerazzjoni.

1.3. L-għodod ta’ integrazzjoni u inklużjoni huma prinċipalment fidejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. L-azzjoni fil-livell tal-UE hija komplementari u mfassla biex tippromovi, tiffaċilita u tikkordina l-kollaborazzjoni. B’konsegwenza ta’ dan, fil-Pjan ta’ Azzjoni ma hemm l-ebda objettiv globali jew speċifiku għall-Istati Membri, iżda rakkomandazzjonijiet biss. Minħabba s-sitwazzjoni attwali u l-impatt tal-pandemija, hemm riskju li dawn il-kwistjonijiet ta’ integrazzjoni jitqiesu bħala li għandhom prijorità aktar baxxa.

1.4. Il-Pjan ta’ Azzjoni jindirizza l-oqsma ta’ politika kollha li huma essenzjali għall-integrazzjoni soċjoekonomika u politika ta’ migranti li jkun għadhom kif waslu, u jagħti ħarsa ġenerali lejn il-lista ta’ inizjattivi Ewropej f’oqsma differenti li jista’ jkollhom impatt fuq il-migrazzjoni u l-integrazzjoni. Il-KESE jirrimarka li l-isfidi reali jinsabu fl-implimentazzjoni ta’ dawn il-politiki.

1.5. Il-KESE jappoġġja l-oġġetti proposti mill-Pjan ta’ Azzjoni f’oqsma settorjali ewlenin. Madankollu, jixtieq jirrimarka wkoll li dawn huma eżempji ta’ azzjonijiet possibbli aktar milli miri li jistgħu jitkejlu. Għal din ir-raġuni, l-implimentazzjoni effettiva tagħhom tidher li tiddependi minn proċess ta’ monitoraġġ li għad irid jiġi implimentat. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tistabbilixxi monitoraġġ kontinwu tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni.

1.6. B’paragun mal-Pjan ta’ Azzjoni tal-2016, hawnhekk qed tingħata aktar attenzjoni lid-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-integrazzjoni b’mod ġenerali. L-aspetti tal-ġeneri għandhom jiġu enfasizzati wkoll fis-sezzjonijiet differenti dwar l-oqsma settorjali.

1.7. Il-KESE jenfasizza li l-valur tax-xogħol b’mod ġenerali għandu jkun fil-qofol tal-Pjan ta’ Azzjoni, peress li x-xogħol fil-forom differenti kollha tiegħu huwa aspekk ewlieni tal-integrazzjoni u l-iżvilupp personali.

1.8. Il-Pjan ta' Azzjoni jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti kollha ta' finanzjament disponibbli f'kull qasam settorjali. Madankollu, dawn l-istrumenti jidhru li huma mfassla għal esperti dwar is-sussidji, u l-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament, pereżempju billi toħloq strument ta' integrazzjoni ddedikat. Il-KESE jibża' wkoll li l-finanzjament għall-integrazzjoni gradwalment se jinżel 'l isfel fil-lista ta' prijoritajiet.

1.9. Il-KESE jenfasizza l-importanza tas-soċjetà ċivili b'mod ġenerali għall-integrazzjoni fl-istil ta' ħajja lokali, kif ukoll ir-rwol speċifiku tal-unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi.

2. Sfond

2.1. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027 huwa parti minn rispons komprensiv għall-isfidi marbuta mal-migrazzjoni mressqa fil-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Huwa jibni fuq l-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE tal-2016 dwar l-Integrazzjoni u jaġġornahom, u huwa għal perjodu ta' seba' snin b'rieżami ta' nofs it-terminu fl-2024, f'konformità mal-QFP għall-istess perjodu.

2.2. Il-ħtieġa ta' Pjan ta' Azzjoni ġeja mid-differenzi impressjonanti bejn il-migranti u l-persuni nattivni fil-livelli tal-edukazzjoni, l-impjieg, il-faqar, u l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni. Biex insemmu ċifra waħda li turi din id-differenza, il-perċentwal ta' migranti żgħażaġh (ta' bejn it-18 u l-24 sena) li la huma f'impjieg u lanqas fl-edukazzjoni u t-taħriġ (NEETs) fl-UE huwa ta' 21 % meta mqabbel ma' 12,5 % għan-nattivni. Hemm ukoll differenza importanti bejn il-ġeneri, bil-perċentwal ta' bniet migranti żgħar li jaqgħu f'din il-kategorija li huwa ta' 25,9 %⁽¹⁾.

2.3. Il-pandemija tal-COVID-19 tefgħet dawl fuq l-inugwaljanzi profondi fl-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-migranti, b'riskji għas-soċjetà b'mod ġenerali. Dan wera wkoll li l-migranti huma aktar probabbli li jaħdmu f'impjieg li jirrikjedu kuntatt interpersonali mill-qrib u għalhekk huma aktar esposti għall-COVID-19.

2.4. L-integrazzjoni sħiħa tal-migranti fis-suq tax-xogħol tista' tiġġenera gwadanji ekonomiċi kbar fil-benesseri nazzjonali, inkluż għal skemi tal-pensjoni u f'termini ta' kontribuzzjonijiet fiskali.⁽²⁾ Dan huwa eżitu li jgawdi minnu kulħadd peress li l-integrazzjoni sħiħa tibbenefika wkoll lill-migranti billi tagħtihom aċċess għas-sistema ta' protezzjoni soċjali tal-pajjiż ospitanti.

2.5. Il-Pjan ta' Azzjoni jirreferi għal sett ta' prinċipji u valuri ewlenin ġenerali komuni għall-politiki kollha tal-UE dwar l-inklużjoni, inkluzja referenza għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

2.6. L-azzjonijiet speċifiċi ppreżentati fil-Pjan ta' Azzjoni jikkonċernaw erba' oqsma settorjali, jiġifieri l-Edukazzjoni u t-Taħriġ, l-impjieg u l-Ħiliet, is-Saħħa, u l-Akkomodazzjoni. Għal kull waħda minn dawn ġew identifikati lakuni fl-integrazzjoni. Dawn l-azzjonijiet huma kkumplementati minn azzjonijiet trasversali, inkluż il-bini ta' sħubijiet b'saħħithom, iż-żieda tad-diversi opportunitajiet għall-finanzjament, it-trawwim ta' rabtiet mas-soċjetà ospitanti, it-tisħiħ tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u għodod diġitali, u l-monitoraġġ tal-progress fl-integrazzjoni.

2.7. Il-KESE jirrikonoxxi li l-enfasi tal-Pjan ta' Azzjoni hija fuq il-proċess ta' integrazzjoni bħala tali u mhux fuq id-dħul fl-UE. Minkejja dan, jixtieq jenfasizza li l-kwistjoni tar-riunifikazzjoni tal-familja tibqa' fattur importanti ta' integrazzjoni legali u soċjali.

3. Kummenti ġenerali

3.1. B'differenza mill-Pjan tal-2016, dak attwali jkopri mhux biss il-migranti, iżda wkoll liċ-ċittadini tal-UE "minn kuntest ta' migrazzjoni". Il-KESE jieħu nota tal-kamp ta' applikazzjoni usa', peress li l-aspetti tal-integrazzjoni huma importanti wkoll għal din it-tieni kategorija ta' ċittadini u għaċ-ċittadini u r-residenti kollha; dan jippromovi l-istil ta' ħajja Ewropew, fejn id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-inklużjoni huma marbuta wkoll mar-responsabbiltajiet.

⁽¹⁾ KE, *Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027*, p. 5.

⁽²⁾ *Ibid.*, p. 2.

3.2. Minkejja dan, il-KESE jibża' li l-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-Pjan ta' Azzjoni jista' jirriżulta wkoll f'azzjonijiet anqas immirati – u, għalhekk, anqas effettivi. Il-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-migranti tal-ewwel ġenerazzjoni huma differenti minn dawk tat-tieni u tat-tielet ġenerazzjoni. Barra minn hekk, hemm il-periklu li l-inklużjoni tal-ħtiġijiet soċjali tal-migranti tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni fil-politiki dwar il-migrazzjoni u l-integrazzjoni tistigmatizzahom u tipperpetwa r-razziżmu.

3.3. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni jagħti ħarsa ġenerali tajba lejn il-lista ta' inizjattivi Ewropej f'oqsma differenti li għandhom impatt fuq il-migrazzjoni u l-integrazzjoni. Id-dokument jindirizza l-oqsma ta' politika essenzjali kollha li huma meħtieġa għall-integrazzjoni soċjoekonomika u politika tal-migranti li jkun għadhom kif waslu. Huwa jiddiskuti wkoll id-disponibbiltà tal-fondi u tas-sħubijiet mal-istituzzjonijiet u mal-organizzazzjonijiet biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni.

3.4. Il-KESE jissottolinja li, flimkien ma' dawn il-politiki, il-ħidma tibqa' motivatur ewlieni tal-integrazzjoni u bħala tali għandha tiġi ssalvagwardjata u promossa bħala element ċentrali fil-Pjan kollu.

3.5. Il-KESE jissottolinja li l-isfidi reali jinsabu fl-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki. Pereżempju, anke meta l-kwalifiki preċedenti tal-migranti jiġu rikonnoxxuti, l-impjegaturi jaħsbuha darbtejn qabel jimpjegawhom minħabba nuqqas ta' fiduċja fil-livell tal-ħiliet tagħhom. Dan jidher li huwa l-każ għall-migranti mir-reġjun MENA, u mill-Asja Ċentrali u t'Isfel.

3.6. L-impenn għat-tisħiħ tal-involvement fil-politiki tal-UE dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-soċjetà ċivili, u l-migranti u l-organizzazzjonijiet tagħhom huwa aspett pożittiv tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid. Il-KESE jinnota li s-soċjetà ċivili għandha tinkludi wkoll il-unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi.

3.7. Il-Pjan ta' Azzjoni għustament jirrikonoxxi l-importanza tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-politiki dwar l-integrazzjoni u jippromovi l-kooperazzjoni bejniethom. Fil-fatt, għandu jiġi nnutat li l-biċċa l-kbira tal-għodod ta' integrazzjoni huma f'idejhom. L-azzjoni fil-livell tal-UE hija komplementari u mfassla biex tippromovi, tiffaċilita u tikkoordina l-kollaborazzjoni, meta din tkun utli. B'konsegwenza ta' dan, il-Pjan ta' Azzjoni ma fih l-ebda objettiv ġenerali jew speċifiku għall-Istati Membri, iżda rakkomandazzjonijiet biss.

3.8. Peress li t-test mhuwiex vinkolanti u l-Istati Membri huma fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-politiki tal-integrazzjoni fil-livell nazzjonali, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal impenji ċari mill-Istati Membri tal-UE u l-istabbiliment ta' fora adatti, inklużi laqgħat regolari, biex jikkoordinaw il-politiki u jevalwaw il-progress.

3.9. Il-Kummissjoni tistabbilixxi b'mod ċar dak li trid tikseb f'kull qasam. Il-KESE jappoġġja d-dijanjożi u l-kisbiet proposti, iżda jinnota n-nuqqas ta' miri ċari ġenerali jew speċifiċi għall-azzjoni. L-effikaċja tal-implimentazzjoni tidher li tiddependi minn proċess ta' monitoraġġ li għandu jiġi stabbilit.

3.10. Fl-opinjoni SOC/649 (Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil)⁽³⁾, il-KESE staqsa dwar l-iskala u l-appoġġ tal-miżuri ta' integrazzjoni. L-għodod u l-inċentivi offruti lill-partijiet ikkonċernati differenti mill-Pjan ta' Azzjoni jistgħu ma jkunux biżżejjed biex itejbu l-integrazzjoni b'mod sensibbli, speċjalment minħabba n-natura fit-tul tal-miżuri f'dan il-qasam. Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni ta' dan il-punt.

3.11. Il-finanzjament huwa parti importanti mill-Pjan ta' Azzjoni. L-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra huma mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-finanzjament tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni jagħti wkoll ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti kollha ta' finanzjament disponibbli għal kull qasam settorjali.

3.12. Filwaqt li l-integrazzjoni hija msemija fost il-prinċipji gwida li jinfurmaw il-Pjan ta' Azzjoni, il-Pjan ma jipprovdi gwida sodisfaċenti dwar kif il-politiki ta' integrazzjoni għandhom jiġu integrati fil-miżuri ta' koeżjoni soċjali ġenerali.

⁽³⁾ ĠU C 123, 9.4.2021, p. 15.

3.1.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza għad-dimensjoni tal-integrazzjoni tal-ġeneru fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid. Fl-istess ħin, huwa jenfasizza li l-isfidi tal-integrazzjoni relatati mal-ġeneri jisthoqqlhom aktar attenzjoni u azzjoni aktar speċifika f'kull wieħed mill-oqsma settorjali.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. L-edukazzjoni u t-taħriġ

4.1.1. Il-Pjan ta' Azzjoni jiddikjara b'mod korrett li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma l-pedament ta' parteċipazzjoni b'suċċess fis-soċjetà. L-iskejjel u faċilitajiet edukattivi oħra jipprovdu ambjent importanti għall-bini ta' soċjetà inklużiva u għall-ġlieda kontra s-segregazzjoni. Barra minn hekk, il-kisba ta' edukazzjoni ċivika dwar id-demokrazija u ċ-ċittadinanza tistabbilixxi l-bażi għall-parteeipazzjoni attiva fis-soċjetà filwaqt li tipprevjeni wkoll li ż-żgħażaġħ jinġibdu lejn ideoloġiji estremisti. Dan huwa qasam fejn għandha titħeġġeġ parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà ċivili peress li hija tippromovi l-fiduċja, il-koeżjoni soċjali u s-sens ta' appartenenza.

4.1.2. Rigward l-azzjonijiet speċifiċi għat-titjib tal-parteeipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni għandu jiġi speċifikat aktar, peress li l-Pjan ta' Azzjoni fih biss referenzi ġenerali għal attivitajiet ta' appoġġ immirati. L-aktar azzjoni speċifika msemmija hija s-sett ta' għodod bi gwida Prattika dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal li se tiġi ppubblikata fil-bidu tal-2021.

4.1.3. Il-Pjan ta' Azzjoni jsemmi wkoll il-hteġa li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-kwalifiki miksuba fil-pajjiżi terzi. Huwa jressaq diversi strumenti biex ittejjeb ir-rikonoxximent tal-kwalifiki: in-networks ENIC-NARIC, il-Programm Erasmus, il-Qafas tal-Kwalifiki tal-UE, u l-portal tal-Europass. Minbarra t-tisħiħ tal-istrumenti eżistenti, huwa importanti wkoll li jiġu identifikati l-ostakli eżistenti għar-rikonoxximent, inkluż in-nuqqas ta' fiduċja u ostakli soċjali oħra.

4.1.4. Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tat-tagħlim tal-lingwi u tipproponi li jkomplu jiġu żviluppati programmi komprensivi u aċċessibbli għat-tagħlim tal-lingwi. Il-KESE jemmen li t-tagħlim tal-lingwi għandu jkun fil-qalba tal-azzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-impjieg, jiġifieri mill-ewwel stadji tal-proċess ta' integrazzjoni. It-tagħlim tal-lingwa tal-komunità riċevitur jiżgura aċċess għal livelli xierqa ta' edukazzjoni u taħriġ, b'impatti estensivi fuq l-integrazzjoni. Għalhekk, il-programmi tat-tagħlim tal-lingwi għandhom jiġu infurmati wkoll minn approċċ olistiku (*).

4.1.5. Abbażi tal-oġġettiv li jmiss tal-Garanzija għat-Tfal, huwa importanti li jiġi rakkomandat li l-Istati Membri jappoġġjaw aċċess akbar għall-edukazzjoni għat-tfal migranti billi jiżguraw li l-proċeduri tal-immigrazzjoni ma jinterferixx mal-iskola jew mad-drittijiet tat-tfal b'mod aktar wiesa'. L-edukazzjoni għandha tivvaluta, tissodisfa u takkomoda b'mod raġonevoli l-ħtiġijiet individwali ta' tfal migranti b'diżabilità, jew b'żonnijiet oħra, sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-personalità, it-talenti u l-kreattività tagħhom, kif ukoll tal-kapaċitajiet mentali u fiżiċi tagħhom, sal-oġġla potenzjal possibbli tagħhom.

4.1.6. L-azzjonijiet kollha f'dawn l-oqsma għandhom jimmiraw li jiksbu sistemi edukattivi inklużivi fil-livelli kollha u apprendiment tul il-ħajja.

4.1.7. Il-Pjan jenfasizza l-importanza li jinkiseb fehim tal-liġijiet, il-kultura u l-valuri tas-soċjetà riċevitur kemm jista' jkun malajr permezz ta' korsijiet ta' orjentazzjoni ċivika. Il-Kummissjoni tipproponi skambji ta' Prattika tajba bejn l-Istati Membri f'dawn l-oqsma. L-informazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet għandha tingħata b'mod li tkun tinftiehem u aċċessibbli għal kulħadd.

4.2. Impjiegi u hilit

4.2.1. F'dan il-qasam, id-dijanjożi tal-problemi u l-miri globali huma definiti sew, u juru l-importanza tal-kontribut tal-migranti għall-ekonomija, speċjalment fiż-żminijiet tal-COVID-19. Il-Pjan ta' Azzjoni jisħaq ukoll fuq kif mhux biss il-ħaddiema migranti, iżda wkoll l-imprendituri migranti, se jkun kruċjali għat-tkabbir matul u wara l-pandemija.

(*) Fir-rigward tal-livelli ta' lingwa fil-mira għall-integrazzjoni, ara wkoll SOC/641 dwar *L-integrazzjoni tan-nisa, tal-ommijiet u tal-familji li ġejjin minn kunter ta' migrazzjoni fl-Istati Membri tal-UE, u l-livelli tal-lingwi fil-mira għall-integrazzjoni* (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Ġermaniża) (ĠU C 10, 11.1.2021, p. 1).

4.2.2. Biex jinkisbu l-għanijiet imsemmija, il-Pjan ta' Azzjoni jhegġegħ l-użu tal-għodod eżistenti tal-UE, inkluża s-Sħubija Ewropea għall-Integrazzjoni, biex jaħdmu mal-imsieħba soċjali u ekonomiċi, mal-inizjattiva ta' *L-impjegaturi flimkien għall-integrazzjoni*, mal-inizjattiva InvestEU li tappoġġja l-intraprenditorija, man-Netzwerk Europew għall-Integrazzjoni, man-Netzwerk Europew tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi, u mal-pjattaforma tal-Europass għall-kondiviżjoni u ż-żieda tal-prattiki ta' valutazzjoni tal-ħiliet, l-Għodda għall-Profil tal-Ħiliet għaċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi biex tiġi ffaċilitata l-validazzjoni tal-ħiliet, u l-programm li jmiss dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri biex jappoġġja lin-nies li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjon.

4.2.3. Fost objettivi oħra, il-Pjan ta' Azzjoni jsemmi wkoll li jingħelbu d-diffikultajiet fl-aċċess għas-servizzi finanzjarji u l-informazzjoni, iżda ma jipproponi l-ebda azzjoni speċifika biex dawn id-diffikultajiet jiġu solvuti. F'dan ir-rigward, il-Pjan ta' Azzjoni għandu jrawwem l-għoti tas-setgħa lill-ħaddiema migranti billi jiżgura aċċess għal informazzjoni finanzjarja u legali, mekkaniżmi tal-ilmenti, u rapportar sikur, f'formati li jinftehm u aċċessibbli.

4.2.4. Il-Pjan ta' Azzjoni għustament jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati sistemi jew testijiet ta' valutazzjoni tal-ħiliet aktar effettivi u aktar rapidi, filwaqt li jitqiesu wkoll l-esperjenzi tal-passat f'dan ir-rigward.

4.2.5. Madankollu, l-għodod tal-valutazzjoni tal-ħiliet mhumie x biżżejjed biex jiżguraw aċċess akbar għas-suq tax-xogħol, iżda hija meħtieġa azzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' fiduċja u d-diskriminazzjoni. Huwa importanti li jiġu pprovduti appoġġ u linji gwida speċifiċi lill-aġenziji nazzjonali tal-impjiegi u lill-partijiet ikkonċernati fis-settur tal-impjiegi biex jiġu żviluppati politiki kontra d-diskriminazzjoni u tiġi promossa l-parteċipazzjoni fil-livelli kollha. Huwa kruċjali wkoll li jiġu rrakkomandati politiki nazzjonali li jiżguraw aċċess akbar u mingħajr xkiel għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għas-setturi kollha tal-impjiegi billi jiġu ffaċilitati l-proċeduri tal-viża.

4.2.6. Il-pjan ta' Azzjoni għandu jkompli jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' aċċess akbar għal apprendistati, traineeships, taħriġ vokazzjonali u anke xogħol volontarju li jista' jwassal għal impjeg full-time adegwat. Dan se jipprovdi lill-migranti u lir-residenti bi sfond ta' migrazzjoni b'opportunità li jaħdmu, iżidu l-livell tal-ħiliet tagħhom u jkollhom dħul biex jappoġġjaw lilhom infushom u lill-familji tagħhom. B'mod speċifiku, il-programmi li jippromovu l-aċċess taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol (eż. il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ) għandu jkollhom dispożizzjonijiet speċifiċi biex jiggerantixxu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

4.2.7. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jipprevedi wkoll azzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa migranti u rifugiati u t-titjib tal-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol, inkluż billi jissaħħu l-miżuri kontra t-traffikar u permezz ta' appoġġ għall-ħtiġijiet speċifiċi.

4.3. Is-sahha

4.3.1. Huwa importanti li l-Pjan ta' Azzjoni jenfasizza li l-pandemija tal-COVID-19 tat prominenzza lill-eżistenza ta' inugwaljanzi profondi fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa, u li dan joħloq riskji għas-soċjetà b'mod ġenerali.

4.3.2. Fid-dawl tal-pandemija, il-KESE jqis li l-migranti kollha, inklużi l-migranti irregolari, għandu jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa bażika, u b'mod speċifiku l-ittestjar u t-tilqim, fl-Istati Membri kollha tal-UE.

4.3.3. F'termini tal-azzjonijiet proposti, il-Kummissjoni tirreferi għall-possibiltajiet ta' finanzjament permezz tal-AMIF, il-FSE+, il-FEŻR u skont il-programm li jmiss dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri. Il-Pjan ta' Azzjoni għustament jinkoraġġixxi l-użu tal-fondi tal-UE għall-forniment tas-servizzi tas-saħħa.

4.3.4. Il-KESE jenfasizza li huwa essenzjali li jiġi rakkomandat li l-Istati Membri jneħħu l-ostakli għall-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u l-ostakli fis-servizzi tas-saħħa, inkluż permezz ta' kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistemi tas-saħħa nazzjonali, il-valutazzjoni u l-issodisfar tal-ħtiġijiet individwali tas-saħħa tal-migranti b'diżabilità.

4.3.5. Il-KESE jenfasizza l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni migranti bħala parti mill-proċess ta' integrazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-pandemija li għadha għaddejja, anke billi jiġu żgurati servizzi tas-saħħa mentali kulturalment sensitivi.

4.3.6. L-azzjonijiet li jiżguraw aċċess akbar għas-servizzi tas-saħħa għandhom ikopru wkoll il-faċilitajiet ta' akkoljenza għall-applikanti għall-ażil, b'mod partikolari fit-tħejija tal-Programm tas-Saħħa l-ġdid.

4.4. Akkomodazzjoni

4.4.1. Il-Kummissjoni se twaqqaf Inizjattiva ta' Akkomodazzjoni Affordabbli kif ġie mħabbar taħt il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni u se tippromovi akkomodazzjoni mhux segregata, dinjituża, aċċessibbli u bi prezz raġonevoli. Ser tingħata attenzjoni speċjali lil mudelli ta' akkomodazzjoni awtonoma – għall-kuntrarju ta' dik kollettiva – għall-applikanti għall-ażil.

4.4.2. Fost l-oġġettivi elenkati f'dan il-qasam, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fis-suq tal-akkomodazzjoni u t-tnaqqis tas-segregazzjoni residenzjali għandhom ikunu prijoritajiet ewlenin.

4.4.3. Dan għandu jnvolvi wkoll enfasi akbar fuq l-espansjoni ta' akkomodazzjoni bi prezz raġonevoli, inkluża akkomodazzjoni soċjali, permezz ta' soluzzjonijiet integrati li jimmiraw lejn ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll ir-residenti kollha li jiffaċċjaw ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni ⁽⁹⁾.

4.4.4. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jużaw ukoll il-finanzjament tal-UE biex ifasslu u jinfurzaw mekkaniżmi għall-aċċess għall-ġustizzja f'każijiet ta' abitazzjoni ta' sfruttament.

4.5. Sħubiji għal proċess ta' integrazzjoni aktar effettiv

4.5.1. Il-Kummissjoni beħsiebha ssaħħaħ in-Network Ewropew għall-Integrazzjoni billi tipprovdi finanzjament immirat u bini tal-kapaċitajiet lill-Istati Membri.

4.5.2. Attenzjoni speċjali hija mogħtija lill-appoġġ għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, inklużi l-espansjoni tal-Akkademja Urbana dwar l-Integrazzjoni u t-tisħiħ tad-djalogu interkonfessjonali bejn il-komunitajiet, filwaqt li jingħata appoġġ lill-bliet fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fl-ambitu tal-inizjattiva Il-Ibliet tal-UE kontra r-Radikalizzazzjoni, immedija fl-2019. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza tad-djalogu interkonfessjonali għall-integrazzjoni.

4.5.3. Il-Pjan ta' Azzjoni jsemmi wkoll il-Forum annwali Ewropew dwar il-Migrazzjoni organizzat f'kollaborazzjoni mal-KESE, u b'mod partikolari mal-grupp ta' studju tematiku tal-IMI tiegħu, bħala mezz ta' appoġġ għall-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tad-dijaspora.

4.5.4. Fl-aħħar nett, il-Pjan iħabbar appoġġ għall-fondazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet permezz ta' djalogu strutturali dwar l-integrazzjoni tal-migrazzjoni u l-esplorazzjoni ta' għodod possibbli għall-kooperazzjoni, mingħajr ma jagħti dettalji dwar x'jista' jkun dak l-appoġġ.

4.6. Żieda fl-opportunitajiet għall-finanzjament tal-UE

4.6.1. L-aspetti tal-finanzjament huma simili għall-azzjonijiet kollha proposti fil-Pjan, u huma marbuta mal-QFP 2021-2027. Tiżdied ħarsa ġenerali lejn il-fondi ewlenin tal-UE li appoġġjaw l-integrazzjoni u l-inklużjoni fil-perjodu 2014-2020, iżda ma tingħata l-ebda ċifra għall-futur. Hawnhekk il-KESE jagħraf li huwa neċessarju li wieħed jistenna li l-fażi ta' programmazzjoni titlesta biex ikun jaf kemm l-Istati Membri se jallokaw taħt kull fond għal kwistjonijiet ta' integrazzjoni.

4.6.2. Il-lista ta' fondi li jistgħu jintużaw għall-integrazzjoni u l-inklużjoni jew li huma rilevanti għall-azzjonijiet ta' appoġġ għall-migranti hija impressjonanti, inklużi l-AMIF, il-FSE+ u l-FEŻR. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jiġu ċċarati s-sinerġiji ma' fondi oħra, eż. ma' Erasmus+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-FAEŻR, u InvestEU. Ladarba jiġi adottat, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku se jkun jista' wkoll jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri għall-iżvilupp jew it-titjib tal-politiki ta' integrazzjoni u inklużjoni. Fl-aħħar nett, il-programm li jmiss dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri jista' wkoll ikollu rwol fil-finanzjament ta' azzjonijiet speċifiċi mmirati lejn iċ-ċittadini tal-UE minn kument ta' migrazzjoni. Ġie deċiż li jkun hemm portafoll kbir ta' fondi possibbli, iżda soluzzjoni aħjar setgħet kienet li jintgħażlu fondi speċifiċi għal kwistjonijiet ta' integrazzjoni. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament, pereżempju billi toħloq strument dedikat għall-integrazzjoni tal-migranti.

⁽⁹⁾ Għal ħarsa ġenerali lejn soluzzjonijiet għall-akkomodazzjoni innovattivi u inklużivi, ara l-Osservatorju tal-Akkomodazzjoni tal-Ewropa, 2018. *Akkomodazzjoni u Migrazzjoni. Tagħrif dwar ir-Riċerka*. Brussell: Osservatorju tal-Akkomodazzjoni tal-Ewropa.

4.6.3. Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal hija importanti wkoll f'dan il-qafas, peress li l-aktar tfal żvantaġġati jinkludu wkoll tfal minn kuntest ta' migrazzjoni.

4.6.4. Il-komplessità tal-finanzjament tal-UE tagħmilha neċessarja li jiġi aġġornat is-sett ta' għodod żviluppat fl-2018 għall-użu tal-fondi għall-integrazzjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027.

4.6.5. Aspett interessanti ieħor tal-politika ta' finanzjament huwa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa sħubijiet pubbliċi-privati ma' fondazzjonijiet u donaturi privati.

4.7. *It-trawwim tal-parteċipazzjoni u l-laqgħat mas-soċjetà ospitanti*

4.7.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-idea li l-grupp ta' esperti li għadu kif inħoloq dwar il-fehmiet tal-migranti, magħmul minn migranti u organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom, jiġi involut fit-tfassil u l-implementazzjoni ta' politiki futuri dwar il-migrazzjoni, l-ażil u l-integrazzjoni. Dan jista' jikkontribwixxi biex itejjeb il-parteċipazzjoni tal-migranti u ċ-ċittadini tal-UE minn kuntest ta' migrazzjoni fil-proċess konsultattiv u jiżgura wkoll li l-politiki jirriflettaw l-ħtiġijiet reali. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa importanti li jinħolqu opportunitajiet għal skambji bidirezjonali bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi u komunitajiet riċevienti li jibdeu mill-istadij bikrin tal-akkoljenza u l-integrazzjoni.

4.7.2. L-oġġettiv tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li jippromovi d-djalogu u jqajjem kuxjenza fost l-Ewropej kollha dwar ir-realtajiet tal-integrazzjoni u tal-migrazzjoni. Iżda hemm il-periklu li dan l-oġġettiv ikun vag wisq, minkejja l-isforzi ċari li saru biex titqajjem kuxjenza dwar il-fatti u ċ-ċifri. Il-bidla fin-narrattiva dwar il-migrazzjoni fil-pubbliku hija assolutament meħtieġa, u l-KESE jistaqsi x'se jsir biex dan jinkiseb.

4.7.3. Il-KESE jappoġġja inizzjattivi bħal festivals tal-futbol li jimmiraw lejn migranti żgħażaġh fil-bliet ospitanti tal-kampjonati tal-UE, li jista' jkollhom impatt pożittiv fuq narrattivi pożittivi għall-migrazzjoni. Madankollu, miżuri ad hoc oħra ta' dan it-tip, bħall-premijijiet ta' integrazzjoni għal skejjel jew komunitajiet/organizzazzjonijiet lokali, jistgħu jsaħħu d-differenzi perċepiti, u jistigmatizzaw ċerti gruppi.

4.8. *It-titjib fl-użu ta' teknoloġiji ġodda u għodod diġitali*

4.8.1. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għustament jirrikonoxxi r-riskju reali ta' distakk diġitali bejn il-migranti u l-persuni nattivni għal raġunijiet differenti: 8,1 % tal-persuni mwielda barra mill-Ewropa ma għandhomx il-flus biex jixtru kompjuter, meta mqabbel ma' 3,1 % tal-persuni nattivni, u l-ġenituri minn familji migranti jista' jkollhom aktar diffikultajiet biex jappoġġjaw lit-tfal tagħhom fl-apprendiment online.

4.8.2. Il-Pjan ta' Azzjoni jirrakkomanda li jiżdied il-litteriżmu diġitali tal-popolazzjoni tal-migranti, iżda ma fihx proposti speċifiċi, jew miri dwar kif dan għandu jinkiseb fil-prattika.

4.8.3. Idea interessanti hija l-involvement tal-migranti fil-ħolqien u t-twassil ta' servizzi pubbliċi diġitali. Il-KESE jassumi li dan diġà nkiseb fir-rigward tal-attivitajiet amministrattivi tal-UE.

4.9. *Il-monitoraġġ tal-progress: lejn politika ta' integrazzjoni u inklużjoni bbażata fuq l-evidenza*

4.9.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-oġġettiv li jinkiseb dibattitu dwar il-migrazzjoni bbażat aktar fuq l-evidenza. Jekk għodod aħjar ta' data u preżentazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għal dan l-oġġettiv, dawn iridu jinġabru, jiġu żviluppati u mxerrda. L-indikaturi tal-UE dwar l-integrazzjoni ilhom jeżistu sa mill-2010, iżda minkejja sforzi estensivi għad hemm nuqqasijiet fl-għarfien. F'dan ir-rigward, għodod utli jistgħu jkunu barometru ġdid u tabella ta' valutazzjoni konġunta biex jappoġġjaw it-tqabbil bejn il-pajjiżi u matul iż-żmien.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni ‘Niżguraw il-ġustizzja fl-UE — strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024’”

(COM(2020) 713 final)

(2021/C 286/24)

Relatur: **Elena CALISTRU**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 24.2.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	16.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	240/3/0

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. It-taħriġ ġudizzjarju dwar id-dritt tal-Unjoni tejjeb l-applikazzjoni korretta u uniformi tad-dritt tal-Unjoni u bena fiduċja reċiproka fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera, u b'hekk għen biex jiġi żviluppat l-ispazju ġudizzjarju tal-UE. L-istrateġija tibni fuq is-suċċess tal-isforzi preċedenti u tfittex li żżomm it-taħriġ ġudizzjarju fil-quċċata tal-aġenda tal-UE, b'enfasi speċjali fuq l-indirizzar tal-isfidi emerġenti, bħat-tranżizzjoni ekoloġika jew relazzjonijiet industrijali ġodda, u l-adattament għall-era teknoloġika l-ġdida.

1.2. Billi jipprovdu riżorsi, appoġġ u tahrġ adegwati, il-prattikanti tal-ġustizzja fl-Istati Membri kollha jistgħu jwieġbu għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini, tal-ħaddiema u tan-negozji madwar l-UE. Prattikanti mħarrġa tajjeb għandhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-kultura tal-istat tad-dritt u ż-żamma tal-istat tad-dritt innifsu, il-promozzjoni tal-valuri u l-prinċipji Ewropej bħall-indipendenza ġudizzjarja u l-appoġġ għall-osservazzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

1.3. L-iżviluppi li għaddejjin fis-suq tax-xogħol qed iqajmu dejjem aktar mistoqsijiet dwar l-istatus u r-regoli applikabbli għall-ħaddiema u għal forum ġodda ta' xogħol mistennija. Id-deċiżjonijiet tal-qrati mill-Istati Membri jvarjaw f'sitwazzjonijiet simili jew identiċi dwar din il-kwistjoni, anke f'każijiet li jirrigwardaw l-istess kumpanija. Sabiex jiġu żgurati ġurisprudenza unitarja u funzjonament xieraq tas-suq intern jeħtieġ li jiġu żgurati linji gwida u tahrġ għall-ġudikatura.

1.4. Il-KESE jifhem u jirrikonoxxi bis-sħiħ il-fatt li l-Kummissjoni għandha biss rwol ta' appoġġ fit-tahrġ ġudizzjarju, filwaqt li l-partijiet ikkonċernati nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà primarja. Madankollu, integrazzjoni strateġika adegwata u appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-istrateġija għandhom ikunu preokkupazzjoni komuni.

1.5. Minħabba l-isfida fil-livell tal-UE u l-għadd dejjem akbar ta' kwistjonijiet b'dimensjoni tal-UE (jiġifieri l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE f'mekkaniżmi finanzjarji ġodda, u tranżizzjoni diġitali u ekoloġika), huwa dejjem aktar importanti li jiġu stabbiliti regoli għal approċċ aktar omoġeni fl-Istati Membri kollha fir-rigward tat-tahrġ ġudizzjarju.

1.6. Bl-istess mod, il-Kumitat jirrikonoxxi l-importanza li l-Kummissjoni tagħti lill-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-istrateġija u lill-ħidma mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex jiġi żgurat l-appoġġ politiku meħtieġ għall-ilħuq tal-għanijiet. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-Kummissjoni ssib modi kif l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali jistgħu jiġu inklużi fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri.

1.7. Sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE, il-kwistjonijiet ambjentali u d-drittijiet tal-Unjoni, il-KESE jqis li fit-taħriġ tal-prattikanti tal-ġustizzja, li jaqdu rwol ewlieni fil-prevenzjoni tal-abbużi marbuta mal-frodi u l-korruzzjoni, kif ukoll kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-Unjoni, għandhom jiġu inklużi l-protezzjoni u d-drittijiet tal-informaturi.

1.8. It-taħriġ ġudizzjarju Ewropew għandu jmur lil hinn mill-edukazzjoni legali u l-Kumitat jilqa' b'mod partikolari l-enfasi fuq "is-sengħa tal-imħallef" bħala element ċentrali għall-effiċjenza tal-ġustizzja. Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' ħliet professjonali f'oqsma komplementari, bħall-etika, il-forensika u l-psikoloġija, u li jiġi żgurat li l-professjonisti legali jkollhom il-fehim meħtieġ tal-elementi tekniċi li ta' spiss jiġu ttrattati f'diversi oqsma tal-leġiżlazzjoni tal-UE, bħall-ambjent, l-infrastruttura jew il-finanzi/il-banek.

1.9. B'mod simili, fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni u b'mod partikolari meta jintużaw għodod tal-intelliġenza artifiċjali fis-sistema ġudizzjarja, il-KESE jirrakkomanda taħriġ speċifiku. B'mod partikolari, l-għarfien u l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Karta Etika Ewropea dwar l-Użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fis-Sistemi Ġudizzjarji, jenħtieġ li jiġu segwiti u rakkomandati b'mod qawwi.

2. Sfond

2.1. L-evalwazzjoni tal-istrategġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju tal-2011-2020 turi li din għenet biex ittejjeb it-taħriġ dwar id-dritt tal-Unjoni għall-prattikanti legali (speċjalment l-imħallfin u l-prosekuturi), bniet il-kapaċitajiet ta' networks bħan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) u saħħet in-networks u l-fornituri tat-taħriġ fil-livell tal-UE.

2.2. L-iżviluppi u l-isfidi l-ġodda jeħtieġ li jiġu indirizzati mit-taħriġ ġudizzjarju fil-livell tal-UE. Dawn jinkludu deterjorament tal-istat tad-dritt, attakki fuq id-drittijiet fundamentali f'xi Stati Membri, oqsma ġodda ta' regolamentazzjoni fil-livell tal-UE iżda wkoll it-tranżizzjoni diġitali.

2.3. L-istrategġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju tal-2021-2024 għandha l-għan li tikkonsolida kultura ġudizzjarja Ewropea komuni bbażata fuq l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u l-fiduċja reċiproka. Din tippromponi qafas u sett ta' azzjonijiet ewlenin biex tingħata spinta lill-applikazzjoni korretta u effettiva tad-dritt tal-Unjoni. L-Istati Membri, il-fornituri tat-taħriġ, l-organizzazzjonijiet nazzjonali u Ewropej tal-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja u l-UE huma mitluba jindirizzaw il-prijoritajiet li ġejjin, permezz ta' responsabbiltà kondiviża:

- it-taħriġ ġudizzjarju għall-promozzjoni ta' kultura komuni tal-istat tad-dritt;
- iż-żamma tad-drittijiet fundamentali u l-fatt li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ssir realtà fil-ħajja ta' kuljum tan-nies, b'enfasi fuq il-protezzjoni tal-vittmi u l-individwi vulnerabbli;
- it-titjib tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja;
- iż-żamma tal-pass mal-iżviluppi fid-dritt tal-Unjoni, inkluża l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera;
- l-għoti tal-ħliet lill-prattikanti biex jindirizzaw sfidi ġodda, speċjalment fid-dawl tal-pandemija;
- it-taħriġ lil hinn mid-dritt tal-Unjoni, pereżempju dwar "is-sengħa tal-imħallef" u l-għarfien u l-ħliet mhux legali;
- il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' aġenda ta' taħriġ aktar Prattika u mfassla apposta għall-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja;
- taħriġ akbar, usa' u mmirat aktar għal kategoriji differenti ta' professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja;
- il-promozzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ effettivi u ta' kwalità għolja, inklużi forum differenti ta' taħliem b'enfasi fuq metodi ibridi u/jew ta' taħliem elettroniku u permezz ta' kurrikuli ppruvati u ttestjati;
- it-tisħiħ tat-taħriġ ġudizzjarju għall-prattikanti żgħażaġh;
- it-tisħiħ tar-responsabbiltà kondiviża tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali, in-networks tal-esperti fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni, in-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju, atturi oħra fil-livell tal-UE u l-Kummissjoni;

— l-immirar tal-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja lil hinn mill-UE, b'mod partikolari mill-Balkani tal-Punent.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-kriżi tal-COVID-19 ħolqot diffikultajiet konsiderevoli għall-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja iżda ħolqot ukoll diversi sfidi ġodda li l-prattikanti tal-ġustizzja jridu jindirizzaw. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-attenzjoni mogħtija lill-ħtieġa li mhux biss tiġi żgurata l-infrastruttura għat-tranżizzjoni diġitali, iżda wkoll l-investiment fil-ħiliet tal-prattikanti li se jkollhom jagħmlu parti minn din it-**trasformazzjoni diġitali**.

3.2. Hemm twissija importanti — l-implimentazzjoni tal-istrategġija hija impossibbli mingħajr il-**parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha**, inklużi l-ministeri tal-ġustizzja, il-kunsilli għall-ġudikatura u l-prosekuzzjoni, il-bordijiet ta' professjonijiet awtoregulatorji, l-assoċjazzjonijiet Ewropej ta' professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja, il-fornituri tat-taħriġ nazzjonali u fil-livell tal-UE, u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Il-KESE jingħaqad mal-Kummissjoni fit-talba tagħha biex dawn l-atturi jimpenjaw ruħhom li jilħqu l-għanijiet kwantitattivi u kwalitattivi tal-istrategġija.

3.3. Il-KESE jfakkar fil-konklużjonijiet minn bosta Opinjonijiet ⁽¹⁾ preċedenti li jiddikjaraw li l-konsistenza fl-aċċess għall-ġustizzja madwar l-UE hija fattur essenzjali li jirfed is-suq uniku u l-implimentazzjoni konsistenti tad-drittijiet legali tal-UE fl-Unjoni, filwaqt li tipprovdi ċ-ċarezza u ċ-ċertezza meħtieġa għaċ-ċittadini u n-negozji, peress li għad hemm differenzi sinifikanti fl-applikazzjoni tal-acquis tal-UE bejn l-Istati Membri. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li l-Istati Membri jiġu appoġġjati fil-livell nazzjonali billi jiġu pprovduti mhux biss bil-finanzjament komplementari meħtieġ (inkluż permezz tar-riżorsi tal-irkupru u tar-reżiljenza), iżda wkoll bl-għodod biex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati kollha u dawk li jaħdmu fil-qasam tal-ġustizzja jkunu lesti li jingħaqdu f'dan l-isforz.

3.4. Bl-istess mod, aħna nirrikonoxxu l-importanza li l-Kummissjoni tagħti lill-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-istrategġija u lill-ħidma mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex jiġi żgurat l-appoġġ politiku meħtieġ għall-ilħuq tal-għanijiet. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni ssib modi kif l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali jistgħu jiġu inklużi fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrategġija, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri.

3.5. Il-KESE jaqbel li l-prattikanti mħarrġa tajjeb għandhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-**kultura tal-istat tad-dritt** u ż-żamma tal-istat tad-dritt innifsu, il-promozzjoni tal-valuri u l-prinċipji Ewropej bħall-indipendenza ġudizzjarja u l-appoġġ għall-**osservazzjoni** effettiva **tad-drittijiet fundamentali** fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Madankollu, aħna nisħqu fuq l-importanza li jiġu pprovduti riżorsi, appoġġ u taħriġ adegwati bħala parti minn sforz akbar biex jiġi żgurat li l-prattikanti tal-ġustizzja fl-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jwieġbu għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini u n-negozji madwar l-UE, bl-osservazzjoni tal-istess standards u valuri.

3.6. Sa mill-ħolqien tiegħu fl-2018, il-Grupp dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt tal-KESE ta attenzjoni lill-fehmiet tal-partijiet interessati dwar kwistjonijiet relatati mal-kwalità u l-indipendenza tal-ġudikatura. Il-KESE jaqbel li Prattikanti mħarrġa tajjeb għandhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-kultura tal-istat tad-dritt u ż-żamma tal-istat tad-dritt innifsu, il-promozzjoni tal-valuri u l-prinċipji Ewropej bħall-indipendenza ġudizzjarja u l-appoġġ għall-osservazzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Aħna nilqgħu l-impenn kontinwu għal taħriġ essenzjali għall-prattikanti tal-ġustizzja fl-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-osservazzjoni tal-acquis tal-UE fil-qasam tal-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji tal-Istati Membri għad-drittijiet fundamentali (inklużi d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli speċifiċi bħat-tfal, il-persuni b'diżabilità, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni).

4.2. L-iżviluppi li għaddejjin fis-suq tax-xogħol qed iqajmu dejjem aktar mistoqsijiet dwar l-istatus u r-regoli applikabbli għall-ħaddiema u għal forom ġodda ta' xogħol mistennija. Id-deċiżjonijiet tal-qrati mill-Istati Membri jvarjaw f'sitwazzjonijiet simili jew identiċi dwar din il-kwistjoni, anke f'każijiet li jirrigwardaw l-istess kumpanija. Sabiex jiġu żgurati ġurisprudenza unitarja u funzjonament xieraq tas-suq intern jeħtieġ li jiġu żgurati linji gwida u taħriġ għall-ġudikatura.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-aċċess għall-ġustizzja fl-livell nazzjonali b'rabta ma' miżuri li jimplimentaw il-liġi ambjentali tal-UE" (Komunikazzjoni) (ĠU C 129, 11.4.2018, p. 65); Opinjoni tal-KESE dwar "Azzjonijiet tal-UE għat-titjib tal-governanza u l-konformità ambjentali" (ĠU C 283, 10.8.2018, p. 83); Opinjoni tal-KESE dwar "L-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus – Aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali" (ĠU C 123, 9.4.2021, p. 66).

4.3. Element ieħor li huwa enfazzat huwa l-ħtieġa li jitkomplew l-attivitajiet ta' taħriġ fl-oqsma meqjusa problematiċi taħt l-aġenda tas-sigurtà tal-UE, bħaċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità organizzata u r-reati finanzjarji li jħallu impatt fuq il-baġit tal-UE, speċjalment fil-kuntest il-ġdid tal-ħolqien tal-UPPE. Dan għandu jkun preokkupazzjoni kontinwa għall-partijiet ikkonċernati kollha u għandhom jiġu allokati riżorsi xierqa għal dan il-għan.

4.4. Dwar is-suġġett tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u ambjentali tal-UE, il-KESE jqis li t-taħriġ tal-prattikanti tal-ġustizzja għandu jinkludi l-protezzjoni tal-informaturi, li d-drittijiet tagħhom f'it li xejn għadhom magħrufa u li, permezz tar-rappurtar tagħhom, jaqdu rwol ewlieni fil-prevenzjoni tal-abbużi marbuta mal-frodi u l-korruzzjoni u kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-Unjoni.

4.5. Waħda mill-kwistjonijiet l-aktar importanti se tkun relatata mal-progress tas-settur tal-ġustizzja fiż-żona diġitali. Madankollu, il-KESE jinnotta li hemm differenzi sinifikanti fil-kuntesti nazzjonali u li s-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri jinsabu fi stadji differenti tad-diġitalizzazzjoni. L-istrateġija proposta tqis il-kompetenzi nazzjonali u tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Fl-istess ħin, huwa importanti li l-Istati Membri kollha jaħdmu biex jitnaqqsu d-distakki eżistenti fid-diġitalizzazzjoni mhux biss billi jiżguraw l-investment fl-infrastruttura, iżda wkoll il-ħiliet għall-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja li se jkollhom bżonn jagħmlu t-trasformazzjoni diġitali realtà.

4.6. Mingħajr id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fil-livell nazzjonali u investment fit-taħriġ tal-prattikanti tal-ġustizzja biex jużaw għodod u teknoloġiji diġitali fil-prattika tagħhom ta' kuljum, se jkun diffiċli li tiġi ffaċilitata kooperazzjoni transfruntiera aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji. Barra minn hekk, mingħajr investment adegwat u koeżiv fit-taħriġ mhux biss fil-ħiliet diġitali, iżda wkoll fl-għarfien, se jkun diffiċli li jiġu indirizzati sfidi ġodda (iż-żewġ kwistjonijiet bħall-protezzjoni adegwata tad-drittijiet tal-individwi u d-data personali fl-ispazju diġitali kif ukoll kwistjonijiet ġodda bħaċ-ċiberkriminalità).

4.7. Fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni u b'mod partikolari meta jintużaw għodod tal-intelliġenza artifiċjali fis-sistema ġudizzjarja, il-KESE jirrakkomanda taħriġ speċifiku dwar il-kwistjoni. Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni, l-użu ta' data ta' kwalità tajba fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji, u r-rispett għall-approċċ ta' "human-in-command" jinsabu, fost affarijiet oħra, fil-Karta Ewropea tal-Etika dwar l-Użu tal-Intelliġenza Artifiċjali⁽²⁾. Huwa ta' importanza kbira li dawn il-prinċipji jsiru magħrufa u rispettati permezz tat-taħriġ.

4.8. Ir-rikonoxximent li t-taħriġ ġudizzjarju Ewropew għandu jmur lil hinn mill-edukazzjoni legali u jappoġġja l-iżvilupp tal-ħiliet professjonali huwa milqugħ tajjeb. B'mod partikolari, aħna ninnotaw l-enfasi fuq it-taħriġ fis-"sengħa tal-imħallef" bħala element ċentrali għall-effiċjenza tal-ġustizzja, ir-relazzjoni ta' fiduċja bejn is-sistemi ġudizzjarji u l-membri tal-pubbliku, u l-fiduċja bejn il-prattikanti fil-kooperazzjoni transfruntiera.

4.9. Punt ewlieni ieħor li jeħtieġ li jiġi indirizzat huwa t-taħriġ tal-prattikanti tal-ġustizzja f'oqsma komplementari, bħall-etika, il-forensika u l-psikoloġija, u li jiġi żgurat li l-professjonisti legali jkollhom il-fehim meħtieġ tal-elementi tekniċi li ta' spiss jiġu ttrattati f'diversi oqsma tal-leġiżlazzjoni tal-UE, bħall-ambjent, l-infrastruttura jew il-finanzi/il-banek.

4.10. Il-KESE japprezza wkoll l-enfasi fuq firxa usa' ta' professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja li japplikaw id-dritt tal-Unjoni, inkluż — l-ewwel u qabel kollox — l-imħallfin, il-prosekuturi u l-persunal tal-qorti, iżda wkoll il-professjonisti bħall-avukati, in-nutara, il-bailiffs, il-medjaturi, l-interpreti/it-tradutturi legali, l-esperti tal-qorti, u f'ċerti sitwazzjonijiet il-persunal tal-ħabs u l-uffiċjali tal-probazzjoni. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-istampa ferm varjata fl-Istati Membri kollha, b'firxa diversa ta' ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi li saħansitra jistgħu jagħmlu l-implimentazzjoni tal-istrateġija pjuttost diffiċli.

4.11. Il-KESE jaqbel ukoll li t-taħriġ għandu jkun ta' kwalità għolja biżżejjed biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, li l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tkun obligatorja, iżda wkoll li l-prattikanti tal-ġustizzja jeħtieġu esponiment għal forum diversi ta' tagħlim, inkluża taħlita ta' attivitajiet residenzjali wiċċ imb'wiċċ, għodod ta' tagħlim elettroniku u taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Madankollu, il-KESE huwa mħasseb li l-metodoloġiji komuni u l-fornituri nazzjonali tat-taħriġ mhumieq se jkunu biżżejjed f'dan ir-rigward, u li, għalkemm attwalment hemm ħafna riżorsi, Prattiki tajbin u gwidi fil-livell tal-UE, l-Istati Membri ma jimpjenjawx ruħhom bis-sħiħ li jużawhom.

(²) <https://rm.coe.int/charte-ethique-fr-pour-publication-4-decembre-2018/16808f699b>

4.12. Ir-rwol u r-riżultati uniċi tan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju huma esperjenza kontinwa li minnha nistgħu nitgħallmu, u nilqgħu l-enfasi fuq ir-rwol li għandu jkollhom l-atturi fil-livell tal-UE fil-promozzjoni u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ transfruntiera, filwaqt li jiżiedu l-effetti tat-taħriġ.

4.13. Ir-rwol tat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew fil-promozzjoni ta' kultura komuni tal-istat tad-dritt huwa preżenti wkoll fl-enfasi fuq il-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja lil hinn mill-UE jew l-enfasi speċjali fuq l-iżgurar li professjonisti ġodda fil-qasam tal-ġustizzja jingħataw bażi fis-sistema legali u l-kultura legali tal-UE matul it-taħriġ inizjali tagħhom.

4.14. L-isforzi tal-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni ta' professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja minn pajjiżi mhux tal-UE — b'mod partikolari r-reġjun tal-Balkani tal-Punent — fit-taħriġ dwar l-acquis tal-istat tad-dritt jew dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera, hija wkoll milqugħa. Il-KESE enfasizza b'mod kostanti⁽³⁾ l-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-istat tad-dritt u l-ġustizzja indipendenti għall-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali għas-sħubija fl-UE.

4.15. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti l-isfidi ta' wara l-Brexit li jistgħu jinqalgħu għall-professjonisti fis-sistema ġudizzjarja. Dan huwa ta' importanza partikolari fil-kuntest tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit li ġie konkluż, iżda wkoll għall-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u biex jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati.

4.16. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, bil-għan li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet proposti, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti, lil hinn mill-partijiet ikkonċernati mill-ġudikatura, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-assoċjazzjonijiet professjonali tal-prattikanti tal-ġustizzja u dawk li jfittxu l-ġustizzja minn oqsma partikolari (ambjent, akkwist pubbliku, kura tas-saħħa, protezzjoni tal-konsumatur, drittijiet tal-ħaddiema u relazzjonijiet industrijali, eċċ.). L-involvement qawwi tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali jista' jagħti kontribut addizzjonali għat-tisħiħ tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Christa SCHWENG

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni — Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent* (ĠU C 220, 9.6.2021, p. 88); Opinjoni tal-KESE dwar *L-Istrateġija tal-UE dwar it-Tkabbir* (ĠU C 133, 14.4.2016 p. 31).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta’ ċertifikati interoperabbli dwar il-vaċċinazzjoni, l-ittestjar u l-irkupru għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (Ċertifikat Diġitali Aħdar)”

(COM(2021) 130 final — 2021/0068 (COD))

(2021/C 286/25)

Relatur: **George VERNICOS**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 21.4.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	251/0/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-pandemija tal-COVID-19 gābet magħha xokk eċċezzjonali għall-ekonomiji, is-soċjetajiet u l-ħajja tagħna u s-settur tat-turiżmu ntlaqat b'mod bla preċedent. Il-kriżi attwali żvelat l-importanza tat-turiżmu għall-Ewropa, mhux biss mil-lat ekonomiku, iżda wkoll f'termini tal-għajxien flimkien u l-ħolqien ta' destin komuni.

1.2. Il-KESE jsostni li ċ-“Ċertifikat Aħdar Diġitali” għandu jimminimizza l-kumplessità għall-passiġġieri li qed jivvjaġġaw u jiffaċilita l-moviment tagħhom waqt il-pandemija tal-COVID-19.

1.3. Il-KESE jemmen li huwa neċessarju li jiġi ċċarat li l-pussess ta' “Ċertifikat Aħdar Diġitali” mhuwiex prekondizzjoni għall-eżerċizzju tal-moviment liberu u li r-Regolament propost ma jistabbilixxi obbligu jew dritt għall-vaċċinazzjoni. Madankollu, jirrakkomanda li, b'mod speċjali, il-gruppi soċjalment emarġinati u żvantaġġati jrid ikollhom aċċess għal informazzjoni rilevanti u l-impatt ta' Ċertifikat Aħdar fuq dawn il-gruppi jrid jiġi vvalutat u mmonitorjat b'mod xieraq.

1.4. Il-KESE jissottolinja li l-pussess ta' Ċertifikat Aħdar m'għandux jeżenta lill-vjaġġaturi milli jikkonformaw ma' miżuri oħra ta' tnaqqis tar-riskju, iżda għandu jitqies bħala strateġija ta' tranżizzjoni għall-pajjiżi li jitolbu mekkaniżmu permanenti għal rivalutazzjoni kostanti wara l-adozzjoni tiegħu.

1.5. Il-KESE jindika li l-pajjiżi Ewropej kollha għandhom jaħdmu flimkien sabiex jiksbu kundizzjonijiet ta' qafas uniformi (jiġifieri kontenut, format, prinċipji u standards tekniċi ta' ċertifikat) mill-aktar fis possibbli għaliex ma naffordjaw li nitilfu sajjf ieħor ta' turiżmu.

1.6. Il-KESE jindika li l-protokolli tal-ivvjaġġar iridu jkunu ċari u applikabbli għall-ivvjaġġar internazzjonali bl-ajru, bit-triq u bil-baħar.

1.7. Il-KESE jisħaq li, peress li d-data personali tinkludi data medika sensittiva, huwa kruċjali li l-Istati Membri kollha jkollhom sistemi interoperabbli b'dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-data li jkunu daqstant b'saħħithom. Iċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali ma jridx jirrikjedi l-istabbiliment u ż-żamma ta' bażi tad-data ċentrali fil-livell tal-UE. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li ċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali jiġi organizzat b'mod li l-informazzjoni dwar liema kategorija hija ssodisfata għall-ivvjaġġar tkun viżibbli biss għall-vjaġġatur.

1.8. Il-KESE jixtieq jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-fatt li ċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali se jservi wkoll biex jiffaċilita l-ivvjaġġar għal skopijiet ta' negozju. Dan ma jridx iwassal għal diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol jew għal użu ħażin billi jiġu impjegati persuni mlaqqma minn pajjiżi terzi f'impjiegi fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol huma ħżiena.

1.9. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li ċ-Ċertifikat, kif ukoll l-aġġornament tiegħu, jibqa' mingħajr hłas.

1.10. Il-KESE jissottolinja l-ħtieġa li titħaffef il-vaċċinazzjoni, billi tingħata spinta lill-produzzjoni tal-vaċċini u jiġu żgurati aktar trasparenza u prevedibbiltà sabiex jiġi garantit għadd adegwat ta' vaċċini madwar l-UE permezz ta' approċċ koordinat u unifikat. Fl-istess ħin, il-pajjiżi għandhom ikomplu jinvestu f'kampanji edukattivi dwar il-benefiċċji tal-vaċċinazzjoni biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni.

1.11. Fil-fehma tal-KESE, hemm il-ħtieġa li jiżiedu l-awtotestijiet u t-test tad-demm fuq l-antikorpi tal-COVID-19 bħala aktar metodi biex jinkiseb iċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali.

1.12. Il-KESE jsostni li, sabiex jiġu evitati restrizzjonijiet mhux uguali fuq il-libertà tal-moviment għal dawk li ma ġewx imlaqqma, il-gvernijiet Ewropej għandhom jiżguraw aċċess faċli u bla hłas għall-ittestjar għaċ-ċittadini kollha.

1.13. Il-KESE jemmen li ċ-Ċertifikat irid jiġi rikonoxxut f'kull Stat Membru tal-UE, sabiex titwitta t-triq għall-istabbiliment ta' libertà sħiħa tal-moviment fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19.

2. Sfond

2.1. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat tajjeb, prevedibbli u trasparenti għall-adozzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-moviment b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsill, fit-13 ta' Ottubru 2020, adotta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 ⁽¹⁾.

Madankollu, fir-realtà, din ir-Rakkomandazzjoni bilkemm ġiet infurzata, filwaqt li ġew applikati restrizzjonijiet differenti tal-Istati Membri individwali.

2.2. Aktar importanti minn hekk, fid-dikjarazzjoni adottata wara l-vidjokonferenzi informali tal-25-26 ta' Frar 2021, il-membri tal-Kunsill Ewropew talbu li jkun hemm aktar ħidma lejn approċċ komuni għal ċertifikati tal-vaċċinazzjoni. Il-Kummissjoni ħadmet mal-Istati Membri fin-Network tal-e-Saħħa — network volontarju tal-awtoritajiet nazzjonali tal-e-Saħħa — biex tħejji l-interoperabbiltà ta' dawn iċ-ċertifikati. In-Network tal-e-Saħħa qabel ukoll dwar settijiet ta' data armonizzati komuni għal ċertifikati ta' vaċċinazzjoni, testijiet u rkupru tal-COVID-19 u qabel dwar profil ta' qafas ta' fiduċja fit-12 ta' Marzu 2021.

2.3. Abbażi tal-ħidma teknika li saret s'issa, il-Kummissjoni, fis-17 ta' Marzu 2021, ressqet proposta għal Regolament dwar Ċertifikat Aħdar Diġitali, li huwa qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati tas-saħħa interoperabbli dwar il-vaċċinazzjoni, l-ittestjar u l-irkupru, għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu fl-UE (2021/0068 (COD)) u proposta ta' akkumpanjament dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu legalment jew li jirrisjedu legalment fl-UE (2021/0071 (COD)).

Iċ-ċertifikat Ewropew ippjanat jipprovdi, filwaqt li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, inklużi l-privatezza u n-nondiskriminazzjoni:

— prova li persuna ġiet imlaqqma kontra l-COVID-19, u/jew

— ir-riżultati tat-testijiet reċenti għall-infezzjoni tas-SARS-CoV-2, u/jew

— informazzjoni dwar l-irkupru ta' persuna, minn infezzjoni tas-SARS-CoV-2.

⁽¹⁾ ĠU L 337, 14.10.2020, p. 3.

2.4. Ikun disponibbli għaċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom, għaċ-ċittadini mhux tal-UE li jirrisjedu fl-UE, u għall-viżitaturi li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra. Ikun validu fl-Istati Membri kollha tal-UE u fl-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja permezz ta' inkorporazzjoni fil-ftehim ŻEE. L-Iżvizzera tista' tiddeċiedi li tintroduċi ukoll.

2.5. L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE (sptarijiet, ċentri tal-ittestjar, jew awtoritajiet tas-saħħa) ikunu responsabbli għall-ħruġ tiegħu. Iċ-ċertifikat jinkludi l-isem tal-individwu, id-data tat-twelid, id-data tal-ħruġ, l-informazzjoni dwar l-istatus tal-vaċċin, it-test jew l-irkupru, u identifikatur uniku. Jiġi prodott kodiċi QR biex jiġi awtentikat iċ-ċertifikat, tiġi żgurata s-sigurtà tad-data, u jkun hemm protezzjoni kontra l-falsifikazzjoni.

2.6. Il-proposta ma tobbligax lill-Istati Membri jirrinunzjaw ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu (sa fejn dawn huma meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika) għal vjaġġaturi b'Ċertifikat Aħdar, iżda tipprovdihom b'dokumenti affidabbli, awtentiċi u armonizzati meta jagħmlu dan. Għalhekk huwa ovvju li se jibqa' marġni ta' diskrezzjoni, għalkemm il-qafas propost jirrakkomanda li r-restrizzjonijiet ikunu limitati għal dak li huwa assolutament meħtieġ u fiha preżunzjoni li se jitneħħew ir-restrizzjonijiet għad-detenturi taċ-ċertifikati billi jkun meħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni jekk ikomplu jimponuhom.

2.7. Is-sistema proposta tħalli lok għal aġġornamenti abbażi ta' evidenza xjentifika ġdida dwar l-effikaċja tal-vaċċini fit-twaqqif tat-trażmissjoni tas-SARS-CoV2 u t-tul ta' żmien tal-immunità protettiva minn infezzjoni preċedenti. Bħalissa l-qafas jistabbilixxi l-perjodu massimu ta' validità taċ-ċertifikat ta' rkupru minn infezzjoni preċedenti tal-COVID-19 ta' 180 jum. Skont il-Proposta, iċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali jiġi sospiż ladarba l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tiddikjara t-tmien tal-emerġenza internazzjonali tas-saħħa COVID-19, iżda jista' jerġa' jiġi attiv għal pandemiji futuri.

3. Kummenti ġenerali dwar il-kriżi attwali tas-settur tat-turiżmu

3.1. Is-settur tat-turiżmu, settur ferm dinamiku u interkonness, jikkostitwixxi wieħed mill-muturi ekonomiċi tal-Ewropa li jirrappreżenta 50 % ⁽²⁾ tat-turiżmu globali. F'pajjiżi fil-livelli kollha ta' żvilupp, ħafna miljuni ta' impjegi u negozji jiddependu minn settur turistiku b'saħħtu u li jirnexxi. Is-settur tat-turiżmu, b'mod dirett u indirett, jikkontribwixxi kważi 10 % għall-PDG tal-UE.

3.2. Il-pandemija tal-COVID-19 ġabet magħha xokk eċċezzjonali għall-ekonomiji, is-soċjetajiet u haġja tagħna. Biex jillimitaw it-tixrid tal-virus bejn il-fruntieri nazzjonali, il-pajjiżi kienu qed jużaw taħlita ta' miżuri, li wħud minnhom kellhom impatt negattiv fuq l-ivvjaġġar lejn l-Istati Membri u fi hdnhom.

It-turiżmu ntaqat b'mod bla preċedent, u l-2020 kienet l-aħgar sena rreġistrata għat-turiżmu. L-Ewropa rat tnaqqis ta' 69 % fil-waslet minn barra l-pajjiż fl-2020 u tnaqqis ta' 85 % f'Janar 2021 ⁽³⁾.

3.3. Is-sitwazzjoni hija partikolarment diffiċli fil-pajjiżi tal-UE li huma destinazzjonijiet turistiċi ewlenin, b'mod partikolari l-Italja, il-Greċja, il-Portugall, Malta, Ċipru, Spanja u Franza. L-industrija tat-turiżmu tal-UE, li timpjega madwar 13-il miljun ruħ ⁽⁴⁾, hija stmata li qed tiflew madwar EUR 1 biljun fi dħul fix-xahar bħala riżultat tat-tifqigħa tal-COVID-19.

3.4. Il-fatt li aktar minn terz tal-valur miżjud tat-turiżmu ġġenerat fl-ekonomija domestika jiġi minn impatti indiretti, juri l-firxa u l-profondità tar-rabtiet bejn it-turiżmu u setturi oħra ⁽⁵⁾. B'riżultat ta' dan, it-tnaqqis fil-flussi turistiċi qed ikollu impatt qawwi fuq l-ekonomija usa' ⁽⁶⁾.

⁽²⁾ L-akbar volum ta' waslet minn barra l-pajjiż matul il-perjodu 2014-2018 huwa rreġistrat fl-Ewropa, li jirrappreżenta għas-snin kollha aktar minn 50,0 % tal-vjaġġi 'l barra madwar id-dinja. L-ivvjaġġar lejn destinazzjonijiet Ewropej fil-perjodu 2014-2018, żdied b'24,3 %.

⁽³⁾ UNWT Marzu 2021.

⁽⁴⁾ Eurostat.

⁽⁵⁾ L-importanza ta' telf indirett minħabba rabtiet intersettorjali fl-industrija tat-turiżmu hija enfasizzata wkoll mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD), fejn it-telf fil-PDG huwa stmat għal madwar darbtejn sa tliet darbiet ogħla mit-telf immedjat fid-dħul turistiku internazzjonali. Ir-rapport tal-UNCTAD ikkalkula li t-telf dirett u indirett għat-turiżmu dinji kkawżat mill-COVID-19 jista' jammonta għal madwar 4 % tal-PDG dinji, iżda b'impatti differenti bejn il-pajjiżi li jirriflettu l-esponiment tagħhom għall-ivvjaġġar u t-turiżmu.

⁽⁶⁾ Il-bażi tad-data tal-Prospettiva Ekonomika tal-OECD ta' Diċembru 2020 u l-bażi tad-data tal-Kunsill Dinji tal-Ivvjaġġar u t-Turiżmu.

3.5. Fir-rigward tas-settur turistiku, huwa importanti wkoll li jiġi sottomlinjat l-impatt soċjali tiegħu. It-turiżmu jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-komunitajiet rurali, jipprovdi sorsi addizzjonali ta' introjtu u jippermetti b'dan il-mod żvilupp territorjali bbilanċjat tas-soċjetajiet tagħna. It-turiżmu kien ukoll forza mexxejja fil-ħarsien tal-wirt naturali u kulturali, filwaqt li ppreservah għall-ġenerazzjonijiet futuri.

3.6. Jekk inħarsu 'l quddiem, l-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu tistma li jista' jkun hemm irkupru fl-ivvjaġġar internazzjonali fit-tieni nofs tas-sena. Dan huwa bbażat fuq għadd ta' fatturi, b'mod partikolari t-tneħħija ewlenija tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, is-suċċess tal-programmi ta' vaċċinazzjoni u l-introduzzjoni ta' protokollu armonizzati, bħaċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali ppjanat mill-Kummissjoni Ewropea.

4. Kummenti speċifiċi dwar il-proposta għal Regolament dwar iċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali

4.1. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li taħdem mal-Istati Membri fin-*Network* tal-e-Saħħa, fuq it-tħejjija tal-interoperabbiltà taċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni, sabiex tiġi stabbilita soluzzjoni fattibbli b'mod komuni, tiġi eliminata l-kumplexità, jiġi llimitat il-għbir tad-data għaċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni għall-minimu assolut għall-protezzjoni tad-data sensitiva tad-detenturi, u jiġi żviluppat identifikatur uniku. In-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE x'aktarx jirriżulta fl-adozzjoni ta' sistemi differenti, mhux koordinati u kkumplikati mill-Istati Membri.

4.2. Il-KESE jindika li l-introduzzjoni taċ-Ċertifikat Aħdar huwa standard komuni eċċellenti sabiex tiġi ffaċilitata l-burokrazija amministrattiva, madankollu ma jistax jitqies bħala l-*"accelerator"* prinċipali tal-moviment liberu". Il-moviment liberu se jibqa' soġġett għal restrizzjonijiet nazzjonali li huma sempliċement definiti mill-abbiltà u l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa ta' kull Stat. B'riżultat ta' dan, il-miżuri applikabbli għall-vjaġġaturi transfruntiera (pereżempju, il-kwarantina jew l-awtoiżolament, l-ittestjar addizzjonali u ripetittiv, qabel u/jew wara l-wasla minn barra l-pajjiż) jibqgħu disponibbli u fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri, għalkemm il-qafas propost jipprevedi ċerti rakkomandazzjonijiet biex l-Istati jkunu limitati għal restrizzjonijiet assolutament meħtieġa.

4.3. Il-KESE jissottolinja li l-pussess taċ-Ċertifikat Aħdar m'għandux jeżenta lill-vjaġġaturi milli jikkonformaw ma' miżuri oħra ta' tnaqqis tar-riskju, iżda għandu jitqies bħala strateġija ta' tranżizzjoni biex tiġi applikata mill-pajjiżi meta l-kuntest epidemjoloġiku jista' jippermetti li jittaffew ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, filwaqt li xorta jkun meħtieġ l-użu ta' salvagwardji biex l-ivvjaġġar isir aktar sikur. Hemm inċertezza dwar l-effiċjenza tal-vaċċini fit-tnaqqis tat-trażmissjoni jew għal ċerti mutazzjonijiet u l-firxa u t-tul ta' immunità medjata mill-antikorpi kontra l-infezzjoni mill-ġdid bis-SARS-CoV-2. Barra minn hekk, għad hemm mistoqsijiet dwar il-validità tat-testijiet. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li jittieħdu miżuri ta' akkumpanjament biex tiġi protetta s-saħħa tal-vjaġġaturi u tal-ħaddiema, b'mod speċjali f'postijiet magħluqa u ffullati.

4.4. Il-KESE jindika l-ħtieġa ta' azzjonijiet effettivi u urġenti, bħal koordinazzjoni aktar b'saħħitha fir-rigward ta' protokollu tal-ivvjaġġar bejn il-pajjiżi, sabiex jiġi żgurat bidu mill-ġdid sikur tat-turiżmu għaliex ma naffordjawx li nitilfu sajjf ieħor ta' turiżmu. Il-pandemija hija problema globali u teħtieġ soluzzjoni għal approċċ globali u fiduċja — is-soluzzjonijiet tal-pajjiżi individwali mhux se jaħdmu.

4.5. Il-KESE jissottolinja li biex iċ-Ċertifikat Aħdar ikun effettiv, jeħtieġ li jkun kompletament interoperabbli, sikur u verifikabbli. Għal din ir-raġuni, il-pajjiżi Ewropej kollha għandhom jaħdmu flimkien biex jiksibu kundizzjonijiet ta' qafas uniformi (jiġifieri, kontenut, format, prinċipji u standards tekniċi taċ-ċertifikat) mill-aktar fis possibbli. Dan jinkludi standards komuni dwar kemm (u liema) testijiet u vaċċini huma validi u n-nies jiċċertifikaw bħala *"irkuprati"*.

Il-KESE jindika li l-protokollu tal-ivvjaġġar iridu jkunu ċari u applikabbli għall-ivvjaġġar internazzjonali bl-ajru, bit-triq u bil-baħar. Għandu jiġi nnutat li l-applikazzjoni taċ-Ċertifikat Aħdar hija responsabbiltà konġunta tal-awtoritajiet tal-fruntieri u t-trasportaturi.

4.6. Skont il-KESE, iċ-Ċertifikat Aħdar huwa mfassal biex ikun sempliċi kemm jista' jkun, implimentat bħala pakkett, jiddependi mill-fiduċja fost il-pajjiżi involuti u se jeħtieġ ukoll mekkaniżmu permanenti għal rivalutazzjoni kostanti wara l-adozzjoni tiegħu.

4.7. Il-KESE jsostni li l-prinċipji li ġejjin iridu jkunu l-bażi tas-sistema: a) iċ-ċertifikat aħdar għandu jkollu l-għan li jnaqqas l-impatt tar-riskju għal livell residwu li huwa meqjus aċċettabbli mill-awtoritajiet nazzjonali u f'konformità mad-WHO, b) ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar internazzjonali għandhom ikunu proporzjonati mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fil-pajjiż tal-orijini u d-destinazzjoni, c) il-kwarantina tista' tkompli tkun strument disponibbli għall-awtoritajiet meta jkun xieraq, d) il-pajjiżi li jipparteċipaw fis-sistema jaċċettaw testijiet li ġew approvati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiżi parteċipanti oħra, e) il-komplessità tal-proċessi u l-ammont ta' informazzjoni miġbura u trasferita bejn il-fruntieri għandha tkun minimizzata, f) is-sistema għandha tkun interoperabbli u bbażata fuq nomenklatura u format komuni għat-trasferimenti ta' informazzjoni, g) is-sistema għandha tikkonforma mal-prinċipji ta' "privatezza mid-disinn", li fihom il-kontenut, il-modalità ta' għir, l-iskop għall-għir, u t-tul tal-ħażna għad-data kollha jew għal kwalunkwe data li tkun qed tinġabar ikunu ċari għas-suġġett tad-data mill-bidu.

4.8. Il-kampanja tal-vaċċinazzjoni u r-regoli dwar il-vaċċini u ċ-ċertifikazzjonijiet jibqgħu fil-kompetenza u r-responsabbiltà esklużiva tal-gvernijiet nazzjonali. L-ebda Stat Membru ma għażel li jagħmel il-vaċċinazzjoni obbligatorja (ħlief f'każijiet speċjali bħall-Italja fil-persunal tal-infermiera) u jidher improbabbli ħafna li se jagħmlu dan fix-xhur li ġejjin.

Madankollu, aċċess universali u ekwu għal vaċċin tal-COVID-19 sikur u effettiv huwa essenzjali biex jiġu salvati l-ħajjiet, biex tiġi salvagwardjata s-sistema tas-saħħa pubblika u biex ikunu jistgħu jerġgħu jinbnew l-ekonomiji. Il-KESE jissottolinja l-ħtieġa li tithaffet il-vaċċinazzjoni, billi tingħata spinta lill-produzzjoni tal-vaċċini u jiġu żgurati aktar trasparenza u prevedibbiltà sabiex jiġi garantit għadd adegwat ta' vaċċini madwar l-UE permezz ta' approċċ koordinat u unifikat. Din hija wkoll prekundizzjoni importanti għall-funzjonament taċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali u għat-trattament ugwali taċ-ċittadini.

4.9. Il-gvernijiet Ewropej għandhom jużaw fondi ta' rkupru mill-pandemija għal programmi ta' vaċċinazzjoni mmirati lejn partijiet mill-popolazzjoni li altrimenti jkunu aktar diffiċli li jintlaħqu, bħal dawk li jgħixu f'żoni rurali jew inqas sinjuri l'boġħod mill-isptarjiet u l-kliniċi. Barra minn hekk, kwalunkwe diskriminazzjoni li tikkonċerna l-minoranzi etniċi għandha tiġi evitata.

L-UE għandha wkoll tkompli tinvesti f'kampanji edukattivi dwar il-benefiċċji tal-vaċċin. Dan jgħin fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni li twassal biex in-nies ma jkunux iridu jieħdu l-vaċċin.

4.10. Il-KESE jsostni li, sabiex jiġi evitati restrizzjonijiet mhux ugwali fuq il-libertà tal-moviment għal dawk li ma ġewx imlaqqma, il-gvernijiet Ewropej għandhom jiżguraw aċċess faċli u bla ħlas għall-ittestjar (u ksib rapidu tar-riżultati tat-testijiet) għaċ-ċittadini kollha, b'mod speċjali meta jiġi kkunsidrat distakk possibbli bejn iż-żoni rurali u urbani.

4.11. Il-KESE jemmen li huwa neċessarju li jiġi ċċarat li l-pussess ta' "ċertifikat aħdar diġitali" mhuwiex prekundizzjoni għall-eżerċizzju tal-moviment liberu u li r-Regolament propost ma jistabbilixxi obbligu jew dritt għall-vaċċinazzjoni. Il-KESE jindika li kull tip ta' ċertifikazzjoni tal-immunità tqajjem mistoqsijiet etiċi dwar ir-rispett, id-drittijiet u l-interessi individwali, ir-responsabbiltà tas-saħħa pubblika u l-ġustizzja soċjali. Dan l-impatt, b'mod speċjali fuq il-gruppi soċjalment emarġinati u żvantaġġati, irid jiġi vvalutat u mmonitorjat b'mod xieraq.

4.12. Il-KESE jindika li ċ-ċertifikat aħdar diġitali jappoġġja l-irkupru tant meħtieġ tas-settur tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu. Huwa wkoll ċertifikat importanti ħafna għall-ivvjaġġar għal skopijiet ta' negozju u għal kwalunkwe laqgħa soċjali oħra li tagħti spinta lill-ekonomija u lill-avvenimenti kulturali u soċjali oħra u se jkollu effett pożittiv fuq is-saħħa (mentali jew fiżika) tan-nies b'mod ġenerali. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jiżguraw li ċ-ċertifikat, kif ukoll l-aġġornament tiegħu, jibqa' mingħajr ħlas, kif indikat fl-Artikolu 3(3). Iċ-ċertifikat għandu jkollu kodiċi QR biex jgħin ħalli jiżgura s-sigurtà u l-awtentikità u fil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru emittenti kif ukoll bl-Ingliż. Iċ-ċertifikat irid jiġi rikonoxxut f'kull Stat Membru tal-UE, sabiex titwitta t-triq għall-istabbiliment ta' libertà sħiħa ta' moviment fl-UE waqt il-pandemija tal-COVID-19.

4.13. Il-KESE jrid jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali mhuwiex se jintuża biss għat-turiżmu. Se jservi wkoll biex jiffaċilita l-ivvjaġġar għal skopijiet ta' negozju fl-Ewropa, iżda jista' jkun ta' żvantaġġ għall-ħaddiema individwali. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu prekawzzjonijiet biex dan ma jwassalx għal diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u ma jaffettwax l-impjegabbiltà. Barra minn hekk, il-KESE jwissi kontra l-użu ħażin tar-regolament biex jiġi ffaċilitat id-dħul ta' persuni mlaqqma minn pajjiżi terzi biex jaħdmu f'impjiegi fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol huma ħżiena.

4.14. Il-KESE jżid li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu infrastruttura ta' qafas ta' fiduċja diġitali li tippermetti l-ħruġ u l-verifika sikuri taċ-ċertifikati u tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni teknika filwaqt li tiżgura, kemm jista' jkun, l-interoperabbiltà mas-sistemi teknoloġiċi stabbiliti fuq livell internazzjonali.

4.15. Il-KESE jisħaq li, ladarba d-data personali tinkludi data medika sensittiva, irid jiġi żgurat livell għoli ħafna ta' protezzjoni tad-data filwaqt li jiġu ppreservati l-prinċipji dwar il-minimizzazzjoni tad-data.

B'mod partikolari, il-qafas taċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali" ma jridx jirrikjedi l-istabbiliment u ż-żamma ta' bażi tad-data fil-livell tal-UE, iżda għandu jippermetti l-verifika deċentralizzata ta' ċertifikati interoperabbli ffirmati diġitalment. Il-gvernijiet iridu jiżguraw ukoll li d-data personali tinżamm sikura u ma tiġix kondiviża jew użata ħażin għal skopijiet oħra. Minbarra dan, id-data rispettiva trid tiġi pproċessata biss għall-finijiet taċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali u l-awtoritajiet kompetenti jridu jiżguraw li d-data titħassar wara. Jekk iċ-Ċertifikat Aħdar ikun meħtieġ għall-ivvjaġġar minn pajjiż għal ieħor, ikun imbagħad kruċjali li l-Istati Membri kollha jkollhom sistemi interoperabbli b'dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-data daqstant b'saħħithom u li jipprevedu l-obbligu li l-kontrolluri tad-data jikkonsultaw lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tagħhom tal-protezzjoni tad-data qabel ma jipproċessaw kwalunkwe data. Il-KESE jirrakkomanda li l-esperti tal-protezzjoni tad-data jiġu involuti fil-livell Ewropew u nazzjonali, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa.

4.16. Il-KESE jwissi wkoll dwar l-iżvelar miċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali ta' data medika personali sensittiva dwar l-istatus tal-vjaġġaturi fir-rigward tal-vaċċinazzjoni, l-antikorpi jew l-ittestjar. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li iċ-Ċertifikat Diġitali Aħdar jiġi organizzat b'mod li din l-informazzjoni tkun viżibbli biss għall-vjaġġatur u kwalunkwe persuna terza tara biss li l-vjaġġatur jissodisfa kundizzjoni.

4.17. Fil-fehma tal-KESE, hemm il-ħtieġa li jiżdiedu l-awtotestijiet u t-test tad-demmi fuq l-antikorpi tal-COVID-19 bħala aktar metodi biex jinkiseb iċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali. Il-prattika wriet li t-test tad-demmi fuq l-antikorpi tal-COVID-19 huwa rilevanti daqs iċ-ċertifikat ta' rkupru mill-COVID-19.

4.18. Skont il-KESE, irid jiġi ċċarat x'se jiġri fil-każ tal-vaċċini li bħalissa qed jiġu analizzati kontinwament mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA). Din hija kwistjoni partikolari għall-pajjiżi tal-UE li kienu qed jużaw dawn il-vaċċini.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Christa SCHWENG

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima”

(COM(2020) 741 final)

(2021/C 286/26)

Relatur: **Marcin Wiesław NOWACKI**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 24.2.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjeta' tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	14.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	239/1/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' din l-Istrateġija, li għandha l-għan li tisfrutta l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima.

1.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti biex jiġu inklużi l-oġettivi tal-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli tal-baħar meta jitfasslu pjani nazzjonali u reġjonali għall-ġestjoni tal-ispazju marittimu.

1.3. Il-KESE jqis li l-Istrateġija għandha tinkludi kalkoli tal-kontribut tal-enerġija mir-riħ sabiex l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jitnaqqsu għal żero netti fl-2050.

1.4. Il-KESE jilqa' l-fehma li suq tal-enerġija regolat tajjeb għandu jipprovdi sinjali ta' investiment adatti. Fil-fehma tal-Kumitat, ambjent regolatorju prevedibbli u stabbli għandu rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta.

1.5. Minħabba ċerti karatteristiċi, bħall-profondità u l-prossimità ma' pajjiżi oħra, il-KESE jinnota li l-installazzjoni ta' proġetti ibridi hija possibbli biss fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Baħar Baltiku. Barra minn hekk, fid-dawl tar-ritmu mistenni tal-iżvilupp, il-KESE jemmen li l-ewwel nett, l-azzjoni tal-UE u nazzjonali għandha tiffoka fuq l-isfruttar tal-potenzjal tal-aktar proġetti avanzati li huma ppjanati li jkunu konnessi mas-sistema nazzjonali tal-elettriku f'forma radjali.

1.6. Il-KESE huwa diżappuntat bil-mod perfunzjonali li bih l-Istrateġija tindirizza l-kwistjoni tar-riċiklaġġ tat-turbini eoliċi użati u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni xierqa lill-kwistjoni tal-ispejjeż tad-dekummissjonar. Il-KESE jixtieq jenfasizza l-fatt li l-enerġija nadifa ttejjeb mhux biss il-kwalità tal-arja fl-ambjent lokali, iżda l-ambjent u l-klima b'mod ġenerali.

1.7. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-identifikazzjoni tal-potenzjal għall-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Baltiku, il-Baħar Mediterran, il-Baħar l-Iswed, l-Oċean Atlantiku tal-UE u l-gżejjer tal-UE. Huwa mifhum li tingħata prijorità lill-ħolqien ta' proġetti ġodda fil-baċir tal-Baħar tat-Tramuntana minħabba l-oportunitajiet offruti mill-infrastruttura eżistenti hemmhekk. Madankollu, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija kif ukoll il-koeżjoni soċjali u ekonomika fl-UE, il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa għal investiment proporzjonat fil-parks eoliċi lil hinn mill-kosta fil-baċiri kollha tal-UE.

1.8. Il-KESE jappoġġja l-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament TEN-E biex jiġi inkluż il-prinċipju ta' punt uniku ta' servizz għall-proġetti tal-enerġija lil hinn mill-kosta.

1.9. Il-KESE huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' dettalji rigward miżuri speċifiċi u strumenti ta' appoġġ, li jistgħu jixħtu friskju l-finanzjament tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Fil-fehma tal-Kumitat, fil-programmi eżistenti għandu jinħoloq strument uniku ddedikat għall-finanzjament ta' proġetti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. Barra minn hekk, tali approċċ għandu jiġi estiż għal tipi oħra ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, pereżempju l-enerġija mir-riħ fuq l-art u dik fotovoltajka, sabiex jintlaħqu l-aspirazzjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija Ewropea u tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli II, li għalihom jikkontribwixxu faċilitajiet ta' ġenerazzjoni aktar deċentralizzati u reġjonali li jkomplu jżidu l-potenzjal tal-ħolqien tal-valur reġjonali, joħolqu l-impjiegi u jqiegħdu liċ-ċittadini fil-qalba tal-politika tal-enerġija, u jagħmluhom produttori u prosumaturi attivi. F'dan ir-rigward, il-KESE jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni bħalissa qed tittratta "biss" it-teknoloġiji lil hinn mill-kosta u dawk tal-idroġenu, iżda qed tinjora dawn l-approċċi deċentralizzati.

1.10. Il-Kumitat jinnota li kwalunkwe investiment f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta għandu jikkontribwixxi kemm jista' jkun għall-iżvilupp soċjoekonomiku tar-reġjuni fil-viċinanza immedjata tal-investiment billi tiġi promossa l-parteeċipazzjoni fil-proġett — il-*"fattur tal-kontenut lokali"*.

1.11. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Istrateġija għandha tiġi kkomplementata minn pjan għall-iżvilupp ta' ħiliet u sistemi edukattivi fil-qasam tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta.

1.12. Il-KESE jirrikonoxxi li l-UE trid rwol ta' tmexxija fis-settur tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u huwa jappoġġja bi pjaċir l-espansjoni tiegħu, mhux biss fuq il-baħar iżda wkoll fuq l-art. Għalhekk jistenna li l-Kummissjoni tikkomplementa l-istrateġija offshore bi strateġija fuq l-art mill-aktar fis possibbli.

2. Introduzzjoni

2.1. Is-suġġett ta' din l-Opinjoni huwa *Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima*, ippubblikata fit-18 ta' Novembru 2020. Din l-Istrateġija hija parti integrali mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

2.2. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 tippredvi li sal-2030 aktar minn 80 % tal-elettriku għandu jiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u li biex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2050 hemm bżonn ta' enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta ta' kapaċità stmata ta' 300 GW, li jeħtieġ li tiġi kkomplementata b'madwar 40 GW ta' enerġija mill-oċeani. L-Istrateġija diskussa f'din l-Opinjoni turi kif l-UE tista' tikseb dan.

3. Kummenti ġenerali

3.1. L-Istrateġija għandha l-għan li tħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa filwaqt li żżomm l-għanijiet importanti ta' tkabbir ekonomiku u ta' ħolqien tax-xogħol fl-Ewropa. Ir-raġunijiet ewlenin għall-introduzzjoni ta' din l-Istrateġija huma:

— L-implimentazzjoni tal-impenji tal-ewwel ftehim globali dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (Pariġi 2015),

— Ir-restawr tal-kompetittività tal-ekonomija Ewropea billi tiżdied l-effiċjenza tal-enerġija,

— Il-ħolqien ta' impjiegi ġodda billi jiżdied il-volum tal-investiment, li ser jgħin biex jittaffa l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ekonomija Ewropea.

3.2. Skont din l-Istrateġija, il-kapaċità tar-riħ lil hinn mill-kosta ser tiżdied mil-livell attwali ta' 12 GW għal mill-inqas 60 GW sal-2030 u għal 300 GW sal-2050. Barra minn hekk, il-Kummissjoni beħsiebha żżid 40 GW ta' enerġija mill-oċeani u teknoloġiji emerġenti oħra bħat-teknoloġiji eoliċi galleġġanti u l-installazzjonijiet fotovoltajċi galleġġanti sal-2050.

3.3. Biex jinkisbu dawn l-għanijiet hemm bżonn ta' investimenti b'valur stmat ta' EUR 800 biljun. Huwa meħtieġ ukoll involviment akbar tal-UE u tal-gvernijiet tal-Istati Membri, peress li taħt il-politiki attwali, il-kapaċità ta' installazzjoni attwali u pproġettata twassal biss għal madwar 90 GW fl-2050.

3.4. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-preżentazzjoni ta' din l-Istrateġija, li tinkludi proposti regolatorji u miżuri li jagħmluha possibbli li ssir enfasi fuq l-iżvilupp, it-tisħiħ u l-approfondiment tal-kooperazzjoni dwar l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta.

3.5. Il-Kumitat jinnota li d-data u l-informazzjoni msemmija hawn fuq juru l-iskala tal-isfidi li jiffaċċjaw l-investituri, l-industrija tal-UE u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni. L-Istrateġija tippreżenta prospettivi ottimisti bħalma huma l-opportunitajiet biex tingħata spinta lill-investiment privat jew biex jinħolqu impjiegi ġodda. Madankollu, il-Kumitat jinnota li l-istrateġija tuża biss informazzjoni vaga dwar il-previżjonijiet għall-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta fil-kuntest tal-ħolqien tal-impjiegi. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi nnotat li ser jinħolqu impjiegi addizzjonali mhux biss fis-settur tal-enerġija iżda wkoll f'attivitajiet fuq l-art bħall-iżvilupp tal-portijiet u t-tbaħħir. Bl-istess mod, l-Istrateġija tindirizza l-impatt tal-iżvilupp tal-industrija fuq il-PDG tal-UE.

3.6. Il-KESE jinnota li l-Istrateġija hija bbażata fuq ambjent interkonness, li fih l-industrija tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta trid teżisti flimkien ma' għadd ta' "attivitajiet oħra fuq il-baħar" (turiżmu, sajd, akkwakultura, eċċ.), proġetti ibridi jinteraġixxu ma' interkonnetturi transkonfinali, l-iżvilupp huwa xprunat minn miri stabbiliti f'diversi pajjiżi, u pajjiżi mingħajr kosta jistgħu jiffinanzjaw proġetti lil hinn mill-kosta. Peress li l-proġetti lil hinn mill-kosta huma kofinanzjati mill-UE, il-KESE jirrakkomanda li tiġi żgurata t-trasparenza dwar il-kwistjoni tal-kondiviżjoni tal-piżijiet u tal-benefiċċji.

3.7. Il-KESE jinsab diżappuntat li l-Istrateġija ma tinkludix kalkoli tal-kontribut tal-enerġija mir-riħ sabiex l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jitnaqqsu għal zero netti fl-2050. L-iffukar biss fuq il-kapaċità installata jfisser li dan il-fattur ewlieni għall-kisba tal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku huwa injorat.

4. Prospettivi għal teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta

4.1. L-installazzjonijiet tal-UE lil hinn mill-kosta jiġġeneraw 12 GW, li huwa ekwivalenti għal 42 % tal-kapaċità tad-dinja tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. Il-biċċa l-kbira tal-proġetti huma turbini li jinsabu f'qiegħ il-baħar. Il-Kumitat jemmen li din it-teknoloġija laqgħet ċertu livell ta' maturità, li jidher bi tnaqqis ta' 44 % tal-kostijiet livellati tal-produzzjoni ta' enerġija għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta fuq 10 snin.

4.2. Il-Kumitat għandu dubbi dwar jekk l-Istrateġija għall-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta għandhiex tkun ibbażata fuq teknoloġiji li qed jiżviluppaw bħal proġetti ibridi, u jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi ġġenerata enerġija bi prezz kompetittiv li ser tagħmilha possibbli li l-ekonomija tal-UE tinbena mill-ġdid wara l-kriżi tal-coronavirus.

5. Il-baċiri tal-baħar tal-UE: potenzjal vast u varjat biex jiġu skjerati sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta

5.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-identifikazzjoni tal-potenzjal għall-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Baltiku, il-Baħar Mediterran, il-Baħar l-Iswed, l-Oċean Atlantiku tal-UE u l-gżejjer tal-UE. Id-determinazzjoni tal-potenzjal għall-baċiri tal-baħar fl-Istrateġija ser tippermetti li l-azzjoni regolatorja tiġi pplanjata kif suppost u li jintlaħqu l-għanijiet.

5.2. Huwa mifhum li tingħata prijorità lill-ħolqien ta' proġetti ġodda fil-baċir tal-Baħar tat-Tramuntana minħabba l-opportunitajiet offruti mill-infrastruttura eżistenti hemmhekk. Madankollu, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija kif ukoll il-koeżjoni soċjali u ekonomika fl-UE, il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa għal taħlita ta' enerġija li ma tkunx tiddependi wisq minn sors wieħed ta' enerġija, kif ukoll investiment proporzjonat fil-parks eoliċi lil hinn mill-kosta fil-baċiri kollha tal-UE.

5.3. Fl-istess ħin, il-Kumitat jinnota li l-Istrateġija għall-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta miexja lejn ir-reġjonalizzazzjoni.

6. L-ippjanar spazjali marittimu għall-ġestjoni sostenibbli tal-ispażju u tar-riżorsi

6.1. Sabiex jitħaffef l-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ, jeħtieġ li tiġi żgurata koeżistenza raġjonevoli bejn l-installazzjonijiet lil hinn mill-kosta u użi oħra tal-ispażju tal-baħar filwaqt li tiġi protetta wkoll il-bijodiversità. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti biex jiġu inklużi l-oġġettivi tal-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli tal-baħar meta jitfasslu pjani ta' ġestjoni spazjali marittimi nazzjonali u reġjonali, filwaqt li jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiddikjara b'mod espliċitu li t-3 % tal-ispażju marittimu Ewropew meħtieġ biex tiżdied l-industrija tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta huwa ċifra medja, u li jeħtieġ li jitqiesu fatturi speċifiċi bħan-natura tar-riħ u d-diversi tipi ta' ambjent.

6.2. Il-KESE jaqbel li l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni tal-pjani ta' ġestjoni jindikaw lill-kumpaniji u lill-investituri l-intenzjonijiet tal-gvernijiet fir-rigward tal-iżvilupp futur tas-settur tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, filwaqt li jiffaċilitaw l-ippjanar tas-settur pubbliku u privat.

6.3. L-impatt ambjentali tal-installazzjonijiet bħalissa huwa soġġett għal valutazzjoni bir-reqqa u twila matul il-proċess biex jinkisbu d-deċiżjonijiet amministrattivi kollha meħtieġa. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament TEN-E biex jiġi inkluż il-prinċipju ta' punt uniku ta' servizz għall-proġetti tal-enerġija lil hinn mill-kosta.

7. Approċċ għdid għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u l-infrastruttura tal-grilja

7.1. Il-biċċa l-kbira tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta li qed jitħaddmu bħalissa ġew skjerati bħala proġetti nazzjonali konnessi direttament max-xatt permezz ta' konnessjonijiet radjali. Madankollu, sabiex jitħaffef l-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, jitnaqqsu l-ispejjeż u titnaqqas iż-żona tal-baħar użata, qed jiġi propost li ssir enfasi fuq proġetti ibridi. Sistema bħal din hija stat intermedjarju bejn proġetti tradizzjonali konnessi b'mod radjali mas-sistema nazzjonali tal-elettriku u l-mudell sħiħ tal-grilja mqabbda. L-Istrateġija tippreżenta wkoll is-suppożizzjoni pjuttost ottimista li l-Istati Membri ġirien għandhom jistabbilixxu b'mod konġunt miri estensivi għar-riħ lil hinn mill-kosta.

7.2. Minħabba ċerti karatteristiċi, bħall-profondità u l-prossimità ma' pajjiżi oħra, il-KESE jinnota li l-installazzjoni ta' proġetti ibridi hija possibbli biss fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Baħar Baltiku. Barra minn hekk, fid-dawl tar-ritmu mistenni tal-iżvilupp, il-KESE jemmen li l-ewwel nett, l-azzjoni tal-UE u nazzjonali għandha tiffoka fuq l-isfruttar tal-potenzjal tal-aktar proġetti avanzati li huma ppjanati li jkunu konnessi mas-sistema nazzjonali tal-elettriku f'forma radjali.

8. Qafas regolatorju tal-UE aktar ċar għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta

8.1. Il-KESE jilqa' l-istqarrija li suq tal-enerġija regolat tajjeb għandu jipprovdi sinjali ta' investiment adatti. Fil-fehma tal-Kumitat, ambjent regolatorju prevedibbli u stabbli għandu rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta.

8.2. Iż-żieda mistennija fl-importanza ta' proġetti transfruntiera tal-enerġija tfisser li hemm bżonn li jiġu ċċarati r-regoli tas-suq tal-elettriku, liema kjarifika ġiet ipprovduta fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din l-Istrateġija.

8.3. Il-qafas legali attwali ma jipprevedix teknoloġiji innovattivi bħall-gżejjer tal-enerġija ibridi jew il-produzzjoni tal-idroġenu lil hinn mill-kosta. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi żona distinta ta' kummerċ fil-baħar bil-possibbiltà li terġa' tiġi alllokata parti mill-introjt tal-konġestjoni lill-produtturi, bħala l-aħjar mudell għar-regolamentazzjoni ta' proġetti ibridi. Il-KESE jappoġġja l-għan li jinholqa żoni tal-offerti lil hinn mill-kosta fuq is-suppożizzjoni li dawn ser jissempifikaw ir-regolamentazzjoni tas-suq tal-enerġija.

8.4. Il-KESE jilqa' l-isforzi li għandhom l-għan li jiżguraw l-istabbiltà min-naħa tal-introjt għall-investituri. Il-Kumitat jappella għal flessibbiltà fil-possibbiltà li jiġi promoss l-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta fl-Istati Membri fejn din it-teknoloġija tinsab fi stadju bikri tal-iżvilupp, inkluż billi jingħata appoġġ dirett mingħajr il-ħtieġa ta' proċedura kompetittiva, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva RED.

9. Il-mobilizzazzjoni tal-investiment tas-settur privat fl-enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta: ir-rwol tal-fondi tal-UE

9.1. Il-ħtiġijiet ta' investiment biex tiġi implimentata l-Istrateġija huma stmati għal kważi EUR 800 biljun, li minnhom madwar żewġ terzi jkunu l-finanzjament tal-infrastruttura tal-grilja assoċjata u terz għall-ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta. L-investiment fil-grilja tal-enerġija rinnovabbli fuq l-art u lil hinn mill-kosta fl-Ewropa matul l-10 sena qabel l-2020 kien madwar EUR 30 biljun. L-Istrateġija tippredvi żieda għal aktar minn EUR 60 biljun fid-deċennju li ġej u żieda saħansitra akbar wara l-2030. Barra minn hekk, l-Istrateġija tesprimi l-aspettattiva li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-investimenti ser jiġu minn kapital privat. Madankollu, id-dokument juri li l-Kummissjoni, il-Bank Ewropew tal-Investiment u istituzzjonijiet finanzjarji oħra ser jaħdmu flimkien biex jappoġġjaw investimenti strateġiċi fl-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta.

9.2. Il-KESE huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' dettalji rigward miżuri speċifiċi u strumenti ta' appoġġ, li jistgħu jixħtu friskju l-promozzjoni ulterjuri tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Abbażi tal-Istrateġija attwali, firxa ta' tmien fondi differenti tal-UE ser ikunu disponibbli għall-investituri. Il-proporzjonijiet mistennija f'dan il-qasam mhumex indikati, u b'mod partikolari mhuwex magħruf kemm huwa kbir is-sehem tal-fondi tal-UE. Fil-fehma tal-Kumitat, il-ħolqien ta' strument uniku ddedikat għall-finanzjament ta' proġetti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta fi ħdan il-programmi eżistenti huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-proġetti ser jiġu ffinanzjati u żviluppati malajr. Barra minn hekk, tali approċċ għandu jiġi estiż għal tipi oħra ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

9.3. Il-KESE jinnota li kwalunkwe investiment f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta għandu jikkontribwixxi kemm jista' jkun għall-iżvilupp soċjoekonomiku tar-reġjuni fil-viċinanza immedjata tal-investiment billi tiġi promossa l-parteċipazzjoni fil-proġett — il-“fattur tal-kontenut lokali”.

9.4. L-Istrateġija tippredvi l-possibbiltà ta' mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli li jista' joffri modi kif jiġu kondiviżi l-benefiċċji tal-proġetti tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' Stati Membri li ma għandhomx kosta. Fil-fehma tal-Kumitat, is-suppożizzjoni li l-Istati Membri mingħajr kosta jkunu jridu jiffinanzjaw l-enerġija mir-riħ billi jużaw r-riżorsi tagħhom stess bi skambju għal benefiċċji statistiċi hija ottimista wisq.

10. L-iffukar tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu appoġġjati proġetti lil hinn mill-kosta

10.1. Il-KESE huwa diżappuntat ħafna bil-mod perfunzjonali li bih l-Istrateġija tindirizza l-kwistjoni tar-riċiklaġġ tat-turbini eoliċi użati. L-Istrateġija tiddikjara li huwa meħtieġ li l-prinċipju ta' “ċirkolarità mid-disinn” jiġi integrat b'mod aktar sistematiku fir-riċerka u l-innovazzjoni dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Madankollu, ma tippredvi l-ebda dettall dwar l-implimentazzjoni potenzjali ta' dan il-prinċipju. Il-Kumitat jinnota li t-trattament fuq l-art ta' xfarar tar-riħ użati huwa problema li qed tikber f'postijiet bħall-Ġermanja, fejn qed tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li dawn jintradmu taħt l-art. Ta' min jinnota li l-imtieħen tar-riħ lil hinn mill-kosta huma ħafna akbar fid-daqs, li huwa rifless direttament fl-iskala tal-problema.

10.2. Il-KESE jixtieq jenfasizza l-fatt li l-enerġija nadifa ttejjeb mhux biss il-kwalità tal-arja fl-ambjent lokali, iżda l-ambjent u l-klima b'mod ġenerali. Il-KESE jipprotesta kontra l-iżvilupp rapidu tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta mingħajr ma jitqies l-impatt potenzjali tagħha fuq l-ambjent. Huwa jirrakkomanda li l-Kummissjoni tqis kif xieraq l-kwistjoni tal-ispejjeż tad-dekummissjonar: fil-verità, fil-każijiet fejn il-proġetti huma ffinanzjati mill-finanzi tal-UE, dawn l-ispejjeż għandhom diġà jiġu vvalutati minn qabel u tiġi rispettata r-responsabbiltà xierqa.

10.3. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Istrateġija għandha tiġi kkomplementata minn pjan għall-iżvilupp ta' ħiliet u sistemi edukattivi fil-qasam tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, imfassal minn DG EMPL u DG MARE. L-espansjoni tal-ħiliet hija element fundamentali fl-iżvilupp ta' dan is-settur. L-iżvilupp sostenibbli u rapidu ta' dan is-settur jitlob li jiġu implimentati programmi ta' taħriġ għall-Istati Membri fejn din it-teknoloġija għadha fi stadju bikri ta' żvilupp. L-Istrateġija turi li l-istrumenti u l-fondi eżistenti tal-UE jistgħu jintużaw għal dan il-għan. Fil-fehma tal-Kumitat, l-importanza li jiġu żviluppati l-ħiliet fl-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta teħtieġ li jinħolqu strumenti u fondi ddedikati fil-livell tal-UE.

11. Katina tal-provvista u tal-valur aktar b'saħħitha madwar l-Ewropa

11.1. It-tisħiħ tal-katina tal-provvista jeħtieġ investiment totali ta' madwar EUR 0,5–1 biljun. Il-KESE jiddispaċiħ li m'hemmx indikazzjoni ċara ta' kif dawn il-fondi ser jiġu mobilizzati jew li m'hemmx perjodu ta' żmien.

11.2. Il-KESE jilqa' l-pjan biex jissaħħa il-Forum Industrijali dwar l-Enerġija Nadifa u biex jinholq grupp iddedikat dwar l-enerġija rinnovabbli tal-baħar fi ħdanu fl-2021.

11.3. Il-Kumitat għandu tħassib serju dwar il-pjani li l-Kummissjoni u l-ENTSO-E jippromovu l-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà bejn il-konvertituri minn manifatturi differenti sal-2028. Din id-data hija wisq 'il bogħod, speċjalment minħabba li 60 GW għandhom jinbnew f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta sal-2030. Il-Kumitat jixtieq jara data li tippermetti perjodu ta' żmien realistiku biex jiġu żviluppati standards għat-tagħmir.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti — inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur”

(COM(2020) 789 final)

(2021/C 286/27)

Relatur: **Stefan BACK**

Korelatur: **Tanja BUZEK**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 26.3.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjeta' tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	14.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	230/1/7

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-istrateġija l-għdida tat-trasport tagħmel enfasi fuq il-Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, filwaqt li tenfasizza r-rwol essenzjali u l-benefiċċji tat-trasport għan-nies u l-ekonomija tal-UE, iżda tindirizza wkoll l-ispejjeż għas-soċjeta'.

1.2. L-istrateġija tirrikonoxxi s-suq uniku u l-kwistjonijiet soċjali bħala fatturi abilitanti ewlenin għat-tranżizzjoni lejn mobbiltà aktar sostenibbli u intelliġenti, iżda mhijiex qed tilħaq l-għanijiet tagħha kompletament. Fil-fatt, in-nuqqasijiet identifikati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mhumiex indirizzati biżżejjed permezz ta' azzjonijiet jew f'kapitoli speċifiċi tal-istrateġija.

1.3. Il-KESE jappoġġja l-approċċ ġenerali biex l-istrateġija tiġi integrata fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex issir enfasi partikolari fuq l-azzjonijiet bl-għan li jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi. Madankollu, huwa għandu dubju dwar jekk il-bilanċ bejn il-miżuri tekniċi u l-miżuri tal-politika tat-trasport huwiex adatt biex dawn jintlaħqu. Huwa jenfasizza b'mod partikolari li ħafna mill-azzjonijiet proposti fir-rigward tas-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni għandhom effetti li jvarjaw ħafna fuq is-suq uniku u fuq il-ħaddiema tat-trasport. Nuqqas ta' attenzjoni għal dan jista' jkollha impatt fuq kemm tirnexxi l-implimentazzjoni.

1.4. Strateġija ta' mobbiltà ta' suċċess trid timxi wkoll id fid mat-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur tat-trasport kollu kemm hu u tal-bażi industrijali relatata tal-UE.

1.5. Il-pandemija bla preċedent tal-COVID-19 uriet l-importanza essenzjali ta' suq uniku tat-trasport li jiffunzjona tajjeb u ta' ktajjen tal-provvista sostenibbli, kif ukoll ta' trasport pubbliku għall-mobbiltà tal-ħaddiema essenzjali. L-industrija tat-trasport ġiet ukoll esposta għal sfida kbira ta' sopravivenza minħabba l-volumi dejjem jonqsu kkawżati mill-pandemija.

1.6. Il-pandemija enfasizzat b'mod drammatiku s-sitwazzjoni ta' eluf ta' ħaddiema tat-trasport maqbudin madwar l-Ewropa u madwar id-dinja huma u jħabbtu wiċċhom ma' kuntratti tax-xogħol prekarji. Xeħtet dawl ukoll fuq kriżi soċjali fit-trasport minħabba li matul l-aħħar deċennji, il-politiki tat-trasport b'enfasi fuq is-suq uniku ma rnexxielhomx jipprevjenu d-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-modi kollha tat-trasport. F'dan ir-rigward, il-KESE jara hteġġa urġenti li jiġi applikat l-istess livell ta' ambizzjoni għal sistema ta' trasport sostenibbli mil-lat soċjali. Barra minn hekk, pjan ta' kontinġenza għall-kriżijiet fil-futur qrib għandu jfittex li jipprevjeni effetti negattivi għall-ħaddiema tat-trasport.

1.7. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-istrategġija tenfasizza n-nisa fit-trasport, iżda għal darb'oħra jesprimi dispaċir li ma hemm l-ebda punt ta' azzjoni li jikkorrispondi mal-ambizzjoni.

1.8. Il-KESE jaqbel mal-prioritajiet stabbiliti fir-rigward tal-ħtieġa li titlesta ż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport u li jissaħħa is-suq uniku, anke fid-dawl tal-esperjenza tal-COVID-19, kif ukoll il-ħtieġa li jitħejja pian ta' kontinġenza għall-kriżijiet. Madankollu, huwa jshaq li t-twaqqif ta' tali pian ta' kontinġenza għall-kriżijiet irid ikun ibbażat fuq djalogu serju — mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u flivell soċjali — u jrid isir bi qbil mal-imsieħba soċjali.

1.9. Il-KESE jqis li, meta titqies il-kopertura wiesgħa tas-suġġetti f'din it-taqsimha tal-istrategġija, mhu xejn adatt li l-istadji importanti tal-mobbiltà reżiljenti qed ikunu limitati għall-implimentazzjoni f'waqtha tat-TEN-T u għat-tnaqqis tal-għadd ta' mwiet minħabba t-trasport.

1.10. Il-KESE jappoġġja l-idea li l-modi kollha tat-trasport isiru aktar sostenibbli u li tiġi promossa sistema ta' trasport multimodali sostenibbli, ibbażata fuq il-kooperazzjoni bejn il-modi tat-trasport u fuq karatteristiċi ambjentali ottimizzati u s-sostenibbiltà soċjali ta' kull mod tat-trasport. Huwa jqis li l-emissjonijiet tal-vetturi għandhom jitkejlu tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-vettura u permezz ta' metodu li jkopri "mill-estrazzjoni sal-użu (well-to-wheel)".

1.11. L-istadju importanti 1 li sal-2030 ikun hemm joperaw 30 miljun karożza b'emissjonijiet żero u 80 000 trakk b'emissjonijiet żero jidher li huwa ottimist wisq u mhuwiex analizzat biżżejjed, minħabba li ma hemm l-ebda idea ċara dwar l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar meħtieġa għall-flotta prevista. Il-KESE jwissi kontra li jiġu stabbiliti objettivi ambizzjużi żżejjed li jista' jkollhom effetti negattivi fuq il-kredibbiltà tal-istrategġija.

1.12. Il-KESE jiddubita jekk l-istrategġija l-ġdida hijiex konsistenti ma' approċċ li jqis il-modi differenti bħala riżorsa kkombinata li fiha, fi ħdan sistema ta' trasport multimodali, tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn il-modi abbażi ta' soluzzjonijiet bl-aħjar impronta ambjentali — u soċjali — u bl-ogħla effiċjenza.

1.13. Id-dumping soċjali u l-prattiki inġusti f'settur wieħed joħlqu distorsjonijiet f'setturi oħra. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u n-nuqqas ta' infurzar tal-leġislazzjoni soċjali jwasslu għal distorsjonijiet fis-sinjali tal-prezz u l-għażliet għal servizz tat-trasport. Il-KESE jħoss il-ħtieġa ta' inizjattiva li tinkludi l-kost lavorattiv bħala parti minn politika ta' pprezzar ġust għal servizzi tat-trasport sostenibbli, minbarra l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni kollha. L-ipprezzar ġust tas-suq ħieles għal servizz tat-trasport għandu jinkludi paga li tiggarantixxi l-għajxien, l-istess paga għall-istess xogħol fl-istess post, kura tas-saħħa u kopertura tas-sigurtà soċjali. Għall-ipprezzar tat-trasport pubbliku, jeżisti kumpens għall-obbligu tas-servizz.

1.14. Skont l-istrategġija, it-trasport marittimu u ferrovjarju għandu jkun jista' jikkompeti abbażi ta' termini ugwali mat-trasport bit-triq sal-2030, iżda ma tispjegax kif dan se jinkiseb. Fil-fatt, ma hemmx strategġija aktar komprensiva biex tagħti spinta lit-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u lit-trasport marittimu fuq distanzi qosra.

1.15. L-ghajjnuna mill-Istat hija rilevanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika bħall-fatt li t-trasport isir ekoloġiku u soċjali. Il-KESE jara hteġa urġenti li jiġu rieżaminati l-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna mill-Istat, b'mod partikolari l-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna mill-Istat għat-Trasport Marittimu, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi ġusti fis-settur tal-portijiet u fl-impjieg tal-baħħara Ewropej.

1.16. Barra minn hekk, l-istrategġija ma tanalizzax fil-fond ir-rabta kruċjali bejn is-suq uniku u l-politika tal-kompetizzjoni, u l-KESE jaqbel mat-tħassib dwar l-estensjoni tar-Regolament dwar l-Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Konsorzji (CBER).

1.17. Barra minn hekk, l-istrategġija ma tirriflettix biżżejjed it-tħassib taż-żoni rurali. Il-KESE jappella biex il-Komunikazzjoni li jmiss dwar il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tindirizza l-element kruċjali tal-mobbiltà u tiżgura alternattivi affordabbli li huma adatti għall-iskop tagħhom u disponibbli għal kulħadd.

1.18. Sabiex jiġi evitat il-faqar fit-trasport, l-aċċess għal trasport pubbliku ta' kwalità u affordabbli huwa essenzjali bħala alternattiva sostenibbli għall-modi tat-trasport individwali, u huwa ta' importanza partikolari għaż-żoni rurali. Sabiex tinkiseb mobbiltà urbana sostenibbli, għandha titpoġġja aktar enfasi fuq it-trasport pubbliku bħala l-pedament ta' dik it-tranżizzjoni u bħala sors importanti tal-inklużjoni soċjali u l-impjieg ta' kwalità lokali.

1.19. Il-KESE jqis li t-traffiku fil-bliet huwa adatt għal proġetti pilota ta' mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata li għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt tas-sikurezza kif ukoll fuq djalogu soċjali u mas-soċjetà ċivili. Huwa jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat li jippermetti l-bini tal-kompetenzi fejn meħtieġ.

1.20. Fir-rigward tal-mobbiltà urbana, il-pjattaformi ta' Mobbiltà bħala Servizz (MaaS) għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà pubblika sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' pjani ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMP). Huma biss il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà li huma soċjalment responsabbli b'kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u deċenti li għandu jkollhom aċċess għall-pjattaformi tal-MaaS, filwaqt li titqies ukoll il-leġiżlazzjoni ppjanata dwar il-ħaddiema tal-pjattaformi.

1.21. Il-KESE jilqa' l-oġġettivi tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni stabbiliti fl-istrateġija bħala mezz biex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà, u jitlob li jsir djalogu estensiv dwar l-impatti soċjetali u ambjentali usa'. Huwa jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, inklużi l-aspetti soċjali u ambjentali.

1.22. Il-KESE jinnota bi tħassib li l-kapitolu kollu dwar il-Mobbiltà Intelliġenti ma jindirizzax il-ħaddiema tat-trasport. Il-fattur uman fir-riċerka, id-disinn u l-użu ta' teknoloġiji diġitali u ta' awtomatizzazzjoni huwa essenzjali biex innovazzjonijiet bħal dawn jintużaw b'suċċess, u jrid ikun ibbażat fuq djalogu soċjali inklużiv biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta.

1.23. It-tranżizzjoni diġitali qed isseħħ bħalissa. Il-KESE jesprimi dispjaċir għall-fatt li r-rakkomandazzjonijiet dwar l-impatt tat-tranżizzjoni fuq il-forza tax-xogħol tat-trasport mhux se jinħarġu qabel l-2023. Huwa jitlob li tittieħed azzjoni immedjata, flimkien mal-imsieħba soċjali, u li ssir ħidma li tibni fuq l-aħjar prattiki eżistenti.

1.24. L-investimenti b'suċċess fit-teknoloġiji diġitali jeħtieġu djalogu soċjali parteċipattiv mill-bidu nett li jinkludi diskussjoni dwar l-għan tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni (pereżempju żieda fil-produttività meta mqabbla ma' effiċjenza żejda), l-oġġettiv tal-miżuri korrispondenti għal postijiet tax-xogħol aktar sikuri u tajbin għas-saħħa u l-ħarsien tal-impjegji, u sehem ġust taż-żidiet fil-produttività għall-ħaddiema.

1.25. Il-KESE jilqa' r-rikonoxximent aktar qawwi tal-ħaddiema tat-trasport iżda huma meħtieġa inizjattivi leġiżlattivi konkreti biex jinqered id-dumping soċjali mill-modi kollha tat-trasport. Huwa jħoss ħtieġa urġenti li tiġi stabbilita task force soċjali għat-trasport, li tinkludi d-Direttorati Ġenerali (DG) rilevanti kollha bħal DG MOVE, DG EMPL u DG rilevanti oħra.

1.26. Il-KESE jappoġġja l-mira ta' "mwiet qrib iż-zero" għall-modi kollha tat-trasport sal-2050, iżda l-istrateġija ma tindirizzax it-trasport bit-triq professjonali u b'mod partikolari l-problema tal-għeja tas-sewwieqa bħala "marda kronika" u fattur importanti għall-inċidenti. Fil-kuntest tas-sewwieqa tax-xarabanks u l-kowċis, huwa jiġbed l-attenzjoni għar-rapport li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea (KE) lill-Kunsill u lill-Parlament, u jistenna li l-istituzzjonijiet tal-UE jaġixxu f'konformità mal-oġġettivi politiċi stabbiliti mir-regolamentazzjoni tal-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ.

1.27. Il-KESE jissottolinja l-importanza li jinkiseb appoġġ wiesa' għal tranżizzjoni ekoloġika, soċjali u diġitali mill-partijiet ikkonċernati kollha fis-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali, u huwa lest li jikkontribwixxi għal djalogu mas-soċjetà ċivili sabiex titfassal u tiġi implimentata l-istrateġija. L-istrateġija bir-raġun issostni li bidla lejn mobbiltà sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti trid tkun ġusta, inkella ma għandhiex isseħħ.

2. Kuntest

2.1. L-"Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti — inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur" tenfasizza r-rwol essenzjali u l-benefiċċji tat-trasport għan-nies u l-ekonomija tal-UE, imma tindirizza wkoll l-ispejjeż għas-soċjetà. Fil-Komunikazzjoni, il-KE tipproponi strateġija ġdida biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mit-trasport b'55 % sal-2030 u b'90 % sal-2050, kif miftiehem fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Hija tistabbilixxi wkoll pjan direzzjonali biex tiddiġitalizza u tiżviluppa l-awtomatizzazzjoni u l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) fis-settur tat-trasport.

2.2. Fid-dawl tal-esperjenza tal-COVID-19, l-istrategġja tistabbilixxi r-reżiljenza kontra kriżijiet futuri bħala objettiv ewlieni tal-politika tat-trasport tal-UE, flimkien mal-ikkompletar taż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport, f'konformità mal-White Paper dwar il-politika tat-trasport tal-2011.

2.3. L-istrategġja, li tinkludi 10 oqsma ewlenin (inizjattivi ewlenin) u 14-il stadju importanti konkreti, tgħid ukoll li l-mobbiltà affordabbli trid tkun disponibbli għal kulħadd u li s-settur irid joffri kundizzjonijiet soċjali tajbin, opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u impjegi attraenti. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jrid jiżgura li t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tkun waħda ġusta.

2.4. Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni jistabbilixxi 82 azzjoni li għandhom jittieħdu bejn l-2021 u l-2023. Analiżi ulterjuri hija ppreżentata f'dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament.

3. Kummenti ġenerali: Il-viżjoni tal-istrategġja

3.1. Għaxar snin wara l-aħħar white paper dwar il-politika tat-trasport fl-2011, l-istrategġja globali ġdida tal-KE għandha l-għan li tikseb l-oġettivi fundamentali ta' mobbiltà sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti. Il-white papers preċedenti (1992, 2001 u 2011) kollha ffukaw fuq l-istabbiliment taż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport u l-ikkompletar tas-suq uniku.

3.2. Fl-2001 u l-2011, il-white papers kienu indirizzaw il-problema tad-dipendenza tal-UE mill-fjuwils fossili u l-problema tat-tibdil fil-klima, u l-kontribut dejjem jikber tas-settur tat-trasport tal-UE għall-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, iżda ma rnexxilhomx jiksbu l-għanijiet ewlenin rilevanti għall-klima. Minħabba l-kriżi klimatika, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ biex l-istrategġja l-ġdida tal-UE għall-Mobbiltà tiġi integrata fil-Patt Ekoloġiku Ewropew b'enfasi speċjali fuq azzjonijiet bl-għan li jintlaħqu l-għanijiet klimatiki.

3.3. Sabiex jiġi żgurat li l-ktajjen tal-valur industrijali Ewropej relatati se jkunu s-sinsla ta' trasformazzjoni sostenibbli u diġitali tat-trasport tal-UE, strategġja għal mobbiltà ta' suċċess trid timxi id fid mat-tisħiħ tal-bażi industrijali tal-UE. Jeħtieġ li hija tibni sew fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur tat-trasport kollu kemm hu.

3.4. Il-pandemija bla preċedent tal-COVID-19 uriet l-importanza essenzjali ta' suq uniku tat-trasport li jiffunzjona tajjeb u ta' ktajjen tal-provvista sostenibbli filwaqt li esponiet lill-industrija tat-trasport għal sfida kbira ta' sopravivenza minħabba l-volumi dejjem jonqsu kkawżati mill-pandemija. Hija enfazzzja ukoll b'mod drammatiku s-sitwazzjoni ta' eluf ta' ħaddiema tat-trasport maqbudin madwar l-Ewropa u madwar id-dinja huma u jħabbtu wiċċhom ma' kuntratti tax-xogħol prekarji, sigurtà soċjali u kopertura tas-saħħa insuffiċjenti, u telf ta' impjeg mingħajr protezzjoni soċjali. Qed tixħet dawl fuq kriżi soċjali fit-trasport li tiżvela nuqqasijiet fil-politiki tat-trasport tal-UE tal-passat, u turi l-ħtieġa li jiġi applikat l-istess livell ta' ambizzjoni għal sistema ta' trasport soċjalment sostenibbli. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li ma tintilifx l-opportunità li tiġi fassal Żona Unika Ewropea tat-Trasport verament sostenibbli għall-futur, li issa teħtieġ korrezzjoni fundamentali fil-proċess ta' tlestija. Barra minn hekk, pjan ta' kontinġenza għall-kriżijiet fil-futur għandu jfittex li jipprevjeni effetti negattivi għall-ħaddiema tat-trasport.

3.5. Minkejja l-inizjattivi li ttieħdu sa issa, iż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport, inklużi s-suq uniku u d-dimensjonijiet soċjali u ambjentali, ma ntlaħqitx u teħtieġ azzjoni ulterjuri b'mod urġenti. Il-KESE jesprimi dispaċir dwar il-fatt li l-istrategġja, għalkemm dettaljata ħafna dwar l-oġettivi tal-klima u d-diġitalizzazzjoni u l-mezzi biex dawn jintlaħqu, hija inqas eżawrjenti fir-rigward tas-suq uniku u l-kwistjonijiet soċjali. Din hija tassew ħasra, peress li ħafna mill-azzjonijiet proposti fir-rigward tas-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni għandhom effetti li jvarjaw ħafna fuq is-suq uniku u l-ħaddiema tat-trasport, ħaġa li għalhekk issir kontroreferenza għaliha matul din l-Opinjoni kollha. F'dan ir-rigward, il-KESE jitlob approċċ aktar olistiku u trasversali sabiex jiġi evitat li fl-aħħar mill-aħħar l-istrategġja jkollha rebħa pirrika.

3.6. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-istrategġja tenfasizza n-nisa fit-trasport u "se tapplika kif xieraq l-integrazzjoni tal-ugwaljanza fl-inizjattivi ta' politika tagħha relatati mat-trasport", iżda jesprimi dispaċir għall-fatt li ma hemm l-ebda punt ta' azzjoni li jikkorrispondi għal din l-ambizzjoni. "Skambju ta' Prattiki Tajba" u network ta' Ambaxxaturi għad-Diversità mhumix biżżejjed biex jintegraw approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-politiki tat-trasport tal-UE. Eżempji tajbin ta' punti ta' azzjoni huma parti mill-gwida dwar is-suġġett tal-SUMP "Addressing Gender Equity and Vulnerable Groups in SUMP's" (Nindirizzaw l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Gruppi Vulnerabbli fl-SUMPs).

3.7. Il-maġġoranza tal-azzjonijiet ipplanati taħt it-taqsimiet 1 sa 3 (il-viżjoni, il-mobbiltà sostenibbli u l-mobbiltà intelliġenti) għandhom kamp ta' applikazzjoni limitat li jiffoka fuq kwistjonijiet prinċipalment tekniċi relatati mal-karatteristiċi ambjentali tal-vetturi, il-vapuri u l-inġenji tal-ajru, l-użu ta' infrastruttura għal fjuwils alternattivi, proġetti ta' żvilupp industrijali u diġitali, it-tassazzjoni fuq l-enerġija u l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni bl-għan li jiġi implimentat il-prinċipju ta' min iniġġes/min juża jħallas. L-inizjattivi ewlenin 3 u 4 jitrattaw miżuri ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi biex jippromovu t-trasport sostenibbli tal-passiġġieri u tal-merkanzija.

3.8. Filwaqt li kemm l-azzjonijiet kif ukoll l-istadji importanti proposti jidhru li huma pjuttost konsistenti b'mod reċiproku fir-rigward tal-kwistjonijiet prinċipalment tekniċi trattati fit-taqsimiet 1 sa 3, il-KESE għandu dubju dwar jekk il-bilanċ bejn il-miżuri tekniċi u l-miżuri tal-politika tat-trasport huwiex adegwat biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi.

3.9. Il-KESE jiddubita wkoll l-approċċ, fejn huwa meħtieġ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' kważi 300 paġna sabiex jiġu mifhuma bis-sħiħ l-oġġettivi tal-istrateġija. Dan il-mod li bih tiġi ppreżentata u spjegata strateġija ma jgħinx biex din isir aċċessibbli u faċli biex tikseb appoġġ wiesa'.

3.10. L-istrateġija għustament issostni li "l-assi l-aktar prezzjużi tas-settur huma n-nies tiegħu u t-tranżizzjoni sostenibbli u intelliġenti mhux se tkun possibbli mingħajr l-appoġġ u l-kontribut tal-ħaddiema tat-trasport".

3.11. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għat-tħassib partikolari taż-żoni rurali fl-Ewropa li l-miri stabbiliti għall-mobbiltà sostenibbli jistgħu jintlaħqu imma fl-istess ħin se jikkompromettu b'mod sinifikanti l-istil ta' ħajja. Huwa jappella b'mod proattiv lill-Kummissjoni biex tindirizza l-element kruċjali tal-mobbiltà fil-Komunikazzjoni tagħha li jmiss dwar il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali u tiżgura alternattivi affordabbli li huma adatti għall-iskop tagħhom u disponibbli għal kulħadd.

3.12. Il-KESE jissottolinja l-importanza li jinkiseb appoġġ wiesa' għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali prevista mill-partijiet ikkonċernati kollha fis-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali. Dan ifisser ukoll li d-dimensjoni soċjali, inkluż id-djalogu dwar kif l-aħjar tiġi ġestita t-tranżizzjoni u kif tista' ssir soċjalment aċċettabbli, hija ta' importanza vitali.

3.13. Il-KESE huwa lest li jikkontribwixxi għal djalogu mas-soċjetà ċivili sabiex titfassal u tiġi implimentata l-istrateġija, u din l-Opinjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi bi proposti konkreti għad-dibattitu.

4. Mobbiltà sostenibbli

4.1. Il-KESE jaqbel li sabiex tinkiseb din il-bidla sistemika, jinħtieġu tliet pilastru tal-azzjonijiet, jiġifieri: "(1) nagħmlu l-modi kollha tat-trasport aktar sostenibbli, (2) nagħmlu alternattivi sostenibbli disponibbli b'mod wiesa' f'sistema ta' trasport multimodali u (3) nistabbilixxu l-inċentivi t-tajba biex tiġi xprunata t-tranżizzjoni".

4.2. Sabiex il-modi kollha tat-trasport isiru aktar sostenibbli, l-istadju importanti 1 għandu l-għan li jilħaq l-mira li sal-2030 ikun hemm joperaw 30 miljun karożza b'emissjonijiet żero u 80 000 trakk b'emissjonijiet żero, mill-figuri tal-lum ta' madwar miljun karożza u 30 000 trakk⁽¹⁾. Il-KESE jinnota li d-deċiżjonijiet ta' investiment dwar il-vetturi li jkunu qed jintużaw sal-2030 se jittieħdu issa jew dalwaqt. Minħabba d-differenza fil-prezz tagħhom, l-infrastruttura tat-tagħbija/ir-riforniment għall-fjuwils alternattivi li għadha mifruxa skarsament u t-tul tal-ħajja tal-vetturi, ix-xenarju jidher li huwa ottimist wisq. Barra minn hekk, jidher li għad ma hemmx idea ċara tal-għadd ta' punti ta' tagħbija/riforniment ta' fjuwil meħtieġa biex jappoġġjaw il-flotot previsti. Huwa jwissi kontra li jiġu stabbiliti oġġettivi ambizzjużi żżejjed li jista' jkollhom effetti negattivi fuq il-kredibbiltà tal-istrateġija.

4.3. L-istrateġija tiddekrivi b'mod ċar l-elettriku u l-idroġenu bħala għażla ta' prijorità għad-dekarbonizzazzjoni tal-mobbiltà. Approċċ preċiż b'emissjonijiet żero għandu jqis l-impronta tal-karbonju tal-vetturi tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom (jiġifieri fl-2018, 33 % biss tal-elettriku prodott fl-UE ġie minn enerġija rinnovabbli) u jitkejjel permezz ta' metodu well-to-wheel.

⁽¹⁾ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2020) 33l, taqsima 4.1.1 paġna 81 ff.

4.4. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-bidla lejn soluzzjonijiet tat-trasport aktar sostenibbli u jhegġegħ lill-KE tiżviluppa dan l-approċċ b'punti ta' azzjoni konkreti li jappoġġjaw ukoll trasport mhux motorizzat.

4.5. Il-Patt Ekoloġiku jagħti prijorità lill-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi permezz ta' tranżizzjoni għal ekonomija nadifa u ċirkolari, restawr tal-bijodiversità, u t-twaqqif tad-degradazzjoni tal-ispażji pubbliċi u tnaqqis tat-tniġġis. B'kunsiderazzjoni ta' dan, il-KESE jtenni li strateġija tat-trasport sostenibbli għandha tagħti prijorità lill-infrastruttura li tippermetti ffrankar fl-użu tal-art, tiżgura proporzjon deċenti ta' spazji fil-bliet u fl-agglomerazzjonijiet, u tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżorsi kritiċi. Id-drittijiet fundamentali jridu jiġu rrispettati.

4.6. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-KE se tkompli bid-djalogu tagħha mal-bliet u l-Istati Membri sabiex tiżgura li l-bliet kbar u ta' daqs medju kollha jistabbilixxu l-pjani ta' mobbiltà urbana sostenibbli tagħhom sal-2030. Is-sitwazzjoni attwali tissuġġerixxi li ż-żieda mixtieqa fl-għadd ta' pjani żviluppati ta' mobbiltà urbana sostenibbli mhux se sseħħ mingħajr l-oqfsa nazzjonali u l-istrumenti finanzjarji għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjani ta' mobbiltà urbana sostenibbli.

4.7. L-istrateġija tirreferi biss fil-qosor għall-politiki u l-ġestjoni tal-parkeġġ. Il-KESE jissuġġerixxi li din tiġi żviluppata aktar permezz ta' punti ta' azzjoni ċari, billi jitqies l-impatt negattiv taż-żoni ta' parkeġġ fuq l-issiġillat tal-ħamrija fil-bliet. Il-ġestjoni tajba tal-parkeġġ tista' tgħin biex jiġi lliberat spazju pubbliku ta' valur, il-bliet isiru aktar attraenti, tiġi appoġġjata l-ekonomija lokali, jitnaqqas it-traffiku tal-vetturi u jittejbu l-konġestjoni, is-sikurezza fit-toroq u t-tniġġis tal-arja.

4.8. It-tieni pilastru tat-trasport sostenibbli jindirizza d-disponibbiltà ta' modi tat-trasport alternattivi u joffri għażla modali għal dan il-għan permezz ta' approċċ multimodali. L-istadji importanti 4 sa 8 jistabbilixxu objettivi għall-2030 u l-2050 ta' żieda kbira fit-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija (biex it-trasport bil-ferroviji b'veloċità għolja jirdoppja sal-2030 u jittrippla sal-2050) u fit-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija (żieda ta' 50 % sal-2030 u l-irduppjar tiegħu sal-2050). Huma stabbiliti wkoll miri għall-ivvjaġġar kollettiv, il-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra, kif ukoll għal 100 belt newtrali għall-klima sal-2030.

4.9. Il-KESE jiddubita jekk l-istrateġija hijiex konsistenti ma' approċċ li jqis il-modi differenti bħala riżorsa kkombinata li fiha, fi ħdan sistema ta' trasport multimodali, tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn il-modi abbażi ta' soluzzjonijiet bl-aħjar impronta ambjentali — u soċjali — u bl-ogħla effiċjenza minflok il-kompetizzjoni bejn il-modi.

4.10. F'dan il-kuntest, il-KESE jitlob valutazzjoni usa' tas-sostenibbiltà sabiex is-sostenibbiltà soċjali tiġi inkorporata bis-sħiħ. Huwa jissuġġerixxi li l-impronta ambjentali fl-istrateġija tiġi kkomplementata bl-introduzzjoni ta' "impronta tax-xogol fil-livell Ewropew għat-trasport" komparabbli ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, inklużi l-elementi kollha rilevanti għall-prevenzjoni tad-deterjorament kontinwu, għall-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta fi ħdan u bejn il-modi tat-trasport u biex tiġi evitata kompetizzjoni distruttiva minħabba li jinħolqu inċentivi ħżiena. Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-modi tat-trasport, l-ipprezzar ġust tas-suq ħieles irid jinkludi kost lavorattiv ġust, kif enfasizzat fil-Kapitolu 6.

4.11. Hija ħasra li l-iżvilupp ta' mudelli tat-trasport multimodali tal-merkanzija, ibbażati fuq il-kooperazzjoni bejn il-modi tat-trasport, fuq il-karatteristiċi ambjentali ottimizzati u fuq is-sostenibbiltà soċjali ta' kull mod tat-trasport, bl-ottimizzazzjoni tar-riżorsi permezz ta' pjattaformi diġitali filwaqt li tiġi rrispettata l-leġiżlazzjoni soċjali kollha, mhuwiex wieħed mill-istadji importanti taħt il-pilastru tal-mobbiltà intelliġenti tal-istrateġija.

4.12. L-istadju importanti 9 jantiċipa li t-trasport marittimu u ferrovjarju għandu jkun jista' jikkompeti fuq termini ugwali mat-trasport bit-triq fl-2030 mingħajr ma jispjega kif dan se jinkiseb, ħlief possibbilment permezz tal-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni u t-tassazzjoni fuq il-fjuwil. Fil-fatt, m'hemmx strateġija aktar komprensiva biex tingħata spinta lit-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u lit-trasport marittimu fuq distanzi qosra, li tqis, fost affarijiet oħra, l-ispejjeż ogħla tat-trasport ferrovjarju u l-problemi tal-puntwalità tat-trasport ferrovjarju deskritti fid-Dokument ta' Hídma tal-Persunal li jakkumpanja l-proposta.

4.13. L-oġġettiv tal-istadju importanti 4 huwa li l-ivvjaġġar skedat kollu sa 500 km ġewwa l-UE għandu jkun newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2030. Jeħtieġ li jiġu diskussi l-impatt fuq it-trasport tal-passiġġieri bix-xarabank u l-effetti negattivi possibbli fuq is-sostenibbiltà.

4.14. L-għajnuna mill-Istat hija rilevanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika bħall-fatt li t-trasport isir ekoloġiku u soċjali. Il-KESE jara hteġġa urġenti li jiġu riveduti l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. Element wieħed huwa l-aspett territorjali, pereżempju fir-rigward taż-żoni remoti. Barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-talba biex il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għat-Trasport Marittimu jiġu adattati, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi ġusti fis-settur tal-portijiet u l-impjieg tal-baħħara Ewropej, ilu li kellha issir biex is-settur marittimu jsir soċjalment sostenibbli, l-istess bħat-talba biex tittieħed azzjoni aktar rapida mill-2023.

4.15. Il-KESE jikkritika l-fatt li l-istrateġija ma tinkludix analiżi fil-fond tar-rabta kruċjali bejn is-suq uniku u l-politika tal-kompetizzjoni. Huwa jaqbel li hija meħtieġa diskussjoni xierqa dwar l-għajnuna mill-Istat u s-sussidji għat-trasport marittimu u l-effett tagħhom fuq is-settur tal-portijiet. L-imsieħba soċjali Ewropej esprimew b'mod konġunt "it-tħassib tagħhom dwar l-estensjoni tar-Regolament dwar is-CBER, li se taggrava l-inugwaljanza fit-trattament bejn is-sidien tal-bastimenti u l-partijiet ikkonċernati tal-portijiet, u se jkollha effetti detrimental fuq il-portijiet tal-UE" ⁽²⁾.

5. Mobbiltà intelligēti

5.1. Il-KESE jaqbel li billi l-innovazzjoni se "ssawwar il-mobbiltà tal-passiġġieri u l-merkanzija tal-futur, jenħtieġ li jkun hemm qafas u faċilitaturi adatti biex jiffaċilitaw din it-tranżizzjoni li tista' tagħmel is-sistema tat-trasport ħafna aktar effiċjenti u sostenibbli". Huwa jqis li huwa essenzjali li jiġi segwit prinċipju ta' gwida ewlieni wieħed: id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni huma strumenti aktar milli għan innifishom.

5.2. F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' l-oġġettivi tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni stabbiliti fl-istrateġija bħala mezz biex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà. L-indirizzar tal-impatt soċjetali u ambjentali tal-IA, il-prinċipju tal-kontroll uman fuq il-magna, kif ukoll il-ġbir ta' data personali u l-użu ta' tali data, huma ta' importanza kbira u jeħtieġu djalogu estensiv. L-inklużjoni tal-fattur uman fir-riċerka, id-disinn u l-użu ta' teknoloġiji diġitali u ta' awtomatizzazzjoni hija essenzjali biex innovazzjonijiet bħal dawn jintużaw b'suċċess, u trid tkun ibbażata fuq djalogu soċjali inklużiv biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta. Hemm bżonn ta' approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, filwaqt li jitqiesu l-aspetti soċjali u ambjentali, kif ukoll jiġi garantit li mhux se jkun hemm użu abbużiv mit-teknoloġiji.

5.3. Il-KESE jinnota n-nuqqas ta' kwalunkwe referenza għall-inizjattivi orizzontali dwar is-sikurezza, ir-responsabbiltà, id-drittijiet fundamentali u l-aspetti tad-data tal-IA u l-pakkett tal-Att dwar id-Data rigward il-kontroll u l-kundizzjonijiet għall-kondiviżjoni tad-data.

5.4. Sabiex l-UE ssir mexxejja dinjija fl-iżvilupp ta' servizzi u sistemi ta' mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata, għandu jkun aktar faċli li s-servizzi pilota jiġu ttestjati fis-sistemi tat-traffiku tal-bliet, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt tas-sikurezza kif ukoll ta' djalogu soċjali u mas-soċjetà ċivili. Il-proġetti pilota attwali huma ttestjati l-aktar f'sistemi ta' trasport magħluqa (kampusijiet, kumpleksi tal-industrija, eċċ.).

5.5. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-istrateġija tindirizza t-trasformazzjoni diġitali fil-mobbiltà urbana, inkluża l-MaaS, is-servizzi kondiviżi, is-servizzi fuq talba u l-ħolqien ta' pjattaformi intermedjarji u l-oportunitajiet u r-riskji għal kunċetti tat-trasport sostenibbli u effiċjenti li dan joffri. Huwa jilqa' wkoll il-fatt li l-paragrafu 38 jindirizza kif mistħoqq it-tħassib soċjali u dwar is-sikurezza, peress li għadd ta' servizzi ġodda ta' mobbiltà kif ukoll pjattaformi intermedjarji joffru forum ta' impjieg prekarji u livelli ta' pagi baxxi li jistgħu jgħolqu problemi ta' kompetizzjoni. Madankollu, l-Azzjoni 23 ma għandhiex il-ħsieb li twettaq "Valutazzjoni tal-hteġġa għal miżuri li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għat-trasport lokali, għat-trasport tal-passiġġieri fuq talba u għall-pjattaformi tar-ride-hailing" qabel l-2022.

⁽²⁾ Din it-talba ġiet espressa mill-imsieħba soċjali Ewropej lill-Kummissarji Valean u Schmit.

5.6. Il-pjattaformi MaaS għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà pubblika sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-SUMPs. Huma biss il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà li huma soċjalment responsabbli b'kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u deċenti li għandu jkollhom aċċess għall-pjattaformi tal-MaaS, filwaqt li titqies ukoll il-leġiżlazzjoni ppjanata dwar il-ħaddiema tal-pjattaformi.

5.7. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-KE dwar leġiżlazzjoni li tindirizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi, u jistenna li l-proposta tiżgura l-preżunzjoni ta' status tal-impjeg u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-ħaddiema tal-pjattaformi fit-trasport, b'has-servizzi tar-ride-hailing jew ta' kunsinna.

5.8. Il-KESE jsegwi b'attenzjoni kbira t-tħassib li l-kost tas-soluzzjonijiet ta' mobbiltà intelliġenti, l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali u l-awtomatizzazzjoni jistgħu potenzjalment japprofondixxu d-diskrepanzi, peress li l-linja bażi tal-bidu tvarja fl-UE minn Stat Membru għal ieħor. Għalhekk, il-KESE jqis li huwa essenzjali li, sabiex tirnexxi, kwalunkwe strateġija tal-UE trid tindirizza dawn id-diskrepanzi fl-investiment billi tappoġġja soluzzjonijiet ta' mobbiltà intelliġenti fi Stati Membri ifqar, bl-istess mod billi ssaħħa id-djalogu soċjali, il-kundizzjonijiet soċjali u approċċ iċċentrat fuq il-bniedem.

6. Mobbiltà reżiljenti

6.1. It-Taqsim 4 dwar Mobbiltà reżiljenti tinkludi tliet inizjattivi ewlenin — Tisħiħ tas-suq uniku, li l-mobbiltà ssir ekwa u ġusta għal kulħadd u Titjib tas-sikurezza u tas-sigurtà tat-trasport, flimkien mal-istadji importanti 13 u 14.

Rilevanza tas-Suq Uniku

6.2. Il-KESE jaqbel mal-prioritajiet stabbiliti fir-rigward tal-ħtieġa li titlesta ż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport u jissaħħa is-suq uniku, anke fid-dawl tal-esperjenza tal-COVID-19 kif ukoll il-ħtieġa li jitħejja pjan ta' kontinġenza għall-kriżijiet. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li t-twaqqif ta' tali pjan ta' kontinġenza għall-kriżijiet irid ikun ibbażat fuq djalogu soċjali serju u mas-soċjetà ċivili organizzata, u jrid isir bi qbil mal-imsieħba soċjali.

6.3. Il-KESE jesprimi dispaċir, madankollu, li pereżempju l-ikkompletar taż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport u t-tisħiħ tas-suq uniku, l-importanza ta' implimentazzjoni f'waqtha tat-TEN-T u l-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur strateġiċi, pereżempju, rigward il-batteriji u l-idroġenu u l-ħtiġijiet ta' finanzjament relatati biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku u tat-tranżizzjoni diġitali fit-trasport huma miġburin flimkien ma' kwistjonijiet importanti oħra bħad-drittijiet tal-passiġġieri, l-obbligi ta' servizz pubbliku (OSP), il-kundizzjonijiet soċjali tal-ħaddiema tat-trasport u s-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport. Jidher stramb il-fatt li l-kwistjonijiet komprensivi tas-suq uniku u l-kwistjonijiet soċjali u ta' sikurezza relatati jinsabu fl-aħħar fl-istrateġija.

6.4. Il-KESE jqis li mhu xejn adatt li l-istadji importanti f'din it-taqsim qed ikunu limitati għall-implimentazzjoni f'waqtha tat-TEN-T u għat-tnaqqis tal-għadd ta' mwiet minħabba t-trasport, peress li dan jikkonċerna r-rinforz tas-suq uniku u l-ikkompletar taż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport, inklużi l-efiċjenza mtejbja billi jsir possibbli l-aħjar użu tal-kapaċità, l-iffinanzjar għall-modernizzazzjoni tal-flotot, kwistjonijiet ta' għajjnuna mill-Istat, konnettività mtejbja, u l-protezzjoni tal-passiġġieri u d-drittijiet tagħhom.

6.5. Il-KESE jieħu nota tal-fatt li, skont il-viżjoni tal-istrateġija, suq uniku li jiffunzjona tajjeb u li huwa reżiljenti għall-kriżijiet irid "ikun ukoll oġġettiv ewleni tal-politika tat-trasport tal-UE" filwaqt li "l-ekoloġizzazzjoni tal-mobbiltà trid tkun il-liċenzja l-ġdida biex is-settur tat-trasport jikber". Pereżempju, l-ikkompletar tas-suq uniku tat-trasport b'mudelli kummerċjali ġodda sostenibbli u diġitalizzati setgħet tiżdied mal-istadji importanti.

6.6. Hija ħasra wkoll li l-istrateġija ma tiddekrivix l-ostakli li fadal għall-implimentazzjoni sħiħa tas-suq uniku fil-qasam tat-trasport. B'mod partikolari, it-taqsim 4.3.3 tal-SWD issemmi għadd ta' kwistjonijiet dwar il-funzjonament tas-suq uniku li mhumiex indirizzati fit-taqsim 4. Dan huwa simili għat-taqsim 4.3.4, fejn huma deskritti għadd ta' nuqqasijiet soċjali li mhumiex indirizzati fl-istrateġija.

6.7. Il-proċessi ta' Regolamentazzjoni Aħjar jeħtieġ li jittejbu. Il-KESE jinsisti li għal kull waħda mill-azzjonijiet, kemm jekk imsemmija fil-pjan ta' azzjoni kif ukoll jekk f'dokumenti oħra, għandha titwettag valutazzjoni tal-impatt (soċjali, ambjentali, ekonomiku, bl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru) sħiħa b'konsultazzjoni privileġġata mal-imsieħba soċjali rikonoxxuti bħall-organizzazzjonijiet rappreżentattivi approvati mill-Kummissjoni Ewropea.

6.8. Bl-istess mod, għadd ta' azzjonijiet ipplanati fit-taqsimiet preċedenti tal-istrateġija għandhom implikazzjonijiet ċari fuq is-suq uniku, pereżempju emendi għad-Direttiva dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vetturi tal-merkanzija, emendi għal-leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni u dwar il-pjattaformi diġitali.

Id-dimensjoni soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol

6.9. Il-kriżi bla preċedent tal-COVID-19 uriet li t-trasport huwa servizz essenzjali. Din enfasizzat ukoll l-importanza tal-ħaddiema tat-trasport bħala ħaddiema ewlenin u l-importanza tagħhom għar-reżiljenza tas-sistema ta' trasport. Il-KESE jilqa' r-rikonoxximent aktar qawwi għall-ħaddiema tat-trasport fl-istrateġija meta mqabbel mad-dokumenti preċedenti dwar il-politika tat-trasport, fejn dawn huma rikonoxxuti bħala "l-assi l-aktar prezzjużi tas-settur", "[filwaqt li xi wħud] ibatu minn kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli ħafna [u prekarji]". Madankollu, minħabba l-importanza marbuta mal-Pilastru Soċjali fl-implimentazzjoni attwali tal-politika tal-UE, huwa tal-iskantament li d-dimensjoni soċjali fit-trasport mhijiex indirizzata f'taqsimi speċifika.

6.10. L-istrateġija tirrikonoxxi wkoll il-problemi demografiċi tas-settur u d-diffikultajiet biex jiġu attirati l-ħaddiema li jeħtieġ. Din tikkonkludi li "il-provvediment ta' standards soċjali oġġa jikkontribwixxi direttament biex ireġġa' lura n-nuqqas ġenerali attwali ta' attraenza lejn is-settur". Sfortunatament, la l-istrateġija u lanqas l-SWD ma janalizzaw b'mod adegwat il-kawżi tad-diffikultajiet tas-settur tat-trasport biex jattira lill-ħaddiema. Dawn ma jqisux il-fatt li matul l-aħħar deċennji, il-politiki tat-trasport b'enfasi fuq is-suq uniku ma rnexxielhomx jipprevjenu d-deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-modi kollha tat-trasport.

6.11. Id-dikjarazzjonijiet tal-KE li "se tikkunsidra miżuri li jkopru l-modi differenti kollha tat-trasport biex issaħħaħ il-qafas leġiżlattiv dwar il-kundizzjonijiet għall-ħaddiema" u li se tniedi "inizjattivi biex is-settur tat-trasport isir aktar attraenti" fl-2021-2023 huma vagi wisq. Fil-fatt huwa diffiċli li wieħed jifhem għaliex elementi bħal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u t-titjib tal-attraenza tal-professjoni, inkluż għaż-żgħażaġh u n-nisa, ma ġewx ikkunsidrati li jistħoqqilhom stadji importanti.

6.12. Huma meħtieġa inizjattivi leġiżlattivi konkreti biex jinqered id-dumping soċjali fil-modi kollha tat-trasport. Il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post għandu japplika għall-modi kollha tat-trasport (l-istazzjonar ta' ħaddiema mobbli ħafna) jew il-protezzjoni tal-impjegi u d-drittijiet miksuba għall-persunal soġġetti għal bidla fl-operaturi minħabba sejħiet għall-offerti ta' kuntratti għall-modi differenti tat-trasport. Għalhekk, il-KESE jara ħtieġa urġenti li tiġi stabbilita task force soċjali għat-trasport, li tinkludi d-DGs rilevanti kollha bħal DG MOVE, DG EMPL u DG Kompetizzjoni.

L-ispejjeż soċjali u s-sostenibbiltà

6.13. Id-dumping soċjali u l-prattiki inġusti f'settur wieħed joħolqu distorsjonijiet f'setturi oħra. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u n-nuqqas ta' infurzar tal-leġiżlazzjoni soċjali jwasslu għal distorsjonijiet fis-sinjali tal-prezz u l-għażliet għal mod ta' trasport. Il-KESE jħoss il-ħtieġa ta' inizjattiva li tinkludi l-kost lavorattiv bħala parti minn politika ta' pprezzar ġust għal servizzi tat-trasport sostenibbli, minbarra l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni kollha. L-ipprezzar ġust tas-suq ħieles għal servizz tat-trasport għandu jinkludi paga li tiggarantixxi l-għajxien, l-istess paga għall-istess xogħol fl-istess post, kura tas-saħħa u kopertura tas-sigurtà soċjali, u investimenti f'post tax-xogħol tajjeb għas-saħħa u fil-kwalifiki u t-taħriġ. Iż-żieda ta' "impronta lavorattiva" mar-rakkomandazzjonijiet dwar l-impronta tal-karbonju fl-azzjonijiet 28 u 34, kif definit fil-punt 4.6, tista' tkun azzjoni waħda, iżda żgur mhix biżżejjed. Għall-ipprezzar tat-trasport pubbliku, jeżisti kumpens għall-obbligu tas-servizz.

6.14. Il-KESE jissottolinja l-importanza tan-negozjar kollettiv u r-rwol tiegħu fl-iffissar tal-livell tal-pagi, u għalhekk jinsisti fuq l-importanza tat-tisħiħ tan-negozjar kollettiv, b'mod partikolari fis-settur tat-trasport frammentat ħafna u fl-Istati Membri kollha.

Tranżizzjoni diġitali ġusta

6.15. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-istrateġija tindirizza b'mod adatt ir-riskji u l-opportunitajiet tat-trasformazzjoni diġitali għall-impjieg u l-ħtieġa ta' tranżizzjoni ġusta għall-ħaddiema tat-trasport. Madankollu, l-Azzjoni 69 ma tippredix ir-rakkomandazzjonijiet għat-tranżizzjoni lejn l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u l-impatt tagħhom fuq il-forza tax-xogħol fil-qasam tat-trasport" li għandhom jinħarġu sal-2023. Din ma tqisx il-fatt li d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni diġà qed iseħħu u hemm ħtieġa ta' azzjoni urġenti. L-istadju importanti 13, pereżempju, jistabbilixxi l-għan ta' "mobbiltà awtomatizzata [...] implimentata fuq skala kbira [sal-2030]".

6.16. L-investimenti b'suċċess fit-teknoloġiji diġitali jeħtieġu djalogu soċjali parteċipattiv mill-bidu nett. Jeżistu eżempji ta' prattika tajba, b'hall-ftehim ta' negozjar kollettiv *Future — Shaping automation socially and in a co-determined way* (Il-ġejjieni — *Insawru l-awtomatizzazzjoni soċjalment u b'mod kodeterminat*) tal-operatur tat-terminal tal-kontejners EUROGATE fil-Ġermanja, inklużi t-tliet terminali tiegħu f'Hamburg, Bremerhaven u Wilhelmshaven ⁽³⁾. Dan id-djalogu jrid jinkludi wkoll diskussjoni dwar l-għan tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni (pereżempju żieda fl-effiċjenza meta mqabbla ma' kapaċità żejda), l-oġġettiv tal-miżuri korrispondenti għal postijiet tax-xogħol aktar sikuri u tajbin għas-saħħa, ħarsien tal-impjegi u sehem ġust taż-żidiet fil-produttività għall-ħaddiema.

6.17. Fil-livell Ewropew, l-imsieħba soċjali Ewropej fil-qasam tat-trasport pubbliku urban reċentement iffirmaw Rakkomandazzjonijiet Konġunti dwar it-trasformazzjoni diġitali fit-trasport pubbliku urban ⁽⁴⁾. Huma jippromovu approċċ inklużiv u parteċipatorju għat-trasformazzjoni diġitali, li jiżgura s-sigurtà tal-impjegi u l-ħiliet fi ħdan it-trasformazzjoni diġitali, li juża t-trasformazzjoni diġitali biex jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u li jiżgura l-protezzjoni tad-data, il-privatezza u d-dinjità. L-istrateġiji għandhom jiżguraw li kemm l-intrapriża kif ukoll il-ħaddiema jibbenefikaw mill-introduzzjoni ta' teknoloġiji diġitali, inkluż permezz ta' sehem ta' kisbiet fil-produttività.

6.18. Il-KE, flimkien mal-imsieħba soċjali, għandha tiegħu azzjoni immedjata biex tiżgura tranżizzjoni ġusta għall-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni li fiha "ħadd ma jitħalla jibqa' lura".

Is-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport

6.19. Dwar is-suġġett tas-sikurezza tat-trasport, l-istadju importanti 14 għandu l-għan li sal-2050 ikun hemm rata ta' mwiet qrib iż-zero għall-modi kollha tat-trasport, bit-tħassib ewlieni rigward l-imwiet fit-trasport bit-triq. Madankollu, l-istrateġija tal-UE tal-2018 dwar is-sikurezza fit-toroq ma tinkludix it-trasport bit-triq professjonali u b'mod partikolari l-problema tal-għeja tas-sewwieqa bħala "marda kronika" u fattur importanti għall-inċidenti.

6.20. F'dan il-kuntest, il-KESE għandu tħassib serju dwar l-inizjattiva l-ġdida tal-KE dwar ir-regoli tal-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ għas-sewwieqa tax-xarabanks u l-kowċis, u jiġbed l-attenzjoni għar-rapport li għandu jiġi ppreżentat mill-KE lill-Kunsill u lill-Parlament. Kwalunkwe estensjoni tas-siġhat tax-xogħol u tas-sewqan fis-settur tmur kontra l-oġġettivi tal-politika tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 ⁽⁵⁾ u twassal għal aktar deterjorament fis-sikurezza fit-toroq għall-passiġġieri u utenti oħra tat-triq, u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għas-sewwieqa tax-xarabanks u l-kowċis.

6.21. Il-KESE jappoġġja l-miżura ppjanata għat-titjib tas-sigurtà, u b'mod partikolari l-fatt li huma previsti miżuri biex jiġi indirizzat it-theddid ċibernetiku.

7. L-importanza ta' servizz pubbliku b'saħħtu

7.1. Il-KESE jtenni li huwa komputu tal-politika pubblika biex tiġi żgurata sistema ta' trasport urban sostenibbli li tinforza l-għanijiet klimatiċi iżda wkoll is-saħħa pubblika, is-sikurezza u s-sigurtà fit-toroq kif ukoll proporzjon deċenti ta' spazju urban.

7.2. Il-viżjoni tal-KE bir-raġun tenfasizza li huwa "kruċjali li l-mobbiltà tkun disponibbli u affordabbli għal kulħadd, li r-reġjuni rurali u remoti jkunu konnessi aħjar". Il-KESE jinsisti fuq id-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi, kif appoġġjat mill-qafas legali, bħala l-pedament ta' mobbiltà sostenibbli u affordabbli. Dan jitlob aktar kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku li jkunu aħjar mil-lat ambjentali u soċjali permezz ta' appoġġ finanzjarju, u jitlob l-introduzzjoni ta' strumenti finanzjarji min-naħa tal-gvernijiet nazzjonali, ir-reġjuni u l-muniċipalitajiet.

⁽³⁾ Il-ftehim ta' negozjar kollettiv konkluż fl-2019 bejn EUROGATE u t-Trade Union tas-Servizzi tal-Ġermanja (ver.di) jkopri s-sussidjarji Ġermaniżi kollha tal-Grupp, inklużi t-terminali tal-kontejners, il-manutenzjoni u l-kumpanija tal-ferroviji u unitajiet tan-negozju oħra fil-Ġermanja. Kummissjoni tal-awtomizzazzjoni stabbilita tiġi infurmata dwar kwalunkwe proġett ta' hardware jew software fil-kumpanija anke jekk ma jkun hemm l-ebda impatt dirett fuq l-impjegi. L-esklużjoni tar-ristrutturar relatat mal-impjegi sal-2025 hija parti mill-ftehim ta' negozjar kollettiv mal-EUROGATE.

⁽⁴⁾ *Digital Transformation and Social Dialogue in Urban Public Transport (UPT) in Europe, Joint Recommendations of the European Social Partners in UPT (ETF and UITP)* [It-Trasformazzjoni Diġitali u d-Djalogu Soċjali fit-Trasport Pubbliku Urban fl-Ewropa, Rakkomandazzjonijiet Kongunti tal-Imsieħba Soċjali Ewropej fil-qasam tat-Trasport Pubbliku Urban (ETF u UITP)], iffirmati f'Marzu 2021.

⁽⁵⁾ ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.

7.3. Sabiex jiġi evitat il-faqar fit-trasport, l-aċċess għal trasport pubbliku ta' kwalità u affordabbli huwa essenzjali bħala alternattiva sostenibbli għall-modi tat-trasport individwali. Dan huwa ta' importanza partikolari għaż-żoni rurali, u s-servizzi kondiviżi u fuq talba jistgħu wkoll jikkompletaw l-offerta tat-trasport pubbliku b'mod partikolari f'dawn iż-żoni sakemm jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità ġusti. Barra minn hekk, it-trasport attiv mhux motorizzat, il-mixi u ċ-ċikliżmu jeħtieġu aktar attenzjoni u investiment f'infrastruttura ta' kwalità u sikura.

7.4. It-trasport pubbliku huwa importanti għall-inklużjoni soċjali u l-impjegi ta' kwalità lokali. L-istrateġija tpoġġi wisq enfasi fuq l-aspetti teknoloġiċi tad-diġitalizzazzjoni, il-mikromobbiltà u s-servizzi ġodda ta' mobbiltà. Il-viżjoni l-ġdida ma għandhiex tinsa l-fatt li l-mobbiltà intelliġenti għandha tkun strument aktar milli għan.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ANNEX

L-emendi li ġejjin ġew miċħuda waqt id-diskussjonijiet iżda rċewew aktar minn kwart tal-voti:

Punt 4.14 (marbut mat-tħassir tal-punt 1.15)

Ħassar dan il-punt:

L-ghajjnuna mill-Istat hija rilevanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika bħall-fatt li t-trasport isir ekoloġiku u soċjali. Il-KESE jara hteġġa urġenti li jiġu riveduti l-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna mill-Istat. Element wieħed huwa l-aspett territorjali, pereżempju fir-rigward taż-żoni remoti. Barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-talba biex il-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna mill-Istat għat-Trasport Marittimu jiġu adattati, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi ġusti fis-settur tal-portijiet u l-impjieg tal-baħħara Ewropej, ilu li kellha issir biex is-settur marittimu jsir soċjalment sostenibbli, l-istess bħat talba biex tittieħed azzjoni aktar rapida mill-2023.

Riżultat tal-votazzjoni fuq l-emenda:

Voti favur: 77

Voti kontra: 123

Astensjonijiet: 27

Punt 1.15 (marbut mat-tħassir tal-punt 4.14)

Ħassar dan il-punt:

L-ghajjnuna mill-Istat hija rilevanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika bħall-fatt li t-trasport isir ekoloġiku u soċjali. Il-KESE jara hteġġa urġenti li jiġu rieżaminati l-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna mill-Istat, b'mod partikolari l-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna mill-Istat għat-Trasport Marittimu, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi ġusti fis-settur tal-portijiet u fl-impjieg tal-baħħara Ewropej.

Riżultat tal-votazzjoni fuq l-emenda:

Emenda miċħuda minħabba l-votazzjoni fuq il-punt 4.14 li kienet marbuta miegħu.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta’ ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148, u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi”

(COM(2020) 823 final — 2020/0359(COD) — COM(2020) 829 final — 2020/0365(COD))

(2021/C 286/28)

Relatur: **Maurizio MENSI**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 21.1.2021–11.2.2021 Kunsill, 26.1.2021–19.2.2021
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjeta' tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	14.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	243/0/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-isforzi tal-Kummissjoni biex iżżid ir-reżiljenza tal-entitajiet pubbliċi u privati kontra t-theddid mill-attakki u l-inċidenti ċibernetiċi u fiżiċi. Il-Kumitat jaqbel ukoll li hemm bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità tal-industrija u tal-innovazzjoni b’mod inklużiv, permezz ta’ strateġija bbażata fuq erba’ pilastri: il-protezzjoni tad-data, id-drittijiet fundamentali, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà.

1.2. Il-KESE jinnota madankollu li minħabba r-rilevanza u s-sensittività tal-għanijiet segwiti miż-żewġ proposti, kien ikun preferibbli li jintgħażel regolament minflok direttiva. Barra minn hekk, ma ngħatawx ir-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni ma kkunsidratx li tinkludi din l-ipoteżi anke fost l-għażliet varji kkunsidrati.

1.3. Il-KESE jinnota li wħud mid-dispożizzjonijiet taż-żewġ proposti għal Direttiva jikkoinċidu minħabba li huma relatati mill-qrib u komplementari, billi waħda tittratta l-aktar il-profilu taċ-ċibersigurtà u l-oħra s-sigurtà fiżika. Jitlob għalhekk li tiġi evalwata l-possibbiltà li ż-żewġ proposti jingħaqdu f’test wieħed, għal raġunijiet ta’ semplifikazzjoni u konċentrazzjoni funzjonali.

1.4. Il-KESE jaqbel mal-approċċ propost li ma tibqax issir distinzjoni bejn l-operaturi ta’ servizzi essenzjali u l-fornituri ta’ servizzi diġitali msemmija fid-Direttiva NIS oriġinali, madankollu b’referenza għall-kamp ta’ applikazzjoni tagħha, jenfasizza l-oportunità li jiġu pprovduti indikazzjonijiet aktar eżatti u ċari għall-identifikazzjoni tal-entitajiet meħtieġa li jikkonformaw mad-Direttiva. B’mod partikolari, il-kriterji li jiddistingwixxu bejn entitajiet “essenzjali” u “importanti”, kif ukoll ir-rekwiżiti li jeħtiġilhom jissodisfaw, għandhom jiġu deskritti b’aktar preċiżjoni, biex jiġi evitat li approċċi irregolari fil-livell nazzjonali jirriżultaw f’ostakli għall-kompetizzjoni u għall-moviment liberu ta’ oġġetti u servizzi, bir-riskju li jagħmlu ħsara lill-intrapriżi u jikkompromettu l-kummerċ.

1.5. Il-KESE jqis li huwa importanti, minħabba l-komplessità oġġettiva tas-sistema deskritta fiż-żewġ proposti, li l-Kummissjoni tiċċara b’mod preċiż il-kamp ta’ applikazzjoni taż-żewġ strutturi regolatorji, speċjalment meta dispożizzjonijiet differenti jikkontribwixxu biex jirregolaw l-istess każ jew l-istess entità.

1.6. Il-KESE jinnota li ċ-ċarezza ta' kull dispożizzjoni regolatorja hija objettiv essenzjali, flimkien ma' daww li jnaqqsu l-burokrazija u l-frammentazzjoni billi jiġu ssemplifikati l-proċessi, ir-rekwiżiti tas-sigurtà u l-obbligi ta' notifikazzjoni tal-inċidenti. Għal dan il-għan ukoll jista' jkun xieraq, għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tal-intrapriżi, li ż-żewġ proposti għal Direttiva jingħaqdu f'test wiehied, biex jiġi evitat l-eżerċizzju xi drabi kkumplikat ta' interpretazzjoni u applikazzjoni.

1.7. Il-KESE jirrikonoxxi r-rwol essenzjali, enfasizzat mid-Direttiva proposta, tal-korpi manġerjali ta' entitajiet "essenzjali" u "importanti", li l-membri tagħhom huma meħtieġa jsegwu taħriġ speċifiku, b'mod regolari, sabiex jiksibu għarfien u ħiliet suffiċjenti biex jifhmu u jiġġestixxu d-diversi riskji ċibernetiċi u jevalwaw l-impatt tagħhom. F'dan ir-rigward huwa meqjus li l-proposta għandha tindika x'inhu l-kontenut minimu ta' tali għarfien u ħiliet, sabiex tipprovdi gwida fil-livell Ewropew li fuqha l-ħiliet tat-taħriġ jitqiesu adegwati u jiġi evitat li l-kontenut tad-diversi korsijiet ta' taħriġ iwarja skont il-pajjiż.

1.8. Il-KESE jaqbel mal-importanza tar-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) fl-istruttura istituzzjonali u operattiva ġenerali taċ-ċibersigurtà fil-livell Ewropew. F'dan ir-rigward iqis li, minbarra r-rapport kull sentejn dwar l-istat taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni, dan il-korp għandu jippubblika online minn żmien għal żmien informazzjoni aġġornata dwar l-inċidenti taċ-ċibersigurtà, minbarra avviżi settorjali, sabiex jipprovdi għodda ta' informazzjoni oħra li tippermetti lill-partijiet koperti mid-Direttiva NIS 2 jipproteġu aħjar l-intrapriżi tagħhom.

1.9. Il-KESE jaqbel mal-proposta li l-ENISA tiġi fdata bil-kompitu li tistabbilixxi reġistru Ewropew tal-vulnerabbiltajiet u jemmen li l-komunikazzjoni tal-aktar vulnerabbiltajiet u inċidenti sinifikanti għandha ssir obbligatorja, aktar milli volontarja, sabiex tkun ukoll għodda utli għall-entitajiet kontraenti fil-kuntest tal-proċeduri ta' akkwist fuq livell Ewropew, inklużi l-prodotti u t-teknoloġiji għall-5G.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Fis-16 ta' Diċembru 2020 ġiet ippreżentata l-Istrateġija l-għdida ta' Ċibersigurtà tal-UE flimkien ma' żewġ proposti leġiżlattivi: ir-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148⁽¹⁾ dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni (NIS 2) u Direttiva għdida dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (CER). L-Istrateġija, element ewlieni tal-Komunikazzjoni "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa"⁽²⁾, tal-pjan ta' rkupru għall-Ewropa u tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tal-Ewropa kontra t-theddid ċibernetiku u li tiżgura li ċ-ċittadini u l-intrapriżi kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw minn servizzi u għodod diġitali affidabbli u siguri.

2.2. Il-miżuri eżistenti fil-livell tal-UE biex jiġu protetti s-servizzi u l-infrastrutturi kritiċi mir-riskji ċibernetiċi u fiżiċi jridu jiġu aġġornati. Aktar ma jiżdiedu d-diġitalizzazzjoni u l-interkonnnessjoni, aktar jevolvu r-riskji relatati maċ-ċibersigurtà. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi rivedut il-qafas regolatorju attwali billi tiġi segwita l-loġika tal-Istrateġija tal-UE għas-sigurtà, billi mmorru lil hinn mid-dikotomija bejn online u offline u mill-approċċ ibbażat fuq kompartmentalizzazzjoni riġida.

2.3. Iż-żewġ Proposti għal Direttiva jkopru firxa wiesgħa ta' setturi u jindirizzaw ir-riskji online u offline, attwali u futuri, li joriġinaw mill-attakki ċibernetiċi u kriminali, mid-diżastri naturali u mill-inċidenti l-oħra u huma bbażati wkoll fuq it-tagħlima meħuda mill-pandemija li għaddeja bħalissa, li wriet kif is-soċjetajiet u l-ekonomiji li qed jiddependu dejjem aktar minn soluzzjonijiet diġitali huma vulnerabbli u esposti għal theddid ċibernetiku li qed jiżdied u jevolvi malajr, b'mod partikolari għall-gruppi friskju ta' esklużjoni soċjali, bħall-persuni b'diżabilità. Dan ġiegħel lill-UE tipproponi intervent immirat lejn is-salvagwardja ta' ċiberspazju globali u miftuħ iżda bbażat fuq garanziji sodi ta' sigurtà, sovranità teknoloġika u tmexxija, bl-iżvilupp ta' kapaċitajiet operattivi li jipprevjenu, jiskoraġġixxu kwalunkwe theddid u jirreaġixxu għalih b'kooperazzjoni akbar, f'konformità mal-prerogattivi ta' sigurtà nazzjonali fdati lill-Istati Membri.

3. Il-proposta tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni

3.1. Id-Direttiva NIS (UE) 2016/1148, l-ewwel strument regolatorju "orizzontali" tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà, kellha l-għan li ttejjeb ir-reżiljenza tan-networks u tal-informazzjoni fl-Unjoni kontra r-riskji ċibernetiċi. Minkejja r-riżultati tajbin miksuba, id-Direttiva NIS madankollu żvelat ċerti limitazzjonijiet, peress li t-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà, li intensifikat minħabba l-kriżi tal-COVID-19, wessgħet ix-xenarju tat-theddid u kabbret il-vulnerabbiltà tas-soċjetajiet tagħna,

⁽¹⁾ ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.

⁽²⁾ COM(2020) 67 final.

li jiddependu dejjem aktar minn xulxin quddiem riskji rilevanti u mhux mistennija. Tfaċċaw sfidi ġodda li jeħtieġu reazzjonijiet adegwati u innovattivi. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni wiesgħa mwettqa mal-partijiet interessati enfasizzaw il-livell insuffiċjenti ta' ċibersigurtà għall-intrapriżi Ewropej, l-applikazzjoni inkonsistenti tar-regoli mill-Istati fis-setturi differenti u n-nuqqas ta' fehim tat-theddid u tal-isfidi ewlenin.

3.2. Il-proposta tad-Direttiva NIS 2 hija marbuta mill-qrib ma' żewġ inizjattivi oħrajn: il-proposta għal Regolament dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali għas-settur finanzjarju (Digital Operational Resilience Act – DORA) u l-proposta għal Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (CER), li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/114/KE ⁽³⁾ dwar l-enerġija u t-trasport għal setturi ġodda, billi tiffoka pereżempju fuq is-settur tas-saħħa u fuq l-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-mediċini. Id-Direttiva CER, li l-kamp ta' applikazzjoni settorjali tagħha huwa l-istess bħal dak tad-Direttiva NIS 2 għall-entitajiet essenzjali (l-Anness 1 tad-Direttiva NIS 2), iċċaqlaq l-enfasi tagħha minn fuq il-protezzjoni tal-assi fiżiċi għal fuq ir-Reżiljenza tal-entitajiet li jamministrawhom u tgħaddi mill-identifikazzjoni tal-infrastrutturi kritiċi Ewropej b'dimensjoni transfruntiera għall-identifikazzjoni tal-infrastrutturi kritiċi fuq livell nazzjonali. Id-Direttiva NIS 2 hija wkoll konsistenti ma' strumenti regolatorji oħrajn fis-seħħ u komplementari għalihom, bħall-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u r-Regolament eIDAS dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji.

3.3. F'konformità mal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), il-proposta għal Direttiva NIS 2 għandha l-għan li tnaqqas il-piż regolatorju għall-awtoritajiet kompetenti u l-kostijiet ta' konformità għall-entitajiet pubbliċi u privati u timmodernizza l-qafas legali ta' referenza. Barra minn hekk, issaħħaħ ir-rekwiżiti ta' sigurtà imposti fuq l-intrapriżi, tindirizza l-kwistjoni tas-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista, tissemplifika l-obbligi ta' rapportar, tintroduċi miżuri superviżorji aktar stretti għall-awtoritajiet nazzjonali u tipprova tarmonizza s-sistemi tas-sanzjonijiet fl-Istati Membri.

3.4. Id-Direttiva NIS 2 tikkontribwixxi wkoll biex iżżid il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni fl-immaniġġjar tal-kriżijiet ċibernetiċi fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew. Id-distinzjoni bejn l-operaturi ta' servizzi essenzjali u l-fornituri ta' servizzi diġitali prevista mid-Direttiva NIS tneħħiet. Il-kamp ta' applikazzjoni tagħha jinkludi lill-intrapriżi ta' daqs medju-kbir f'setturi identifikati abbażi tal-kritiċità tagħhom għall-ekonomija u s-soċjetà. Dawn l-entitajiet, pubbliċi jew privati, huma maqsuma f'"essenzjali" u "importanti", u soġġetti għal diversi reġimi superviżorji. Madankollu, l-Istati għandhom il-possibbiltà li jikkunsidraw anke entitajiet iżgħar li jkollhom profili ta' riskju għoli.

3.5. Qed ikun previst network ġdid ta' ċentri operattivi tas-sigurtà fil-livell tal-UE, iggwidati mill-intelliġenza artifiċjali (IA), li se jikkostitwixxu "tarka tas-sigurtà ċibernetika" reali, li tkun kapaċi tidentifika s-sinjali ta' attakk ċibernetiku biżżejjed minn qabel biex ikun jista' jsir intervent qabel ma sseħħ il-ħsara. Ir-rilevanza tal-intelliġenza artifiċjali għal skopijiet ta' ċibersigurtà hija enfasizzata wkoll fir-rapport dwar l-intelliġenza artifiċjali tal-Kumitat għas-Sigurtà Nazzjonali (NSCAI) tal-Istati Uniti ppreżentat fl-1 ta' Marzu 2021. Għaldaqstant, l-Istati Membri u l-operaturi tal-infrastrutturi kritiċi se jkunu jistgħu jaċċessaw direttament l-informazzjoni dwar it-theddid fil-qafas ta' network Ewropew ġdid tas-sigurtà f'termini ta' "Intelligence dwar it-Theddid".

3.6. Il-Kummissjoni tindirizza wkoll il-problema tas-sigurtà tal-"Ktajjen ta' Provvista" u tar-relazzjonijiet mal-fornituri: l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-ENISA, jistgħu jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju koordinati tal-ktajjen ta' provvisti kritiċi, ibbażati fuq l-approċċ adottat b'suċċess għan-networks 5G previst mir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Marzu 2019 ⁽⁴⁾.

3.7. Il-proposta ssaħħaħ u tissemplifika l-obbligi ta' sigurtà u tar-rapportar għall-intrapriżi billi timponi approċċ komuni għall-immaniġġjar tar-riskji, b'lista minima ta' elementi bażiċi ta' sigurtà li għandhom jiġu applikati. Huma previsti dispożizzjonijiet aktar preċiżi dwar il-proċess tar-rapportar tal-inċidenti, dwar il-kontenut tar-rapporti u dwar l-iskadenzi. F'dan ir-rigward il-proposta tiddekrivi approċċ f'żewġ stadji: l-intrapriżi għandhom 24 siegħa żmien biex jissottomettu l-ewwel rapport sommarju, segwit mir-rapport dettaljat finali fi żmien xahar.

⁽³⁾ ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75.

⁽⁴⁾ ĠU L 88, 29.3.2019, p. 42.

3.8. Huwa previst li l-Istati Membri jidentifikaw awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-immaniġġjar tal-kriżijiet, bi pjani speċifiċi u network ġdid għall-kooperazzjoni operattiva, il-“UE-Cyber Crises Liaison Organisation Network” (“EU-CyCLONE”). Qed jissaħħaħ ukoll ir-rwol tal-grupp ta' kooperazzjoni fid-definizzjoni tad-deċiżjonijiet strateġiċi u qed jinħoloq reġistru tal-vulnerabbiltajiet individwali fl-UE, ġestit mill-ENISA; barra minn hekk qed tiżdied il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri, inkluża dik operattiva dwar l-immaniġġjar tal-kriżijiet ċibernetiċi.

3.9. Qed jiġu introdotti miżuri superviżorji aktar stretti għall-awtoritajiet nazzjonali, rekwiżiti ta' infurzar aktar sever u l-għan huwa li jiġu armonizzati s-sistemi ta' sanzjonijiet fl-Istati Membri kollha.

3.10. F'dan ir-rigward, il-proposta għal Direttiva tistabbilixxi lista ta' penali amministrattivi f'każ ta' ksur tal-obbligi ta' mmaniġġjar tar-riskji fil-qasam ta' ċibersigurtà u l-komunikazzjoni. F'dan ir-rigward, il-proposta għal Direttiva tistabbilixxi lista ta' penali amministrattivi f'każ ta' ksur tal-obbligi ta' mmaniġġjar tar-riskji fil-qasam ta' ċibersigurtà u l-komunikazzjoni. Huma previsti wkoll dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-persuni fiżiċi li jkollhom karigi ta' rappreżentanti jew manijers f'kumpaniji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

3.11. F'dan is-sens il-proposta ttejjeb il-mod kif l-UE tipprevjeni, timmaniġġja u tirreaġixxi għall-inċidenti u għall-kriżijiet ta' ċibersigurtà fuq skala kbira, billi tipprevedi responsabbiltajiet ċari, ippjanar adegwat u kooperazzjoni akbar fil-livell tal-UE. L-Istati Membri għandhom is-setgħa li jissorveljaw b'mod konġunt l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE u jgħinu lil xulxin fil-każ ta' kwistjonijiet transfruntiera, jistabbilixxu djalogu aktar strutturat mas-settur privat, jikkordinaw l-iżvelar ta' vulnerabbiltajiet misjuba fis-software u l-hardware disponibbli fis-suq intern, jivvalutaw b'mod koordinat ir-riskji għas-sigurtà u t-theddid relatat mat-teknoloġiji l-ġodda, kif ġara fil-każ tal-5G.

4. Il-proposta għal Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi

4.1. Fl-2006 l-UE stabbilixxiet il-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u fl-2008 adottat id-Direttiva dwar l-Infrastruttura Kritika Ewropea (ECI), li tapplika għas-setturi tal-enerġija u t-trasport. Kemm l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025⁽⁵⁾ adottata mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll l-Aġenda dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu adottata dan l-aħħar jissottolinjaw l-importanza li tiġi żgurata r-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi għar-riskji fiżiċi u diġitali. Madankollu, kemm il-valutazzjoni mwettqa fl-2019 rigward l-implimentazzjoni tad-Direttiva ECI kif ukoll ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt ta' din il-proposta wrew b'mod ċar li l-miżuri Ewropej u nazzjonali eżistenti ma jiżgurawx biżżejjed li l-operaturi huma kapaċi jindirizzaw ir-riskji attwali. Għalhekk il-Kunsill u l-Parlament talbu lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi l-approċċ attwali għall-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi.

4.2. L-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà adottata mill-Kummissjoni fl-24 ta' Lulju 2020 irrikonoxxiet l-interkonnnessjoni u l-interdipendenza dejjem jikbru bejn l-infrastrutturi fiżiċi u diġitali, u ssottolinjat il-ħtieġa ta' approċċ aktar koerenti u omoġenju bejn id-Direttiva ECI u d-Direttiva NIS. F'dan ir-rigward, il-proposta għal Direttiva (CER), li l-isfond tas-suġġett tagħha huwa l-istess bħal dak tad-Direttiva NIS 2 dwar l-entitajiet essenzjali, twessa' l-kamp ta' applikazzjoni oriġinali tad-Direttiva 2008/114/KE, ristrett għall-enerġija u għat-trasport, għas-setturi tal-banek, tal-infrastrutturi tas-suq finanzjarju, tas-saħħa, tal-ilma tax-xorb, tal-ilma mormi, tal-infrastrutturi diġitali, tal-amministrazzjoni u l-ispazju pubbliċi, filwaqt li tipprevedi wkoll responsabbiltajiet ċari, ippjanar adegwat u kooperazzjoni akbar. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jinħoloq qafas ta' referenza għar-riskji kollha u jingħata appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jkunha kapaċi jipprevjenu, jirreżistu, jassorbu l-konsegwenzi tal-inċidenti, irrispettivament minn jekk ir-riskji jkunux ġejjin minn perikli naturali, inċidenti, terroriżmu, theddid intern jew emerġenzi tas-saħħa pubblika bħal dik attwali.

4.3. Kull Stat Membri huwa meħtieġ li jadotta strateġija nazzjonali biex jiżgura r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, iwettaq valutazzjonijiet tar-riskju u, abbażi ta' dan, jidentifika l-entitajiet kritiċi. L-entitajiet kritiċi min-naħa tagħhom huma meħtieġa li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju, jadottaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex iżidu r-reżiljenza u jirrapportaw l-inċidenti lill-awtoritajiet nazzjonali. L-entitajiet li jipprovdu servizzi lil mill-inqas terz tal-Istati Membri, jew f'mill-inqas terz minnhom, huma soġġetti għal sorveljanza speċifika, li tinkludi missjonijiet speċifiċi ta' assistenza indirizzati lilhom organizzati mill-Kummissjoni.

4.4. Il-proposta għal Direttiva (CER) tipprevedi diversi forum ta' appoġġ lill-Istati Membri u lill-entitajiet kritiċi, tagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riskji fil-livell tal-UE, l-aħjar prattiki u metodoloġiji, kif ukoll attivitajiet ta' taħriġ u eżerċizzji biex tiġi ttestjata r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi. Is-sistema ta' kooperazzjoni transfruntiera tipprevedi wkoll grupp ta' esperti ad hoc, il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, forum għall-kooperazzjoni strateġika u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri.

⁽⁵⁾ COM(2020) 605 final.

5. Tibdil propost għall-proposta leġislattiva kkonċernata

5.1. Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex iżżid ir-reżiljenza tal-entitajiet pubbliċi u privati kontra t-tbeddid mill-attakki ċibernetiċi u fiżiċi. Dan jikseb sinifikat u importanza partikolari speċjalment fid-dawl tat-trasformazzjoni diġitali mgħaġġla kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19. Huwa jaqbel ukoll mal-hteġa li, kif jingħad fil-Komunikazzjoni "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa", l-Ewropa taħsad il-benefiċċji tal-era diġitali u ssaħħa l-industrija tagħha, b'referenza partikolari għall-intrapriżi żgħira u medji, u l-kapaċità tal-innovazzjoni tagħha b'mod inklużiv, skont strateġija bbażata fuq erba' pilastri: il-protezzjoni tad-data, id-drittijiet fundamentali, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà bħala prerekwiżiti essenzjali għal soċjetà li tiddependi mill-qawwa tad-data.

5.2. Madankollu, fid-dawl tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt u tal-konsultazzjoni li saret qabel il-proposta tad-Direttiva NIS 2, meta jitqies l-oġettiv enfasizzat ripetutament li tiġi evitata l-frammentazzjoni tar-regoli adottati fil-livell nazzjonali, kif mixtieq ukoll fil-Komunikazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva NIS⁽⁶⁾, il-KESE jinnota li ma jissemmewx ir-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni ma ddeċidietx li ttipponi l-adozzjoni ta' regolament minflok direttiva, anke fost l-għażliet ikkonsidrati.

5.3. Il-KESE jinnota li wħud mid-dispożizzjonijiet taż-żewġ proposti għal Direttiva jikkoinċidu minħabba li huma relatati mill-qrib u komplementari, billi waħda tittratta l-aktar il-profil ta' ċibersigurtà u l-oħra s-sigurtà fiżika. Huwa nnutat ukoll li l-entitajiet kritiċi msemmija fid-Direttiva CER jikkonċernaw l-istess setturi u jikkoinċidu mal-entitajiet "essenzjali" msemmija fid-Direttiva NIS 2⁽⁷⁾. Ma dan jiżdied il-fatt li l-entitajiet kritiċi kollha msemmija fid-Direttiva CER huma soġġetti għall-obbligi ta' ċibersigurtà stabbiliti fid-Direttiva NIS 2. Iż-żewġ proposti mbagħad jipprevedu sensiela ta' klawżoli ta' kuntatt biex jiżguraw konnessjoni: dispożizzjonijiet għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet, skambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet superviżorji, notifika lill-awtoritajiet NIS 2 dwar l-identifikazzjoni tal-entitajiet kritiċi skont id-Direttiva CER, kif ukoll laqgħat regolari tal-gruppi rispettivi ta' kooperazzjoni, tal-inqas darba fis-sena. Iż-żewġ proposti għandhom ukoll l-istess bażi legali, l-Artikolu 114 tat-TFUE, immirat lejn il-funzjonament tas-suq intern permezz tal-approssimazzjoni tar-regoli nazzjonali, kif interpretat ex multis mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tagħha fil-Kawża C58/08, Vodafone et al. Jitlob għalhekk li tiġi evalwata l-possibbiltà li ż-żewġ proposti jingħaqdu f'test wieħed, għal raġunijiet ta' semplifikazzjoni u konċentrazzjoni funzjonali.

5.4. Il-KESE jaqbel mal-approċċ propost li ma tibqax issir distinzjoni bejn l-operaturi ta' servizzi essenzjali u l-fornituri ta' servizzi diġitali msemmija fid-Direttiva NIS oriġinali, madankollu b'referenza għall-kamp ta' applikazzjoni tagħha, jenfasizza l-oportunità li jiġu pprovduti indikazzjonijiet aktar eżatti u ċari għall-identifikazzjoni tal-entitajiet meħtieġa li jikkonformaw mad-Direttiva. Fil-fatt, minbarra r-referenzi li jinsabu fl-Annessi I u II, id-Direttiva NIS 2 tirreferi għal sensiela ta' kriterji, li mhumix uniformi bejniethom, li jinvolvu valutazzjonijiet delikati ta' natura kwalitattiva u kwantitattiva li jistgħu jiġu applikati b'mod differenti fil-livell nazzjonali, bir-riskju li jerġgħu joħlqu l-frammentazzjoni li kien maħsub li tiġi evitata bl-intervent regolatorju inkwistjoni. Fil-fatt, jidher li huwa importanti li jiġi evitat li approċċi mhux allinjati fil-livell nazzjonali jirriżultaw f'ostrakli għall-kompetizzjoni u għall-moviment liberu ta' oġġetti u servizzi, bir-riskju li jagħmlu ħsara lill-intrapriżi u lill-kummerċ.

5.5. Id-Direttiva NIS 2 tipprevedi li l-operaturi kritiċi fis-setturi meqjusa "essenzjali" minn din il-proposta jkunu soġġetti wkoll għal obbligi ġenerali biex itejbu r-reżiljenza, b'attenzjoni partikolari għar-riskji mhux ċibernetiċi skont id-Direttiva CER. Madankollu, din tal-aħħar tindika espressament li hija ma tapplikax għas-suġġetti koperti mid-Direttiva NIS 2. Fil-fatt id-Direttiva CER tipprevedi li, peress li ċ-ċibersigurtà hija indirizzata b'mod suffiċjenti fid-Direttiva NIS 2, il-kwistjonijiet irregolati minn din tal-aħħar għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CER, mingħajr preġudizzju għar-reġim partikolari għall-entitajiet fis-settur tal-infrastruttura diġitali. Id-Direttiva CER tkompli tinnota li l-entitajiet li jappartjenu għas-settur tal-infrastruttura diġitali huma essenzjalment ibbażati fuq sistemi ta' networks u tal-informazzjoni u jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva NIS 2, li tindirizza s-sigurtà fiżika ta' sistemi bħal dawn bħala parti mill-immaniġġjar tar-riskju marbut ma' ċibersigurtà u l-obbligi ta' rapportar tagħhom. Fl-istess ħin id-Direttiva CER tindika li mhux eskluż li dispożizzjonijiet speċifiċi tagħha jistgħu japplikaw għalihom ukoll.

5.6. F'dan il-kuntest kumpless, il-KESE jqis għalhekk li huwa essenzjali li l-Kummissjoni tiċċara b'mod preċiż il-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ strutturi regolatorji, speċjalment fejn id-dispożizzjonijiet jikkontribwixxu biex jirregolaw l-istess każ jew l-istess entità.

5.7. Iċ-ċarezza ta' kull dispożizzjoni regolatorja, aktar u aktar meta mdaħħla f'testi estensivi u kumplessi bħal dawk inkwistjoni, għandha tikkostitwixxi oġettiv inaljenabbli, f'kull livell, flimkien ma' dawk li jnaqqsu l-burokrazija u l-frammentazzjoni billi jiġu ssemplifikati l-proċessi, ir-rekwiżiti tas-sigurtà u l-obbligi ta' notifika tal-inċidenti. Jeħtieġ

⁽⁶⁾ COM(2017) 476 final.

⁽⁷⁾ Anness 1 (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

ukoll li jiġi evitat li l-multiplikazzjoni tal-korpi magħżula għal kompiti speċifiċi tikkomprometti l-identifikazzjoni ċara tal-kompetenzi tagħhom, u b'hekk iġġib fix-xejn l-għanijiet imfittxja. Għal din ir-raġuni wkoll jista' jkun xieraq, għall-benefiċċju ta' ċittadini u tal-intrapriżi, li ż-żewġ proposti għal Direttiva jingħaqdu f'test wieħed, biex jiġi evitat l-eżerċizzju xi drabi kkumplikat ta' interpretazzjoni u applikazzjoni.

5.8. F'diversi każijiet fid-Direttiva NIS 2 jissemmew id-dispożizzjonijiet ta' strumenti legali oħrajn, bħal fil-każ tad-Direttiva (UE) 2018/1972⁽⁸⁾ li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, li l-applikazzjoni tiegħu hija rregolata mill-kriterju ta' speċjalità. Ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva msemija hawn fuq huma mħassra espressament (l-Artikoli 40 u 41), filwaqt li oħrajn għandhom jiġu applikati bl-istess mod bħall-prinċipju msemmi qabel, mingħajr ma tingħata xi kjarifika f'dak ir-rigward. Il-KESE jittama li kull dubju jiġi eliminat f'dan ir-rigward biex jiġi evitati problemi fl-interpretazzjoni. Fir-rigward tas-sistema ta' sanzjonar, il-KESE jaqbel ukoll mal-għan tal-Kummissjoni li tarmonizza r-reġim tas-sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità fl-immaniġġjar tar-riskju, fil-kuntest ta' kondivizzjoni aħjar tal-informazzjoni u tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE.

5.9. Il-KESE jirrikonoxxi r-rwol essenzjali, enfasizzat mid-Direttiva proposta, tal-korpi maniġerjali tal-entitajiet "essenzjali" u "importanti" fl-istrateġija ta' ċibersigurtà u fl-immaniġġjar tar-riskju, peress li huma meħtieġa japprovaw il-miżuri ta' mmaniġġjar tar-riskju, jissorveljaw l-implimentazzjoni tagħhom u jkunu responsabbli għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità. F'dan ir-rigward huwa previst li l-membri ta' dawn il-korpi jsewgu taħriġ speċifiku, b'mod regolari, sabiex jiksibu għarfien u ħilet suffiċjenti biex jifhmu u jimmaniġġjaw id-diversi riskji ċibernetiċi u jevalwaw l-impatt tagħhom. Madankollu huwa meqjus li l-proposta għandha tindika x'inhu l-kontenut ta' tali għarfien u ħilet, sabiex tipprovdi gwida fil-livell Ewropew li fuqha l-ħilet tat-taħriġ jitqiesu adegwati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti indikati fil-proposta, b'mod li jiġi evitat li l-kontenut tad-diversi korsijiet ta' taħriġ ikun differenti skont il-pajjiż.

5.10. Il-KESE jaqbel mal-importanza tar-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) fl-istruttura istituzzjonali u operattiva ġenerali ta' ċibersigurtà fil-livell Ewropew. Il-KESE jaqbel mal-importanza tar-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) fl-istruttura istituzzjonali u operattiva ġenerali ta' ċibersigurtà fil-livell Ewropew. F'dan ir-rigward iqs li, minbarra r-rapport dwar l-istat ta' ċibersigurtà fl-Unjoni, dan il-korp għandu jippubblika online informazzjoni aġġornata dwar l-inċidenti ta' ċibersigurtà u avviżi settorjali, sabiex jipprovdi għodda ta' informazzjoni utli li tippermetti lill-partijiet koperti mill-NIS 2 jipproteġu aħjar l-intrapriżi tagħhom.

5.11. Il-KESE jaqbel li l-aċċess għal informazzjoni korretta u fil-ħin dwar il-vulnerabbiltajiet li jaffettwaw il-prodotti u s-servizzi tal-ICT jikkontribwixxi għal immaniġġjar aqwa tar-riskju marbut ma' ċibersigurtà. F'dak ir-rigward, is-sorsi tal-informazzjoni dwar il-vulnerabbiltajiet disponibbli pubblikament jirrappreżentaw għodda importanti għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRT), l-intrapriżi u l-utenti. Għal din ir-raġuni, il-KESE jaqbel mal-proposta li l-ENISA tiġi fdata bil-kompitu li toħloq reġistru Ewropew tal-vulnerabbiltajiet li fih l-entitajiet essenzjali u importanti u l-fornituri tagħhom ikunu jistgħu jikkomunikaw l-informazzjoni, b'mod li l-utenti jkunu jistgħu jadottaw il-miżuri adegwati ta' mitigazzjoni. Il-KESE jemmen ukoll li tali komunikazzjoni tal-aktar vulnerabbiltajiet u inċidenti sinifikanti għandha ssir obbligatorja, aktar milli volontarja, sabiex issir għodda utli wkoll għall-entitajiet kontraenti fil-kuntest tad-diversi proċeduri ta' akkwist fil-livell Ewropew, inklużi l-prodotti u t-teknoloġiji għall-5G. F'dan il-każ, dan ir-reġistru jkun jinkludi elementi li jistgħu jiġu utilizzati fl-evalwazzjoni tal-offerti, bl-iskop li jiġu vverifikati l-kwalità tagħhom u l-affidabbiltà tal-kuntratturi Ewropej u mhux Ewropej, f'termini ta' sigurtà tal-prodotti u tas-servizzi koperti mis-sejħa għall-offerti, skont kif inhuwa indikat mir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Marzu 2019 dwar iċ-Ċibersigurtà tan-networks 5G. Ir-reġistru għandu jiżgura wkoll li l-informazzjoni li tkun inkluża fih issir disponibbli b'mod li jiġi evitat kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁸⁾ ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Midja tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta’ Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni”

(COM(2020) 784 final)

(2021/C 286/29)

Rapporteur: **Elena-Alexandra CALISTRU**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 24.2.2021
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	14.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	241/1/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa’ b’sodisfazzjon il-pjan ta’ azzjoni tal-Kummissjoni u l-isforzi li saru permezz ta’ diversi strumenti biex jinholq ambjent ħieles, varjat u dinamiku fis-suq tal-midja, u jinsab kuntent li dan is-suq huwa rikonnoxxut bħala kruċjali għat-tisħiħ ta’ soċjetajiet miftuħa u demokratiċi u biex tiġi stimulata d-diversità kulturali tal-Ewropa.

1.2. Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon ir-rikonoxximent li l-kultura u l-ekosistema kreattiva, li jagħmlu parti minnhom is-setturi tal-midja tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv, ġew affettwati mill-pandemija u għalhekk jirrikjedu intervent immedjat. L-irkupru ekonomiku u l-kompetittività tal-industrija huma prerekwiżiti għal midja f’saħħha, indipendenti u pluralista, li min-naħa tagħha hija fundamentali għad-demokrazija tagħna. Il-KESE japprova l-enfasi fuq il-fatt li l-kumpaniji tal-midja huma kemm settur ekonomiku kif ukoll għid pubbliku li huwa kruċjali biex il-persuni jingħataw informazzjoni preċiża u biex id-demokrazija tkun tista’ taħdem kif suppost.

1.3. Il-kombinazzjoni tax-xejriet sottostanti u l-kriżi tal-COVID-19 jistgħu, mingħajr rispons qawwi ta’ appoġġ politiku u finanzjarju, idgħajfu r-reżiljenza tas-settur tal-midja tal-Ewropa u r-rwol demokratiku tiegħu. Il-KESE jaqbel mat-tħassib tal-Kummissjoni li dan jista’ jdgħajf id-diversità kulturali u l-pluraliżmu tal-midja tal-Ewropa u jilqa’ l-impenn tal-Kummissjoni għal miżuri li għandhom jiġu implimentati f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, l-industrija tal-midja u l-partijiet ikkonċernati kollha. Madankollu, il-KESE jindika li huwa importanti ħafna li l-Istati Membri jaħdmu flimkien u jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jaraw li daww il-miżuri minn potenzjali jsiru realtà, filwaqt li jaħdmu flimkien biex isaħħu l-midja u d-demokrazija.

1.4. Il-KESE huwa sodisfatt mill-fatt li l-Komunikazzjoni għandha objettiv triplu: li taċċellera kemm l-irkupru kif ukoll it-trasformazzjoni tal-industrija tal-midja u li żżid ir-reżiljenza tagħha. Iridu jittieħdu passi biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li qed jiffaċċjaw l-industrija tal-midja tal-aħbarijiet u dik awdjoviżiva, kif ukoll biex jitrawwem ambjent favorevoli fejn il-midja u s-soċjetà ċivili jistgħu jipparteċipaw f’dibattitu miftuħ, ħieles minn interferenza illeċita u diżinformazzjoni.

1.5. Il-KESE jixtieq li l-pjan ikun marbut aktar mill-qrib mar-realtajiet soċjali u l-karatteristiċi speċifiċi tal-industrija. B’mod partikolari, l-interventi għandhom iqisu r-realtajiet tad-diskrepanzi fix-xenarju tal-industrija tal-midja u dik awdjoviżiva bejn l-Istati Membri individwali, u d-diskrepanzi fl-Istati Membri bejn il-kapaċità u l-ħtiġijiet tal-midja lokali u nazzjonali. L-għodod finanzjarji għandhom ikunu trasparenti, aċċessibbli u inklużivi għall-atturi kollha li jiżguraw id-diversità tal-industrija Ewropea tal-midja u dik awdjoviżiva, inkluż bil-li jiġi żgurat aktar appoġġ lill-midja lokali u lin-negozji ġodda tal-midja.

1.6. Il-KESE jitlob li l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili jkun involuti fl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet li jfittxu li jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini, li jirrikonoxxu r-rwol tagħhom fil-promozzjoni tal-valuri tad-demokrazija, li jsaħħu l-libertà tal-midja u l-għieda kontra d-diżinformazzjoni permezz tal-litteriżmu medjatiku. Sabiex il-pjan jirnexxi, irid isib mezz biex jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fi sforz biex tiġi rrikonoxxuta l-importanza tal-midja għall-valuri demokratiċi

tal-Ewropa, kif ukoll biex iċ-ċittadini tagħha jiġu mgħammra bil-ħiliet biex jagħrfu u jassorbu informazzjoni u kultura awdjoviżiva li tippromovi l-istess valuri. Rapporti regolari bħal dawk dwar kampanji favur il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni jistgħu jintużaw biex jgħinu fl-isforzi tal-litteriżmu medjatiku.

2. Sommarju tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni

2.1. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tiffoka fuq is-settur tal-midja tal-aħbarijiet (inklużi l-midja stampata u online, ir-radju u s-servizzi awdjoviżivi) u l-industrija kulturali awdjoviżiva, b'mod partikolari ċ-ċinema, it-televiżjoni, ir-radju u l-video streaming kif ukoll il-logħob tal-kompjuter u formati innovattivi, bħal esperjenzi tar-realtà virtwali.

2.2. F'din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni tippreżenta dokument ta' qafas/pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi serje ta' inizjattivi maħsuba biex jikkontribwixxu għall-irkupru u t-trasformazzjoni tas-setturi tal-midja tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv tal-Ewropa. Dawn is-setturi, li ġew affettwati ħażin mill-kriżi tal-COVID-19, huma kruċjali għad-demokrazija, id-diversità kulturali u l-awtonomija diġitali tal-Ewropa.

2.3. Fl-istess ħin, is-settur tal-midja tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv tal-Ewropa kienu kruċjali peress li żammew lin-nies infurmati u offrew tratteniment matul il-pandemija tal-COVID-19. Id-domanda għal informazzjoni u aħbarijiet ivverifikati bil-fatti żdiedet b'mod sostanzjali, filwaqt li l-films, is-sensiliet u l-logħob tal-kompjuter kienu s-sors ewlieni ta' kultura matul ix-xhur ta' lockdown.

2.4. Il-komunikazzjoni hija mibnija fuq tliet temi:

- (a) Irkupru: dak li l-Kummissjoni qed tippjana li tagħmel biex tgħin lill-kumpaniji awdjoviżivi u tal-midja jegħlbu l-maltempata attwali u biex ttiprovdi likwidità u appoġġ finanzjarju;
- (b) Trasformazzjoni: tindirizza kwistjonijiet strutturali billi tgħin lill-industrija tiffaċċja t-tranżizzjonijiet tewmin tat-tibdil fil-klima u tad-diġitalizzazzjoni, fil-kuntest ta' kompetizzjoni globali ħarxa;
- (c) Abilitazzjoni u kisba tas-setgħa: tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jippermettu aktar innovazzjoni fis-settur, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet verament ekwi, u tabilita liċ-ċittadini jaċċessaw il-kontenut b'mod aktar faċli u jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

2.5. Il-pjan ta' azzjoni huwa parti mill-isforzi usa' tal-Kummissjoni biex tfassal sensiela ta' inizjattivi biex jgħinu fit-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa u huwa waħda mill-inizjattivi li jagħmlu parti mill-pilastru ta' soċjetà miftuħa, demokratika u sostenibbli.

2.6. Il-komunikazzjoni tikkomplementa wkoll il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea u hija bbażata fuq il-qafas stabbilit mid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) riveduta reċentement u r-riforma tad-Drittijiet tal-Awtur. Trid tinqara wkoll bħala parti mir-regoli stabbiliti mill-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali konġunti.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jilqa' l-approċċ komprensiv li ttieħed għall-miżuri meħtieġa kemm biex jiġi żgurat ambjent aħjar għall-ġurnalisti kif ukoll biex jiġi promoss il-litteriżmu medjatiku. Għalhekk għandu jiġi ddikjarat b'mod aktar ċar kif il-komunikazzjoni tikkomplementa l-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, inkluż fir-rigward tal-allokazzjoni tal-appoġġ finanzjarju.

3.2. Id-dokumenti rilevanti għandhom ikunu interkonnessi b'attenzjoni u bir-reqqa, inkluż billi jiġu invokati b'aktar attenzjoni l-miżuri stabbiliti fil-proposti tal-Kummissjoni dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, u l-Aġenda tal-Konsumatur Ewropew, peress li l-pjan direzzjonali tal-midja jenfasizza l-impatt tat-trasformazzjoni diġitali inkluż li l-midja Ewropea ssir aktar kompetittiva⁽¹⁾.

⁽¹⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52018AE3902&from=MT>

3.3. Il-KESE jilqa' l-istruttura u l-istrumenti tanġibbli, u jqis li jistgħu jipprovdu kemm rispons immedjat għall-ħtieġa ta' rkupru wara l-kriżi billi jiffaċilitaw u jestendu l-aċċess għall-finanzjament, u rispons aktar fit-tul minħabba l-enfasi fuq it-trasformazzjoni kkawżata mill-istimolu tal-investiment fit-tranżizzjonijiet tawmin tat-tibdil fil-klima u d-diġitalizzazzjoni. Madankollu, irridu nipprovdu ambjent favorevoli sabiex il-midja tkun tista' tipprova mudelli ġodda ta' finanzjament. Mingħajr fondi li jippermettu approċċ sperimentali, l-innovazzjoni f'dan il-qasam se tbat. Bħalissa m'hemm l-ebda mudell standard li jista' jiġi implimentat, huma biss stejjer ta' suċċess individwali ta' kumpaniji speċifiċi tal-midja li rnexxielhom jagħmlu lilhom infushom sostenibbli.

3.4. Fir-rigward tas-settur tal-midja tal-aħbarijiet, il-KESE jinnota li l-pjan ta' azzjoni jkopri miżuri għall-ġestjoni tal-isfidi li jiffaċċja suq diġitali fejn l-ikbar sehem tad-dħul mir-reklamar huwa mmirat lejn pjattaformi diġitali globali. Il-mekkaniżmi finanzjarji proposti huma aktar varjati minn qatt qabel, u madankollu hemm riskju ta' approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd li jista' jwassal għal diskrepanzi bejn l-Istati Membri, u wisq aktar, fihom stess (jiġifieri bejn il-livelli nazzjonali u lokali). Trid titqies il-kapaċità mhux uniformi tal-mezzi tal-aħbarijiet lokali biex jaċċessaw strumenti finanzjarji kumplessi.

3.5. Il-KESE jindika li trid tittieħed azzjoni biex jiġi indirizzat il-periklu ta' frammentazzjoni⁽²⁾. Il-miżuri prinċipali għas-settur awdjoviżiv huma mmirati lejn din l-isfida, li hija dovuta mhux biss għall-pressjoni mill-pjattaformi online iżda wkoll għall-fatt li s-settur jiffoka kważi esklussivament fuq l-udjenza nazzjonali. Hemm bżonn ta' miżuri kuraġġużi li jippermettu lill-atturi Ewropej jinvestu fil-kontenut, it-talent, il-promozzjoni, id-distribuzzjoni, l-innovazzjoni u t-teknoloġija fl-UE kollha.

3.6. Bħala assemblea li tirrappreżenta s-soċjetà ċivili, il-KESE kemm-il darba⁽³⁾ indika li l-futur diġitali tal-Ewropa huwa bbażat fuq approċċ iffukat fuq in-nies, iżda wkoll li l-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku huma essenzjali⁽⁴⁾. Il-KESE jenfasizza għal darb'oħra li t-trasformazzjoni diġitali tal-midja mhux se tkun possibbli sakemm il-pubbliku ma jkunx ippreparat għaliha, u għalhekk il-miżuri li jippromovu l-litteriżmu medjatiku u l-edukazzjoni ċivika huma essenzjali.

3.7. Barra minn hekk, il-KESE jixtieq jenfasizza li l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà huma fatturi vitali li wieħed għandu jżomm f'moħħu fl-aspetti kollha tal-istrateġija: mid-dispożizzjoni għar-riċeviment ta' fondi, fis-soluzzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni ta' u għall-ispazju Ewropew tad-Data għall-pjattaformi għad-disponibbiltà ta' kontenut u edukazzjoni awdjoviżivi, il-kisba tas-setgħa kif ukoll il-funzjonament tas-suq medjatiku Ewropew.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. **L-azzjonijiet ta' appoġġ għall-irkupru** jinkludu programmi ta' finanzjament b'impatt dirett fuq il-midja, iżda **wħud biss minn dawn il-mekkaniżmi ta' finanzjament huma stabbli**, prevedibbli u aċċessibbli matul il-perjodu kollu tal-pjan ta' azzjoni. Il-miżuri proposti jeħtieġ li jiġu adattati biex jiggarantixxu finanzjament essenzjali għall-prijoritajiet, lil hinn mill-fondi li huma **disponibbli temporanjament jew skont id-diskrezzjoni tal-Istati Membri**. Pereżempju, il-programm Ewropa Kreattiva, li se jkun aċċessibbli matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali kollu, għall-ewwel darba se jinkludi miżuri ffukati fuq il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, il-ġurnaliżmu u l-litteriżmu medjatiku. Madankollu, is-sorsi l-oħra ta' finanzjament proposti huma temporanji (bħal pereżempju SURE) jew l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jużawhomx (Fondi Strutturali).

4.2. L-Azzjoni 1 tippromovi aċċess aktar faċli għall-appoġġ tal-UE permezz ta' għodda interattiva li se tippromovi gwida kif wieħed japplika għall-appoġġ rilevanti tal-UE matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u permezz ta' pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Din hija idea eċċellenti li se tagħmilha aktar faċli biex tinstab l-informazzjoni u se ttejjeb il-proċessi ta' finanzjament tal-midja. Madankollu, jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn mekkaniżmu li jippermetti lill-Istati Membri jibagħtu informazzjoni f'ħin reali sabiex il-portal ikollu l-informazzjoni meħtieġa meta jkun rilevanti.

4.3. L-Azzjoni 2 tittratta l-inizjattiva MEDIA INVEST immirata biex tagħti spinta lill-investiment fl-industrija awdjoviżiva. Din hija pjattaforma ddedikata għall-investiment fl-ekwità maħsuba biex trawwem produzzjonijiet awdjoviżivi u strateġiji ta' distribuzzjoni Ewropej. Il-KESE jemmen li l-investiment jeħtieġ li jiġi ddied b'mod sostanzjali, u li dan l-investiment irid jimxi id f'id ma' attenzjoni akbar għall-innovazzjoni jekk l-għan huwa wkoll li l-kumpaniji awdjoviżivi Ewropej isiru aktar kompetittivi f'suq globali dejjem aktar aggressiv. Barra minn hekk, u fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, il-KESE jirrakkomanda l-ħolqien ta' fond Ewropew tal-assigurazzjoni għall-produzzjoni awdjoviżiva.

⁽²⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52016AE4519&from=MT>

⁽³⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020AE1188&from=MT>

⁽⁴⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52018AE6302&from=MT>

4.4. L-Azzjoni 3 tittratta l-AĦBARIJET, inizjattiva li għandha l-għan li tinkludi azzjonijiet u appoġġ għas-settur tal-midja tal-aħbarijiet. Il-firxa wiesgħa ta' għodod hija sinifikanti wkoll. Madankollu, huwa importanti li jitqies li dawn il-mekkaniżmi ta' appoġġ għandhom ikunu mmirati lejn karatteristiċi partikolari tal-industrija, li jipprovdu opportunitajiet kemm għan-negozji għodda tal-midja (irrispettivament mill-istruttura legali tagħhom) kif ukoll għall-ġurnalisti freelance.

4.5. Irid jingħata aktar appoġġ lill-mezzi tax-xandir lokali u lil negozji għodda tal-midja li m'għandhomx il-kapaċità li japplikaw għal dan it-tip ta' finanzjament, permezz ta' għodod li huma faċli biex jiġu aċċessati mill-mezzi tax-xandir indipendenti u żgħar li qed isibu l-aktar diffikultajiet bir-riżorsi finanzjarji. It-twassil tal-finanzjament permezz ta' assoċjazzjonijiet professjonali jista' jgħin lill-entitajiet medjatiċi żgħar jaċċessaw l-appoġġ meħtieġ. F'xi Stati Membri, is-suq tal-midja, b'mod partikolari s-suq lokali, huwa dgħajef u vulnerabbli u għalhekk l-investituri jistgħu ma jarawhx bħala opportunità. Għalhekk iridu jinstabu soluzzjonijiet li jippermettu lill-kumpaniji tal-midja lokali jiddiversifikaw il-flussi ta' introjtu tagħhom u jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq, mingħajr ma jsiru dipendenti minn investituri esterni li jistgħu jinjoraw il-profitabbiltà potenzjali ta' investment f'dawn is-swieq ta' valur baxx.

4.6. Il-mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju jridu jkunu akkumpanjati minn miżuri stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea sabiex jiġi żgurat li huma konsistenti fil-promozzjoni tal-valuri demokratiċi, fit-tisħiħ tal-libertà tal-midja u fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni. Għall-istess għan, filwaqt li jilqa' d-diversità u l-innovazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, il-KESE jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza tal-investimenti pubbliċi u privati, il-fondi, il-fondazzjonijiet u kwalunkwe struttura oħra ta' sjeđa tal-midja, u li jiġi żgurat li ma jikkontribwixx għal fenomenu ta' konċentrazzjoni eċċessiva u ma jiġux b'talbiet politiċi jew ideoloġiċi speċifiċi marbuta magħhom.

4.7. L-Azzjoni 4 tintroduċi **azzjonijiet li jiffukaw fuq it-trasformazzjoni tal-industrija**, il-ksib tal-innovazzjoni permezz ta' spazju Ewropew tad-data tal-midja u l-inkoraġġiment ta' mudelli għodda ta' negozju. Bħal f'Opinjoni oħrajn⁽⁵⁾, il-KESE jaqbel li jeħtieġ li nibnu suq uniku Ewropew ġenwin għad-data — spazju Ewropew tad-data bbażat fuq l-istandards u l-valuri Ewropej, inkluża l-industrija tal-midja. Il-miżuri jridu jippermettu l-ħtieġa li tingħata spinta lill-kapaċità tal-industrija li taqleb għal mudell tal-midja bbażat dejjem aktar fuq id-data, peress li hemm differenzi kbar f'dan ir-rigward fl-industrija kollha. Madankollu, il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-utenti li jipprovdu data għal dan is-suq Ewropew ikunu garantiti, filwaqt li fl-istess ħin jindika, b'konformità ma' dak li ġie ddikjarat minn organizzazzjonijiet Ewropej differenti tal-konsumaturi, il-ħtieġa li l-utenti jiksibu kumpens għall-użu tad-data tagħhom.

4.8. Il-miżuri l-oħra stabbiliti f'dan il-qafas huma konsistenti mal-isforzi biex tinkiseb it-trasformazzjoni diġitali u ekonomika u għandhom jitqiesu fil-kuntest usa' ta' azzjonijiet f'dawk l-oqsma. L-Azzjoni 5 tfttex li trawwem koalizzjoni industrijali ta' Realtà Virtwali u Awmentata Ewropea, filwaqt li l-Azzjoni 6 tippromovi l-bidla għal settur awdjoviżiv newtrali għall-klima permezz tal-iskambju strutturat tal-aħjar Prattika. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jsir investment fit-taħriġ professjonali⁽⁶⁾ u fit-tisħiħ tal-industrija sabiex jiġi żgurat l-adattament tal-ħiliet għal dawn il-kwistjonijiet fundamentali.

4.9. Il-miżuri ta' abilitazzjoni u ta' kisba tas-setgħa jenfasizzaw il-ħtieġa li l-Ewropej jitqiegħdu fiċ-ċentru tad-Deċennju Diġitali. L-Azzjoni 7 tfttex li tikseb disponibbiltà usa' ta' kontenut awdjoviżiv madwar l-UE billi tniedi djalogo mal-industrija awdjoviżiva u s-soċjetà ċivili sabiex jintlaħaq qbil dwar il-passi biex jitlej l-aċċess għal kontenut awdjoviżiv u d-disponibbiltà tiegħu bejn il-fruntieri fl-UE u jiġi eliminati r-restrizzjonijiet ġeografiċi għall-aċċess ta' kontenut diġitali permezz tal-imblukkar ġeografiku. Il-KESE jilqa' l-ftuħ ta' dan id-djalogo, li ser ikollu jqis il-protezzjoni meħtieġa tad-drittijiet tal-awtur u r-restrizzjonijiet ta' finanzjament tal-industrija awdjoviżiva.

4.10. Il-KESE jilqa' l-Azzjoni 8 li għandha l-għan li trawwem it-talenti Ewropej tal-midja permezz tat-taħriġ, il-mentoraġġ u l-appoġġ għall-innovazzjoni. Madankollu, nixtiequ nagħmlu referenza għall-varjetà ta' strutturi tal-partijiet ikkonċernati fl-industrija (ħaddiema li jaħdmu għal rashom, u dawk mingħajr skop ta' qligħ) u l-ħtieġa li jiġi żgurat li kollha kemm huma jkunu jistgħu jaċċessaw il-mekkaniżmi.

4.11. L-Azzjoni 9 tiffoka fuq il-kisba tas-setgħa minn l-individwi. Minħabba l-importanza tal-litteriżmu medjatiċu kemm għall-individwi kif ukoll għad-demokrazija, din il-kwistjoni għandha tingħata prijorità. B'mod partikolari, iridu jiġu żviluppati strumenti għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni u t-tixrid ta' diżinformazzjoni u miżinformazzjoni, li ždiu b'mod inkwetanti. Huwa wkoll kruċjali li jiġi żgurat li l-miżuri stabbiliti fid-dokumenti u l-pjani pertinenti⁽⁷⁾ jkunu konsistenti, b'mod partikolari minħabba li dawn is-setturi huma għodda u jinvolvu ammont kbir ta' informazzjoni, u l-Istati Membri jeħtieġu gwida ċara u proċeduri konsistenti.

⁽⁵⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020AE1188&from=MT>

⁽⁶⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52017AE1813&from=MT>

⁽⁷⁾ Inkluż il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, il-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali.

4.12. L-Azzjoni 10 tiftaħ id-diskussjoni dwar l-iżgurar tal-funzjonament tas-suq tal-midja Ewropew billi ssaħħaħ il-qafas ta' kooperazzjoni fost ir-regolaturi tal-midja Ewropej fi ħdan il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA). Il-KESE japprezza l-importanza mogħtija lill-involviment ta' daww li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell tal-Istati Membri, speċjalment fil-kuntest tal-infurzar tal-AVMSD, u jhegħeġ approċċ simili għall-azzjonijiet kollha elenkati fil-pjan sabiex isiru pjan direzzjonali ġenwin għall-industrija.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà — Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità”

(COM(2020) 667 final)

(2021/C 286/30)

Relatur: **Maria NIKOLOPOULOU**

Korelatur: **John COMER**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 28.10.2020
Bażi legali	Artikoli 192(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	15.4.2021
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	242/1/7

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappoġġja l-oġġettiv tal-Kummissjoni li timxi lejn ambjent ħieles mit-tossiċità u tiżgura li s-sustanzi kimiċi jiġu prodotti b'mod li jimmassimizza l-kontribut pożittiv tagħhom għas-soċjetà u jnaqqas l-impatt ambjentali.

1.2. Hija meħtieġa definizzjoni ta' liema użi ta' sustanzi kimiċi huma “essenzjali”, u metodoloġija spjegata b'mod ċar dwar kif is-sustanzi kimiċi jsiru “sikuri u sostenibbli mid-disinn”. F'dan il-kuntest, aħna nnefasizzaw li s-“sustanzi ta' tħassib” għandhom jiġu identifikati, evalwati u kklassifikati bl-aktar mod komprensiv, mhux ambigwu u ssemplifikat sabiex l-industrija tkun tista' tadatta.

1.3. Il-KESE faħħar lill-Kummissjoni rigward il-fehma tagħha li l-UE għandha tkun mexxejja globali fil-produzzjoni u l-użu ta' sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli, u jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali għall-kumpaniji, u miżuri għal tranżizzjoni ġusta għaċ-ċittadini kollha tal-UE.

1.4. Sabiex l-istrateġija tkun ta' suċċess, hija meħtieġ l-parteċipazzjoni tan-nies u tal-industrija, kif ukoll modi innovattivi ta' ħsieb, flimkien ma' trasparenza u l-involvement fil-proċess tat-teħid ta' deċizzjonijiet.

1.5. L-istrateġija għandha l-għan li testendi l-approċċ ġeneriku għall-immaniġġjar tar-riskju għal prodotti tal-konsumatur li fihom sustanzi kimiċi perikolużi, bħal sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew li jfixxlu s-sistema endokrinali. Madankollu, biex ikun eħfef għall-industrija li tadatta, jeħtieġ li jiġi żgurat bilanċ bejn il-valutazzjonijiet ġeneriċi u dawk tar-riskji speċifiċi.

1.6. Il-KESE jitlob li jkun obligatorju li jkun hemm tikkettar tajjeb u konsistenti, b'infurzar għall-katina tal-provvista kollha, inklużi prodotti li fihom nanomaterjali.

1.7. Il-KESE jilqa' l-isforz biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE, speċjalment f'termini tas-sustanzi kimiċi użati għal applikazzjonijiet tas-saħħa, u jixtieq li jsir l-istess sforz f'setturi oħra, u jitlob li tiġi kkunsidrata revizzjoni tal-Politika Industrijali tal-UE bil-għan li tiġi rilokata parti mill-produzzjoni tas-sustanzi kimiċi essenzjali fil-pajjiżi tal-UE.

1.8. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' data kimika sabiex tingħata spinta lill-innovazzjoni, il-fiduċja tal-konsumaturi u jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt adegwati. Huwa essenzjali li jkun hemm bażijiet tad-data aċċessibbli u affidabbli għar-riżultati tar-riċerka biex jiġu rieżaminati d-drittijiet tal-proprjetà industrijali u l-privattivi li jllimitaw l-aċċess għad-data, u jiġi implimentat il-prinċipju "ebda data, ebda suq".

1.9. Il-KESE jqis li l-indirizzar tat-taħlitiet ta' sustanzi kimiċi huwa pass rilevanti 'l quddiem fil-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi kimiċi. Madankollu, huwa kruċjali li jkun hemm aktar riċerka u żvilupp biex jiġu koperti l-lakuni attwali fl-għarfien u jitmexxew 'il quddiem il-valutazzjoni u l-ġestjoni tat-taħlitiet ta' sustanzi kimiċi.


2. Proposta tal-Kummissjoni

2.1. Din l-istrateġija hija opportunità biex jiġi rikonċiljat il-valur soċjetali tas-sustanzi kimiċi mas-saħħa tal-bniedem u l-limiti tal-pjaneta tagħna, b'reazzjoni għall-aspirazzjonijiet leġittimi taċ-ċittadini tal-UE għal livell għoli ta' protezzjoni minn sustanzi kimiċi perikolużi, u biex tiġi promossa l-industrija tal-UE bħala mexxejja globali fil-produzzjoni u l-użu ta' sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli.

2.2. Biex tħabrek favur ambjent ħieles mit-tossiċità, hija stabbilita ġerarkija ġdida għall-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi, li tinkludi l-użu ta' kimiċi sikuri u sostenibbli, il-minimizzazzjoni jew is-sostituzzjoni ta' sustanzi ta' tħassib b'effett kroniku fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u l-eliminazzjoni gradwali ta' dawk l-aktar ta' ħsara għall-użu mhux essenzjali tas-soċjetà, b'mod partikolari fil-prodotti għall-konsumatur.

Tabella

Il-ġerarkija ta' mingħajr toossiċità — ġerarkija ġdida għall-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi



2.3. L-istrateġija tiffoka fuq ħames għanijiet ewlenin

2.3.1. L-innovazzjoni għal sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli tal-UE ll-miżuri proposti jinkludu, fost l-oħrajn, l-iżvilupp ta' kriterji tal-UE sikuri u sostenibbli mid-disinn għas-sustanzi kimiċi; l-introduzzjoni ta' rekwiżiti legali dwar il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib fi prodotti permezz tal-inizjattiva dwar prodotti sostenibbli u t-fassil ta' emendi għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-emissjonijiet industrijali biex jiġi promoss l-użu ta' sustanzi kimiċi aktar sikuri mill-industrija tal-UE.

2.3.2. It-tisħiħ tal-qafas legali tal-UE biex jiġi indirizzat it-tħassib urġenti dwar l-ambjent u s-saħħa. L-azzjonijiet proposti huma mmirati lejn il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ħaddiema biex tiġi evitata l-preżenza tas-sustanzi kimiċi l-aktar ta' ħsara fil-prodotti tal-konsumatur kollha, eż. f-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, il-ġugarelli, oġġetti għall-indukrar tat-tfal, il-kożmetiċi, id-deterġenti, l-għamara u t-tessuti. Se tingħata attenzjoni speċifika lil sustanzi kimiċi li jistgħu jikkawżaw kanċers u mutazzjonijiet tal-ġeni, li jaffettwaw is-sistema riproduttiva jew endokrinali jew huma persistenti u bjoakkumulattivi. Dan l-approċċ eventwalment se japplika għas-sustanzi kimiċi li jaffettwaw is-sistemi immunitarji, newroloġiċi jew respiratorji, u għas-sustanzi kimiċi toossiċi għal organu speċifiku. Sakemm jiġi stabbilit l-approċċ ġeneriku għall-immaniġġjar tar-riskju, is-sustanzi bil-perikli kollha elenkati hawn fuq se jingħataw prijorità għar-restrizzjonijiet għall-użi kollha u permezz ta' raggruppament, minflok ma jiġu rregolati waħda waħda.

2.3.3. Miżuri ta' semplifikazzjoni u ta' konsolidament biex jittejjeb il-qafas legali. Il-proposta tinkludi l-istabbiliment ta' proċess ta' "sustanza waħda, valutazzjoni waħda" biex tiġi kkoordinata l-valutazzjoni tal-periklu/riskju tas-sustanzi kimiċi fil-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi kollha, biex tissaħħaħ il-governanza tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u tiżdied is-sostenibbiltà tal-mudell ta' finanzjament tagħha. Barra minn hekk, l-istrateġija tipproponi emendi mmirati għar-Regolament REACH (ir-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi), u għar-Regolament CLP (ir-Regolament dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet) li għandhom jitwettqu f'konformità mal-prinċipji tar-regolamentazzjoni aħjar u soġġetti għal evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt, kif meħtieġ.

2.3.4. Il-bini ta' bażi ta' għarfien komprensiva dwar is-sustanzi kimiċi. Se tiġi żviluppata sistema ta' twissija u azzjoni bikrija tal-UE għas-sustanzi kimiċi biex jiġi żgurat li l-politiki tal-UE jindirizzaw ir-riskji kimiċi emerġenti hekk kif jiġu identifikati mill-monitoraġġ u r-riċerka; u biex jinholq qafas ta' indikaturi biex jiġu mmonitorjati l-fatturi u l-impatti li jikkawżaw it-tniġġis tas-sustanzi kimiċi u biex tkejjel l-effettività tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.

2.3.5. Nagħtu l-eżempju għal ġestjoni globali tajba tas-sustanzi kimiċi Dawn l-azzjonijiet se jkollhom l-għan li jappoġġjaw il-bini tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi u li jiżguraw li s-sustanzi kimiċi perikolużi pprojbiti fl-UE ma jiġux prodotti għall-esportazzjoni.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Matul dawn l-aħħar 50 sena, is-sustanzi kimiċi saru ċentrali għall-mod kif ngħixu ħajjitna, billi taw kontribut pożittiv għall-kultura tagħna u għall-progress tas-soċjetà kollha kemm hi, bil-popolazzjoni dejjem tikber tagħha. Fl-istess ħin, is-sustanzi kimiċi – kemm dawk sintetiċi kif ukoll dawk naturali – jista' jkollhom proprjetajiet perikolużi li jholqu riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

Minkejja dan, l-umanità qed issir dejjem aktar dipendenti fuqhom. Skont in-NU, il-produzzjoni tas-sustanzi kimiċi se tikber seba' darbiet aktar malajr mill-popolazzjoni globali bejn l-1990 u l-2030.

3.2. Ilkoll għandna naqblu mal-oġġettiv ta' min ifaħħru għal ambjent ħieles mit-tossiċità, u irrispettivament minn kemm huwa diffiċli li dan jintlaħaq, m'hemm l-ebda skuża biex ma nippruvawx nimxu 'l quddiem. Il-KESE jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi **diskussjoni madwar mejda ta' livell għoli** mal-partijiet interessati kollha għal dan il-għan.

3.3. Kwantitajiet kbar ta' sustanzi kimiċi perikolużi jkomplu jnissu fl-ambjent, minn ħafna sorsi, bħar-rimi ta' ilma mormi domestiku u industrijali trattat u mhux trattat, ir-rimi ta' skart f'landfill, l-inċinerazzjoni u proċessi ta' manifattura, eċċ., u jistgħu jinfirxu fl-arja, fil-ħamrija u fl-ilma, fejn jagħmlu ħsara serja⁽¹⁾.

3.4. Hemm ħafna kwistjonijiet ta' legat minħabba l-kontaminazzjoni kimika. Pereżempju, PBDEs (eteri tad-difenil polibromurat) u ritardanti tal-fjammi oħrajn jemigraw faċilment mill-prodotti li jiżdiedu magħhom, bħal fowm tal-poliuretan, u mbagħad jikkontaminaw l-arja u t-trab. Għalkemm ħafna PBDEs ta' ħsara ġew ipprojbiti, dawn jibqgħu fl-ambjent minħabba l-persistenza u l-użu estensiv tagħhom.

3.5. Meta jiġu sostitwiti sustanzi kimiċi perikolużi bħal dawn, jeħtieġ li niżguraw li l-impatt tas-sostituzzjoni jkun titjib sinifikanti. Pereżempju, il-bijodiżil miż-żejt tal-palm, li jikkontribwixxi għad-deforestazzjoni, jista' jkun agħar għall-ambjent milli kieku jintużaw il-fjuwils fossili.

3.6. Barra minn hekk, ir-regolaturi jeħtieġ li jkun konxji tat-tentattivi biex sustanza kimika perikoluża tiġi sostitwita b'sustanzi kimiċi li għandhom proprjetajiet perikolużi simili, u għandhom jevitawhom. Pereżempju, il-PFAS (sustanzi per- u polifluworoalkilati) għandhom jiġu ttrattati bħala grupp aktar milli fuq bażi individwali. Riċerka ġdida tissuġġerixxi li xi alternattivi għall-PFAS tradizzjonali jista' jkun li mhumiex aktar sikuri⁽²⁾.

⁽¹⁾ Joyce Msuya, viċi direttur tal-programm ambjentali tan-NU.

⁽²⁾ EU news alert, ħarġa 517, 22/11/18.

3.7. Il-KESE huwa mħasseb dwar il-fatt li l-azzjonijiet ta' dekontaminazzjoni biex jiġu restawrati s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent jista' jkun li mhumiex suffiċjenti, b'mod speċjali fir-rigward ta' sustanzi kimiċi essenzjali li għalihom għadhom mhumiex disponibbli alternattivi ħielsa mit-tossiċità jew li jirrikjedu proċess ta' żvilupp fit-tul, kif ukoll dawk is-sustanzi kimiċi li tneħħew gradwalment li għadhom kwistjoni ta' tħassib kbir minħabba l-persistenza tagħhom fl-ambjent. Peress li għadhom qed isiru sforzi kbar biex jiġu adottati strateġiji ta' dekontaminazzjoni, il-KESE qed jistenna bil-ħerqa li jara l-"Pjan ta' azzjoni għal niġġis zero" futur.

3.8. Il-KESE jappella li t-tikkettar adegwat u konsistenti jkun obbligatorju għall-katina kollha tal-provvista, b'infurzar, għal prodotti li fihom in-nanomaterjali (ġugarelli, bijoċidi, ħwejjeġ, pestiċidi, mediċini, żebgħa, prodotti għall-kura tat-tfal, eċċ.).

3.9. Il-KESE jistaqsi wkoll jekk l-iskeda ta' żmien għal diversi azzjonijiet li għandhom isiru b'mod parallel hijiex realistika u fattibbli, meta titqies il-ħtieġa tal-industrija li tadatta għat-tranżizzjoni gradwalment mingħajr konsegwenzi soċjali u ekonomiċi negattivi serji. Barra minn hekk, il-bini tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet jeħtieġ li jissaħħaħ; dan huwa essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki aġġornati ppjanati.

3.10. Xi aspetti huma nieqsa jew mhumiex spjegati biżżejjed fl-istrateġija, bħall-bilanċ smat tal-enerġija tat-tranżizzjoni kimika ssuġġerita, u l-konsegwenzi għall-ħaddiema u l-kumpaniji kbar u żgħar fl-Ewropa. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għandhom jiddedikaw riżorsi finanzjarji biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. L-innovazzjoni għal sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli tal-UE

4.1.1. Huwa maqbul li t-tranżizzjoni għal **kriterji għall-approċċ sikur u sostenibbli mid-disinn għas-sustanzi kimiċi** hija imperattiv soċjali u ekonomiku, sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-industrija tal-UE. Din se tkun sfida enormi u r-riċerka meħtieġa hija potenzjalment għalja ħafna u se toffri xi vantaġġi kompetittivi. Madankollu, jista' jirriżulta xi telf ta' impjiegi u telf ekonomiku, peress li mhux il-kumpaniji kollha jistgħu jkunu kapaċi jadattaw u mhux il-ħaddiema kollha jistgħu jitħarrġu mill-ġdid/itejbu l-ħiliet. Għalhekk, huwa kruċjali li jkun hemm miżuri finanzjarji u ta' inċentiv biex tinkiseb tranżizzjoni ġusta, b'referenza speċjali biex il-ħaddiema jżommu l-impjiegi tagħhom jew ikollhom alternattiva vijabbli, għall-appoġġ tal-investimenti u mudelli ta' negozju innovattivi.

4.1.2. Mhumiex speċifikati miżuri biex jiġi żgurat l-adattament sħiħ tal-ħaddiema, bħal inċentivi u l-finanzjament għat-taħriġ mill-ġdid u għat-taħriġ ta' speċjalizzazzjoni sabiex jiġi evitat it-telf tal-impjiegi. Huwa wkoll ta' tħassib kif l-allokazzjoni ġeografika tas-setturi tal-industrija se tiddetermina l-impatt tal-istrateġija. L-industriji li jinsabu f'żoni periferali għandhom jiġu kkunsidrati, kif ukoll ir-rata għolja ta' SMEs li jipparteċipaw fis-settur.

4.1.3. Il-kunċett ta' "**sikuri u sostenibbli mid-disinn**" li se jiġi żviluppat joħloq tħassib fost il-partijiet ikkonċernati. Għal din ir-raġuni, id-definizzjoni tiegħu u l-ħiliet xierqa biex tingħata spinta lill-produzzjoni tagħhom għandhom jinvolvu l-kriterji tal-atturi rilevanti kollha.

4.1.4. Il-proċess għar-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni għas-sustanzi kimiċi huwa kumpless u jeħtieġ speċjalizzazzjoni, li xi kultant tkun ta' sfida għall-SMEs u normalment tinvolvi spejjeż amministrattivi u ta' konformità għoljin. Sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-proċessi ta' reġistrazzjoni u ta' mmaniġġjar tar-riskji regolatorji previsti fir-Regolamenti REACH u CLP, il-proċess għandu jiġi ssemplifikat, jew inkella jista' jiġi inċentivat it-taħriġ għal dawk li mhumiex esperti.

4.1.5. Proċessi u teknoloġiji industrijali innovattivi u aktar nodfa se jnaqqsu l-impronta ambjentali tal-produzzjoni tas-sustanzi kimiċi, itejbu t-thejġija tas-suq u jiksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-inizjattiva globali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-linji gwida ta' valutazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki dwar id-disinn u l-implimentazzjoni ta' proċessi u teknoloġiji industrijali aktar nodfa jagħmlu tali tranżizzjoni possibbli. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-aqwa teknoloġiji disponibbli.

4.1.6. Il-Kummissjoni għandha l-għan li timminimizza l-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib f'**materjali riċiklati**, billi tintroduċi rekwiżiti u informazzjoni dwar il-kontenut kimiku u l-użu sikur bħala parti mill-**Inizjattiva ta' Politika dwar il-Prodotti Sostenibbli**. L-użu tal-materjali riċiklabbli m'għandux jippermetti li jibqgħu jintużaw sustanzi kimiċi perikolużi f'konċentrazzjonijiet ogħla ⁽³⁾. Is-“sustanzi ta' tħassib” għandhom jiġu identifikati, evalwati u kklassifikati bl-aktar mod komprensiv, mhux ambigwu iżda wkoll issemplifikat sabiex l-industrija tkun tista' tadatta.

4.1.7. Dawn il-miżuri se jżidu l-**fiduċja** tal-konsumaturi u l-produtturi fi prodotti riċiklati. In-nuqqas ta' informazzjoni adegwata dwar il-kontenut kimiku tal-prodotti magħmula minn materjali riċiklati huwa problema u r-restrizzjonijiet tal-protezzjoni tad-data jistgħu jgħolqu problemi f'dan il-qasam.

4.1.8. L-istrateġija tħabbar żieda fl-investment fit-teknoloġiji innovattivi. Din hija opportunità kbira biex **titrawwem ir-riċerka fil-qasam tal-valorizzazzjoni tal-prodotti tal-iskart industrijali, b'mod partikolari mill-iskart agroalimentari**, li l-potenzjal kbir tiegħu ġie mxejkel minn investment insuffiċjenti.

Madankollu, ir-**rekwiżiti legali għall-prodotti mill-valorizzazzjoni tal-iskart agroalimentari** mhumieq meqjusa biżżejjed kemm fl-istrateġija “mill-Għalqa sal-Platt” kif ukoll fl-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi sostenibbli. Pereżempju, il-preżenza ta' residwi farmaċewtiċi f'demel tal-annimali ttrattat għall-fertilizzazzjoni, l-użu mill-ġdid ta' ilma mormi ttrattat għall-irrigazzjoni tal-għelejjel u r-residwi ta' farmaċewtiċi u pestiċidi, erbiċidi u insettiċidi fi skart tal-ikel ottimizzat huma kwistjonijiet ta' tħassib partikolari, peress li dawn is-sustanzi bijoattivi jistgħu jinfirxu fl-ambjent kollu, u jiskattaw effetti negattivi fuq l-ekosistemi. Għalhekk, dawn għandhom jiġu identifikati, evalwati u regolati. Il-popolazzjonijiet tal-bnedmin jistgħu jiġu affettwati mhux biss mill-esponiment iżda anke mill-konsum, billi dawn is-sustanzi jistgħu jakkumulaw u jtkabbru bijoloġikament tul il-katina tal-ikel.

4.1.9. Is-sustanzi li huma kkunsidrati ta' tħassib jgħolqu konfużjoni fost il-partijiet ikkonċernati. Spjegazzjoni ta' liema tip ta' rekwiżiti għandhom jiġu introdotti u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, ikunu ta' għajnnuna sabiex jinftehem l-impatt ta' din il-miżura fuq iċ-ċikli materjali attwali.

4.1.10. Il-bilanċ tal-enerġija smat tat-tranżizzjoni tas-sustanzi kimiċi ssuġġerita hija kwistjoni ta' tħassib. Minħabba li t-trasformazzjonijiet ewlenin meħtieġa għaċ-ċikli ta' materjali ekoloġiċi huma proċessi endotermiċi ħafna (eż. separazzjoni, riċiklaġġ, dekontaminazzjoni, konverżjoni kimika), id-domanda għall-enerġija hija mistennija li tiżdied. Barra minn hekk, il-marka tal-karbonju mill-manifattura tas-sustanzi kimiċi jeħtieġ li titnaqqas, peress li normalment hija proċess b'użu intensiv ta' enerġija.

4.1.11. L-idroġenu għandu potenzjal kbir għal dan il-għan, kemm bħala sors ta' enerġija kif ukoll bħala aġent kimiku ta' tnaqqis fi proċessi fil-mira (eż. biex il-karbonju jiġi sostitwit bħala riduttur). Madankollu, iċ-ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu għadhom jiddependu mill-platinu li huwa għali u għandu konsegwenzi ambjentali kbar. Hemm bżonn ta' riċerka kimika fundamentali biex jinstabu alternattivi għall-platinu.

4.1.12. Il-Kummissjoni tipprevedi aktar reżiljenza fil-provvista u s-**sostenibbiltà** tas-sustanzi kimiċi użati f'**applikazzjonijiet essenzjali** għas-soċjetà tal-UE billi tagħmel lill-UE inqas dipendenti u żżid il-previżjoni strateġika għas-sustanzi kimiċi. Iż-żieda tar-reżiljenza tas-sustanzi kimiċi użati f'applikazzjonijiet tas-saħħa se timmarka progress konsiderevoli għas-suq tal-UE u l-industrija tas-sustanzi kimiċi użati fil-kura tas-saħħa. Jeħtieġ li nkunu nafu kif dawn il-miżuri japplikaw għal sustanzi kimiċi oħra ta' użu essenzjali.

4.1.13. Prodotti magħmula minn materja prima importati minn pajjiżi mhux tal-UE, pereżempju, elementi tal-materjali tal-art rari (REE), miksuba permezz ta' attivitajiet ta' estrazzjoni tal-minerali li jgħolqu perikli ambjentali u għas-saħħa, saru kritiċi għal diversi teknoloġiji moderni, li jvarjaw minn sistemi ta' difiża, telefowns ċellulari u televiżjonijiet għal bozoz LED u turbini eoliċi. Għaldaqstant, tqum il-kwistjoni dwar liema strateġiji se jiġu stabbiliti biex tiġi indirizzata d-dipendenza minn sustanzi essenzjali oħra, li għalihom il-proċessi tal-produzzjoni jiddependu mill-provvista minn pajjiżi mhux tal-UE.

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar Implimentazzjoni tal-liġi ambjentali tal-UE: kwalità tal-arja, l-ilma u l-iskart (ĠU C 110, 22.3.2019, p. 33).

4.1.14. Il-KESE jistaqsi wkoll kif l-approċċ “**sikur u sostenibbli mid-disinn**” se jkun applikabbli għall-fornituri mhux tal-UE, li għandhom ir-regolamenti tagħhom dwar is-sustanzi kimiċi. Peress li għandhom ma ġewx stabbiliti l-limiti ta' kriterji għall-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi, mhuwiex ċar jekk il-prinċipju u l-miżuri ta' valutazzjoni japplikawx għal sorsi ta' materja prima, irrispettivament mill-orijini tagħhom. Għadu mhux ċar kif il-miżuri proposti se jkunu interkonnessi u bbilanċjati ma' politiki eżistenti differenti f'pajjiżi mhux tal-UE involuti fil-ktajjen tal-valur tas-sustanzi kimiċi tal-UE.

4.1.15. Għalhekk, il-KESE jissuġġerixxi li l-Istrateġija Industrijali tal-UE tiġi eżaminata mill-ġdid u li tingħata kunsiderazzjoni biex jiġi inċentivat ir-ritorn tal-produzzjoni tas-sustanzi kimiċi fil-pajjiżi tal-UE. Dan mhux biss se jagħti spinta lill-awtonomija strateġika tal-UE iżda se jgħalluq ukoll impiegi ġodda ta' kwalità u jiffaċilita l-kisba tal-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi.

4.2. Qafas legali tal-UE aktar b'saħħtu biex jindirizza t-tħassib dwar l-ambjent u s-saħħa

4.2.1. Il-KESE jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li testendi l-approċċ ġeneriku għall-immaniġġjar tar-riskju. Madankollu, minħabba li xi prodotti se jkunu ristretti, huwa neċessarju li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-valutazzjonijiet tar-riskju ġeneriċi u speċifiċi fis-sustanzi kimiċi kollha, sabiex l-industrija tkun tista' tadatta gradwalment.

4.2.2. Il-KESE jilqa' wkoll l-użu tar-raggruppament biex tiġi indirizzata r-regolamentazzjoni tal-PFAS u jaqbel li jista' jkun meħtieġ li jissaħħa il-punt sa fejn jiġu adottati l-istrateġiji ta' raggruppament sabiex jiżiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-leġiżlazzjoni⁽⁴⁾.

4.2.3. L-istrateġija se tipproponi klassijiet u kriterji ġodda ta' periklu fir-Regolament CLP biex tindirizza bis-sħiħ it-tossiċità, il-persistenza, il-mobbiltà u l-bijoakkumulazzjoni ambjentali. Huwa importanti li l-evalwazzjoni tal-effetti avversi tas-sustanzi kimiċi fuq l-ambjent u l-allokazzjoni ta' klassijiet differenti ta' periklu għas-sustanzi kimiċi jitwettqu fuq bażi komprensiva u trasparenti. Il-kriterji ta' klassifikazzjoni għandhom jiġu ddefiniti fid-dettall, sabiex jiġi antiċipat it-tħassib potenzjali dwar prodotti oħra li qed jiġu żviluppati.

4.2.4. L-introduzzjoni ta' sustanzi li jfjixxu s-sistema endokrinali, li huma persistenti, mobbli u tossiċi, u persistenti ħafna u mobbli ħafna bħala kategoriji tal-SVHC (sustanzi ta' tħassib serju ħafna) teħtieġ li wieħed jiddependi minn valutazzjoni u evalwazzjoni komprensivi u trasparenti. Barra minn hekk, hija meħtieġa aktar koerenza bejn l-SVHC identifikati fir-Regolament REACH u leġiżlazzjoni Ewropea oħra (eż: id-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma).

4.2.5. L-istrateġija tiffoka l-aktar fuq is-sustanzi li tfixxu s-sistema endokrinali u l-PFAS, u tindirizza wkoll pestiċidi, bijoċidi, farmaċewtiċi, metalli tqal, plastifikanti u ritardanti tal-fjammi bħala sustanzi perikolużi. Madankollu, sustanzi kimiċi oħra ta' tħassib, bħan-nanomaterjali, bilmkemm jissemmew. Għalkemm huma inklużi fir-Regolament REACH, ir-reviżjoni tad-definizzjoni għadha pendenti u r-regolamentazzjoni tagħhom għadha insuffiċjenti (eż.: in-nuqqas ta' regolamentazzjoni tar-rilaxxi tan-nanomaterjali fl-ambjent, l-ebda restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq tagħhom, it-trasparenza u l-istabbiliment ta' reġistru tal-UE biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħhom mill-manifattura sal-konsumaturi).

4.2.6. Minħabba l-evidenza dokumentata sew tar-riskji assoċjati ma' xi familji ta' sustanzi, l-UE mhux biss għandha tillimita iżda kultant anki tipprojbixxi l-użu ta' sustanzi li jfjixxu s-sistema endokrinali diġà identifikati bħall-bisfenol, u l-ftalati — dan japplika wkoll għal sustanzi kimiċi mingħajr ebda utilità nutrittiva fi prodotti tal-ikel, bħan-nanomaterjali.

4.2.7. Il-miżuri għall-promozzjoni u l-iffaċilitar tas-sostituzzjoni tal-SVHC jistgħu jiġu implimentati permezz ta' mekkaniżmu finanzjarju (bonus/malus).

⁽⁴⁾ EC Study for the strategy for a non-toxic environment of the 7th Environment Action Programme (Studju tal-KE għall-istrateġija għal ambjent hieles mis-sustanzi tossiċi tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali — mhux disponibbli bil-Malti).

4.2.8. Huwa pass rilevanti l-quddiem fil-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib li t-taħlitiet jingħataw attenzjoni speċjali, u l-KESE jilqa' l-fatt li se jiġu indirizzati t-taħlitiet kemm intenzjonati kif ukoll dawk mhux intenzjonati. Madankollu, il-lakuni li fadal fl-għarfien dwar it-tossiċità u l-esponiment għat-taħlitiet u l-għadd kbir ta' sustanzi kimiċi li qed jintużaw iwasslu għal proposti bħall-użu sistematiku tal-Fattur ta' Valutazzjoni tat-Taħlita (MAF) għal sustanzi kimiċi singoli, biex jiġu indirizzati taħlitiet mhux intenzjonati. L-affidabbiltà tal-MAF fil-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza kimika tqajjem tħassib, peress li dan mhuwiex fattur speċifiku għax-xenarju. Għalhekk, il-KESE jaqbel bis-sħiħ mal-prijoritajiet u r-rakkomandazzjonijiet dwar ir-riċerka u l-iżvilupp imsemmija fir-rapport (SWD(2020) 250 ⁽⁵⁾) sabiex it-taħlitiet ta' sustanzi kimiċi jiġu vvalutati u ġestiti b'mod effettiv.

4.3. Is-semplifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-qafas legali

4.3.1. Il-KESE jħaddan l-approċċ ta' "sustanza waħda, valutazzjoni waħda" li għandu jiġi kkunsidrat għall-valutazzjoni effiċjenti tas-sikurezza tas-sustanzi kimiċi.

4.3.2. Dan se jissempjifika u jħaffef il-proċess ta' approvazzjoni, li se jkun ta' benefiċċju għall-produtturi u se jiffaċilita r-riċerka u l-iżvilupp ta' sustanzi alternattivi ħielsa mit-tossiċità. Madankollu, l-impatti differenti tal-istess sustanza f'ċirkostanzi differenti u anke f'taħlitiet ma għandhomx jitwarbu.

4.3.3. Madwar 30 % tat-twissijiet dwar prodotti perikolużi fis-suq jinvolve riskji minħabba sustanzi kimiċi, u terz biss tal-fajls ta' reġistrazzjoni tas-sustanzi kimiċi rreġistrati mill-industrija taħt REACH huma konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-informazzjoni.

4.3.4. L-approċċ ta' tolleranza żero għan-nuqqas ta' konformità u l-azzjonijiet proposti biex jiżiedu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi huma milqugħa tajjeb. Huwa rrakkomandat bil-qawwa li l-prinċipju ta' "Ebda data, ebda suq" jiġi implimentat kif suppost, minflok ma jkun hemm prodotti u sustanzi kimiċi mhux regolati fis-swieq.

4.3.5. Barra minn hekk, id-data dwar sustanzi kimiċi approvati fis-suq għandha tiġi aġġornata f'intervalli regolari mill-istess reġistranti, peress li r-Regolament REACH mhuwiex suffiċjenti f'ċerti aspetti. Skont ir-Rapport ta' Evalwazzjoni Kimika ⁽⁶⁾, 64 % tas-sustanzi li qed jiġu evalwati (126 minn 196) ma kellihomx l-informazzjoni li turi s-sikurezza tas-sustanzi kimiċi li tqiegħdu fis-suq fl-Ewropa.

4.3.6. Kważi 90 % tal-prodotti meqjusa perikolużi jiġu importati minn barra l-UE. Il-produzzjoni globali tas-sustanzi kimiċi hija mistennija li tkompli tiżdied. X'aktarx li l-pajjiżi tal-UE u tal-OECD se jikkonċentraw fuq l-iżvilupp u l-manifattura ta' prodotti kimiċi teknoloġikament avvanzati, bħal sustanzi kimiċi ta' speċjalità u tax-xjenza tal-ħajja. L-Afrika, il-Lvant Nofsani u l-Asja x'aktarx se jipproduċu volumi kbar ta' sustanzi kimiċi tat-tip "komodità". Dan se joħloq problemi enormi għall-UE f'termini ta' kontrolli fil-fruntieri u l-kompetittività ekonomika. Se jkunu meħtieġa miżuri biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tal-UE fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles.

4.3.7. Il-KESE jilqa' l-miżuri għat-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri tal-UE u l-kooperazzjoni mal-pjattaformi online tal-bejgħ dirett.

4.4. Bażi ta' għarfien komprensiva dwar is-sustanzi kimiċi

4.4.1. Peress li l-UE **m'għandhiex bażi ta' informazzjoni komprensiva dwar is-sustanzi kollha**, jintlaqgħu proposti għal azzjonijiet biex tittejjeb id-disponibbiltà tad-data kimika sakemm dawn ikunu effettivi.

4.4.2. Mill-perspettiva tal-industrija, is-sistema tal-privattivi dubjuża taġġmilha impossibbli li wieħed jiżvela l-aspetti kollha tal-prodotti bil-privattiva fis-suq.

⁽⁵⁾ Commission Staff Working Document Progress report on the assessment and management of combined exposures to multiple chemicals (chemical mixtures) and associated risks (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Rapport ta' Progress tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' esponimenti kkombinati għal sustanzi kimiċi multipli (taħlitiet kimiċi) u riskji assoċjati [mhux disponibbli bil-Malti]).

⁽⁶⁾ Uffiċċju Ewropew għall-Ambjent <https://eeb.org/chemical-evaluation-report-achievements-challenges-and-recommendations-after-a-decade-of-reach/>

4.4.3. Mill-perspettiva xjentifika, ir-restrizzjonijiet għax-xjenza miftuħa u mingħajr ħlas ixekklu l-iskambju mingħajr ħlas ta' għarfien u l-kombinazzjoni ta' sforzi u investment. Ir-regoli xjentifiċi dwar il-protezzjoni tad-data, u d-drittijiet tal-proprjetà industrijali li mhumiex fondati sew qed jillimitaw l-aċċessibbiltà tad-data kimika rilevanti kollha, u għaldaqstant l-innovazzjoni.

4.4.4. Il-kunflitti tal-aċċessibbiltà tad-data għandhom jiġu indirizzati u solvuti billi jiġu inklużi miżuri biex titwessa' d-data disponibbli u tittejjeb il-kwalità tagħha. Pereżempju, jista' jinhloq mekkaniżmu li fih l-industrija li jimportaw in-nanomaterjali tal-manifattura jiffinanzjaw riċerka indipendenti dwar ir-riskju tan-nanomaterjali, fejn hemm nuqqas ta' għarfien xjentifiku.

4.4.5. Il-Kummissjoni għandha l-għan li **tkompli thegġegħ ir-riċerka u l-monitoraġġ (bijoloġiku)** biex tifhem u tipprevjeni r-riskji relatati mas-sustanzi kimiċi u biex thegġegħ l-innovazzjoni fil-valutazzjonijiet dwar ir-riskji tas-sustanzi kimiċi u x-xjenza regolatorja.

4.4.6. Biex tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni permezz tar-riċerka, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-appoġġ finanzjarju għandhom jintużaw għall-ottimizzazzjoni tal-aħjar Prattiki fit-trasferiment tal-għarfien, kemm industrijali kif ukoll xjentifiku, filwaqt li jiġi żgurat aċċess faċli u mingħajr ħlas għal bażijiet tad-data affidabbli. Barra minn hekk, l-aċċess għall-innovazzjoni għandu jkun disponibbli għal kull attur ikkonċernat mill-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE.

4.4.7. Il-miżuri biex titrawwem l-innovazzjoni fl-**ittestjar tas-sikurezza** u l-valutazzjoni dwar ir-riskji tas-sustanzi kimiċi li jnaqqsu l-ittestjar fuq l-annimali huma apprezzati, b'mod speċjali meta jitqiesu l-avvanzi fir-riċerka u l-metodi innovattivi mill-aktar avvanzati żviluppanti (eż. assaġġi *in vitro*) li jtejbju l-kwalità, l-effiċjenza u l-veloċità tal-valutazzjonijiet tar-riskju ta' periklu kimiku.

4.4.8. Huwa essenzjali li tiġi żgurata aktar trasparenza fit-tehdid ta' deċiżjonijiet. Bosta kwistjonijiet importanti huma diskussi fl-aqgħat magħluqa, li jgħolqu konfużjoni fost iċ-ċittadini tal-UE dwar l-azzjonijiet meħuda mill-UE biex tillimita l-esponiment tagħhom għal sustanzi kimiċi perikolużi. Barra minn hekk, id-data mhux ipproċessata li fuqha jsiru l-evalwazzjonijiet u d-deċiżjonijiet (ECHA u EFSA) ⁽⁷⁾ għandhom ikunu disponibbli. Hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata aktar trasparenza dwar id-deċiżjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tas-sustanzi kimiċi fis-suq.

4.5. Nagħtu l-eżempju għal ġestjoni globali tajba tas-sustanzi kimiċi

4.5.1. Fid-dawl tal-impatt tal-istrategġija fil-livell globali, il-KESE bi pjaċir jinnota li fost l-azzjonijiet għall-**promozzjoni tal-istandards tas-sikurezza u s-sostenibbiltà barra mill-UE**, il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li **s-sustanzi kimiċi perikolużi pprojbti fl-UE ma jiġux prodotti għall-esportazzjoni**. Madankollu, għadu mhux ċar kif se japplikaw globalment l-atti leġiżlattivi li għad fadal li għandhom jiġu żviluppanti u armonizzati. Il-projbizzjoni ta' prodotti għall-esportazzjoni tista' taffettwa l-industrija f'pajjiżi oħra li għalihom l-ambizzjoni tal-istrategġija dwar is-sustanzi kimiċi ma tapplikax. Mhuwiex ċar kif se jiġu ttrattati l-effetti fuq l-industrija li mhumiex fl-UE, bħala produttori u esportaturi preċedenti ta' prodott speċifiku.

4.6. L-użu żejjed ta' sustanzi kimiċi fil-kura tas-saħħa

Għandha ssir ħafna aktar riċerka fl-iżvilupp ta' politiki dwar il-prevenzjoni tal-mard b'enfasi speċjali fuq is-sistema immunitarja. L-oġettiv għandu jkun attitudni pożittiva lejn stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, li jippermetti lin-nies jużaw inqas trattamenti kimiċi fejn applikabbli. It-trattamenti kimiċi kollha għandhom ikunu diretti lejn dawk li għalihom huwa essenzjali li jiġi evitat użu żejjed.

4.7. Sustanzi Kimiċi fl-Agrikoltura

4.7.1. L-impatti negattivi tal-pestiċidi użati fl-agrikoltura fuq l-ambjent jeħtieġ li jitnaqqsu mingħajr ma jiġi kkważat tnaqqis fil-kwalità tal-produzzjoni tal-ikel jew mingħajr ma tiġi compromessa s-sigurtà tal-ikel fl-UE.

4.7.2. L-Alleanza Ewropea għar-Riċerka attwali, li għandha l-kompitu li ssib u tittestja alternattivi organiċi għal sustanzi kimiċi sintetiċi fl-agrikoltura, jeħtieġ li tiġi ffinanzjata b'mod adegwat. L-investment għandu jkun iffukat fuq il-pestiċidi organiċi bijoloġiċi. L-appoġġ finanzjarju għandu jiżdied ukoll biex jiġu promossi r-riċerka u l-innovazzjoni fuq promoturi tat-tkabbir tal-pjanti u protetturi tal-pjanti bbażati fuq in-natura. Pereżempju, il-bijoattività inerenti ta' ċerti komposti naturali metabolizzati mir-riżobatterji tista' tintuża bħala protetturi tal-pjanti minn patoġeni esterni.

(7) Akronimi ECHA (Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi) u EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel).

4.7.3. Użu ħafna aktar immirat ta' fertilizzanti kimiċi huwa mixtieq u dan għandu jirriżulta fużi aktar baxx ta' fertilizzanti kimiċi. Hija meħtieġa aktar riċerka biex jiġi żviluppati alternattivi sabiex titkompla l-produzzjoni adegwata tal-ikel u biex il-bdiewa jkollhom introjti adegwati.

4.7.4. Huma meħtieġa aktar valutazzjonijiet tar-riskju ambjentali u tas-saħħa biex jiġi evalwat jekk l-użu tal-bijoteknoloġija u l-inġinerija ġenetika jistgħux jgħinu biex jiġi żviluppati alternattivi għall-fertilizzanti kimiċi u l-pestiċidi.

4.7.5. Jekk ma tiġi ppreżentata l-ebda alternattiva vijabbli oħra, tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-pestiċidi se jżid l-ispejjeż tal-produzzjoni u/jew iwassal għal inqas rendimenti. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi eżaminati l-kwistjonijiet tal-piż ekonomiku għall-produtturi u l-konsumaturi u l-importazzjonijiet tal-ikel minn pajjiżi mhux tal-UE.

4.7.6. L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 hija ambizzjuża ħafna, peress li hija mistennija tittrasforma mill-inqas 30 % tal-art tal-Ewropa f'network ta' żoni ġestiti u protetti b'mod attiv. Hija għandha tkun ta' kontribut kbir għall-bijodiversità, għar-restawr tan-natura u għandha tgħin biex tiġi sostnuta l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi sostenibbli fis-settur agrikolu.

4.7.7. F'dan is-sens, għandhom isiru sforzi speċjali biex tiġi protetta aħjar il-bijodiversità u b'mod speċjali d-dakkara mill-pestiċidi. Pereżempju, id-Dokument ta' Gwida tal-EFSA dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq in-naħal għandu lakuni kbar. Huwa għandu jintegra d-data dwar it-tossiċità kronika, l-effetti tal-pestiċidi fuq il-larva u d-data dwar it-tossiċità akuta għan-naħal u dakkara oħra.

4.7.8. Biex l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi tirnexxi, għandu jkollna appoġġ sinifikanti mill-pubbliku ġenerali u bidla kulturali reali fl-approċċ tagħna għall-użu tas-sustanzi kimiċi, it-tibdil fil-klima u t-tniġġis ambjentali.

Brussell, is-27 ta' April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta’ eżenzjonijiet fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta’ miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku”

(COM(2021) 181 final — 2021/0097 (CNS))

(2021/C 286/31)

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 16.4.2021
Bażi legali	Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fil-plenarja	27.4.2021
Sessjoni plenarja Nru	560
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	220/0/7

Peress li l-Kumitat ħabbar li jappoġġja r-regoli tat-tassazzjoni minħabba l-kriżi tal-COVID-19 fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE biex tiġi indirizzata l-ħtieġa urġenti li jiġu posposti ċerti limiti ta’ żmien għall-preżentazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020) 197 final — 2020/0081 (CNS)); dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 f’dak li jirrigwarda d-dati tat-traspożizzjoni u tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19 (COM(2020) 198 final — 2020/0082 (CNS)) u dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2454 f’dak li jirrigwarda d-dati tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19 (COM(2020) 201 final — 2020/0084 (CNS))⁽¹⁾, adottata fl-10 ta’ Ġunju 2020 u din l-emenda għad-Direttiva 2006/112/KE⁽²⁾ ma tinkludix kontenut ieħor li l-KESE jista’ jikkumenta fuqu, iddeċieda, matul il-560 sessjoni plenarja tiegħu tas-27 u t-28 ta’ April 2021 (seduta tas-27 ta’ April 2021), b’220 vot favur u 7 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Brussell, is-27 ta’ April 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁾ ĠU C 311, 18.9.2020, p. 76.

⁽²⁾ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT